SYNODUS GAUDISIENSIS SECUNDA

IT-TIENI SINODU T'GĦAWDEX



SYNODUS GAUDISIENSIS SECUNDA

IT-TIENI SINODU T'GĦAWDEX



Edizzjoni "Lumen Christi"

Typis "Gozo Press"
1993

Divino Animarum Pastori

Haec Decreta aliaque Documenta
Synodi Gaudisiensis Secundae
Episcopus ac Synodi sodales
humillime et grato animo
dedicaverunt

Lir-Raġħaj Divin ta' l-Erwieħ

Bl-umiltà kollha u b'radd il-ħajr
l-Isqof u s-Sinodali
Iddedikaw
dawn id-Digrieti u d-Dokumenti l-oħra
tat-Tieni Sinodu t'Għawdex

DECRETUM INDICTIONIS SYNODI GAUDISIENSIS SECUNDAE

Iam ab antiquitus, iure ecclesiastico sancitum est Synodum Dioecesanam celebrari ut unius cuiusque ecclesiae particularis necessitatibus multorum veluti acumine, in lucem prolatis communi consilio provideretur.

Hoc cum probe nosset, decessor Noster Excellentissimus Dominus Joannes Maria Camilleri, anno 1904, primam Synodum Dioecesanam convocavit, valdeque sapientes pro illo tempore constitutiones de regimine gregis decrevit.

Verumtamen post nonaginta annorum intervallum ea quae in illa reperiuntur Synodo, mutatis conditionibus nostrae dioecesis minime congruunt. Praeterea Concilium Vaticanum Secundum et recens Codex Iuris Canonici anno 1983 editus, novam legislationem particularem actionemque pastoralem modernorum temporum exigentiis accomodatam, postulant.

Quare Sancti Spiritus adiutorium postquam supplicibus invocavimus precibus, consilium inivimus Secundae Gaudisiensis celebrandae Synodi ut huiusmodi collegiali activitate nostra dioecesis magis magisque fide christiana ferveat et in viam salutis novos gressus faciat.

Quam ob rem, ad maiorem Dei gloriam animarumque salutem, nostrae dioecesis secundam synodum die domenica undicesima mensis Octobris 1992 in Ecclesia Cathedrali ineundam auctoritate nostra indicimus. Ad Synodum sic indictam convenire debent clerici omnes in canone 463 nominati. Praeterea alii Christifideles invitati sunt ut sessionibus Synodi intersint.

Volumus autem ut haec celebrandae Synodi indictio affixa valvis Ecclesiae Cathedralis necnon aedium nostrae Curiae omnes afficiat ac si fuisset singulis intimata.

Datum Gaudisii, die 3 Octobris, 1992.

Can. Joseph Borg Attard.
Cancellarius.

† Nicolaus J. Cauchi,
Episcopus Gaudisiensis.

DIGRIET DWAR IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAT-TIENI SINODU T'GĦAWDEX

Sa minn żminijiet l-iktar bikrija, il-liġi tal-knisja kienet tobbliga li jiġi ċċelebrat is-Sinodu Djoċesan sabiex il-ħtiġijiet tal-knisja partikulari, bl-istudju tal-ħafna flimkien, joħorġu għad-dawl u f'konsultazzjoni flimkien jinstab rimedju għalihom.

Il-predeċessur tagħna, l-Isqof Giovanni Maria Camilleri, li għaraf wisq tajjeb din il-ħaġa, fis-sena 1904 laqqa' l-ewwel Sinodu Djoċesan. Huwa ħareġ liġijiet, għaqlin ħafna għal dak iż-żmien, dwar it-tmexxija tal-merħla.

Iżda wara intervall ta' 90 sena, il-kontenut ta' dak is-Sinodu ma jaqbel xejn mal-kundizzjonijiet tad-djoċesi tagħna li nbidlu ħafna. Barra minn hekk, il-Konċilju Vatikan II u l-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi Kanonika li ħareġ fl-1983, jitolbu leġislazzjoni partikulari ġdida u azzjoni pastorali li taqbel mal-ħtiġijiet ta' żminijietna.

Għalhekk, wara li bit-talb tagħna sejjaħna l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, iddeċidejna li niċċelebraw it-Tieni Sinodu t'Għawdex sabiex permezz ta' din l-attività kollegġjali, id-djoċesi tagħna titħeġġeġ dejjem iżjed fil-fidi nisranija u timxi 'l quddiem fit-triq tas-salvazzjoni.

Għalhekk għall-glorja dejjem ikbar ta' Alla u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, bis-setgħa tagħna nordnaw li t-Tieni Sinodu tad-Djoċesi tagħna jibda nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru 1992 fil-Knisja Katidrali. Għandhom jieħdu sehem fis-Sinodu mħabbar dawk il-kjeriċi kollha li huma msejħin fil-kanoni 463; barra minn hekk, insara oħra ġew mistiedna jieħdu sehem fil-laqgħat tas-Sinodu.

Irridu wkoll li dan id-Digriet li jordna ċ-ċelebrazzjoni tas-Sinodu, jiġi mwaħħal ħdejn il-bibien tal-Knisja Katidrali u dawk tal-Kurja, u jkun jaf bih kulħadd daqs li kieku kien mibgħut lil kull wieħed.

Mogħti f'Għawdex, illum 3 ta' Ottubru, 1992.

Mons. Ġużeppi Borg Attard,
Kanċellier.

† Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex.

DECRETUM PROMULGATIONIS SYNODI GAUDISIENSIS SECUNDAE

Ad Omnipotentis Dei gloriam et ad spiritualem dilectissimi gregis Nobis concrediti utilitatem, a die 11 Octobris, 1992, anniversario Dedicationis Ecclesiae Cathedralis recurrente, usque ad diem 22 Novembris 1992, Solemnitatem Christi Regis Universi, post diuturnam praeparationem, Synodum Gaudisiensem Secundam celebravimus.

Synodus haec, considerari oportet tamquam sincerum conamen, renovationem in Concilio Vaticano Secundo incohatam applicandi ad vitam ecclesialem hujus dioecesis. Quamvis haud ignoremus hujus operis limites, Nobis tamen, persuasum est, ope Synodi Diocesanae, vitam christianam Ecclesiae Nostrae, non parum progredi posse, modo ab omnibus, qua par est diligentia, praescripta Synodalia serventur.

Quapropter, decreta hujus Synodi, nunc iterum attente revisa, una cum documentis pastoralibus et appendicibus, Nostra Auctoritate Ordinaria, adprobamus et promulgamus atque authentica forma publicari iubemus.

Statuimus, insuper, ut haec synodalia decreta vim suam obligandi habere incipiant, post tres menses, a die quo acta synodalia typis impressa edantur.

Datum Gaudisii die 9 Martii 1993

Can. Joseph Borg Attard.
Cancellarius.

† Nicolaus J. Cauchi,
Episcopus Gaudisiensis.

DIGRIET TAL-PROMULGAZZJONI TAT-TIENI SINODU T'GĦAWDEX

Għall-glorja t'Alla li jista' kollox u għall-ħtieġa spiritwali tal-wisq maħbuba merħla afdata lilna, mill-11 ta' Ottubru 1992, anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali, sat-22 ta' Novembru 1992, Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu, wara tħejjija fit-tul, iċċelebrajna t-tieni Sinodu t'Għawdex.

Jeħtieġ li dan is-Sinodu jitqies bħala tentattiv sinċier biex it-tiġdid mibdi fil-Konċilju Vatikan it-Tieni jiġi applikat għall-ħajja ekkleżjali ta' din id-Djoċesi. Għad li nagħrfu l-limiti ta' din il-ħidma, aħna konvinti illi permezz tas-Sinodu djoċesan, il-ħajja nisranija tal-Knisja tagħna tista' timxi ħafna 'l quddiem, basta dak li jordna s-Sinodu jiġi osservat minn kulħadd bil-ħeġġa li tixraqlu.

Għaldaqstant, bl-awtorità ordinarja tagħna, napprovaw id-digrieti ta' dan is-Sinodu li ġew riveduti flimkien mad-dokumenti pastorali u ż-żidiet, nippromulgawhom u nordnaw li jiġu ppubblikati skond il-verżjoni awtentika tagħhom.

Nordnaw ukoll li dawn id-Digrieti Sinodali jidħlu 'in vigore' tliet xhur wara li l-Atti Sinodali jkunu stampati u ppubblikati.

Mogħti f'Għawdex, id-9 ta' Marzu, 1993.

Mons. Ġużeppi Borg Attard.
Kanċellier.

† Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof tą' Għawdex.

ABBREVIATIONES

AA	Digriet tal-KonċiljuVatikan II, *Apostolicam Actuositatem* (18 Mejju 1965).
AAS	Acta Apostolicae Sedis, 1909 +
AC	Ittra mensili mill-isqof lill-kleru Għawdxi, *Ad Clerum, 1974* +
AG	Digriet tal-Konċilju Vatikan II, *Ad Gentes* (7 Novembru 1965)
AKDG	*Atti tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex*, 1977+
AKEM	*Atti tal-Konferenza Episkopali Maltija*, 1985+
AN	Struzzjoni Pastorali, *Aetatis Novae* (22 Frar 1992)
APE	Struzzjoni, *Actio Pastoralis Ecclesiae* (15 Mejju 1969)
CA	Enċiklika, *Centesimus Annus* (1 Mejju 1991)
CCDE	Dokument CEI, *Comunione Comunità e Disciplina Ecclesiale* (1 Jannar 1989)
CD	Digriet tal-Konċilju Vatikan II, *Christus Dominus* (28 Ottubru 1965)
CDF	Santa Sede, *Carta dei Diritti della Famiglia* (24 Novembru 1983)
CEI	*Conferenza Episcopale Italiana*
CIC	*Codex Iuris Canonici*, 1983
CL	Eżortazzjoni Apostolika, *Christifideles Laici* (30 Diċembru 1988)
CP	Struzzjoni, *Communio et Progressio* (23 Mejju 1971)
CRM	*Concilium Regionale Melitense*, Melita 1936
DCG	Direttorju tal-Kongregazzjoni tal-Kleru, *Directorium Catechisticum Generale* (18 Marzu 1971)
DIM	Enċiklika *Divini illius Magistri* (31 Diċembru 1929)
DOE	*Directorium Oecumenicum* (14 Mejju 1967)
DPAS	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *L-Animazzjoni Nisranija tas-Soċjetà* (10 Novembru 1992)
DPAZ	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Pastorali ma' l-Adolexxenti u maż-Żgħażagħ* (20 Ottubru 1992)
DPF	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Il-Familja Nisranija* (11 Novembru 1992)
DPIT	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Irtiri Spiritwali u Gruppi ta' Talb* (9.11.1992)
DPK	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Il-Formazzjoni Kontinwata tal-Kleru* (7 Novembru 1992)
DPL	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Il-Lajċi* (9 Novembru 1992)
DPMKS	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali*, (4 Novembru 1992)
DPSF	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Is-Sens Nisrani tal-Festi* (21 Ottubru 1992)
DPT	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Ħidma Pastorali mat-Tfal* (10 Novembru 1992)

DPV	Dokument Pastorali tas-Sinodu, *Il-Ħidma Pastorali għall-Vokazzjonijiet* (12 Ottubru 1992)
DV	Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II, *Dei Verbum* (18 Novembru 1965)
DVi	Istruzzjoni, *Donum Vitae* (22 Frar 1987)
EI	Direttorju għall-Ministeru Pastorali ta' l-Isqfijiet, *Ecclesiae Imago* (22 Frar 1973)
EIU	Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *Edukazzjoni għall-Imħabba Umana* (1 Novembru 1983)
EM	Struzzjoni, *"Eucharisticum mysterium"* (25 Mejju 1967)
EN	Ittra Apostolika, *Evangelii Nuntiandi* (8 Diċembru 1975)
ES	Motu Proprio, *Ecclesiae Sanctae* (6 Awissu 1986)
EV	Ġabra ta' dokumenti uffiċjali bit-test latin (u xi drabi b'lingwa oħra wkoll) u bil-verżjoni taljana, edizzjoni Dehoniane, Bologna, *Enchiridion Vaticanum*
FC	Eżortazzjoni Apostolika, *Familiaris Consortio* (22 Novembru 1981)
GE	Dikjarazzjoni tal-Konċilju Vatikan II, *Gravissimum Educationis* (28 Ottubru 1965)
GS	Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II, *Gaudium et Spes* (7 Diċembru 1965)
HV	Enċiklika, *Humanae Vitae* (25 Lulju 1968)
IAR	Il-Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjoni Soċjali, *In Anni Recenti* (7 Mejju 1989)
IC	N.J. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, *Ittri Ċirkulari*, 1967 +
ID	Struzzjoni, *Inaestimabile Donum* (3 April 1980)
IKR	Ġabra ta' ittra pastorali, ċirkulari ta' l-Isqof N.J. Cauchi, *Il-Kelma tar-Raghaj* I-IV
IM	Digriet tal-Konċilju Vatikan II, *Inter Mirifica* (4 Diċembru 1963)
JDTV	Messaġġ għall-*Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet*
LG	Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II, *Lumen Gentium* (21 Novembru 1964)
LN	Struzzjoni, *Libertatis Nuntius* (6 Awissu 1984)
MC	Eżortazzjoni Apostolika, *Marialis Cultus* (2 Frar 1974)
MD	Ittra Apostolika, *Mulieris Dignitatem* (15 Awissu 1988)
MJK	*Messaġġ tal-Papa għal Jum il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali*
MJP	*Messaġġ tal-Papa għal Jum il-Paċi*
MN	Enċiklika, *Mens Nostra* (20 Diċembru 1929)
MP	Enċiklika, *Miranda Prorsus* (8 Settembru 1957)

NMN	Pjan Pastorali Kwinkwennali, *Nikbru fil-Maturità Nisranija* (1989)
OA	Ittra Apostolika, *Octagesima Adveniens* (14 Mejju 1971)
OBP	Digriet, *Ordo Baptismi Parvulorum* (15 Mejju 1969)
OP	*Ordo Poenitentiae*
OR	Ġurnal ta' kuljum politiku-reliġjuż, Belt tal-Vatikan, *L'Osservatore Romano,* 1861 +
OT	Digriet tal-Konċilju Vatikan II, *Optatam Totius* (28 Ottubru 1965)
PB	Pastorali tar-Randan, *Il-Promozzjoni tal-Bniedem* (22 Frar 1976)
PC	Digriet tal-Konċilju Vatikan II, *Perfectae Charitatis* (28 Ottubru 1965)
PDV	Eżortazzjoni Apostolika, *Pastores Dabo Vobis* (25 Marzu 1992)
PIM	*Pastorali ta' l-Isqfijiet Maltin*
PO	Digriet tal-Konċilju Vatikan II, *Presbyterorum Ordinis* (7 Diċembru 1965)
Ps	Psalmi (salmi)
PS	Pastorali tar-Randan, *Il-Proċess tas-Sekularizzazzjoni* (23 Frar 1974)
QA	Dikjarazzjoni, *Quaestio de Abortu* (18 Novembru 1974)
RC	Dokument Pastorali tac-CEI, *Il Rinnovamento della Catechesi* (2 Frar 1970)
RH	Enċiklika, *Redemptor Hominis* (4 Marzu 1979)
RM	Enċiklika, *Redemptoris Missio* (7 Diċembru 1979)
SC	Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium* (4 Diċembru 1963)
SDM	*Sinodo di Milano*
SE	*Synodus Episcoporum*
SG	Synodus Gaulitana I, Melitae 1904
SHN	Pastorali tar-Randan, *Is-Sejħa għall-Ħajja Nisranija* (18 Frar 1982)
SM	*Is-Sagramentarju Malti,* 1979
SR	*Synodus Romana*
SRS	Enċiklika, *Solicitudo Rei Socialis* (30 Diċembru 1987).
VC	Kostituzzjoni, *Victoriae Potestatis* (28 Jannar 1977).

DECRETA SYNODALIA

DIGRIETI TAS-SINODU

Normae Praeviae

1.

1. *Haec synodus ad mentem canonis 460 convocata, ea consequi vult quae in* **bonum** *totius* **communitatis dioecesanae Gaudisiensis** *necessaria vel utilia censentur.*

2.

2. *Prout par est, plena observantia haec Synodus amplectitur* **codicem Juris Canonici recognitum normasque Concilii Vaticani Secundi et documenta Sanctae Sedis.**

3.

3. *Hac Synodo promulgata,* **normae** *dioecesanae* **prius vigentes,** *quae cum decretis Synodi componi nequeunt* **abrogantur.**

4.

4. **Consuetudines** *particulares quae ipsis decretis huius Synodi reprobantur, prorsus suppressae sunt; quae non sunt reprobatae tolerari possunt firmo tamen praescripto canonum 5, 26, 28.*

5.

5. **Privilegia et exemptiones,** *quae per legem generalem vel per specialem Apostolicae Sedis concessionem vigent, neque mutantur neque minuuntur.*

6.

6. *Decreta hujus Synodi post tres menses ab ejus editione,* **vim obligandi** *in tota dioecesi habere incipient.*

IT-TIENI SINODU T'GĦAWDEX

Normi tal-Bidu

1

Dan is-Sinodu Djoċesan, imlaqqa' skond il-kanoni 460, għandu bħala għan tiegħu li jikseb dak li jinħass li huwa neċessarju jew siewi għall-ġid tal-**Komunità Djoċesana kollha t'Għawdex.** *1.*

2

Dan is-Sinodu jirrispetta f'kollox il-**Kodiċi rivedut tad-Drittu Kanoniku, in-normi tal-Konċilju Vatikan it-Tieni u d-Dokumenti tas-Santa Sede,** kif inhu xieraq. *2.*

3

Malli dan is-Sinodu jkun promulgat, in-normi djoċesani **li kienu jgħoddu qabel** u li mhumiex kompatibbli mad-digrieti tiegħu, **huma abrogati.** *3.*

4

Kull **konswetudni** partikulari diżapprovata mill-istess digrieti ta' dan is-Sinodu, hija mneħħija għal kollox; dawk li mhumiex diżapprovati jistgħu jkunu tollerati sakemm jitħares dak li hemm fil-kanoni 5, 26, 28. *4.*

5

Il-**privileġġi u l-eżenzjonijiet,** li huma mogħtija b'liġi ġenerali jew b'konċessjoni specjali tas-Santa Sede, la jitbiddlu u lanqas jitnaqqsu. *5.*

6

Wara tliet xhur mill-pubblikazzjoni tas-Sinodu, id-digrieti tiegħu jkollhom **is-saħħa li jobbligaw** fid-Djoċesi kollha. *6.*

7.

7 **Exemplar hujus Synodi textus** *vel saltem ejus probata versio penes sit omnes clericos dioecesanos, et quamlibet personam juridicam Ordinario loci subditam. Textus latina lingua exaratus in archivo dioecesano et in singulis archivis paroecialibus custodiatur.*

8.

8 *Firmo canone 17,* **in interpretandis decretis** *hujus Synodi generales normae Juris prae oculis habeantur et semper non tantum littera sed spiritus legis et mens legislatoris serventur.*

In dubiis circa interpretationem horum decretorum recurrendum erit ad Consilium ab Episcopo constituendum cui per litteras quaestiones proponi poterùnt.

7

Il-membri tal-Kleru Djoċesan u kull persuna ġuridika suġġetta għall-Ordinarju tal-post għandu jkollhom **kopja tat-test ta' dan is-Sinodu** jew għall-inqas traduzzjoni approvata tiegħu. Għandha tinżamm kopja tat-test bil-Latin fl-Arkivju Djoċesan u f'kull arkivju parrokjali. *7*

8

Filwaqt li jiġi osservat il-kanoni 17, **fl-interpretazzjoni tad-digrieti** ta' dan is-Sinodu, wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh in-normi ġenerali tad-Drittu Kanoniku u josserva mhux biss l-ittra tiegħu iżda wkoll l-ispirtu tal-liġi u l-intenzjoni tal-leġiżlatur. *8.*

Fid-dubju dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-digrieti wieħed għandu jirrikorri għand il-kummissjoni li ser titwaqqaf mill-isqof u li lilha jistgħu jsiru domandi bil-miktub.

PARS PRIMA
DE POPULO DEI IN DIOECESI GAUDISIENSI

CAPUT I
DE DIOECESI GAUDISIENSI UTPOTE ECCLESIA PARTICULARI

9.

9. **Dioecesis Gaudisiensis,** *utpote quae ad normam can. 369 Ecclesiam particularem constituat, experitur corresponsabilitatem totius missionis ecclesialis et proponit huic missioni satisfacere secundum proprias indoles.*

10.

10. **Romano Pontifici** *qui "vi sui muneris, non modo in universam Ecclesiam potestate gaudet, sed et super omnes Ecclesias particulares" (Can. 333 par. 1) summam reverentiam, plenam obedientiam filialem amorem Ecclesia Gaudisiensis tribuit quotidieque pro eo preces ad Deum fundit.*

Propterea:

(a) Omnes christifideles cognoscere et adimplere satagant constitutiones aliaque documenta Romani Pontificis quae ad fidem, mores et regimen Ecclesiae universalis pertinent.

(b) Litteras Encyclicas ac documenta Romani Pontificis clerum populumque respicientia sacerdotes legant et meditentur; animarum curatores in ecclesiis pro fidelium captu explicent.

(c) Optandum est ut in quavis domo curiali, in sacrariis, in aedibus consociationum catholicarum, Romani Pontificis effigies eminenti loco fulgeat.

L-EWWEL PARTI
DWAR IL-POPLU T'ALLA FID-DJOĊESI GĦAWDXIJA

KAPITLU I
ID-DJOĊESI GĦAWDXIJA BĦALA KNISJA PARTIKULARI

9.

9. **Id-Djoċesi t'Għawdex,** peress li tifforma knisja partikulari skond il-kanoni 369, tħossha korresponsabbli tal-missjoni ekkleżjali kollha kemm hi, u timpenja ruħha li taqdi din il-missjoni, skond il-karatteristici propji tagħha.

10.

10. Id-Djoċesi Għawdxija għandha mħabba filjali, l-ikbar rispett u ubbidjenza sħiħa kif ukoll titlob ta' kuljum lil Alla għall-**Papa** "li mill-uffiċċju tiegħu, għandu setgħa mhux biss fuq il-Knisja Universali, iżda wkoll fuq kull waħda mill-knejjes partikulari" (kan. 333 par. l).

Għaldaqstant

a) L-Insara kollha għandhom ifittxu li jkunu jafu u jwettqu l-kostituzzjonijiet u d-dokumenti l-oħra tal-Papa li jirrigwardaw il-fidi, il-kostumi u t-tmexxija tal-Knisja Universali.

b) Is-saċerdoti għandhom jaqraw u jimmeditaw **l-Ittri Enċikliċi u d-dokumenti pontifiċji** li jirrigwardaw il-kleru u l-poplu; dawk li għandhom il-kura ta' l-erwieħ għandhom ifissruhom fil-knejjes b'mod li l-Insara jkunu jistgħu jifhmuhom.

c) Huwa mixtieq li x-**xbieha tal-Papa attwali** tkun imqiegħda f'post prominenti fid-djar tal-kappillani kollha, fis-sagristiji u fid-djar ta' l-għaqdiet kattoliċi.

(d) In ecclesiis paroecialibus, Dies Papae solemniter quotannis celebretur, die a loci Ordinario statuenda, in qua habeatur concio sive homilia de Romano Pontifice, fiat collecta pro Obolo S. Petri nuncupata et fideles invitentur ad peculiares preces Deo persolvendas. Quae preces fundendae quoque sunt praesertim quando Romanus Pontifex itinera apostolica extra urbem aggreditur (I C 112/75).

(e) Romanum iter ad sepulchra Apostolorum Petri et Pauli colenda et ad Romanum Pontificem venerandum quam maxime commendatur (I C 17/68)

(f) Romano Pontifici graviter decumbenti ut, Deo volente, firma restituatur valetudo, preces in ecclesiis fiant, eoque defuncto, iusta funebria de more persolvantur.

(g) Novo Romano Pontifice electo, in iisdem ecclesiis, gratiarum actiones solemniter peragantur iuxta modum a loci Ordinario statuendum.

11.

11. Ecclesia Gaudisiensis, servato canone 455, **decreta Conferentiae Episcopalis Melitensis** *fideliter recipit, satagens communionem cum Archidioecesi Melitensi, de qua dismembrata est, fovere, propriisque navitatibus conferre ad incrementum regni Dei in tota communitate nationali, "praesertim per apostolatus formas et rationes occurrentibus aetatis adiunctis apte compositas" (C D 38).*

12.

12. Etsi peculiari solicitudine proprias consuetudines pastorales ac liturgicas curet, Ecclesia Gaudisiensis grato animo exemplum doctrinamque **aliarum Ecclesiarum particularium** *magni facit quo magis in dies spiritualiter ditior ac ad serviendum Deo aptior evadat.*

d) Kull sena fil-knejjes parrokkjali jkun iċċelebrat solennement **Jum il-Papa** f'data li tkun determinata mill-Ordinarju tal-post. Dak in-nhar ikun hemm priedka jew omelija fuq il-Papa, issir il-ġabra hekk imsejħa "Pro Obolo S. Petri" u l-insara jkunu mistiedna joffru t-talb speċjali lil Alla. Dan it-talb isir ukoll meta l-Papa jkun fi vjaġġi apostoliċi barra minn Ruma (I C 112/75).

e) Ta' min jirrikmanda ħafna l-pellegrinaġġ li jsir għall-oqbra ta' l-Appostli Pietru u Pawlu u għall-qima tal-Papa (I C 17/68).

f) **Meta l-Papa jkun marid gravament** għandu jsir talb fil-Knejjes sabiex, jekk tkun ir-rieda t'Alla huwa jerġa' jieħu saħħtu. Meta jmut, għandhom isiru r-riti funebri li soltu jsiru.

g) **Meta jkun maħtur Papa ġdid,** fl-istess knejjes isir talb solenni ta' radd il-ħajr skond ma jiddetermina l-Ordinarju tal-post.

11.

Bit-twettiq tal-kanoni 455, il-Knisja Għawdxija tilqa' fedelment **id-digrieti tal-Konferenza Episkopali Maltija** u filwaqt li tipprova żżomm sħubija ma' l-Arċidjoċesi ta' Malta li minnha ġiet dismembrata, bil-mezzi tagħha tagħmel dak kollu li tista' biex ixxerred is-saltna t'Alla fil-komunità nazzjonali speċjalment permezz ta' għamliet ta' apostolat li huma adattati għaċ-ċirkustanzi taż-żminijiet tal-lum (C D 38). *11.*

12.

Għad li l-Knisja Għawdxija b'ħerqa speċjali tieħu ħsieb id-drawwiet pastorali u liturġiċi tagħha, hija tistma b'rikonoxxenza l-eżempju u t-tagħlim ta' **knejjes partikulari oħra** u b'dan il-mod tistagħna spiritwalment u titħejja aħjar biex taqdi l-Mulej. *12.*

13.

13. *Sub ductu proprii Episcopi, Ecclesia Gaudisiensis nititur "promovere et tueri* **unitatem fidei et disciplinam cunctae Ecclesiae communem,** *edoceri ad amorem totius Corporis Mystici Christi, praesertim membrorum pauperum, dolentium et eorum qui persecutionem patiuntur propter iustitiam" (L G 23).*

14.

14. **Gravia problemata Ecclesiae Universalis,** *Ecclesia Gaudisiensis sua faciens, consociatis viribus promovendae unitatis redintegrationem inter universos christianos, cooperationi in evangelizatione gentium per opera missionalia et dialogo cum mundo pro justitia, pace ac populorum progressione alacri animo incumbit (Cfr. D E 43, 48, 49).*

15.

15. *Sicuti in tota Ecclesia, sic et in dioecesi, inter christifideles sunt ministri sacri qui in iure et* **clerici** *vocantur; ceteri autem et* **laici** *nuncupantur (can. 207 par. 1), servata inter cunctos vera aequalitate quoad dignitatem et actionem uti in canone 208.*

16.

16. *Non sunt spernenda vel extinguenda* **charismata** *quae Spiritus Sanctus fidelibus etiam in hac Ecclesia locali tribuit, sed grato animo accipienda, in bonum totius communitatis ordinanda, ad aedificationem Ecclesiae exercenda in communione cum fratribus in Christo et maxime cum Episcopo, charisma apostolicum ferenti cujus est de charismatum germana natura eorumque ordinato exercitio iudicium ferre. (Cfr. A A 3).*

13.

Taħt it-treġija ta' l-Isqof tagħha, il-Knisja Għawdxija tagħmel minn kollox biex "tgħin u tħares **l-unità tal-fidi u tad-dixxiplina komuni fil-Knisja kollha,** u biex titrawwem fl-imħabba lejn il-Ġisem Mistiku ta' Kristu kollu u b'mod speċjali lejn il-membri fqar, dawk li qed ibatu jew dawk li huma ppersegwitati minħabba l-ġustizzja (ara L G 23)". *13.*

14.

Il-Knisja Għawdxija, filwaqt li tinteressa ruħha mill-**problemi gravi tal-Knisja Universali,** bil-ħrara tħabrek għall-għaqda fost l-Insara kollha b'ħidma għalenija, għall-koperazzjoni fl-evanġelizzazzjoni tal-ġnus permezz ta' l-opri missjunarji u għad-djalogu mad-dinja biex iseħħu l-ġustizzja, il-paċi u l-progress tal-popli (ara D E 43, 48, 49). *14.*

15.

Kemm fil-Knisja Universali, kif ukoll fid-Djoċesi hemm ministri sagri, li fil-liġi ekkleżjastika jissejħu **kjerieċi** u hemm insara oħra li jissejħu **lajċi** (kan. 207 par.1); filwaqt li tinżamm fost kulħadd vera ugwaljanza rigward id-dinjità u l-ħidma msemmija fil-kanoni 208. *15.*

16.

M'għandhomx jiġu mwarrba fil-ġenb jew mitfija l-**kariżmi** li l-Ispirtu s-Santu jagħti lill-Insara anke f'din il-Knisja lokali, iżda għandhom jiġu aċċettati b'rikonoxxenza, orjentati għall-ġid tal-komunità kollha u mħaddma biex tinbena l-Knisja f'għaqda ma' l-aħwa fi Kristu u l-aktar ma' l-Isqof li għandu l-kariżma apostoliku u lilu jmiss li jiġġudika jekk dawn il-kariżmi humiex ġenwini u kif għandu jkun imqassam it-twettiq tagħhom (ara A A 3). *16.*

CAPUT II

DE CHARISMATE APOSTOLICO

17.

17. *Exceptis causis de quibus in canone 381 par. 1, Episcopo dioecesano in dioecesi ipsi commissa omnis competit* **potestas ordinaria, propria et immediata**, *quae ad exercitium ejus muneris pastoralis requiritur.*

(a) Fideles et praesertim clerici speciali obligatione tenentur **Episcopo reverentiam, obedientiam, et amorem** *exhibendi; ideoque verbo et opere mandata Episcopi obtemperent et affectu filiali revera obedientiam praestent.*

(b) De **Episcopi missione et munere**, *parochi et concionatores, occasione praesertim pastoralis visitationis, fidelibus edoceant eosque excitent ad preces Deo pro eodem fundendas (C R M 34, par. 1).*

(c) Parochi aliique sacerdotes fidelibus perlegant litteras pastorales aliasque Curiae notificationes quae deinde in archivo paroeciali rite custodiendae sunt (C R M 35, par. 1).

18.

18. *(a) Quotannis in Ecclesia Cathedrali aliisque ecclesiis celebretur* **dies anniversarius ordinationis Episcopi** *et sacerdotes pro eo liturgicas preces fundant. Parochi et ecclesiarum Rectores die Domenica praecedenti fideles hortentur ut pro Pastore illo die ferventius orent.*

(b) Cum **Episcopus in graven morbum** *inciderit publicae pro eo preces et supplicationes fiant. Poenitentiarius Canonicus Ecclesiae Cathedralis vel Episcopi confessarius, morbo ingravescente, aperte et reverenter de imminenti periculo moneat eidemque extrema sacramenta praeeminens inter canonicos Ecclesiae Cathedralis ministrabit, excepto casu urgentiae.*

KAPITLU II

IL-KARIŻMA APOSTOLIKA

17.

17. B'eċċezzjoni għal dawk il-kawżi li huma msemmija fil-kanoni 381 par.1, lill-Isqof Djoċesan, fid-Djoċesi afdata lilu, bid-dritt tmiss kull **setgħa ordinarja proprja u mmedjata** li hija meħtieġa għat-twettiq tal-ministeru pastorali tiegħu.

(a) L-Insara u speċjalment il-kleru għandhom l-obbligu speċjali li jagħtu **lill-Isqof qima, ubbidjenza u mħabba,** u għalhekk għandhom iwettqu bil-kliem u bil-għemil l-ordnijiet tiegħu u jħobbuh tabilħaqq b'imħabba ta' wlied.

(b) Il-kappillani u l-predikaturi, speċjalment fl-okkażjoni tal-vista pastorali, għandhom jgħallmu lill-insara dwar **il-missjoni u l-ħidma ta' l-Isqof** u jħeġġuhom biex joffru lil Alla t-talb tagħhom għalih. (C R M 34 p.1).

(c) Il-kappillani u s-saċerdoti l-oħra għandhom jaqraw pubblikament lill-Insara **l-ittri pastorali u l-avviżi l-oħra tal-Kurja.** Imbagħad dawn id-dokumenti jiġu merfugħa kif jixraq fl-arkivju parrokkjali (C R M 35 par1).

18.

18. (a) Ta' kull sena fil-Katidral u fil-Knejjes l-oħra jiġi ċċelebrat **l-anniversarju ta' l-ordinazzjoni ta' l-isqof** u s-saċerdoti joffru talb liturġiku għalih. Il-kappillani u r-retturi tal-knejjes fil-Ħadd ta' qabel iħeġġu lill-insara biex f'dak il-jum jitolbu għar-ragħaj b'ħerqa ikbar mis-soltu.

(b) **Meta l-isqof jimrad gravament,** isir talb pubbliku u suppliki għalih. Il-Kanoniku Penitenzier tal-Knisja Katidrali jew il-konfessur ta' l-Isqof, meta l-marda tkun aggravat, javżah b'mod ċar u bir-rispett dwar il-periklu imminenti u l-preminent fost il-kapitlu tal-Knisja Katidrali jamministralu l-aħħar sagramenti, jekk ma jkunx każ ta' urġenza.

(c) **Episcopo defuncto,** *Capitulum Cathedrale, servatis praescriptis canonum 416-430, Dioecesim moneat de exsequiis celebrandis iuxta normas Caerimonialis Episcoporum num. 1160-1165. Supplices interim ab omnibus fundentur preces ut Pastori vita functo Dominus pacem et aeternam requiem tribuat (C R M 39). Occasione exsequiarum in Cathedrali, campanae funebri sonitu in tota dioecesi pulsentur; postea vero, in singulis Paroeciis missa de suffragio solemniter quam primum celebretur.*

(d) Singulis annis, **anniversaria die obitus** *postremi Episcopi Capitulum Cathedrale iusta pro eo persolvat funebria (C R M 40, par. 1) uti iam ex venerabili traditione fit.*

19.

19. **Sede vacante,** *clerus et populus publicis supplicationibus indictis ab eo qui regimen dioecesis assumit ad norma canonum 419 et 421, Deum pie deprecentur ut orbato gregi pastorem secundum cor suum mittat (C R M 41).*

20.

20. **Ope visitationis pastoralis,** *de qua in canone 396, Episcopus congressus personales cum clero ceterisque fidelibus Populi Dei fovet, ut eos cognoscat et dirigat, hortetur ad fidem vitamque christianam exercendam, atque structuras et instrumenta, quae servitio pastorali destinantur, in sua vera efficientia experiatur ipse ac perpendat (D E n. 166).*

(a) Cum pastoralem visitationem Episcopus indixerit, **quaestionibus** *quae parochis ecclesiarumque rectoribus ac piis institutis ad mentem can. 397 episcopali visitationi obnoxiis, proponuntur, magna cum diligentia ac sinceritate* **respondendum est** *duplici fideli exemplari, quorum alterum ad Episcopum mittendum, alterum in ecclesiae archivo erit custodiendum. Exemplar vero ad Episcopum mittatur decimo saltem die ante visitationem (I C 117/81).*

(c) **Meta l-Isqof imut,** il-Kapitlu tal-Katidral, salvi l-kan. 416-430, javża lid-djoċesi dwar ir-riti funebri li jsiru skond in-normi taċ-Ċerimonjal ta' l-Isqof numru 1160-1165. Sadattant, għandu jsir talb minn kulħadd sabiex il-Mulej jagħti lir-Raġħaj li miet is-sliem u l-mistrieħ ta' dejjem (CR M39). Fl-okkażjoni tal-Funeral fil-Katidral, il-qniepen tad-djoċesi jindaqqu b'mod funebri u mill-iktar fis f'kull parroċċa ssir quddiesa solenni b'suffraġju għal ruħu.

(d) Kull sena, f'jum **l-anniversarju tal-mewt** ta' l-isqof li miet l-aħħar, il-Kapitlu Katidrali jagħmel is-suffraġju għar-ruħ tiegħu skond kif isir bi tradizzjoni meqjuma (C R M 40 par.1)

19

Meta s-sede tkun vaganti, il-kleru u l-poplu jagħmel bil-qima t-talb pubbliku mniedi minn min ikollu f'idejh it-tmexxija tad-djoċesi, skond il-kanoni 419 u 421, sabiex Alla jibgħat lill-merħla ltima, raġħaj skond il-qalb tiegħu (C R M 41). *19.*

20

Permezz tal-**Viżta Pastorali** msemmija fil-kanoni 396, l-Isqof jippromovi l-laqgħat personali mal-kleru u ma' l-insara l-oħra tal-Poplu t'Alla, sabiex isir jafhom, imexxihom, iħeġġiġhom għall-fidi u biex jgħixu ħajja nisranija. Huwa stess jara u jgħarbel kemm huma effiċjenti l-istrutturi u l-mezzi li qegħdin għas-servizz pastorali (D O E n.166). *20.*

(a) Meta l-Isqof iħabbar il-Viżta Pastorali, il-**Kwestjonarju** li jintbagħat lill-kappillani, lir-retturi tal-knejjes u lill-Istituti Piji, li skond il-kanoni 397 huma suġġetti għall-viżta ta' l-isqof, **għandu jiġi mwieġeb** bil-ħerqa u b'sinċerità kbira, isiru żewġ kopji eżatti tiegħu, waħda minnhom tmur għand l-isqof, u l-oħra tinżamm fl-arkivju tal-Knisja. Il-kopja lill-isqof tintbagħtlu mill-inqas għaxart ijiem qabel ma tibda l-Viżta (I C 177/81).

(b) Cum dies sacrae visitationis statuta fuerit, **parochi** *et ecclesiarum rectores tempestive* **populum admoneant** *et animos praeparent ut visitatio pastoralis uberiores fructus afferat. Tempore adpropinquante, opportuna praedicatio praemittatur, adhibitis etiam confessariis extraordinariis, quo fideles ad sacramentalem confessionem et Eucharisticam communionem facilius accedere possint. Hac occasione, christifideles invitentur ut pro felici exitu visitationis Dei opem implorent. (I C 116/76).*

(c) Cum paroeciam Episcopus solemniter ingreditur, campanarum sonitu de illius ingressu fideles moneantur. Quoad **coeremonias liturgicas**, *observandae sunt normae quae in Actis Curiae n. 23 p. 299 habentur.*

(d) Curent parochi ut **adeant Episcopum** *illi sacerdotes et laici qui in paroecia pastoralium inceptorum participes sunt (Cfr D O E 168; I.C. 116/76). Tenentur sacerdotes Episcopum personaliter adire tempore visitationis pastoralis eorum paroeciae.*

(e) Parochi et ecclesiarum rectores facilem **facultatem praebeant** *presbyteris quibus Episcopus, attento can. 396 par. 2,* **libros invisendi** *loca sacra et supellectiles inspiciendi, bonorum administrationem examinandi, diebus visitationem antecedentibus vel subsequentibus munus committit (D O E 168). Tempore Visitationis Pastoralis, magister coerimonarium, sacerdotes memores reddat de S. Missae digma celebratione invigiletque de fideli observantia normarum liturgicarum.*

(f) **Omnia** *ad cultum divinum pertinentia pastorali* **visitationi subiecta** *sunt. Si quid vel minimum intentionaliter subtrahitur, illius rei usus erit interdictus.*

(g) **Decreta in visitatione edita,** *intra tempus quod praefinitur, diligenter exsequenda sunt et presbyterio notificentur; postea tuto in archivo ecclesiae adserventur.*

(b) Meta jkun iffissat il-jum tal-Viżta Pastorali, il-**Kappillani** u r-retturi tal-Knejjes minn kmieni **javżaw lill-poplu** u jħejju sewwa lin-nies sabiex il-Viżta Pastorali tħalli aktar frott. Meta jkun qorob iż-żmien isiru priedki għal dan il-għan u jiġu msejħa wkoll konfessuri barranin biex l-insara jkunu jistgħu jersqu iktar faċilment għall-qrar u għat-tqarbin. F'din l-okkażjoni, l-insara huma mistiedna li jitolbu lil Alla għas-suċċess tal-Viżta (I C 116/76).

(c) Meta l-isqof jidħol solennement fil-parroċċa l-miġja tiegħu għandha titħabbar lill-insara permezz tad-daqq tal-qniepen. Rigward iċ-**ċerimonji liturġiċi** għandhom jiġu osservati n-normi ppubblikati fl-Atti tal-Kurja n. 23 p. 299.

(d) Il-kappillani jieħdu ħsieb **sabiex jiltaqgħu ma' l-isqof** dawk is-saċerdoti u lajci nvoluti fil-ħidmiet pastorali tal-parroċċa (ara D O E 168; I C 116/76). Is-saċerdoti huma fid-dmir li jiltaqgħu ma' l-isqof personalment meta tkun qegħda ssir il-Viżta Pastorali fil-parroċċa tagħhom.

(e) Lil dawk is-saċerdoti li fit-termini tal-kanoni 396 par.2 jkunu ġew inkarigati mill-isqof sabiex fil-ġranet ta' qabel jew wara l-Viżta Pastorali, jaraw il-kotba, jiflu l-postijiet u l-oġġetti sagri u jeżaminaw l-amministrazzjoni tal-beni, il-kappillani u r-retturi tal-knejjes għandhom **jippermettulhom** li jagħmlu dan mingħajr diffikultà (D O E 168). Fl-okkażjoni tal-Viżta Pastorali, iċ-ċeremonjier ifakkar lis-saċerdoti dwar iċ-ċelebrazzjoni xierqa tal-quddiesa, u jara wkoll jekk humiex qegħdin josservaw kif imiss in-normi liturġiċi.

(f) **Kull ħaġa** li tappartieni għall-kult divin hija **suġġetta għall-Viżta Pastorali.** Jekk ikun hemm xi ħaġa anke żgħira, li apposta ma tkunx ġiet murija, l-użu tagħha jkun projbit.

(g) **Id-digrieti mogħtija fil-Viżta Pastorali** għandhom ikunu mwettqa bir-reqqa fi żmien stabbilit, ikunu miżmuma tajjeb fl-Arkivju tal-Knisja, u jkun mgħarraf bihom il-presbiterju.

CAPUT III

DE PARTECIPATIONE IN CHARISMATE APOSTOLICO

21.

21. "**Officium presbyterorum**, *utpote Ordini episcopali coniunctum participat auctoritatem qua Christus Ipse Corpus suum extsruit, sanctificat et regit" (P.O. 2). Sacerdos enim est "electus ex populo, divini charismatis ditatus, divinae potestatis depositarius, alter denique Christus; non ad seipsim pertinet, non ad propinquos, non ad amicos, sed ad universalem spirat caritatem" (Allocutio R.P. Pii XII, 19 Oct. 1958; A.A.S., 1958, fol. 966).*

22.

22. *Presbyteri,* "**Verbi Dei ministri** *cum sint, cotidie legent et audiunt Dei verbum quod alios docere debent" (P O 13).*

(a) Oportet igitur ut presbyteri **studium Sacrorum Librorum** *non intermittant (S G 19), iisque familiariter utantur (S R 30/2).*

(b) Verbi Dei praecones studeant ut gregem Domini sana et **irreprehensibili doctrina pascant.**

23.

23. *"Ut Sacrorum ministri, praesertim in Sacrificio Missae,* **Presbyteri personam specialiter gerunt Christi**, *qui seipsum ad sanctificandos homines victimam dedit" (P O 13).*

(a) Sacerdotibus, uniuscuiusque **diei** *veluti* **centrum** *sit* **Divinum Missae Sacrificium** *"quo maior aut sanctior nulla est actio" (S R 25). Et ideo enixe commendatur eius celebratio cotidiana quae quidem etiam si praesentia fidelium haberi non possit, actus est Christi et Ecclesiae (P O 13; can. 276 par. 2, n. 2).*

KAPITLU III

IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-KARIŻMA APOSTOLIKA

21.

"**L-Uffiċċju tal-Presbiteri,** peress li huwa marbut ma' l-Ordni Episkopali jagħti sehem, minn dik is-setgħa li biha Kristu stess jibni, iqaddes u jrieġi l-Ġisem Mistiku Tiegħu" (P O 2). Difatti s-saċerdot "magħżul minn fost il-poplu, imżejjen b'kariżmi divini, għandu setgħa divina, bħala Kristu ieħor; mhux tiegħu nnifsu, mhux ta' qrabatu, mhux ta' ħbiebu, iżda jrid ikollu karità ma' kulħadd. (Allocutio R.P. Pii XII, 19 Oct 1958; A A S 1958 p.966) *21.*

22.

Il-presbiteri, bħala **ministri tal-Kelma t'Alla**, ta' kuljum jaqraw u jisimgħu l-Kelma t'Alla biex jgħallmuha lil ħaddieħor (P O 13). *22.*

(a) Jeħtieġ għalhekk illi l-presbiteri ma jitilqux **l-istudju tal-Kotba Mqaddsa** (S G 19); imma jkunu familjari magħhom (S R 30/2).

(b) Dawk li jxandru l-Kelma t'Alla għandhom ifittxu bil-ħerqa illi **jmantnu l-merħla tal-Mulej** b'tagħlim tajjeb u **bla żbalji.**

23.

Bħala ministri tal-ħwejjeġ qaddisa u fuq kollox fis-sagrifiċċju tal-quddiesa, **il-presbiteri jirrappreżentaw b'mod speċjali lil Kristu** li offra lilu nnifsu bħala Vittma biex iqaddes lill-bnedmin (P O 13). *23.*

(a) **Is-sagrifiċċju divin tal-quddiesa** "li akbar u eqdes minnu m'hemm l-ebda azzjoni" (S R 25) għandu jkun għas-saċerdot bħala **ċentru tal-ġurnata.** Għalhekk hija rrikmandata ħafna ċ-ċelebrazzjoni ta' kuljum, li hija dejjem azzjoni ta' Kristu u tal-Knisja, ukoll meta ma jistax ikun hemm insara li jassistu għaliha (P O 13; kan. 276 par. 2 n.2).

(b) **Ante et post Sacrum**, *in sacristia vel in propria aede, per congruum tempus sacerdotes orent, iis praesertim adhibitis precibus quas Ecclesia commendat (Cfr Can. 909).*

(c) Cum sacerdos ad celebrationem Eucharisticam se praeparet, in sacrariis **silentium** *servetur; quod si loqui necesse sit, id sumbissa voce fiat (Cfr. S R 26).*

(d) Sacerdotes omnes sat elata voce sacrificium faciant, sine properatione, sacras coerimonias cum dignitate agentes **legesque liturgicas** *diligenter servantes (S R 25 n. 3; I C 35/69).*

(e) Liturgia talis sit quam Ecclesia vult et mandat, quae et indicavit facultatem earn aptandi adiunctis prout necessitates pastorales variis in locis aut diversi hominum coetus postulant. Experimenta, **mutationes**, *opera 'creatrix' non legitima fideles confundunt (I D introd.).*

(f) Nisi ratio pastoralis aliud postulet, valde commendatur Missae **concelebratio** *immo et quotidiana.*

(g) Sacerdotes, dominicis et diebus festis cum partecipatione fidelium celebrantes, ***divinum sacrificium*** *facere debent* **cum homilia** *horis quidem fidelibus, de judicio Rectoris ecclesiae in qua fit celebratio, magis aptis. Aliis diebus, nisi in privato oratorio celebrent, de tempore celebrationis cum Rectore ecclesiae consulendum est.*

(h) Omnis sacerdos **libellum** *habeat in quo missarum onera ordinatim perscribat, quo in libello quotidie, sacro peracto, cum primum poterit de onere soluto perspicue et accurate memoret (S G V, IV, I). Singulis annis, mense Octobri, hic libellus officio Dioecesano de clero exhbendus est (I C 58/71).*

(b) **Qabel u wara ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa,** is-saċerdoti fis-sagristija jew f'darhom għandhom jgħaddu ċertu ħin fit-talb u jużaw dawk it-talbiet irrikmandati mill-Knisja (ara kan. 909).

(c) Meta s-saċerdot ikun qed jipprepara għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, fis-sagristija għandu jinżamm is-**silenzju** u jekk xi ħadd ikollu bżonn jitkellem, jagħmel dan b'vuċi baxxa (S R 26).

(d) Is-saċerdoti kollha għandhom iqaddsu b'vuċi li tinstema', mingħajr għaġġla, filwaqt li jagħmlu ċ-ċerimonji bid-dinjità u jħarsu bir-reqqa **l-liġijiet liturġiċi** (S R 25 n.3; I C 35/69).

(e) Il-liturġija għandha tkun kif tixtieqha u tordnaha l-Knisja li difatti ndikat fejn jistgħu jsiru xi adattamenti li jistgħu jkunu mitluba mill-esiġenzi pastorali f'postijiet differenti u minn gruppi differenti ta' nies. L-esperimentazzjoni, it-**tibdiliet** u l-kreattività barra minn lokhom joħolqu konfużjoni fl-insara (I D Introductio).

(f) Sakemm ma jkunx hemm raġuni pastorali li titlob xort'oħra, il-**konċelebrazzjoni** hija rrikmandata ħafna, anke ta' kuljum.

(g) Is-saċerdoti li fil-Ħdud u l-ġranet festivi jqaddsu bil-parteċipazzjoni ta' l-insara għandhom **jiċċelebraw bl-omelija** u fil-ħinijiet li jkunu l-iżjed adatti għall-insara, fid-diskrezzjoni tar-rettur tal-Knisja li fiha ssir iċ-ċelebrazzjoni. Fil-ġranet l-oħra jekk ma jqaddsux fil-privat, jiftiehmu mar-Rettur dwar il-ħin tal-quddiesa.

(h) Kull saċerdot għandu jkollu **reġistru** fejn iniżżel b'mod ordnat l-obbligi tal-qudddies u f'dan ir-reġistru jimmarka ta' kuljum u mill-iktar fis li jista', b'mod li jiftiehem u eżatt kull quddiesa li jqaddes (S G V, IV, I). Kull sena, fix-xahar ta' Ottubru dan ir-reġistru għandu jiġi ppreżentat lill-Uffiċċju Djoċesan tal-Kleru (I C 58/71).

24.

24. *Populum Dei regentes et pascentes, presbyteri* **caritate Boni Pastoris** *incitantur ut animam suam dent pro ovibus suis (P O 13).*

(a) In suo ministerio exercendo illuminantur et roborantur **actione Ecclesiae** *et* **exemplo fidelium.** *Abnegationes, ab ipsa vita pastorali impositae, semper ad profundiorem Christi particpationem ideoque ad puriorem caritatem pastoralem adipiscendam illos adiuvant.*

(b) Quantum fieri potest, singuli presbyteri tribuant ministerio sacerdotali **tempus plenum.** *Minime enim participatio navitatum saecularium, quas homines exercent, praecipuus finis habenda est; quae participatio nec quidem sat erit ad exprimendan responsabilitatem peculiarem sacerdotum.*

25.

25. *Sacerdotes eo fidelius suae missioni adhaerebunt quo magis fideles se communioni ecclesiali et sciant et exhibeant. Ita enim ministerium pastorale, quod ab Episcopis et presbyteris et diaconis exercetur, evadit in Ecclesiae* **signum eminens hujus communionis ecclesialis,** *quatenus ipsi peculiare mandatum acceperunt huic communioni serviendi.*

(a) Clerici tam juniores quam seniores prae oculis habeant verba Concilii Vaticani II "Nullus ergo Presbyter seorsum ac veluti singillatim suam missionem satis adimplere valet, sed **tantum viribus unitis cum aliis Presbyteris,** *sub ductu eorum, qui Ecclesiae praesunt" (P O 7).*

(b) Attento canone 384, **Episcopus benevole recipiat** *sacerdotes qui ad eum libere accedere possunt; unusquisque eorum semel saltem in anno coram Episcopo se sistat vel, si apud exteras regiones invenitur, ei scribat ut de proprio opere et ministerio eum certiorem reddat.*

24.

Is-saċerdoti li jrieġu u jirgħu l-poplu t'Alla, għandhom ikunu mqanqlin mill-**karità tar-Raġħaj it-Tajjeb** sabiex ikunu lesti li jagħtu ħajjithom għall-merħla tagħhom (P O 13). *24.*

(a) Fit-twettiq tal-ministeru tagħhom, għandhom ikunu mdawlin u msaħħin **bil-ħidma tal-Knisja u bl-eżempju ta' l-insara.** Iċ-ċaħdiet imposti mill-istess ħajja pastorali jgħinuhom sabiex ikollhom sehem dejjem aktar sħiħ ma' Kristu u hekk jiksbu karità pastorali dejjem aktar safja.

(b) Kull saċerdot, għandu, sa fejn jista', jiddedika l-**ħin kollu tiegħu** għall-ministeru saċerdotali. Is-sehem fl-attivitajiet sekulari li jwettqu l-bnedmin l-oħra ma għandu qatt ikun l-iskop ewlieni tal-ħajja saċerdotali tiegħu u dan is-sehem inqas ikun biżżejjed biex titwettaq ir-responsabbiltà proprja tas-saċerdoti.

25.

Iktar ma s-saċerdoti jħossu u juru li huma leali għall-komunità ekkleżjali iktar ikunu jistgħu jingħataw għall-missjoni tagħhom. Hekk il-ministeru pastorali li huwa mwettaq mill-isqfijiet, mill-presbiteri u middjakni, ikun fil-Knisja bħala **sinjal eminenti ta' din il-komunjoni ekkleżjali** billi huma rċivew mandat speċjali ħalli jaqduha. *25.*

(a) Il-kjeriċi żgħażagħ kif ukoll anzjani għandhom iżommu quddiem għajnejhom il-kliem tal-Konċilju Vatikan II; "Ebda presbiteru mhu se jseħħlu jtemm sewwa l-missjoni tiegħu waħdu u qisu jaħdem għal rasu iżda biss jekk **jgħaqqad il-forzi tiegħu ma' dawk tal-presbiteri l-oħra,** taħt it-tmexxija tal-Mexxejja tal-Knisja" (P O 7).

(b) Kif jitlob il-kanoni 384, **l-isqof għandu jilqa' bil-qalb** is-saċerdoti li jmorru għandu bil-libertà; kull wieħed minnhom għandu jiltaqa' ma' l-isqof għall-inqas darba fis-sena jew jekk ikun imsiefer għandu jikteb lill-isqof u jgħarrfu bix-xogħol u bil-ministeru li jkun qed iwettaq.

(c) **Epistolae** *quae* **ad Episcopum** *a sacerdotibus mittuntur tales sint ut tum scribentem tum accipientem deceant.*

26.

26. *Presbyteri, per ordinationem in Ordine Presbyteratus constituti, omnes inter se* **intima fraternitate sacramentali nectuntur**; *specialiter autem in dioecesi cujus servitio sub Episcopo proprio addicuntur unum presbiterium efformant. Vinculo fraternitatis et orationis inter se uniti sint, et cooperationem inter se prosequantur, iuxta iuris particularis praescripta (Can. 275 par. 1).*

(a) Clerici ergo se mutua **diligant** *caritate et se invicem salutent (C R M 81 n. 2). Si vero aliquid dissensionis ortum erit, statim amice componendum curent (S G VI, 13).*

(b) Attento canone 278 par. 1 et 2, magni quoque habendae sunt et diligenter promovendae **associationes** *quae, statutis a competente ecclesiastica auctoritate recognitis, sanctitatem sacerdotum in exercitio ministerii fovent (P O 8).*

Optandum est ut sacerdotes nomen dent consociationi, vulgo "Sodalità dei Preti" ad suffragia Missarum post mortem sibi comparanda (C R M 65). Huic associationi sacerdotes nomen dent in primis annis post ordinationem et postea singulis annis taxam inscriptionis solvant apud officium pro clero in Curia. Commendantur quoquo aliae sodalitates clericorum uti sunt Consociatio Missionalis Cleri, Pia unio Sacerdotum "Pro Sanctitate" nuncupata et consociationes quae Eucharisticum cultum propagant.

(c) Clerici abstineant a costituendis aut participandis **consociationibus**, *quarum finis aut actio cum* **obligationibus statui clericali propriis** *componi nequeunt vel diligentem muneris ipsis ab auctoritate ecclesiastica competenti commissi adimpletionem praepedire possunt (Can. 278 par. 3).*

(c) **L-ittri** li s-saċerdoti jibagħtu **lill-Isqof** għandhom ikunu jixirqu kemm lil dak li jibgħathom kif ukoll lil dak li jirċevihom.

26.

Il-Presbiteri, imqegħdin fl-ordni tal-presbiterat bl-ordinazzjoni huma marbuta lkoll bejniethom **b'rabta sħiħa sagramentali ta' aħwa;** iżda b'mod speċjali jagħmlu presbiterju wieħed fid-djoċesi li lilha jkunu qegħdin jaqdu taħt l-isqof tagħhom. Għandhom ikunu magħqudin bejniethom b'rabtiet ta' fraternità u ta' talb u jħabirku li jikkoperaw flimkien skond kif jippreskrivi d-dritt partikulari (kan. 275 par.1). *26.*

(a) Il-Kjeriċi għandhom **iħobbu** u jsellmu lil xulxin (C R M 81 n.2). Jekk jinqala' xi nuqqas ta' qbil, ifittxu mill-iktar fis li jiftiehmu bħal ħbieb (S G VI 13).

(b) B'riferenza għall-kanoni 278 par. 1 u 2, għandha tingħata importanza u għajnuna xierqa lill-**assoċjazzjonijiet** li bl-istatuti tagħhom rikonoxxuti mill-awtorità ekkleżjastika kompetenti jġibu 'l quddiem il-qdusija tas-saċerdoti fit-twettiq tal-ministeru tagħhom (P O 8c).

Huwa mixtieq li s-saċerdoti jinkitbu fl-assoċjazzjoni hekk imsejħa "Sodalità dei Preti" sabiex ikollhom is-suffraġju tal-quddies wara mewthom (C R M 65). Is-saċerdoti għandhom jinkitbu fiha fl-ewwel snin wara l-Ordinazzjoni tagħhom u ta' kull sena jħallsu l-annwalità fl-Uffiċċju Kleru tal-Kurja. Huma rrikmandati wkoll għaqdiet oħra tas-saċerdoti bħalma huma l-"Unione Missionaria del Clero", l-għaqda tas-saċerdoti msejħa "Pro Sanctitate" u l-assoċjazzjonijiet li jxerrdu l-kult ewkaristiku.

(c) Dawk l-**għaqdiet,** li l-għan jew il-ħidmiet tagħhom **ma humiex kompatibbli mad-dmirijiet propji ta' l-istat klerikali** jew li jistgħu jfixklu t-twettiq bir-reqqa ta' xi uffiċċju afdat lilhom mill-awtorità ekkleżjastika kompetenti, il-kjeriċi la għandhom iwaqqfuhom u lanqas jissieħbu fihom (kan. 278 par.3)

(d) Maior habeatur **communicatio sacerdotum** *religiosorum cum sacerdotibus dioecesanis, ut vera fraternitas sacerdotalis inter eos existat, et mutuum adiutorium sibi praebeant praesertim in rebus spiritualibus.*

(e) Omnes Ecclesiastici viri, cordi habeant **collegas infirmos** *adire et consolari, ad ipsos sacramenta ceteraque pietatis subsidia afferre et, si opus sit, temporalia etiam auxilia (S R 34/3).*

(f) Quoties rerum adiuncta vel postulare vel sinere videntur, immo et antequam casus ad Auctoritatem Ecclesiasticam referatur, caritate admoti sacerdotes prudenter **obligationes** *evangelicae* **correctionis** *adimpleant erga alios clericos quos sciunt aliquem errorem commisisse.*

(g) Qui cum sacerdotibus censura aliave poena innodatis amicitia coniuncti sunt, ceterique presbyteri, superna caritate moti sedulo enitantur ne illi unquam Domini misericordiae et Ecclesiasticorum Superiorum pietati humanitatique confidere cessent (S R 35/1, 2). Eodem spiritu fraternae caritatis tractandi sunt **sacerdotes** *qui in aliqua calamitate aut* **crisi spirituali** *versantur.*

(h) **Sacerdos qui exercitium ministerii relinquit** *aeque et fraterne tractetur. Etsi in servitio Ecclesiae adiutricem operam praebere potest, non tamen admittatur ad actus sacerdotales exercendos.*

27.

27. *Attento canone 275 par. 2 meminerint presbyteri ut "***cum fiducia laicis** *in servitium Ecclesiae* **officia committant**, *eis agendi libertatem et spatium relinquentes, immo eos ut opera etiam sua sponte aggrediantur opportune invitantes" (P O 9).*

(a) Foveant etiam consociationes catholicas et **incepta apostolatus** *laicorum rite adprobata.*

(d) Għandu jkun hemm iżjed **kuntatt bejn is-saċerdoti reliġjużi u dawk djoċesani** sabiex bejniethom ikun hemm tabilħaqq fraternità saċerdotali u jagħtu għajnuna lil xulxin, speċjalment fil-ħwejjeġ spiritwali.

(e) L-ekkleżjastiċi kollha għandhom ikollhom għal qalbhom li jżuru lil **sħabhom morda**, u jagħtuhom is-sagramenti u l-għajnuniet l-oħra spiritwali u jekk ikun meħtieġ għajnuniet materjali wkoll (S R 34/3).

(f) Kull meta ċ-ċirkustanzi jitolbu jew jippermettu, ukoll qabel il-każ jasal għand l-awtorità ekkleżjastika, is-saċerdoti, imqanqlin mill-karità għandhom iwettqu bi prudenza **d-dmirijiet ta' korrezzjoni** evanġelika ma' dawk il-kjeriċi l-oħra sħabhom li huma jkunu jafu li għamlu xi żball.

(g) Dawk li jkunu ħbieb ma' xi saċerdoti li jkollhom ċensura jew xi piena oħra, kif ukoll il-presbiteri l-oħrajn, imqanqlin minn karità sopranaturali, għandhom jippruvaw bil-ħerqa sabiex dawk li jkunu hekk ma jaqtgħux qalbhom la mill-ħniena t'Alla u anqas mit-tjieba u mill-mogħdrija umana tas-superjuri ekkleżjastiċi (S R 35/1, 2). Bl-istess spirtu ta' karità fraterna għandhom ikunu trattati **dawk is-saċerdoti** li jsibu ruħhom f'xi disgrazzja jew fi **kriżi spiritwali.**

(h) **Is-saċerdot li jħalli l-eżerċizzju tal-ministeru** għandu jiġi ttrattat ġustament u fraternament. Għalkemm jista' jagħti għajnuna fis-servizz tal-Knisja, m'għandux jiġi ammess biex iwettaq atti saċerdotali .

27.

Fid-dawl tal-kanoni 275 par . 2, il-presbiteri ma jinsewx li għandhom "juru fiduċja fil-**lajċi** billi **jitilqulhom f'idejhom xi uffiċċji** b'servizz għall-Knisja, jagħtuhom il-libertà u l-wisgħa li jaħdmu, anzi jekk tinqala' xi okkażjoni tajba jħajruhom sabiex jagħmlu xi ħidmiet b'inizjattiva tagħhom stess." (P O 9). *27.*

(a) Huma għandhom jinkoraġġixxu l-għaqdiet kattoliċi u **l-inizjattivi ta' l-apostolat tal-lajċi** li jkollhom l-approvazzjoni meħtieġa.

(b) Ita cum laicis, praesertim cum mulieribus, clerici se gerant ut sacerdotali suae dignitati semper consulant (C R M 81/1), nec unquam negligant communes **urbanitatis modos.**

(c) Presbyteri, praesertim cum pro concione ex altari vel suggestu dicunt aut in commentariis scribunt, ne utantur **verbis quae caritatem laedere possint.**

(d) Clerici pacem et concordiam iustitia innixam inter homines servandam quam maxime semper foveant (Can. 287 par. 1), caventes **ne factionibus inter fideles faveant** *nec illis aliquomodo scandalo sint.*

(e) Ad mentem canonis 287 par. 2, clerici, etiam religiosi, ne assumant munus ad moderationem pertinens, vulgo "leadership", vel actuose militandi pro aliqua factione politica, **neve se immisceant politicis factionibus** *vel politicis comitiis intersint (C R M 88/1).*

(f) Presbyteri laicos adiuvent ut hi propriam conscientiam recte formare studeant de problematibus vitae socialis et oeconomicae. Non debent tamen sacerdotes **muniis mere administrativis vel oeconomicis** *fungi neque vacare hujus generis activitatibus quae ad ministerium sacerdotale nullimodo pertinent; e contra, haec omnia laicis competentibus committant.*

(g) Clerici exemplo praeluceant in servandis **civilibus legibus** *haud exceptis iis quae portorium, fiscum, vectigalia, publicorum vehiculorum disciplinam et alia hujusmodi respiciunt devitantes cuiusvis violationem legittimae normae quae viget apud nos.*

28.

28. *Meminerint Presbyteri* **omnium ecclesiarum sollicitudinem** *sibi corde esse debere; quare libenter se paratos praebeant, permittente vel exhortante proprio Ordinario, ad suum ministerium in regionibus, missionibus vel operibus cleri penuria laborantibus exercendum (P O 10).*

(b) Mal-lajci, u speċjalment man-nisa, il-kjeriċi għandhom iġibu ruħhom b'tali mod li jħarsu dejjem id-dinjità saċerdotali tagħhom (C R M 81/1), u qatt ma għandhom iħallu l-manjieri komuni ta' **mġieba tajba.**

(c) Is-saċerdoti, speċjalment meta jippriedkaw minn fuq l-artal jew mill-pulptu, kif ukoll meta jiktbu fil-ġurnali m'għandhomx jużaw **kliem li jista' joffendi l-karità.**

(d) Il-kjerċi għandhom dejjem iħabirku kemm jistgħu sabiex fost il-bnedmin ikun hemm il-paċi u l-konkordja mibnija fuq il-ġustizzja (kan. 287 par. 1) u m'għandhomx jinkoraġġixxu **l-partiġġjaniżmu fost il-fidili,** u li ma jkunux b'xi mod ta' skandlu għalihom.

(e) Skond il-kanoni 287 par. 2, il-kjeriċi, anke reliġjużi, ma għandhom jieħdu ebda kariga ta' tmexxija, hekk imsejħa "leadership" f'xi partit politiku jew iwettqu ħidma attiva għalih. Lanqas **ma għandhom jindaħlu f'partiti politiċi** jew jattendu għall-meetings tagħhom (C R M 88/1).

(f) Is-saċerdoti jgħinu lil-lajċi biex dawn jagħrfu jiffurmaw sewwa l-kuxjenza tagħhom dwar il-problemi tal-ħajja soċjali u ekonomika; iżda m'għandhomx jidħlu għal **uffiċċji purament amministrattivi jew ekonomiċi,** lanqas jagħmlu dawk l-attivitajiet li bl-ebda mod ma jappartienu għall-ministeru saċerdotali; iżda għall-kuntrarju għandhom iħallu dan kollu f'idejn il-lajċi kompetenti.

(g) Il-kjeriċi għandhom jagħtu eżempju fil-ħarsien tal-**liġijiet ċivili** li jinkludu liġijiet tad-dazju, tat-taxxi diretti u indiretti, tal-kontroll tat-traffiku u ħwejjeġ oħra simili filwaqt li jevitaw kull ksur ta' ordnijiet leġittimi li jkunu 'in vigore' fil-pajjiż.

28.

Jiftakru l-presbiteri li huma għandhom ikollhom għal qalbhom il-**ħsieb tal-knejjes kollha**; għalhekk b'rieda tajba għandhom juru ruħhom imħejjija biex, jekk iħallihom jew iħajjarhom l-Ordinarju tagħhom, imorru jwettqu l-ministeru tagħhom f'dawk il-postijiet, missjonijiet jew ħidmiet li m'għandhomx membri biżżejjed tal-kleru. (P O 10). *28.*

(a) Sacerdotes omnes sciant se prius et magis **ad dioecesim** *quam ad paroeciam* **pertinere**, *ita ut ab Ordinario suo ad quodcumque munus in dioecesi assignari possint.*

(b) Iisdem post ordinationem sacerdotalem **per spatium duorum saltem annorum** *commorandum est in exteris regionibus ut studia altiora prosequantur, vel pastorale mininsterium adimpleant.*

(c) Clerici qui exteras regiones petunt, ibidem sacrum ministerium peracturi, oportet ut licentiam emigrandi ab Ordinario proprio petant et per conventionem scriptam de qua in canone 271 par. 1 cum Ordinario loci quem petunt jura et officia eorum stabilientur. Et de hac conventione certior fiat sacerdos orator.

(d) Sacerdos ab exteris regionibus regressus curare debet ut mittantur a Curia illius dioecesis vel saltem a parocho vel a rectore collegii ubi commorabatur, **documenta de proprio ministerio peracto** *tempore suae absentiae a propria dioecesi.*

29.

29. *Quotquot in sortem Divini vocati, sibi persuasum habeant se* **ad perfectionem acquirendam teneri**; *et "adhibitis mediis ab Ecclesia commendatis, ad illam semper maiorem sanctitatem nitantur, qua evadant in dies aptiora instrumenta in servitium totius Populi Dei (P O 12; Can. 276 par. 1).*

*(a) Clerici "***in Officio Divino recitando**, *vocem praebent Ecclesiae, quae in oratione, nomine totius generis humani, perseverat una cum Christo, qui est semper vivens ad interpellandum pro nobis" (P O 13). Sacerdotes necnon diaconi ad presbyteratum aspirantes tenentur obligatione cotidie liturgiam horarum persolvendi secundum proprios et probatos*

(a) Is-saċerdoti kollha għandhom ikunu jafu li huma **jappartienu lid-djoċesi** qabel u iktar milli jappartienu lill-parroċċa, b'tali mod li huma jkunu jistgħu jiġu mogħtija mill-Ordinarju tagħhom, kwalunkwe xogħol fid-djoċesi.

(b) Wara l-ordinazzjoni saċerdotali huma għandhom **joqogħdu barra mid-djoċesi għall-inqas għal perjodu ta' sentejn** sabiex ikomplu l-istudju tagħhom jew iwettqu l-ministeru pastorali.

(c) **Il-kjeriċi li jmorru f'artijiet oħra** biex iwettqu hemmhekk il-ministeru tagħhom, jeħtieġ li jitolbu l-permess li jsiefru mingħand l-Ordinarju tagħhom. Jeħtieġ ukoll li d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom jiġu determinati permezz ta ' ftehim bil-miktub imsemmi fil-kan. 271 par. 1 ma' l-Ordinarju tal-post fejn ikunu sejrin u dan il-ftehim għandu jkun jaf bih is-saċerdot li jagħmel it-talba.

(d) Meta s-saċerdot jirritorna minn barra wara l-ewwel sentejn ta' l-ordinazzjoni tiegħu, għandu jieħu ħsieb li jintbagħat mill-Kurja tal-post fejn ikun jew mingħand il-kappillan jew rettur tal-kulleġġ fejn ikun, **dokument dwar il-ministeru mwettaq** matul iż-żmien li kien nieqes mid-djoċesi tiegħu.

29.

Dawk kollha li huma msejħin biex jikkonsagraw ħajjithom lil Alla, *29.*
għandhom ikunu persważi li huma **obbligati jħabirku għall-perfezzjoni** u "billi jinqdew bil-mezzi approvati mill-Knisja, iħabirku tassew ħalli jiksbu dejjem iktar dik il-qdusija li biha jsiru għodda dejjem iktar effikaċi fis-servizz tal-Poplu kollu t'Alla" (P O 12; kan. 276 p.1).

(a) Il-kjeriċi, "**huma u jgħidu l-uffiċċju divin** ikunu qegħdin joffru leħinhom lill-Knisja li, f'isem il-bnedmin kollha, qatt ma tieqaf titlob flimkien ma' Kristu, li hu dejjem ħaj biex jidħol għalina" (P O 13). Is-saċerdoti u d-djakni li jridu jsiru saċerdoti għandhom l-obbligu li jgħidu ta' kuljum il-Liturġija tas-Sigħat skond il-kotba liturġiċi proprji u

liturgicos libros (Can. 276 par. 2 n. 3). Studeant igitur sacerdotes, statutis diei horis et locis ad cogitandum aptis, officium digne, attente et devote persolvere; ordinemque sequi "qui in Dioecesis usum quotannis typis editur, quem eos apud se habere et consulere opus est, ut faciles errores vitare possint" (S G 14). Valde suadendum est ut recitatio fiat coram Eucharistiae Sacramento, non solum quia ita dignor et magis pia evadit, sed etiam quia facilius et sacrae indulgentiae lucri fiunt et fidelibus bonum praebetur exemplum (S R 27/1).

(b) "Ad suum ministerium cum fidelitate adimplendum, colloquium cotidianum cum Christo Domino in visitatione et personali **cultu Sanctissimae Eucharistiae** *sibi cordi sit" (P O 18). Ne omittant ergo sacerdotes, praeter frequentem Spiritualem Communionem, Sanctissimum Sacramentum cotidie visitare praesertim horis vespertinis, idemque publicae adorationi expositum sedulo venerari (C R M 63b).*

(c) Valde suadetur ut fiat a sacerdotibus **Adoratio Sanctissimae Eucharistiae modo communitario** *celebrata semel in hebdomada in paroeciis et semel in mense in diocesi.*

(d) Presbyteri filiali devotione et cultu venerentur ac **diligant Beatam Virginem Mariam** *Summi et Aeterni Sacerdotis Matrem et Apostolorum Reginam atque ministerii sui praesidium (P O 18). Hortantur ergo sacerdotes ut cotidie preces Rosarii Marialis cum litaniis lauretanis fundant; terque in diem precationem "Angelus Domini" vel tempore Paschali "Regina Coeli" recitent (S R 29/1).*

(e) Omnibus clericis praecipitur ut in **pias meditationes** *aliquod temporis spatium cotidie impendant, quod valde necessarium est ad pietatem in animis fovendam.*

approvati (kan. 276 par.2 n.3). Għalhekk is-saċerdoti għandhom jieħdu ħsieb li jirreċitaw l-Uffiċċju denjament, bl-attenzjoni u bil-qima f'ħinijiet u f'postijiet xierqa għar-riflessjoni; kif ukoll li jimxu fuq l-Ordo stampat ta' kull sena għall-użu tad-Djoċesi, li għandhom ikollhom f'idejhom u jikkonsultaw sabiex jevitaw l-iżbalji li jistgħu jsiru faċilment" (S G 14). Ta' min jinkoraġġixxi ħafna li r-reċita ta' l-Uffiċċju Divin issir quddiem is-Santissimu Sagrament, mhux biss għaliex hekk jiġi reċitat b'dinjità u b'devozzjoni akbar iżda wkoll għax iktar faċilment ikunu jistgħu jintrebħu l-indulġenzi mqaddsa u jingħata eżempju tajjeb lill-fidili (S R 27/1).

(b) "Biex jibqgħu fidili għall-ministeru tagħhom, ikollhom għal qalbhom il-kollokju ta' kuljum ma' Kristu l-Mulej fiż-żjajjar u fil-**qima** privata tagħhom **lilll-Ewkaristija Mqaddsa**" (P O 18). Għaldaqstant is-saċerdoti, barra milli jagħmlu ta' spiss it-tqarbina tax-xewqa, m'għandhomx jonqsu li jinvistaw ukoll is-Santissimu Sagrament, speċjalment filgħaxija u li jqimuh bil-ħerqa meta jkun hemm l-espożizzjoni għall-pubbliku (C R M 63b).

(c) Hija rrikmandata ħafna **l-Adorazzjoni Ewkaristika Komunitarja** ta' darba fil-ġimgħa li ssir fil-parroċċi, u dik għas-saċerdoti darba fix-xahar li ssir fuq bażi djoċesana.

(d) "Il-presbiteri għandhom jagħtu ġieħ u **jħobbu b'imħabba u qima ta' wlied lill-Verġni Mqaddsa Marija** Omm tas-Saċerdot il-Kbir u ta' dejjem, Sultana ta' l-Appostli u għajnuna qawwija tal-ministeru tagħhom" (P O 18b). Is-saċerdoti għalhekk, huma mħeġġin li jirreċitaw ta' kuljum it-talba tar-Rużarju tal-Madonna bil-litanija tagħha u għal tliet darbiet matul il-jum jgħidu t-talba "L-Anġlu t'Alla" u fi żmien il-Għid, "Sultana tas-Sema" (S R 29/1).

(e) Il-kjeriċi kollha huma fid-dmir li ta' kuljum isibu ħin għall-**meditazzjoni** għax dan huwa wisq meħtieġ sabiex titħeġġeġ il-ħajja spiritwali tagħhom.

(f) **Libros ad vitam spiritualem utiles** *uti sunt opera sanctorum Patrum et libros beatorum coelitum vitam narrantes, sacerdotes legant, in primis eorum Sanctorum qui sacerdotium catholicum decorarunt, quorum exempla eos iuvant ut cum ecclesia sentiant.*

(g) Christo Salvatori et Pastori intime uniuntur sacramentalis gratiae ministri per fructuosam Sacramentorum receptionem, speciatim in **frequenti Poenitentiae sacramentali actu**, *quippe qui, cotidiana conscientiae discussione praeparatus, necesssariam cordis conversionem ad Patris misericordiarum amorem tantopere foveat (P O 18).*

Suadetur ergo ut sacerdotes frequenter conscientiae maculas abluant (C R M 63c) apud confessarium stabilem vel directorem conscientiae, et cotidie, praesertim in recitatione Completorii, tempus conveniens ad conscientiam diligenter discutiendam impendant (S G 13; S R 29/1).

30.

30. *Cum in iis potissimum quae Dei sunt, fieri soleat ut, concepto ardore defervescente, animus paulatim ab inceptis desistat, identidem recreandus est quo vehementiore studio et firmiore gradu ad virtutum fastigium contendere possit. Quem in finem* **spiritualia** *exercitia instituta sunt (S G 16). Quapropter:*

(a) Attento canone 276 par. 2 num. 4, sacerdotes **singulis bieniis** *spiritualibus exercitationibus per quinque saltem integros dies vacare debent iuxta normas directivas quae in Documento Pastorali "L-Irtiri u l-Gruppi ta' Talb" habentur.*

(b) **Eximuntur** *sacerdotes qui ad sexagesimum quintum aetatis annum iam pervenerint et officium pastorale non amplius retinent.*

(c) Valde suadetur ut omnes Exercitationibus hujusmodi **quotannis** *vacent (S R 31).*

(f) Is-saċerdoti għandhom jagħmlu qari ta' **kotba li jgħinuhom fil-ħajja spiritwali tagħhom,** bħalma huma x-xogħlijiet tas-Santi Padri u l-ħajjiet tal-qaddisin, speċjalment ta' dawk li kienu ta' ġieħ għas-saċerdozju Kattoliku u li l-eżempju tagħhom jiswa sabiex is-saċerdoti li jaqrawhom, bħalhom ikollhom l-istess sentimenti tal-Knisja (sentire cum Ecclesia).

(g) Il-ministri tal-grazzja sagramentali jingħaqdu iktar bi sħiħ ma' Kristu s-Salvatur u r-ragħaj billi jirċievu tajjeb is-sagramenti, l-aktar jekk **jersqu sikwit għas-sagrament tal-qrar** għaliex dan is-sagrament, imħejji bl-eżami tal-kuxjenza ta' kuljum, jgħinhom wisq biex jikkonvertu sinċerament lejn l-imħabba tal-Missier ta' kull ħniena (P O 18).

Hu rrikmandat għalhekk li s-saċerdoti jqerru ta' spiss (C R M 63c) għand konfessur stabbli jew għand id-direttur spiritwali u li kuljum, speċjalment fir-reċita tal-kumpieta, ikollhom ħin xieraq biex fih jagħmlu bil-għaqal l-eżami tal-kuxjenza (S G 13; S R 29/1).

30.

Peress li fil-ħwejjeġ t'Alla, soltu jiġri li wieħed tibred fih il-ħeġġa tal-bidu u bil-mod il-mod iħalli dak li jkun beda, jeħtieġ għalhekk li l-ispirtu jiġi msaħħaħ bla heda sabiex ikun jista' b'ħerqa ikbar u b'pass iktar sod jibqa' miexi lejn il-quċċata tal-qdusija. Għal dan il-għan inħolqu **l-irtiri** (S G 16). Għaldaqstant: *30.*

(a) Bi twettiq tal-kanoni 276 p.2 n.4, is-saċerdoti **kull sentejn** għandhom jagħmlu l-irtir għall-inqas għal ħamest ijiem sħaħ skond in-normi li hemm fid-dokument pastorali "L-Irtiri u l-Gruppi ta' Talb".

(b) Huma **eżenti** s-saċerdoti li għalqu l-65 sena u li ma għadx baqgħalhom uffiċċju pastorali.

(c) Ta' min jinkoraġġixxi ħafna sabiex dan l-irtir kulħadd jagħmlu ta' **kull sena** (S R 31).

(d) Hisce spiritualibus Exercitationibus operam dare debent in dioecesana domo vel in alia religiosa domo ab Ordinario probata et normaliter non privatim sed una **simul cum aliis.**

(e) Testimonium a se peractarum Exercitationum unusquisque ad Ordinarium ipse mittat si **extra dioecesim** *exercitia facta fuerint (S R 31/3).*

(f) Quoad **silentium** et **exercitia pietatis,** *servabuntur normae adprobatae pro unaquaque domo in qua exercitationes peraguntur.*

31.

31. Servitium auctoritatis ex una parte et exercitium obedientiae non mere passivae ex altera parte, in spiritu fidei, mutua caritate filiali atque amicali fiducia constanti et patienti dialogo fieri debent, ita ut sociata opera et **responsabilis cooperatio presbyterorum cum Episcopo** *sincera humana simulque supernaturalis evadat. Meminerint presbyteri se speciali obligatione teneri Summo Pontifici et proprio Ordinario reverentiam et obedientiam exhibendi ad normam canonis 273.*

(a) Quoties et quamdiu id, iudicio proprii Ordinarii, exigat Ecclesiae necessitas, ac nisi legitimum impedimentum excuset, suscipiendum est a clericis et **fideliter adimplendum munus** *quod ipsis fuerit ab Episcopo commissum (Can. 274 par. 2).*

(b) Sacerdos qui **ad tempus praefinitum** aliquod munus acceperit, debet, **expleto tempore,** *sponte Ordinarium adire cujus est dimissionem accipere vel sacerdotem ad ulteriorem periodum in eodem munere confirmare.*

(c) Si quis autem ecclesiastica cujuslibet generis aut gradus **officia muneraque exigat,** *vel quod non obtinuerit conqueratur, ecclesiastico spiritu se carere ostendit.*

(d) Dawn l-irtiri bħala regola għandhom isiru mhux privatament iżda **flimkien ma' oħrajn** fid-dar djoċesana jew f'xi dar oħra tar-reliġjużi, approvata mill-Ordinarju.

(e) Jekk dan l-irtir ikun sar **barra mid-djoċesi,** wieħed għandu jibgħat ċertifikat lill-Ordinarju dwar l-irtir li jkun għamel (S R 31/3).

(f) Dwar **is-silenzju u l-eżerċizzi ta' pjetà**, jinżammu n-normi approvati tad-dar fejn isir l-irtir.

31.

31. Is-servizz ta' l-awtorità min-naħa l-waħda u l-eżerċizzju ta' l-ubbidjenza, mhux biss passiva, min-naħa l-oħra, għandhom jitwettqu bi spirtu ta' fidi, b'karità lejn xulxin, b'fiduċja ta' wlied u ta' ħbieb kif ukoll fi djalogu kontinwu u kollu sabar, hekk illi l-ħidma għalenija u l-**kooperazzjoni responsabbli tas-saċerdoti ma' l-isqof** tkun sinċiera, umana, u fl-istess ħin sopranaturali. Il-presbiteri għandhom jiftakru li huma marbutin b'obbligu speċjali li juru rispett lejn il-Papa u lejn l-Ordinarju proprju tagħhom, kif jippreskrivi l-kan. 273.

(a) Il-kjeriċi għandhom jieħdu u **jwettqu fedelment l-uffiċċju** li jafdalhom l-isqof, kull meta u sakemm fil-ġudizzju ta' l-Ordinarju tagħhom, dan ikun meħtieġ għall-Knisja u ma jkollhomx impediment leġittimu li jiskużahom (kan. 274 par.2).

(b) Is-saċerdot li jkun irċieva xi kariga **għal żmien determinat, meta jagħlaq iż-żmien,** għandu minn rajh jikkuntattja lill-Ordinarju li għandu l-jedd jaċċetta d-dimissjoni tiegħu jew jikkonfermah fl-istess kariga għal perjodu ieħor.

(c) **Jekk xi ħadd jinsisti li jkollu xi uffiċċju ekkleżjastiku** ta' kwalunkwe għamla jew grad, jew inkella jilmenta li ma kisibhomx, juri li nieqes fih l-ispirtu ekkleżjastiku.

(d) Licet officium residentiale non habeant, firmo praescripto canonis 283 par. 1, clerici, ultra hebdomada, a **sua dioecesi ne absint** *sine venia sui Ordinarii (C R M 69/3).*

(e) **Sacerdotes paroeciae addicti** *parochum utpote qui vices Auctoritatis Ecclesiasticae gerat, colant, revereantur eidemque prompto animo presto sint. Ne omittant parochum certiorem facere de activitatibus pastoralibus quae egerint vel acturi sint ut eius opportunis monitis consiliisque fruantur.*

32.

32. *(a) Omnes qui sive lege communi ad normam canonis 833 sive statutis dioecesanis* **fidei professionem** *antequam suum munus exercendum suscipiant emittere tenentur, nisi iam emiserint, quamprimum id facere curent.*

(b) Omnium vero, qui sic professi erunt, nomina, cognomina, patriam, titolos officia item, gradus et munia, diem demum, mensem et annum, quo professio ipsa emissa fuerit, nomenque personae excipientis, Dioecesanae **Curiae Cancellarius**, *duobus adhibitis textibus, distincte referat in* ***libro*** *quem ad hoc destinaverit; liber ipse in ejusdem Curiae tabulario servetur. (S G III, 6).*

33.

33. *(a)* **Officia publica** *quae participationem in exercitio civilis potestatis secumferunt, clerici assumere vetantur (Can. 285 par. 3).*

(b) Exercere pe se vel per alios **negotiationem** *aut mercaturam sive in propriam sive in aliorum utilitatem, clerici prohibentur nisi de licentia legitimae auctoritatis Ecclesiaticae (Can. 286).*

(d) Anke meta ma jkollhomx **uffiċċju b'obbligu tar-residenza**, fit-termini tal-kan. 283 par.1, il-kjeriċi **m'għandhomx joħorġu barra middjoċesi** għal iżjed minn ġimgħa mingħajr il-permess ta' l-Ordinarju tagħhom (C R M 69/3).

(e) **Is-saċerdoti addetti għall-parroċċa** għandhom iqimu u jirrispettaw lill-kappillan kif ukoll li jobduh bla tnikkir peress li huwa jirrappreżenta lill-Awtorità Ekkleżjastika. Ma għandhomx jonqsu li jinfurmaw lill-kappillan bl-attivitajiet pastorali li jkunu wettqu jew li jkun fi ħsiebhom iwettqu sabiex ikollhom it-twissijiet u l-pariri siewja tiegħu.

32.

(a) Dawk kollha li mil-liġi komuni skond il-kanoni 833 jew mill-istatuti djoċesani huma obbligati jagħmlu **l-istqarrija tal-fidi,** qabel ma jidħlu għall-kariga tagħhom jekk għadhom ma għamluhiex, jieħdu ħsieb li jagħmluha mill-iktar fis. *32.*

(b) **Il-Kanċillier** tal-Kurja Djoċesana, fil-preżenza ta' żewġ xhieda **għandu jinnota bir-reqqa f'reġistru** li jkollu apposta, l-isem u l-kunjom, il-pajjiż, it-titoli, il-grad u l-uffiċċju ta' dawk kollha li jkunu għamlu l-istqarrija tal-fidi, kif ukoll il-jum, ix-xahar u s-sena li fiha tkun saret din l-istqarrija u l-isem tal-persuna li quddiemha saret din il-professjoni. Dan ir-reġistru għandu jinżamm fl-arkivju ta' l-istess Kurja (S G III 6).

33.

(a) Huwa pprojbit għall-kjeriċi li jieħdu **uffiċċji pubbliċi** li jagħtu sehem fl-eżerċizzju tas-setgħa ċivili (kan. 285 par.3). *33.*

(b) Mingħajr il-permess ta' l-awtorità ekkleżjastika leġittima, il-kjeriċi ma jistgħux jeżerċitaw personalment jew permezz ta' persuni oħra **kummerċ** jew negozju sew għall-profitt tagħhom kif ukoll favur ħaddieħor (kan. 286).

(c) Munus Magistri in scholis publicis et omnia **munera statalia**, *clerici ne acceptent neque petant sine Ordinarii scripta licentia et sub conditionibus ab eodem statuendis. Eiusdem Ordinarii ius est nominandi aut approbandi magistros religionis itemque si religionis morumve ratio id requirat amovendi aut exigendi ut amoveantur (Can. 805). Itemque ministerium cappellani in publicis nosocomiis vel directionis spiritualis in scholis, cum sint officia proprie pastoralia, sine mandato Ordinarii loci exerceri nequeunt.*

34.

34. *(a) In celebratione Sanctae Missae et in administratione Ssacramentorum adhibenda est* **vestis talaris** *aut alba quae vestem saecularem tegit.*

(b) Exclusis functionibus liturgicis, sacerdos **in loco publico** *uti debet veste talari aut saeculari vulgo "clergyman" aut alio modo vestiri de approbatione Ordinarii et dummodo qua sacerdos possit agnosci.*

(c) **In feriis** *quilibet sacerdos propria discretione utatur consideratisque adiunctis loci ubi invenitur.*

(d) **Sacerdotes extranei** *non tenentur uti vestibus de quibus in paragrapho (b) nisi hic stabiliter commorantur.*

35.

35. *(a) Clerici, si* **in diariis** *operam per scripta praestant, id faciant cum cautela, observatis omnibus normis prudentiae, veritatis et caritatis, necnon directivis normis a Conferentia Episcopali latis (A K E M n. 3, pp. 4-5).*

(c) Mingħajr il-permess bil-miktub ta' l-Ordinarju u bil-kundizzjonijiet li l-istess Ordinarju jiddetermina, il-kjeriċi la għandhom jaċċettaw il-post ta' għalliema fl-iskejjel pubbliċi u kull **uffiċċju statali** ieħor u lanqas japplikaw għalihom. Huwa dritt ta' l-istess Ordinarju li jinnomina l-għalliema tar-reliġjon jew japprova l-ħatra tagħhom, kif ukoll illi jneħħihom jew jesiġi li jiġu mneħħijin, jekk ikun hemm il-ħtieġa ta' natura reliġjuża jew morali (kan. 805). Hekk ukoll, mingħajr il-mandat ta' l-Ordinarju tal-post, wieħed ma jistax iwettaq il-ministeru ta' kappillan fl-isptarijiet pubbliċi jew ta' diretturi spiritwali fl-iskejjel għaliex dawn huma uffiċċji proprjament pastorali.

34.

(a) Fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u fl-amministrazzjoni tas-sagramenti *34.*
huwa obbligatorju **l-użu tas-suttana** jew ta' l-alba mhux trasparenti fuq il-'clergyman'.

(b) Minbarra fil-funzjonijiet liturġiċi, **fil-pubbliku** s-saċerdot għandu juża s-suttana jew il-'clergyman', jew ilbies ieħor skond l-approvazzjoni ta' l-Isqof, u li bih jingħaraf li hu saċerdot.

(c) Matul iż-żmien **tal-vaganzi** tiegħu, kull saċerdot għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu waqt li jieħu f'konsiderazzjoni l-esiġenzi tal-post fejn ikun.

(d) **Is-saċerdoti barranin** mhumiex obbligati għall-ilbies imsemmi fil-par. (b) ħlief jekk ikunu se joqogħdu hawn għat-tul.

35.

(a) Jekk jikkontribwixxu bil-kitba **fil-gazzetti,** is-saċerdoti għand- *35.*
hom jagħmlu dan b'attenzjoni kbira filwaqt li josservaw in-normi kollha tal-prudenza, tal-verità u tal-karità u b'rispett għad-direttivi tal-Konferenza Episkopali (A K E M n. 3 pp. 4-5).

(b) Attento canone 831 par. 1, clerici, nisi de iusta et rationabili de causa, in diariis et periodicis quae religionem catholicam et bonos mores solent de more impetere, ne conscribant, et tantummodo de licentia loci Ordinarii.

36.

36. **"Per virginitatem** *autem vel coelibatum propter Regnum coelorum servatum, Presbyteri nova et eximia ratione Christo consecrantur, Ei facilius indiviso corde adhaerent, liberius in Ipso et per Ipsum servitio Dei et hominum sese dedicant, Eius Regno ac operi regenerationis supernae expeditius ministrant, et sic aptiores fiunt qui paternitatem in Christo latius accipiant" (P O 16).*

(a) **Ad legem coelibatus** *in Ecclesia Latina vigentem omnes tenentur clerici et servare debent perfectam perpetuamque propter regnum coelorum continentiam (Can. 277 par. 1).*

(b) **Difficultates** *quoad coelibatum presbyteri superare possunt si promoveantur condiciones aptae, nempe, vitae interioris incrementum ope orationis, abnegationis, caritatis ardentis erga Deum et proximum, aliisque subsidiis vitae spiritualis; aequilibrium humanum per ordinatam insertionem in compaginem socialium relationum; fraterna cum allis presbyteris et cum Episcopo consuetudo et conversatio; pastoralibus structuris ad hoc melius aptis, adiuvante quoque communitate christifidelium.*

(c) Sacerdotes omnino devitent **nimiam familiaritatem** *quae suae vitae spirituali nocere possit ac populo Dei scandalum praebere.*

(d) Qui **cum sacerdote in eadem domo vivere debent,** *sint etiam propinqui et necessarii, magna cura deligantur ita ut maxima sit omnium de iis opinio et fama (S R 81/1).*

(b) Skond il-kan. 831 par.1, il-membri tal-kleru, ħlief għal kawża ġusta u raġunevoli, u ħlief bil-permess ta' l-Ordinarju tal-post m'għandhomx jiktbu fil-gazzetti u l-perjodiċi li soltu jattakkaw ir-reliġjon Kattolika u l-moralità.

36.

"Bil-**verġinità** jew ċelibat li jħaddnu minħabba fis-saltna tas-smewwiet, il-presbiteri jikkonsagraw ruħhom lil Kristu b'titlu ġdid u sublimi, tiġihom ħaġa eħfef li jingħaqdu miegħu b'qalb mhux diviża, ikunu iktar fil-libertà biex fi Kristu u bi Kristu jingħataw għas-servizz t'Alla u tal-bnedmin, jagħtu servizz iktar bil-ħeffa għas-Saltna Tiegħu u għall-opra tat-twelid mill-ġdid permezz tal-grazzja, u b'hekk jitħejjew aħjar biex isiru missirijiet fi Kristu ta' għadd dejjem ikbar ta' bnedmin" (P O.16). *36.*

(a) Il-Kjeriċi kollha huma marbutin bil-**liġi taċ-ċelibat** li hija valida fil-Knisja latina u għandhom iħarsu l-kastità perfetta u perpetwa għas-saltna tas-smewwiet (kan. 277 par.1).

(b) Is-saċerdoti jistgħu jegħlbu d-**diffikultajiet konnessi maċ-ċelibat** jekk jinħolqu l-kundizzjonijiet favorevoli għalih, cioè t-titjib fil-ħajja interjuri permezz tat-talb, taċ-ċaħda, tal-karità mħeġġa lejn Alla u lejn il-proxxmu, kif ukoll permezz ta' l-għajnuniet l-oħra tal-ħajja spiritwali: l-ekwilibriju uman billi wieħed jieħu sehem kif jixraq fil-kumpless tar-relazzjonijiet soċjali; il-ħbiberija u xirka fraterna mas-saċerdoti l-oħra u ma' l-Isqof, wara li jiġu adattati aħjar għal dan l-iskop l-istrutturi pastorali, anke bil-għajnuna tal-komunità ta' l-insara.

(c) Is-saċerdoti għandhom jevitaw għal kollox il-**familjarità żejda** li tista' tkun ta' dannu għall-ħajja spiritwali tagħhom u ta' skandlu għall-poplu t'Alla.

(d) **Dawk li jgħixu f'dar waħda mas-saċerdot,** ukoll jekk ikunu qraba jew ħbieb, għandhom ikunu magħżulin b'reqqa kbira hekk li jkunu miżmuma minn kulħadd bħala nies ta' fama mill-aħjar (S R 81/1).

(e) Attento canone 277 par. 2 summopere curent sacerdotes ut **bonae famae sint** *quotquot propter suum munus in domo sacerdotis servitium praestant aut in Ecclesia vel Instituto aliquem laborem peragunt.*

(f) Ut sacerdos in **domibus privatis praelectionibus** *quemquam eruditat Ordinarii sui licentia indiget.*

37.

37. *Sacerdotes, nequamquam divitiis cor apponentes omnem cupiditatem semper vitent et ab omni specie mercaturae sedulo abstineant. Immo ad* **paupertatem voluntariam** *emplexandam invitantur qua Christo manifestius conformentur, et ad sacrum ministerium promptiores fiant (P O 17)*

(a) Attento canone 285 par. 2, ea quae, licet non indecora, **a clericali** tamen **statu aliena** *sunt, clerici vitent, uti sunt omnia quae lucrum excessivum sapiant.*

(b) Prohibentur clerici per se vel per alios, sive in propriam sive in aliorum utilitatem, **negotiationem** *aut mercaturam exercere nisi de licentia legitimae auctoritatis ecclesiasticae. (Can. 286)*

(c) A **ludo aleatorio** *cujusvis generis omnino abstineant (S G IX, 7).*

(d) Cum **executio testamentorum** *secumferat gestionem bonorum ad laicos pertinentium cum onere reddendi rationem, ad mentem canonis 285 par. 4 clerici sine scripta licentia sui Ordinarii et iusta de causa eam ne ineant.*

(e) B'riferenza għall-kan. 277 par. 2, is-saċerdoti għandhom joqogħdu wisq attenti li jkunu **ta' fama tajba** dawk in-nies li minħabba l-impjieg tagħhom jagħtu xi servizz fid-dar ta' saċerdot jew iwettqu xi ħidmiet fil-Knisja jew f'xi istitut.

(f) Biex saċerdot jagħti **lezzjonijiet fid-djar privati,** jeħtieġ il-permess ta' l-Ordinarju tiegħu.

37.

"Is-saċerdoti ma għandhom qatt jorbtu qalbhom ma' l-għana tad-dinja, *37.*
imma jaħarbu dejjem kull regħba u bil-għaqal kollu jitwarrbu minn kull xorta ta' negozju. Mhux dan biss imma s-saċerdoti huma mistiedna biex **iħaddnu minn rajhom ħajja ta' faqar,** għax bil-faqar isiru jixbhu lil Kristu iktar fid-dieher u jsiru iktar ħfief għall-ministeru mqaddes" (PO 17).

(a) Fid-dawl tal-kan. 285 par. 2, il-kjeriċi għandhom jevitaw dak li għad li mhux degradanti, iżda huwa **barrani għall-istat klerikali;** bħalma huma l-attivitajiet li jinvolvu l-profitt finanzjarju esaġerat.

(b) Huwa pprojbit għall-kjeriċi illi personalment jew permezz ta' oħrajn iwettqu **attività ta' negozju** u kummerċ kemm favur tagħhom infushom kemm ukoll favur oħrajn, jekk ma jkollhomx il-permess ta' l-awtorità ekkleżjastika leġittima (kan. 286).

(c) Għandhom jastjienu minn kull xorta ta' **logħob ta' l-azzard.** (S G IX, 7).

(d) Fid-dawl tal-kanoni 285 par.4, il-kjeriċi, mingħajr il-permess bil-miktub ta' l-ordinarju tagħhom, u ħlief fil-każ ta' kawża ġusta m'għandhomx jieħdu f'idejhom l-eżekuzzjoni ta' xi testment, peress li din timplika l-amministrazzjoni ta' ġid tal-lajċi, flimkien ma' l-obbligu li jagħtu rendikont.

(e) **Stipendium famulis vel famulabus** *debitum, sacerdotes regulariter ac diligenter solvant, neque cum iisdem contractum vitalium ineant (C R M 86).*

(f) Presbyteri de rebus suis legitime, tempestive et recte disponant cavantes praesertim ne confusio oriatur inter privata sua et ecclesiae bona et ut lites ac iurgia praecaveantur (C R M 89/1). Enixe sacerdotibus commendatur ut opera caritatis ad mentem can. 282 par. 2 adimplere velint et **in dispositionibus ultimae voluntatis** *causis piis consulant, praesertim suae ecclesiae, saltem suas sacras supellectiles eidem relinquendo (C R M 89/2).*

38.

38. *Presbyteri ab Episcopo in sacro ritu Ordinationis admonentur ut "***sint maturi in scientia***" et sit doctrina eorum "spiritualis medicina populo Dei". Scientia autem ministri sacri sacra esse debet, quia e sacro fonte desumpta et ad sacrum finem directa" (P O 19). "Cum vero nostris temporibus cultura humana et etiam scientiae sacrae novo gressu progrediantur, incitantur Presbyteri ut scientiam suam de divinis et humanis apte et sine intermissione perficiant, atque ita ad colloquium cum coaetaneis opportunius ineundum se praeparent" (P O 19).*

(a) Attento canone 279, accurate serventur ea omnia quae Sacra Congregatio de Clericis praescribit de **formatione continuata cleri** *per litteras diei 4 Novembris 1969 et in cap 6 Exhortationis Apostolicae "Pastores dabo vobis", tum etiam normae directivae quae in Documento Pastorali "Il-Formazzjoni Kontinwata tal-Kleru" habentur.*

(b) Illa opera et commentarios attento quoque animo sacerdos perlegat quae **certam tutamque doctrinam** *contineant de rebus ad scientias ecclesiasticas pertinentibus.*

(e) Is-saċerdoti għandhom jagħtu regolarment u bi premura **l-ħlas dovut lill-qaddejja rġiel u nisa** u m'għandhomx jagħmlu kuntratt vitalizju magħhom (C R M 86).

(f) Il-presbiteri għandhom jiddisponu minn ġidhom għal wara mewthom, skond il-liġi, fil-ħin u kif jixraq u b'mod partikulari joqogħdu attenti biex ma jitħalltux flimkien il-flus li huma proprjetà privata tagħhom ma' dawk tal-Knisja, kif ukoll sabiex ma jinqalgħux tilwim u ġlied (C R M 89/1). Huwa rrikmandat bil-ħerqa li s-saċerdoti jaċċettaw li jwettqu l-opri ta' karità kif jippreskrivi l-kanoni 282 par. 2 u li **fit-testment tagħhom** jiftakru fl-opri piji u b'mod partikulari fil-knisja tagħhom, għall-inqas billi jħallulha l-ħwejjeġ sagri li kellhom (C R M 89/2).

38.

Fir-rit imqaddes ta' l-Ordinazzjoni, l-isqof iwissi l-presbiteri biex *38.*
"ikunu maturi fil-għerf" u biex bit-tagħlim tagħhom ikunu mediċina spiritwali għall-poplu t'Alla. Imma l-għerf tal-ministru sagru jrid ikun għerf qaddis, għax minn għajn qaddisa jittieħed u għal għan qaddis jitħaddem (P O 19). "U billi fi żminijietna l-kultura umana u x-xjenzi mqaddsa qegħdin jimxu 'l quddiem b'ritmu ġdid, il-presbiteri għandhom jitħeġġu biex jipperfezzjonaw kif jixraq u bla waqfien l-għerf tagħhom dwar il-ħwejjeġ t'Alla u tal-bnedmin, ħalli b'hekk jitħejjew aħjar għad-djalogu man-nies ta' żmienhom (P O 19).

(a) B'riferenza għall-kanoni 279, għandu jiġi osservat bir-reqqa dak kollu li s-Sagra Kongregazzjoni tal-Kleru ppreskriviet dwar il-**formazzjoni kontinwata tal-kleru,** fl-ittra ta' l-4 ta' Novembru, 1969, u fit-taqsima VI ta' l-Eżortazzjoni Apostolika "Pastores Dabo Vobis", kif ukoll għandhom jiġu mħarsa d-direttivi li jinsabu fid-dokument pastorali dwar "Il-Formazzjoni Kontinwata tal-Kleru".

(b) Is-saċerdot għandu jaqra b'attenzjoni dawk il-kotba u l-perjodiċi li fihom **tagħlim ċert u san** dwar ix-xjenzi ekkleżjastiċi.

39. *Servitio Dei dediti in implendo officio sibi commisso,* **clerici remunerationem** *merentur quae suae condicioni congruat quaque ipsi possint necessitatibus vitae suae necnon aeque retributioni eorum, quorum servitio egent, providere (Can. 281 par. 1).*

(a) **Remuneratio** *ab unoquoque percipienda, ratione quidem habita tum ipsius muneris naturae tum locorum temporumque condicionum, fundamentaliter eadem sit pro omnibus in iisdem adiunctis versantibus (P O 20; E S 8).*

(b) Pro actibus ministerii liturgici, ne quid vel numerata pecunnia vel in alia qualibet re repetere audent clerici nisi quod in tabula emolumentorum statuitur. Hoc in primis, **communibus distribuendis praepositis** *dictum sit, qui in singulis casibus tabulam praedictam observare tenentur.*

(c) **Taxa emolumentorum** *quae clerici titulo officii muneris vel actuum ministerii percipiunt, periodice ab Officio de Clero determinatur et ab omnibus servanda est.*

(d) Remueratione hujusmodi iis tantum clericis frui liceat qui re ipsa munus suum pro quo emolumenta concedentur **rite perfecerint.** *Si in aliquo casu particulari dubium ortum fuerit, Ordinarius loci, audito Consilio Dioecesano de Clero, quaestionem dirimat.*

(e) Singulae paroeciae debent proprium contributum dare pro remuneratione sui parochi et sacerdotum ministerio paroeciali addictorum iuxta schema ab Episcopo approbatum. Praeter proventus qui habetur ex massa bonorum communi vulgo **"Fondo Clero Parrochiale"** *subsidia ex* **"Fondo Clero Diocesano"** *obtineri poterunt iuxta modum et condiciones quotannis a Consilio Dioecesano de Clero determinandas.*

Il-kjeriċi, mogħtijin għas-servizz t'Alla fil-qadi ta' l-uffiċċju afdat lil- *39.*
hom ħaqqhom **rimunerazzjoni** li tkun tixraq lill-istat tagħhom u li biha jkunu jistgħu jaħsbu għall-ħtiġijiet tal-ħajja tagħhom u jipprovdu ħlas xieraq lil dawk li tagħhom għandhom bżonn is-servizz (Can 281 par. 1).

(a) **Ir-rimunerazzjoni** li jirċievi kull wieħed, filwaqt li jitqiesu kemm in-natura ta' l-istess uffiċċju, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-post u taż-żmien, bħala bażi għandha tkun l-istess għal dawk kollha li jinsabu fl-istess ċirkustanzi (P O 20a; E S Art.8).

(b) Għas-servizzi tal-ministeru liturġiku, il-kjeriċi m'għandhom qatt jesiġu ħlasijiet ta' flus jew ta' xi ħaġa oħra, ħlief dak li jkun hemm stabbilit fit-tariffa ta' l-emolumenti. Dan għandhom jifhmuh, qabel kulħadd, dawk **is-saċerdoti li huma nkarigati sabiex jiġbru u jqassmu l-ħlasijiet,** li f'kull każ għandhom isegwu t-tariffa msemmija.

(c) **It-tariffa ta' l-emolumenti** li jirċievu l-kjeriċi minħabba l-uffiċċju, xogħol jew ħidma ministerjali tkun stabbilita minn żmien għal żmien mill-Uffiċċju Kleru u għandha tiġi osservata minn kulħadd.

(d) Għandhom jieħdu din ir-rimunerazzjoni dawk il-kjeriċi biss li tabilħaqq ikunu **wettqu sewwa x-xogħol afdat lilhom** u li għalih jingħata ħlas. Jekk f'xi każ partikulari, jinqala' xi dubju, jaqta' l-kwistjoni l-Ordinarju tal-post, wara li jkun sema' l-Kummissjoni Djoċesana tal-Kleru.

(e) Kull parroċċa għandha tagħti s-sehem tagħha għar-rimunerazzjoni tal-kappillan u tas-saċerdoti addetti għall-ministeru parrokkjali skond l-iskema approvat mill-isqof. Minbarra d-dħul li jkun hemm mill-massa komuni hekk imsejħa **"Fondo Clero Parrokkjali"**, ikunu jistgħu jingħataw xi sussidji mill-**"Fondo Clero Djoċesan"** skond il-mod u l-kundizzjonijiet li jiġu determinati ta' kull sena mill-Kummissjoni Djoċesana tal-Kleru.

(f) Attento canone 531, **oblationes** *quae* **occasione administrationis Sacramentorum** *Baptismi et Matrimonii christifidelibus donantur, ad massam paroecialem deferendae sunt nisi de contraria offerentis voluntate constet quoad oblationes voluntarias.*

(g) Remuneratio clericorum solvenda est attentis **criteriis a Consilio Presbyterali approbatis** *(vide A C n. 90 p. 1376).*

(h) Attento canone 281 par. 2, optandum est ut per diversa incepta uti est "National Insurance" satis provideatur debitae sustentationi presbyterorum qui infirmitate, **invaliditate aut senectute** *laborant (P O 21). Sacerdotes hujusmodi inceptis opem ferant, propriam contributionem tempestive praebendo.*

(i) Entia ecclesiastica pro sacerdotibus qui ab illis dependent contributa assicurationis vulgo **"National Insurance"** *solvant uti praescribitur a lege civili.*

40.

40. Non sine magno proprio detrimento vitae spiritualis et scandalo fidelium erit si sacerdos **otiosam ducat vitam,** *tempus terendo inutilibus conversationibus; quare, unusquisque bene utatur singulis momentis diei vacando activitate pastorali, oratione, studio, ac honesta recreatione.*

(a) Invitentur clerici ut recreationis causa adeant **loca ab auctoritate ecclesiastica probata.**

(b) Si necessitas aut opportunitas requirat ut adsint spectaculis in **locis vulgo 'sale' ab eclesiastica auctoritate non pendentibus,** *re mature perpensa in propria conscientia et remoto scandalo, ab Ordinario debitam impetrent licentiam.*

(f) Kif jippreskrivi l-kanoni 531, **l-offerti** li jingħataw mill-Insara **fl-okkażjoni ta' l-amministrazzjoni tas-sagramenti** tal-Magħmudija u taż-żwieġ, għandhom imorru għall-Fondo Clero Parrokkjali ħlief fil-każ ta' l-offerti liberi, meta jirriżulta li min tahom ried li jsir mod ieħor.

(g) Ir-rimunerazzjoni tal-membri tal-Kleru għandha titwettaq **skond il-kriterji approvati mill-Kunsill Presbiterali** (A K D G n.90 p.1376).

(h) B'riferenza għall-kanoni 281 par.2, ta' min jittama li permezz ta' inizjattivi diversi, bħalma hija n-National Insurance, ikun provdut b'mod xieraq **l-għixien tas-saċerdoti li jkunu morda, invalidi jew xjuħ** (P O 21). Is-saċerdoti għandhom jgħinu dawn l-inizjattivi billi jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom fil-ħin.

(i) L-Enti ekkleżjastiċi għas-saċerdoti li jiddependu minnhom għandhom iħallsu kif tippreskrivi l-Liġi Ċivili, il-Bolla għall-assikurazzjoni msejħa **"National Insurance".**

40.

Ma jistax jonqos illi ssir ħsara kbira lill-ħajja spiritwali tiegħu nnifsu u li jingħata skandlu lill-Insara jekk is-saċerdot **igħaddi ħinu fil-għażż,** billi jqatta' ż-żmien fit-tlablib fieragħ; għaldaqstant kull saċerdot għandu jagħmel użu tajjeb minn kull mument tal-ġurnata billi jgħaddih fil-ħidma pastorali, fit-talb, fl-istudju, u fir-rikreazzjoni onesta. *40.*

(a) Il-kjeriċi, għar-rikreazzjoni tagħhom, għandhom jippreferixxu l-lokali li għandhom l-approvazzjoni ta' l-awtorità ekkleżjastika".

(b) Meta l-kjeriċi jkunu jridu jattendu għal rappreżentazzjonijiet f'postijiet oħra li **ma jiddependux mill-awtorità ekkleżjastika,** għandhom jieħdu l-permess rikjest minn għand l-Ordinarju, wara li jkunu rriflettew b'maturità fil-kuxjenza tagħhom u ħadu passi biex jiġi evitat l-iskandlu.

(c) Clericis competit ut debito quotannis gaudeant **feriarum tempore** *(Can. 283 par. 2).*

(d) Requiritur Ordinarii licentia ut clerici habitualiter operam dent **fabrilibus artibus,** *photographiae, picturae et musicae, nisi privatim hoc fiat.*

(e) Clerici, attento canone 285 par. 1, abstineant ab iis omnibus quae statum suum dedecent vel quae in populum suspicia ingerere possunt uti est frequentia **localium nocturnorum** *atque* **discothecarum.**

(f) Clerici et religiosi qui ad **maritimas oras utuntur balneis,** *summa prudentia incedant, vitantes modos et vestes quae admirationem populi gignere possint (S R 86/1).*

(g) **Cum extra dioecesim** *iisdem sit* **abeundum,** *quacumque de causa, sese diligenter gerant ad praescripta ab Ordinario loci ubi inveniuntur lata. (S R 86/2).*

(h) Si quando **publicas caupones** *(bar) vel diversoria adeant, ea tantum eligant quae illos magis deceant, ibique se gerant ea qua obstringuntur dignitate (S R 83/3).*

41.

41. *(a) Qulibet sacerdos cui commissum est aliquod munus vel officium ecclesiasticum, debet habere* **litteras nominationis** *ab Ordinario loci subsignatas. Exemplar hujus documenti in archivo Curiae custodiatur (Can. 156).*

(b) Facultas vel licentia quae oraliter tantum ab Ordinario conceditur, praesumitur concessa **per modum actus.** *Si vero requitur* **per modum habitus,** *in scriptis esse oportet. Adamussim servandae sunt omnes et singulae conditiones sub quibus facultas concessa est. (I C 41/70 par. 16).*

(c) Ta' kull sena l-kjeriċi jistgħu jieħdu **żmien xieraq għall-vaganzi** (kan. 283 par.2).

(d) Huwa meħtieġ il-permess ta' l-Ordinarju biex il-kjeriċi, abitwalment, **iwettqu xogħol ta' l-idejn**, fotografija, pittura, arti tal-mużika, jekk dawn il-ħidmiet isiru fil-pubbliku.

(e) Skond il-kanoni 285 par.1, il-kjeriċi għandhom jevitaw dak kollu li ma jixraqx lill-istat tagħhom jew li jista' joħloq suspetti fil-poplu, bħalma hija l-frekwenza tan-'*night clubs*' u ta' ċerti *discos*.

(f) Il-kjeriċi u r-reliġjużi li **jmorru jgħumu fix-xtajtiet** għandhom igibu ruħhom bl-akbar prudenza u jevitaw qagħdiet u lbies li jistgħu jiġbdu fuqhom l-attenzjoni tan-nies (S R 86/1).

(g) Meta jeħtiġilhom **joħorġu barra mid-djoċesi** għal kwalunkwe raġuni, għandhom iġibu ruħhom bir-reqqa skond id-direttivi mogħtija mill-Ordinarju tal-post fejn ikunu (S R 86/2).

(h) Meta jmorru fi **ħwienet** (bars) u lokali pubbliċi jew f'xi **lukandi,** għandhom jagħżlu biss dawk il-postijiet li l-iktar ikunu jgħoddu għalihom u hemmhekk igibu ruħhom bis-serjetà li tixirqilhom (S R 83/3).

41.

(a) Kull saċerdot li jingħata xi kariga jew uffiċċju ekkleżjastiku, jeħtieġ li jkollu d-**dokument tan-nomina** iffirmat mill-Ordinarju tal-post. Kopja ta' dan id-dokument tinżamm fl-Arkivju tal-Kurja (Kan. 156). *41.*

(b) **Il-fakultà** jew permess li jingħata mill-Ordinarju oralment għandu jitqies li ġie mogħti "**per modum actus**". Jekk il-permess huwa meħtieġ "**per modum habitus**" għandu jingħata bil-miktub. Għandhom jiġu osservati bir-reqqa kollha kull waħda mill-kundizzjonijiet li bihom ġie mogħti l-permess (I C 41/70 par.16).

(c) **Facultas audiendi** *sacramentales* **confessiones** *in territorio dioecesis Gaulitanae, expresse ab Ordinario loci concedenda est, et expleto termino renovari debet ad normam canonis 973.*

(d) **Sacerdotes omnes**, *etsi* **peregrini**, *peccata sua confiteri possunt apud quemlibet sacerdotem nullo canonico impedimento correptum, qui quidem, si forte facultate audiendi confessiones non polleat, eam assequitur vi hujus legis.*

(e) Iuxta praescriptum canonis 967 par. 2, sacerdotes qui facultate confessiones habitualiter excipiendi in Gaudisiensi Dioecesi gaudent, eandem **facultatem ubique exercere** *possunt nisi loci Ordinarius renuerit.*

(f) Vi officii sui ad confessiones excipiendas **poenitentiarius canonicus** *itemque* **parochus**, *durante munere, hanc potestatem habent in toto Gaulitanae dioecesis territorio (C R M 201).*

(g) Sacerdotes omnes sive dioecesani sive religiosi etiam exempti, licet ad sacram praedicationem sint approbati ad tempus determinatum, a loci Ordinario postulare tenentur ut, ad mentem canonis 764, sibi renovetur **concionandi facultas** *quae ad biennium conceditur.*

(h) Sacerdotes aetate provecti, caeci, aliave infirmitate laborantes, quoad Eucharistiae sacrificii celebrationem servent normas canonis 930 ut possint **celebrare sedentes.**

(c) **Il-fakultà tal-qrar** fit-territorju tad-djoċesi t'Għawdex għandha tiġi mogħtija espressament mill-Ordinarju tal-post u tiġġedded meta jiskadi ż-żmien tagħha skond il-kanoni 973.

(d) **Is-saċerdoti** kollha, anke jekk ikunu **frustieri** jistgħu jqerru għand kull saċerdot li ma jkollux impediment kanoniku. Jekk dak is-saċerdot, forsi ma jkollux fakultà jqarar, jikseb din il-fakultà bis-saħħa ta' din il-liġi.

(e) Skond il-preskritt tal-kanoni 967 par.2, is-saċerdoti li għandhom il-fakulta' abitwali li jqarru fid-djoċesi t'Għawdex jistgħu jħaddmu din l-istess **fakultà kullimkien fid-dinja**, jekk ma jkunx hemm projbizzjoni ta' l-Ordinarju tal-post.

(f) Bis-saħħa ta' l-uffiċċju tagħhom, **il-kanonċi penitenzieri u l-kappillani,** dment li huma fil-kariga tagħhom, għandhom il-fakultà li jqarru fit-territorju kollu tad-Djoċesi ta' Għawdex (C R M 201).

(g) Is-saċerdoti kollha sekulari jew reliġjużi, anke r-reliġjużi eżenti, għalkemm ikunu approvati biex jippriedkaw għal xi żmien determinat, huma obbligati jitolbu lill-Ordinarju tal-post iġeddilhom il-**fakultà tal-predikazzjoni** skond il-kanoni 764, li tingħata għal sentejn.

(h) Is-saċerdoti morda, xjuħ, għomja, jew li għandhom xi mard ieħor, rigward iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, għandhom josservaw in-normi tal-kanoni 930 biex ikunu jistgħu jqaddsu bil-qiegħda.

CAPUT IV

DE CHARISMATE VITAE CONSECRATAE

42.

42. *Inter plurimos, quibus in vinea Domini excolenda operariis et sociis laboris Episcopus utitur, eminent* **religiosorum virorum et mulierum coetus** *qui, praeter testimonium propriae consecrationis, apostolicam vivendi formam sequuntur. Verum cum sodales Institutorum Vitae Consecratae ad normam canonis 596 superioribus et capitulis proprii Instituti subiecti sint, pauca admodum de iis in hac synodo praescribenda supersunt, servato autem praescripto canonis 738.*

(a) In **operibus apostolatus religiosorum** *ordinandis Superiores religiosi collatis consiliis cum Episcopo Dioecesano procedere oportet (Can. 678 par. 3); quare, sine Ordinarii loci licentia, religiosi novum apostolatus opus quod non sit iam antea ipsis permissum ne ineant neque opus quod antea legitime inierint deserant.*

(b) Superiores religiosi ne omittant initio cujusvis anni Ordinario loci communicare **nomina religiosorum** *qui in ipsorum domibus commorantur (C R M 126). Convenit ut eundem certiorem faciant si aliqua substitutio evenerit.*

43.

43. *Religiosi animum mentemque in* **Synodi normas** *continenter intendant quae* **de clericorum moribus**, *gravitate ac disciplina statuta sunt, cum ii etiam ad normam canonis 672, communibus clericorum obligationibus teneantur, nisi ex contextu sermonis vel ex rei natura condicioneque certo constet, sese saltem ex aliqua parte hujusmodi officiorum liberari.*

KAPITLU IV

IL-KARIŻMA TAL-ĦAJJA KONSAGRATA

42.

Fost dawk li jikkoperaw ma' l-isqof bħala ħaddiema fil-għalqa tal-Mulej u bħala mseħbin fil-ħidma tiegħu huma minn ta' quddiem **il-komunitajiet tar-reliġjużi rġiel u nisa** li barra mix-xhieda tal-konsagrazzjoni tagħhom għażlu bħal xempju t-triq tal-ħajja apostolika. Iżda billi l-membri ta' l-istituti tal-ħajja konsagrata, skond il-kanoni 596 huma suġġetti għas-superjuri u għall-kapitli ta' l-istitut tagħhom, jifdal biss fuq normi x'jagħti dwarhom dan is-sinodu, filwaqt li jiġi mħares dak li jippreskrivi l-kanoni 738. *42.*

(a) Meta jkunu jfasslu l-pjan tal-**ħidmiet ta' l-apostolat tar-reliġjużi,** is-superjuri tagħhom għandhom jimxu bi ftehim ma' l-isqof djoċesan (kan. 678 par. 3) u għalhekk mingħajr il-permess ta' l-Ordinarju tal-post, ir-reliġjużi m'għandhomx jibdew ħidma ġdida ta' apostolat li għaliha ma kellhomx permess minn qabel u lanqas ma għandhom jieqfu minn xi ħidma li qabel kienu jwettqu leġittimament.

(b) Is-superjuri tar-reliġjużi m'għandhomx jonqsu li fil-bidu ta' kull sena jagħtu **l-ismijiet tar-reliġjużi** li jgħixu fil-kunvent tagħhom lill-Ordinarju tal-post (C R M 126) u jixraq li jgħarrfuh meta jsir xi tibdil.

43.

Ir-Reliġjużi għandhom bir-rispett kollu jżommu quddiem għajnejhom **in-normi tas-Sinodu** li jittrattaw **dwar l-imġieba,** is-serjetà u d-dixxiplina **tal-kleru,** għaliex huma wkoll, skond il-kanoni 672, marbutin bl-obbligi komuni tal-kleru, ħlief meta jirriżulta ċar mill-kuntest jew mill-materja u miċ-ċirkustanzi tagħha li huma meħlusin għall-anqas minn xi parti ta' dawk l-obbligi *43.*

(a) A parocho rogati, religiosi, quantum ipsis religionis observantia permittit, **suum ministerium ne denegent.** *Parochi autem, grato animo, religiosorum ministerio utantur, praecipue in Verbo Dei praedicando et in confessionibus audiendis.*

(b) Cum clericus religiosus, qui ab instituto egredi voluerit, petat ut **dioecesi incardinetur,** *considerentur honestas rectaeque mores vitae. Summa cum prudentia decisio habeatur et incardinatio iusta tantum de causa detur iuxta praescriptum Can. 693.*

44.

44. *(a) Tempestive a Curia petant antistitae facultates,* **licentias** *et permissiones quibus indigeant. Curent ut scriptis consignentur concessiones oretenus ab Ordinario loci datas. (S R 186).*

(b) Nullus utriusque cleri sacerdos **munus cappellani religiosarum** *suscipere praesumat nisi ad normam canonis 567 et ex peculiari Ordinari loci litentia servatisque normis quae in Actis Curiae 60 fol 882 habentur.*

(c) Initio cujusvis anni Superiorissae exhibeant in Curia **librum** *quem tenere debent in sacrario sacelli religiosarum et in quo nomina sacerdotum celebrantium quotidie adnotantur.*

45.

45. *Ecclesia* **saecularia** *approbans* **instituta** *novum constituit vitae consecratae statum in quo christifideles in saeculo viventes ad caritatis perfectionem contendunt ad mundi sanctificationem praesertim ab intus conferre student (Can. 710).*

(a) Safejn tippermettilhom l-osservanza tar-regola, ir-reliġjużi m'għandhomx **jiċħdu li jagħtu s-servizz tagħhom,** meta jiġu mitluba mill-kappillan. Min-naħa tagħhom il-kappillani b'sens ta' rikonoxxenza għandhom jinqdew bis-servizz tar-reliġjużi, l-iżjed għall-predikazzjoni tal-Kelma t'Alla, u għall-amministrazzjoni tal-Qrar.

(b) Meta xi kjeriku reliġjuż li jkun irid joħroġ mill-ordni tiegħu, jitlob li jigi inkardinat mad-djoċesi, għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni l-onestà u l-kostumi tajba tiegħu. Id-deċiżjoni għandha tittieħed bl-ikbar prudenza u l-inkardinazzjoni tingħata biss għal raġuni ġusta, kif jippreskrivi l-kanoni 693.

44.

(a) Is-superjuri għandhom jitolbu mill-Kurja meta jkun waqtu, il-fakultajiet, **il-konċessjonijiet** u permessi li jkunu jeħtieġu. Għandhom jieħdu ħsieb sabiex il-konċessjonijiet mogħtija verbalment mill-Ordinarju tal-post, jingħataw ukoll bil-miktub (S R 186). *44.*

(b) Ebda qassis jew patri ma jista' jaċċetta **l-uffiċċju ta' kappillan tas-sorijiet** jekk mhux skond in-norma tal-kanoni 567 u bil-permess speċjali ta' l-Ordinarju tal-post, filwaqt li jiġu mħarsa t-twissijiet mogħtija fl-Atti tal-Kurja n. 60 pag. 882.

(c) Fil-bidu ta' kull sena s-superjuri tas-sorijiet għandhom jippreżentaw fil-Kurja r-**reġistru** li għandhom iżommu fis-sagristija tal-kappella tagħhom u li fih jitniżżlu kuljum l-ismijiet tal-qassisin li jkunu qaddsu hemm.

45.

Meta l-Knisja approvat l-Istituti Sekulari, waqqfet stat ġdid ta' ħajja konsagrata li fih l-Insara li jgħixu fid-dinja, iħabirku għall-perfezzjoni tal-karità tagħhom kif ukoll jimpenjaw ruħhom biex jagħtu sehemhom għat-tqaddis tad-dinja, speċjalment billi jibqgħu fiha (kan. 710). *45.*

(a) Sodales Institutorum saecularium de quibus in can. 710-730, aliis **exemplo** sint in **vitae sanctitate**, *in studioso apostolatu, in sincera ecclesiasticae Auctoritatae submissione, pastoralia dioecesis opera adiuvantes (S R 207).*

(b) **Normae et praescripta** *in hac Synodo pro Religiosis lata, a sodalibus Institutorum observanda sunt, nisi ex contextu certo constet se ad ea non teneri.*

46.

46. *Episcopus eum* **sacerdotem** *ipse nominat, quem ad varias religiosarum familias necnon instituta saecularia suo nomine curanda* **delegat.**

(a) Religiosae et sodales institutorum saecularium invitentur ad **horam adorationis coram Sanctissimo Sacramento** *pro vocationibus ecclesiasticis quotannis sub ductu sacerdotis delegati religiosarum peragendam, quando dies precationis pro vocationibus celebratur (S R 201).*

(b) Antistitae aliquas mittant quae personam gerant instituti sui ut intersint Divino Sacrificio quod sacerdos delegatus religiosarum **mense Novembris** *faciendum curat pro animabus religiosarum et benefactorum quae ex hoc saeculo transierunt (S R 202).*

(c) Quamvis sodales societatum vitae contemplativae de quibus in canone 674, advocari nequeant ut in variis ministeriis pastoralibus operam adiutricem praestant, ab omnibus tamen aestimari debet subsidium quod ipsi conferunt ope exempli vitae, orationis, et sacrificii.

(a) Il-membri ta' l-Istituti Sekulari msemmija fil-kanoni 710-730, waqt li jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-ħidmiet pastorali tad-Djoċesi għandhom ikunu għall-oħrajn **eżempju ta' ħajja qaddisa,** ta' ħeġġa fl-apostolat, ta' sottomissjoni sinċiera lejn l-Awtorità Ekkleżjastika (S R 207).

(b) **In-normi u d-direttivi,** mogħtija f'dan is-sinodu **għar-reliġjużi,** għandhom jiġu osservati anke mill-membri ta' l-istituti sekulari, sakemm ma jirriżultax mill-kuntest li ma jobbligawx lilhom.

46.

L-isqof stess jagħżel dak is-**saċerdot** li jkun **iddelegat** minnu sabiex f'ismu jieħu ħsieb tad-diversi komunitajiet tar-reliġjużi u ta' l-Istituti Sekulari. *46.*

(a) Is-sorijiet u l-membri ta' l-Istituti Sekulari jiġu mistiedna biex jieħdu sehem fis-**Siegħa Adorazzjoni quddiem is-Santissmu Sagrament għall-vokazzjonijiet ekkleżjastiċi,** li għandhom jagħmluha kull sena, taħt it-tmexxija ta' saċerdot delegat għar-reliġjużi meta tkun qegħda tiġi ċċelebrata l-ġurnata ta' talb għall-vokazzjonijiet (S R 201).

(b) Is-superjuri għandhom jibagħtu xi membri li jirrappreżentaw il-komunità tagħhom biex jieħdu sehem fil-**quddiesa** li d-delegat tar-reliġjużi jieħu ħsieb li tiġi ċċelebrata ta' kull sena **fix-xahar ta' Novembru** għall-erwieħ tas-sorijiet u tal-benefatturi mejtin (S R 202).

(c) Għad li l-membri tal-komunitajiet tal-ħajja kontemplattiva skond il-kan. 674 ma jistgħux jiġu msejħa għall-ħidma fid-diversi ministeri pastorali, iżda kulħadd għandu japprezza l-kontribut li jagħtu bl-eżempju ta' ħajjithom, bit-talb u bis-sagrifiċċju tagħhom.

CAPUT V

DE CHARISMATE VITAE CONIUGALIS

47.

47. *Sciant coniuges* **matrimonium christianum** *imaginem caritatis SS.mae Trinitatis signumque amoris sponsalis Christi ad Ecclesiam sibi donare gratiam participandi huic amori necnon specificum charisma in communitate christiana ad aedificationem populi Dei. Praetera in matrimonio christiano coniuges ad sui status officia et dignitatem peculiari sacramento roborantur et veluti consecrantur. (Can. 1134).*

De gratia sacramenti matrimonii ac de unitate et de obligationibus familiae christianae plura dicta sunt in Documento Pastorali hujus Synodi sub titulo "Il-familja Nisranija" quae prae oculis habere coniuges satagant.

48.

48. *Attento canone 1063 fideles edoceantur de* **Sacramenti matrimonii natura et sanctitate,** *de Ecclesiae potestate circa Matrimonium praesertim quod attinet ad coniugale vinculum, ut dubia auferantur et errores vitentur.*

(a) Catholici ne solum **matrimonium civile** *ineant, sed formam canonicam iuxta praescriptum canonis 1108 par. 1 adhibeant ad effectus sacramentales consequendos.*

(b) Adversentur catholici cuilibet **divortii doctrinae** *aut praedicationi, atque etiam summa ope in ea enitantur ut valide servetur indissolubilitatis bonum (S R 492/1).*

KAPITLU V

IL-KARIŻMA TAL-ĦAJJA KONJUGALI

47.

Ikunu jafu l-miżżewġin li **ż-żwieġ nisrani** li huwa xbieha ta' l-imħabba tas-Santissima Trinità u sinjal ta' l-imħabba ta' l-għerusija ta' Kristu mal-Knisja, lilhom jagħtihom il-grazzja li jieħdu sehem minn din l-imħabba kif ukoll kariżma speċjali fil-komunità nisranija għall-bini tal-Poplu t'Alla. Iżjed ukoll, fiż-żwieġ nisrani, huma jieħdu l-qawwa u qisha konsagrazzjoni għad-dmirijiet u għad-dinjità ta' l-istat tagħhom, b'sagrament speċjali (kan. 1134). *47.*

Dwar il-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ u dwar il-għaqda u l-obbligi tal-familja nisranija ngħata ħafna tagħlim fid-Dokument Pastorali ta' dan is-sinodu, imsemmi "Il-Familja Nisranija" li l-miżżewġin għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jiftakru fih.

48.

B'riferenza għall-kanoni 1063, l-Insara għandhom jiġu mgħallma dwar **in-natura u l-qdusija tas-sagrament taż-żwieġ,** dwar is-setgħa tal-Knisja fuq iż-żwieġ speċjalment fejn jirrigwarda r-rabta konjugali sabiex jitneħħew id-dubji u jiġu evitati l-iżbalji. *48.*

(a) Il-kattoliċi m'għandhomx jintrabtu biż-**żwieġ ċivili** biss, iżda għandhom jużaw il-forma kanonika kif jippreskrivi l-kanoni 1108 par. 1, biex jirċievu l-effetti sagramentali.

(b) Il-kattoliċi għandhom iżommu iebes kontra kull **tagħlim** jew propaganda **favur id-divorzju** u jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex tiġi mħarsa l-indissolubilità taż-żwieġ (S R 492/1).

(c) *Moneantur fideles vitam inde a conceptione maxima cura tuendam esse,* **abortum** *necnon* **infanticidium** *nefanda esse crimina (G S 51) et poenis in canonibus 1397, 1398 statutis puniri. Nullaque de causa licitam esse directam* **sterilizationem** *vel directam prolis occisionem, etsi therapeutico abortu factam (S R 493/2).*

(d) Sciant fideles, praesertim patres et matres familiae, in **procreatione regulanda,** *vias inire non licere, quae a Magisterio, Ecclesiae, in lege divina explicanda improbantur (G S 51); propterea, coniugale onanismum illicitum esse.*

(e) Vitanda est forma **institutionis sexualis** *a moralibus praeceptis segregata, sed e contra institutio ad amorem ut sui ipsius donum est necessaria conditio ut tradatur clara et prudens educatio sexualis. Quaequidem primarium ius et officium ipsorum parentum est et impleatur semper oportet sollecita sub eorum moderatione tum domi tum in educationis sedibus electis inspectisque ab ipsis parentibus quoad doctrinam. (cfr. F C 37).*

(f) Plene probatur **motus ad feminas emancipandas** *dummodo, eo praecipue spectat ut ab omni iniquo disrcimine eas expediat. Ipsae mulieres tamen propriam indolem suae naturae munerumque observatissimae sint.*

49.

49. Parentes cum vitam filiis contulerint, primi et praecipui eorum sunt educatores, qui nempe prolem educandi gravissima obligatione tenentur et iure gaudent; parentum christianorum imprimis est **christianam filiorum educationem** *iuxta praescriptum canonum 793 et 1136 curare (G E 3; D P T).*

(c) L-Insara għandhom jiġu mwissija li bl-ikbar rispett, il-ħajja għandha tiġi mħarsa sa mit-tnissil tagħha u li l-abort kif ukoll il-**qtil tat-trabi** huma delitti l-aktar koroh (G S 51) u li huma milqutin bil-pieni mogħtija fil-kanoni 1397, 1398. Għall-ebda raġuni mhi leċita **l-isterilizzazzjoni** diretta jew qtil dirett tat-tarbija anke jekk magħmul f'każ ta' abort terapewtiku (S R 493/2).

(d) L-Insara, speċjalment il-missirijiet u l-ommijiet tal-familja, għandhom ikunu jafu li meta jiġu biex **jirregulaw il-prokreazzjoni** ma jistgħux jużaw metodi li huma kkundannati mill-Maġisteru tal-Knisja li jinterpreta l-liġi t'Alla (G S 51); għalhekk l-onaniżmu konjugali mhux leċitu.

(e) Għandha tiġi evitata dik l-għamla ta' **inizjazzjoni sesswali** li hija mifruda mit-tagħlim morali, iżda l-edukazzjoni għall-imħabba bħala għotja persunali hija kundizzjoni meħtieġa biex tingħata edukazzjoni sesswali ċara u bil-għaqal. Din hija wkoll dritt u dmir fundamentali talġenituri u jeħtieġ li titwettaq dejjem taħt it-tmexxija tagħhom sewwa fiddar kif ukoll fl-iskejjel li l-ġenituri jkunu għażlu għal uliedhom u li huma għandhom jibqgħu jsegwu rigward it-tagħlim (ara F C 37).

(f) Huwa leġittimu l-**moviment ta' l-emanċipazzjoni tal-mara** sakemm ikun intenzjonat fuq kollox li jilliberaha minn diskriminazzjoni nġusta. Iżda n-nisa għandhom jgħożżu ħafna l-karatteristiċi tagħhom u d-dmirijiet illi n-natura titlob minnhom.

49.

Il-ġenituri, ladarba taw il-ħajja lil uliedhom, huma l-ewwel u l-aqwa edukaturi tagħhom, jiġifieri huma għandhom id-dmir l-aktar gravi kif ukoll id-dritt li jedukaw lil uliedhom. Imiss, għalhekk, qabel kulħadd lill-ġenituri Nsara li jieħdu ħsieb **l-edukazzjoni nisranija ta' wliedhom** kif jippreskrivu l-kanoni 793 u 1136 (G E 3; D P T). *49.*

(a) Parentes moneantur de gravissimo quo tenentur officio prolis educationem religiosam et moralem pro viribus curandi, filiis **exemplum bonorum morum** *semper et ubique praebendi (C R M 138).*

(b) Curent parentes ut filios a **periculis animae et corporis** *quibus circumveniuntur continenter arceant. Vigilent etiam ut filii bene et mature seligant amicos, libros, emphemerides, pellicolas, imagines vulgo "video-tapes" et spectacula televisiva.*

(c) Satagant parentes ut filii ab infantia discant **opera apostolica perficere** *et si fieri potest inscribantur in aliqua associatione Apostolatus laicorum.*

50.

50. Omnes coniuges christiani niti debent ut propria familia sit revera **domesticum sanctuarium ecclesiale** *et locus ubi evangelica testificatio habeatur (L G 11). Hoc tamen fieri nequit, nisi membra familiae, pro uniuscuiusque munere et condicione, una simul iustitiam promoveant, misericordiae opera perficiant, ministerio se addicant fratrum, partem habeant in apostolica navitate, in quam amplior loci communitas incumbit, ejusque liturgicis celebrationibus actuose intersint, denique communes Deo precationes intra domestica saepta fundant (M C n. 52).*

CAPUT VI
DE ALIIS CHARISMATIBUS

51.

51. Quicumque aut per liberam adhaesionem suae vocationi aut propter circumstantias actu voluntario fidei in Deum acceptans statum vitae suae sicut illum **coelibatus vel viduitatis**, *etiam sine particulari consecratione, agnoscat suum statum tanquam charisma Domini, eoque fruatur et regnum Dei expectans cum generositate et plena disponibilitate fratribus et toti Eclesiae utilis evadit (Med. 66).*

(a) Il-ġenituri għandhom jiġu mwissija dwar id-dmir gravi tagħhom li b'ħilithom kollha jieħdu ħsieb l-edukazzjoni reliġjuża u morali ta' wliedhom u li jagħtuhom dejjem u kullimkien **eżempju ta' ħajja tajba** (C R M 138).

(b) Il-ġenituri għandhom jieħdu ħsieb sabiex iħarsu bla heda lil uliedhom mill-**perikli tar-ruħ u tal-ġisem** li huma mdawrin bihom; għandhom jaraw li uliedhom jagħmlu għażla tajba u għaqlija tal-ħbieb, kotba, rivisti, films, video-cassettes u programmi televiżivi.

(c) Għandhom iħabirku l-ġenituri sabiex uliedhom sa minn ċkunithom jidraw iwettqu **ħidmiet ta' apostolat** u jekk ikun possibbli jissieħbu f'xi għaqda ta' l-apostolat tal-lajċi.

50.

Il-miżżewġin insara kollha għandhom jistinkaw sabiex il-familja tagħhom tkun tassew **Knisja Domestika** (L G 11) u post fejn tingħata xhieda tal-Vanġelu. Dan però ma jistax iseħħ ħlief jekk il-membri tal-familja skond id-dmirijiet u l-qagħda ta' kull wieħed, iħabirku għalenija għall-ġustizzja, iwettqu opri ta' ħniena, jiddedikaw is-servizz tagħhom għall-aħwa, jissieħbu fl-apostolat li jitwettaq fi ħdan il-komunità lokali, jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħha u fl-aħħarnett fid-dar tagħhom jagħmlu talb lil Alla flimkien (M C 52). *50.*

KAPITLU VI
IL-KARIŻMI L-OHRA

51.

Kull min b'att voluntarju ta' fidi f'Alla, jaċċetta l-istat tal-ħajja tiegħu bħalma huma dawk taċ-ċelibat u tar-romol, kemm jekk jagħmel dan għax iħaddan minn rajh il-vokazzjoni tiegħu u kemm minħabba ċ-ċirkustanzi li jsib ruħu fihom, anke mingħajr ebda konsagrazzjoni partikulari, għandu jqis l-istat tiegħu bħala kariżma tal-Mulej, jinqeda sewwa bih, u filwaqt li jfittex is-saltna t'Alla bil-ġenerożità u bid-disponibiltà sħiħa tiegħu, jisfa' ta' ġid għal ħutu u għall-Knisja (Med. 66). *51.*

52.

52. *(a) Ad laicos peculiari modo spectat* **res temporales** *omnes, quibus arcte coniunguntur, ita* **illuminare et ordinare**, *ut secundum Christum iugiter fiant et crescant et sint in laudem Creatoris et Redemptoris.*

(b) Laici autem speciatim ad hoc vocantur, ut **praesentem et actuosam reddant Ecclesiam** *in eis locis et rerum adiunctis, ubi ipsa nonnisi per eos sal terrae evadere potest (L G 33). Quare conentur ipsi apostolatus opera exercere cum membris propriae familiae, cum sociis laboris aliisque.*

53.

53. *(a) Sciant* **aegroti** *propter participationem in doloribus Christi victimae clariorem imaginem ejus in proprio corpore se gerere ejusque gregis partem esse dilectam ac pretiosam, et per orationem et patientem cruciatus acceptationem membra Corporis Christi Mystici adiuvare posse (I C 19/68).*

(b) Expedit ut parochi **indicem** *habeant* **aegrotorum** *qui in paroecia commorantur ut iis auxilia quibus illi indigent praebere possint.*

(a) B'mod partikulari huwa dmir tal-lajċi li **jdawlu u jagħtu direzzjoni lill-ħwejjeġ kollha ta' din l-art,** li magħhom għandhom rabta hekk mill-qrib, sabiex dawn jitwettqu u jimxu 'l quddiem dejjem skond ir-rieda ta' Kristu u jsiru għall-glorja tal-Ħallieq u l-Feddej. *52.*

(b) Il-lajċi huma msejħin b'mod speċjali sabiex **jirrendu lill-Knisja preżenti u attiva** f'dawk il-postijiet u ċirkustanzi fejn hi permezz tagħhom biss tista' tkun il-melħ ta' l-art (L G 33). Għaldaqstant għandhom ifittxu li jwettqu ħidmiet ta' l-apostolat mal-membri tal-familja tagħhom, ma' sħabhom tax-xogħol u ma' l-oħrajn.

53.

(a) Il-**morda** għandhom jiftakru li minħabba s-sehem tagħhom fit-tbatija ta' Kristu Vittma, f'ġisimhom għandhom xebh iktar ċar miegħu, li huma parti magħżula u prezzjuża tal-merħla tiegħu, u li bit-talb u billi jilqgħu bis-sabar l-uġiegħ, huma jistgħu jgħinu lill-membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu (I C 19/68). *53.*

(b) Hija ħaġa tajba li l-kappillani jkollhom **lista tal-morda** li joqogħdu fil-parroċċa biex ikunu jistgħu jagħtuhom l-għajnuniet li jeħtieġu.

PARS SECUNDA
DE ACTIONE PASTORALI IN DIOECESI GAUDISIENSI

SECTIO PRIMA
DE MINISTERIO VERBI

CAUPT VII
DE SACRA PRAEDICATIONE

54.

54. *Fidei donum electum, quod Paulo Apostolo deferente olim patres nostri a Deo acceperunt, quodque per saecula ad haec usque tempora trasmissum est (S G 7) omni sollicitudine in unione cum Ecclesiae Apostolica Romana est custodiendum et magis ac magis per auditionem verbi Dei roborandum.*

Quare mysteria fidei **totaque doctrina catholica** *attento praescripto canonum 768, 769, in variis christifidelium coetibus proponantur modo auditorum condicioni accomodato atque ratione temporum necessitatibus aptata.*

55.

55. *(a) Competit parocho vel rectori ecclesiae* **invitare** *sacerdotem* **ad concionandum** *in propria ecclesia, sed aliam personam ad hoc faciendum delegare potest; fas est laicis aliquam personam proponere.*

(b) Attento canone 764, **sacerdotes et diaconi** *qui facultate gaudent praedicandi, id facere possunt in omnibus ecclesiis Dioecesis, de consensu saltem praesumpto rectoris ecclesiae, nisi ab Ordinario competenti restrictio aliqua facta fuerit.*

IT-TIENI PARTI
DWAR L-AZZJONI PASTORALI FID-DJOĊESI T'GĦAWDEX

L-EWWEL SEZZJONI
IL-MINISTERU TAL-KELMA

KAP VII
IL-PREDIKAZZJONI MQADDSA

54.

(a) Id-don għażiż tal-fidi, li Alla ta lil missirijietna meta bagħtilhom l-Appostlu San Pawl u li ġie mgħoddi minn ġenerazzjoni għal oħra matul is-sekli sal-lum (S G 7) għandu jkun imħares b'ħerqa kbira f'għaqda mal-Knisja Apostolika Rumana u għandu jiġi msaħħaħ dejjem iktar permezz tas-smiegħ tal-Kelma t'Alla. *54.*

(b) Għalhekk il-misteri tal-fidi u d-**Duttrina kattolika kollha** kif jippreskrivu l-kanoni 768, 769, għandhom jiġu mfissra lid-diversi kategoriji ta' Nsara b'mod li jaqbel għall-kundizzjoni tas-semmiegħa u skond il-ħtieġa taż-żminijiet.

55.

(a) Imiss lill-kappillan jew rettur tal-Knisja li jistieden lill-**predikatur** fil-Knisja tiegħu, però jista' jiddelega persuna minfloku biex tistieden u l-lajċi jistgħu jagħmlu xi suġġerimenti. *55.*

(b) B'riferenza għall-kanoni 764, il-**presbiteri u d-djakni** li għandhom il-fakultà li jippridkaw jistgħu jagħmlu dan fil-knejjes kollha tad-djoċesi bil-kunsens almenu presunt tar-rettur ta' l-istess Knisja ħlief fil-każ ta' restrizzjoni magħmula mill-ordinarju kompetenti.

(c) Apostolatus associationes aliive qui programmata curant hebdomadarum vel dierum in quibus solent religiosae allocutiones haberi, **parocho consulant** *eiusque approbationem petant antequam programmata publici iuris faciant.*

56.

56. *(a) Praesertim* **in vitiis corripiendis**, *concionatores abstineant a locutionibus et explicationibus quae aures fidelium offendant et eis potius scandalum praebeant quam aedificent.*

(b) Itemque ne sacrae praedicationi immisceant quaerelas personales aut quidquid sit **de politicis negotiis** *vel* **partium studiis.**

(c) Caveant etiam concionatores ne in vitia invehentes **personas** *aut* **nomine compellant** *aut quodammodo designare videantur. Sed prudentia et charitate in omnibus opus esse meminerint.*

57.

57. *(a) Diebus Dominicis aut festis de praecepto,* **homilia**, *quae est pars liturgiae, ad nutrimentum vitae christianae valde necessaria, habeatur* **in omnibus missis** *quae concursu populi celebrantur, iuxta normam canonis 767 par. 2.*

(b) Praesertim **in feriis Adventus, Quadragesimae** *et* **temporis Paschalis,** *necnon in aliis occasionibus in quibus populus frequentius ad ecclesiam convenit, commendatur* **homilia** *ad mentem canonis 767 par. 3.*

(c) **In celebratione sacramentorum** *initiationis Christianae necnon Matrimonii et in funeribus, post lectiones biblicas, fiat brevis homilia, qua illustrentur ea quae lecta sunt ut praesentes adducantur ad profundius intelligenda mysteria quae aguntur (O B P n. 45).*

(c) L-għaqdiet ta' l-apostolat jew xi persuni oħra li jfasslu programmi ta' ġimgħat jew ġranet li fihom isiru taħdidiet reliġjużi, qabel jippubblikaw il-programm għandhom **jikkonsultaw il-kappillan** u jitolbu l-approvazzjoni tiegħu.

56.

(a) Il-predikaturi, speċjalment meta **jitkellmu kontra l-vizzji,** *56.* m'għandhomx jużaw kliem jew tifsir li jurtaw lill-Insara li jkunu qegħdin jisimgħuhom u b'hekk iżjed jiskandalizzawhom milli jedifikawhom.

(b) Hekk ukoll, m'għandhomx idaħħlu fil-priedki lmenti persunali jew dak kollu li għandu x'jaqsam **mal-politika partiġġjana jew mal-partiti.**

(c) Għandhom ukoll il-predikaturi joqogħdu attenti biex meta jikkundannaw il-vizzji, **ma jsemmux persuni** b'isimhom jew jindikawhom b'xi mod ieħor. Jiftakru li f'kollox jeħtieġu l-prudenza u l-karità.

57.

(a) Fil-Ħdud u l-Festi, l-**omelija,** li hi parti mil-liturġija meħtieġa *57.* ħafna biex issaħħaħ il-ħajja Nisranija skond il-kanoni 767 par. 2, għandha ssir **f'kull quddiesa** li fiha jieħu sehem il-poplu.

(b) Hija rrikmandata l-**omelija** kif imsemmi fil-kanoni 767 par. 3, b'mod partikulari fil-**ferji ta' l-Avvent**, tar-**Randan** u fi żmien l-**Għid**, kif ukoll f'okkażjonijiet oħra li fihom il-frekwenza tan-nies tkun aktar mis-soltu.

(c) **Fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti** tal-bidu tal-ħajja nisranija, kif ukoll fit-tiġijiet u fil-funerali, wara l-qari tal-Kotba Mqaddsa, għandha ssir **omelija qasira,** li fiha jiġi mfisser il-qari li jkun sar sabiex dawk li jkunu preżenti tingħatalhom għajnuna ħalli jifhmu aħjar il-misteri li jkunu qed jiġu ċċelebrati (O B P n.45).

Et quidem homiliae occasione funerum continere debent doctrinam spiritualem et observandae sunt normae liturgicae (A K D G 95, 1148).

(d) Convenit ut **mense Maio**, *in missis in quibus maior est frequentia populi, habeatur brevis allocutio de Beata Virgine Maria.*

58.

58. *(a)* **Orationes panegyricae** *quae in festis Sanctorum patronorum habentur, ad finem moralem et spiritualem semper dirigantur (C R M 13 p. 3; D P S F). Non debent protrahi modo eccessivo et servata proportione temporis inter liturgiam verbi et liturgiam Eucharisticam.*

(b) Attento canone 760, **materiam** *et* **dicendi genus** *auditorum moribus et captui orator accomodet, id unum prae oculis habens ut fideles quam maximum fructum spiritualem ex concione percipiant (S G II, 4).*

59.

59. *(a) Uti experientia luculenter docet nullum praedicationis genus est tam salutare quam* **sacrae missiones** *ad populum de quibus in canone 770; quare, saltem decimo quoque anno, eae in unaquaque paroecia habendae sunt. Laudandi sunt parochi qui curant ut missiones frrequentius repetantur.*

(b) Prout laudabiliter consuetudo est, quadragesimali tempore, **exercitia spiritualia** *ne omittantur, ut populus aptius praeparetur ad Mysterium Paschale. Ubi fieri potest, introducendi sunt varii cursus praedicationis diversis categoriis populi accomodati.*

Anki fl-omeliji tal-funerali għandu jkun hemm tagħlim spiritwali u jiġu osservati n-normi liturġiċi (Ara A K D 95, 1448)

(d) Jixraq illi fix-**xahar ta' Mejju**, fil-quddies iffrekwentat min-nies, isir messaġġ qasir dwar il-Madonna.

58.

(a) Il-**paniġierċi** li jsiru fil-festi tal-qaddisin titulari għandhom dejjem iwasslu għal skop morali u spiritwali (C R M 13 p. 2; D P S F). M'għandhomx ikunu ta' tul esaġerat u jinżamm bilanċ ta' ħin bejn il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija Ewkaristika. *58.*

(b) Fid-dawl tal-Kanoni 760, il-predikatur għandu jadatta l-**materja u l-mod kif jitkellem** għall-ħajja u għall-intelliġenza tas-semmiegħa filwaqt li jkollu bħala l-uniku għan tiegħu dak li l-insara millpriedka jiksbu l-ikbar frott spiritwali li jistgħu (S G II, 4).

59.

(a) Kif tgħallimna fid-dieher l-esperjenza, ebda għamla ta' predikazzjoni m'hija hekk ta' fejda daqs il-**Missjoni Mqaddsa** għallpoplu, li tissemma fil-Kanoni 770. Din għandha ssir f'kull parroċċa, għall-inqas darba kull għaxar snin. Ta' min ifaħħar lil dawk ilkappillani li jieħdu ħsieb biex il-missjoni ssir iktar ta' spiss. *59.*

(b) Skond id-drawwa ta' min ifaħħarha, l-**eżerċizzi spiritwali** fi żmien ir-Randan ma għandhomx jitħallew barra sabiex bihom ilpoplu jkun imhejji aħjar għall-Festa ta' l-Għid. Fejn ikun possibbli jigu ntrodotti xi korsijiet ta' priedki li jkunu adattati għad-diversi kategoriji tal-poplu.

(c) Servanda est ubi viget consuetudo habendi tempore autumnali sic dicta **exercitia SSmi Cordis Jesu**, *vel saltem substituantur aliqua forma lectionum.*

60.

60. *Semel in anno teneatur* **adunatio omnium sacerdotum** *de sacra praedicatione, praesertim eorum qui tempore quadragesimali exercitia spiritualia praedicant, ut melius instituantur de modo praedicationis necnon de usu instrumentorum communicationis socialis quae commendantur in canone 761.*

CAPUT VIII
DE CATECHETICA INSTITUTIONE

61.

61. *Urget ut melius in dies provehatur* **catechetica institutio**, *eo vel magis habito respectu ad Directorium Catecheticum Generale a Sacra Congregatione pro Clericis die 11 Apriliis 1971 editum, ad Exhortationem Apostolicam "Catechesi Tradendae", necnon ad normas quae in documento pastorali "Il-Pastorali mat-Tfal" nn. 2-10 habentur.*

(a) **Festum Doctrinae Christianae** *in singulis paroeciis celebretur ultimo die domenico mensis Septembris; hac occasione populus edoceatur de catecheticae institutionis necessitate pro omnibus categoriis aetatum, et parentes praesertim moneantur ut liberos ad catechismum paroecialem mittant. Distribuantur libri, folia, imagines aliaque ejus generis ad rem apta, fiantque collectae ad opera catechetica provehenda.*

(c) Fejn hemm id-drawwa li jsiru l-hekk imsejħa **Eżerċizzi tal-Qalb ta' Ġesù** fil-ħarifa, għandha tinżamm jew għall-inqas minn flokhom ikun hemm xi għamla ta' laqgħat ta' tagħlim.

60.

Darba fis-sena għandha **tinżamm laqgħa għas-saċerdoti** dwar il-predikazzjoni, speċjalment għal dawk li fi żmien ir-Randan jippridkaw l-eżerċizzi spiritwali, sabiex jaġġornaw ruħhom dwar il-mod kif jippridkaw u kif jużaw il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, li huma rrikmandati fil-kanoni 761. *60.*

KAPITLU VIII
IT-TAGĦLIM KATEKETIKU

61.

Huwa meħtieġ li bla telf ta' żmien fid-djoċesi jimxi 'l quddiem dejjem iżjed **it-tagħlim tal-Katekiżmu;** u dan isir aħjar meta jitwettaq skond id-direttorju Kateketiku ġenerali maħruġ mill-Kongregazzjoni għall-Kleru fil-11 ta' April 1971, skond l-eżortazzjoni Apostolika "Catechesi Tradendae", u skond in-normi li hemm fid-Dokument Pastorali "Il-Pastorali mat-Tfal" (n. 2-10). *61.*

(a) **Il-Festa tad-Duttrina Nisranija** għandha tiġi ċċelebrata f'kull parroċċa, fl-aħħar Ħadd ta' Settembru; f'din l-okkażjoni jingħata tagħlim lill-poplu dwar il-ħtieġa tat-tagħlim tal-Katekiżmu għal kull kategorija u età u b'mod partikulari l-ġenituri jiġu mwissija jibagħtu lil uliedhom għall-katekiżmu tal-parroċċa. Jitqassmu kotba, fuljetti, santi u oġġetti oħra simili adattati għal okkażjoni bħal din, u jsir ġbir biex jimxu 'l quddiem il-ħidmiet tal-katekiżmu.

(b) Parochi, concionatores et confessarii, data occasione, moneant parentes aliosque qui locum parentum tenent, de gravi qua tenentur obligatione **curandi ut pueri sibi subiecti** *vel commendati* ***catechistica institutione erudiantur*** *et in fide vitaeque christianae praxi efformentur iuxta canonem 774 par. 2.*

62.

62. *Promoveantur* **scholae catechisticae paroeciales** *in quibus pueri ac puellae divinae legis ac fidei rudimenta addiscant. His scholis puerorum praeese debet ipse parochus, qui uti potest immediata vigilantia alicujus sacerdotis vel laici.*

(a) Ad munus clericorum evangelizationis pertinet adiutricem operam praestare in catechistica institutione. Attento canone 776 tum **sodales Institutorum vitae consecratae** *tum etiam pii laici et praesertim adscripti associationibus catholicis, sedulam operam praestent in catecheticam puerorum institutionem (C R M 17).*

(b) **Textus Doctrinae Christianae** *a competenti auctoritate ecclesiastica, ad normam canonis 775 par. 2 in dioecesis usum probatus, in scholis paroecialibus adhibeatur (S G II, 1, 5).*

(c) Pueri in **classes distribuantur**, *in eisque congrua pars catechismi, intra annum evolvenda, alumnis addiscenda proponatur; atque ea ratione doctrina christiana tradatur, ut pueri ad catechismi scholam diligenter frequentandam alliciantur (C R M 19).*

(d) Attento praescripta canonum 779 et 780, instructores in doctrina christiana pueris tradenda **methodus pedagogicas hodiernas** *adhibeant, illas vero quae cum mentalitate, gradu intelligentiae et methodis scholis adhibitis congruunt.*

(b) Il-kappillani, il-predikaturi u l-konfessuri, meta tiġihom l-okkażjoni, għandhom jgħarrfu lill-ġenituri u lil dawk li jagħmluha minflokhom bid-dmir gravi li għandhom **li jieħdu ħsieb sabiex it-tfal** li jiddependu minnhom jew li ġew afdati f'idejhom **ikunu mgħallma t-tagħlim tal-katekiżmu** u jiġu edukati fil-fidi u fl-imġieba tal-ħajja Nisranija, kif jippreskrivi l-kanoni 774 par. 2.

62.

Għandu jsir titjib fil-**klassijiet tad-duttrina tal-parroċċi** fejn it-tfal subien u bniet jitgħallmu l-veritajiet ewlenin tal-liġi divina u tal-fidi. Dawn il-klassijiet għandhom ikunu taħt it-tmexxija tal-kappillan innifsu, li jista' jafda l-kura mmedjata tagħhom lil xi saċerdot jew lajċi (C R M 14). *62.*

(a) Fost id-dmirijiet ta' l-Evanġelizzazzjoni li għandhom il-kjeriċi hemm ukoll dak li jagħtu s-sehem tagħhom fit-tagħlim tal-katekiżmu. Skond il-kanoni 776, kemm il-**membri ta' l-Istituti tal-ħajja konsagrata** kif ukoll il-**lajċi ta' ħajja tajba,** speċjalment dawk li huma mseħbin fl-Għaqdiet Kattoliċi, għandhom joffru bil-ħerqa l-għajnuna tagħhom fit-tagħlim katekistiku tat-tfal (C R M 17).

(b) Fil-klassijiet parrokkjali għandhom jgħaddu t-'**textbook' tad-Duttrina Nisranija,** approvat mill-awtorità ekkleżjastika kompetenti, skond il-kanoni 775 par. 2 (S G II, 1).

(c) It-tfal ikunu **mqassmin fi klassijiet** u kull klassi għandha jkollha bħala programm parti mill-katekiżmu li taqbel għaliha, sabiex tkun imfissra matul is-sena u li t-tfal għandhom jitgħallmu. Il-lezzjonijiet tad-duttrina Nisranija għandhom isiru b'mod li t-tfal jitħajru jiffrekwentaw bil-ħerqa l-klassijiet tal-katekiżmu (C R M 19).

(d) B'osservanza għall-kanoni 779, 780, meta l-katekisti jkunu jgħallmu d-duttrina Nisranija lit-tfal tagħhom, għandhom isegwu l-**metodi pedagoġiċi moderni,** jiġifieri dawk li jaqblu mal-mentalità tat-tfal, mal-livell ta' l-intelliġenza tagħhom, u mal-metodi wżati fl-iskejjel.

(e) Parochi aut associatones **librum** *habeant* **in quo** *puerorum* ***frequentia*** *et profectus adnotentur, ut de iisdem, ratio adhiberi possit in praemiorum distributione (C R M 24): Ad hunc finem adsumi possunt schedulae cum notulis pro unoquoque puero.*

(f) Parochi ad **primam receptionem sacramentorum** *Poenitentiae et Sanctissimae Eucharistiae necnon ad Confirmationem ne admittant nisi congruam catecheticam instructionem assecutos de qua in canone 777 n. 2.*

(g) Attento canone 777 n. 3, omne studium conferant parochi ut pueri, prima communione recepta, **scholam catechisticam ne deserant** *sed uberius ac profundius christiana efformatione excolantur.*

63.

63. *(a) Quod attinet* **ad christianam iuventutem formandam** *efficaciorem ad id opem ferunt consociationes catholicae quae propriis obtemperantes legibus, fines peculiares sibi proponunt (S R 349 p. 1).*

(b) Iuvenibus, praesertim illis qui non frequentant consociationes catholicas, incepta ineantur **in circulis cujuscumque paroeciae** *qui cum et humanitatem cultumque provehendum, et ad animos relaxandos aptissimi sunt, necessitatibus iuvenum subveniant, eosque leniter atque efficaciter ad id obtinendum dirigant, ut vitam ipsi christiane degendam esse sentiant (S R 353 p. 1).*

(c) In singulis paroeciis, pro adolescentibus et iuvenibus **peculiares cursus** *instituantur in quibus de religione christiana ipsi maturius erudiantur ad mentem canonis 777 n. 5.*

(e) Il-Kappillani jew l-Għaqdiet għandhom ikollhom **reġistru li fih** jiġu nnotati l-**frekwenza** tat-tfal u l-progress li jagħmlu, sabiex dawn jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jingħataw il-premijiet (C R M 24). Għal dan il-għan jistgħu jintużaw 'cards' bin-noti dwar kull tifel.

(f) Il-Kappillani m'għandhomx iħallu t-tfal jersqu għall-qrar u għat-tqarbin **għall-ewwel darba**, kif ukoll għall-Griżma ta' l-Isqof ħlief lil dawk li jkunu tgħallmu kif jixraq il-Katekiżmu, kif jingħad fil-kanoni 777 n. 2.

(g) B'riferenza għall-kanoni 777 n. 3, il-kappillani għandhom jagħmlu ħilithom kollha sabiex it-tfal, wara l-ewwel tqarbina **ma jaqtgħux mil-lezzjonijiet tad-duttrina** iżda jingħataw formazzjoni nisranija aktar profonda u siewja.

63.

(a) L-Għaqdiet Kattoliċi, skond l-għanijiet partikulari li għandhom u waqt li jimxu fuq ir-regolamenti tagħhom, jagħtu kontribut mill-iktar siewi għal dak li għandu x'jaqsam mal-**formazzjoni nisranija taż-żgħażagħ** (S R 349 p.1). *63.*

(b) **F'kull parroċċa jkun hemm inizjattivi għaż-żgħażagħ** fiċ-ċentri Parrokkjali, speċjalment għal dawk li ma jiffrekwentawx l-għaqdiet Kattoliċi. Dawn iċ-ċentri, filwaqt li huma utli ħafna biex irawmu fihom l-imġieba tajba flimkien mal-qima Nisranija u għar-rikreazzjoni tagħhom, jgħinu liż-żgħażagħ fil-ħtiġijiet tagħhom bil-kelma t-tajba iżda b'mod effikaċi jmexxuhom sabiex huma stess isiru konvinti li għandhom ifasslu ħajjithom skond it-tagħlim Nisrani (S R 353 p.1).

(c) Fil-parroċċi kollha għandu jkun hemm **korsijiet speċjali** għall-adolexxenti u għaż-żgħażagħ skond il-kanoni 777 n. 5, u li fihom jiġu mgħallmin iżjed fil-fond dwar ir-Reliġjon Nisranija.

64.

64. *Attento canone 776, parochis gravissimum officium incumbit curandi catecheticam adultorum efformationem sermone ad eorum captu accomodato.*

(a) Haec instructio catechetica pro adultis **in omnibus paroeciis** *teneatur illis occasionibus, diebus et horis quae parochi iudicio opportuniores sint ad populi frequentiam.*

(b) Pro modo uniformi in tota dioecesi servando, omnes et singuli parochi sequantur **eundum iter rerum docendarum**, *prout ab Officio Dioecesano Catechetico pro unoquoque anno proponitur.*

(c) Singulis annis parochi ad **Officium Catecheticum Dioecesanum** *relationem in Curia mittent de activitate catechetica in sua propria paroecia peracta cum pueris, adolescentulis, juvenibus et adultis.*

65.

65. **Ante celebrationem sacramentorum** *initiationis christianae multum interest ut parentes, et si fieri potest etiam patrini, ad consciam celebrationem se praeparent profundiore institutione catechistica, mediis aptis adhibitis, cujusmodi sunt libri, epistolae ac catechismi familiis destinati. Parochus autem studeat, per se vel per alios, eos visitare immo plures simul familias adunare eosque pastoralibus monitionibus precationeque communi ad proximan celebrationem praeparare (O B P 5 p. 1).*

Commendatur quoque catechesis post-sacramentalis praesertim pro coniugibus.

66.

66. *Habeantur, prout iudicio parochi efficaces et fructuosae videantur, sic dictae* "**Laqgħat tal-Kategoriji**" *id est conferentiae ac disputationes de doctrina christiana pro captu populi et secundum categorias iuvenum et adultorum aptatae.*

64.

B'riferenza għall-kanoni 776, il-kappillani għandhom dmir l-iktar gravi li jieħdu ħsieb **il-formazzjoni kateketika ta' l-adulti**, bi kliem li dawn jistgħu jifhmuh. *64.*

(a) Dan it-tagħlim tal-Katekiżmu għall-kbar għandu jsir **f'kull parroċċa** f'dawk l-okkażjonijiet, ġranet u ħinijiet, li l-kappillan jiġġudika li huma l-iktar konvenjenti għall-frekwenza tan-nies.

(b) Sabiex tinżamm l-uniformità fid-djoċesi kollha, kull kappillan, għandu jimxi fuq l-istess **programm ta' tagħlim** li jingħata għal kull sena mill-Uffiċċju Kateketiku Djoċesan.

(c) Ta' kull sena, il-kappillani għandhom jibagħtu relazzjoni lill-**Uffiċċju Kateketiku tal-Kurja** dwar il-ħidmiet tal-katekesi li jkunu twettqu fil-parroċċa mat-tfal, adolexxenti, żgħażagħ u adulti.

65.

Qabel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tal-bidu tal-ħajja Nisranija, ikun ta' vantaġġ kbir li l-ġenituri u jekk jista' jkun anke l-parrinijiet jitħejjew biex jifhmu din iċ-ċelebrazzjoni billi jieħdu tagħlim katekistiku iktar profond b'mezzi siewja, bħalma huma kotba, ittri u katekiżmu maħsub għall-familji. Il-kappillan ifittex li huwa nnifsu jew permezz ta' oħrajn iżur lil dawn il-ġenituri kif ukoll li jlaqqa' flimkien ħafna familji u jħejjihom għaċ-ċelebrazzjoni li tkun ser issir, permezz ta' twissijiet pastorali u ta' talb komunitarju (O B P 5 p. 1). *65.*

Hija rrikmandata wkoll katekesi post-sagramentali, speċjalment malkoppji miżżewġin.

66.

Għandhom isiru l-hekk imsejħa **"Laqgħat tal-Kategoriji"** b'mod li skond ma jidhirlu l-kappillan ikunu ta' ġid u jħallu frott. Dawn huma konferenzi u diskussjonijiet dwar id-duttrina Nisranija adattati għall-intelliġenza tan-nies imqassmin skond il-kategoriji taż-żgħażagħ u tal-kbar. *66.*

CAPUT IX
DE EVANGELIZATIONE MISSIONALI

67.

67. *(a) Cum ad immaculatum fidei donum integre servandum, plurium conferat* **cooperatio** *ed fidei christianae propagationem inter eos qui Christum adhuc ignorant curent animarum pastores ut christifideles ad mentem canonis 781 propriae responsabilitatis conscii partem suam in opere missionali assumant.*

(b) In paroeciis instituantur et promoveantur **Opera Pontificia Missionalia.**

(c) **Statuta Pontificiorum Operum Missionalium,** *praesertim quoad transmissionem subsidiorum, rite serventur (E S III, 7).*

(d) Curent, sacerdotes et religiosi, ut **de re missionali edita scripta** *magis magisque divulgentur (S R 229/2).*

68.

68. *Juxta canonem 791, n. 3, singulis annis, penultima Dominica Octobris, in paroeciis,* **Dies pro Missionibus Catholicis** *celebranda est. Hac occasione fiat sermo circa necessitatem et labores missionum itemque excitetur populus ut animum et studia intendant precibus et elemosynis ad evangelizandos eos qui Christum nondum agnoscunt.*

Stips quae colligenda est in omnibus ecclesiis a parochis vel rectoribus sacerdoti deputato ad opera missionalia de que in canone 791 n. 2 transmittatur.

KAPITLU IX
L-EVANĠELIZZAZZJONI MISSJUNARJA

67. *67.*

(a) Peress li l-**koperazzjoni** għat-tixrid tal-Fidi fi Kristu fost dawk li għad ma jemmnux fiH tgħin ħafna sabiex id-don tal-fidi Nisranija jiġi mħares fis-safa u fl-integrità tiegħu, ir-ragħajja ta' l-erwieħ għandhom jieħdu ħsieb li, kif jippreskrivi l-kanoni 781, l-Insara jagħrfu r-responsabbiltà tagħhom, u jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma Missjunarja.

(b) Fil-parroċċi għandhom jitwaqqfu u jitmexxew 'il quddiem l-**Opri Missjunarji Pontifiċji.**

(c) Għandhom jiġu mħarsa sewwa l-**istatuti ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji,** speċjalment rigward il-mod kif tintbagħat l-għajnuna (E S III, 7).

(d) Is-saċerdoti u r-reliġjużi jieħdu ħsieb li jixterdu dejjem iktar il-**pubblikazzjonijiet dwar il-ħidma missjunarja** (S R 229/2).

68.

Kif jippreskrivi l-kanoni 791 n. 3, ta' kull sena, f'Ottubru, fil-Ħadd *68.*
ta' qabel ta' l-aħħar, għandha tiġi ċċelebrata fil-parroċċi l-**Ġurnata tal-Missjoni Kattolika.** F'din l-okkażjoni, issir priedka dwar il-ħtieġa u l-ħidmiet tal-missjonijiet, hekk li l-poplu jiġi mħeġġeġ sabiex jieħu interess u jħabrek, bit-talb u bl-offerti tiegħu, għall-evanġelizzazzjoni ta' dawk li għadhom ma għarfux lil Kristu.

Il-ġabra li għandha ssir f'kull knisja tintbagħat mill-kappillani u mir-retturi lis-saċerdot inkarigat mill-Opri Missjunarji, imsemmi fil-kan. 791 n. 2.

69.

69. *Ad augendum spiritum missionalem in populo christiano,* **orationes et sacrificia quotidiana** *foveantur, ita ut annuus dies missionum tanquam spontanea siginificatio illius spiritus evadat (E S III, 3).*

70.

70. *Quo melius promoveantur etiam inter laicos vocationes missionales ad mentem canonis 791 n. 1 christifideles sine intermissione Deo fervidas preces effundant* **pro iis qui sunt vocati ad munus apostolatus** *inter ethnicos, iisque pro viribus subsidia necessaria praebeant (S R 228/3).*

Ad fovendam vocationem missionalem valde iuvare potest coetus vulgo "Grupp Missjunarju Għawdxi" denominatus qui et rite probatus est.

CAPUT X
DE OECUMENISMO

71.

71. (a) *Promovenda est* **sana educatio oecumenica,** *secundum principia catholica sive pro clero, praesertim seminario, sive pro laicis (D O E 158a) et fovendus est motus oecumenicus de quo in canone 755 par. 1.*

(b) Pro viribus foveatur actio oecumenica cum fratribus a plena communione cum Ecclesia Catholica seiunctis. Cum valde necessaria sit oratio, quam maxime commendantur "**Hebdomadae pro Unione**" *quae in paroeciis tenentur necnon servitium oecumenicum semel saltem in anno habendum.*

(c) Parochi curent ut incoepta **dialogi oecumenici** *habeantur cum advenis praesertim cum illis qui in paroecia propria commorantur.*

69.

Sabiex jikber fost il-poplu Nisrani l-Ispirtu missjunarju għandhom jiġu mħeġġa t-talb u s-sagrifiċċji ta' kuljum, hekk li l-Ġurnata Missjunarja ta' kull sena tkun tabilħaqq l-espressjoni spontanja ta' dak l-ispirtu (E S III, 3). *69.*

70.

Bil-għan li joktru iktar il-vokazzjonijiet missjunarji, anke fost il-lajċi, kif irrikmandat fil-kanoni 791 n.1, l-Insara għandhom joffru bla waqfien talb ħerqan lil Alla, għal dawk li huma msejħa għal **ħidma ta' l-apostolat** fost dawk li ma jemmnux fi Kristu, u mill-aħjar li jistgħu, jagħtu wkoll lilhom l-għajnuniet meħtieġa (S R 228/3). Għal dan il-għan il-Grupp Missjunarju Għawdxi li għandu l-approvazzjoni meħtieġa, jista' jkun ta' għajnuna għal dik li hi vokazzjoni missjunarja. *70.*

KAPITLU X
L-EKUMENIŻMU

71.

(a) **L-edukazzjoni ekumenika ġenwina,** għandha titmexxa 'l quddiem skond il-prinċipji Kattoliċi, kemm fost il-kleru, speċjalment fis-Seminarju u kemm fost il-lajċi (D O E 158a), u għandu jingħata appoġġ lill-moviment ekumeniku msemmi fil-kanoni 755 par.1. *71.*

(b) Għandha tkun imħeġġa bil-ħerqa kollha l-ħidma ekumenika ma' ħutna l-Insara li ma humiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja. Peress li meħtieġ ħafna t-talb, huma rrikmandati ħafna l-"Ġimgħat għall-Għaqda tal-Knejjes" li jsiru fil-parroċċi, kif ukoll is-servizz ekumeniku li għandu jsir għall-inqas darba fis-sena.

(c) Il-kappillani għandhom jieħdu ħsieb li jsiru **kuntatti ekumeniċi** ma' l-istranġieri, speċjalment dawk li huma residenti fil-parroċċa tagħhom.

72.

72. *Optandum est ut catholici cum fratribus seiunctis* **in oratione consocientur** *pro quavis communi sollicitudine in qua inter se cooperari possunt ac debent, v.g. ut promoveatur pacis bonum, socialis iustitia, mutua hominum caritas, familiae dignitas hisque similia (D O E 33).*

73.

73. *Quoad* **communicationem in sacris** *cum fratribus seiunctis, diligenter servandae sunt normae quae habentur in "Directorio ad ea quae a Concilio Vaticano Secundo de re Oecumenica promulgatae sunt exsequenda" a Secretariatu ad Christianorum unitatem fovendam edito die 14 Maii 1967, necnon normae quae in canonibus 844 par. 2, 3 et 4 et can. 861 par. 2 dantur.*

74.

74. *In* **nosoccomiis** *aliisque institutis similibus, curandum est ut ministri Communionum seiunctarum tempestive certiores fiant de praesentia fidelium propriae Communionis habeantque facultatem aegrotos visitandi nencon adiumentum spirituale iisdem praestandi (D O E 63).*

72.

Huwa mixtieq li l-Kattoliċi **jissieħbu** ma' l-aħwa mifrudin minna **sabiex jagħmlu talb lil Alla** fi kwalunkwe ħtieġa komuni li fiha jistgħu u għandhom jikkoperaw flimkien, per eżempju sabiex jissaħħu l-paċi fejjieda u l-ġustizzja soċjali. Il-karità reċiproka fost il-bnedmin, id-dinjità tal-familja u ħwejjeġ bħal dawn (D O E 33). 72.

73.

Rigward is-**sħubija** ma' l-aħwa mifrudin minna fil-**Liturġija Mqaddsa,** għandhom jiġu mħarsa bir-reqqa n-normi li hemm imniżżla fid-direttivi tas-Segretarjat tal-Vatikan għall-għaqda fost l-Insara. 73.

74.

Fl-isptarijiet u f'istituti simili, għandu jittieħed ħsieb sabiex il-ministri tad-denominazzjonijiet l-oħra jiġu mgħarrfin fil-waqt bil-membri tad-denominazzjoni tagħhom li jkunu joqogħdu hemm-hekk u sabiex tingħatalhom l-opportunità li jżuruhom meta jkunu morda u li joffrulhom l-għajnuniet spiritwali (D O E n.63). 74.

SECTIO SECUNDA
DE MINISTERIO CULTUS DIVINI

CAPUT XI
DE CULTU DIVINO

75.

75. *Fideles per baptismum Ecclesiae incorporati, ad cultum religionis christianae charactere depuntantur et, in filios Dei regenerati,* **fidem** *quam a Deo per Ecclesiam acceperunt* **coram hominibus profiteri tenentur** *(L G 11).*

(a) Attento canone 1210 christifideles serio moneantur ut domum Dei decenter vestiti ingrediantur, ibique se teneant **magna cum reverentia,** *tempora silentii observent.*

(b) Advigilent animarum curatores ne in cultum etiam privatum ulla **superstitiosa praxis** *inducatur, aut quidquam admittatur contrarium normis de re liturgica adprobatis a competenti auctoritate ecclesiastica de qua in canone 838.*

(c) Priusquam novae aut **insuetae devotiones** *inducantur in ecclesiis vel oratoriis quibusvis, est consulendus loci Ordinatius (C R M 306).*

76.

76. **In actione liturgica** *non solum observentur leges ad validam et licitam celebrationem, sed attento canone 837 par. 2 satagendum est etiam ut fideles scienter, actuose et fructuose eandem participent (S C 11).*

IT-TIENI SEZZJONI
IL-MINISTERU TAL-KULT DIVIN

KAPITLU XI
IL-KULT DIVIN

75.

75. L-Insara mseħbin fil-Knisja bil-magħmudija, bil-karattru tagħha huma ddestinati għall-kult tar-Reliġjon Nisranija u peress li twieldu mill-ġdid bħala wlied Alla, għandhom id-dmir li **jistqarru quddiem il-bnedmin il-fidi** li rċevew minn Alla permezz tal-Knisja (L G 11).

(a) B'riferenza għall-kanoni 1210, l-Insara għandhom jiġu mwissija serjament sabiex fid-dar t'Alla jidħlu b'ilbies deċenti, iġibu ruħhom **b'rispett kbir** u jżommu skiet meta jkun waqtu.

(b) Ir-raġħajja ta' l-erwieħ għandhom jgħassu sabiex fil-kult, anke dak privat, ma tidħolx xi **drawwa superstizzjuża,** jew tiġi mdaħħla xi ħaġa li tkun kuntrarja għan-normi dwar il-liturġija approvati mill-Awtorità Ekkleżjastika kompetenti, imsemmija fil-kanoni 838.

(c) Għandu jintalab il-parir ta' l-Ordinarju tal-post, qabel ma jiġu mdaħħlin f'xi knisja jew oratorju **devozzjonijiet ġodda** jew **mhux tas-soltu** (C R M 306).

76.

76. **Fl-azzjoni liturġika**, mhux biss għandhom jigu osservati l-liġijiet għal ċelebrazzjoni valida u leċita, iżda fid-dawl tal-kanoni 837 par. 2, wieħed għandu jħabrek ukoll sabiex l-Insara jieħdu sehem fiha b'mod li jifhmu x'qed isir, jagħmlu l-parti tagħhom u jieħdu frott minnha (S C II).

(a) Inprimis sacerdotes et clerici nitantur omnes **sacras coerimonias** *bene ediscere, easque digne, attente ac devote peragere, ut cultus divinus debito cum ordine ac splendore habeatur fidelibusque exemplo sint.*

(b) Sacri ministri **fides adstantium excitare** *et illustrare curent, ministerio praesertim verbi, quo fides nascitur et nutritur (Can. 836).*

(c) Etiam **ministrantes**, *lectores, commentatores et qui ad scholam cantorum pertinent, vero ministerio liturgico funguntur. Ut munus suum tali sincera pietate et ordine exerceant, quae tantum ministerium decent quaeque populus Dei ab eis iure exigit, isti ministri indigent debita praeparatione et continuata formatione. Omnes vero ministri Eucaristicae celebrationis adsint a primo initio maneantque usque ad finem.*

(d) **Ad actuosam participationem promovendam**, *populi acclamationes, responsiones, psalmodia, antiphonae, cantica, necnon actiones seu gestus et corporis habitus foveantur. Decet ut in scholis pro catechesi christiana tradenda ediscatur sacer cantus quin excludatur ille gregorianus.*

77.

77. *"Sensum communitatis ecclesialis, qui speciali modo in communi celebratione Missae diei dominicae nutritur et exprimitur, foveri decet praesertim* **in ecclesia cathedrali**, *circa Episcopum. (E M 26).*

(a) Attento canone 503 cum in cathedrali Ecclesia ab Episcopo **Pontificalia celebrantur**, *capitulares ad normam statutorum tenentur adesse nisi excusentur legittima causa ab Ordinario probata.*

(a) Qabel xejn, is-saċerdoti u l-kjeriċi għandhom jagħmlu ħilithom sabiex **jitgħallmu sewwa ċ-ċerimonji sagri kollha** u biex jiċċelebrawhom bis-serjetà, bl-attenzjoni u bid-devozzjoni ħalli l-kult divin isir bl-ordni u bil-qdusija li jixirqulu u huma jkunu ta' eżempju għall-Insara.

(d) Ir-raġħajja ta' l-erwieħ għandhom jgħallmu bil-ħerqa lill-insara sabiex **jieħdu sehem fil-quddiesa kollha;** għaliex il-liturġija tal-kelma u l-liturġija Ewkaristika huma marbutin flimkien hekk mill-qrib li jiffurmaw att wieħed ta' kult (S C 56).

109.

(a) L-insara għandhom ikollhom **l-ikbar qima lejn l-Ewkaristija Mqaddsa**; għalhekk ir-raġħajja ta' l-erwieħ, skond il-kanoni 898, għandhom jgħallmuhom dwar id-dmir li għandhom li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, li jirċievu s-Sagrament Imqaddes, u li jqimuh bl-ogħla venerazzjoni li tistħoqq lil Sagrament hekk għażiż. *109.*

(b) Huwa rrikmandat li l-Insara **jirċievu l-Ġisem Imqaddes tal-Mulej fl-istess ċelebrazzjoni Ewkaristika,** filwaqt li jigi osservat dak li jippreskrivi l-kanoni 918.

(c) Jekk **it-tqarbin jiġi amministrat barra miċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika** għandhom jiġu osservati r-riti preskritti u jekk ikun il-każ, qabel issir ukoll ċelebrazzjoni qasira tal-Kelma t'Alla.

(d) Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u t-tqarbin jistgħu jsiru fil-ġranet u l-ħinijiet kollha barra minn dawk li huma eskluzi skond in-normi liturġiċi (kan. 931).

(e) Meta jitqarbnu fl-idejn, l-Insara għandhom ikollhom idejhom nodfa u joqogħdu attenti li ma taqax fl-art l-ostja jew xi parti minnha.

110.

110. *Ad mentem can. 910 par. 2* **minister extraordinarius** *sacrae communionis est acolythus necnon alius christifidelis ad normam canonis 230 par. 3 deputatus (A K D G n. 28 p. 373).*

111.

111. *(a) Attento canone 925, Sanctissimae Eucharistiae Sacramentum conferatur* **sub sola specie panis** *aut sub utraque, ad normam legum liturgicarum; in casu autem necessitatis, etiam sub sola specie vini.*

(b) Ad normam canonis 919 par. 1, Sanctissimam Eucharistiam recepturus per spatium saltem unius horae ante sacram communionem **abstineat a quocumque cibo et potu**, *excepta tantummodo aqua atque medcina. Eximuntur tamen ab hac lege tum aetate provecti et infirmitate quadam laborantes necnon eorum curae addicti (can. 919 par. 3), tum sacerdotes qui eadem die bis aut ter sanctissimam Eucharistiam celebrant. Isti vero aliquid sumere possunt ante secundam aut tertiam celebrationem (Can. 919 par. 2).*

(c) Ad normam canonis 917 qui Sanctissimam **Eucharistiam** *receperit, potest eam iterum* **eadem die suscipere** *solummodo intra eucharisticam celebrationem cui particpat, etiamque cum communio suscipitur per modum Viatici iuxta praesciptum can. 921 par. 2.*

112.

112. *(a) Nisi in periculo mortis versantur,* **ut pueri ad sacram synaxim admittantur**, *requiritur ut ipsi sufficienti cognitione et accurata praeparatione gaudeant iuxta canonem 913 par. 1.*

(b) Excluso periculo irreverentiae, **pueri mente retardati** *Sanctissima Communione privandi non sunt.*

110.

Skond il-kanoni 910, il-**ministru straordinarju** tat-Tqarbin Imqaddes huwa l-akkolitu, kif ukoll kull nisrani ieħor li jirċievi din il-fakultà skond il-kanoni 230 par. 3 (A K D G n. 28 p. 373). *110.*

111.

(a) B'riferenza għall-kanoni 925, is-sagrament ta' l-Ewkaristija Mqaddsa jingħata **bl-ispeċi tal-ħobż biss,** jew biż-żewġ speċi, skond kif jippreskrivu l-liġijiet liturġiċi, fl-okkażjonijiet imsemmija fl-ittra ċirkulari 83/73; iżda f'każ ta' neċessità, jista' jingħata anke bl-ispeċi ta' l-inbid biss. *111.*

(b) Skond il-kanoni 919 par. 1, min ikun ser jirċievi l-Ewkaristija għandu jkun sajjem minn **kull ikel u kull xorb**, għall-inqas siegħa qabel it-tqarbin Imqaddes, b'eċċezzjoni biss ta' l-ilma u tal-mediċini. Iżda huma eżenti minn din il-liġi kemm ix-xjuħ, il-morda u dawk li jieħdu ħsiebhom (kan. 919 par.3), kif ukoll is-saċerdoti li jiċċelebraw l-Ewkaristija iktar minn darba. Dawn jistgħu jieħdu xi ħaġa qabel it-tieni jew it-tielet quddiesa (kan. 919 par. 2).

(c) Skond il-kanoni 917, min ikun irċieva l-Ewkaristija Mqaddsa, jista' jerġa' jirċeviha **fl-istess jum**, iżda biss waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, li fiha jieħu sehem, kif ukoll fil-każ ta' vjatku, kif jippreskrivi l-kanoni 921 par. 2.

112.

(a) Barra mill-każ ta' periklu tal-mewt, **sabiex it-tfal jiġu ammessi għat-Tqarbin Imqaddes,** jeħtieġ illi huma jkunu ħadu tagħlim biżżejjed u jkunu ppreparati kif imiss, bħal ma jitlob il-kanoni 913 par. 1. *112.*

(b) Dment li jiġi evitat il-periklu ta' nuqqas ta' qima, **it-tfal mentalment inkapaċitati** m'għandhomx jiġu mċaħħdin mit-Tqarbin Imqaddes.

(c) Iuxta canonem 914 **parochi est officium advigilandi** *ne pueri ad Sacram Synaxim accedant si rationis usum adepti non sint aut sufficienter non dispositi sint; itemque, simul cum parentibus puerorum, curandi ut usum rationis assecuti et sufficienter dispositi quamprimum hoc divino cibo reficiantur.*

113.

113. (a) Fideles, data opportunitate, moneantur vi canonis 920, postquam ad Sanctissimam Eucharistiam initiati sint omnes obligatione teneri semel saltem in anno **sacram communionem recipiendi tempore paschali**.

(b) **Prima communio puerorum** *et annua paschalis communio fidelium, praeter casum necessitatis,* **in celebratione Eucharistica** *peragantur. Commendatur ut prima communio in Hebdomada Eucharistico-Liturgica celebretur.*

114.

114. (a) Parochus religiose studeat ut Sacra Communio iis omnibus deferatur qui sive infirma valetudine, sive ob provectam aetatem ecclesiam adire nequeunt. Curandum est ut **Sacra Communio** *quam frequentius* **infirmis** *deferatur saltem singulis mensibus (S R 427).*

(b) Attento canone 922, frequenter moneantur fideles quam gravi **obligatione** obstringantur parochum seu quemlibet sacerdotem de **cujusvis propinqui morbo**, *suo tempore, certiorem reddendi ut eorum spirituali bono consuli possit.*

(c) Ad normam canonis 530, n. 3 et canonis 911, par. 1, officium et **ius Sanctissimam Eucharistiam per modum Viatici** *ad infirmos in sua paroecia* **deferendi**, *habent parochi et vicarii paroeciales.*

(c) Skond il-kanoni 914, huwa **d-dmir tal-kappillan li jgħasses** sabiex it-tfal ma jersqux għat-Tqarbin Imqaddes, jekk ikunu għadhom ma laħqux l-użu tar-raġuni u mingħajr ma jkunu disposti biżżejjed; għandu wkoll id-dmir li flimkien mal-ġenituri tat-tfal jieħu ħsieb sabiex dawk li għandhom l-użu tar-raġuni u li jkunu disposti biżżejjed jingħatalhom mill-iktar fis l-Ikel Divin.

113.

(a) L-Insara, meta tiġi l-okkażjoni, jiġu mwissija li bis-saħħa tal- *113.*
kanoni 920, dawk kollha li jkunu ħadu l-Ewwel Tqarbina għandhom l-obbligu li jitqarbnu **darba fis-sena fi żmien il-Għid.**

(b) **L-ewwel Tqarbina tat-tfal** u t-tqarbina ta' l-Għid li jagħmlu l-Insara kull sena, barra mill-każ ta' neċessità għandhom isiru fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Huwa rrikmandat li l-Ewwel Tqarbina tiġi ċċelebrata fil-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika.

114.

(a) Il-kappillan b'ħiltu kollha jieħu ħsieb li t-Tqarbin Imqaddes jiġi *114.*
mwassal lil dawk kollha li minħabba l-mard jew ix-xjuħija ma jistgħux imorru fil-knisja. Għandhom jieħdu ħsieb li t-**tqarbin imqaddes** jingħata lill-**morda** ta' spiss, għall-inqas darba fix-xahar (S R 427).

(b) Fid-dawl tal-kanoni 922, l-Insara għandhom jiġu mwissija ta' spiss kemm hu gravi **d-dmir** li għandhom li jgħarrfu fil-waqt lill-kappillan jew lil saċerdot ieħor **dwar il-mard** ta' min ikun jiġi minnhom, sabiex jittieħed ħsieb kif jixraq tal-ġid spiritwali tagħhom.

(c) Skond il-kanoni 530 n.3 u l-kanoni 911 par.1, il-kappillani u l-vigarji parrokkjali għandhom id-dmir u d-dritt li jwasslu bi **Vjatku l-Ewkaristija Mqaddsa** lill-morda fil-parroċċa tagħhom.

(d) **In casu necessitatis** *id faciant* **ceteri sacerdotes,** *iisque deficientibus alii sacrae communionis ministri, de licentia saltem praesumpta parochi, cui postea notitia dari oportet (Can. 911 par. 2).*

(e) Convenit ut saltem semel in anno, in unaquaque paroecia, **viaticum solemniter deferatur** *infirmis praesertim occasione Hebdomadae Eucharistico-Liturgicae.*

(f) In communione ad infirmos deferenda sacram speciem **in theca** *marsipulo tecta, sacerdos reverenter portet.*

CAPUT XV

DE CELEBRATIONE ALIORUM SACRAMENTORUM

A. DE BAPTISMO

115.

115. *(a) Fideles moneantur* **Baptismum** *esse* **necessarium** *ad aeternam salutem (Can. 849) et edoceantur de admirabilibus effectibus hujus Sacramenti (S R 371, 372), quo nempe homines indelibili charactere Christo configurantur atque Ecclesiae incorporantur (L G 11).*

(b) Parentes praesertim, medici et obstetrices **sciant** *quid agendum sit ad* **baptismum valide conferendum** *in casu necessitatis.*

(c) **Infantis** *baptizandi* **parentes,** *itemque qui munus patrini sunt suscepturi, de significatione hujus sacramenti deque obligationibus cui eo cohaerentibus debite instruantur (Can. 351 n. 2).*

(d) **F'każ ta' neċessità** għandhom jagħmlu dan **saċerdoti oħrajn** u fl-assenza tagħhom il-ministri l-oħra tat-Tqarbin Imqaddes, bil-permess tal-kappillan, għallinqas il-permess li wieħed jista' jippresumieh; u mbagħad il-kappillan għandu jiġi mgħarraf bil-każ (kan. 911 par. 2).

(e) Jixraq li għall-inqas darba fis-sena, f'kull parroċċa, il-**Vjatku jiġi meħud solennement** lill-morda speċjalment fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika.

(f) Meta jingħata t-tqarbin lill-morda, is-saċerdot għandu jġorr bil-qima kollha l-ispeċi Mqaddsa li għandha tkun magħluqa **f'teka** ġo borża.

KAPITLU XV

IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SAGRAMENTI L-OĦRA

A. IL-MAGĦMUDIJA

115.

(a) L-Insara għandhom jiġu mwissija li l-**Magħmudija hija meħtieġa** għas-salvazzjoni eterna (kan. 849) u għandu jkollhom tagħlim dwar l-effetti meraviljużi ta' dan is-sagrament (S R 371, 372), għaliex bih il-bnedmin jieħdu xebh ma' Kristu bil-karattru li ma jitħassarx u jsiru membri tal-Knisja (L G 11). *115.*

(b) Speċjalment il-ġenituri, it-tobba u l-'midwives' jeħtieġ li **jkunu jafu** x'għandhom jagħmlu sabiex **jagħtu magħmudija valida f' każ ta' bżonn.**

(c) Lill-**ġenituri tat-tarbija** li tkun se tiġi mgħammda kif ukoll lil dawk li jkunu se jieħdu r-responsabbiltà ta' parrinijiet għandu jingħatalhom tagħlim xieraq dwar it-tifsir ta' dan is-sagrament u dwar l-obbligi li huma konnessi miegħu (kan. 851 n. 2).

116.

116. *Iuxta canonem 867 parentes obligatione tenentur curandi ut* **infantes intra priores post nativitatem hebdomadas baptizentur**, *et curent parochi ut de hac obligatione fideles debite instruantur. Si infans in periculo mortis versetur, sine ulla mora baptizetur.*

(a) Attento canone 855, parentes, patrini et parochus curent ut ei qui baptizatur non imponatur **nomen** *a sensu christiano alienum. Attamen nomen quod primum imponitur baptizatis* **infantibus**, *si fieri potest, idem sit ac illud quod ipsis civiliter* **impositum** *fuerit.*

(b) Si infans, urgente necessitate, a laico fuerit baptizatus, parochus **de Baptismi validitate** *diligentissime inquirat, eundem laicum praesertim interrogans de modo quo Baptismum administraverit. In dubio, Baptismu sub conditione renovetur ad normam canonis 869; si vero nullum adsit de validitate dubium, parochus curet baptizatum congruo tempore ad ecclesiam deferendum ut in eadem praesentetur. (C R M 169; O B P 165).*

117.

117. *(a) Qui ad* **officium patrini**, *de quo in canone 872, vocati sunt, quae sint suae partes doceantur, ac debite ad eas implendas praeparentur, ne suscepti muneris, sane nobilissimi, impletionem in una tantum Baptismatis caerimonia ponant (S R 378).*

(b) **Parochus** *seu administer Baptismatis ne quem idoneum iudicet nisi normis canonis bene perspectis; quem si forte aliquem ab hoc munere patrini prohibere debeat, id magna prudentia agat et caritate.*

116.

Skond il-kanoni 867, il-ġenituri għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb sabiex **it-trabi jiġu mgħammda fl-ewwel ġimgħat wara t-twelid** u l-kappillani jaraw li l-insara jkunu mgħarrfin kif imiss dwar dan l-obbligu. Jekk it-tarbija tkun fil-periklu tal-mewt, għandha tiġi mgħammda mingħajr telf ta' żmien. *116.*

(a) Fid-dawl tal-kanoni 855, il-ġenituri, il-parrinijiet u l-kappillan għandhom ifittxu li lil min jiġi mgħammed ma jingħatalux isem li ma fih ebda tifsira nisranija. Iżda **l-isem** li jingħata l-ewwel wieħed lit-trabi li jiġu mgħammdin, sa fejn hu possibbli, għandu jkun l-istess wieħed li jingħata lilhom fir-reġistru pubbliku.

(b) Jekk it-tarbija, f'każ ta' neċessità, tkun ġiet mgħammda minn xi sekular, il-kappillan jistħarreġ bl-ikbar reqqa dwar **il-validità tal-magħmudija,** speċjalment billi jistaqsi lil dak is-sekular kif għamel biex amministra l-magħmudija. Fid-dubju, il-Magħmudija għandha tingħata mill-ġdid taħt kundizzjoni skond il-kanoni 869; jekk ma jkun hemm ebda dubju dwar il-validità, il-kappillan jieħu ħsieb li min ġie mgħammed jittieħed u jkun ippreżentat il-knisja (C R M 169; O B P 165).

117.

(a) Dawk li jiġu msejħin biex iwettqu d-**dmir ta' parrini** msemmi fil-kanoni 872, għandhom jiġu mgħallmin liema huwa s-sehem tagħhom u jiġu mħejjijin kif jixraq biex iwettquh; sabiex ma jiġrix li jaħsbu li t-twettiq ta' dan id-dmir li ħadu u li huwa hekk nobbli jikkonsisti biss fiċ-ċerimonja tal-Magħmudija (S R 378). *117.*

(b) **Il-Kappillan** jew il-ministru tal-Magħmudija, ma għandu jqis lil ħadd bħala idoneju għall-uffiċċju ta' parrinu jekk mhux fid-dawl tal-Kanoni 874; u jekk forsi jkollu jirrifjuta dan l-uffiċċju lil xi ħadd, għandu jagħmel hekk bi prudenza u b'karità kbira.

(c) Patrini qui ignoti sint a ministro Baptismatis, a proprio parocho **auctoritatem** *habere debent, petito scilicet suo tempore* **"idoneitatis" documento.**

(d) **Patrinus unus tantum vel matrina una** *tantum vel etiam unus et una assumantur (Can. 873).*

118.

118. (a) Ad normam canonum 857, 859, pro regula habeatur ut **Baptismus** *conferatur* **in ecclesia paroeciali** *illius personae quae baptizatur. Iusta de causa parochus potest permittere ut Baptismus conferatur extra paroeciam vel in alia ecclesia aut oratorio intra fines paroeciae. Servari debent aliae normae directivae Conferentiae Episcopalis Melitensis de loco ac de modo administrationis hujus Sacramenti (cf. A K E M nru. 3 (1/1/88) p. 20).*

(b) Parochus debet nomina baptiszatorum, mentione facta de ministro, parentibus, patrinis necnon, si adsint, testibus, de loco ac die collati baptismi, **in baptizatorum libro** *sedulo et sine ulla mora referre, simul indicatis die, hora et loco nativitatis (Can. 877 par. 1).*

(c) Si baptismus neque a parocho neque eo praesente administratus fuerit, **minister** *baptismi, quicumque est, de collato baptismo* **certiorem facere debet parochum** *paroeciae in qua baptismus administratus est. (Can. 878).*

119.

119. (a) Parochi hortentur fideles ut Deo gratias saepe agant, quod eos summa bonitate catholicae fidei participes fecit, atque **diem Baptismatis anniversarium** *precibus et benefactis celebrent; ac si fieri potest promissa baptismalia renovent. (S R 389).*

(c) Il-parrini li ma jkunux magħrufin mill-ministru tal-Magħmudija, jeħtieġ li jkollhom iċ-ċertifikat tal-kappillan proprju tagħhom u għal-hekk għandhom qabel xejn jitolbuh fil-waqt id-**dokument ta' l-idonejtà.**

(d) Jiġu ammessi **parrinu jew parrina waħda.** Inkella parrinu u parrina flimkien (kan. 873).

118.

(a) Skond il-kanoni 857 u 859 jinżamm bħala regola li l-**magħmu-dija** tingħata fil-**knisja parrokkjali** tal-persuna li tiġi mgħammda. Għal raġuni ġusta l-kappillan jista' jippermetti li l-magħmudija tingħata barra mill-parroċċa jew fi Knisja oħra jew Oratorju fil-limiti tal-parroċċa. Għandhom jiġu osservati wkoll id-direttivi l-oħra tal-Konferenza Episkopali Maltija dwar il-post u l-mod ta' l-amministrazzjoni ta' dan is-sagrament. (ara A K E M Nru 3 (1-1-1988) p.20). *118.*

(b) Il-kappillan għandu jniżżel fir-**reġistru tal-Magħmudija,** bir-reqqa u mingħajr dewmien, l-ismijiet ta' dawk li ġew mgħammdin, u jsemmi l-ministru, il-ġenituri, il-parrini, u x-xhieda jekk ikun hemm, kif ukoll il-post u l-jum tal-Magħmudija, filwaqt li jindika wkoll il-jum, il-ħin u l-post tat-twelid (kan. 877 par.1).

(c) Jekk il-Magħmudija ma tkunx ġiet mogħtija mill-kappillan u lanqas fil-preżenza tiegħu, il-ministru tal-magħmudija, ikun min ikun, **għandu jinforma** dwar il-magħmudija li ġiet mogħtija, lill-kappillan tal-parroċċa fejn tkun ġiet amministrata, skond il-kanoni 878.

119.

(a) Il-kappillani għandhom iħeġġu lill-Insara sabiex ta' spiss iroddu ħajr lil Alla li għall-ħniena kbira tiegħu sejħilhom għat-twemmin Kattoliku u sabiex jiċċelebraw **l-anniversarju tal-Magħmudija** bit-talb u b'opri tajba u, jekk ikun possibbli, iġeddu l-weġdiet tal-Magħmudija (S R 389). *119.*

(b) **Convenit ut parentibus infantis** *baptizati detur decens memoriale in quo inscribitur nomen infantis, dies et locus baptismi collati.*

B. DE CONFIRMATIONE

120.

120. *Licet Sacramentum Confirmationis de quo in canone 879 et sequentibus non sit de necessitate medii ad salutem, fideles obligatione tenentur illud recipiendi; curent igitur animarum pastores, praesertim parochi, ut fideles ad hoc sacramentum recipiendum rite instruantur et ad illud tempore opportuno accedant (Can. 890). Tempestive ante solemnem* **administrationem Confirmationis,** *parochi est populum tanti sacramenti praestantiam edocere (S G 3).*

121.

121. *Dummodo Episcoporum Conferentia aliam aetatem non determinaverit iuxta canonem 891, Sacramentum Confirmationis* **conferatur adolescentibus** *qui frequentant scholas medias, nisi adsit periculum mortis aut de iudicio ministri gravis causa aliud suadeat.*

122.

122. *Patrini, ex suscepto munere, est curare ut confirmatus tanquam verus Christi testis se gerat obligatiionesque eidem Sacramento inhaerentes fideliter adimpleat ad normam canonis 892.*

Quare consulendi sunt parentes ne **munus patrini Baptismi vel Confirmationis** *committant personis aetate decrepitis vel ad exteras regiones profecturis qui obligationibus patrinorum vix satisfacere possint.*

(b) **Tajjeb li l-ġenituri tat-tarbija** li tiġi mgħammda, tingħatalhom tifkira xierqa li fuqha jkun hemm l-isem tat-tarbija, id-data u l-post tal-Magħmudija li ngħatat.

B. IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF

120.

120. Għalkemm is-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof, imsemmi fil-kanoni 879 u li jiġu warajh, mhux meħtieġ għas-salvazzjoni b'neċessità ta' mezz, l-insara għandhom l-obbligu li jirċevuh; għalhekk ir-ragħajja ta' l-erwieħ, speċjalment il-kappillani għandhom jieħdu ħsieb li l-insara jitħejjew kif imiss bit-tagħlim sabiex jirċievu dan is-sagrament u li jersqu għalih meta jkun il-waqt (kan. 890). Minn kmieni, qabel **l-amministrazzjoni solenni tal-Griżma,** il-kappillan għandu jagħti tagħlim lill-poplu dwar il-valur ta' sagrament hekk kbir (S G 3).

121.

121. Sakemm il-Konferenza Episkopali, skond il-kanoni 891, ma tkunx iddeterminat età differenti, is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof għandu **jingħata lill-adoloxxenti** li jiffrekwentaw l-iskejjel medji, ħlief fil-każ tal-periklu tal-mewt jew ta' meta, skond il-ġudizzju tal-ministru, ikun hemm raġuni gravi biex isir xort'oħra.

122.

122. Il-parrinu, mill-impenn li ħa, għandu d-dmir jieħu ħsieb li min irċieva l-ġriżma, iġib ruħu tabilħaqq bħala xhud ta' Kristu u li jwettaq fedelment l-obbligi li huma marbutin ma' dan is-sagrament skond il-kanoni 892.

Għalhekk għandu jingħata parir lill-ġenituri sabiex ma jsejħux **għall-uffiċċju ta' parrinu tal-Magħmudija jew tal-Griżma,** persuni li huma ta' età avanzata jew li jkunu se jmorru joqogħdu barra mill-pajjiż għaliex dawn ma tantx jistgħu jaqdu sewwa d-dmirijiet tal-parrini.

123.

123. *(a) Dent operam parochi ut sacrae* **Confirmationis dies** *solemnis a tota communitate paroeciali habeatur atque opportuna occasio qua parentes omnes atque propinqui ad coeleste Convivium participandum inducantur (S R 397).*

(b) Sacramentum Confirmationis, quatenus fieri potest, infra Missam administretur (Can. 871). Ne solemnitas hujus functionis parvi habeatur convenit ut dies Confirmationis sit **diversus a festo patronali** *et semel tantum in anno celebretur in unaquaque paroecia. Valde convenit ut administratio hujus sacramenti includatur in functionibus Hebdomadae Liturgicae quotannis celebrandae (I C 89/73).*

(c) Ut Sacramenti Confirmationis intima cum tota initiatione christiana connexio eluceat, **promissiones Baptismi** *renovent Confirmationem recepturi.*

124.

124. *(a) Confirmandi omnes* **schedulam** *exhibere debent* **a parocho proprio** *vel eius delegato, clare exaratam, atque debito sigillo munitam. Haec schedula testatur non solum aetatem et Baptismum susceptum, sed etiam sufficientem instructionem catechisticam.*

(b) Oportet ut illi qui in casibus exceptionalibus accedunt ad **Confirmationem** *quae* **in oratorio** *Seminarii vel in sacello episcopali conferri solet, debita schedula muniti sint.*

(c) In schedula, **patrini vel matrinae nomen** *et paroeciam parochus describat, et sic ipsos idoneos esse ad munus patrini fungendum significet.*

123.

(a) Il-kappillani għandhom jirsistu sabiex **il-jum tal-Griżma Mqaddsa** jinżamm bħala jum solenni mill-komunità parrokkjali kollha, u tkun okkażjoni tajba li fiha l-kappillani jħajru lill-ġenituri kollha tat-tfal u lil qrabathom sabiex jieħdu sehem fl-Ikla Ewkaristika (S R 397). *123.*

(b) Is-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof, kemm jista' jkun jingħata fil-quddiesa (kan. 881). Sabiex is-solennità ta' din il-funzjoni ma titlifx l-importanza tagħha, jixraq li Jum il-Griżma jkun **differenti minn dak tal-festa titulari** u li f'kull parroċċa tiġi ċċelebrata darba fis-sena biss. Jaqbel ħafna li l-amministrazzjoni ta' dan is-sagrament tkun waħda mill-funzjonijiet tal-Ġimgħa Liturġika li għandha tiġi ċċelebrata ta' kull sena (I C 89/73).

(c) Dawk li jkunu ser jieħdu l-Griżma għandhom iġeddu l-**weġħdiet tal-Magħmudija,** sabiex tidher ċara r-rabta mill-qrib bejn is-sagrament tal-Griżma u l-bidu tal-ħajja Nisranija.

124.

(a) Dawk kollha li jkunu se jieħdu l-Griżma għandhom jippreżentaw **ċertifikat** miktub b'mod ċar mill-**kappillan tagħhom** jew mid-delegat tiegħu u ttimbrat kif rikjest. Dan iċ-ċertifikat juri mhux biss l-età u li l-kandidat irċieva l-Magħmudija, iżda wkoll li kellu tagħlim katekistiku suffiċjenti. *124.*

(b) Jeħtieġ illi dawk li f'każijiet eċċezzjonali jersqu għall-**Griżma** li soltu tingħata fil-kappella tas-Seminarju jew ta' l-Isqof, jieħdu magħhom iċ-ċertifikat li hemm bżonn.

(c) Fiċ-ċertifikat, il-kappillan jikteb **l-isem tal-parrinu jew tal-parrina,** u l-parroċċa; u b'hekk ifisser ukoll li huma idonji sabiex iwettqu d-dmir ta' parrinijiet.

(d) Parochi schedulam ne conscribant, antequam **certiores fiant de sufficienti instructione religiosa** *confirmandi et, si casus ferat, etiam audiendo catechistas.*

(e) Curent parochi ut **ad Curiam intra mensem** *acta omnia sacrarum Confirmationum* **transmittantur** *et nomina confirmatorum ad normam canonis 895 adnotentur (S R 399/2). Et notificetur parochus loci baptismi.*

C. DE SACRAMENTO RECONCILIATIONIS

125.

125. *(a)* **In sacramento paenitentiae seu reconciliationis** *fideles peccata legitimo ministro confitentes, de iisdem contriti atque propositum sese emendandi habentes, per absolutionem ab eodem ministro impertitam, veniam peccatorum quae post baptismum commiserint a Deo obtinent simulque reconciliantur cum Ecclesia, quam peccando vulneraverunt. (Can. 959).*

(b) **Individualis et integra confessio** *atque absolutio unicum constituunt modum ordinarium, quo fidelis peccati gravis sibi conscius cum Deo et Ecclesia reconciliatur, nisi impossibilitas physica vel moralis ab hujusmodi confessione excuset (Can. 960).*

126.

126. *(a) Sciant sacerdotes et fideles sacramentalem* **absolutionem pluribus simul paenitentibus**, *sine praevia individuali confessione, generali modo impertiri non posse nisi in casibus et iuxta modum praescriptum in canonibus 961, 962, 963.*

(d) Il-kappillani m'għandhomx jiktbu ċ-ċertifikat qabel ma **jkunu ċerti** li min se jirċievi l-Griżma **għandu tagħlim reliġjuż biżżejjed anke billi jistaqsu lill-katekisti** jekk ikun il-każ.

(e) Il-kappillani għandhom jieħdu ħsieb li **fi żmien xahar** id-dokumenti kollha għal kull amministrazzjoni tas-sagrament tal-Griżma, **jintbagħtu lill-Kurja** u li, skond il-kanoni 895 jiġu reġistrati l-ismijiet ta' dawk li rċevewh (S R 399/2), u jiġi notifikat il-kappillan ta' fejn tkun saret il-magħmudija.

C. IS-SAGRAMENT TAR-RIKONĊILJAZZJONI

125.

(a) **Fis-sagrament tal-qrar jew tar-Rikonċiljazzjoni** l-Insara li jqerru dnubiethom għand il-ministru leġittimu wara li jkunu nidmu minnhom u għamlu l-proponiment li jemendaw ruħhom permezz tal-assoluzzjoni mogħtija mill-istess ministru, jiksbu minn għand Alla l-maħfra tal-ħtijiet li jagħmlu wara l-magħmudija u fl-istess ħin jiġu rikonċiljati mal-Knisja li huma ferew bi dnubiethom (kan. 959). *125.*

(b) **Il-Qrara individwali u integra** flimkien ma' l-assoluzzjoni hija l-uniku mezz ordinarju, li bih in-Nisrani, bi dnub gravi fuq il-kuxjenza tiegħu, jirrikonċilja ruħu m'Alla u mal-Knisja, ħlief meta jkun skużat li jagħmel din l-istqarrija minħabba l-impossibilità fiżika jew morali (kan. 960).

126.

(a) Is-saċerdoti u l-insara għandhom ikunu jafu li **l-assoluzzjoni sagramentali lil ħafna flimkien** mingħajr il-qrara individwali magħmula qabel, ma tistax tingħata b'mod ġenerali ħlief skond il-forma u fil-każijiet preskritti mill-kanoni 961, 962 u 963. *126.*

(b) Praesentibus adiunctis, in nostra dioecesi **non verificantur conditiones** *requisitae ad talem absolutionem sacramentalem generali modo impertiendam nisi immineat periculum mortis.*

127.

127. (a) Quoad sigillum sacramentalae et usum scientiae ex confessione acquisitae, confessarii tenentur observare normas de quibus in canonibus 983, 984, et graviter prohibentur ne, sive in privatis allocutionibus sive in publicis concionibus, quid unquam **ad confessionis sacramentalis materiam** *pertinens, quavis sub forma vel praetextu ne indirecte quidem attingant (C R M 206).*

(b) **Sedes confessionales** *crate fixa inter paenitentem et confessarium instructae, numero sufficienti pro confessione paenitentium praesertim mulierum habeantur in loco patenti ecclesiae vel oratorii, attentis quoque normis ab Episcoporum Conferentia statutis iuxta canonem 964.*

(c) Sedes confessionales ita constructae et dispositae sint ut **neque confessario neque paenitenti inconvenientia creent.**

(d) Confessiones **extra sedem confessionalem** *ne excipiantur, nisi iusta de causa (Can. 964 par. 3).*

(e) Pro administratione sacramenti paenitentiae aliorumque sacramentorum debet adhiberi **vestis talaris vel alba.**

128.

128. Meminerint parochi omnesque **sacerdotes** *quam maxime Sacramentum Paenitentiae ad vitam christianam conferre, quare* **facilius se praebeant ad fidelium confessiones** *audiendas, servando, quantum fieri potest, confessionum horarium.*

(b) Fiċ-ċirkustanzi preżenti, fid-djoċesi tagħna **ma jeżistux il-kundizzjonijiet** meħtieġa, sabiex tingħata din l-assoluzzjoni sagramentali, b'mod ġenerali jekk ma jkunx hemm periklu imminenti tal-mewt.

127.

(a) Rigward is-siġill sagramentali u l-użu tat-tagħrif miksub mill- *127.*
qrar, il-konfessuri għandhom josservaw in-normi li hemm fil-kanoni 983, 984, u huwa severament ipprojbit li huma xi darba fil-konversazzjonijiet privati tagħhom jew fil-priedki għall-pubbliku, taħt ebda għamla jew skuża, isemmu anke indirettament xi ħaġa li taqa' taħt il-**materja tal-qrar sagramentali** (C R M 206).

(b) F'post fejn jidher fil-Knisja jew fl-oratorju għandu jkun hemm għadd suffiċjenti ta' **konfessjonarji** li jkollhom grada fissa bejn il-penitent u l-konfessur, għall-qrar tal-penitenti, speċjalment tan-nisa, filwaqt li jiġu rispetttati wkoll in-normi mogħtija mill-Konferenza Episkopali skond il-kanoni 964.

(c) Il-konfessjonarji għandhom ikunu mfassla u magħmula **b'mod li ma joħolqux inkonvenjenti** la lill-konfessur u lanqas lill-penitent.

(d) M'għandux isir qrar **barra mill-konfessjonarju,** ħlief meta jkun hemm kawża ġusta (kan. 964 par.3).

(e) Fl-amminstrazzjoni tal-qrar u tas-sagramenti l-oħra hu obbligatorju l-użu **tas-suttana jew ta' l-alba** (A K E M n.1 (l-12-85) p. 24).

128.

Il-kappillani u l-**qassisin** kollha għandhom jiftakru x'għajnuna kbira *128.*
jagħti s-sagrament tal-qrar għall-ħajja nisranija u għalhekk għandhom **ikunu disponibbli biex iqarru** lill-insara fil-waqt li josservaw sakemm ikun possibbli l-orarju tal-qrar.

(a) Omnis cui animarum cura vi muneris est demandata, **obligatione tenetur providendi ut audiantur confessiones** *fidelium sibi commissorum, qui rationabiliter confiteri petant, utque iisdem opportunitas praebeatur ad confessionem individualem, diebus ac horis in eorum commodum statutis accedendi (Can. 986 par. 1).*

(b) **Urgente necessitate,** *quilibet confessarius obligatione tenetur confessiones christifidelium excipiendi, et in periculo mortis quilibet sacerdos (Can. 986 par. 2).*

(c) Satagendum est ut fideles noscant **diem et horam** *in quibus sacerdos adest ad ministerium hoc exercendum (O P 13).*

(d) Fideles ad eum usum adducendi sunt ut **extra Missae celebrationem,** *praesertim horis statutis, ad sacramentum paenitentiae accedant (O P 13).*

(e) In casibus exceptionalibus, si durante Missa aliquis fidelis petat ut eius confessio audiatur, hoc fieri debet **non in eadem aula** *ubi Sacrificium celebratur, sed in alio loco ab illa remoto.*

(f) Quo melius consulatur conscientiae libertati, animarum curatores crebrius **confessarios extraordinarios** *advocent, praesertim tempore sacrarum missionum, exercitiorum spiritualium vel solemnioris festivitatis, quod valet etiam de aegrotis.*

(g) Confessarii, etiam religiosi, qui graviter aegrotantis confessionem exceperint, **aegroti parochum** *statim* **edoceant** *(C R M 212).*

129.

129. (a) Zelo parochorum commendatur ut **pueri** *tempore opportuno* **praeparentur** *debita cura* **ad primam receptionem sacramenti paenitentiae.**

(a) Kull min, skond l-uffiċċju tiegħu, huwa responsabbli għall-kura ta' l-erwieħ, għandu dmir li lill-insara afdati f'idejh, li b'mod raġonevoli jitolbu li jqerru **jagħtihom l-opportunità għall-qrar,** u lilhom ukoll joffri l-kumditá li jqerru individwalment fi ġranet u f' ħinijiet determinati, li jkunu adattati għalihom biex jersqu għal dan is-sagrament (kan.986 par.1).

(b) Jekk ikun hemm **neċessità urġenti,** kull konfessur għandu l-obbligu li jqarar lill-Insara, hekk ukoll kull saċerdot jekk ikun każ ta' periklu tal-mewt (kan.986 par. 2).

(c) Ta' min iħabrek biex l-Insara jkunu jafu l-**jum u l-ħin** li fihom il-qassis ikun iwettaq dan il-ministeru tal-qrar (O P 13).

(d) L-insara għandhom jiġu edukati jersqu għas-sagrament tal-qrar, mhux fil-ħin **taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa,** iżda preferibilment fis-sigħat ta' l-orarju (O P13).

(e) F'każijiet eċċezzjonali, jekk xi ħadd mill-Insara jitlob li jqerr waqt il-quddiesa, il-qrar għandu jsir **mhux fl-istess awla** fejn ikun qed jigi ċċelebrat is-Sagrifiċċju, iżda f'xi post ieħor maqtugħ minnha.

(f) Sabiex tiġi mħarsa aħjar il-libertà tal-kuxjenza, ir-raghajja ta' l-erwieħ, għandhom isejħu iktar ta' spiss il-**konfessuri straordinarji** speċjalment fiż-żmien tal-Missjoni Mqaddsa, ta' l-eżerċizzi spiritwali, u ta' xi festi iktar solenni, u dan jgħodd ukoll għall-morda.

(g) Il-konfessuri, anke jekk ikunu reliġjużi, għandhom **jinformaw minnufih lill-kappillan** ta' min ikun marid gravament, jekk ikunu qarru lil dan il-marid (C R M 212).

129.

(a) Huwa rrikmandat li l-kappillani juru ħeġġa sabiex meta jkun il-waqt **it-tfal jiġu mħejjija** b'attenzjoni xierqa ħalli jersqu **għall-ewwel darba għas-sagrament tal-Qrar.** *129.*

(b) **Antequam ad primam communionem** *pueri* **admittantur,** *semel vel pluries iam ad sacramentum reconciliationis accessisse oportet, ad mentem canonis 914.*

130.

130. *Parochi atque divini verbi praecones fideles, tum publicis sermonibus tum etiam privatis monitionibus, excitent ad* **conscientiam saepe abluendam,** *praecipue vero ad praeceptum de annua confessione implendum de quo in canone 989, et ad solemniores festivitates cibo Eucharistic refecti dignius celebrandas.*

(a) Sciant christifideles **frequentem et diligentem usum** *Sacramenti Paenitentiae etiam remissionem venialii peccatorum valde utilem esse (Can. 988 par. 2). In hujusmodi confessionibus paenitentes dum de venialibus culpis se accusent, curent praesertim ut penitus Christo conformentur et Spiritus voci attentius obsequantur (O P 7b).*

(b) Cum **directio spiritualis** *valde conferre possit ad christianam formationem fidelium, summo honore haberi debet tum a clericis tum a laicis.*

131.

131. *Convenit ut saepe in ecclesiis paroecialibus habeatur* **celebratio paenitentialis,** *praesertim ubi plures paenitentes simul congregantur ad reconciliationem sacramentalem obtinendam, ut per celebrationem verbi Dei ad confessionem auricularem melius praeparentur. Eandem celebrationem participare possunt et alii fideles qui alio tempore ad sacramentum accedant (O P 22; I C 24/69).*

(b) Jeħtieġ li t-tfal ikunu resqu darba jew iktar minn darba għas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni **qabel ma jigu mħollija jagħmlu l-ewwel tqarbina tagħhom** kif jippreskrivi l-kanoni 914.

130.

130. Il-kappillani u l-predikaturi tal-kelma t'Alla, kemm fil-priedki għall-pubbliku, kif ukoll fit-twissijiet privati tagħhom, għandhom iħeġġu lill-insara sabiex **inaddfu ta' spiss il-kuxjenza tagħhom** qabel kollox sabiex iwettqu l-preċett tal-Qrara ta' kull sena imsemmi fil-kanoni 989 u biex bit-Tqarbina Ewkaristika li jagħmlu, jiċċelebraw b'mod l-iktar xieraq il-festi l-iktar solenni.

(a) L-Insara għandhom ikunu jafu li huma jafu li huwa utli ħafna s-Sagrament tal-Qrar, anke għall-maħfra tad-dnubiet venjali, li **wieħed jirċevih ta' spiss u kif jixraq** (kan. 988 par. 2). Fi qrariet bħal dawn, il-penitenti waqt li jakkużaw ruħhom mill-ħtijiet venjali, għandhom jieħdu ħsieb illi jsiru jixbhu iżjed mill-qrib lil Kristu u li jagħtu widen b'attenzjoni ikbar għal-leħen ta' l-Ispirtu Mqaddes (O P 7b).

(b) Kemm il-kjeriċi kif ukoll il-lajċi għandhom jgħożżu ħafna d-**direzzjoni spiritwali,** peress li din tista' tkun ta' għajnuna kbira għall-formazzjoni nisranija tagħhom.

131.

131. Huwa mixtieq li fil-knejjes parrokkjali tinżamm spiss iċ-**ċelebrazzjoni penitenzjali,** speċjalment fejn jinġabru flimkien ħafna penitenti sabiex jieħdu s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. Hekk permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-kelma t'Alla, jitħejjew għall-qrara awrikolari. F'din iċ-ċelebrazzjoni jistgħu jieħdu sehem ukoll l-Insara l-oħra li jkunu sejrin jersqu għall-qrar fi żmien ieħor (O P 22; I C 24/69).

132. *(a) Attento praescripto canonis 992 et sequentium, presbyteri et praesertim parochi edoceant fideles de* **Indulgentiarum natura et effectibus** *et de condicionibus ad eas lucrandas necessariis, eosque ad indulgentias lucrandas excitent.*

(b) **Confessarius commutare potest** *sive opus praescriptum ad lucrandas indulgentias sive conditiones pro iis qui, legitimo detenti impedimento, eadem praestare nequeunt. (Enchir. Indul. Normae et Concessiones, n. 34).*

D. DE UNCTIONE INFIRMORUM

133.

133. *(a)* **Unctio infirmorum,** *qua Ecclesia fideles periculose aegrotantes Domino patienti et glorificato, ut eos allevet et salvet, commendat, confertur eos liniendo oleo atque verba proferendo in liturgicis libris praescripta. (Can. 998).*

(b) Quamvis Unctio Unfirmorum per se non sit de nessitate medii ad salutem, satagendum est ut **fideles** *periculose aegrotantes* **hoc sacramentum recipiant.**

(c) In casu necessitatis, quilibet presbyter **oleum** *in Unctione Infirmorum adhibendum* **benedicere** *potest in ipsa tamen celebratione sacramenti (Can. 999 n. 2).*

(d) Unctiones infirmi, verbis, **ordine et modo praescriptis in probatis liturgicis libris,** *accurate peragantur; in casu tamen necessitatis sufficit unctio unica in fronte vel etiam in alia corporis parte, integra formula prolata (Can. 1000 par. 1).*

132.

(a) Kif jippreskrivu l-kanoni 992 u l-oħrajn ta' warajh, is-saċerdoti, *132.* speċjalment il-kappillani għandhom jgħallmu lill-Insara **x'inhuma l-Indulġenzi, x'effetti jħallu** u liema kundizzjonijiet huma meħtieġa sabiex jintrebħu, waqt li jħeġġu lill-istess Insara sabiex jirbħu dawn l-indulġenzi.

(b) **Il-konfessur jista' jbiddel** kemm l-għemil preskritt sabiex jintrebħu l-indulġenzi kif ukoll il-kundizzjonijiet fil-każ ta' dawk li ma jistgħux iwettquhom minħabba xi impediment leġittimu li jkollhom. (Enchiridiion Ind. Normae et Concessiones, n. 34).

D. IL-GRIŻMA TAL-MORDA

133.

(a) **Il-Griżma tal-Morda,** li biha l-Knisja tirrikmanda lill-Mulej *133.* l-insara li huma morda gravi, sabiex Huwa jfarraġhom u jsalvahom, tingħata billi jiġu midlukin biż-żejt filwaqt li jitlissnu l-kelmiet preskritti fil-kotba liturġiċi (kan. 998).

(b) Għad li l-**Griżma tal-Morda** mhux strettament meħtieġa b'neċessità ta' mezz għas-salvazzjoni, ta' min iħabrek biex **l-insara** li jkollhom marda gravi **jirċievu dan is-sagrament.**

(c) F'każ ta' bżonn kull saċerdot jista' **jbierek iż-żejt** li jintuża fiddilka tal-morda, iżda fl-istess ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament (kan. 999 par. 2).

(d) Id-dilkiet tal-marid għandhom isiru bir-reqqa skond **il-kliem, l-ordni, u l-mod preskritti fil-kotba liturġiċi approvati,** iżda f'każ ta' neċessità hija biżżejjed dilka waħda fuq il-ġbin, jew xi parti oħra tal-ġisem, filwaqt li tingħad il-formla sħiħa (kan. 1000 par.1)

134.

134. *(a)* **Officium et ius** *unctionem infirmorum* **ministrandi** *habent omnes sacerdotes, quibus demandata est cura animarum, erga fideles suo pastorali officio commissos; ex rationabili causa, quilibet alius sacerdos hoc sacramentum ministrare potest de consensu saltem praesumpto sacerdotis de quo supra (Can. 1003 p. 2).*

(b) Sacerdotes, praesertim parochi, nullam opportunam occasionem negligant ut fideles de **Unctione Infirmorum** *natura, gravitate et effectibus* **erudiant.** *Removeatur proinde funesta illa opinio hoc sacramentum esse imminentis mortis veluti indicium (S R 457).*

(c) In paroeciis, ad normam canonis 1002, **celebratio communis Unctionis Infirmorum,** *pro pluribus infirmis simul, peragi potest bis vel semel in anno, praemissa ttamen debita catechesi de natura et effectibus hujus sacramenti, et modo ipsi rationis usu adepti ob infirmitatem vel senium in periculo incipiant versari.*

135.

135. *(a) Curent praesertim animarum pastores et infirmorum propinqui ut* **tempore opportuno,** *hoc sacramento infirmi subleventur (Can. 1001).*

(b) Hoc sacramentum **iterari potest** *si infirmus, postquam convaluerit, denuo in gravem infirmitatem inciderit aut si, eadem infirmitate perdurante, discrimen gravius factus sit (Can. 1004 par. 4).*

(c) **In dubio** *utrum infirmus rationis usum attigerit, an periculose aegrotet vel mortuus sit, hoc sacramentum ministretur (Can. 1005).*

134.

(a) **Id-dmir u l-jedd li jamministraw** il-Griżma tal-Morda jmissu lis-saċerdoti kollha li għandhom il-kura ta' l-erwieħ rigward l-insara afdati lill-uffiċċju pastorali tagħhom; meta jkun hemm raġuni ġusta, kull saċerdot ieħor jista' jamministra dan is-sagrament, bil-kunsens għall-inqas preżunt, tas-saċerdot imsemmi fuq (kan. 1003 par. 2). *134.*

(b) Is-saċerdoti, u speċjalment il-kappillan, m'għandhom jitilfu ebda okkażjoni tajba sabiex **jgħallmu** lill-Insara dwar **in-natura, is-serjeta' u l-effetti tal-Griżma tal-Morda.** Għandha tigi mxejna, għax hija ta' ħsara, dik l-opinjoni li dan is-sagrament qisu sinjal ta' mewt fil-qrib (S R 457).

(c) Skond il-kanoni 1002, fil-parroċċi tista' ssir **iċ-ċelebrazzjoni komuni tal-Griżma tal-Morda** għal ħafna flimkien, darba jew darbtejn fis-sena, iżda qabel għandu jkun hemm katekeżi xierqa dwar in-natura u l-effetti ta' dan is-sagrament basta huma jkunu daħlu fl-użu tar-raġuni u minħabba l-mard jew ix-xjuħija tagħhom, ikun hemm bidu ta' periklu.

135

(a) B'mod partikulari, ir-raghajja ta' l-erwieħ u l-qraba tal-morda, għandhom jieħdu ħsieb sabiex il-morda jiġu mgħejjuna b'dan is-sagrament **fi żmien xieraq** (kan. 1001). *135.*

(b) Dan is-sagrament **jista' jingħata iktar minn darba** jekk il-marid, wara li jkun fieq, jerġa' jinħakem minn xi mard gravi, jew jekk matul l-istess marda ta' qabel, il-periklu jiggrava ruħu (kan. 1004 par. 4).

(c) **Fid-dubju** jekk il-marid wasalx għall-użu tar-raġuni, jekk il-marda li għandu hix gravi jew jekk hux diġa' mejjet, dan is-sagrament għandu jingħata (kan. 1005).

(d) **Infirmis qui**, *cum suae mentis compotes essent, hoc sacramentum* **implicite saltem petierint**, *conferatur (Can. 1006).*

(e) Unctio infirmorum **ne conferatur** *illis qui in manifesto gravi peccato obstinate perseverent (Can. 1007).*

136.

136. *(a)* **Aegroti** *costituunt partem paroeciae, quae in primis dilecta ac pretiosa parochis esse meretur ac zelo eorum pastorali commendata.*

(b) Expedit ut parochi **indicem** *habeant aegrotorum, qui in paroecia sunt, ut religionis auxilia iis ferri possint.*

(c) Ubi fieri potest et consentientibus familiaribus infirmi, saltem semel **Missa in earum domo** *laudabiliter celebratur, servatis tamen normis liturgicis.*

137.

137. *(a) Attento canone 527 par. 1, parochus saltem per alium sacerdotem morientes, donec animam expiraverint, auxiliis spiritualibus adiuvet. Curet etiam ut tempore opportuno sacra comunione per modum viatici illi reficiantur eosque licet sacramentis monitos ne deserat sed frequenter visitet.*

(b) Parochus vel alius sacerdos moribundo **Benedictionem Apostolicam** *cum indulgentia plenaria in articulo mortis impertiri ne omittat (C R M 219).*

(c) **Morientium preces** *lingua vernaculari ab aliquo sacerdote, religioso aut laico recitentur cum participatione adstantium et ipsius aegroti si fieri potest, cavendo tamen ne in precibus recitandis aliave causa aegrotus defatigetur.*

(d) Dan is-sagrament għandu **jingħata lil dawk il-morda** li, meta kien għadhom f'sensihom, **talbuh għall-inqas impliċitament** (kan. 1006).

(e) Il-Griżma tal-morda **m'għandhiex tingħata** lil dawk li jibqgħu ostinati fi dnub gravi u pubbliku (kan. 1007).

136.

(a) **Il-morda** jiffurmaw sezzjoni mill-parroċċa li jistħoqqilha tkun minn ta' quddiem fil-għożża, fl-istima u fiż-żelu tal-kappillani. *136.*

(b) Jaqbel li l-kappillani jkollhom **lista tal-morda** li jkun hemm fil-parroċċa biex ikunu jistgħu jagħtuhom l-għajnuniet tar-reliġjon.

(c) Fejn ikun possibbli u bi ftehim mal-familjari tal-marid, hija ħaġa ta' min ifaħħarha li tigi ċċelebrata almenu darba **l-quddiesa fid-dar tagħhom** basta jiġu mħarsa n-normi liturġiċi.

137.

(a) B'riferenza għall-kanoni 529 par.1, il-kappillan għall-inqas permezz ta' xi saċerdot ieħor, għandu jagħti għajnuna spiritwali lill-moribondi sakemm iħallu din id-dinja. Jieħu ħsieb ukoll li fi żmien opportun huma jirċievu t-tqarbin bi vjatku u għad li jkunu ħadu l-aħħar sagramenti, m'għandux jabbandunahom iżda jżurhom ta' spiss. *137.*

(b) Il-kappillan jew xi saċerdot ieħor, m'għandux jonqos li jagħti lill-moribond il-**benedizzjoni apostolika** bl-indulġenza plenarja fil-punt tal-mewt (C R M 219).

(c) **It-talb ta' l-agonizzanti** għandu jingħad bil-Malti minn xi saċerdot, reliġjuż jew sekular u jissieħbu miegħu dawk li jkunu preżenti kif ukoll il-marid, jekk jista' jkun, iżda wieħed irid joqgħod attent li ma jgħejjix lill-marid bir-reċita tat-talb jew b'xi mod ieħor.

(d) Laudatur ubi viget consuetudo **dandi signum campanae** *ut fideles pro agonizante orent (I C 19/68)*

E. DE ORDINE SACRO

138.

138. **Sacramento Ordinis** *de quo in canone 1008 constituuntur sacri ministri qui nempe consecrantur et deputantur ut, pro suo quisque gradu, in persona Christi Capitis, munera docendi, sanctificandi et regendi adimplentes, Dei populum pascant.*

139.

139. *(a) Ad Ordines* **promoveantur** *ii soli qui, prudenti iudicio Episcopi proprii aut Superioris maioris competentis, omnibus perpensis, integram habent fidem, recta moventur intentione, debita pollent scientia, bona gaudent existimatione, integris moribus probatisque virtutibus atque aliis qualitatibus physicis et psychicis Ordini recipiendo congruentibus sunt praediti. (Can. 1029)*

(b) Candidatus qui ad clerum dioecesanum pertinet, ut ad ordinem diaconatus aut presbyteratus promoveri possit, suo Episcopo **declarationem** *tradat propria manu exaratam et sub scriptam,* **qua testificetur** *se sponte ac* **libere sacrum ordinem suscepturum** *atque de ministerio ecclesiastico perpetuo mancipaturum esse, insimul petens ut ad ordinem recipiendum admittatur (Can. 1036)*

140.

140. *(a) Ad normam canonis 1034* **adscriptio inter candidatos ad diaconatum vel presbyteratum** *fit cum ritu liturgico admissionis, peragendo ab Episcopo dioecesano, nisi agatur de sodalibus Instituti vitae consecratae.*

(d) Fejn teżisti, hija ta' min ifaħħarha l-użanza li jingħata **sinjal bid-daqq tal-qniepen** sabiex l-insara jitolbu għal min ikun fl-agunija (I C 19/66).

E. L-ORDNI SAGRI

138.

Bis-sagrament ta' l-Ordni Sagri, imsemmi fil-kanoni 1008, isiru l-ministri sagri, jiġifieri dawk li jigu kkonsagrati u maħtura, sabiex kull wieħed skond il-grad tiegħu, f'isem Kristu li huwa r-Ras, jirgħa l-Poplu t'Alla billi jwettqu d-dmirijiet li jgħallmu, li jqaddsu u li jrieġu lill-oħrajn. *138.*

139.

(a) Għall-Ordni Sagri **jiġu promossi** dawk biss li skond il-ġudizzju prudenti ta' l-Isqof tagħhom jew tas-superjuri Maġġuri kompetenti, wara li jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha, ikollhom fidi integra, ikunu mmexxija minnn intenzjoni retta, jippossiedu x-xjenza meħtieġa, igawdu fama tajba u jkunu mżejnin b'integrità morali, b'virtujiet sodi, u b'dawk il-kwalitajiet l-oħra tal-ġisem u tal-moħħ, li jgħoddu għal min ikun ser jigi ordnat (kan. 1029). *139.*

(b) Sabiex ikun jista' jiġi promoss għall-Ordni tad-Djakonat u tal-Presbiterat, il-kandidat, jekk ikun mill-kleru Djoċesan, għandu jagħti lill-Isqof tiegħu, **dikjarazzjoni** miktuba u ffirmata mill-kandidat innifsu, li biha **jistqarr li huwa ser jirċievi l-Ordni Sagri** minn jeddu u liberament u li ser iħaddan għal dejjem il-ministeru ekkleżjastiku; u fl-istess waqt jitlob li jigi ammess biex jieħu dak l-Ordni (kan. 1036).

140.

(a) Skond il-kanoni 1034, l-askrizzjoni fost il-kandidati **għad-djakonat** jew għall-presbiterat, issir bir-rit liturġiku ta' l-ammissjoni, li jitmexxa mill-Isqof Djoċesan, ħlief fil-każ tal-membri ta' xi Istituti tal-ħajja Konsagrata. *140.*

(b) Candidatus ad Diaconatum, **ministeria Lectoris et Acolythi,** *nisi iam receperit, prius debet recipere et per congruum tempus exercere (Can. 1035 par. 1)*

(c) Attento canone 1037, promovendus ad presbyteratum, ad diaconalem ordinationem, candidatus, ne admittatur nisi ritu praescripto publica coram Deo et Ecclesia **obligationem caelibatus** *assumpserit, aut vota perpetua in Instituto Religioso emiserit.*

(d) Ingressus in **statum clericalem** et **incardinatio** *alicui dioecesi ipsa ordinatione Diaconali habentur (Can. 266 par. 1)*

(e) Firmo praescripto canonis 265, clerici debent **incardinari Ecclesiae particulari** *cuius servitio sese devovere intendunt sub auctoritate Episcopi Dioecesani.*

141.

141. Quoad **aetatem ordinandorum,** *intervallum inter ordinationes et curriculum studiorum observentur normae quae habentur in canonibus 1031, 1032, 1035.*

142.

142. Ad normam canonis 1040, a recipiendis ordinibus arcentur qui quovis **impedimento** *afficiuntur sive* **perpetuo,** *quod venit nomine irregularitatis, sive simplici; nullum autem impedimentum contrahitur nisi quod in canone 1041 et sequentibus contineatur.*

143.

143. (a) Promovendi ad Ordines, **examen subeant** *de nonnullis Sacrae Theologiae tractatibus coram examinatoribus a loci Ordinario designatis.*

(b) Jekk ma jkunx diġà rċevihom, il-kandidat għad-Djakonat għandu l-ewwel jieħu l-**ministeri ta' Lettur u ta' Akkolitu** u jeżerċitahom għal żmien xieraq (kan.1035 par.1).

(c) B'riferenza għall-kanoni 1037, il-kandidat li jkun ser ikompli għall-presbiterat m'għandux jiġi ammess għall-ordinazzjoni ta' djaknu, jekk ma jkunx impenja ruħu għall-**obbligu taċ-ċelibat** quddiem Alla u quddiem il-Knisja pubblikament, bir-rit preskritt, jew ikun għamel il-**voti perpetwi** f'istitut reliġjuż.

(d) Id-dħul fl-istat klerikali u l-**inkardinazzjoni** ma' xi djoċesi jseħħu fl-ordinazzjoni djakonali stess (kan. 266 par.1).

(e) Waqt li jiġi mħares dak li jippreskrivi l-kanoni 265, il-kjeriċi għandhom ikunu **nkardinati mal-Knisja partikulari** li għas-servizz tagħha jkunu se jiddedikaw ruħhom b'mod stabbli, taħt l-awtorità ta' l-Isqof Djoċesan.

141.

Rigward **l-età ta' l-ordinandi,** l-intervall bejn l-ordinazzjonijiet u l-kors ta' studju tagħhom, għandhom jiġu osservati n-normi li hemm fil-kanoni 1031, 1032, 1035. *141.*

142.

Skond il-kanoni 1040, ma jitħallewx jirċievu l-ordnijiet sagri dawk li għandhom xi **impediment perpetwu,** li jissejjaħ irregolarità jew xi impediment sempliċi. Barra mill-każijiet imsemmija fil-kanoni 1041 u ta' warajh, ma hemmx impedimenti oħra. *142.*

143.

(a) Dawk li se jersqu għall-Ordni Sagri, għandhom jagħmlu **l-eżami** dwar xi trattati tat-teoloġija sagra quddiem l-eżaminaturi maħtura mill-Ordinarju tal-post. *143.*

(b) *Promovendi vero ad presbyteratum coram sacerdote a loci Ordinario delegato* **examen** *quoque subeant* **circa missae rubricas** *et coerimonias quae habentur in Institutione Generali Missalis Romani (C R M 229).*

(c) **Nomina** *eorum qui ad sacros ordines sunt promovendi* **denuncianda** *sunt, quae denunciatio fiat per affixionem schedulae ad valvas Ecclesiae per spatium octo dierum.*

(d) *Christifideles obligatione tenentur* **impedimenta** *ad sacros ordines, si qua norint, Ordinario vel parocho ante ordinationem* **revelandi** *(Can. 1043).*

(e) *Omnes qui ad aliquem ordinem promovendi sunt,* **exercitiis spiritualibus vacent** *per quinque saltem dies, loco et modo ab Ordinario determinatis (Can. 1039).*

144.

144. *Quae tum de* **documentis** *requisitis ad sacram ordinationem ad normam canonis 1050, tum de* **scrutinio** *ante ordinationem iuxta praescriptum canonis 1051 praescribuntur, accuratae serventur.*

145.

145. (a) *Ad normam canonis 1053 par. 2, singuli ordinati accipiant ab Episcopo ordinante authenticum* **ordinationis** *receptae testimonium; qui, si ab Episcopo extraneo cum litteris dimissoriis promoti fuerint, illud proprio Ordinario exhibeant pro ordinationis adnotatione in speciali libro in archivo servando.*

(b) *Iuxta canonem 1054,* **notitia** *uniuscuiusque celebratae* **ordinationis** *transmittatur ad parochum loci baptismi, qui id adnotet in suo baptizatorum libro, ad normam canonis 535 par. 2.*

(b) Il-kandidati għall-presbiterat, quddiem saċerdot li jkun inkarigat mill-isqof għandhom jagħmlu wkoll **eżami dwar ir-rubriki u ċ-ċerimonji tal-quddiesa** li jinsabu fl-istruzzjonijiet ġenerali tal-Missal Ruman (C R M 229).

(c) Għandha ssir **tnedija bl-ismijiet** tal-kandidati għall-Ordni Sagri; dawn jiġu mnedija billi għal żmien tmint ijiem titwaħħal lista bl-ismijiet tagħhom ħdejn il-bibien tal-Knisja.

(d) L-Insara għandhom l-obbligu li jekk ikunu jafu b'xi **impedimenti għall-Ordni Sagri** jgħarrfu bihom lill-ordinarju jew lill-kappillan qabel l-Ordinazzjoni (kan. 1043).

(e) Dawk kollha li jkunu se jersqu għall-Ordinazzjoni għandhom jagħmlu **l-irtir spiritwali** għall-inqas għal ħamest ijiem fejn u kif jiddetermina l-Ordinarju (kan. 1039).

144.

Għandu jiġi mħares bir-reqqa dak li hemm preskritt fil-kanoni 1050 dwar id-**dokumenti** meħtieġa għall-ordinazzjoni sagra u fil-kanoni 1051 dwar l-iskrutinju qabel l-ordinazzjoni. *144.*

145.

(a) Skond il-kanoni 1053 par. 2, kull wieħed minn dawk li jiġu ordnati jirċievi minn għand l-isqof li jordnahom ċertifikat awtentiku **ta' l-ordinazzjoni** li jkun ħa; fil-każ ta' dawk li jiġu ordnati minn isqof barrani bl-ittri dimissorji, dan iċ-ċertifikat għandu jiġi ppreżentat lill-ordinarju tagħhom, sabiex l-ordinazzjoni tiġi mniżżla f'reġistru speċjali li jinżamm fl-arkivju. *145.*

(b) Kif jippreskrivi l-kanoni 1054, tintbagħat **nota ta' kull ordinazzjoni** li tkun saret lill-kappillan tal-post fejn saret il-magħmudija biex jirreġistraha fil-ktieb tal-magħmudija skond il-kanoni 535 par. 2.

146.

146. *Novensiles presbyteri,* **qua die primam missam celebrant** *curent ut omnia cum moderatione fiant et in pauperum* **iuvamen ac pro Seminario** *aliquid erogent.*

147.

147. *Sacerdotes* **diem anniversarium** *suae* **sacrae ordinationis** *quotannis pie memorare ne negligant, tum ad gratiam excitandum per manuum impositionem acceptam, tum ad gratias Deo agendas pro receptis beneficiis (CRM 231).*

F. DE MATRIMONIO

148.

148. *(a) Fideles praesertim nupturientes edoceantur* **de natura,** *sanctitate et proprietatibus* **sacramenti matrimonii** *de quibus in canone 1055 et sequentibus.*

Ad hunc finem commendantur praelectiones vulgo dictae "Ta' Kana"; qui hoc non fecerit, cursus substitutivos annuente parocho frequentet. Commendatur quoque cursus triennalis de quo in documento pastorali "Il-Familja Nisranija" fit sermo.

(b) Ad disciplinam matrimonialem rite servandam oportet ut animarum curatores **praescripta iuris canonici,** *quae in Libro IV, Titulo VII continentur, bene noscant et fideliter adimpleant.*

(c) Pastores animarum, curent ne desit **christifidelibus assistentia** *qua status matrimonialis in spiritu christiano servetur et in perfectione progrediatur attento praescripto canonis 1063.*

146.

Is-saċerdoti l-ġodda, fil-jum li fih jiċċelebraw **l-ewwel quddiesa,** *146.* għandhom jaraw li kollox isir bil-moderazzjoni u li jikkontribwixxu xi ħaġa għall-ħtiġijiet tal-foqra u għas-Seminarju.

147.

Is-saċerdoti m'għandhomx jonqsu li jfakkru ta' kull sena bid- *147.* devozzjoni, **jum l-anniversarju ta' l-ordinazzjoni sagra** tagħhom kemm sabiex iqanqlu fihom il-grazzja li ħadu bit-tqegħid ta' l-idejn kif ukoll sabiex iroddu ħajr lil Alla għall-ġid li rċievew minn għandu (C R M 231).

F. IŻ-ŻWIEĠ

148.

(a) L-Insara u speċjalment dawk li jkunu se jiżżewġu għandhom *148.* jiġu mgħallma dwar in-natura, il-qdusija u l-proprjetajiet **tas-sagrament taż-żwieġ** imsemmija fil-kanoni 1055 u li jiġi warajh.

Huma rrikmandati għal dan il-għan il-**korsijiet ta' Kana**; min ma jkunx attenda għalihom għandu jattendi għal xi korsijiet alternattivi bi ftehim mal-kappillan. Huwa rrikmandat ukoll il-kors ta' 3 snin imsemmi fid-Dokument Pastorali "Il-Familja Nisranija".

(b) Sabiex tiġi mħarsa sewwa d-dixxiplina taż-żwieġ, jeħtieġ li dawk li għandhom kura ta' l-erwieħ ikunu jafu tajjeb **dak li jippreskrivi d-Dritt Kanoniku** fir-IV Ktieb VII titlu u jwettquh fedelment.

(c) Ir-raġħajja ta' l-erwieħ, jieħdu ħsieb sabiex **lill-insara ma tonqoshomx l-għajnuna** li biha jgħixu fl-istat taż-żwieġ bi spirtu nisrani u jikbru fil-perfezzjoni, waqt li jiġi mħares il-kanoni 1063.

149. *(a) Nefas est parentibus filiorum nuptiis iniuste adversari, vel eorum* **libertatem** *laedere tum* **quoad statum coniugalem** *amplectendum tum quoad personas sibi eligendas (C R M 235/1). Eos tamen christiane moneant et adiuvent ut precibus et virtutis exercitatione ad Matrimonium se parent (S R 495/2).*

(b) Iuxta canonem 1072 curent animarum pastores a matrimonii celebratione avertere **iuvenes ante aetatem** *qua secundum regionis receptos mores matrimonium iniri solet.*

(c) Nitantur etiam ne nuptiae celebrentur a filiis familiae **rationabiliter invitis parentibus.**

(d) Parochus per se vel per alios **dissidia familiarum** *quantum fieri potest componere studeat, coniuges caritate et prudentia deterrens ne ad separationem deviant; qua forte peracta satagere ne omittat ut coniugalis consuetudo rursum instauretur (CRM 24).*

150. *(a) Parochi* **peractis investigationibus** *ad matrimonium celebrandum iuxta normas a Conferentia Episcopali statutas, acta omnia ad Curiam Dioecesanam mittant, cujus erit licentiam dare ad publicationes denuntiandas et ad matrimonium celebrandum (CRM 237).*

(b) **Contrahentes,** *tempore opportuno ante nuptias,* **parochum adeant** *qui ipsos docebit de documentis exhibendis et instituat de significatione matrimonii christiani deque munere coniugum ac parentum christianorum (Can. 1063 n. 1).*

149.

(a) Hija ħaġa ħażina li l-ġenituri jimponu jew jopponu inġustament iż-żwieġ ta' wliedhom jew li jfixklu l-libertà tagħhom kemm **dwar l-għażla ta' l-istat konjugali**, kif ukoll dwar l-għażla tal-persuni (C R M 235/1). Iżda huma għandhom iwissuhom u jgħinuhom bi spirtu nisrani sabiex iħejju ruħhom għaż-żwieġ bit-talb u bit-taħriġ tal-virtù (S R 495/2). *149.*

(b) Skond il-kanoni 1072, ir-ragħajja ta' l-erwieħ għandhom jieħdu ħsieb li jiddiswadu miċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ **liż-żgħażagħ qabel ma dawn ikollhom l-età** li fiha, skond id-drawwiet aċċettati tal-post, soltu jiġi ċċelebrat iż-żwieġ.

(c) Għandhom iwissu lill-ulied biex ma jiċċelebrawx iż-żwieġ tagħhom **meta l-ġenituri jkunu raġonevolment opposti għalih** (C R M 235/2).

(d) Il-kappillan innifsu jew permezz ta' persuni oħra, sakemm huwa possibbli, ifittex li jirranġa **t-tilwim fil-familji** filwaqt li bil-karità u bil-prudenza jiftaħ għajnejn il-miżżewġin sabiex ma jaslux għas-separazzjoni u jekk forsi din tkun ġrat, m'għandux jonqos li jħabrek sabiex bejniethom tinbeda mill-ġdid il-ħajja taż-żwieġ (C R M 247).

150.

(a) **Wara li jkun sar** bir-reqqa **l-istħarriġ** meħtieġ għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ skond in-normi mogħtija mill-Konferenza Episkopali, il-kappillani għandhom jibagħtu d-dokumenti kollha lill-Kurja Djoċesana, mnejn tingħata l-awtorizzazzjoni sabiex isiru t-tnedijiet u sabiex jiġi ċċelebrat iż-żwieġ (C R M 237). *150.*

(b) Fi żmien xieraq qabel iż-żwieġ, **dawk li jkunu se jtejġu għandhom imorru għand il-kappillan** li jinformahom dwar id-dokumenti li għandhom jippreżentaw u jagħtihom tagħlim dwar it-tifsira taż-żwieġ nisrani u dwar l-obbligi tal-miżżewġin u tal-ġenituri nsara (kan.1063 n.1).

(c) *Parochus aut sacerdos qui matrimonio assistit, consilio inito cum ipso parocho,* **curet de paranda celebratione matrimonii** *ad mentem canonis 1063 n. 3 ita ut dignitas sacramenti eluceat et coniuges ceterique adstantes actuose participent ritum sacrum.*

(d) *Serventur ritus praescripti necnon normae dioecesanae quoad locum, cantum, decorationes, photographias, etc.*

151.

151. (a) **Canonicae publicationes** *fiant iuxta modum a Conferentia Episcopali determinatum, servato praescripto canonis 1067.*

(b) *Ad normam canonis 1069 omnes fideles obligatione tenentur* **impedimenta matrimonialia,** *si quae norint, parocho vel loci Ordinario, ante matrimonium revelandi.*

152.

152. (a) *Ut ab* **impedimento disparitatis cultus** *detur dispensatio, requiritur ut impletae sint conditiones de quibus in canone 1125 et 1126.*

(b) *Quoad licentiam requisitam ad* **matrimonium mixtum** *et formam in eo adhibendam serventur praescripta canonum 1124 et sequentium.*

(c) *Ad mentem canonis 1128 animarum curatores satagant* **ne** *coniugi catholico et filiis e matrimonio mixto natis* **auxilium spirituale desit** *ad eorum officia conscientiae adimplenda.*

(c) Il-kappillan, jew bi ftehim mal-kappillan, is-saċerdot li jkun ser jassisti għaż-żwieġ, jieħu ħsieb li ssir preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ skond il-kanoni 1063 n.3 sabiex id-dinjità tas-sagrament tidher fis-sbuħija tagħha u sabiex jieħdu sehem attiv fir-rit sagru kemm l-għarajjes kif ukoll dawk li jkunu preżenti.

(d) Għandhom jiġu osservati r-riti preskritti kif ukoll id-direttivi djoċesani dwar post, kant, tiżjin, fotografiji, eċċ.

151.

(a) **It-tnidijiet** isiru skond kif tiddetermina l-Konferenza Episkopali, bi twettiq tal-kanoni 1067. *151.*

(b) Skond il-kanoni 1069, jekk ikunu jafu b'xi **impedimenti matrimonjali,** l-Insara huma fid-dmir li jgħarrfu bihom lill-kappillan jew lill-ordinarju tal-post, qabel iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

152.

(a) Sabiex tingħata dispensa mill-impediment tad-disparità tal-kult, jeħtieġ li jkunu twettqu l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kanoni 1125 u 1126. *152.*

(b) Rigward il-permess meħtieġ għaż-**żwieġ mist** u l-forma li tintuża fih, għandu jiġi osservat dak li jippreskrivu l-kanoni 1124 u l-kanoni l-oħra ta' warajh.

(c) Skond il-kanoni 1128, dawk li jieħdu ħsieb l-erwieħ għandhom iħabirku sabiex il-parti Kattolika u l-ulied li jitwieldu minn żwieġ mist **ma tkunx tonqoshom l-għajnuna spiritwali** meħtiega sabiex iwettqu d-dmirijiet tal-kuxjenza tagħhom.

153. *(a) Actum matrimonii celebrati parochus* **in matrimoniorum libro** *quamprimum describat, cum testium nominibus et aliis necessariis iuxta praescriptum canonis 1121 par. 1.*

(b) **Si alius sacerdos** *de licentia parochi vel loci Ordinarii matrimonio* **adstiterit**, *parochus id quoque cum eiusdem sacerdotis nomine in memorato libro adnotet, servato quoque praescripto canonis 1121 par. 2.*

(c) Ad normam canonis 1122 par. 1 matrimonium contractum adnotetur etiam **in regestis baptizatorum** *in quibus baptismus coniugum adscriptus est.*

(d) Si coniux matrimonium contraxerit non in paroecia in qua baptizatus est, parochus loci celebrationis **notitiam initi coniugii** *ad parochum loci collati baptismi quamprimum transmittat (Can. 1122 p. 2).*

(e) **Quoties matrimonium** *vel convalidatur pro foro externo, vel* **nullum declaratur** *a tribunali ecclesiastico, vel legitime praeterquam morte solvitur, parochus loci celebrationis matrimonii certior fieri debet, ut adnotatio in regestis matrimoniorum et baptizatorum rite fiat (Can. 1123).*

(f) Quando, celebrato matrimonio, ad aliam paroeciam contrahentes ituri sunt ad ibi commorandum, parochus hujus paroeciae notificandus est **de nova familia**.

153.

(a) Il-kappillan għandu jirreġistra mill-iktar fis l-att taż-żwieġ *153.* iċċelebrat **fil-ktieb taż-żwiġijiet** bl-ismijiet tax-xhieda u r-rekwiżiti l-oħra fit-termini tal-kanoni 1121 par. 1.

(b) **Jekk ikun assista għaż-żwieġ saċerdot ieħor** bil-permess tal-kappillan jew ta' l-Ordinarju tal-post, il-kappillan fil-ktieb imsemmi jinnota dan ukoll flimkien ma' l-isem ta' l-istess saċerdot waqt li jiġi mħares ukoll dak li jippreskrivi l-kanoni 1121 par. 2.

(c) Skond il-kanoni 1121 par. 1, iż-żwieġ iċċelebrat għandu jiġi mniżżel ukoll fil-**kotba tal-magħmudija**, li fihom tkun reġistrata l-magħmudija ta' dawk li jiżżewġu.

(d) Jekk xi wieħed mill-għarajjes jiċċelebra ż-żwieġ f'parroċċa differenti minn dik li ġie mgħammed fiha, il-kappillan tal-post fejn ikun sar iż-żwieġ għandu jibgħat mill-iktar fis **nota taż-żwieġ** iċċelebrat lill-kappillan tal-post fejn ingħatat il-magħmudija (kan. 1122 par. 2).

(e) Kull darba li żwieġ jiġi konvalidat għall-"foro" estern, jew jiġi **dikjarat null** minn tribunal ekkleżjastiku jew jiġi maħlul leġittimament barra mill-każ tal-mewt, il-kappillan tal-post fejn ġie ċċelebrat iż-żwieġ għandu jiġi mgħarraf sabiex dan jinkiteb kif inhu meħtieġ fir-reġistru taż-żwieġ u tal-magħmudija (kan. 1123).

(f) Meta jsir żwieġ u l-koppja miżżewġa tkun sejra toqgħod f'parroċċa differenti, il-kappillan ta' din il-parroċċa għandu jiġi informat b'din il-familja ġdida.

CAPUT XVI
DE CELEBRATIONE SACRAMENTALIUM

154.

154. (a) *Debito honore habeantur* **sacramentalia** *de quibus in canone 116, iisque utantur fideles summo fidei pietatisque studio quovis superstitionis periculo amoto.*

(b) In sacramentalibus conficiendis seu administrandis accurate **serventur ritus** *et formulae ab Ecclesiae auctoritate probata (Can. 1167 par. 2) et adhibendus liber benedictionum.*

(c) Ad mentem canonis 1170 benedictiones, imprimis impertiendae catholicis, **dari** *quoque* **possunt acatholicis** *nisi obstet Ecclesiae prohibitio.*

(d) Antequam quidquid benedicat, sacerdos a formulis et coerimoniis exorsus, fidelibus astantibus ejusdem **ritus, naturam et vim breviter explicet** *simulque indicet qua mente, iisdem interesse debeant. Edocendi sunt finem praecipuum benedictionum non esse res benedicendas sed personas quae iis rebus utantur.*

155.

155. **Feria Quarta Cinerum**, *in ecclesiis paroecialibus, ad missam, post Evangelium et homiliam, habeatur ritus in quo benedicuntur et imponuntur cineres facti de ramis olivarum vel aliarum arborum anno praecedenti benedictis. Benedictio et impositio cinerum fieri quoque potest in Prima Domenica Quadragesimae.*

156.

156. **Benedictio familiarum** *tempore paschali reservatur parocho, qui tamen alium sacerdotem delegare potest.*

KAPITLU XVI
IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SAGRAMENTALI

154.

(a) Għandhom jinżammu b'għożża xierqa s-**sagramentali** msemmija fil-kanoni 1166, u l-Insara għandhom jeħduhom bl-ikbar ħeġġa ta' fidi u ta' qima, filwaqt li jwarrbu kull periklu ta' superstizzjoni. *154.*

(b) Fiċ-ċelebrazzjoni u fl-amministrazzjoni tas-sagramentali għandhom jiġu **osservati** bir-reqqa r-**riti** u l-formli approvati mill-Awtorità tal-Knisja (kan. 1167 par. 2) u għandu jiġi wżat ukoll il-ktieb tal-barkiet.

(c) Skond il-kanoni 1170, it-tberik għandu jingħata l-ewwelnett lill-Kattoliċi; **jista' jingħata wkoll lil dawk li mhumiex Kattoliċi,** ħlief fil-każ meta jkun hemm projbizzjoni mill-Knisja.

(d) Qabel ma jbierek xi ħaġa, il-qassis waqt li jieħu l-ispirazzjoni mill-formli u miċ-ċerimonji, għandu jagħti tifsir fil-qosor lill-Insara preżenti, dwar **ir-rit, in-natura u l-effikaċja** ta' dik il-barka u jurihom ukoll b'liema dispożizzjonijiet għandhom jieħdu sehem fiċ-ċerimonja. Għandhom jiġu mgħallma li l-għan ewlieni tal-barkiet mhux l-oġġetti li jitbierku imma l-persuni li jużaw l-oġġett imbierek.

155.

Fl-Erbgħa ta' l-Irmied, fil-knejjes parrokkjali fil-quddiesa, wara l-Evanġelju u l-omelija għandu jsir ir-rit li fih jitbierek u jiġi mqiegħed l-irmied magħmul minn friegħi taż-żebbuġ jew ta' siġar oħra, imberkin fis-sena ta' qabel. It-tqegħid ta' l-irmied jista' jsir anke fl-ewwel Ħadd tar-Randan. *155.*

156.

It-tberik tal-familji fi żmien il-Għid huwa riservat lill-kappillan, li jista' però jiddelega saċerdot ieħor. *156.*

157.

In funeribus *ad normam canonis 1176 et sequentium peragendis,*
157. *quamvis cura sit ut ritus digne perficiatur, ab ornamentis nimis sumptuosis et nimio candelarum, florum ac sertorum numero abstineatur, sed potius operibus charitatis provideatur (S R 520/2).*

CAPUT XVII
DE SANCTIFICATIONE TEMPORIS

158.

In unaquaque hebdomada, die quam Dominicam vocavit, Ecclesia
158. *memoriam habet Resurrectionis Domini, quam semel etiam in anno solennitate maxima Paschatis, una cum beata ipsius Passione, frequentat (S. C. 102). Fidelibus proponatur et inculcetur* **dies dominica** *ut primordialis dies festus qua in unum congregati verbum Domini audiant et mysterium paschale participent (E M 25).*

(a) Die dominica aliisque diebus festis de praecepto, fideles **obligatione** *tenentur* **missam participandi** *(Can 1247).*

(b) Curent animarum pastores ne propter concessiomem adimplendi praeceptum participationis in Missa pridie festi, **sensus diei Dominicae** *aliquomodo obscuretur; quare sedulo doceant fideles de significationes huius concessionis, et functiones sacras, quae die dominica fieri solent, sine rationabili causa ne omittant.*

(c) Quoad fieri potest habenda est in paroeciis **functio liturgica vespertina**, *praesertim celebratio Eucharistica singulis diebus dominicis.*

157.

Il-funerali li għandhom jiġu ċċelebrati skond in-norma tal-kanoni 1176 u l-oħrajn li jiġu warajh, għad li għandu jittieħed ħsieb biex irrit jiġi ċċelebrat kif jixraq, għandhom jiġu evitati t-tiżjin li jiswa ħafna flus u l-għadd esaġerat ta' xemgħa, fjuri u kuruni, iżda wieħed għandu jaħseb iktar fl-opri tal-karità (S R 520/2). *157.*

KAPITLU XVII
IS-SANTIFIKAZZJONI TAŻ-ŻMIEN

158.

Ta' kull ġimgħa nhar ta' Ħadd il-Knisja tagħmel it-tifkira tal-Qawmien mill-Imwiet tal-Mulej, li flimkien mal-Passjoni Mqaddsa Tiegħu jiġi ċċelebrat ukoll darba fis-sena bl-ikbar festa ta' l-Għid (S.C. 102). Lill-Insara għandu jiġi mfisser u mtenni li Jum il-Ħadd huwa jum ta' festa importanti li fih huma jiltaqgħu flimkien sabiex jisimgħu l-Kelma ta'Alla u jieħdu sehem fil-Misteru ta' l-Għid (E M 25). *158.*

a) F'Jum il-Ħadd u fil-ġranet l-oħra li huma festi tal-preċett, l-Insara għandhom l-obbligu li jieħdu sehem fil-quddies (kan. 1247)

b) Ir-raġħajja ta' l-erwieħ għandhom jieħdu ħsieb li l-**Jum tal-Ħadd** ma jitlifx b'xi mod it-tifsira tiegħu minħabba l-fakultà li wieħed jissodisfa l-preċett billi jieħu sehem fil-quddiesa tal-jum ta' qabel; għaldaqstant huma għandhom jgħallmu bir-reqqa lill-insara xi tfisser dik il-fakultà u mingħajr raġuni ġusta ma għandhomx iħallu l-funzjonijiet sagri li soltu jsiru nhar ta' Ħadd.

c) Sa fejn ikun possibbli, kull nhar ta' Ħadd għandha tinżamm fil-parroċċa l-funzjoni liturġika ta' filgħaxija u speċjalment iċ-**ċelebrazzjoni Ewkaristika.**

(d) Attento canone 1174 par. 2, curent animarum pastores ut horae praecipuae, praesertim vesperae diebus dominicis vel saltem festis solemnioribus in ecclesia communiter celebrentur. Commendatur ut et ipsi **laici recitent Officium Divinum**, *vel cum sacerdotibus, vel inter se congregati, quin immo unusquisque solus (S. C. 100).*

(e) Hortandi sunt fideles ut diebus dominicis vacent **intensioribus precibus et charitatis operibus.**

159.

159. *Totum Christi Mysterium* **per anni circulum** *Ecclesia explicit, ab Incarnatione et Nativitate usque ad Ascensionem, ad diem Pentecostes et ad expectationem Adventus Domini (S. C. 102). Satagant parochi ut tales dies festi, maiori qua fieri potest solemnitate celebrentur atque in ecclesiis congrua confessariorum copia fidelibus praesto sit.*

(a) Donec Conferentia Episcoporum ad mentem canonis 1246 par 12 aliter decreverit, in nostra dioecesi, **dies festi de praecepto** *praeter dies dominicos sunt dies Natalis D.N.I.C., Solemnitas Maternitatis Divinae, Assumptionis B.V.M. in coelum.*

In die commemorationis adventus S. Pauli in has insulas, habetur tantum obligatio participandi in Sancta Missa (I C 138/78).

(b) **Dies festi de praecepto** *sicut dies Dominici distinguendi sunt a diebus ferialibus et in eis fideles tenentur etiam ad adstinendum ab operibus et negotiis de quibus in canone 1247, nempe ab illis quae cultum Deo reddendum, laetitiam diei Domini propriam aut debitam mentis ac corporis relaxationem impediant.*

(c) Si iusta adest **dispensationis causa** *propter quam die domenico operari liceat, convenit ut fideles consilium alicujus sacerdotis petant, et curabunt remoto scandalo saltem ut Missae sacrificium intersint.*

d) Fid-dawl tal-kanoni 1174 par. 2 , ir-raġħajja ta' l-erwieħ għandhom iħabirku sabiex fil-Ħdud jew għall-inqas fil-festi l-iktar solenni, il-liturġija tas-sigħat ewlenin, speċjalment il-Vespri, jiġu ċċelebrati mill-komunità fil-Knisja. Huwa rrikmandat li l-lajċi wkoll jirreċitaw l-Uffiċċju Divin mas-saċerdoti, jew imlaqqgħin flimkien inkella waħedhom (S C 100).

e) L-Insara għandhom jiġu mħeġġin sabiex fil-Ħdud jingħataw **għat-talb iktar bil-ħeġġa u għall-opri tal-karità.**

159.

Matul is-sena l-Knisja ġġedded it-tifkira tal-Misteru ta' Kristu *159.* kollu kemm hu, mill-Inkarnazzjoni u t-Twelid tiegħu sa l-Axxensjoni, il-Pentekoste u t-tħejjija ta' l-Avvent (S C 102). Il-kappillani għandhom jagħmlu ħilithom kollha sabiex dawn il-jiem ta' festa jiġu ċċelebrati bl-ikbar solennità possibbli u sabiex fil-knejjes ikun hemm għadd xieraq ta' konfessuri għall-kumdità ta' l-Insara.

a) Sakemm il-Konferenza Episkopali fit-termini tal-kanoni 1246 par. 2, ma tkunx iddeterminat xort'oħra, fid-djoċesi tagħna, il-**festi tal-preċett** minbarra l-Ħdud huma l-Milied, is-Solennità tal-Maternità Divina u l-Assunzjoni tal-Beata Marija fis-sema.

F'jum it-tifkira tal-miġja ta' San Pawl fil-gżejjer tagħna, **hemm biss l-obbligu** li wieħed jieħu sehem fil-quddiesa (I C 138/78)

b) Il-festi tal-preċett kif ukoll il-jum tal-Ħadd għandhom ikunu differenti mill-ġranet tax-xogħol u fihom l-Insara huma obbligati li ma jagħmlux il-ħidmiet u l-attivitajiet imsemmija fil-kanoni 1247, cioè dawk li jimpedixxu li tingħatta qima lil Alla, ifixklu l-ferħ proprju ta' Jum il-Mulej jew il-mistrieħ xieraq tal-moħħ u tal-ġisem.

c) Jekk ikun hemm **kawża ġusta għad-dispensa** u b'hekk ikun jista' jsir xogħol nhar ta' Ħadd, jixraq li l-insara jitolbu l-parir ta' xi saċerdot, u jfittxu li għall-inqas huma jieħdu sehem fis-sagrifiċċju tal-quddiesa u li jevitaw l-iskandlu.

160.

160. *Fideles a parochis, a concionatoribus, et a confessariis saepe edoceantur* **festorum solemnitatem et cultum** *non in profanis pompis consistere, sed easdem potissimum sacramentorum frequentia et sacrarum functionum adsistentia celebrandas esse, servatis normis de hac re in dioecesi vigentibus quae in documento pastorali "Is-Sens Nisrani tal-Festi" relatae sunt.*

161.

161. *Magno in honore sit devotio novendialis ante Nativitatem Domini et etiam antiqua ac veneranda* **praesepis consuetudo** *tempore nativitatis, in ecclesiis et domibus, ad fidelium et in primis puerorum pietatem fovendam (S. R. 642/2).*

162.

162. *(a)* **Quadragenarii ieiunii dies** *"tempus acceptabile" sint, quo christifideles studiosius curent ut meliorem vitam suam efficiant precibus, auditione verbi Dei, meditationibus, et poenitentiae observatione de qua in canone 1249.*

(b) Initio quadragesimae et Feria Sexta in Hebdomada Sancta servanda est **lex ieiunii et abstinentiae** *sicut ad mentem canonis 1253 pressius a Conferentia Episcopali Melitensi determinata est (cfr. A K E M n 4. p 9).*

(c) Commendatur ut fideles **tempore quadragesimali itineribus paenitentialibus** *partecipent quae in diocesi vel in eorum paroecia habentur.*

(d) **Abstinentia** *iuxta conferentiae episcopalis prescripta servetur singulis anni sextis feriis, nisi cum aliquo die inter solemnitates recensito occurrant (Can. 1251) (A K E M n 1. p 23).*

160.

L-Insara għandhom jiġu mgħallma ta' spiss mill-kappillan, mill- *160.*
predikaturi, u mill-konfessuri li **s-solennità u l-kult tal-festi** ma jikkonsistix fit-tlellix profan, iżda fuq kollox il-festi għandhom jiġu ċelebrati billi l-Insara jersqu lejn is-sagramenti u jkunu preżenti għall-funzjonijiet imqaddsa, kif ukoll billi jiġu osservati n-normi dwar din il-ħaġa li jeżistu fid-djoċesi u li huma mfissra fid-dokument Pastorali "Is-Sens Nisrani tal-Festi".

161.

Għandha tinżamm b'għożża kbira n-**Novena tal-Milied** kif ukoll *161.*
id-drawwa antika u sabiħa tal-presepju fi żmien il-Milied, fil-knejjes u fid-djar, sabiex toktor il-pjetà ta' l-Insara u speċjalment tat-tfal (S R 624/2).

162.

a) Il-jiem tar-Randan jeħtieġ li jkunu żmien tajjeb li fih l-Insara *162.*
b'ħeġġa ikbar mis-soltu jfittxu li jtejbu l-ħajja tagħhom bit-talb, bis-smiegħ tal-Kelma ta' Alla, bil-meditazzjoni u bl-osservanza tal-penitenza msemmija fil-kanoni 1249.

b) F'Ras ir-Randan u fil-Jum tal-Ġimgħa l-Kbira għandha tiġi osservata l-liġi tas-sawm u ta' l-astinenza, kif skond il-kanoni 1253 ġiet determinata iktar bir-reqqa mill-Konferenza Episkopali Maltija (ara: A K E M nru. 4, p. 9)

c) Huwa rrikmandat li fi żmien ir-Randan l-Insara jieħdu sehem f'pellegrinaġġi penitenzjali li jiġu organizzati kemm mid-djoċesi kif ukoll mill-parroċċi tagħhom.

d) Għandha tiġi osservata l-astinenza skond id-dispożizzjonijiet tal-Konferenza Episkopali Maltija fil-ġimgħat kollha tas-sena ħlief meta jaħbtu fil-jum li fih ikun hemm xi solennità (kan. 1251; ara A K E M n. 1, p. 23).

(e) Mitiorem hodiernam ieiunii et abstinentiae disciplinam christifideles ut suppleant invitentur voluntariis quidem **operibus**, *iuxta Ecclesiae usum quae dum aliquantum de ieiunii lege remittit, alia pia opera iubere solet (S. R. 625/2).*

163.

163. Parochi et concionatores **cultum Sanctissimae Trinitatis** *totis viribus promoveant. Festo praesertim Pentecostes de Spiritu Sancto, omnium sacrorum munerum datore fideles edocere ne omittant, ac in omnibus ecclesiis paroecialibus novendiales supplicationes ante festum Pentecostes quotannis fiant (C R M 300).*

164.

164. Promoveatur **cultus erga Sacratissimum Cor Jesu** *praesertim Missa et S. Communio Reparationis prima cuiusque mensis feria Sexta itemque mensis Iunii pium exercitium.*

Quotannis in festo SS. Cordis Jesu, sicut in festo Christi Regis, solemniter recitetur actus consacrationis generis humani (C R M 302; I C 170/80; 73/72).

165.

165. Servetur pia consuetudo, **singulis feriis sextis hora tertia** *postmeridiana, campanas pulsandi ut fideles ad Christi passionem recolendam excitentur.*

Eodem fine, in omnibus paroecialibus ecclesiis, praesertim quadragesimali tempore, Viae Crucis exercitium devote peragatur quo etiam fideles indulgentias lucrari possint.

e) Billi fi żmienna l-obbligu tas-sawm u ta' l-astinenza sar wisq eħfef minn qabel, l-Insara għandhom jiġu mħajrin sabiex ipattu għal dan billi **minn rajhom** jagħmlu penitenza, jitolbu u jwettqu **opri ta' karità,** skond id-drawwa tal-Knisja, li meta tnaqqas xi ħaġa milliġi tas-sawm, is-soltu tordna li jsiru opri tajba (S R 625/2)

163.

Il-kappillani u l-predikaturi għandhom b'ħilithom kollha jsaħħu l- *163.*
qima lejn is-Santissima Trinità. B'mod partikulari, fil-festa ta' Għid il-Ħamsin m'għandhomx jonqsu li jgħallmu lill-Insara dwar l-Ispirtu s-Santu li minnu ġejjin id-doni spiritwali kollha. Barra minn hekk, ta' kull sena f'kull knisja parrokkjali għandha ssir novena ta' talb qabel il-festa tal-Pentekoste (C R M 300).

164.

Għandha titħeġġeġ il-**qima lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Gesù** b' *164.*
mod partikulari bil-quddiesa flimkien mat-tqarbina ta' tpattija fl-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar, u d-devozzjonijiet tax-xahar ta' Ġunju.

Ta' kull sena fil-Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, kif ukoll fil-festa ta' Kristu Re, għandu jiġi reċitat b'mod solenni l-att ta' konsagrazzjoni tal-bnedmin (C R M 302; I C 173/80 ; 73/72)

165.

Għandha tinzamm id-drawwa għażiża li **fit-tlieta ta' wara nofs in-** *165.*
nhar ta' nhar ta' Ġimgħa, jindaqqu l-qniepen, sabiex l-Insara jitħajru ħalli jaħsbu fuq il-Passjoni ta' Kristu.

Għall-istess għan, fil-knejjes parrokkjali kollha, speċjalment matul ir-Randan, għandu jsir it-talb tal-Via Sagra, li biha l-Insara jistgħu jirbħu wkoll l-indulġenzi.

166. (a) *Provehantur cultus et* **devotio erga Deiparem Virginem,** *Eiusque Castissimum Sponsum et Ecclesiae Universalis Patronum S. Joseph, necnon erga Sanctos Insulae nostrae Patronos, atque uniusquisque ecclesiae titularem.*

(b) **Praxis** *quotidianae* **recitationis Angelus Domini** *vel Regina Coeli summo mane, meridie et vespere in honorem Deiparae Virginis foveatur.*

(c) *Hortandum est ut servetur consuetudo invitandi fideles* **signo campanae** *tempore recitationis "Angelus Domini" ad salutandam Beatam Mariam Virginem, necnon prima noctis hora ad implorandum pro defunctis requiem et singulis feriis quintis in memoria Institutionis Sanctissimae Eucharistiae ed ad precandum pro sacerdotibus.*

(d) *Excitentur fideles ut in Ecclesia vel domi Mariale* **Rosarium saepe recitent,** *quod salutis nostrae mysteriorum praeclara et dignissima meditationis formula est (I C 133/77).*

(e) *In qualibet paroecia, piae exercitationes, quae a* **mensibus Maio et Octobri,** *nomen habent, provehendae sunt (S R 538; I C 2/67) necnon devotio quindecim dierum ante sollemnitatem Assuptionis Beate Mariae Virginis.*

(f) *Commendatur ut durante anno permittentibus normis liturgicis sacerdotes celebrent* **missas** *ex illis quae collectae inveniuntur in missali* **de Beata Virgine Maria.**

a) **Il-qima u d-devozzjoni lejn il-Verġni Mqaddsa** u lejn l-Għarus kastissimu tagħha u Patrun tal-Knisja Universali San Ġużepp, kif ukoll lejn il-qaddisin protetturi ta' gżiritna u t-titulari ta' kull knisja għandhom jiġu mmexxija 'l quddiem. *166.*

b) Għandha titħeġġeġ id-drawwa li ta' kuljum filgħodu kmieni, f'nofs in-nhar u filgħaxija, jiġi reċitat l-**Angelus** jew ir-Regina Coeli biex jingħata ġieh lill-Verġni Omm Alla.

c) Ta' min jinkoraġġixxi li tinżamm il-konswetudni li l-Insara jiġu msejħin **bid-daqq tal-qniepen** fi-ħin ta' l-Angelus, isellmu lill-Imbierka Verġni Marija kif ukoll sabiex siegħa wara nżul ix-xemx jitolbu l-mistrieħ għall-mejtin u kull nhar ta' Ħamis biex jagħmlu talb għas-saċerdoti bħala tifkira tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija Mqaddsa.

d) L-insara għandhom jiġu mħeġġin sabiex fil-knisja jew fid-**dar tagħhom** jirreċitaw ta' spiss ir-Rużarju tal-Madonna, li huwa għamla eċċellenti u xierqa ħafna ta' meditazzjoni dwar il-misteri tas-salvazzjoni tagħna (I C 133/77.)

e) F'kull parroċċa għandhom jitmexxew 'il quddiem id-devozzjonijiet **konnessi max-xhur ta' Mejju u Ottubru** (S R 538; I C 2/67) kif ukoll il-kwindiċina ta' l-Assunta.

f) Huwa rrikmandat li matul is-sena , meta jippermettu n-normi liturġiċi, is-saċerdoti jiċċelebraw xi quddies minn dawk li huma miġburin fil-missal tal-quddies tal-Madonna.

SECTIO TERTIA
DE ANIMATIONE CHRISTIANA ET PROMOTIONE HUMANA

CAPUT XVIII
DE APOSTOLATUS OPERIBUS

167.

167. **Principia de apostolatu laicorum**, *de quibus in decreto "Apostolicam Auctuositatem" Concilii Vaticani II, servanda sunt praesertim ab eis qui vitam socialem, propter aliquam peculiarem responsabilitatem, participant: tales sunt v.g. magistri, sindicalistae, operatores in campo mediorum communicationis socialis.*

(a) **Christifideles** *omnes quippe qui Ecclesiae missionem participent, ius habent ut propriis quoque inceptis secundum suum quisque statum et conditionem, apostolicam actionem promoveant vel sustineant, (Can. 216) sive singuli sive in consociationibus coniuncti (Can. 225).*

(b) Attentis canonibus 216 et 300 nullum inceptum et nulla consociatio **nomen catholicum** *sibi vindicent, nisi consensus accesserit competentis auctoritatis ecclesiasticae.*

168.

168. Cum autem nostris diebus, **mulieres** *magis magisque partes activas habeant in tota societatis vita, amplior earum participatio in vita ecclesiali, in activitate liturgica et in variis campis apostolatus servatis legibus ecclesiasticis, agnoscenda et promovenda est (A A 9).*

IT-TIELET SEZZJONI
L-ANIMAZZJONI NISRANIJA U L-PROMOZZJONI UMANA

KAPITLU XVIII
L-OPRI TA' L-APOSTOLAT

167.

167. **Il-prinċipji dwar l-apostolat tal-lajċi**, li fuqhom jitkellem id-digriet "Apostolicam Actuositatem" tal-Konċilju Vatikan II, għandhom jiġu mħarsin, speċjalment minn dawk li jieħdu sehem fil-ħajja soċjali minħabba xi responsabbiltà partikulari tagħhom, bħalma huma per eżempju, l-għalliema, is-sindikalisti, u dawk li jaħdmu fil-qasam tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali.

a) Peress li għandhom sehem fil-missjoni tal-Knisja **l-Insara** kollha għandhom il-jedd skond l-istat u l-kundizzjoni ta' kull wieħed li jippromovu u jappoġġjaw l-attività apostolika anke b'inizjattivi proprji tagħhom (kan. 216), kemm bħala individwi kif ukoll organizzati f'għaqdiet (kan. 225).

b) B'osservanza tal-kanoni 216 u 300 l-ebda inizjattiva u l-ebda għaqda ma tista' **tissejjaħ kattolika** jekk ma jkunx hemm il-kunsens ta' l-awtorità ekkleżjastika kompetenti.

168.

168. Peress li fi żminijietna, **in-nisa** qed ikollhom parti attiva dejjem ikbar fil-ħajja kollha tas-soċjetà, għandu jiġi rikonoxxut u mogħti lilhom sehem iktar vast fil-ħajja ekkleżjali, fl-attività liturġika u fl-oqsma varji ta' l-apostolat, filwaqt li jiġu mħarsa l-liġijiet tal-Knisja (A A 9).

169. **Consociationes pro actionibus apostolatus** *communibus erectae, sua membra fulciunt et ad apostolatum formant, eorumque operam apostolicam recte disponunt et moderantur, ut multo uberiores exinde sperari liceat fructus quam si singuli seiunctim agant (A A 18).*

(a) Quoad consociationes tum publicas tum privatas **servandae sunt normae** *quae hebentur in canonibus 298 - 329.*

(b) Etsi integrum est christifidelibus ut libere condant atque moderentur consociationes ad fines caritatis vel pietatis (Can. 215), omnes sive publicae sive privatae, quocumque titulo seu nomine vocantur, sua habeant statuta (Can. 304 par. 1) atque subsunt vigilantiae **auctoritatis ecclesiasticae competentis** *(Can. 305 par. 1).*

(c) Christifideles sua nomina dent iis presertim **consociationibus** *quae a competenti auctoritate ecclesiastica aut erectae aut laudatae vel* **commendatae** *sint (Can. 298 par 2). Laici magni faciant tales consociationes (Can. 327).*

(d) Cuiuslibet consociationis publicae **statuta** *eorumque recognitio vel mutatio approbatione indigent auctoritatis ecclesiasticae (Can. 314).*

(e) Quaevis associatio catholica suum habeat Adsistentem Ecclesiasticum seu **spiritualem moderatorem** *ab Ordinario Loci designatum vel approbatum.*

(f) Convenit ut consociationes catholicae adprobatae quae habentur in paroecia suum habeant delegatum in consilio paroeciali et singulae ad hunc finem **selegant unum ex moderatoribus.**

L-għaqdiet imwaqqfin għall-ħidma apostolika ta' ħ afna flim- *169.*
kien, huma ta' għajnuna għall-membri tagħhom, iħejjuhom għall-apostolat, iqassmu sewwa u jmexxu l-ħidma apostolika tagħhom b'tali mod li jkun hemm tama ta' frott iktar kotran milli kieku kull wieħed jaħdem għal rasu. (A A 18).

a) Dwar l-assoċjazzjonijiet kemm pubbliċi kif ukoll privati għandhom jiġu mħarsa n-normi li hemm fil-kanoni 298-329.

b) Għad li l-Insara għandhom id-dritt li jwaqqfu u jmexxu liberament assoċjazzjonijiet għal skop ta' karità jew ta' pjetà (kan. 215), iżda kollha kemm huma, kemm pubbliċi kemm privati, jissejħu kif jissejħu, għandhom ikollhom l-istatut tagħhom (kan. 304 par. 1) u huma suġġetti għall-kontroll ta' l-awtorità ekkleżjastika kompetenti (305 par. 1).

c) L-Insara għandhom jinkitbu speċjalment f'dawk l-**assoċjazzjonijiet** li huma mwaqqfin mill-awtorità ekkleżjastika kompetenti jew li huma mfaħħrin jew rikmandati minnha (kan. 298 par. 2). Il-lajċi għandhom jagħtu importanza lil dawn l-assoċjazzjonijiet (kan. 327).

d) **L-istatuti** ta' kull għaqda pubblika, ir-reviżjoni u t-tibdil tagħhom jeħtieġ li jkollhom l-approvazzjoni ta' l-awtorità ekkleżjastika (Kan. 314)

e) Kull għaqda Kattolika għandu jkollha l-Assistent Ekkleżjastiku jew direttur spiritwali magħżul jew approvat mill-Ordinarju tal-post.

f) Jixraq illi l-għaqdiet Kattoliċi approvati li jkun hemm fil-parroċċa jkollhom rappreżentant fil-Kunsill Parrokkjali u kull għaqda għandha tibgħat biex jirrappreżentaha wieħed mill-aħjar diriġenti tagħha.

(g) Consociationes **aliis operibus christianis** *praesertim in eodem territorio existentibus libenter auxilio sint (Cfr. Can. 328) et cordi habeant incepta socialia.*

170.

170. (a) **Adsociationum catholicorum sodales** *exemplis christianae vitae perfulgeant, atque etiam apostolica navitate praestantes se exhibeant.*

(b) In associationibus catholicis imprimis vita christiana sodalium est perficienda et **formatio continuata** *eorum curanda.*

(c) In publicis christifidelium consociationibus quae directe ad apostolatum exercendum ordinatur moderatores ne ii sint qui in **factionibus politicis officium directionis** *adimplent (Can. 317 par 4).*

(d) Moderatores consociationum laicorum curent, ut sodales consociationis **ad apostolatum laicis proprium** exercendum debite **efformentur** *(Can 329) et haec preparatio a tenera quidem aetate inchoanda est presertim in sodalitatibus quae pueris atque adolescentibus destinatur.*

(e) Invitandi sunt socii, praecipue iuvenes ut quotannis in aliqua pia domo **exercitia spiritualia** *peragant.*

(f) Quotannis semel aut bis habeatur **adunatio omnium moderatorum** *tum in ambitu paroeciae tum etiam in ambitu dioecesano.*

g) L-għaqdiet għandhom jgħinu bil-qalb **l-opri nsara l-oħra** speċjalment dawk li jeżistu fl-istess territorju u jinteressaw ruħhom mill-ħidmiet soċjali (ara: kan. 328).

170.

a) Il-membri ta' l-għaqdiet kattoliċi għandhom jiddistingwu ruħhom bl-eżempju ta' ħajja Nisranija u jagħtu prova li huma mħeġġin fil-ħidma ta' l-apostolat. *170.*

b) Fuq kollox fl-għaqdiet Kattoliċi għandha tiġi mṣaħħa l-ħajja nisranija ta' l-imseħbin u għandu jittieħed ħsieb tal-**formazzjoni kontinwata** tagħhom.

c) Fl-assoċjazzjonijiet pubbliċi Nsara li għandhom bħala għan direttt tagħhom it-twettiq ta' l-apostolat ma għandhomx ikunu diriġenti dawk li għandhom **responsabbiltà tat-tmexxija fil-partiti politiċi** (kan. 317 par. 4).

d) Id-diriġenti ta' l-għaqdiet tal-lajċi jieħdu ħsieb li l-membri ta' l-għaqda tagħhom ikunu ffurmati kif jixraq biex iwettqu **apostolat speċifikament tal-lajċi** (kan. 329) u din it-tħejjija għandha tibda mis-snin bikrin speċjalment f'dawk l-għaqdiet li huma maħsubin għat-tfal u għall-adolexxenti.

e) Il-membri, b'mod partikulari ż-żgħażagħ għandhom jigu mħajrin sabiex ta' kull sena jagħmlu **rtir** f'xi dar tal-Knisja.

f) Darba jew darbtejn fis-sena tinżamm laqgħa tad-diriġenti kollha, kemm fuq livell parrokkjali, kif ukoll fuq livell djoċesan.

CAPUT XIX
DE OPERE VOCATIONALI

171.

171. **Opus fovendarum vocationum** *fines singularum paroeciarum, dioecesium, nationum, atque familiarum religiosarum dilatato corde transcendat oportet atque ad universalis Ecclesiae necessitates respicere debet (O T 2/5). Universae communitati christianae hoc officium incumbit (Can 233).*

(a) **Omnes christifideles** *vocationes sacerdotales, religiosas et missionales totis viribus promoveant sedulaque cura vocationes pro Institutis Saecularibus et pro apostolatu laicorum in terra Missionum foveant (Vide D P V).*

(b) **Magistri** *atque omnes qui puerorum juvenumque institutionem quovis modo curant, praecipue Consociationes Catholicae, adolescentes sibi concreditos ita excolere studeant ut vocationem divinam percipere et libenter sequi valeant (O T 2).*

(c) Omnes **sacerdotes** *et praesertim* **parochi** *zelum apostolicum in fovendis vocationibus quam maxime ostendant et propria ipsorum vita humili, operosa, laeto animo peracta, necnon mutua sacerdotali caritate et fraterna operae consortione, adoloscentium animos ad sacerdotium trahant (O T 2, 1).*

172.

172. *(a)* **Formae traditionales** *operum vocationum commendantur uti sunt instans oratio, christiana poenitentia necnon in dies altior christifidelium institutio, sive praedicatione et catechesi sive etiam variis communicationis socialis instrumentis impertienda.*

KAPITLU XIX
L-OPRA TAL-VOKAZZJONIJIET

171.

171. **Il-ħidma għall-vokazzjonijiet** jeħtieg li ssir b'ġenerożità hekk li tkun tħares iktar 'il bogħod mit-trufijiet ta' din jew dik il-parroċċa, djoċesi, nazzjon, jew familja reliġjuża, u tieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet tal-Knisja Universali (O T 2/5). Dan huwa dmir tal-komunità Nisranija kollha kemm hi. (kan. 233).

a) **L-Insara kollha** għandhom jippromovu bl-ikbar ħila l-vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji, u bi premura kbira, jinkoraġġixxu l-vokazzjonijiet għall-Istituti Sekulari u għall-apostolat tal-lajċi fl-art tal-missjoni (ara D P V).

b) **L-għalliema** u dawk kollha li b'xi mod għandhom f'idejhom il-formazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ, speċjalment l-għaqdiet kattoliċi, għandhom ifittxu li jedukaw iż-żgħażagħ afdati lilhom b'mod li dawn ikunu jistgħu jintebħu bis-sejħa ta' Alla u jsegwuha bil-qalb (OT 2).

c) **Is-saċerdoti** kollha u speċjalment **il-kappillani**, għandhom juru ħeġġa apostolika mill-ikbar fit-tħabrik għall-vokazzjonijiet, bl-istess ħajja tagħhom mgħoddija fl-umiltà, fil-bżulija u fil-ferħ, kif ukoll bl-imħabba ta' bejn is-saċerdoti għal xulxin u bil-ħidma tagħhom id f'id bħal aħwa, huma għandhom jiġbdu ż-żgħażagħ u jħajruhom għas-saċerdozju (O T 2, 1).

172.

172. a) Huma rrikmandati l-**għamliet tradizzjonali** tal-ħidmiet għall-vokazzjonijiet, bħal ma huma t-talb imħeġġeġ, il-penitenza nisranija, kif ukoll il-formazzjoni dejjem aħjar ta' l-Insara li tingħatalhom permezz tal-predikazzjoni, tal-katekeżi, u kull xorta ta' mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

(b) *Insuper* **Opera Vocationum** *secundum ad rem documenta, universam fovendarum vocationum pastoralem actionem, nullis opportunis auxiliis posthabitis quae hodiernae doctrinae psychologicae et sociologicae utiliter postulerint, metodice et cohaerenter disponant atque pari discretione ac zelo promoveantur (O T 2, 3; I C 154/79).*

(c) *In singulis paroeciis curet parochus ut instituatur coetus pro vocationibus* **(Grupp tal-Vokazzjonijiet)** *qui iuxta propria statuta regitur et unitis viribus cum moderatore vocationum dioecesano.*

173.

173. *Attento canone 219,* **moneantur parentes** *de gravi culpa quam incurrunt sive si impedimenta apponant filiis qui in statum ecclesiasticum inclinant, sive si importunis instantiis vel minis filios vocatione destitutos ad statum clericalem amplectendum cogant.*

CAPUT XX
DE ACTIONE SOCIALI

174.

174. *Ecclesia localis plene conscia vocationis hominis ad imaginem Dei creati et Christo redempti,* **veram libertatem et plenam humanae personae dignitatem** *incessanter quaerere ac sincero animo tueri oportet. Etenim ipsa Ecclesiae missio secumlert defensionem promotionemque dignitatis et iurium primariorum personae humanae (S E 1971, p. 14) necnon equilibrii ecologici.*

b) Barra minn hekk, għandhom jitmexxew 'il quddiem bil-għaqal u mhux b'inqas ħeġġa, skond id-dokumenti li hemm dwarhom, l-opri tal-vokazzjonijiet, hekk li dawn b'metodu xieraq iqassmu u jikkordinaw l-azzjoni pastorali kollha li ssir favur il-vokazzjonijiet, mingħajr ma jittraskuraw xejn mill-għajnuniet f'waqthom li jesiġu x-xjenzi moderni tal-psikoloġija, u tas-soċjoloġija, u li jistgħu jkunu ta' ġid (O T 2, 3; I C 154/79).

c) F'kull parroċċa l-kappillan jieħu ħsieb li jkun hemm il-grupp tal-vokazzjonijiet li jitmexxa skond l-istatut tiegħu u b'koperazzjoni mad-direttur djoċesan tal-vokazzjonijiet.

173.

Fid-dawl tal-kanoni 219, il-ġenituri għandhom jiġu mwissija dwar il-ħtija gravi li jitgħabbew biha, kemm jekk joħolqu tfixkil lil uliedhom li huma mħajrin għall-istat ekkleżjastiku, kif ukoll jekk lil ulied li m'għandhomx vokazzjoni iġegħluhom bl-insistenza żejda jew bil-pressjoni morali ħalli jħaddnu l-istat klerikali. *173.*

KAPITLU XX
L-AZZJONI SOĊJALI

174.

Jeħtieg li l-Knisja lokali filwaqt li tagħraf sewwa l-vokazzjoni tal-bniedem maħluq xbieha t'Alla u mifdi minn Kristu, tfittex bla heda u tiddefendi bis-sinċerità, **il-libertà vera u d-dinjità sħiħa tal-persuna umana.** Difatti, l-istess missjoni tal-knisja tesiġi dan il-ħarsien u l-promozzjoni tad-dinjità tal-persuna umana u kif ukoll tal-jeddijiet fundamentali tagħha (S E 1971 p. 14), kif ukoll ta' l-ekwilibriju ekoloġiku. *174.*

(a) Tota communitas christiana, in quantum talis, est **subiectum activum promotionis humanae** *salva tamen diversitate functionum pro episcopo, sacerdotibus, religiosis utriusque sexus et laicis.*

(b) **Christianae communitatis est** *adiuvante Spiritu Sancto,* ***discernere*** *- dum communione cum Episcopis, ad quos pertinet coniungitur et cum ceteris christianis fratribus et omnibus bonae voluntatis hominibus colloquia serit - quae viae ineantur et quae munia suscipiantur oporteat ad illas in rem socialem, politicam, oeconomicam inducendas mutationes, quae necessariae esse videntur, neque ullam moram saepe patiuntur (O A n. 4).*

(c) **Singuli christiani participare tenentur** *conatum quo genus humanum hominis conditionem promovere nititur, et utentes libertate in rebus civitatis terrenae quae omnibus civibus competit, curare ut suae actiones spiritu evangelico imbuantur iuxta praescripta canonis 227.*

175.

175. Ut instaurentur omnia in Christo, etiam in nostra dioecesi, **actio socialis** *a catholicis suscipiatur oportet haec sibi praecipue assequenda proponens:*

(a) Ut detur **opera sociali ordini condendo,** *iustitiae, caritatis et libertatis principiis accomodato, quae evangelicae legis fundamento nituntur atque ecclesiae doctrinae.*

(b) **Opificium dignitati consulatur,** *praesertim agricolarum piscatorumque, ut melioribus quam antea iidem condicionibus sive spiritualibus sive temporalibus tum moralibus cum oeconomicis uti possint.*

(a) Il-komunità Nisranija kollha kemm hi bħala tali, hija **s-suġġett attiv tal-promozzjoni umana** però għandha tiġi mħarsa d-diversità ta' ħidmiet bħal ma huma dawk ta' l-isqof, tas-saċerdoti, tar-reliġjużi rġiel u nisa u tal-lajċi.

(b) Il-komunità Nisranija hija msejħa sabiex filwaqt li żżomm l-għaqda ma' l-isqfijiet li tiddependi minnhom, u tidħol fi djalogu ma' l-aħwa l-oħra nsara u mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba, bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu **tagħmel dixxerniment** dwar it-toroq li għandha tagħżel u l-impenji li għandha tieħu sabiex jitwettqu dawk il-bidliet fil-qasam soċjali, politiku u ekonomiku li jinħassu bħala neċessarji u li ta' spiss ma jkunux jistgħu jitħallew għal iktar tard (O A n.4).

(c) **Kull wieħed mill-Insara għandu jieħu sehem** fit-tħabrik li bih il-ġens uman ifittex li jtejjeb il-qagħda tal-bniedem, u filwaqt li jużaw il-libertà fl-affarijiet temporali, li għaliha għandhom jedd iċ-ċittadini kollha, jieħu ħsieb li għemilhom ikun imqanqal mill-ispirtu evanġeliku, kif jippreskrivi l-kanoni 227.

175.

Sabiex kollox jiġġedded fi Kristu, anke fid-djoċesi tagħna, jeħtieġ li *175.*
l-Kattoliċi jindaħlu għall-azzjoni soċjali li għandu jkollha dawn l-għanijiet ewlenin:

(a) Għandu jsir tħabrik sabiex **jinbena ordni soċjali** li jkun jaqbel mal-prinċipji tal-ġustizzja, tal-karità u tal-libertà, li għandhom bħala pedament tagħhom il-liġi tal-Vanġelu u tat-tagħlim tal-Knisja.

(b) **Għandha tiġi mħarsa d-dinjità tal-ħaddiema,** speċjalment tal-bdiewa u s-sajjieda b'tali mod li huma jkunu jistgħu jgawdu minn kundizzjonijiet spiritwali, temporali, morali u ekonomiċi, aħjar milli kellhom qabel.

(c) **Exigentiis iustitiae** *praeprimis satisfiat, ne tamquam caritatis dona offerantur quae iustitiae titulo iam debentur (A A n. 8).*

(d) Omnis cujusvis ordinis cives **christiano sensu imbuantur,** *non modo de suis tantum iuribus, sed iuxta praescriptum canonis 223 par 1, etiam de officiis curando.*

176.

176. Magis in dies omnibus innotescat communitatis christianae genuina preocupatio quoad **plenam hominis liberationem** *ab omni restrictione inhumana opificium, a saevitiis eisdem illatis, a retributione injusta aut insufficienti atque ab illa dependentia quae operarium in quantum personam mortificat.*

(a) Renovata sensibilitate sociali, agnoscendi sunt **valores humani** *in motibus operariorum insiti et sicut convenit vocationi christianae satagendum est ut tales valores sub luce Christi puriores nobilioresque evadant. "Optandum usque est ut ex suorum collegiorum actione operarius non tantum plus "habere" sed ante omnia plus "esse" possit; valeat id est plenius perficere omni ex parte suam humanitatem" (L E 20).*

(b) Ex gravissimis catholicorum officiis ad rem socialem pertinentibus illud est, ut opportunis initis inceptis, opifices per **dies dominicos et festos necessaria quiete gaudeant;** *iis qui operibus-sunt addicti publicae utilitati necessariis saltem facultas est facienda ut diebus festis de praecepto, religionis officia obire queant (S R 666).*

(c) Għandhom jitwettqu qabel xejn **l-esigenzi tal-ġustizzja,** hekk li ma jingħatax bħala għotja tal-karità, dak li huwa diġà dovut b'titolu ta' ġustizzja (A A n. 8).

(d) Iċ-ċittadini kollha ta' kull klassi għandhom **ikollhom fihom l-ispirtu Nisrani** ħalli ma jfittxux biss id-drittijiet tagħhom, iżda kif jippreskrivi l-kanoni 223 par. 1, jieħdu ħsieb ukoll li jwettqu dmirijiethom.

176.

Għandu jsir magħruf dejjem iżjed minn kulħadd it-tħassib sinċier tal-komunità Nisranija dwar **il-liberazzjoni sħiħa tal-bniedem** minn kull kundizzjoni diżumana li jsibu ruħhom fiha n-nies tax-xogħol, mill-ħruxija li ssir magħhom, mill-ħlas inġust jew li mhux biżżejjed għall-għixien, kif ukoll minn dik is-suġġezzjoni li tbaxxi lill-ħaddiem bħala persuna. *176.*

(a) B'sensibilità soċjali ġdida, għandhom jiġu rikonoxxuti **l-valuri umani** li hemm fil-movimenti tal-ħaddiema u għandu jkun hemm tħabrik, kif jixraq lis-sejħa nisranija, sabiex dawn il-valuri jsiru iktar safja u nobbli fid-dawl ta' Kristu. "Ta' min jittama li bit-tħabrik ta' l-unions tagħhom, il-ħaddiema mhux biss ikollhom iktar imma fuq kollox ikunu dak li huma. Fi kliem ieħor, li l-ħaddiema jilħqu dejjem iktar u f'kollox il-milja tan-natura tagħhom ta' bnedmin li huma" (L E 20).

(b) Għandu jitqies bħala wieħed mid-dmirijiet l-iktar gravi tal-Kattoliċi li jirrigwardaw il-kwistjoni soċjali, dak li permezz ta' inizjattivi xierqa l-ħaddiema **jgawdu l-jedd għall-mistrieħ meħtieġ fil-Ħdud u fil-ġranet tal-festi;** dawk li huma impjegati f'servizzi neċessarji għall-utilità pubblika, għandhom ikollhom għall-inqas l-opportunità li jkunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom fil-festi tal-preċett (S R 666).

177.

177. **Valorizatio laboris agrestis,** *major participatio agricolarum in communitate ecclesiali et tutela jurium eorum qui in mundo rurali pauperiores sunt, indesinenter tamquam fines attingendi proponi oportet etiam mediante praesentia actuosa organizationum inspirationis christianae quae de necessitatibus et problematibus agricolarum sollicitae sunt.*

178.

178. *Diligens in eo collocetur opera, ut* **scholarum alumni variis** *artibus exercendis, vulgo "Skejjel tas-Snajja" tum etiam ii qui scholam agricolam frequentant juvenesque qui in aliqua activitate professionali formantur, iusta habeant religiosa auxilia iidem vitae christianae officiis erudiantur (S R 673/2).*

179.

179. *"Christus fuit coram contemporalibus suis fautorem* **dignitatis muleris"** *(M D 12) et Ecclesia proclamat liberationem authenticam illius.*

Satagendum enim erit ut humana promotio illius obtineatur in diversis vitae conditionibus nedum in ambitu familiae sed etiam in campo culturae, et in organizatione professionali, syndicatus et conviventiae civilis eo modo quo mulieres propriam partem responsabilitatis et participationis in vita communitaria societatis et etiam Ecclesiae habeant (S E 1971 -III).

180.

180. *Christiani opifices dum magni faciunt consociationes laudates in canone 327 agnoscant etiam adiutorium quod sibi provenire potest ex efficacibus collegiis operariorum vulgo* **"Trade Unions".**

177.

Il-valorizzazzjoni tax-xogħol tal-biedja, il-parteċipazzjoni dejjem iktar tal-bdiewa fil-komunità ekkleżjali u l-ħarsien tal-jeddijiet ta' dawk li huma l-iktar foqra fis-settur agrikolu għandhom jinżammu dejjem bħala objettivi ta' min jistinka għalihom, anke permezz talpreżenza attiva ta' organizzazzjonijiet b'ispirazzjoni nisranija li jinteressaw ruħhom mill-ħtiġijiet u mill-problemi tal-bdiewa. *177.*

178.

L-istudenti ta' l-iskejjel fejn jitħarrġu għal xi attività professjonali, magħrufin bħala skejjel tas-snajja' kif ukoll dawk ta' l-iskejjel talbiedja għandhom ikunu oġġett ta' ħidma ħabrieka u ż-żgħażagħ li qed jagħmlu xi taħriġ għandu jkollhom l-assistenza reliġjuża u għandha tingħatalhom formazzjoni rigward id-dmirijiet tal-ħajja Nisranija (S R 673/2). *178.*

179.

"Kristu quddiem in-nies ta' żminijietu, iddefenda d-**dinjità vera tal-mara**" (M D 12), u l-Knisja xxandar il-liberazzjoni awtentika tagħha. *179.*

Għalhekk għandu jkun hemm impenn għall-promozzjoni tagħha fiddiversi livelli tal-ħajja, mhux biss fil-ħdan tal-familja, iżda wkoll filqasam tal-kultura, u fl-organizzazzjoni professjonali kif ukoll florganizzazzjoni tat-trade unions u tar-relazzjonijiet ċivili, b'tali mod li n-nisa jkollhom is-sehem tagħhom ta' responsabbiltà u ta' parteċipazzjoni fil-ħajja komunitarja tas-soċjetà u anke tal-Knisja (S E 1971 - III).

180.

Il-ħaddiema Nsara, waqt li jkollhom stima għall-għaqdiet imsemmija fil-kan. 327, għandhom jirrikonoxxu wkoll l-għajnuna li jiksbu millgħaqdiet effiċjenti tal-ħaddiema, jiġifieri tat-**trade unions.** *180.*

(a) Consociationes et coetus oeconomicae vel sociali rei provehendae, **quae fatentur se pertinere ad inspirationem** *christianam, Ecclesiae auctoritatem et magisterium accipere debent, quoad omnes scilicet quaestiones, quae fidem moresque quomodolibet respiciunt (S R 667).*

(b) Sicut in praesens rerum adiuncta postulant, clerici itemque laici enixe monentur ut solliciti sint **de societatibus** *coeptisque ad socialem questionem* **solvendam constitutis** *operariosque adiuvandos ut legitimis mediis propria iura vindicent (S R 668/1).*

(c) **Sacerdotes** *huiusmodi consociationibus uti* **consiliarii** *atque educatores addicti, iuxta canonum 278 par. 3, vetantur administrativis vel oeconomicis muniis in iisdem fungi; eorum tamen est pervigili animo studere, ut iustitiae caritatisque serventur praecepta et normae (S R 668/2).*

CAPUT XXI
DE CHARITATIS OPERIBUS

181.

181. Sancta Ecclesia, omni tempore dilectionis signo dignoscitur et, dum gaudet de aliorum inceptis **charitatis opera** *ut suum officium et ius, quod abalienari nequit, vindicat. Quapropter misericordia erga egenos et infirmos atque sic dicta opera caritativa et mutui auxilii ad sublevandas omnimodas necessitates humanas, praecipuo in honore habentur ab Ecclesia (A A 8).*

(a) L-**assoċjazzjonijiet** u l-għaqdiet imwaqqfa bil-għan li jtejbu l-qagħda ekonomika jew soċjali, **li jistqarru li huma ta' ispirazzjoni Nisranija**, għandhom joqogħdu għall-awtorità u għall-maġisteru tal-knisja rigward il-kwistjonijiet kollha li b'mod jew ieħor għandhom x'jaqsmu mal-fidi u mal-morali (S R 667).

(b) Kif jesiġu ċ-ċirkustanzi ta' żminijietna, il-kjerċi u l-lajċi huma mwissija bil-ħerqa sabiex jieħdu interess f'dawk l-għaqdiet u f'dawk l-inizjattivi **mibdija bil-għan li jħollu l-kwistjoni soċjali** u li jgħinu lill-ħaddiema sabiex jiddefendu l-jeddijiet tagħhom b'mezzi leġittmi (S R 668/1).

(c) Għas-**saċerdoti** li jassistu dawn l-għaqdiet bħala konsulenti u edukaturi skond il-kanoni 278 par. 3, huwa pprojbit li jkollhom fihom responsabbiltà ta' amministrazzjoni jew ta' natura ekonomika, iżda d-dmir tagħhom hu li jħabirku b'ħilithom kollha sabiex jiġu mħarsin il-preċetti u n-normi tal-ġustizzja u tal-karità (S R 668/2).

KAPITLU XXI

L-OPRI TAL-KARITÀ

181.

Il-Knisja Mqaddsa, f'kull żmien tingħaraf minn dan issinjal ta' mħabba u waqt li tifraħ b'dak li jagħmlu l-oħrajn, hija ssostni li **l-opri tal-karità** huma **dmir u dritt** tagħha li minnhom ħadd ma jista' jċaħħadha. Għalhekk il-ħniena lejn il-fqar u lejn il-morda kif ukoll dawk li jissejħu opri ta' karità u ta' għajnuna lil xulxin, magħmula biex itaffu l-ħtiġijiet umani ta' kull għamla, huma miżmumin mill-Knisja bi stima partikulari (A A n.8). *181.*

182.

182. **Actio caritativa** *hodie omnes omnino homines et universas necessitates complecti potest et debet. Ubicumque versantur qui cibo, potuque, vestitu, domo, medicinis, opere, instructione, facultatibus ad vitam vere humanam ducendam necessariis carent, ibi eos christiana caritas debet quaerere et invenire, impensa cura solari et praestitis auxiliis sublevare (A A n. 8).*

(a) **Causae malorum**, *non solum effectus auferri oportet; itaque ordinatur auxilium ut accipientes paulatim a dependentia externa liberentur sibique sufficientes evadant (A A 8).*

(b) Communitas christiana cognoscere oportet exigentias in proprio ambienti presentes et formationem permanentem operatorum in campo sociali providere. Praeter plenam valorizationem institutionum catholicarum iam existentium spatium detur **novis formis voluntariatus**. *Actuositas quae gratuito praestatur a diversis individuis in servitium societatis meretur maiori aestimatione.*

183.

183. **Pauperes** *sint veluti centrum ad quod tendunt sollicitudo Ecclesiae localis ejusque pastoralis actio; immo non tantum pauperes omnis aevi sed etiam recentiores qui societate hodierna quotidie gignuntur uti homines variis de causis socialis vitae segreges, narcoticis addicti, senes, corpore vel mente invalidi ac coetus debiliorum voce carentium in societate aut propria iura tueri non valentium.*

(a) Sollicita sit **communitas ecclesialis** *ut tales pauperes reperiat, adiuvet, locumque ipsis debitum eorumque dignitatem tueatur in hominum consortione (O A n. 15).*

182.

L-azzjoni karitativa llum, tista' u għandha tħaddan il-bnedmin kollha fi kwalunkwe ħtieġa tagħhom. Kull fejn hemm min jeħtieġ l-ikel, ix-xorb, l-ilbies, id-dar, il-mediċini, ix-xogħol, it-tagħlim u l-mezzi neċessarji biex jgħix ħajja tabilħaqq umana, hemmhekk ukoll għandha tasal il-karità nisranija biex tfittex u ssib lil dawn kollha, issabbarhom b'ħerqa kbira u terfagħhom mill-qagħda mwiegħra tagħhom bl-għajnuniet li tagħtihom. (A A n.8). *182.*

(a) Hemm bżonn li jitneħħew mhux biss l-effetti iżda wkoll **il-kawżi tal-miżerja** u l-għajununa li tingħata għandha tkun imqassma b'mod li dawk li jirċevuha, pass wara l-ieħor jeħilsu mid-dipendenza ta' l-oħrajn u jsiru kapaċi jaħsbu għal rashom (A A n.8).

(b) Il-komunità Nisranija jeħtieġ illi tagħraf il-bżonnijiet li jeżistu fl-ambjent tagħha, u li tagħti formazzjoni permanenti lil dawk li jaħdmu fil-qasam soċjali. Barra milli jiġu valorizzati sewwa l-istituzzjonijiet Kattoliċi li diġà jeżistu, għandu jkun hemm post ukoll għall-**għamliet ġodda ta' volontarjat.** Ix-xogħol volontarju magħmul minn diversi individwi b'servizz għas-soċjetà jistħoqqlu jkun apprezzat aktar.

183.

Il-foqra għandhom ikunu fil-qalba ta' l-attenzjoni tal-Knisja lokali u ta' l-azzjoni pastorali tagħha; mhux biss il-foqra ta' kull żmien, iżda wkoll il-foqra ġodda li tipproduċi kontinwament is-soċjetà tal-lum, bħal ma huma bnedmin emarġinati mill-ħajja soċjali minħabba diversi kawżi, id-drogati, l-anzjani, l-inkapaċitati fil-moħħ jew fil-ġisem, u l-kategoriji ta' dawk li huma l-iktar dgħajfa għaliex ma għandhomx saħħa biex jiddefendu jeddijiethom. *183.*

(a) **Il-komunità ekkleżjali** għandha tagħmel ħilitha sabiex issib lil dawn il-foqra, tagħtihom għajnuna u tiddefendi l-post li jmiss lilhom u d-dinjità tagħhom fis-soċjetà tal-bnedmin (O A n. 15).

(b) Iis praecipue subveniendum est, qui **in gravioribus** *versantur sive propriis sive domesticis sive publicis* **calamitatibus**. *Quam maxime ergo opera fovenda sunt, quae iisdem auxiliandis ineuntur.*

(c) Convenit ut pro omni paroecia conficiatur **elencus egenorum** *seu matricola pauperum sicut in primordiis Ecclesiae fieri solebat. Talis elenchus a parocho redigi debet, auditis prudentioribus suae paroeciae fidelibus et sub secreto servandus est.*

(d) **Orphanatrophia** *quae ab auctoritate ecclesiastica dependent erunt sub ductu officii Promotionis Humanae Dioecesani seu "Charitatis Dioecesanae" et reguntur normis ab episcopo approbatis.*

(e) Christifideles, data opera, largitisque pecuniis, efficiant ut **incepta erga pauperes** *egentesque floreant, ea praesertim quae in dioecesi et paroeciis suscipiuntur (Can. 222).*

184.

*184. Quolibet anno, mense Novembri celebretur in dioecesi "***Dies Caritatis***" ut christifideles magis conscii fiant de obligatione subveniendi fratribus indigentibus. In omnibus ecclesiis, hac occasione stips pro operibus caritatis colligenda est, et ad officium Promotionis Humanae dioecesanum transmittenda.*

185.

*185. Optandum est ut in singulis paroeciis quotannis fiat sic dicta "***Missa Generositatis***" in qua simul cum oblationibus panis et vini offerentur a populo alia utilia quae postea orphanatrophiis et pauperibus distribuuntur.*

(b) L-għajnuna għandha tingħata qabel xejn lil dawk li jinsabu **f'xi hemm gravi,** sewwa persunali, kif ukoll domestiku jew pubbliku. Għalhekk għandu jingħata l-iktar appoġġ lil dawk il-ħidmiet li jsiru sabiex jgħinu lil dawn in-nies.

(c) Jixraq illi għal kull parroċċa ssir **lista tal-foqra** jew 'matricola pauperum' bħalma kien soltu jsir fl-ewwel żminijiet tal-Knisja. Din il-lista għandu jagħmilha l-kappillan, f'konsultazzjoniu ma' xi Nsara mill-iktar għaqlin tal-parroċċa tiegħu u għandha tibqa' kunfidenzjali.

(d) **Id-djar tat-tfal** li jiddependu mill-awtorità ekkleżjastika jkunu taħt il-kontroll ta' l-Uffiċċju Djoċesan tal-Promozzjoni Umana jew tal-Caritas Djoċesana u jitmexxew skond ir-regolamenti approvati mill-Isqof.

(e) L-Insara, bit-tħabrik tagħhom u bl-offerti ta' flus, għandhom jikkontribwixxu sabiex jissaħħu **l-ħidmiet b'risq il-foqra** u dawk li huma fil-bżonn, speċjalment dawk il-ħidmiet li huma f'idejn id-djoċesi jew il-parroċċa (kan. 222).

184.

Ta' kull sena fix-xahar ta' Novembru, għandha tiġi ċċelebrata fid- *184.*
Djoċesi, **il-Ġurnata tal-Karità** sabiex l-Insara jagħrfu aħjar id-dmir li jgħinu lil ħuthom fil-bżonn. Fil-knejjes kollha, f'din l-okkażjoni għandha ssir ġabra għall-opri tal-karità, u tintbagħat lill-Uffiċċju Djoċesan tal-Promozzjoni Umana.

185.

Huwa mixtieq li fil-parroċċi kollha ssir ta' kull sena dik li tissejjaħ *185.*
il-Quddiesa tal-Ġenerożità u li fiha flimkien ma' l-offerti tal-ħobż u ta' l-inbid, jingħataw mill-poplu għotjiet oħrajn ta' ħtieġa li wara jiġu mqassmin lid-djar tat-tfal u lill-fqar.

CAPUT XXII
DE EDUCATIONE PUERORUM JUVENUMQUE

186.

186. **Munus juventutis christianae educandae,** *quod imprimis parentibus, pastoribus et educatoribus incumbit eo gravius instantius ac difficilius evadit quo magis crebrescunt pericula spiritualia huius temporis.*

(a) Munus educativum, **totae communitati paroeciali competit,** *id est sacerdotibus, religiosis utriusque sexus laicisque, unitis viribus. Paroecia tamen in tali munere perficiendo non debet operam familiae substituere sed illam potius supplere (S D M 235).*

(b) Omnibus notum sit illud quod de educatione catholica in canonibus 793 - 821, et de munere educativo familiae in Documento **"Il-Familja Nisranija"** *adsertum est (n. 50 - 79).*

187.

187. Faveant christifideles scholis catholicis de quibus in canone 803. **Schola** *enim* **catholica** *dum progredientibus aetatis conditionibus sicut oportet se aperit, suos alumnos ad civitatis terrestris bonum provehendum educat et ad servitium pro Regno Dei dilatando praeparat, ut exemplaris et apostolicae vitae exercitio salutare veluti fermentum humanae communitatis efficiantur (G E 8).*

188.

188. (a) Etsi opiniones aliorum obsequentes, ubicumque operam suam explent, **docentes catholici** *iuxta praescriptum canonis 796 par. 2, cum parentibus collaborent et testimonium propriae fidei maturitatis, tempestiva ac resoluta actione praebeant, tum in vita personali tum in coetibus coadunati (S D M 272).*

KAPITLU XXII
L-EDUKAZZJONI TAT-TFAL u TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

186.

Id-dmir ta' l-edukazzjoni Nisranija taż-żgħażagħ, li jobbliga l-ewwelnett lill-ġenituri, lir-raġħajja ta' l-erwieħ, u lill-edukaturi, isir dejjem iktar gravi u urġenti u diffiċli iktar ma joktru l-perikli spiritwali ta' żminijietna. *186.*

(a) **Il-komunità parrokkjali kollha,** jiġifieri s-saċerdoti, ir-reliġjużi rġiel u nisa u l-lajċi f'kollaborazzjoni bejniethom għandhom id-dmir tal-ħidma edukattiva. Madankollu, il-parroċċa hija u twettaq dan id-dmir, m'għandhiex tidħol minflok il-familja, imma pjuttost tissuplixxi għaliha (S D M 253).

(b) Għandu jkun magħruf minn kulħadd dak li hemm dwar l-edukazzjoni Kattolika fil-kanoni 793-821 kif ukoll it-tifsir dwar il-missjoni edukattiva tal-familja, li hemm fid- Dokument Pastorali, **"Il-Familja Nisranija"** (n. 50-79).

187.

L-Insara għandhom jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-iskejjel Kattoliċi li dwarhom jitkellem il-kanoni 803. **L-Iskola Kattolika** waqt li timxi kif jixraq mal-progress ta' żmienna, u teduka lill-istudenti tagħha sabiex jaħdmu għall-ġid ta' pajjiżhom, tħejjihom ukoll sabiex jagħtu s-sehem tagħhom għat-tixrid tas-saltna t'Alla, bil-għan li jsiru bħal ħmira ta' fidwa, fil-Komunità Nisranija, billi jgħixu ħajja eżemplari u apostolika (G E n.8). *187.*

188.

(a) **L-għalliema Nsara,** kull fejn iwettqu l-ħidma tagħhom, għad li jirrispettaw l-opinjonijiet ta' l-oħrajn, skond kif jippreskrivi l-kanoni 796 par. 2, għandhom jikkollaboraw mal-ġenituri u bl-azzjoni tagħhom f'waqtha u riżoluta, jagħtu xhieda ta' maturità tal-fidi kemm fil-ħajja tagħhom persunali kif ukoll fl-għaqdiet li jkunu msieħba fihom (S D M 272). *188.*

(b) Communitas Catholica simul cum **docentibus christianis** *satagere debet ne alumni aliarum scholarum non catholicarum careant adiutorio spirituali curaque pastorali quibus illi indigent iuxta aetatem et conditionem eorum.*

(c) Educatores et **praeceptores christiani inter se congredi oportet** *et cum alius alios quid utile in educandis pueris expertus sit, docuerit, opera et cura uniuscujusque multo valentior evadat (S R 305). Congressus hujus generis in nostra dioecesi possibiliter saltem in anno habeatur.*

189.

189. (a) Scholae catholicae quae moderantur sive a clero dioecesano sive a religiosis in munere educativo obeundo **tenentur normis quae ab Ordinario dioecesano eduntur** *iuxta canonem 806 par 1. Ad eumdem, quotannis de statu scholae suae relationem scriptam moderatores mittant.*

(b) Attento canone 806 par 2, omnes **docentes**, *qui* **in scholis catholicis** *operam suam praestant ad munus suum obeundum modo convenienti exigentiis societatis hodiernae parati sint oportet; tum sub aspectu spirituali et morali, tum etiam sub aspectu culturali et paedagogico. Muniti esse debent gradu studiorum et competentia quae non sunt inferiores illis quae habent docentes aliarum scholarum.*

CAPUT XXIII
DE ACTIVITATIBUS CULTURALIBUS

190.

190. (a) Ad promotionem humanam magnopere confert **actuositas favens inceptis culturalibus** *convenientibus bono iuvenum et aliorum membrorum communitatis.*

(b) Il-komunità Kattolika, inklużi l-**għalliema Nsara,** għandhom jieħdu ħsieb biex lill-istudenti fi skejjel oħra, differenti minn dawk kattoliċi, ma tkunx tonqoshom l-għajnuna spiritwali u l-kura pastorali li jeħtieġu fl-età u fil-kundizzjoni tagħhom.

(c) Jeħtieġ li l-edukaturi u **l-għalliema Nsara jkollhom laqgħat flimkien** sabiex bil-bdil ta' l-esperjenzi tagħhom fil-kamp ta' l-edukazzjoni, il-ħidma u l-impenn ta' kull wieħed minnhom jissaħħu dejjem iktar (S R 305). Fid-djoċesi tagħna, possibilment darba fissena, għandu jsir seminar ta' din il-għamla.

189.

(a) L-iskejjel kattoliċi li huma mmexxijin mill-kleru djoċesan jew mir-reliġjuzi, fit-twettiq tal-ħidma edukattiva tagħhom għandhom joqogħdu għad-**direttivi li jingħataw mill-ordinarju djoċesan** skond il-kanoni 806 par. 1. Id-diretturi għandhom jibagħtulu ta' kull sena relazzjoni bil-miktub dwar l-istat ta' l-iskola tagħhom. *189.*

(b) B'osservanza tal-kanoni 806 par. 2, **l-għalliema** kollha li jagħtu s-servizz tagħhom **fl-iskejjel kattoliċi** jeħtieġ li jkunu ffurmati ħalli jwettqu dmirhom kif jixraq skond l-esigenzi tas-soċjetà tallum, kemm mill-aspett spiritwali u morali kif ukoll mill-aspett kulturali u pedagoġiku. Għandu jkollhom livell jew standard ta' studju li jikkompara tajjeb ma' dak ta' teachers ta' l-iskejjel l-oħra.

KAPITLU XXIII
ATTIVITAJIET KULTURALI

190.

(a) **Il-ħidma b'risq l-inizjattivi kulturali** li jwasslu għall-ġid taż-żgħażagħ u l-membri l-oħra tal-komunità hija kontribut kbir għall-promozzjoni umana. *190.*

(b) Oportet promovere et diffundere **culturam atque humanitatem** *quibus hominis persona excolatur et ad suae quisque vitae munera societatisque sustinenda fit aptior (S R 685/2).*

191.

191. Praeter activitates in ambitu diocesano, **paroecia** *munus suum culturale explet tum ope propriarum structurarum tum mediantibus aliquibus associationis formis, quae ab ecclesiastica auctoritate recognitae sunt. Recolendae sunt etiam normae quae in Documento "Il-Pastorali mal-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ" habentur.*

192.

192. Ut patet ex experientia, instrumentum adhuc validum quo paroecia activitates formativas et culturales peragere potest, est **Centrum Paroeciale** *quod tamen incessanter adaugeri indiget modo adequato evolutioni contextus educativi et socialis.*

(a) Responsabilitas centrum paroeciale suscitandi ac bene moderandi parocho incumbit, consilio paroeciali tamen coadiuvato. **In directione centri** *parochus potest adiutorio aliorum sacerdotum vel laicorum frui.*

(b) Centra paroecialia **statuta** *propria habeant, quae ab Ordinario adprobari debent (AKDG n. 98 fol 1500-1502).*

(c) Inter diversas activitates, quae a centro paroeciali exequi possunt, sequentes commendantur:

(i) Catechesis parvulorum et adultorum;
(ii) Preces communitariae, praesertim in coetibus;
(iii) Activitates educativae ad formationem continuam pro variis categoriis hominum;

(b) Jeħtieġ li jikbru u jinfirxu **l-kultura u l-attivitajiet umanitarji** li bihom tiżviluppa l-persuna tal-bniedem u kull wieħed isir aktar adattat biex iwettaq dmirijietu fil-ħajja u fis-soċjetà (S R 685/2).

191.

191. Barra mill-attivitajiet fuq bażi djoċesana, **il-parroċċa** twettaq il-missjoni kulturali tagħha bl-istrutturi proprji tagħha kif ukoll permezz ta' xi għamliet ta' assoċjazzjonijiet, li hemm approvati mill-awtorità ekkleżjastika. Ta' min ifakkar ukoll fid-direttivi li hemm fid-dokument pastorali, "Il-Pastorali ma' l-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ".

192.

192. Kif jirriżulta mill-esperjenza, **iċ-ċentru parrokkjali** għadu strument validu li permezz tiegħu l-parroċċa tkun tista' twettaq attivitajiet formattivi u kulturali; iżda jeħtieġ li dan ikun aġġornat bla waqfien skond it-tibdil tal-kuntest edukattiv u soċjali.

(a) **Il-kappillan**, mgħejjun però mill-kunsill parrokkjali, għandu r-responsabbiltà li jwaqqaf u jmexxi sewwa ċ-ċentri parrokkjali. Fit-tmexxija taċ-ċentru huwa jista' jinqeda bl-għajnuna ta' xi saċerdoti jew lajċi.

(b) Iċ-ċentri parrokkjali għandhom ikollhom **l-istatuti tagħhom,** li għandhom ikunu approvati mill-Ordinarju (Ara A K D G n. 98, 1500-1502).

(c) Fost id-diversi ħidmiet li jistgħu jitwettqu miċ-ċentru parrokkjali, huma rrikmandati dawn li ġejjin:-

i) il-katekesi taż-żgħar u tal-kbar;
ii) it-talb komunitarju, speċjalment fi gruppi;
iii) L-attivitajiet edukattivi għall-formazzjoni kontinwata ta' diversi kategoriji ta' nies;

(iv) Incepta naturae socialis ad egenos et emarginatos sublevandos;
(v) Incepta culturalia;
(vi) Exercitia lusoria vel activitas athletica vulgo "sport";
(vii) Bibliotheca;
(viii) Consultorium pro iuvenibus ac familiis.

CAPUT XXIV
DE RECTO USU MEDIORUM COMMUNICATIONIS SOCIALIS

193.

193. (a) Clero et laicis munus incumbit cooperandi ut **instrumentorum communicationis socialis** *usus humano christianoque spiritu vivificetur (Can 822 par. 2).*

(b) Quicumque Ecclesiae veluti personam quovis modo gerunt, uti sunt sacerdotes et sodales consociationum catholicarum, magis concitantur in singulos dies, ut ad mentem canonis 822 operam adiutricem actioni pastorali Ecclesiae praestantes **litterariae operositati laborem** *suum impertiant, atque in emissionibus radiophonicis, televisivicis cinematographicis active partecipent (C P 195).*

(c) In activitate apostolica et praesertim in religiosa doctrina tradenda, adhibenda sunt **multiplicia nova reperta**, *uti sunt phonographici orbes, taeniolae sonorae et visificae, apparatus imaginibus immotis vel mobilibus necnon vocibus asservandis atque iterandis (C P n. 145).*

(d) Catholici satagant ut **spectacula quae sunt contra bonos mores prolata** *respuantur, et iis rebus faveatur quae ad honestatem artemque vere valeant. Attendenda sunt monita quae in Documento Pastorali "Il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali" inveniuntur.*

iv) l-inizjattivi ta' xeħta soċjali b'għajnuna għal dawk li huma fil-bżonn jew emarġinati;
v) l-inizjattivi kulturali;
vi) Il-logħob u l-attività atletika, jiġifieri l-isports;
vii) il-librerija;
viii) counselling liż-żgħażagħ u lill-familja.

KAPITLU XXIV
L-UŻU TAJJEB TAL-MEZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI

193.

(a) Huwa dmir tal-kleru u tal-lajċi li jikkoperaw sabiex l-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jkun imsaħħah bi spirtu uman u nisrani (kan. 822 par. 2). *193.*

(b) Dawk kollha li b'xi mod jirrappreżentaw il-Knisja, bħalma huma s-saċerdoti u l-membri ta' l-għaqdiet Kattoliċi, għandhom jitħeġġu dejjem iżjed sabiex filwaqt li jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-azzjoni pastorali tal-Knisja, kif jippreskrivi l-kanoni 822, jiddedikaw ruħhom għall-**ħidma letterarja** u sabiex jieħdu sehem attiv fit-trasmissjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni u fil-produzzjoni tal-films (C P n. 196).

(c) Fl-attività apostolika u speċjalment fit-tagħlim reliġjuż, għandhom jintużaw **id-diversi mezzi moderni** bħal ma huma diski, audio u video-tapes, cine-cameras u projectors, kif ukoll cassette recorders (C P n.145).

(d) Il-Kattoliċi għandhom jieħdu passi biex jiġu mwarrba dawk ix-'shows' li joffendu l-onestà u għandhom jagħtu appoġġ lil dawk li fihom tabilħaqq valur morali u artistiku. Għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni t-twissijiet li jinsabu fid-dokument pastorali dwar l-użu tal-mezzi tal-Komunikazzjoni soċjali.

(e) Cum de radiophonica vel televisifica arte agatur clero et laicis munus est, attente explorare ea quae de **religione deque moribus** *in quaestionem veniant in hoc sphera.*

194.

194. Primaria institutione indigent **receptores** *ut ex instrumentis communicationis socialis maxima trahant beneficia.*

(a) Ut **fidei morumque integritas** *servetur, quisque christifidelis debet ea omnia quae spirituale detrimentum creare possunt, vitare, in usu mediorum communicatonis socialis.*

(b) Praesertim quoad **selectionem pellicularum** *cinematographicarum et trasmissionum televisificarum christifideles edoceantur non tantum ut excolant atque acuant aestimationem artis sed etiam quomodo mature de his rebus rectum aequumque iudicium efforment.*

(c) Cum autem significationes ad praecavendum de rebus ad religionem moresque pertinentibus, haud semper fieri tempestive possint, idcirco christifideles, sua quisque animi disciplina usus, proposita **spectacula televisifica** *et projectiones "video tapes" dictas declinent, quae animorum suorum integritati nocitura videantur (S R 700/2).*

195.

195. Singulis annis in dioecesi debet celebrari **dies Communicationis Universi Orbis** *et christifideles rogantur ut hanc ipsam diem precationis atque deliberationis studiose agant eo fine ut communicationis socialis instrumenta ad iustitiam, pacem, libertatem, humanam progressionem plurium conferant (C P n 100).*

(e) Rigward ix-xandir tar-radju jew tat-televiżjoni huwa dmir tal-kleru u tal-lajċi li jżommu ruħhom infurmati dwar **problemi reliġjużi u morali** li jinqalgħu f'dan il-kamp.

194.

Dawk li jirċievu l-komunikazzjoni soċjali jeħtieġu taħriġ bażiku *194.*
sabiex mill-mass media jiksbu l-ikbar ġid.

(a) Sabiex tiġi mħarsa l-integrità tal-fidi u tal-moralità, kull nisrani, fl-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, għandu jevita dak kollu li jista' jkun ta' ħsara spiritwali.

(b) Speċjalment rigward **l-għażla tal-films** u l-programmi tat-T.V., l-Insara għandhom jiġu mgħallma mhux biss li jikkoltivaw u jirfinaw is-sens artistiku tagħhom iżda wkoll għandhom jiffurmaw b'mod matur ġudizzju rett u eżatt dwarhom.

(c) Peress li mhux dejjem possibbli li jingħata fil-ħin ġudizzju dwar il-ħarsien tar-reliġjon u tal-moralità, l-Insara b'sens ta' dixxiplina personali, għandhom jevitaw dawk il-**programmi televizivi** u video-tapes li jidhru li jistgħu jkunu ta' ħsara għalihom (S R 700/2).

195.

Ta' kull sena għandu jiġi ċelebrat fid-djoċesi, **il-Jum Mondjali tal-** *195.*
Komunikazzjonijiet Soċjali, u l-Insara jiġu mistiedna sabiex jiddedikaw bil-ħeġġa dan il-jum għat-talb u għar-riflessjoni bil-għan li l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jikkontribwixxu għall-ġustizzja, għall-paċi, għal-libertà u għall-progress uman tal-kotra (C P n. 100).

196. *(a) Admoneantur et incitentur fideles ut pro more lectitent* **scripta officio catholicorum exerata**, *modo sint nomine Catholico vero digna non tantum ut omne novum Ecclesiae comperiant sed ut mentem christianam hauriant ex eorum commentationibus (C P n. 140)*

(b) Curanda est **diffusio**, *apud lectores praesertim iuvenes* **publicationum**, *quae doctrinae catholicae ac bonis moribus conformantur, vulgo "Stampa t-Tajba", uti sunt libri a societate "Lumen Christi" editi.*

(c) Cum medium aptissimum et efficacissimum apostolatus sit **catholicarum ephemeridium diffusio**, *omnes christifideles et in primis sacerdotes et sodales catholicarum associationum, incitentur ut scriptis quae exarant, lectione et subnotatione, rei tanti ponderis, incremento sint et praesertim periodica dioecesana adiuvent.*

(a) L-Insara għandhom jiġu mwissija u mħeġġin sabiex jaqraw regolarment **il-pubblikazzjonijiet maħruġin mill-Kattoliċi,** basta dawn il-pubblikazzjonijiet ikun jistħoqqilhom tabilħaqq li jissejħu Kattoliċi, hekk li minnhom isiru jafu mhux biss kull aħbar ġdida fil-Knisja, iżda jkunu jistgħu wkoll, mill-artikli li jaqraw, jiffurmaw għalihom mentalità Nisranija (C P n. 140). *196.*

(b) Għandhom jittieħdu passi sabiex fost il-qarrejja, speċjalment żgħażagħ, jiġu **mxerrda l-pubblikazzjonijiet** li jaqblu mad-duttrina Kattolika u mal-kostumi tajba, jiġifieri **l-istampa t-tajba,** bħal ma huma l-kotba pubblikati mis-soċjetà Lumen Christi.

(c) Peress li **t-tixrid tal-gazzetti Kattoliċi** huwa mezz l-iktar adattat u effikaċi ta' l-apostolat, l-insara kollha bis-saċerdoti u l-membri ta' l-għaqdiet Kattoliċi minn ta' quddiem, għandhom jiġu mħeġġin sabiex bl-artikli li jikkontribwixxu, bil-qari u bl-abbonamenti jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-ħaġa hekk importanti, speċjalment billi jgħinu l-perjodiċi djoċesani.

TERTIA PARS

DE ORGANIZATIONE ACTIONIS PASTORALIS IN DIOECESI GAUDISIENSI

CAPUT XXV

DE CURIA DIOECESANA

197.

197. *Ut vocationi christianae et evangelii praeceptis apte respondere valeat,* **Ecclesia localis indiget quadam structura et ordine,** *quibus portio Populi Dei certius definiatur, sacra ministeria praedicationis, sanctificationis et regiminis fidelibus rite praebeantur, atque actio missionalis ad eos etiam, qui nondum in Christum credunt, vel ejus fidem legemque non amplius sequuntur, dirigatur (D E n 171).*

198.

198. *Ex eo quod Populus Dei potissimum constet e personis in Christum credentibus, sequitur* **structuras et officia** *dioecesana vel paroecialia, quaecumque ea demum sint,* **uni animarum saluti** *inservire debere (D E n 171)*

199.

199. **Curia Dioecesana** *constat illis institutis et personis quae episcopo operam praestant in regimine universae dioecesis, praesertim in actione pastorali dirigenda, in administratione dioecesis curanda necnon in potestate iudiciali exercenda (Can 469).*

(a) Omnes qui officia in curia dioecesana exercent, non exceptis Vicario Generali et Episcopali de quibus in canone 475 et sequentibus libere **ab episcopo dioecesano nominantur** *et ab ipso libere removeri possunt ad normam canonum 470 et 477.*

IT-TIELET PARTI

DWAR L-ORGANIZZAZZJONI TA' L-AZZJONI PASTORALI TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

KAPITLU XXV

IL-KURJA DJOĊESANA

197.

Sabiex tkun tista' tikkorrispondi kif imiss għas-sejħa nisranija tagħha u għat-tagħlim tal-Vanġelu, **il-Knisja partikulari jeħtieġ li jkollha xi strutturi u ordni** li bihom dik il-parti tal-poplu t'Alla tkun definita aħjar, jitwettqu sewwa fost l-Insara l-ministeri mqaddsa tal-predikazzjoni, tas-santifikazzjoni u tal-kura ta' l-erwieħ, u titmexxa l-ħidma missjunarja anke fost dawk li għadhom ma jemmnux fi Kristu, jew li ma għadhomx jimxu fuq it-twemmin u l-liġi tiegħu (D O E n. 171). *197.*

198.

Peress li l-Poplu t'Alla huwa magħmul qabel xejn minn persuni li jemmnu fi Kristu, jiġi bħala konsegwenza li l-istrutturi u l-uffiċċji djoċesani jew parrokkjali, ikunu liema jkunu, għandu jkollhom bħala skop uniku tagħhom, il-ġid ta' l-erwieħ (D O E n. 171). *198.*

199.

Il-Kurja Djocesana hija magħmula minn dawk l-entijiet jew persuni li jgħinu lill-isqof fit-tmexxija tad-djoċesi kollha, speċjalment fid-direzzjoni ta' l-azzjoni pastorali, fil-ħsieb ta' l-amministrazzjoni tad-djoċesi kif ukoll fit-twettiq tas-setgħa ġudizzjarja. (kan. 469). *199.*

(a) Dawk kollha li għandhom xi uffiċċju fil-Kurja Djoċesana, inklużi l-Vigarju Ġenerali u Episkopali li dwarhom hemm fil-kanoni 475 u ta' warajh, jiġu **nominati liberament mill-Isqof Djoċesan** u minnu liberament jistgħu jiġu mneħħija skond il-kanoni 470 u 477.

(b) In curia dioecesana tractentur omnia **negotia ecclesiastica** *quorum acta et documenta diligenter in eius archivo custodiantur.*

200.

200. *Praeter Cancellarium de quo in canone 482, Curia Dioecesana Guadisiensis complectitur* **aliquot secretariatus** *seu officia quae ab invicem distinguuntur ratione activitatis pastoralis quam unusquisque eorum persolvit.*

201.

201. *Secundum actuales exigentias dioecesis, Episcopus* **numerum officiorum et secretariatuum** *Curiae Dioecesanae determinat.*

202.

202. *Unumquemque secretarietum moderatur delegatus Episcopi qui ad* **quinquennium** *nominatur et confirmari potest.*

203.

203. *Singuli secretariatus* **proprium archivium** *conservant cum protocollo particulari et libris accepti et expensi.*

204.

204. *Moderatio officii bonorum ecclesiasticorum competit* **secretario administrativo** *seu eoconomo qui iuxta canonem 494 nominatur.*

205.

205. **Tribunal Ecclesiasticum** *regit Vicarius Iudicialis seu Officialis de quo in canone 1420.*

206.

206. **Aliae structurae** *quae ad conciliationem (Can 1713) et ad quaestiones definiendas per viam administrativam instituatae sunt, reguntur normis quae habentur in Actis Curiae n. 65 folio 967.*

(b) Fil-Kurja Djoċesana jiġu trattati l-materji ekkleżjastiċi ta' kull għamla u **l-atti u d-dokumenti** tagħhom għandhom ikunu mħarsa bir-reqqa fl-arkivju tagħha.

200.

Barra mill-Kanċellier imsemmi fil-kan. 482, il-Kurja Djoċesana *200.* t'Għawdex fiha **għadd ta' segretarjati** jew uffiċċji li jintagħżlu minn xulxin mill-ħidma pastorali li jwettaq kull wieħed minnhom.

201.

Skond il-ħtiġijiet attwali tad-djoċesi, l-Isqof jiddeċiedi **l-għadd ta'** *201.* **uffiċċji u segretarjati** tal-Kurja Djoċesana.

202.

Kull segretarjat ikun immexxi minn delegat ta' l-isqof, li jiġi nomi- *202.* nat għal perjodu ta' ħames snin u jista' jiġi konfermat.

203.

Is-segretarjati jżommu **l-arkivju tagħhom** bil-protokoll partikulari *203.* u reġistri tad-dħul u l-ħruġ.

204.

It-tmexxija ta' l-uffiċċju tal-beni ekkleżjastiċi tmiss lis-**segretarju** *204.* **Amministrattiv** jew l-ekonomu li jiġi nominat skond il-kanoni 494.

205.

It-tribunal ekkleżjastiku jkun immexxi mill-Vigarju Ġudizzjali *205.* jew uffiċjal imsemmi mill-kanoni 1420.

206.

L-istrutturi l-oħra li għandhom l-iskop ta' konċiljazzjoni (kan. *206.* 1713) u li jieħdu deċiżjonijiet amministrattivi fil-kwistjonijiet, ikunu mmexxija skond id-direttivi li hemm fl-Atti tal-Kurja 65 p. 967.

207. *(a) Firmo praescripto canonis 486 ab episcopo nominantur unus vel plures archivistae quorum munus sit acta Curiae* **in archivo generali** *custodire, ordine chronologico disponere et de eisdem inventarium vel catalogum conficere.*

(b) **Documenta authentica**, *quae ab Apostolica Sede mittuntur, aliaque documenta, in Archivo Curiae adservanda sunt, et illis quorum interest, iuxta praescriptum canonis 487 par 2, ius est tantum recipere copiam vel photostaticum documentorum quae natura sua publica sunt.*

(c) Nemini ex archivis Curiae sive exhibenda seu etiam inspicienda tradantur documenta et acta absque loci Ordinarii licentia servatis etiam normis de quibus in Actis Curiae n. 67 fol. 1004.

Non licet efferre documenta etiam ad breve tempus, nisi servetur norma canonis 488.

208. *(a) Graviora saltem* **negotia** *cum Curia agenda parochi aliique ecclesiastici* **non tantum oretenus pertractent**, *sed etiam scripto utantur.*

(b) Clerici negotia in Curia, quantum fieri potest **ipsi per se pertractent**, *et si ad mediatores recurrunt, personas qualificatas seligant. Nec mittant prorsus ad petenda quae concedi nequeant.*

(c) **Paroecialia documenta**, *testimonia ac petitiones, quae ad curiam mittantur, a parocho subscribantur, ipsiusque sigillo rite muniantur.*

207.

(a) Skond kif jippreskrivi l-kan. 486, jiġu nominati mill-Isqof l-arkivisti li jistgħu jkunu wieħed jew iktar, li jkollhom bħala xogħol tagħhom dak li jikkostodixxu d-dokumenti tal-Kurja fl-**Arkivju Ġenerali**, jiddisponuhom f'ordni kronoloġiku u jagħmlu inventarju jew katalogu tagħhom (I C 141/78 n. 6). *207.*

(b) **Id-dokumenti oriġinali**, li jintbagħtu mis-Santa Sede u d-dokumenti l-oħra għandhom jinżammu fl-arkivju tal-Kurja u skond il-kanoni 487 par. 2 dawk il-persuni li jkunu interessati minnhom għandhom biss il-jedd li tingħatalhom kopja jew fotokopja ta' dawk id-dokumenti li min-natura tagħhom huma pubbliċi.

(c) Mill-arkivju tal-Kurja, mingħajr il-permess ta' l-Ordinarju tal-post m'għandhom jingħataw lill-ebda persuna, dokumenti jew atti, sabiex turihom lil ħaddieħor, jew taqrahom hi, iżda għandhom jiġu osservati n-normi li hemm fl-Atti tal-Kurja n. 67 p. 1004.

Wieħed ma jistax joħroġ dokumenti anke għal żmien qasir ħlief jekk tiġi osservata n-norma tal-kan. 488.

208.

(a) **Għall-inqas il-materji** li huma ta' ċerta importanza, il-kappillani u l-ekkleżjastiċi l-oħra, meta jressquhom fil-Kurja, **ma għandhomx jiddiskutuhom oralment biss** iżda għandhom jinqdew ukoll bil-kitba. *208.*

(b) Sakemm huwa possibbli li jkunu jridu jitolbu xi ħaġa mill-Kurja, għandhom **huma stess jittrattaw il-materji** li jkollhom u jekk huma jirrikorru għal medjaturi jaraw li dawn ikunu persuni kwalifikati u m'għandhomx jitolbu dak li ma jistax jiġi mogħti lilhom.

(c) **Id-dokumenti,** iċ-ċertifikati u r-rikorsi tal-parroċċa li jintbagħtu l-Kurja għandhom ikunu ffirmati mill-kappillan u ttimbrati wkoll bis-siġill tiegħu.

209. *(a)* **Expensae**, *nisi de ordinariis agatur, nullae fiant ab officiis Curialibus sine Episcopi approbatione, eique saltem bis in anno, scilicet mense Ianuario et mense Iulio accepti expensique ratio reddatur.*

(b) Ad normam canonis 1649 episcopo competit statuere **taxas solvendas** *tribunali ecclesiastico et iusta de causa concedere gratuitum patrocinium vel deminutionem expensarum.*

(c) Ad mentem iuris ecclesiastici **pauperes a taxis solvendis eximuntur**; *paupertas vero e testimonio parochi, onerata eius conscientia, constare debet.*

210. *Initio sui muneris Curiae Administri debent iuxta normam canonis 471 coram Episcopo eiusve delegato* **promissionem** *emittere* **de munere fideliter adimplendo** *et de secreto servando intra fines et secundum modum iure aut ab Episcopo determinatos.*

211. **Corpus normarum de procedura Curiae** *ab Episcopo adprobatum (A K D G n 69 p 1025) iidem Curiae administri servare tenentur; praesertim eorum munus erit:*

(i) Negotia sine mora expedire.
(ii) Statutum horarium adamussim servare.
(iii) Omnes urbanitate et benevolentia, quavis personarum acceptatione remota, excipere et tractare.
(iv) Munuscula quaevis, quocumque pretextu et intuitu oficii ultro oblata recusare.

209.

(a) Mingħajr l-approvazzjoni ta' l-isqof, **m'għandhomx jintefqu flus** mill-Uffiċċju tal-Kurja, ħlief l-ispejjeż ordinarji; lill-isqof ukoll għandu jingħata rendikont tad-dħul u l-ħruġ tal-flus għall-inqas darbtejn fis-sena, jiġifieri fix-xahar ta' Jannar u fix-xahar ta' Lulju. *209.*

(b) Kif jippreskrivi l-kanoni 1649, l-isqof għandu s-setgħa li jistabbilixxi t-**tariffi** li għandhom **jitħallsu** lit-tribunal ekkleżjastiku, kif ukoll li meta jkun hemm raġuni ġusta, jiddispensa mill-ħlas tagħhom jew ta' parti minnhom.

(c) **Il-foqra huma eżenti mill-ħlas tat-tariffi** skond il-preskrizzjonijiet tal-liġi ekkleżjastika; iżda l-istat tal-faqar tagħhom għandu jirriżulta minn ċertifikat, li jagħti l-kappillan bir-responsabbiltà tal-kuxjenza tiegħu.

210.

Meta jidħlu fil-kariga tagħhom, l-impjegati tal-Kurja, skond il-kanoni 471, huma obbligati li quddiem l-isqof jew id-delegat tiegħu, **iwiegħdu li jwettqu fedelment id-dmirijiet tagħhom** u li jżommu s-sigriet skond iċ-ċirkustanzi u l-mod li huma determinati mil-liġi jew mill-isqof. *210.*

211.

Il-ġabra tan-normi dwar il-proċedura tal-Kurja, approvata mill-isqof (A K D G n. 69, p. 1025), għandha tiġi osservata mill-impjegati tal-Kurja msemmija; b'mod partikulari d-dmirijiet tagħhom huma li *211.*

(i) Itemmu x-xogħol tagħhom mingħajr dewmien;

(ii) Josservaw bir-reqqa l-orarju stabbilit;

(iii) Jilqgħu u jittrattaw lil kulħadd b'manjieri u b'rieda tajba, mingħajr ebda preferenzi;

(iv) Jirrifjutaw kull rigal li xi ħadd taħt kwalunkwe pretest joffrilhom minn jeddu in konnessjoni mal-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

CAPUT XXVI
DE CONSILIIS DIOECESANIS

212.

212. *Ut recte componatur ratio pastoralis totius dioecesis Gaudisiensis, ut res necessariae efficaciter comprobentur et ut auxilia atque consilia accipiantur utilia quidem ad apostolicum ministerium, Episcopus opiniones et sententias expetet a* **consiliariis coetibus dioecesis**; *(Cfr. Const. Apost. "Vicariae Potestatis" n. 2, p 7), qui sunt:*

(i) Coetus consultorum ad normam canonis 502 et iuxta legislationem particularem (Vide A K D G n. 71, 1065; A K E M II, 17f);
(ii) Consilium presbyterale;
(iii) Consilium Pastorale;
(iv) Variae commissiones Dioecesanae, quarum singulae aliquem particularem aspectum actionis pastoralis curant et iuxta statuta adrobata reguntur;
(v) Capitulum Cathedrale et Consilium parochorum;
(vi) Alia consilia vel instituta huius generis quae existunt vel creari possunt; unumquodque secundum propriam competentiam.

213.

213. *Habetur in dioecesi Gaudisiensi* **Consilium Presbyterale** *ad normam canonum 495 constitutum.*

(a) Attento can. 496, Consilium regitur iuxta propria ***statuta*** *ab Episcopo adprobata, servatis normis ab episcoporum Conferentia prolatis (A K D G n. 70 p. 1047 - 1052).*

(b) Consilium agit de **quaestionibus maioris momenti**, *quae sive ad sanctitatem vitae et scientiam sacram aliasque necessitates praesbyterorum spectant, sive ad fidelium sanctificationem et religiosam institutionem, sive ad moderamen dioecesis in genere.*

KAPITLU XXVI
IL-KUNSILLI DJOĊESANI

212.

Sabiex il-programm pastorali tad-Djoċesi kollha ta' Għawdex jitfassal kif imiss, jiġu mistħarrġa b'mod effikaċi l-mezzi meħtieġa u jingħataw għajnuniet u pariri siewja għall-ministeru apostoliku, l-isqof għandu jitlob il-fehmiet u d-deliberazzjonijiet li jingħataw mill-organi **konsultivi tad-djocesi** (Ara Const. Apost. Vicariae Potestates n. 2 p. 7) li huma:- *212.*

i) Il-kulleġġ tal-Konsulturi, skond il-kan. 502 u n-normi tal-leġislazzjoni partikulari (ara A K D Ġ n. 71, p. 1065; A K E M II, 17 f).
ii) il-Kunsill Presbiterali;
iii) Il-Kunsill Pastorali;
iv) Il-Kummissjonijiet djoċesani varji li kull waħda minnhom tieħu ħsieb xi aspett partikulari ta' l-azzjoni pastorali u li jitmexxew skond l-istatuti approvati;
v) Il-Kapitlu tal-Katidral u l-Kulleġġ tal-kappillani;
vi) Il-Kunsilli jew organi oħra ta' din l-għamla li jista' jkun hemm jew jistgħu jinħolqu; kull wieħed bil-kompetenza speċjali tiegħu.

213.

Fid-Djoċesi ta' Għawdex jeżisti **l-Kunsill Presbiterali** imwaqqaf skond il-kan. 495. *213.*

a) B'riferenza għall-kan. 496, il-Kunsill jitmexxa fuq **l-istatuti** tiegħu, approvati mill-isqof, waqt li jiġu osservati l-kriterji maħruġin mill-Konferenza Episkopali (Ara A K D G n. 70, 1047-1052).

(b) Il-Kunsill jittratta **materji ta' ċerta importanza,** konnessi kemm mal-qdusija tal-ħajja tas-saċerdoti, max-xjenza sagra u l-ħtiġijiet l-oħra tagħhom, kif ukoll mal-qdusija u mal-formazzjoni reliġjuża ta' l-insara, u mat-tmexxija tad-djoċesi in genere.

(c) Iuxta can. 500 par 1, quaestiones Episcopus proponat vel **pertractandas** *admittat.*

(d) Attentis normis can. 497, 498, 499, 501, quantum fieri potest in sinu Consilii, **repraesententur varia ministeria**, *regiones, variaeque presbyterorum aetates.*

(e) Iuxta can. 500 par 2, Consilium Praesbyterale **vocem** *tantum* **consultivam** *habet.*

(f) **Sede vacante** *Consilium Presbyterale cessat eiusque munera implentur a collegio consultorum de quo in can. 502.*

214.

214. Existit etiam in dioecesi **Consilium Pastorale** *ad normam canonis 511 constitutum.*

(a) Quoad electionem membrorum, munera, presentiam, dimissionem et convocationem eorum, caeteraque huiusmodi provideatur per **statutum Consilii Pastoralis** *ab episcopo adprobatum iuxta canonem 513 (A K D G n 146 p 2262).*

(b) Consilium constat e **clericis, religiosis et laicis** *specialiter ab Episcopo delectis firmo praescripto canonis 512.*

(c) Consilium Pastorale **voce consultiva** *tantum gaudet et ab Episcopo convocatur ad mentem canonis 514.*

(d) Ut fines hujus Consilii ad effectum reapse deducantur, expedit ut laborem communem studium praevium praecedat, ope adhibita **officiorum Curiae** *et, si casus ferat, aliorum coetuum qui in hunc finem adlaborent (E S 16, p. 4).*

(c) Skond il-kanoni 500 par. 1, **il-punti li jiġu diskussi** jipproponihom jew jippermettihom l-Isqof.

(d) B'riferenza għall-kanoni 497, 498, 4 99, 501, sakemm ikun possibbli, fi ħdan il-kunsill għandhom ikunu **rappreżentati l-ministeri varji,** id-distretti u l-etajiet differenti tal-qassisin.

(e) Skond il-kanoni 500 par. 2, il-Kunsill Presbiterali għandu **vuċi konsultiva biss.**

(f) **Meta s-sede veskovili tkun vakanti,** il-Kunsill Presbiterali jieqaf, u l-ħidmiet tiegħu jitwettqu mill-Kulleġġ tal-Konsulturi msemmi fil-kanoni 502.

214.

Jeżisti wkoll fid-Djoċesi **l-Kunsill Pastorali** imwaqqaf skond il-kanoni 511. *214.*

(a) Rigward l-għażla tal-membri, l-uffiċċju tagħhom, il-preżenza, id-dimissjoni u l-laqgħat tagħhom, kif ukoll dwar materji oħra bħal dawn, għandu jkun hemm provvediment permezz ta' **l-istatut tal-Kunsill Pastorali** approvat mill-Isqof, skond il-kanoni 513 (ara A K D G n. 146, p. 2262).

(b) Jagħmlu parti mill-Kunsill, il-kjeriċi, reliġjużi u lajċi magħżula apposta mill-Isqof skond kif jippreskrivi l-kanoni 512.

(c) Il-Kunsill għandu biss **vuċi konsultiva** u jiġi mlaqqa' mill-isqof skond il-kan. 514.

(d) Sabiex jintlaħqu tabilħaqq l-għanijiet ta' dan il-Kunsill, jixraq li qabel ma jitwettaq ix-xogħol komuni, isir studju bl-għajnuna ta' **l-uffiċċji tal-Kurja,** u jekk ikun il-każ, anke ta' organi oħra, li jikkollaboraw għal dan l-iskop (E S 16 p. 4).

215.

215. **Commissiones** *et alia* **consilia dioecesana** *apte coordinanda sunt ope accuratae definitionis competentiae, participationis aliquorum membrorum non tantum in activitatibus propriae commissionis sed atiam aliarum commissionum. Normas procedurales omnibus commissionibus communes habentur in Actis Curiae n. 43 fol 613.*

(a) **Commissio Catechistica** *cuius membra ab Episcopo nominantur eo praeside convocatur ut unitis viribus cum relativo officio Curiae ministerium verbi et instructionem christianam in tota dioecesi promoveat.*

(b) **Commissio Liturgica** *Dioecesana vitam liturgicam fovere ac promovere curabit et prospiciet ut datae hac de re normae aeque serventur.*

(c) In dioecesi constituta est **Charitas Dioecesana seu Commissio de Promotione Humana**, *quae propriis normis regitur. Hujus commissionis est omnia fovere apteque disponere, quae ad beneficia egentibus largienda pertinent.*

(d) **Aliae commissiones** *pro diversa activitate indolis pastoralis, ab Episcopo constitui possunt novis exigentiis exortis.*

216.

216. **Consilium Parochorum** *saepe saepius ab Episcopo convocandum est ut tractentur praecipuae pastorales quaestiones ad paroecias et ad universam dioecesim pertinentes (vide A K D G n. 144 fol. 2233).*

215.

Il-Kummissjonijiet u l-Kunsilli l-oħra djoċesani għandhom jiġu kordinati sewwa flimkien billi l-kompetenza ta' kull kummissjoni tkun definita bir-reqqa, kif ukoll billi xi membri jieħdu sehem fil-ħidmiet mhux biss tal-kummissjoni tagħhom iżda anke ta' kummissjonijiet oħra. In-normi ta' proċedura, komuni għall-kummissjonijiet kollha, jinsabu fl-Atti tal-Kurja n. 43, p. 613). *215.*

(a) **Il-Kummissjoni Kateketika** li l-membri tagħha jagħżilhom l-isqof, tiltaqa' taħt il-presidenza tiegħu biex f'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-uffiċċju korrispondenti tal-Kurja, tippromovi fid-djoċesi kollha l-ministeru tal-Kelma u t-tagħlim Nisrani.

(b) **Il-Kummissjoni Liturġika Djoċesana** tieħu ħsieb li tgħin u tmexxi 'l quddiem il-ħajja liturġika u tissorvelja sabiex in-normi mogħtija dwar il-materji jiġu osservati kif jixraq.

(c) Fid-Djoċesi hija mwaqqfa **l-Kummissjoni tal-Charitas Djoċesana tal-Promozzjoni Umana** li titmexxa skond l-istatuti tagħha. Huwa dmir ta' din il-Kummissjoni li tagħti appoġġ u tirregola dawk il-ħidmiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-għoti ta' l-għajnuna lil min hu fil-bżonn.

(d) **Kummissjonijiet oħra** għal kull waħda mill-attivitajiet ta' xeħta pastorali jistgħu jitwaqqfu mill-isqof, meta jinqalgħu ħtiġijiet ġodda.

216.

Il-Kulleġġ tal-Kappillani għandu jiġi mlaqqa' ta' spiss mill-isqof sabiex jiġu trattati l-problemi pastorali ewlenin li għandhom konnessjoni mal-parroċċi jew mad-djoċesi kollha kemm hi (ara A K D G n. 144, p. 2233). *216.*

CAPUT XXVII
DE SEMINARIO

217.

217. **Normae** *quae de Seminario Maiori et Minore, de formatione spirituali, intellectuali ac disciplinari, de magisterio ac de studiis* **in codice iuris canonici** *statuuntur ubi de clericorum institutione agitur (Can. 232 - 264) a Rectore, moderatoribus, magistris et alumnis accurate servandae sunt.*

In ordinanda tota Seminarii ratione, prae oculis habeantur quae in decreto "Optatam Totius" Concilii Vaticani II, sapientissime traduntur necnon in exhortatione "Pastores Dabo Vobis" tum etiam documenta a conferentia Episcopali Melitensi edita, de formatione sacerdotali.

218.

218. *In universa* **alumnorum selectione et probatione** *debita semper adhibeatur animi firmitas etiamsi lugenda sit sacerdotum penuria, cum Deus Ecclesiam suam ministris carere non sinat (O T 6, 2).*

(a) **Alumnos** *in Seminarium Maius* **recipit Episcopus** *a Rectore et Concilio ejusdem Seminarii coadjuvatus, cui preces scriptas admovere debeant quicumque admitti volunt (S G XII, 1, 1). Quoad talem admissionem serventur normae Canonum 241, par 1, 2 et 247.*

(b) Iuxta canonem 241 par 2, **documenta** *de susceptis baptismo et confirmatione aliaque* **de progressu in studiis** *ac de candidati salute physica et psychica exhibenda sunt simul cum testimonio parochi de bona indole et honestis moribus candidati.*

KAPITLU XXVII
IS-SEMINARJU

217.

In-normi dwar is-Seminarju Maġġuri u Minuri, dwar il-formazzjoni spiritwali, intellettwali u dixxiplinari, u dwar it-tagħlim u l-istudju li huma stabbiliti mill-Kodiċi tal-Liġi Kanonika fejn jittratta dwar il-formazzjoni tal-kleru (kan. 232-264) għandhom jiġu mħarsin bir-reqqa mir-rettur, mis-superjuri, mill-għalliema u mill-istudenti. *217.*

bżonnijiet tagħhom skond il-kanoni 1274 par. 1, teżisti massa komuni li tissejjaħ **Fondo Kleru Djoċesan.**

(b) Dan l-enti jitmexxa minn bord imwaqqaf apposta, skond in-normi li hemm fl-Atti tal-Kurja n. 67 p. 1004-1005.

(c) B'riferenza għall-kanoni 531, fil-parroċċi, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, ikun hemm il-massa komuni msejħa **"Fondo Kleru Parrokkjali"** li tigi amministrata skond ir-regoli li ġew pubblikati fl-Atti tal-Kurja n. 65 p. 966.

(d) Ta' kull sena u meta jiġi mitlub, il-Fondo Clero Parrokkjali jagħti rendikont tad-dħul u l-ħruġ lill-bord tal-Fondo Clero Djoċesan.

248.

(a) Dawk kollha li għandhom **sehem leġittimament fl-amministrazzjoni** tal-Beni ekkleżjastiċi għandhom iwettqu dan id-dmir tagħhom f'isem il-Knisja u skond il-liġi (kan. 1282). *248.*

(b) B'riferenza għall-kanoni 1279, il-kappillan u r-retturi tal-knejjes jew l-amministraturi, għandhom jamministraw **il-beni tal-knisja tagħhom** huma stess jew permezz ta' persuna idonja taħt il-kontroll tagħhom.

(c) Filwaqt li għal kull każ jiġu applikati l-prinċipji li jgħoddu għalih, il-persuni msemmija fil-par. (a) u (b) għandhom josservaw dak li hemm preskritt fl-artikli li ġejjin jekk ma jirriżultax b'mod ċar li huma eżenti minn xi obbligu partikulari.

249. *Salvo praescripto canonum 532 et 1279 p. 1* **personae iuridicae** *publicae singulos administratores habeant, rite nominatos iuxta praescriptum canonis 1279 par. 2, vel electos iuxta statuta propria qui vel uni vel cum collegio aliorum virorum coniuncti bona administrent.*

(a) Administratores bonorum ecclesiasticorum ad ecclesias vel ad pias causas spectantium, nonnisi **in scriptis nominentur.**

(b) Cum **novus administrator** *administrationem suscipit bonorum ecclesiasticorum redigendum est inventarium de quo in canone 1283 par 2, n 3, si quae alteratio in praevia administratione facta sit.*

(c) Novorum administratorum erit curare ut **a suis praedecessoribus** *vel ab eorum heredibus sibi* ***tradantur*** *libri,* ***documenta,*** *aliaque acta, quae ad ecclesias vel ad pias causas quarum administrationem gerebant, pertinent et Curiam certiorem reddere in casibus difficilioribus.*

(d) Antequam administratores suum munus ineant, ad normam canonis 1283 par. 1, iusiurandum dare debent de **munere fideliter implendo.**

(e) Ad res immobiles quacumque causa emendas vel vendendas etiam **leges civiles observentur.**

(f) Omnes administratores habeant **libros expensi atque accepti** *bene ordinatos (Can 1284 par 2, n. 7).*

249.

Salv il-preskritt tal-kanoni 532 u 1279 par. 1, il-persuni ġuridiċi pubbliċi għandu jkollhom amministratur wieħed għal kull waħda, nomninati debitament skond kif jitlob il-kanoni 1279 par. 2, jew magħżulin b'elezzjoni skond l-istatuti proprji tagħhom li jew weħidhom jew kolleġġjalment flimkien ma' persuni oħra jamministraw il-beni. *249.*

(a) L-amministraturi tal-beni ekkleżjastiċi li jappartienu lill-knejjes jew lill-kawżi piji ma jiġux nominati ħlief bil-miktub.

(b) Meta **l-amministratur il-ġdid** jieħu f'idejh l-amministrazzjoni tal-beni ekkleżjastiċi, għandu jiġġedded l-inventarju msemmi fil-kanoni 1283 par. 2 n. 3, jekk ikun sar xi tibdil fl-amministrazzjoni ta' qablu.

(c) Huwa dmir ta' l-amministraturi l-ġodda li jieħdu ħsieb li jiġbru minn għand il-predeċessuri tagħhom jew minn għand il-werrieta ta' dawn, il-kotba, **id-dokumenti** u l-atti l-oħra li jappartienu lill-knejjes jew lill-kawżi piji, li kienu amministrati minnhom. Fil-każ ta' diffikultà jinfurmaw lill-Kurja.

(d) Qabel ma jibdew il-ħidma tagħhom, l-amministraturi skond il-kanoni 1283 par. 1, għandhom **jieħdu l-ġurament li jwettqu fedelment l-impenn tagħhom.**

(e) Meta għal kwalunkwe raġuni tinxtara jew tinbiegħ xi proprjetà mmobbli, **jiġu mħarsin ukoll il-liġijiet ċivili.**

(f) L-amministraturi kollha għandhom ikollhom **ir-reġistri tad-dħul u l-ħruġ** miżmuma tajjeb (kan. 1284 par. 2 n. 7).

(g) Ad mentem canonis 1284 par. 2, n. 9, iidem administratores omni tempore in personae iuridicae **tabulario acta** *servent, quibus ipsius personae iura in bona ecclesiastica nituntur.*

(h) Attento canone 1280 quaevis **persona iuridica** *suum habeat consilium a rebus oeconomicis vel saltem duos consiliarios ad adiuvandum administratorem (A K D G n. 74, fol. 1108).*

250.

250. *(a) Administratores obstringuntur ecclesiasticis rebus vel mobilibus vel immobilibus* **de periculo cavere** *quod est ab incendio et a furibus.*

(b) Singulis annis, parochi omnesque bonorum ecclesiasticorum administratores, iuxta canonem 1287 par 1, Ordinario loci **rationes reddere** *debent superioris anni et in antecessum, quae ad annum vertentem pertinent, eas aestimatas exhibere.*

(c) Firmo praescripto canonis 1281 par. 3, quas **oeconomicas obligationes** *clerici in se receperint, eae Curiam minime obstringunt, nisi eas scripto praestitit, qui in iure partibus Curiae Dioecesanae fungitur.*

251.

251. *(a) Administratores,* **acta ordinariae administrationis** *libere conficiant videlicet ex iure communi et ex peculiaribus statutis.*

(b) Nisi prius a competenti Auctoritate Ecclesiastica facultatem impetraverint, scriptis dandam, administratores invalide ponunt **actus administrationis extraordinariae,** *id est actus qui fines et modum ordinariae administrationis excedant, de quibus in canone 1281 par 1.*

(g) Skond il-kanoni 1284 par. 2 n. 9, l-istess amministraturi għandhom **jerfgħu dejjem fl-arkivju tal-persuna ġuridika, id-dokumenti** li bihom jistgħu jiġu ppruvati l-jeddijiet ta' l-istess persuna fuq il-beni ekkleżjastiċi.

(h) B'riferenza għall-kanoni 1280 kull persuna ġuridika jkollha l-Kunsill Ekonomiku tagħha jew għall-inqas żewġ konsulturi biex jgħinu l-amministratur (A K D G n. 74 p. 1108).

250.

(a) L-amministraturi għandhom id-dmir li jieħdu l-prekawzjonijiet *250.* sabiex il-proprjetà ekkleżjastika mobbli jew immobbli tkun imħarsa mill-periklu li tinħaraq f'xi inċendju jew tiġi misruqa.

(b) Skond il-kanoni 1287 par. 1, ta' kull sena l-kappillani u l-amministraturi kollha tal-beni ekkleżjastiċi għandhom **jagħtu rendikont** tas-sena li għaddiet lill-ordinarju tal-post, u jippreżentaw ukoll minn qabel il-bilanċ preventiv (il-budget) tas-sena li tkun ġejja.

(c) Waqt li jiġi osservat il-kanoni 1281 par. 3, **l-obbligi finanzjarji** li jitgħab-bew bihom il-kjeriċi, bl-ebda mod ma jinvolvu l-Kurja, ħlief meta min jirrappreżenta legalment lill-Kurja jkun aċċetta bi stqarrija miktuba li jsir hekk.

251.

(a) L-amministraturi jistgħu jwettqu liberament l-**atti ta' l-** *251.* **amministrazzjoni ordinarja,** cioè skond id-dritt komuni u skond l-istatuti partikulari.

(b) **L-atti ta' l-amministrazzjoni straordinarja,** jiġifieri l-atti li jeċċedu l-limiti u l-mod ta' l-amministrazzjoni ordinarja, li minnhom jitkellem il-kanoni 1281 par. 1, l-amministraturi jagħmluhom invalidament ħlief meta jkunu kisbu minn qabel il-fakultà li jagħmluh minn għand l-Awtorità ekkleżjastika kompetenti u din il-fakultà jeħtieġ li tingħata bil-miktub.

252.

252. *Actus qui fines ordinariae administrationis excedunt et pro quibus requiritur praevia licentia competentis auctoritatis Ecclesiasticae praeter illos iam* **definitos a Conferentia Episcopali Melitensi** *vi canonis 1277 (A K E M 3 pg 7-8) et illos qui haberi possunt in statutis uniuscuiusque personae iuridicae ad mentem canonis 1281 par. 2 in dioecesi Gaudisiensi recensentur etiam ii qui sequuntur:*

(a) Omnis contractus vel conventio propter quos conditio patrimonialis entis ecclesiastici in peius verti potest.

(b) Omnis emptio, venditio, concessio vel redemptio emphytuesis permutatio et omnis alia transactio onerosa vel gratuita bonorum immobilium.

(c) Omnis venditio, permutatio, oppignoratio vel alia donatio bonorum mobilium pretiosorum.

(d) Litis in tribunali civili inceptio vel desertio nomine entis ecclesiastici in materia administrativa.

(e) Acceptatio haereditatis legati vel donationis quibus imposita est aliqua conditio vel modalitas.

(f) Acceptatio mutui et quaevis solutio vel erogatio pecuniarum quae non fuerint declaratae in provisione accepti et expensi ad normam canonis 1284 par. 3 et debite adprobatae.

253.

253. *Voluntates fidelium facultates suas in pias causas donantium vel reliquentium sive per actum inter vivos sive per actum mortis causae seu* **piae fundationes**, *legittime acceptatae, diligentissime impleantur etiam circa modum administrationis et erogationis bonorum (Can. 1300).*

252.

L-atti li jeċċedu l-limiti ta' l-amministrazzjoni ordinarja u li għalihom hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni prevja ta' l-Awtorità ekkleżjastika kompetenti, barra minn dawk diġà **stabbiliti mill-Konferenza Episkopali Maltija** bis-saħħa tal-kanoni 1277 (ara A K E M, n. 3 p. 7-8) u l-atti l-oħra li jistgħu jiġu stabbiliti fl-istatuti ta' kull persuna ġuridika fit-termini tal-kanoni 1281 par. 2, fid-Djoċesi t'Għawdex huma wkoll dawn li ġejjin: *252.*

a. Kull kuntratt jew konvenju li minħabba fihom il-kundizzjoni patrimonjali ta' l-enti ekkleżjastiku tista' tmur għall-agħar;

b. Kull xiri, bejgħ, l-għoti jew fidi ta'ċens, permuta, trasferiment ieħor oneruż jew gratuwitu ta' beni mmobbli;

c. Kull bejgħ, permuta, l-għoti b'rahan u b'mod ieħor ta' oġġetti mobbli prezzjużi;

d. Ftuħ jew rinunzja ta' kawża f'materja amministrattiva f'isem enti ekkleżjastiċi fil-Qrati Ċivili;

e. Kull aċċettazzjoni ta' wirt, legat jew donazzjoni li jkollhom marbuta magħhom xi kundizzjoni jew modalità;

f. Kull self u kull spiża jew infieq ta' flus li ma jkunux inklużi fil-budget u approvati denitament, skond il-kanoni. 1284 par. 3.

253.

Bl-ikbar reqqa anke rigward il-mod ta' l-amministrazzjoni u tat-tqassim tal-beni, għandhom jiġu mwettqin iż-żidied ta' l-Insara li jagħtu minn ġidhom jew iħalluh għall-kawżi piji, kemm permezz ta' att "inter vivos" kif ukoll b'testment, jiġifieri l-**fundazzjonijiet piji** li ġew aċċettati leġittimament (kan. 1300). *253.*

(a) **Bona piae fundationis non autonomae** *si concredita fuerint personae iuridicae Episcopo dioecesano subiectae, ad normam canonis 1303 par. 2, expleto tempore, ad istitutum de quo in canone 1274 par. 1 destinari debent nisi alia fuerit voluntas fundatoris expresse manifestata; si non fuerit episcopo dioecesano subiecta, cedunt ipsi personae iuridicae cui concredita fuerint (Can. 1303 p. 2). Prae oculis habenda sunt etiam regulae quae pro piis fundationibus.*

(b) Ut legata pia seu fundationes acceptari possint **indigent adprobatione Ordinarii** *in scriptis data (Can. 1304 par 1).*

(c) Attento canone 1305 **pecuniarum summae**, *quae ad pias fundationes spectant, nisi aliter Ordinarius loci iudicaverit, quamprimum deponantur in Curia Dioecesana, eum in finem ut custodiantur et servatis servandis caute et utiliter collocentur in commodum eiusdem fundationis".*

(d) Attento canone 1306 par 2, administratores **piarum fundationum librum** *habeant in quo quaelibet pia fundatio accurate describatur cum historicis notitiis aliisque documentis adnotatis, atque si casus ferat, cum reductionibus onerum obtentis. Convenit ut summarium descriptionis piarum fundationum et notitiarum historicarum ad officium Curiae de bonis ecclesiasticis mittatur.*

(e) **Satisfactionis fides piarum fundationum** *in proprio legatorum libro de quo in canone 1307 par 2 rite signanda est.*

(f) Administratores vigilent ut rescripta de piarum fundationum reductionibus aliaeque facultates ad tempus concessae tempestive **renoventur** *petitiones ad proprium Ordinarium mittentes.*

(a) **Il-beni tal-fundazzjonijiet piji mhux awtonomi** afdati lil persuni ġuridiċi li huma suġġetti għall-isqof djoċesan skond il-kanoni 1303 par. 2, meta jagħlaq iż-żmien tagħhom għandhom jiġu destinati għall-enti msemmi fil-kanoni 1274 par. 1, ħlief fil-każ meta r-rieda tal-fundatur murija espressament titlob xorta oħra. Jekk il-persuna ġuridika ma kinitx tiddependi mill-isqof djoċesan , il-beni jingħataw lill-persuna ġuridika li lilha ġew afdati (kan. 1303 par. 2). Għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll ir-regoli dwar il-fundazzjonijiet piji.

(b) Sabiex il-legati piji jew fundazzjonijiet jistgħu jiġu aċċettati, hija **meħtieġa l-approvazzjoni ta' l-ordinarju** mogħtija bil-miktub (kan. 1304 par. 1)

(c) B'riferenza għall-kanoni 1305, **l-ammonti ta' flus** li jappartienu lil fundazzjonijiet piji, ħlief fil-każ meta l-ordinarju tal-post jiddeċiedi xort'oħra, għandhom jiġu depożitati fil-Kurja Djoċesana, bilgħan li jiġu mħarsa u waqt li jiġi osservat dak kollu li tgħid il-liġi, jiġu investiti b'risq l-istess fundazzjonib'mod għaqli u li jirrendi.

(d) Bi twettiq tal-kanoni 1306 par. 2, l-amministraturi tal-fundazzjonijiet piji **għandhom ikollhom reġistru** li fih tinkiteb deskrizzjoni bir-reqqa ta' kull waħda milll-fundazzjonijiet piji u jiġu nnutati d-dettalji storiċi u d-dokumenti l-oħra kif ukoll it-tnaqqis ta' l-obbligi li jkun ingħata, jekk dan ikun il-każ. Sintesi tad-deskrizzjoni tal-fundazzjonijiet piji u tad-dettalji storiċi tagħhom jixraq li tint-bagħat lill-Uffiċċju tal-Beni Ekkleżjastiċi tal-Kurja.

(e) **It-twettiq u l-obbligi tal-fundazzjonijiet piji** għandu jiġi reġistrat kif imiss fil-ktieb tal-legati msemmi fil-kanoni 1307 par. 2.

(f) L-amministraturi għandhom joqogħdu attenti sabiex ir-reskritti dwar it-tnaqqis tal-fundazzjonijiet piji kif ukoll il-konċessjonijiet l-oħra mogħtija għal żmien determinat, jiġu **mġedda** fil-ħin, billi jintbagħat rikors lill-Ordinarju proprju.

DOKUMENTI PASTORALI

IL-FAMILJA NISRANIJA

INTRODUZZJONI

1.

Biex nifhmu l-verità kollha dwar iż-żwieġ u l-familja, irridu nis- *254.*
tudjawhom fl-istorja tal-ħolqien kif ukoll fl-istorja tal-Fidwa. Il-qofol tal-verità dwar iż-żwieġ jinsab **fil-pjan t'Alla.** Sa mill-bidu ta' l-istorja ta' l-umanità Alla waqqaf iż-żwieġ u l-familja. Meta Kristu ġie biex jifdi lill-bniedem, għolla ż-żwieġ għad-dinjità ta' sagrament.

2.

F'dan id-dokument pastorali, aħna ser nirriflettu fuq it-**tifsira taż-** *255.*
żwieġ, mhux biss bħala komunjoni, kuntratt jew għaqda naturali maħluqa minn Alla, iżda wkoll bħala Sagrament, kif Kristu ried li tkun din l-għaqda fl-ordni tal-fidwa. F'dan is-sens, iż-żwieġ nisrani jista' jwassal lill-miżżewġin għand Kristu u, permezz tiegħu, għand Alla. Iż-żwieġ sagrament jagħti tifsir ġdid lil din il-komunjoni jew għaqda bejn ir-raġel u l-mara, ikabbar il-valuri tagħha u jafda lill-miżżewġin missjoni importanti fi ħdan il-Knisja għax, permezz tat-tnissil u t-trawwim ta' l-ulied, mhux biss jiżdied l-għadd tal-bnedmin fid-dinja, iżda toktor u tissaħħaħ ukoll il-komunità ekkleżjali li hija l-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

Dwar iż-żwieġ u l-familja għandna t-**tagħlim riċenti tal-Knisja** li nsibuh fil-Kostituzzjoni Konċiljari 'Gaudium et Spes' nru. 47-52 u wkoll fl-Eżortazzjoni Apostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II 'Familiaris Consortio' tas-27 ta' Novembru, 1981.

3.

256. L-għaqda tar-raġel u l-mara hija **parti mill-pjan imfassal mill-Ħallieq** mill-bidu ta' l-eżistenza ta' l-umanità, għaliex l-istorja taż-żwieġ tibda ma' l-istorja tal-bniedem: "Alla ħalaq il-bniedem għax-xbieha Tiegħu, għax-xbieha t'Alla Hu ħalaqhom, raġel u mara Hu għamilhom". (Ġen 1, 26-27). "...Għalhekk ir-raġel iħalli 'l missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu biex isiru ġisem wieħed". (Ġen 1, 24). Il-pjan t'Alla jibqa' bla ma jinbidel anke meta ma jiġix aċċettat mill-opinjoni tal-kotra u jkun ikkontestat. Għalhekk il-verità sħiħa u oġġettiva taż-żwieġ li tħares lejn il-pjan t'Alla ma tiddependix minn kif iħarsu l-bnedmin lejn iż-żwieġ imma minn kif jarah Alla nnifsu.

4.

257. Id-differenza tas-sess kienet ukoll ordnata minn Alla. **Il-koppja umana,** skond dan il-pjan, kienet maħluqa minn Alla sa mill-bidu. Hekk fl-imħabba tagħhom, fil-għaqda taż-żwieġ, ir-raġel u l-mara miżżewġin huma xbieha tiegħu li huwa l-bidu ta' kull ħajja meta mill-għaqda ta' bejniethom inisslu l-ulied u b'hekk jisfgħu bħala għajn ta' ħajja għalihom.

5.

258. Għad li huma ndaqs fid-dinjità umana u fil-jeddijiet fundamentali tagħhom, ir-raġel u l-mara huma kumplementari għal xulxin. Din il-**kumplimentarjetà** tinsab jew teżisti fuq livell fiżiku u prokreattiv għat-tnissil tal-ħajja kif ukoll fuq livell psikoloġiku u bħala bażi ta' komunjoni.

6.

259. L-għaqda konjugali hija infatti differenti minn kull assoċjazzjoni oħra umana. Hija l-pedament ta' realtà unika mfissra minn espressjoni bib-blika verament sinifikanti: "**ġisem wieħed**", **persuna morali waħda,** kważi kreatura waħda. Hija l-għaqda tar-ruħ u tal-ġisem tal-libertà u r-responsabbiltà u ta' l-imħabba u l-ġenerożità.

7.

Din l-għaqda hija tant profonda, illi hija **irrevokabbli u indissolubbli** *260.* u kienet hekk "sa mill-bidu", sa mill-ħolqien, u Kristu nnifsu jispjega dan il-fatt bil-kelmiet: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara u qal: 'minħabba f'hekk, ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu, u jingħaqad ma' martu', u t-tnejn isiru ġisem wieħed? Għalhekk ma humiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem". (Matt. 19, 4-6).

8.

Il-familja anki fl-ordni naturali u skond il-pjan tal-ħolqien, hija *261.* komunità ta' mħabba bbażata fuq il-patt indissolubbli taż-żwieġ fejn l-għarajjes iwiegħdu l-għoti tagħhom infushom lil xulxin biss u għal ħajjithom kollha, biex jaqsmu bejniethom, bl-akbar ġenerożità, kull mument tal-ħajja, u biex **jikkollaboraw m'Alla fit-tnissil u fl-edukazzjoni ta' l-ulied.** (ara G S 48; H V 8).

9.

Il-familja, f'dan il-pjan, hija l-**bażi tal-moralità u l-ħena**, u għalhekk *262.* il-ħajja morali tal-pajjiż tiddependi ħafna mir-rispett li jkun hemm lejn il-familja. Il-ġid tas-soċjetà u tal-Knisja nfisha hu marbut profondament mal-ġid tal-familja (ara G S 47).

IL-FAMILJA FL-ORDNI TAL-FIDWA

10.

Il-pjan tal-Ħallieq rigward iż-żwieġ sar ħaġa waħda ma' l-istorja tal- *263.* bnedmin. L-imħabba umana, għalkemm tajba fiha nnifisha, ġarrbet ħsara u tfixkil permezz tad-dnub oriġinali; iżda hija terġa' ssib **fi Kristu l-fidwa, it-tisfija u t-tiġdid.** U dan jiġri b'mod hekk tal-għaġeb li l-pjan oriġinali t'Alla mhux biss jiġi restawrat iżda mgħolli għal dinjità akbar.

11.

264. Ġesù Kristu li ġie biex iħabbar u jwaqqaf is-saltna t'Alla, għalkemm ikkunsidra ż-żwieġ bħala realtà dinjija li ma teżistix fil-ħajja li għad trid tiġi (Mk 12. 25), iżda nkludih fil-messaġġ tas-salvazzjoni u tah **post prominenti.** Dan jidher mill-fatt li Kristu għadda tlieta u tletin sena tal-ħajja tiegħu fid-dinja fi ħdan il-familja. Il-preżenza tiegħu fit-tieġ ta' Kana ġiet mogħtija importanza sa mill-predikazzjoni ta' l-ewwel sekli.

12.

265. Iżda barra minn dawn ir-riferenzi għaż-żwieġ u għall-familja u ħafna oħrajn li nsibu fil-Vanġelu, Kristu uża forom aktar solenni ta' espressjoni meta ġie biex jagħti mill-ġdid liż-żwieġ l-ewwel qdusija tiegħu li tikkonsisti **fl-unità u l-indissolubilità.** Huwa rrikorra għall-awtorità messjanika tiegħu li tgħaddi lil dik ta' Mosè: "Fis-sewwa, fis-sewwa ngħidilkom". U meta ġie mistoqsi jistax ir-raġel iħalli lil martu, mingħajr ma qagħad iqis bl-ebda mod ir-raġunijiet u l-motivi tal-firda, Huwa rrefera għar-rieda ta' Missieru: "Sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara, u qal 'Minħabba f'hekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed!" (Mt 19, 4-5).

13.

266. Bil-prinċipji fundamentali evanġeliċi li huma s-sinjali tas-Saltna tiegħu, Kristu għal darb'oħra jafferma d-dmir tal-**kastità u l-fedeltà konjugali** fil-qalb tal-bniedem: "Smajtu x'intqal, 'La tagħmilx adulterju'. Imma jien ngħidilkom, li kull min iħares lejn mara u jixtieqha jkun ġà għamel adulterju magħha f'qalbu". (Mt 5, 27-28).

14.

267. Iżda **l-ispjega l-aktar profonda** ta' dak li Kristu għamel għaż-żwieg, tinsab fl-ittra ta' San Pawl lill-Efesini li jispjega l-messaġġ evanġeliku fuq iż-żwieġ fid-dawl tal-Kristoloġija. Ir-relazzjoni bejn

Kristu u l-Knisja tiegħu hija murija bħala mudell tar-relazzjoni ta' rispett, imħabba, fedeltà u ħidma id f'id li għandu jkun hemm bejn ir-raġel u l-mara insara u miżżewġin. (ara F C 13).

15.

Iż-żwieġ bħas-sagramenti l-oħra, mhux biss huwa sinjal tal-grazzja, iżda jagħti wkoll **il-grazzja** u l-qdusija lil dawk li jirċevuh u li wara jkomplu jgħixu kif jitlob minnhom dan is-sagrament. Kristu jqaddes lill-koppja, jipperfezzjona l-imħabba ta' bejn il-miżżewġin, isaħħaħ l-unità taż-żwieġ u joffrilhom l-għajnuniet meħtieġa biex iwettqu sewwa d-dmirijiet tal-ħajja miżżewġa. *268.*

16.

Il-familja kienet teżisti bħala ċellula vitali tas-soċjetà anki qabel il-miġja ta' Ġesù Kristu; kienet ġà hemm mill-bidunett u teżisti wkoll fis-soċjetajiet primittivi. Sidna Ġesù Kristu kkonferma din il-għaqda u għall-imgħammdin għolla ż-żwieg għad-dinjità sagramentali (H V 8). Għalhekk il-miżżewġin insara huma mqaddsin minn sagrament speċjali li, filwaqt li jħarsilhom id-dinjità u d-drittijiet tagħhom, igħinhom biex jaqdu dmirijiethom sewwa (G S 48). Dan is-sagrament, allura, jagħtihom **grazzja speċjali** għall-qadi ta' dmirijiethom bħala miżżewġin u bħala ġenituri għal tul ħajjithom kollha. *269.*

17.

Fiż-żwieġ, **il-ministri** huma l-istess għarajjes li jagħtu lil xulxin dan is-sagrament, fil-ħin li jesprimu esternament il-kunsens intern u reċiproku tagħhom, quddiem ix-xhud uffiċjali tal-Knisja skond il-kanoni 1108. *270.*

18.

Il-Konċilju Vatikan II jgħallem li ż-żwieġ nisrani huwa **komunità ta' mħabba** u l-iskop tiegħu hu l-imħabba li tesprimi ruħha u titkattar permezz ta' l-ulied. (G S 49). *271.*

19.

272. L-imħabba bejn il-miżżewġin mhix sempliċi ġibda ta' l-istint jew sentiment għaliex hija umana, fiżika, sensibbli u spiritwali fl-istess ħin; iżda hija wkoll u qabel kollox **att tal-volontà libera** li, fost il-ferħ u t-tbatijiet tal-ħajja ta' kuljum, jagħmel li l-miżżewġin isiru qalb waħda u ruħ waħda, u flimkien jilħqu l-perfezzjoni umana u Nisranija tagħhom. (H V 9).

20.

273. **L-imħabba** konjugali għandha tkun **totali,** jiġifieri għamla ta' ħbiberija personali u speċjali li fiha l-miżżewġin jaqsmu bejniethom kull ħaġa bil-ġenerożità, mingħajr riservi żejda u interessi egoistiċi (H V 9). Dan ifisser li għall-miżżewġin kollox għandu jsir komun. Il-miżżewġin għandhom jaqsmu flimkien il-ferħ u n-niket, il-ġid u d-deni, igawdu flimkien il-ħin liberu, jieħdu flimkien kull deċiżjoni li għandha x'taqsam mal-familja u hekk f'kollox jaġixxu b'moħħ wieħed u b'qalb waħda.

21.

274. Din l-imħabba hija **fidila,** jiġifieri leali fil-ferħ u fin-niket sal-mewt u **esklussiva,** jiġifieri ma tippermettix imħabba simili għal ħaddieħor, almenu sakemm il-mewt ma tħollx din il-għaqda. (H V 9). Biex imħabbithom tkun tassew tali, għandhom jevitaw kull ħbiberija perikoluża. Għandhom iħarsu ruħhom ukoll mill-imħabba libera mxandra fi żmienna bil-mezzi tal-komunikazzjoni bħalma huma l-films, ir-radio, it-television, videos, magazines, kanzunetti u kotba.

22.

275. Il-mara miżżewġa, fil-każ ta' **ħtieġa li tmur taħdem barra mid-dar,** filwaqt li tiftakar li l-ewwel xogħol tagħha huwa fil-familja, għandha tkun ippreparata biżżejjed biex tirbaħ it-tfixkil li tiltaqa' miegħu fil-postijiet tax-xogħol u ma tonqosx mid-dmirijiet ta' fedeltà lejn żewġha u wliedha. Jixraq li jkun hemm ftehim bejn ir-raġel u l-mara, dwar ix-xogħol tagħha, qabel ma tibda taħdem.

23.

Il-kattoliċi għandhom ikunu informati fuq it-tagħlim tal-Knisja dwar iż-żwieġ, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mal-**vinklu konjugali** u dan sabiex jitneħħew id-dubji u jkunu evitati l-iżbalji. Waqt li jiftakru l-kattoliċi li ż-żwieġ veru għandu jibqa' sal-mewt u li d-divorzju mhux moralment aċċettabbli huma għandhom jeħduha bil-qawwa kontra kull tagħlim qarrieq u żbaljat u jagħmlu kull ma jistgħu sabiex l-indissolubilità taż-żwieġ tkun imħarsa. *276.*

PATERNITÀ RESPONSABBLI

24.

L-imħabba tal-miżżewġin hija **prokreattiva**, jiġifieri ssib il-milja tagħha fit-tnissil u fl-edukazzjoni ta' l-ulied. (H V 9). Iż-żwieġ u l-imħabba bejn il-miżżewġin kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II, min-natura tagħhom għandhom bħala skop il-prokreazzjoni u l-edukazzjoni ta' l-ulied. It-tfal, infatti, huma rigal l-aktar prezzjuż taż-żwieġ u jikkontribwixxu ħafna għall-ġid ta' l-istess ġenituri". (G S 50). *277.*

25.

Dawk il-koppji li, mingħajr ebda ħtija tagħhom, jibqgħu bla tfal, xi drabi jistgħu jsolvu l-problema tagħhom jekk, wara li jaħsbuha tajjeb, jiddeċiedu li jaddottaw tarbija. **L-adozzjoni,** barra milli tgħin lill-ġenituri adottivi biex jiżviluppaw fihom is-sens ta' paternità u maternità, hija fiha nfisha att ta' karità u ġenerożità kbira, u għalhekk għandhom jintrebħu l-preġudizzji li jista' jkun hemm kontra tagħha. *278.*

26.

Rigward it-**tnissil artifiċjali**, il-Kattoliċi għandhom iżommu quddiem għajnejhom dak li jgħid id-dokument ***Donum Vitae*** jiġifieri li t-tnissil tal-ħajja umana jitlob il-kollaborazzjoni responsabbli tal-miżżewġin mal-Ħallieq. Id-don tal-ħajja umana għandu jiġi real- *279.*

izzat fiż-żwieġ, mill-miżżewġin biss u unikament b'atti konjugali. Dan ifisser li qatt ma huwa leċitu li wieħed jifred l-aspett unittiv mill-aspett prokreattiv. Jekk l-intervent tekniku ta' tabib jieħu post l-att konjugali sabiex jintlaħaq il-fini tal-prokreazzjoni din la tkun ir-riżultat u lanqas il-frott ta' l-att konjugali.

27.

280. Is-sess għandu jitqies bħala rigal t'Alla li permezz tiegħu, ir-raġel u l-mara, fiż-żwieġ, jesprimu u jsaħħu mħabbithom, jikkomplimentaw lil xulxin, u jikkollaboraw m'Alla fit-tnissil ta' l-ulied. Għalhekk, il-miżżewġin insara għandhom jevitaw kull xorta ta' **edoniżmu** li jirrendi l-att sesswali bħala għajn ta' pjaċir biss u jeskludi s-sens ta' responsabbiltà. Huma għandhom iħossu li qed jikkollaboraw m'Alla u jgħinu bħala wliedu fil-pjan tiegħu tal-ħolqien u li, għalhekk, l-att tagħhom huwa meritorju.

28.

281. Rigward **l-għadd ta' l-ulied,** il-miżżewġin, bi ftehim bejniethom, għandhom jaslu huma stess biex jifformaw "ġudizzju rett, billi jżommu quddiem għajnejhom kemm il-ġid tagħhom infushom u kemm il-ġid ta' wliedhom, sewwa dawk li diġà twieldu, sewwa ta' dawk li huma mistennija li jitwieldu, billi jiżnu l-kundizzjonijiet materjali u spiritwali taż-żmien u ta' l-istat tal-ħajja u, fl-aħħarnett, billi jħarsu dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġid tal-familja, tas-soċjetà temporali u tal-Knisja. (G S 50).

29.

282. Biex jaslu għal dan il-ġudizzju rett, il-miżżewġin għandhom ikunu mmexxija mhux mill-kapriċċi tagħhom, imma biss minn **kuxjenza tassew nisranija,** li taqbel mal-Liġi t'Alla u mat-tagħlim tal-Knisja Kattolika li tfisser dik il-liġi b'awtorità fid-dawl ta' l-Evangelju. (G S 50).

30.

Skond iċ-ċirkustanzi partikulari tal-familja tagħhom, il-ġenituri għandhom id-dritt, u xi drabi wkoll id-dmir, li **jirregolaw id-daqs tal-familja tagħhom,** iżda għandhom jirrikorru għal mezzi leċiti. *283.*

31.

Fl-ippjanar tad-daqs tal-familja, il-miżżewġin għandhom iżommu quddiem għajnejhom li, skond il-liġi t'Alla, li l-Knisja twasslilna u tfissrilna "jista' jintagħmel użu mir-ritmu naturali li hemm fil-funzjonijiet ġenerattivi permezz ta' l-użu taż-żwieġ magħmul biss fiż-żmien infertili u b'hekk it-twelid jiġi regolat mingħajr ma jiġu miksura l-prinċipji morali" (H V 16). Għalhekk, meta jkun hemm raġuni ġusta, jew minħabba kundizzjonijiet fiżiċi jew psikoloġiċi tal-miżżewġin, jew minħabba ċirkustanzi simili, ikun meħtieg li jiġi evitat it-tnissil ta' ħajjiet ġodda, huma leċiti l-kontinenza perjodika jew l-użu tas-'safe period', anke skond il-metodi l-aktar reċenti. *284.*

32.

Skond id-duttrina nisranija taż-żwieg, huma eskluži għax imorru kontra l-Liġi t'Alla: *285.*

(a) l-interruzzjoni diretta tal-proċess ġenerattiv ġà mibdi u fuq kollox **l-abort volontarju u prokurat**, anke jekk isir għal raġunijiet terapewtiċi;

(b) **l-isterilizzazzjoni diretta** kemm għal xi żmien u kemm għal dejjem, kemm tar-raġel u kemm tal-mara;

(c) kull **azzjoni** jew qabel l-att taż-żwieġ, jew waqt dan l-att, jew fl-iżvilupp tal-konsegwenzi naturali tiegħu **magħmula bil-ħsieb li tirrendi impossibbli l-prokreazzjoni.** (H V 14).

33.

286. **Bl-abort prokurat** ikun isir attentat fuq il-ħajja umana u fil-liġi talknisja min hu ħtija tiegħu jaqa' fl-iskomunika (Kanoni 1398). **Blisterilizzazzjoni diretta** tiġi mhedda l-integrità fiżika ta' xi persuna. Hemm jew m'hemmx skop ta' kontraċezzjoni fihom huma jinvolvu l-ksur tal-ħames Kmandament "La Toqtolx". Rigward l-abort ta' min jiftakar ukoll fil-kelmiet tal-***Gaudium et Spes*** (n. 51): "Il-ħajja, meta hija mnissla għandha tkun imħarsa bl-ikbar kura". L-istruzzjoni ***Donum Vitae*** tat-22 ta' Frar, 1987, tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi tgħidilna li "l-Esseri Uman sa mit-tnissil tiegħu għandu jiġi rispettat u trattat bħala persuna u għalhekk sa minn dak il-mument id-drittijiet tiegħu bħala persuna għandhom jiġu rikonoxxuti u fosthom l-ewwelnett id-dritt invjolabbli li għandu kull bniedem innoċenti għall-ħajja" (1. 1).

34.

287. L-insara, u speċjalment iż-żgħażagħ li jkunu qorbu għaż-żwieġ, u l-miżżewġin ġodda, għandhom ikunu mwissija li l-ħajja għandha tkun imħarsa bl-akbar kura sa mill-konċepiment u li l-abort u l-infantiċidju huma delitti gravi. (G S 51).

35.

288. Huwa ttamat illi anke **t-tobba kattoliċi** jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex jaffermaw u jiddefendu l-ħajja umana f'dawk iċ-ċirkustanzi partikulari li fihom tkun imhedda mill-attakki deliberati u malizzjużi tal-bnedmin. (ara M J P 1978). Dan jgħodd speċjalment meta huma jintebħu b'xi attentat ta' l-abort, bħalma huma ċerti mezzi abortivi li jintużaw bi skopijiet ta' kontraċezzjoni.

36.

289. F'xi każi speċjali, meta ma jkunx possibbli s-'safe period', il-metodu 'Billings' u metodi oħra naturali, il-miżżewġin li mhux għall-motivi ta' kumdità esaġerata jew għall-pjaċiri egoistiċi, imma min-

ħabba xi raġunijiet serji ta' saħħa, ta' mezzi finanzjarji, ta' edukazzjoni u trobbija xierqa, skond il-kuxjenza, iħossu quddiem Alla li ma jistgħux jitgħabbew b'ulied iktar u, għalhekk, jekk jagħmlu l-att taż-żwieg kif għandu jsir, ikunu jonqsu minn xi dmirijiet oħrajn lejn il-familja u, min-naħa l-oħra, jekk jagħżlu l-astensjoni, ikun hemm periklu għall-fedeltà jew l-istabbiltà tal-familja, huma jistgħu xi drabi jsibu ruħhom fi **stat ta' kuxjenza perplessa.** Għalkemm għal dawn in-nies, il-liġi t'Alla ssir diffiċli, bħala nsara, huma fid-dmir li jużaw ir-rimedji li toffrilhom il-fidi nisranija; jiġifieri, it-talb, il-frekwenza tas-sagramenti (qrar u tqarbin), id-direzzjoni spiritwali, it-tgħakkis tagħhom infushom, il-ħolqien ta' ambjent addattat għall-kastità u l-fiduċja fil-providenza t'Alla.

37.

Jeħtieġ li kull każ jiġi eżaminat skond iċ-ċirkustanzi partikulari tie- *290.*
għu u meta jieħdu deċiżjoni dwaru, il-miżżewġin għandhom jagħmlu dan f'armonija mal-prinċipji morali li dejjem kienu validi u aċċettati mill-Knisja bħal m'hi d-distinzjoni bejn **l-għemil ħażin oġġettivament** jew fih innifsu u **l-ħtija soġġettiva** ta' min jagħmlu.

Il-kontraċezzjoni hija għemil moralment ħażin intrinsikament jew fih innifsu, iżda meta wieħed ikun ser jagħti ġudizzju dwar l-imġieba morali soġġettiva waqt li jirrikonoxxi n-norma oġġettiva li tipprojbixxi l-kontraċezzjoni għandu jieħu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi u l-aspetti diversi tal-għemil konkret tal-persuna, mhux biss l-intenzjonijiet u l-motivazzjonijiet tagħha, iżda wkoll iċ-ċirkustanzi varji ta' ħajjitha u l-ewwelnett il-kawżi li jistgħu ifixklu l-għarfien u r-rieda libera tagħha.

U din il-qagħda soġġettiva, waqt li ma tista' qatt tibdel f'għemil tajjeb dak li intrinsikament huwa ħażin, iżda tista' żżid jew tnaqqas, fi gradi diversi, ir-responsabbiltà tal-persuna li twettaq l-għemil. "Kif inhu

magħruf, dan hu prinċipju ġenerali, li japplikawh għal kull diżordni morali, anki intrinsiku u għalhekk jiġi applikat ukoll rigward il-kontraċezzjoni" (N S M 1; O R; E V 11 (1988-1989) n. 2151).

38.

291. Il-miżżewġin insara għandhom jifhmu li t-tagħlim ta' Kristu dwar iż-żwieġ li tfissrilna ommna l-Knisja Mqaddsa, huwa mbiegħed ħafna minn dak li tgħallem id-dinja speċjalment fi żminijietna. Jeħtieġ li jkunu lesti li jagħmlu anke **sagrifiċċji** kbar biex ma jiċħdux it-tagħlim ta' Kristu, iżda għandhom jemmnu li bil-għajnuna t'Alla li tiġi wkoll mill-grazzja sagramentali, huwa dejjem possibbli li jimxu fuq il-prinċipji kattoliċi.

Skond dawn il-prinċipji: "L-att taż-żwieg mimsus apposta mill-bniedem biex jimpedixxi l-ħajja, fih innifsu huwa ħażin u mhux leċitu, lanqas għal raġunijiet l-iktar gravi, għax qatt ma hu permess li tagħmel il-ħażin biex minnu joħroġ it-tajjeb. Nafu wkoll li għad li n-nisrani għandu jimxi fuq il-kuxjenza tiegħu, qabel xejn għandu jfittex li din tkun taqbel mal-liġi ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja".

Iżda m'għandhomx "għalfejn jaqtgħu qalbhom il-miżżewġin, meta kontra r-rieda tagħhom, jonqsu f'dan il-qasam, għax mhux neċessarjament jinfirdu, kull darba mill-imħabba ta' Alla. Ir-responsabbiltà tagħhom tiddependi minn kif, f'kull każ konkret, ġabu ruħhom quddiem Alla". (P I M: 5.8.1980).

L-EDUKAZZJONI

39.

292. Il-ġenituri, peress li tawhom il-ħajja, huma l-ewwel u l-ewlenin **edukaturi ta' wliedhom** u għandhom id-dritt kif ukoll id-dmir l-iktar gravi li jedukawhom; imiss għalhekk, qabel kulħadd, lill-ġenituri l-jedd li jieħdu ħsieb l-edukazzjoni nisranija ta' wliedhom, skond it-tagħlim mogħti mill-Knisja. (ara G S 62; G E 3).

40.

Peress li l-għan ta' l-edukazzjoni hija l-**maturità nisranija**, il-ġenituri għandhom igħinu lil kull wieħed minn uliedhom biex isegwi l-vokazzjoni tiegħu ta' nisrani u jitgħallem jgħix mhux għalih innifsu, iżda skond ir-rieda ta' Alla u, b'vera libertà nisranija, iwettaq dmirijietu fi ħdan is-soċjetà tal-bnedmin bħala nisrani matur. *293.*

41.

L-edukazzjoni ta' l-ulied għandha tkun tali li tissodisfa **l-ħtiġijiet spiritwali, morali, intellettwali, soċjali, fiżiċi u psikoloġiċi** tagħhom, biex b'hekk l-ulied, meta jikbru, ikunu jistgħu jagħtu xhieda ta' ħajja nisranija, joffru kontribut siewi lis-soċjetà li fiha jgħixu u jaqilgħu onestament għajxien deċenti. *294.*

42.

L-eżempju tal-ġenituri, kemm tal-missier kif ukoll ta' l-omm, għandu influwenza kbira fuq il-formazzjoni ta' l-ulied. Għalhekk, il-ġenituri għandhom joħolqu dik l-atmosfera ta' tjieba u mħabba lejn Alla, lejn xulxin, lejn uliedhom u lejn il-proxxmu, fejn l-ulied jistgħu jitgħallmu mid-dar tagħhom stess, dik l-edukazzjoni soċjali li tagħmilhom ċittadini nsara tajbin. *295.*

43.

L-imħabba tal-ġenituri lejn l-ulied huwa fattur ewlieni u insostitwibbli fl-iżvilupp tal-personalità tat-tfal. Għalhekk l-ulied għandhom id-dritt għall-imħabba tal-ġenituri versu lejhom kif ukoll għal dik li jeħtieġ li l-ġenituri jkollhom lejn xulxin. *296.*

44.

Għalkemm il-ġenituri għandhom jaraw f'uliedhom il-barka t'Alla fil-familja u għalihom ikunu pronti biex jissagrifikaw kollox, però din l-imħabba lejn uliedhom ma għandha tissostitwixxi bl-ebda mod l-**imħabba ta' bejniethom** bħala miżżewġin, imma pjuttost tkabbarha u tipperfezzjonaha. *297.*

45.

298. Il-ġenituri għandhom jeżerċitaw **dixxiplina konsistenti u soda** dejjem iggwidata mill-imħabba. Għalhekk, din il-kwalità ta' dixxiplina għandha teskludi kull egoiżmu u tħares dejjem lejn il-formazzjoni tajba tal-karattru ta' l-ulied.

46.

299. Peress li l-**preżenza ta' l-omm** hija meħtieġa ħafna għat-tfal li qegħdin jikbru, mhux ta' min japprovaha d-drawwa li xi ommijiet, meta jkunu għadhom irabbu lil uliedhom żgħar, joħorġu biex imorru jaħdmu għall-qliegħ tal-flus, mingħajr ma jkun hemm tassew vera ħtieġa u anke fil-każ li jkun hemm bżonn li joħorġu jaħdmu jieħdu ħsieb li wliedhom ikunu mħarsa tajjeb tul l-assenza tagħhom.

47.

300. Għal dawk **it-tfal li jisfaw bla familja,** għandu jsir kull sforz, da parti ta' l-Istat u da parti tal-Knisja, biex jingħatalhom ambjent jixbah kemm jista' jkun lil dak tal-familja, fejn ikunu jistgħu jiġu edukati u mrobbija kif imiss.

48.

301. Huwa dmir tal-familji kattoliċi li jieħdu ħsieb li wliedhom jirċievu l-għajnuniet kollha li r-Reliġjon tagħna toffri għall-**edukazzjoni reliġjuża u spiritwali** tagħhom. Għalhekk il-ġenituri għandhom jikkoperaw sabiex uliedhom ikunu mħejjijin kif jixraq biex jirċie-vu s-Sagramenti, jingħatalhom it-tagħlim nisrani meħtieġ għali-hom, jitgħallmu jitolbu u jitħarrġu fil-virtujiet li għallimna Kristu.

49.

302. L-edukazzjoni u l-formazzjoni li l-ulied jirċievu minn għand il-ġenituri tagħhom, għandha tnissel fihom ħeġġa u sens ta' dmir sabiex **ikomplu jittrasmettu l-kultura tal-ġenituri,** anke dik nisranija, u japprofondixxu dejjem iżjed il-fidi u t-tagħlim li rċivew minn għandhom.

50.

Il-ġenituri għandhom jieħdu ħsieb ukoll li lil uliedhom tingħatalhom *303.* **edukazzjoni sesswali** bil-prudenza xierqa u progressivament skond l-età tat-tfal. Din l-edukazzjoni għandha jkollha bħala skop tagħha, mhux biss dak li tagħti tagħrif bijoloġiku, iżda fuq kollox, li tnissel fit-tfal, sens ta' responsabbiltà u għożża għall-valuri ta' l-imħabba u taż-żwieġ nisrani u tkun skond it-tagħlim tal-Knisja (ara E I U, (1.11.1983), 24-32).

51.

Huwa dmir tal-ġenituri li jikkontrollaw **l-użu** li jagħmlu wliedhom *304.* **mill-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali,** biex dawn ma jisfawx ta' ħsara spiritwali jew materjali għalihom. Huma għandhom jagħmlu ħilithom kollha sabiex uliedhom ma jarawx films oġġezzjonabbli u ma jattendux f'divertimenti li ma jgħoddux għalihom. (I M 10).

52.

Kull xorta ta' **pornografija,** barra milli hija moralment kundan- *305.* nabbli, hija wkoll minaċċja l-iktar serja għas-saħħa tal-moħħ u tal-qalb taż-żgħażagħ u tat-tfal, kif ukoll theddida għar-rabta u l-għaqda tal-familja li fuqha huma mibnija u magħha jinsabu marbuta valuri l-iktar għolja kif ukoll il-ġid u s-saħħa ta' pajjiżna u ta' ġensna (ara wkoll: I A R (7.5.1989); E V 11, (1988-1989), 2237-2270).

53.

Il-ġenituri għandhom id-**dritt li jkollhom imħabba, rispett,** *306.* **għajnuna** u fuq kollox **ubbidjenza** minn uliedhom f'dak kollu li huwa leċitu u raġjonevoli. Għandhom ukoll il-jedd li jagħtu parir sie-wi lil uliedhom, dwar dak li għandu x'jaqsam mal-għażla ta' l-istat tal-ħajja, kif ukoll tal-professjoni, sengħa jew ħidma oħra mingħajr ma jfixklu l-libertà tad-deċiżjoni finali ta' l-ulied.

54.

307. Biex dan jista' jseħħ, għandu jkun hemm **djalogu bejn il-ġenituri u l-ulied.** Għalhekk il-ġenituri, bl-ikbar imħabba u paċenzja, għandhom jisimgħu dak li wliedhom ikunu jridu jgħidulhom, sa minn meta dawn ikunu għadhom żgħar. B'dan il-mod, huma jkunu jqiegħdu pedament għal djalogu li jibqa' jikber ma' l-ulied, u li jasal fil-milja tiegħu fl-adolexxenza, meta dawn l-iktar li jkun jeħtiġilhom jifthu qalbhom mal-ġenituri u minnhom ikunu mmexxija b'pariri siewja.

55.

308. L-insara għandhom jagħtu **appoġġ lill-iskejjel immexxija mill-Knisja** għax bihom, waqt li timxi mal-progress ta' żmienna twassal lill-istudenti tagħha biex jaħdmu għall-ġid ta' pajjiżhom, tkun qed thejjihom ukoll biex ikattru s-saltna t'Alla u biex isiru ħmira ta' salvazzjoni fost il-bnedmin sħabhom bl-eżempju ta' ħajja tajba u bl-apostolat tagħhom.

56.

309. Il-ġenituri nsara għandhom ikollhom **il-libertà vera li jagħżlu għal uliedhom l-iskola** li, fil-kuxjenza tagħhom, iħossu li hija l-aħjar għal uliedhom fiċ-ċirkustanzi tagħhom.

57.

310. Il-ġenituri għandhom id-dritt u d-dmir li jaraw li fl-iskejjel fejn imorru wliedhom, jingħata tagħlim nisrani u li jkun hemm **atmosfera li tgħin fl-iżvilupp tal-ħajja** nisranija tagħhom.

58.

311. Jeħtieġ li t-tifel iħoss li l-għalliema u l-ġenituri tiegħu jaħdmu flimkien għall-ġid tiegħu, għalhekk tkun ħaġa sewwa li l-ġenituri javviċinaw kemm jistgħu lill-għalliema biex dawn isiru jafu aħjar lit-tfal li għandhom f'idejhom. Għal dan il-għan hija ta' siwi kbir l-**Għaqda Ġenituri u Għalliema.**

59.

Il-familja hija soċjetà fiha nfisha bi drittijiet u doveri **antekedenti** *312.* għall-istat u f'ħafna aspetti indipendenti minnu għaliex kull individwu jitwieled fil-familja u jsir ċittadin unikament permezz tal-familja. Fil-missjoni tagħha edukattiva, il-familja mhux biss m'għandhiex tkun imfixkla mill-Istat iżda għandha l-jedd illi minnu tingħata għajnuna. Id-drittijiet tal-familja għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istat u protetti permezz ta' liġijiet xierqa.

60.

Jixraq li l-insara u speċjalment il-miżżewġin ikunu jafu liema huma *313.* d-drittijiet tal-familja msemmija fl-Eżortazzjoni ***Familiaris Consortio*** tat-22 ta' Ottubru, 1981 (n. 46) u li wara ġew imtennija mis-Santa Sede (ara C D F in E V 9 (1983-1985) 468-481).

(a) Għandu jiġi mħares il-prinċipju tal-libertà **f'għażla ta' l-istat** u fid-deċiżjoni jekk wieħed jiżżewweġ jew le. Mingħajr il-kunsens sħiħ u ħieles kif titlob il-liġi, ma jistax isir żwieġ.

(b) Huwa dritt inaljenabbli tal-miżżewġin li jrawmu l-familja billi **jnisslu l-ulied,** waqt li josservaw l-ordni morali fih innifsu, kif ukoll li jedukaw lil uliedhom.

(c) Il-familja mhux biss għandha d-dritt li **teżisti** u timxi 'l quddiem bħala familja iżda wkoll li tgħix **fil-libertà** kollha l-**ħajja reliġjuża** tagħha taħt it-tmexxija tal-ġenituri. Għandha tkun ħielsa li tieħu sehem fil-qima reliġjuża anke fil-pubbliku, li tistqarr pubblikament il-fidi tagħha u xxandarha.

(d) L-Awtoritajiet pubbliċi għandhom ifasslu **pjan xieraq għall-familja,** fl-oqsma ġuridiċi, ekonomiċi, soċjali u fiskali, waqt li jkun salvagwardat id-dritt li l-familja taqdi l-missjoni soċjali u pubblika tagħha fil-bini tas-soċjetà. Il-familji ta' l-emigranti għandhom id-dritt għall-istess ħarsien li jingħata lill-familji l-oħra.

(e) Fejn jidħol **ix-xogħol,** il-familji għandhom dritt għal sistema ekonomika u soċjali li permezz tagħha l-membri kollha tal-familja jkunu jistgħu jgħixu flimkien mingħajr ma tfixkel l-għaqda, il-ġid, is-saħħa u s-sħubija tal-familja, waqt li toffri wkoll lil kulħadd possibiltà ta' rikreazzjoni xierqa.

(f) Il-familja għandha dritt għal **dar xierqa**, adattata għall-ħajja tal-familja u ta' daqs skond l-għadd tal-membri, f'ambjent li joffri s-servizzi l-aktar meħtieġa għall-ħajja tal-familja u tal-komunità.

L-ISPIRITWALITÀ TAL-FAMILJA

61.

314. Biex il-miżżewġin isaħħu l-fedeltà ta' mħabbithom lejn xulxin u biex irabbu ta' nsara lil uliedhom, hemm bżonn li jgħixu **ħajja ta' qdusija.** Huma għandhom ifittxu li jgħixu dejjem il-grazzja sagramentali mogħtija lilhom fis-sagrament taż-żwieġ, jiffrekwentaw is-sagramenti tal-qrar u tqarbin, u jitolbu flimkien.

Ma għandhom jinsew qatt li kull stat tal-ħajja fih is-sagrifiċċju tiegħu; hekk huma jaċċettaw il-provi u s-slaleb tal-ħajja miżżewġa, marbutin b'rassenjazzjoni mar-rieda t'Alla u msaħħin bil-grazzja tiegħu u bil-għajnuna li jagħtu lil xulxin. Kif naqraw fil-***Lumen Gentium*** (n. 11), "Il-miżżewġin insara bis-saħħa tas-sagrament taż-żwieġ igħinu lil xulxin biex jiksbu l-qdusija kemm bl-istess ħajja taż-żwieġ u kemm billi jilqgħu l-ulied u jedukawhom".

62.

315. Huwa rrikmandat li f'kull familja nisranija jingħad ta' **kuljum xi talb adattat,** li fih jieħdu sehem il-membri kollha tagħha, fosthom it-talb ta' filgħodu u ta' filgħaxija; it-talba ta' qabel u wara l-ikel, xi għamliet ta' pjetà popolari u fuq kollox għandha tiġi mħarsa d-drawwa qaddisa tar-Rużarju (ara F C 61). Hija ħaġa ferm sabiħa li fil-Ħdud u l-Festi, il-familja tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta'l-Ewkaristija kollha flimkien.

63.

Ikun utli ħafna jekk fil-familja jsir **xi qari** tajjeb li jħajjar għal ħajja nisranija iktar imħeġġa. Fuq kollox, ta' min jirrikmanda li għall-inqas, fil-Ħdud u fil-festi fil-familja jsir qari tal-Bibbja u speċjalment tal-Vanġelu Mqaddes. *316.*

64.

Għall-ispiritwalità tal-familja, jistgħu jgħinu wkoll il-laqgħat tal-koppji biex jitolbu u jiddiskutu flimkien, bħal ma huma l-**prayer groups** li fihom jieħdu sehem kemm ir-raġel kif ukoll il-mara miżżewġa. *317.*

PASTORALI MAL-FAMILJA

A. *THEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ*

65.

Biex l-għarajjes jiġu ammessi għaż-żwieġ, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara jrid ikollhom **l-età minima** ta' sittax-il sena. F'każ ta' żwieġ ta' minorenni huwa meħtieġ il-permess bil-miktub tal-ġenituri tal-minorenni; dawn il-ġenituri għandhom jiġu mitluba wkoll jesprimu l-fehma tagħhom dwar il-maturità tagħhom (A K E M II, 4 (1.1) jew A K D G, 1/2 n. 129 p. 1996). Jeħtieġ li l-għarajjes ikunu jafu r-responsabbiltà tagħhom bħala kattoliċi u dik li ser jidħlu għaliha bħala miżżewġin. *318.*

66.

Huwa dmir tal-għarajjes li jagħmlu **preparazzjoni serja, konkreta** u minn żmien qabel it-tieġ. Bħala mezz għal dan il-għan, hemm il-lezzjonijiet li jiġu organizzati fil-parroċċi u l-kors li jsir mill-Moviment ta' Kana (ara A K D G n. 17 p. 204). Huwa rrikmandat ħafna li jattendu kors ta' katekesi qabel iż-żwieġ, mifrux fuq tliet snin u li għalih jingħata ċertifikat ta' attendenza li jista' jintalab meta l-għarajjes imorru għand il-kappillan għall-kollokju ta' qabel iż-żwieġ (ara A K D G n. 128 p. 1976). *319.*

67.

320. Bħala regola, almenu sitt xhur qabel, għandhom imorru għand il-kappillan rispettiv tagħhom biex jagħtihom it-tagħrif meħtieġ bħala tħejjija għaż-żwieġ (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet" in A K D G n. 129 p. 1996: direttiva 3). **Il-laqgħat** li jkollu l-kappillan **ma' l-għarajjes** ma għandhomx iservu biss biex isir ftehim dwar iċ-ċerimonji taż-żwieġ, iżda għandhom jieħdu wkoll **xejra pastorali** u jkunu okkażjoni ta' katekeżi. Fil-laqgħat tingħata informazzjoni dwar is-sagramentalità u l-ispiritwalità taż-żwieġ nisrani, iċ-ċelebrazzjoni liturġika tiegħu u d-dmirijiet u responsabbiltajiet tal-koppja miżżewġa (A K E M II, 7; ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet" n. 5 in A K D G n. 129 p. 1997).

68.

321. Madwar xahrejn qabel iż-żwieġ, l-għarajjes iridu jmorru separatament għand il-kappillan rispettiv tagħhom, bid-dokumenti meħtieġa, għall-**investigazzjoni ta' qabel iż-żwieġ.** F'din il-laqgħa, il-kappillan jara li l-għarus/a għandhom it-tagħlim u l-formazzjoni msemmija qabel. Qabel ma timtela l-formola ta' l-investigazzjoni, il-Kappillan jew min ikun floku, għandu jgħarraf lill-għarus/a li t-tweġibiet ser jingħataw taħt ġurament u jfakkarhom dwar is-serjetà tiegħu, imbagħad jimla l-formola li l-għarajjes għandhom iwassluha lill-Kanċellier tal-Kurja li f'Għawdex huwa responsabbli mill-Uffiċċju taż-Żwiġijiet (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet", n. 6-7 in A K D G, n. 129 p. 1997).

69.

322. Bħala regola, biex koppja tkun tista' tressaq domanda l-Kurja, l-għarajjes iridu jkunu ilhom jafu lil xulxin almenu għal sitt xhur. Mhux inqas minn xahar qabel iż-żwieġ, l-għarajjes għandhom jippreżentaw fl-Uffiċċju taż-Żwiġijiet tal-Kurja, il-formoli ta' l-investigazzjoni ta' qabel iż-żwieġ. Għandhom jiġu ppreżentati wkoll diversi dokumenti/ċertifikati. Dawn huma ċertifikati riċenti tal-

Magħmudija, u tal-Griżma ta' l-Isqof, Ċertifikat ta' l-Istat Liberu u/ jew Ċertifikat tal-mewt tar-raġel jew tal-mara jekk ikun il-każ, ċertifikat ta' l-attendenza għal-laqgħa ta' tħejjija għaż-żwieġ u **dokumenti awtentiċi** oħra skond il-każ.

Dawk li rċivew il-Magħmudija fi djoċesi oħra, jeħtieġ li jagħtu l-indirizz sħiħ u eżatt tal-Knisja/Parroċċa fejn tkun saret il-Magħmudija (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet", n. 8-9 in A K D G n. 129 p. 1997).

70.

Almenu tliet ġimgħat qabel iż-żwieġ, għandhom jiġu ppubblikati t- *323.*
tnedijiet, kemm fil-parroċċa tal-għarus kif ukoll f'dik tal-għarusa, fuq formola maħruġa apposta mill-Uffiċċju taż-Żwiġijiet tal-Kurja, billi jitwaħħlu fuq in-'notice-boards' għal tmint ijiem konsekuttivi, li jkunu jinkludu żewġt iħdud.

Meta persuna tkun għexet barra mid-djoċesi għal iktar minn sitt xhur, din għandha tipprova **l-istat liberu tagħha.** Dan isir jew permezz ta' ġurament mill-ġenituri jew xhieda ta' min joqgħod fuqhom, li jikkonfermaw il-ġurament tagħha, jew permezz ta' dokument uffiċjali u awtentiku. Il-Kanċellier, wara li jkun studja l-każ, jagħti l-librett tad-dokument lill-għarajjes, u jfissrilhom il-proċedura.

Meta persuna, wara l-età ta' sittax-il sena, kellha domiċilju f'aktar minn parroċċa waħda, it-tnedijiet isiru f'kull parroċċa fejn kellha domiċilju.

Jekk fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni ta' l-aħħar tnedija, iż-żwieġ ma jiġix iċċelebrat, it-tnedijiet għandhom isiru mill-ġdid (ara. "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet" n. 10-13 in A K D G, n. 129 p. 1997-1998).

B. *IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAŻ-ŻWIEĠ*

71.

324. Meta mit-tnedijiet ma jkun irriżulta l-ebda impediment u ma jkun hemm ebda raġuni oħra li minħabba fiha jkun meħtieġ il-permess ta' l-Ordinarju tal-post, biex jiġi ċċelebrat iż-żwieġ, il-Kappillan jew saċerdot/djaknu delegat minnu, jista' jipproċedi għaċ-**ċelebrazzjoni taż-żwieġ.** F'każ kuntrarju, jirreferi l-każ lill-Ordinarju tal-post (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet", n. 14 in A K D G n. 129 p. 1998).

72.

325. Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ issir fil-**parroċċa** fejn waħda jew l-oħra mill-partijiet kontraenti hija domiċiljata jew fejn ikun ilha toqgħod għal żmien xahar. Bil-permess ta' l-Ordinarju jew tal-Kappillan proprju, iż-żwieġ jista' jiġi ċċelebrat banda oħra. Rigward issaċerdot jew djaknu li jassisti għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, u rigward id-delega għal din l-assistenza, għandu jiġi mħares dak li hemm fil-kanoni 1109 (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet", n. 16-17 in A K D G, n. 129 p. 1998).

73.

326. L-għarajjes għandhom jiffissaw mal-kappillan u mar-rettur tal-Knisja fejn se jsir iż-żwieġ, id-data u l-**ħin taċ-ċerimonja.** Dawn għandhom jiġu magħżula b'mod li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni mhux biss il-ħbieb u l-qraba, iżda l-familja kollha parrokkjali u mingħajr ma jinħolqu diffikultajiet għall-organizzazzjoni tas-servizz liturġiku, li jkun hemm fil-knisja/parroċċa. L-għarajjes għandhom jaraw ukoll li jkunu fil-ħin assenjat lilhom. Nuqqas ta' puntwalità min-naħa tagħhom jista' joħloq ħafna inkonvenjenzi (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet", n. 18 in A K D G, n. 129 p. 1998).

74.

327. **Il-fotografiji** fil-knejjes fl-okkażjoni tal-funzjoni tat-tieġ jistgħu jittieħdu f'dawn il-mumenti: (i) waqt id-dħul fil-knisja; (ii) waqt ir-rit

taż-żwieġ; (iii) waqt li jiffirmaw il-ktieb; (iv) waqt it-tqarbin; (v) waqt il-purċissjoni ta' wara ż-żwieġ.

Matul il-quddiesa, biex tinżamm id-dinjità taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, il-fotografi m'għandhomx jieħdu ritratti u videos ħlief millpost li jassenjalhom il-kappillan jew rettur tal-knisja, biex ma jfixklux l-attenzjoni tan-nies bil-ġiri tagħhom 'l hawn u 'l hinn fil-knisja (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet", n. 19-20 in A K D G, n. 129 p.1998).

75.

Għandu jsir ftehim minn qabel mal-kappillan/rettur dwar id-daqq, il- *328.*
kant, u l-arranġamenti tal-fjuri waqt iċ-**ċerimonja taż-żwieġ.**

Hija ħaġa xierqa li ċ-ċerimonja fil-knisja tkun xorta waħda għal kulħadd, barra mill-eċċezzjoni li tagħmel il-Liġi Kanonika. Għandu jitneħħa kull **tiżjin esaġerat** li jista' jfixkel il-ġabra u jtellef il-valur spiritwali taċ-ċerimonja u tiġi mneħħija kull diskriminazzjoni.

Minn żmien għal żmien, il-Kummissjoni Liturġika Djoċesana tapprova lista ta' tiżjin u ta' ħwejjeġ oħra li jiġu permessi fil-knisja fejn isiru ż-żwiġijiet (bħal per eżempju: tapit, użu ta' orgni, eċċ.). Il-knejjes kollha għandhom josservaw din il-lista u ma jintroduċux affarijiet oħra li ma humiex inkluzi fiha.

Ta' min ifakkar illi meta jitħallsu l-emolumenti biex ikollhom dattiżjin u servizz li semmejna, b'daqshekk il-knisja ma tkunx qed tiġi mikrija lill-għarajjes jew il-familjari tagħhom u għalhekk l-organizzazzjoni u l-aħħar kelma hija dejjem tal-kappillan jew rettur tal-knisja (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet", n. 21-23, u 35 in A K D G, n. 129 p. 1998-2000).

76.

329. Tajjeb li l-għarajjes, bi ftehim mal-kappillan, u skond kif tippermetti l-Liturġija, jagħżlu l-qari, it-Talb u l-Barkiet tal-Liturġija tat-tieġ tagħhom. Hija ħaġa ta' siwi kbir li ssir **prova taċ-ċerimonja** tar-rit lill-għarajjes u lil dawk kollha li ser jieħdu sehem, biex iżjed jinżamm ordni u kulħadd ikun jaf x'għandu jagħmel u fejn għandu joqgħod (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet" n. 24-25 in A K D G, n. 129 p. 1999).

77.

330. **Ix-xhieda** jistgħu jakkumpanjaw lill-għarajjes, fin-nuqqas tal-ġenituri. Jis-tgħu jagħmluha ta' letturi waqt il-quddiesa. Huwa xieraq li jieħdu sehem sagramentali billi jersqu għat-tqarbin. Ix-xhieda li jistgħu jkunu kemm irġiel kif ukoll nisa, għandhom ikollhom l-età u l-kwalitajiet l-oħra li tippreskrivi l-liġi ċivili (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet" n. 26 in A K D G, n. 129 p. 1999).

78.

331. L-għarajjes għandhom jaraw li l-**libsa** tagħhom tkun denja tal-knisja u tas-sagrament li ser jamministraw lil xulxin. Ilbies skullat u trasparenti m'għandu qatt jiġi aċċettat, anqas fuq dawk li jkunu qed jagħmluha ta' Bridesmaid. L-għarajjes huma fid-dmir li lill-mistednin tagħhom ifakkruhom biex jilbsu b'mod deċenti għall-knisja jekk ikunu ser jattendu għar-rit taż-żwieġ (ara "Direttivi taż-Żwiġijiet" n. 27 in A K D G, n. 129, p. 1999).

79.

332. Bħala regola, iż-żwieġ isir **fil-quddiesa.** Huma u jagħmlu l-wegħdiet u jagħ-tu l-kunsens, l-għarajjes għandhom joqogħdu bil-wieqfa, fil-preżenza tal-ministru li jassisti għaż-żwieġ, tax-xhieda u tal-komunità. Jixraq li anke f'dan il-mument jiġu wżati l-microphones. Iżda ż-żwieġ ma jistax isir fil-quddiesa meta waħda mill-partijiet mhix mgħammda, iżda jista' jintalab il-permess biex isir immedjatament qabel jew wara l-quddiesa (ara "Direttivi għaż-Żwiġijiet" n. 28 in A K D G, n. 129 p. 1999).

80.

F'kull knisja fejn jiġu ċċelebrati ż-żwiġijiet, għandu jkun hemm *333.*
reġistru li fuqu l-għarajjes jiffirmaw il-kunsens tagħhom fiż-żwieg. Dan ir-reġistru għandu jiġi ppreżentat lill-għarajjes mill-ministru li jassisti għaż-żwieġ tagħhom. L-għarajjes, is-saċerdot u x-xhieda jiffirmaw dan ir-reġistru quddiem il-komunità.

Wara l-firma tar-reġistru taż-żwieġ, il-kappillan jew il-ministru delegat minnu jagħti lill-miżżewġin ġodda ċertifikat taż-żwieġ, li jinkiseb mill-Kurja (ara "Direttivi taż-Żwiġijiet", n. 29-30 in A K D G, n. 129 p. 1999).

81.

Il-kappillan wara li jirreġistra ż-żwieġ fir-reġistru tiegħu, għandu *334.*
javża lill-kappillan tal-post fejn l-għarajjes marru joqogħdu biex dan ikun jista' jżur lill-**familja l-ġdida** li ssieħbet fil-komunità parrokkjali li tagħha huwa r-ragħaj (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet" n. 33 in A K D G, n. 129 p. 2000).

82.

Is-servizz ta' **l-orgni u l-kor** isir kollox skond id-drawwiet tal-post *335.*
bi ftehim mal-kappillan jew rettur fejn isir it-tieġ. Ta' min josserva li l-kant waqt il-quddiesa u r-rit taż-żwieġ irid ikun kant skond iddirettivi tal-Mużika Sagra u mhux profan.

Il-'**flower arrangements**' għal waqt it-tieġ jeħtieġ li jsiru bi ftehim mal-kappillan jew rettur responsabbli. Jixraq li dawn jibqgħu filknisja fejn isir iż-żwieġ, u mhux jittieħdu wara li tintemm il-funzjoni. Dan qed isir għax mhux sew li l-artal li soltu jkollu arranġamenti talfjuri magħmul mill-parroċċa/knisja jibqa' mingħajr il-ward sempliċement għax l-għarajjes jieħdu lura dawk li jkunu poġġew (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet" n. 36 in A K D G, n. 129 p. 2000).

83.

336. F'każijiet ta' **żwiġijiet imħallta** għandu jiġi osservat dan li ġej:

Hija meħtieġa d-dispensa ta' l-Ordinarju tal-post biex isir iż-żwieġ validu bejn il-parti kattolika u l-parti li mhix mgħammda.

Hekk ukoll meħtieġ il-permess ta' l-Ordinarju biex jiġi ċċelebrat leċitament żwieġ bejn persuna kattolika u persuna oħra mgħammda li tappartjieni għal xi komunità li mhix f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika.

F'każijiet bħal dawn għandhom jiġu osservati n-normi tal-Konferenza Episkopali Maltija li hemm fit-tieni volum ta' l-Atti tal-Konferenza Episkopali Maltija fin-numri 34 sa 56 (ara "Direttivi dwar iż-Żwiġijiet" n. 37 in A K D G, n. 129 p. 2000).

C. *PASTORALI WARA Ż-ŻWIEĠ*

84.

337. F'kull parroċċa għandu jinstab mezz kif il-kappillan, mgħejjun missaċerdoti, iżomm **kuntatt mal-familji**. Dan il-fini jista' jintlaħaq b'diversi ħidmiet pastorali fosthom il-'**Family Visits**'. Għalhekk fejn isir dan, jinstab numru ta' saċerdoti li, flimkien mal-kappillan, jagħmlu dan ix-xogħol hekk importanti fil-ħajja tal-familja kif ukoll għall-ħajja tal-parroċċa. Għandhom jiġu osservati d-direttivi li hemm għall-'Family Visits' fl-Atti tal-Kurja n. 93 (1988) p. 1416-1417.

85.

338. Kull parroċċa għandha torganizza **laqgħat għall-ġenituri ta' kull xahar** fejn dawn jiġu mgħarrfa bir-responsabbiltà tagħhom bid-dmir li għandhom dwar it-trobbija sewwa ta' wliedhom u dwar id-dmirijiet l-oħra li jirrigwardaw il-ħajja tal-familja.

86.

F'kull parroċċa għandhom jinstabu mezzi biex jiġu mlaqqgħin gruppi żgħar ta' diversi kategoriji fejn jiġu diskussi problemi li jirrigwardaw il-ħajja tal-familja. *339.*

87.

Jixraq li l-membri tal-familja jieħdu r-rikreazzjoni tagħhom flimkien. Għalhekk tkun ħaġa tassew tajba li f'kull parroċċa jkun hemm Ċentru Parrokkjali li jista' jintuża ta' spiss għar-**rikreazzjoni tal-familja.** *340.*

88.

Għandhom jingħataw korsijiet qosra ta' katekiżmu dwar ir-rit, in-natura u l-effett tas-sagrament tal-magħmudija, għall-**ġenituri** u, possibilment, **għall-parrini** tat-trabi li jkunu ser jirċievu dan is-sagrament. L-istess isir meta t-tfal ikunu ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. *341.*

89.

Meta l-**familja** tkun tinstab **f'xi kriżi** tkun ħaġa sewwa u ta' min ifaħħarha li ssib għajnuna permezz ta' xi familja oħra. L-istess jingħad għal dik l-għajnuna li familja fqira ssib mingħand familja li tkun tista' tgħin. Hija waħda mill-opri tal-karità li tagħha wieħed ikun ippremjat. *342.*

90.

F'kull parroċċa, għandha titqajjem kuxjenza, u jkun hemm xi ħadd responsabbli (p.e. Il-Kumitat tal-Promozzjoni Umana tal-Parroċċa, jew il-Caritas Parrokkjali) biex meta xi **familja** tkun f'xi **bżonn ekonomiku,** jirreferiha lill-Uffiċċju tas-Servizz Soċjali Djoċesan, jew lil xi enti ieħor li jista' jgħinha. *343.*

91.

Il-Moviment ta' Kana għandu jkompli **jagħti s-servizz ta' pariri** f'ħinijiet regulari matul il-ġimgħa, fuq aspetti familjari: mediku, *344.*

morali, legali u soċjali. Il-familji għandhom jiġu mfakkra b'dan is-servizz minn żmien għal żmien permezz ta' l-avviżi li jistgħu jsiru fil-Knisja jew fuq il-Bullettin tal-Ħadd.

92.

345. Kull parroċċa għandha tgħin materjalment lil din il-ħidma mil-lat finanzjarju biex hekk ikun jista' jitwettaq iktar ġid fost il-familji. Mhux biss, imma din il-ħidma għandha **ssib appoġġ** sħiħ minn kull saċerdot, kappillan u anke diversi enti fil-parroċċa.

93.

346. Il-Konkors **"Familja Qalb tad-Deheb"**, imniedi kull sena mill-Moviment ta' Kana, għandu jibqa' jsir kull sena. Il-Kummissjoni tal-Familja għandha tgħin lill-Moviment f'dan l-iskop billi ssib aktar mezzi effikaċi biex l-għaqdiet f'diversi rħula jikkoperaw aktar.

HIDMA PASTORALI MAT-TFAL

INTRODUZZJONI

1.

"**L-edukazzjoni** li tassew ħaqqha dan l-isem, tfittex li tifforma l- *347.*
persuna umana biex tilħaq l-għola fini tal-ħolqien tagħha u biex tikseb il-ġid ta' dawk is-soċjetajiet li tagħhom il-bniedem huwa membru u li fihom, kull wieħed, meta jikber, għandu xi dmirijiet xi jwettaq.

Filwaqt li jittieħed f'konsiderazzjoni l-progress li sar fil-psikoloġija, fil-pedagoġija u fil-metodi tat-tagħlim, għandha tingħata għajnuna lit-tfal u liż-żgħażagħ biex jiżviluppaw f'għaqda waħda ma' xulxin id-doni tagħhom: ta' saħħa tal-ġisem u tal-kapaċitajiet morali u intellettwali, biex bil-mod il-mod, jakkwistaw aktar sens ta' responsabbiltà fit-treġija tagħhom infushom tul ħajjithom kollha u biex ifittxu l-vera libertà wara li b'ħila kbira u bi sforzi bla heda jkunu rebħu x-xkiel li jiltaqgħu miegħu" (G E nru. 1).

Sabiex dawn il-**prinċipji tal-Konċilju Vatikan II** jkunu jistgħu jiġu mwettqa f'pajjiżna u applikati għaċ-ċirkustanzi partikulari li fihom igħixu u jikbru t-tfal tagħna, ġie mħejji dan id-dokument pastorali bit-tama li jkun ta' għajnuna għas-saċerdoti, għar-reliġjużi, għall-ġenituri, għall-għalliema, għall-katekisti, għall-mexxejja tal-għaqdiet reliġjużi u għal dawk kollha li, b'mod jew ieħor, għandhom xi parti mir-responsabbiltà li jgħinu lit-tfal biex jiġu ffurmati skond it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja Tiegħu.

A. EVANĠELIZZAZZJONI: KATEKEŻI ADEGWATA

2.

L-età tat-tfulija hija żmien ta' Evanġelizzazzjoni: It-tfal huma *348.*
nsara peress li rċevew il-Magħmudija, iżda għad iridu jagħmlu l-esperjenza ta' fidi u ta' ħajja nisranija. Huma għadhom ma jafux xi

jfisser tkun nisrani. Għalhekk, il-katekesi ta' l-età tagħhom, jeħtieġ li qabel xejn tgħallimhom xi jfisser li tkun u tgħix ta' nisrani billi tqajjem fihom il-fidi u żżommha ħajja bil-kelma t'Alla.

3.

349. Kull età titlob tħabbira tal-Kelma t'Alla u li din tiġi mogħtija b'mod li jkollha x'taqsam ma' l-esperjenzi tal-bniedem li jirċeviha. Għalhekk, anki t-tifel **għandu bżonn tal-Kelma li ddawwal** il-progress ta' ħajtu, l-esperjenzi ġodda, l-iżvilupp personali u l-għarfien ftit ftit tar-relazzjonijiet soċjali. B'hekk jintlaħaq l-iskop ta' l-evanġelizzazzjoni li huwa l-edukazzjoni għall-fidi, li tkompli tiżviluppa matul it-tfulija, iż-żgħożija u l-età adulta.

Huwa neċessarju, allura, li **l-proġett ta' edukazzjoni** għall-fidi, jinbeda mis-snin l-iktar bikrin u jkompli sejjer bla waqfien.

4.

350. **L-esperjenza tat-tifel: post ta' evanġelizzazzjoni:** L-evanġelizzazzjoni trid tagħti l-akbar attenzjoni lill-esperjenzi tal-ħajja tat-tifel, għaliex fihom Alla juri li Hu preżenti u juri Lilu nnifsu bis-sejħat tiegħu. Mingħajr din il-għaqda mal-ħajja, il-Kelma t'Alla ssir sempliċement informazzjoni kulturali u ma tibqax aktar il-"Kelma tal-Ħajja għall-ħajja".

Infatti, it-tifel ipoġġi lilu nnifsu quddiem il-messaġġ kristjan bil-ħajja tiegħu stess, u mhux biss bl-intelliġenza u l-memorja.

It-tifel għandu kuxjenza tiegħu nnifsu billi kontinwament jagħti ħarsa lejn ir-realtà ta' kuljum tal-ħajja tiegħu: familja, skola, grupp, ħin liberu, eċċ. Dan kollu jsir mhux permezz ta' xi għarfien intellettwali iżda permezz ta' esperjenza konkreta.

5.

Tħabbar lil Ġesù Kristu. Tevanġelizza jfisser li tħabbar lit-tifel li Alla hu preżenti fid-dinja u jaħdem fiha permezz ta' Ġesù Kristu, li jirrevela lill-Missier u jagħti l-Ispirtu Tiegħu. Din il-ġrajja ta' Ġesù Kristu għandha tiġi mħabbra lit-tifel bħala realtà ħajja. Kristu huwa preżenti bil-persuna tiegħu u bl-azzjoni tiegħu fil-qalba ta' l-esperjenza umana. Meta t-tifel jagħraf u jsir familjari ma' din il-preżenza u l-azzjoni ta' Kristu, ikun faċli għalih li jħares lejn Kristu u jiltaqa' Miegħu bħala persuna ħajja, bħal xi ħadd li jsejjaħlu u jagħmillu l-kuraġġ. Jeħtieġ li din il-laqgħa ma' Ġesù Kristu, it-tifel jilqagħha u jifhimha bħala "Vanġelu" jew "aħbar tajba" mhux għal mument wieħed biss, iżda bħala influwenza li tistimula l-iżvilupp tiegħu, tiftaħlu orizzonti ġodda, u tistiednu jgħix tajjeb matul il-ħajja tiegħu kollha. *351.*

"Kull katekesi awtentika trid tkun Kristoċentrika. L-oġġett primarju u essenzjali tal-Katekesi hu l-misteru ta' Kristu. Il-Katekesi trid tikxef fil-persuna ta' Kristu l-pjan etern kollu ta' Alla. Trid tifhem it-tifsira ta' l-azzjonijiet u l-kelmiet ta' Kristu kif ukoll is-sinjali li huwa wettaq" (C T 5).

6.

Ir-risposta tal-fidi: Fir-realtà tal-ħajja jeżistu ċerti kontradizzjonijiet li t-tifel mhux la kemm ma jintebaħx bihom: il-ħażen u l-mibegħda kultant jidhru li huma iktar qawwija mit-tjubija u mill-imħabba, l-interessi xi drabi jegħlbu l-ġenerożità, il-vendetta donnha tirbaħ fuq il-maħfra, il-mewt fuq il-ħajja, il-faqar u l-miżerja fuq il-ġustizzja u l-ugwaljanza. It-tagħlim ta' Kristu mogħti fil-Vanġelu mhux imwettaq ħaġa b'ħaġa fir-realtà umana; altru dak li jgħid il-Vanġelu u altru dak li jgħidu u jagħmlu l-bnedmin. Mhux la kemm wieħed jilmaħ is-sinjali tal-preżenza t'Alla fl-aġir tal-bnedmin jekk ma tingħatax għajnuna biex l-azzjonijiet tal-bnedmin jiġu interpretati fid-dawl tal-fidi. Fi kliem ieħor, mhux biżżejjed id-dawl tar-raġuni, iżda meħtieġ *352.*

ukoll atteġġjament tal-fidi, biex wieħed jammetti li fl-esperjenza tal-bnedmin, Alla jkun preżenti u bil-mod il-mod iwettaq il-pjan tiegħu.

"L-edukazzjoni hija kristjana, meta teduka l-bnedmin skond il-ħsieb ta' Kristu, meta tara l-istorja bħalma jaraha Hu, tittama bħalma jgħallem Hu, tiġġudika l-ħajja bħalu, tagħżel u tħobb kif jagħżel u jħobb Hu, meta twassal lill-bnedmin li jgħixu Fih fl-għaqda mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu. L-ewwel risposta għall-Kelma t'Alla hija għalhekk il-fidi f'Ġesù Kristu, cioè li t-tifel jagħraf il-preżenza ta' Kristu fil-ġrajjiet ta' kull ġurnata u jkun kapaċi jgħix ħajja fil-għaqda Miegħu" (R C).

7.

353. **Il-Pedagoġija ta' l-Evanġelizzazzjoni:** Il-proġett ta' evanġelizzazzjoni jrid jimxi fuq pedagoġija li biha jkun jista' jintlaħaq u jitwettaq l-iskop li semmejna. Din il-pedagoġija tipprova tilħaq lit-tifel fl-integrità tal-persuna tiegħu, jiġifieri tipprova teduka r-ruħ u l-ġisem, l-intelliġenza, ir-rieda u s-sensi, u tmexxih sabiex huwa jkun jaf jieħu deċiżjoni u jagħmel għażla personali quddiem il-messaġġ kristjan.

Din il-pedagoġija ma tistenniex tant li tilħaq riżultati mmedjati, imma pjuttost li tgħin lit-tifel isolvi t-tensjonijiet li jiltaqa' magħhom fil-ħajja nisranija, f'dinja li kuljum qegħda titbiddel. Hija ssegwi kriterji ta' kreatività, jiġifieri tipprova toħloq xi ħaġa ġdida u taddatta ruħha għall-problemi ta' kuljum, iktar milli toffri riċetti li jiswew dejjem u kullimkien, u li xi drabi huma superfiċjali ħafna.

Fil-formazzjoni li jieħu t-tifel, jeħtieġ li ssir ħafna insistenza miegħu biex huwa ma jikkunsidrax biss l-intelliġenza tiegħu bħala mezz biex jikseb il-flus u biex juri s-superjorità tiegħu fuq dawk li huma inqas intelliġenti minnu, imma fuq kollox, bħala dmir ta' ħidma u ta' responsabbiltà lejn l-oħrajn.

"Xi tagħlim bl-amment tal-kliem ta' Ġesù ta' siltiet importanti fil-Bibbja, tal-għaxar Kmandamenti, tal-formoli tal-professjoni tal-fidi, ta' testi liturġiċi ta' talb essenzjali, ta' ideat dottrinali ta' ċerta importanza, mhux talli ma jeħduhiex kontra d-dinjità ta' nsara żgħażagħ jew joħolqu ostaklu għad-djalogu personali m'Alla, iżda hu bżonn reali bħalma tennew b'ċerta saħħa l-Isqfijiet tas-Sinodu" (C T 55).

8.

L-Ambjent naturali ta' l-eżistenza tat-tifel: Peress li trid tilħaq il-persuna integrali tat-tifel, l-evanġelizzazzjoni ma għandhiex tinsa l-ambjent naturali li fih jgħix dak it-tifel. Jekk il-messaġġ tal-fidi ma jkunx ipproporzjonat ma' l-ambjent tas-semmiegħa, hemm il-periklu li t-tagħlim ikun biss superfiċjali, b'mod partikulari fl-età tat-tifel li hija kundizzjonata ħafna mill-ambjent tal-ħajja. *354.*

Il-fidi tat-tifel timmatura aħjar, meta huwa jieħu sehem flimkien ma' oħrajn fl-esperjenzi tal-ħajja nisranija. Kull katekiżmu għalhekk, ma jistax iħares biss lejn l-esperjenzi tat-tifel, imma jrid ikun miftuħ ukoll għal dawk in-nies li magħhom it-tifel ikollu kuntatt.

Huwa neċessarju allura li l-evanġelizzazzjoni tieħu f'kunsiderazzjoni l-postijiet naturali tal-ħajja tat-tifel, bħal ma huma l-familja, l-iskola, il-gruppi, il-komunità parrokkjali u l-ambjent tal-ħin liberu għaliex f'dawn il-postijiet jinbtu u jissawru r-relazzjonijiet bejn it-tifel u d-dinja tal-kbar.

"Fuq kollox għat-tifel, il-familja għandha tkun il-post li fih jixxandar il-Vanġelu u li minnu l-Vanġelu jiġi mxandar" (E N 71).

"Il-ġenituri nsara jridu jistinkaw biex jimxu fuq u jirrepetu dejjem fl-ambjent tal-familja, it-tagħlim l-aktar metodiku li jkunu rċivew band'oħra" (C T 68).

9.

355. **L-evanġelizzazzjoni u l-katekist:** Fl-evanġelizzazzjoni għandu importanza kbira l-katekist - animatur tal-grupp tat-tfal u tal-komunità. Il-katekist huwa s-sinjal l-aktar effikaċi ta' l-evanġelizzazzjoni, iżda jeħtieġ li huwa jkun kapaċi jikkomunika l-messaġġ kristjan b'ċertu mod li dan il-messaġġ jiftiehem tajjeb u jiġi emmnut.

Il-ktieb jew it-test tal-katekiżmu, anke jekk ikun perfett, waħdu mhux biżżejjed biex titwettaq l-evanġelizzazzjoni. Għall-evanġelizzazzjoni hija meħtieġa l-preżenza u l-ħidma tal-katekist bis-sensibbiltà umana tiegħu u fuq kollox bl-esperjenza tiegħu ta' fidi.

Il-katekist għaqli jilqa' lil Kristu fil-ħajja tiegħu, jipprova wkoll jisma' u jifhem il-messaġġ tiegħu u jagħmel ħiltu kollha biex jgħix mill-aħjar li jista' l-ħajja nisranija. Hekk filwaqt li jħabbar 'il Kristu bi kliemu, jagħti wkoll xhieda tiegħu quddiem l-oħrajn u jkun huwa nnifsu sinjal tal-preżenza ta' Kristu fid-dinja.

10.

356. **Pastorali kateketika:** Il-katekesi ma tfissirx biss li ssir il-lezzjoni tal-katekiżmu għat-tfal, iżda huwa meħtieġ fuq kollox li tinħoloq pastorali kateketika għalihom. Bħala bidu tagħha, din il-pastorali tista' tinbena fuq ix-xhieda nisranija u x-xogħol li twettaq il-komunità fejn jgħixu t-tfal. "Il-komunità nisranija għandha żewġ responsabbiltajiet rigward il-katekesi: hi għandha r-responsabbiltà tat-tħejjija tal-membri tagħha, iżda wkoll għandha r-responsabbiltà li tilqagħhom f'ambjent fejn ikunu jistgħu jgħixu, dak kollu li jkunu tgħallmu" (C T n. 24).

Din il-pastorali għandha twassal għall-konklużjoni, jew tilħaq it-tmiem tagħha meta t-tifel jiġi mwassal biex ikollu sehem sħiħ fil-komunità tal-fidi, fil-qima lil Alla u fis-servizz lill-aħwa (U. Giannetto - R. Giannatelli, *"La catechesi dei ragazzi"*, L.D.C. 1973). Għal din ir-raġuni l-komunità għandha tħoss ir-responsabbiltà li tkun ta' eżempju għat-tfal kif ukoll li tinteressa ruħha fit-twettiq tal-katekiżmu.

B. FORMAZZJONI LITURĠIKA:

11.

Importanza tas-Sagramenti ta' Inizjazzjoni Nisranija: Wieħed mill-interessi ċentrali tat-tifel huma l-ewwel Qrara, l-ewwel Tqarbina u s-sagrament tal-Konfirmazzjoni. F'din l-okkażjoni jingħata bidu għall-ħajja sagramentali u liturġika tat-tifel. Jekk f'din l-età, huwa jersaq għas-sagramenti, imħejji kif imiss, dan il-pass ikollu influwenza qawwija fuq ħajtu kollha. *357.*

Għalhekk, il-familja u l-parroċċa għandhom jagħtu importanza partikolari lil din il-ġrajja. Meħtieġ ukoll li l-katekesi tieħu bl-akbar serjetà l-preparazzjoni għas-sagramenti. "Il-katekesi hija intrinsikament marbuta ma' l-attività liturġika u sagramentali kollha kemm hi, għaliex hu fis-sagramenti, speċjalment fl-Ewkaristija, li Ġesù Kristu jaħdem fil-milja tiegħu kollha għat-trasformazzjoni tal-bniedem" (C T 23).

12.

Is-sehem ta' l-edukaturi fil-preparazzjoni għas-sagramenti: Ġeneralment, it-tfal jiġu ppreżentati fl-ambjent parrokkjali jew f'xi għaqda reliġjuża. Fiż-żewġ każi, il-preparazzjoni tagħhom titlob il-koperazzjoni ta' l-edukaturi l-oħrajn kollha: *358.*

a) **il-ġenituri.** L-ewwel katekisti ta' wliedhom, huma r-responsabbli ewlenin u l-promuturi prinċipali tal-preparazzjoni ta' wliedhom għas-sagramenti (ara D I M 48-86).

b) **is-saċerdoti u l-membri kollha tal-parroċċa** huma msejħa biex iħarsu l-aspett liturġiku ta' din il-preparazzjoni, ġaladarba l-bidu għall-ħajja sagramentali ssir fil-Knisja. Is-saċerdoti nkarigati minn din il-ħidma pastorali għandhom bil-prudenza joħolqu kollaborazzjoni xierqa bejn il-familja, l-iskola u l-komunità parrokkjali.

c) **l-edukaturi nsara, b'mod speċjali t-teachers Kattoliċi,** għandhom id-dmir li jsegwu personalment it-tifel matul iż-żmien tal-preparazzjoni remota u prossima għall-ewwel sagramenti billi juru interess u jikkordinaw il-programm tat-tagħlim tar-reliġjon mal-katekesi tal-parroċċa u jrawmu fit-tifel ix-xewqa li jiltaqa' ma' Ġesù u li jidħol fil-komunità tal-fidili adulti.

13.

359. **Il-familji,** li jkollhom it-tfal għall-ewwel Tqarbina jew għall-Griżma, għandhom jiġu mitluba personalment biex waħda waħda, jew ma' xulxin, jiltaqgħu mas-saċerdoti jew mal-katekisti nkarigati u hekk jiftehmu flimkien dwar l-iskop u l-mezzi tal-preparazzjoni u t-tqassim ta' xi xogħol partikulari, u dan għandu jsir fil-bidu tas-sena skolastika.

14.

360. Anke l-**membri tal-għaqdiet kattoliċi,** it-teachers u l-katekisti voluntieri għandhom jagħtu s-sehem edukattiv tagħhom f'isem il-Komunità Nisranija kollha. Dan hu ta' importanza kbira, peress li bl-ewwel Tqarbina, it-tifel mhux biss jieħu sehem mill-mejda ewkaristika, iżda uffiċjalment jibda jagħmel parti mill-komunità liturġika.

15.

361. **Il-ġenituri nsara** għandhom jagħtu s-sehem tagħhom fil-preparazzjoni remota għas-Sagramenti, billi jieħdu ċerti aspetti ċentrali ta' l-edukazzjoni reliġjuża:

a) joħolqu fit-tfal is-sens t'Alla li bħala missier jinteressa ruħu personalment f'kull wieħed minna, iħobbna u jrid li nobduh għall-ġid tagħna.

b) inqajmu fit-tifel sens ta' responsabbiltà li bih jirrispondi għas-sejħa divina.

c) irawmu fih il-ħsieb li huwa "iben ta' Alla" u hekk innisslu fih ix-xewqa li jsir membru adult tal-Knisja ta' Kristu.

d) iħeġġuh biex jitlob sinċerament, billi jgħallmuh xi talb ħafif li jista' jifhmu u jirreċitah id-dar mal-familja jew anki f'xi ċelebrazzjoni liturġika.

e) jitkellmu mat-tifel fuq temi reliġjużi bħal ma huma stejjer bibbliċi.

f) jippruvaw jispjegaw is-simboliżmu ta' l-affarijiet li t-tifel jiltaqa' magħhom fis-sagramenti bħall-ilma, ħobż, żejt, xema', eċċ.

g) ifehmu lit-tifel li meta niċċelebraw is-sagramenti, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, nitqaddsu, inkabbru l-Knisja, nagħtu glorja 'l Alla u nuru li aħna wlied adottivi Tiegħu.

h) jgħinu lit-tifel jaċċetta ċerti impenji li jkunu mitluba minnu, meta jibda jieħu sehem mis-sagramenti, bħalma huma x-xewqa ta' ħbiberija u ta' mħabba lejn Kristu, is-sempliċità u s-sinċerità li bihom għandha tintalab il-maħfra.

16.

Il-parroċċa tgħin fil-bidu tal-ħajja liturġika tat-tifel u fid-dħul tiegħu fil-komunità ta' dawk li jemmnu, jistqarru flimkien il-fidi tagħhom u jgħixu l-ħajja sagramentali, billi: *362.*

a) tintroduċi t-tifel fl-ambjent tal-parroċċa, hekk li huwa jara fiha familja akbar u qisha l-kontinwazzjoni tal-familja li fiha twieled u trabba.

b) tagħmilha ħaġa possibbli li t-tfal jieħdu parti attiva fil-manifestazzjonijiet kollha tal-ħajja ta' fidi u ta' karità mwettqa mill-komunità nisranija.

c) tgħinhom jgħixu l-Quddiesa tal-Ħadd, bħala laqgħa tal-familja kbira ta' wlied Alla.

d) twassalhom biex jiltaqgħu mas-saċerdot, il-bniedem li hu sinjal viżibbli ta' Ġesù Kristu: il-ġesti u l-kliem tiegħu jitqiesu bħala xhieda tal-preżenza attiva u santifikanti tas-Salvatur.

e) tfisser il-ġesti sagramentali u mis-sinjali viżibbli tgħaddi biex tispjega r-realtà inviżibbli.

f) toħloq madwar it-tfal l-ambjent tas-"sagru" u hekk tnissel fihom rispett u riverenza lejn il-ġesti sagramentali.

g) tagħmel ħilitha kollha biex tagħti impostazzjoni tajba lill-katekesi liturġika u sagramentali.

h) tnissel fit-tifel rispett lejn id-dar t'Alla.

17.

363. **Preparazzjoni prossima għall-Qrar:** L-iskopijiet partikulari tal-preparazzjoni għall-ewwel qrara huma: li t-tifel jiġi mdawwal biex jagħraf in-nuqqasijiet tiegħu, u jiġi mħejji biex bl-umiltà jiltaqa' ma' Kristu u jirċievi l-maħfra u l-paċi tal-kuxjenza. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni biex jiġu żviluppati dawn l-atteġġjamenti:

a) ix-xewqa li t-tifel isir ħabib ta' Ġesù u li jirrispondi għas-sejħat tiegħu.

b) ir-riflessjoni fuq it-tjubija t'Alla li jħobb lil uliedu kollha.

c) ir-rieda da parti tat-tifel li jkattar u jżid fir-ruħ tiegħu l-grazzji li rċieva fil-magħmudija.

d) għandhom jiġu mirbuħa l-preġudizzji li l-Qrar huwa xi tortura tal-kuxjenza, jew li l-istqarrija tad-dnubiet hija l-azzjoni l-iktar importanti jew li fil-qrar, il-penitent jeħles mir-responsabbiltà tiegħu u jitgħabba biha l-konfessur.

e) meħtieġa għalhekk enfasi fuq l-atti tal-penitent, speċjalment l-indiema sinċiera, il-proponiment, ix-xewqa li jgħix dejjem fil-paċi ta' Kristu.

f) hija involuta wkoll, edukazzjoni għall-penitenza bħala virtù, jiġifieri li t-tifel jagħraf il-kruha tad-dnubiet, jiddispjaċih minnhom u jkun lest jagħmel atti ta' tpattija għalihom.

g) l-Ewwel Qrara ssir qabel l-Ewwel Tqarbina iżda xi ftit imbegħda minnha.

18.

Il-preparazzjoni prossima għall-Ewwel Tqarbina: It-tifel f'din il-fażi għandu jiġi mrawwem f'dawn l-aspetti: *364.*

a) l-għarfien ta' Kristu: għalhekk fil-preżentazzjoni tal-misteru ewkaristiku, il-katekista għandu jinsisti fuq il-persuna ħajja preżenti u glorjuża ta' Ġesù; hekk li fil-ġesti liturġiċi, it-tifel jilmaħ l-azzjonijiet u l-imħabba ta' Kristu u hekk jitħeġġeġ aktar biex jiltaqa' miegħu.

b) ix-xewqa li jirċievi lil Ġesù.

c) l-għaqda ma' Kristu: it-tqarbin huwa s-sagrament tal-għaqda Miegħu.

d) ir-rieda ta' ħbiberija ma' Ġesù.

e) ix-xewqa li timxi ma' Ġesù lejn il-Missier.

f) it-talba personali u l-prattika tal-karità bħala risposta sinċiera għall-ħbiberija ta' Ġesù.

g) il-preparazzjoni għal sehem ħaj fil-quddiesa.

h) l-introduzzjoni għall-komunità tal-fidili, għaliex fit-tqarbin niltaqgħu mhux biss ma' Kristu imma mal-Ġisem Mistiku kollu ta' Kristu: ras u ġisem.

i) il-ħeġġa biex wieħed jgħix id-dimensjoni soċjali ta' l-Ewkaristija, għajnuna lil dawk li għandhom il-ġuħ tal-ħobż tal-ġustizzja tat-tagħlim, tal-qdusija u tal-paċi.

19.

365. **Il-Preparazzjoni prossima għas-sagrament tal-Konfirmazzjoni:** Il-finijiet partikulari ta' din il-preparazzjoni huma li t-tifel

a) jagħraf id-dinjità nisranija, bħala tempju ta' l-Ispirtu s-Santu u iben ta' Alla,

b) ikollu sens ta' Alla u jidħol f'relazzjoni personali mat-Tliet persuni tad-Divinità,

c) irawwem fih is-sens li huwa ħaġa t'Alla, jappartieni lil Alla,

d) isir iżjed familjari ma' l-Ispirtu s-Santu,

e) jakkwista volontà qawwija u sens ta' ġlieda kontra l-kurrent tal-ħażen,

f) isir kapaċi jagħti xhieda tal-fidi, kemm fil-funzjonijiet liturġiċi u anki f'ċirkostanzi oħra tal-ħajja,

g) tinħoloq fih xewqa għall-ħajja sagramentali,

h) li t-tifel jiġi introdott fil-komunità tal-fidili adulti,

i) toħloq fih ix-xewqa li jsir nisrani adult u dispost għall-Apostolat.

C. L-EDUKAZZJONI MORALI TAT-TFAL

20.

L-edukazzjoni Morali hija parti integrali mill-katekesi iżda trid *366.* tiġi meħuda dejjem flimkien **mal-kontenut kollu tal-messaġġ divin.** Il-kondotta morali hija spirata mill-kelma u mill-eżempju ta' Ġesù Kristu. Il-Kelma tiġi l-ewwel u l-moralità hija r-risposta għaliha; l-ewwel il-fidi u mbagħad it-twettiq tagħha li huwa l-atteġġjament morali.

21.

L-edukazzjoni morali għandha tiġi ppreżentata **taħt l-aspett tal-** *367.* **virtujiet u l-valuri nsara.** Huwa meħtieġ għalhekk illi t-tifel jidra jgħix bħala iben t'Alla billi jidħol fi ħbiberija ma' Kristu li huwa t-Triq u li fil-Vanġelu rrivelalna kif għandha tkun il-ħajja li tixraq lill-bniedem.

22.

Fuq kollox l-imġieba morali nisranija għandha tkun **sehem ħaj mill-** *368.* **ħajja ta' Kristu** permezz tal-grazzja, bħalma l-fergħa għandha sehem mill-ħajja tad-dielja. Il-fini ta' l-edukazzjoni morali nisranija huwa għalhekk il-konformità ma' Kristu: li r-ruħ tasal biex tkun magħquda miegħu bil-fidi u bil-grazzja.

23.

369. Ma' l-edukazzjoni morali hija konnessa l-**formazzjoni ta' kuxjenza retta u sensibbli.** Din il-formazzjoni tiġbor fiha:

- il-preżentazzjoni tal-volontà t'Alla, murija fil-kmandamenti u fir-rivelazzjoni tal-liġi ta' l-imħabba,

- l-għażla libera ta' l-individwu,

- il-koperazzjoni ma' l-ispirazzjonijiet tal-grazzja,

- l-eżerċizzi ta' l-axxetika nisranija, approvati mill-Knisja.

Ma' dawn jokkupa post partikulari l-eżami tal-kuxjenza.

24.

370. Għad li mhux mitlub mit-tfal li jagħmlu lista' twila ta' nuqqasijiet fl-ordni li jikkorrispondu ma' l-għaxar kmandamenti, però huwa neċessarju ċertu ordni ta' ideat, mhux biss bħala preparazzjoni għall-qrar, imma anki għall-edukazzjoni tal-kuxjenza.

Għandhom jiġu proposti għalhekk punti ġenerali li fuqhom tista' tiġi żviluppata **skema tad-dmirijiet** li joħorġu mill-kmandamenti, bħal per eżempju: it-talb, rispett u devozzjoni lejn Alla, ġranet ta' festa, ġenituri, proxxmu, modestja, rispett lejn il-ħwejjeġ ta' l-oħrajn, il-verità, edukazzjoni, eċċ. Skema oħra tista' tkun tikkorrispondi ma' l-ambjenti differenti tat-tifel; il-knisja, l-ambjent familjari, l-iskola, il-ħin liberu, meta t-tifel ikun waħdu.

25.

371. L-edukazzjoni tal-kuxjenza tibda billi tinsisti fuq **l-għarfien tal-kmandamenti ta' Alla** u ma tikkonsistix biss fil-preokkupazzjoni dwar dak li hu leċitu u dak li hu pprojbit.

Meta t-tfal ikunu għadhom żgħar, id-distinzjoni emfasizzata ħafna bejn id-dnubiet mejta u d-dnubiet venjali tista' tkun ta' periklu għall-formazzjoni tal-kuxjenza tat-tfal.

26.

Il-ħajja nisranija għandha tiġi ppreżentata bħala għaqda ma' Ġesù. *372.* "Jiena d-dielja u intom il-friegħi". L-atteġġjament u l-kondotta nisranija ma humiex mibnijin biss fuq il-ħarsien tal-kmandamenti, iżda wkoll fuq l-għażla libera li biha jagħti **r-risposta ġeneruża** ta' iben Alla flimkien ma' għemejjel ta' mħabba sopranaturali kif inhu mfisser fid-diskors tal-muntanja. It-tifel għandu jiġi mgħallem li kull ħtija hija nuqqas lejn Alla u tpoġġi fil-periklu r-relazzjoni tiegħu ma' Alla, bħala iben lejn missieru.

27.

Ir-reliġjożità u l-moralità tat-tifel, fis-snin bikrin ta' ħajtu huma *373.* bbażati aktarx fuq ir-rispett lejn l-Awtorità ta' Alla u fuq is-sens ta' dixxiplina. Però l-metodu li t-tfal jiġu mbeżżgħin bil-kastigi t'Alla u b'theddid ieħor, għad li xi darba jiswa biex ikun hemm dixxiplina esterjuri iżda dal-metodu waħdu ma jwassalx għall-vera moralità. Jeħtieġ għalhekk li t-tfal gradwalment jiġu **edukati għal-libertà ta' wlied Alla** u għas-sens ta' responsabbiltà u l-edukatur għandu jinsisti fuq il-ferħ tal-ħbiberija u l-għaqda m'Alla.

28.

Ir-relazzjoni bejn il-kuxjenza u l-kondotta morali. Il-kuxjenza *374.* morali tidher li tiżviluppa ftit ftit matul il-ħajja kollha. L-individwu jitgħallem jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin kontinwament. Barra minn hekk, il-kondotta morali mhix sempliċement kwistjoni ta' rutina, jew ripetizzjoni ta' xi risposta studjata bl-amment. It-tifel huwa u jikber isib ruħu f'ċirkustanzi differenti li fihom irid isolvi l-problemi ġodda. Hemm ċerta kreattività fil-kondotta morali awtentika, fis-sens li n-nuqqas li n-nisrani jrid jitgħallem jifforma l-kuxjenza tiegħu u kontinwament isib risposta għall-problemi li jinqalgħu.

29.

375. Jeħtieġ li tiġi mogħtija lit-tfal **edukazzjoni għar-responsabbiltà morali** b'mod li minn ċkunithom huma jikkonvinċu lilhom infushom mill-prinċipju li l-ġid spiritwali qatt ma għandu jiġi sagrifikat minħabba l-ġid materjali u b'hekk sa minn kmieni t-tfal jibdew jirrispettaw il-ġerarkija tal-valuri. Fuq kollox din l-edukazzjoni għandha twassal lit-tfal biex jipperswadu lilhom infushom li dak li jgħodd fil-ħajja mhux li titgħallem bl-amment id-duttrina ta' Kristu imma li tgħixha l-24 siegħa ta' kull ġurnata ta' ħajtek.

30.

376. L-edukazzjoni sesswali tat-tfal biex issir kif jixraq, jeħtieġ li tkun **eżatta, adattata** għall-kapaċità u għall-intelliġenza tat-tifel, **gradwali**, għax inkella tista' teċċita l-kurżità, **prudenti** b'tali mod li tqanqal rispett lejn dan id-don, mogħti lill-bniedem minn Alla.

31.

377. Huwa **dritt u dmir tal-ġenituri** li jagħtu edukazzjoni sesswali lil uliedhom, għaliex minħabba r-rabta intima li hemm bejnhom u bejn uliedhom, l-informazzjoni li huma jagħtu tkun b'mod naturali u spontanju. Huwa żball kbir li t-tfal ifittxu jew isibu din l-informazzjoni mit-triq jew mill-ħbieb.

32.

378. Jekk l-edukazzjoni sesswali **tingħata minn ħaddieħor** jeħtieġ li dan jagħti garanzija li ma jfixkilx il-moralità Nisranija tat-tfal. Jeħtieġ li min jagħtiha jkollu tagħrif xjentifiku u sens ta' responsabbiltà. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm il-kunsens għall-inqas impliċitu tal-ġenituri tat-tfal.

33.

379. L-edukazzjoni sesswali għandha tibda **fl-ewwel snin tat-tfal:** skond il-psikoloġija dinamika fl-ewwel ħames snin tal-ħajja, fenomeni u

sitwazzjonijiet ta' natura sesswali jiddeterminaw il-bażi tal-kondotta u tal-karattru. Għalhekk dawn il-problemi jeħtieġ li wieħed jieħu ħsiebhom minn kmieni. Ma hemmx għalfejn li jingħataw spjegazzjonijiet xjentifici li jmorru 'l quddiem mill-kapaċità u n-neċessità reali. Għal din l-età hija neċessarja risposta rispettuża għad-domandi tat-tfal, b'forma adegwata u mimlija sentimenti u mħabba, dwar il-verità naturali u magħmula b'riferiment għall-imħabba t'Alla u tal-ġenituri.

34.

Fl-iskola primarja, l-għalliema jistgħu japprofittaw mill-perjodu ta' kalma emottiva biex jagħtu l-ewwel ideat ġenerali tad-dinja umana magħmula minn irġiel u nisa f'għajnuna u taħlit ma' xulxin f'kull kamp tal-ħajja u tax-xogħol speċjalment fil-familja u jorjentaw malajr f'direzzjoni tajba l-osservazzjonijiet u d-domandi li kull tant jiġu magħmula. *380.*

35.

Sa minn ċkunithom, it-tfal Kattoliċi għandhom jiġu mdorrijin jagħmlu **talb personali** u li jħossu l-ħtieġa li jżommu qrib lejn Kristu li huwa l-Għajn ta' kull qdusija u xempju ta' ħajja ta' perfezzjoni. Hija ħaġa tajba wkoll li jkollhom qima lejn il-Madonna u l-qaddisin li huma ħbieb ta' Kristu u li juruna t-triq li twassalna għandu. *381.*

IL-PASTORALI MA' L-ADOLEXXENTI U MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

INTRODUZZJONI

1.

382. F'dan iż-żmien, meta dalwaqt tasal għalina s-sena 2000, **il-Knisja tħoss sejħa speċjali** mill-Mulej biex tħares lejn iż-żgħażagħ b'imħabba u b'tama speċjali; tqis li l-edukazzjoni tagħhom hija waħda mir-responsabbiltajiet pastorali ewlenin tagħha (ara Ġwanni Pawlu II, I P, 1). Iż-żgħażagħ iridu jibnu b'entużjażmu dinja aħjar minn dik li sabu (cfr. Konċ. Vat. II, *Messaġġ liż-Żgħażagħ*). Iż-żgħażagħ għandhom influwenza mill-akbar fis-soċjetà moderna (ara A A 12). Huma t-tama tal-Knisja (ara G E 3).

2.

383. Huwa u janalizza l-kundizzjoni tal-bniedem tal-lum (ara G S 4-10), il-Konċilju Vatikan II jgħid li t-tibdil fil-mentalità u fl-istrutturi jġib miegħu kwistjonijiet dwar valuri tradizzjonali u dan jinħass b'mod speċjali fost iż-żgħażagħ (ara G S 7). **L-importanza soċjali u politika** tagħhom qegħda tiżdied kontinwament, però fl-istess ħin, huma ma jidhrux imhejjija biżżejjed biex jerfgħu r-responsabbiltajiet ġodda li għandhom quddiemhom (ara A A 12).

3.

384. Huwa fatt, imbagħad, li ż-żgħażagħ tal-lum qegħdin isibu ruħhom ḳmieni quddiem ċerti għażliet importanti tal-ħajja. Hekk, per eżempju, il-**kompetizzjoni** għall-ħajja, għall-'job', tibda minn kmieni. Ta' min jinnota wkoll li l-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji għandhom aċċess għal ċerti ambjenti ta' divertiment, bħalma huma d-discos u dan ifisser taħlit u namrar f'età żgħira.

Fl-istess ħin, iktar minn qabel, **iż-żgħażagħ huma wlied il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali**, bl-effetti kollha li dan il-fatt iġib miegħu. B'riżultat ta' dan kollu, iż-żgħażagħ qegħdin isiru iktar prekoċi, iktar indipendenti, iktar miftuħin għar-realtajiet ta' madwarhom, iktar infurmati iżda mhux bil-fors iktar iffurmati.

4.

B'dan kollu f'moħħna, il-Knisja f'Għawdex trid tagħraf kemm jista' *385.* jkun **x'inhi l-qagħda vera** ta' l-adolexxenti u taż-żgħażagħ u tindaħal biex tgħinhom bil-ħila kollha u b'għerf li jħares fil-bogħod.

L-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ FIS-SOĊJETÀ TAL-LUM

5.

Bla dubju ta' xejn, **it-tibdil** li minnu għaddejja s-soċjetà tal-lum *386.* u l-fenomeni ġodda ta' dawn l-aħħar żminijiet, qegħdin iħallu l-effetti tagħhom fuq kulħadd, iżda b'mod speċjali fuq l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, li kif igħidilna l-Konċilju Vatikan II, kapaċi jgħaddu għal kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi ġodda b'ħeffa kbira (ara A A 12). Fost dawn il-fenomeni, insemmu b'mod partikulari:

a) il-kriżi tal-familja;

b) il-kriżi tal-valuri tradizzjonali;

c) l-imġieba ta' l-adulti li mhux dejjem taqbel ma' dak li jgħidu u jgħallmu;

d) l-insuffiċjenza ta' preparazzjoni taż-żgħażagħ għall-problemi tal-ħajja preżenti;

e) l-importanza esaġerata li qegħda tingħata lill-progress tekniku;

f) il-kilba għall-flus, l-isfruttament ta' l-aktar debboli, il-konsumiżmu, il-pornografija, id-droga, il-vjolenza, u oħrajn.

Minħabba dan kollu, jistgħu jinħolqu fil-ġenerazzjoni żagħżugħa atteġġjamenti passivi, atteġġjamenti ta' kontestazzjoni, ta' ħarba, ta' biża' mir-responsabbiltà jew ta' tfittxija għas-suċċess faċli.

Però fl-istess ħin, wieħed jista' jgħid li ż-żgħażagħ iħobbu **jaspiraw sinċerament** għal soċjetà aħjar u huma aperti għall-valuri profondi bħalma huma l-awtentiċità, is-solidarjetà, il-bżonn ta' l-ugwaljanza u tal-ġustizzja.

6.

387. Iż-żgħażagħ għandhom jifhmu d-**dmir tagħhom lejn iż-żgħażagħ sħabhom**. Għandhom juruhom, fost l-oħrajn, li hija bluha:

– taħrab mir-responsabbiltà tal-ħajja;

– taqa' fid-disperazzjoni;

– tistenna ħajja bla xkiel;

– tirrikorri għall-vjolenza;

– tagħtiha għad-divertiment bla rażan, għad-drogi jew għal vizzji oħra.

Fuq kollox, min hu responsabbli mill-edukazzjoni taż-żgħażagħ għandu jagħmel insistenza magħhom li l-bini ta' dinja aħjar huwa possibbli biss meta huma jkunu lesti jissagrifikaw lilhom infushom għal ħaddieħor.

7.

388. Iż-żgħażagħ jistgħu jagħtu kontribut utli f'din is-soċjetà li qegħda tinbidel kontinwament. Però meħtieġ li huma stess ikunu konvinti mill-bżonn ta' **maturazzjoni personali u ta' kapaċità kritika** li tipproteġihom mill-manipulazzjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi mogħti lilhom **l-ispazju suffiċjenti** u r-responsabbiltà meħtieġa biex jilħqu l-identità proprja.

Għandhom jiġu mogħtija **opportunità** li jgħidu l-fehma tagħhom u poter **adegwat dwar ċerti deċiżjonijiet** anki fil-familja, fl-iskola, fuq il-post tax-xogħol, fil-ħin liberu u fil-kamp politiku. Min-naħa l-oħra, anki ż-żgħażagħ għandhom jassumu konsapevolment din ir-responsabbiltà tagħhom.

8.

Biex ikun aktar attwali, kull **impenn għall-formazzjoni taż-żgħażagħ** jirrispondi għall-ħtiġijiet tagħhom. Għalhekk min għandu għal qalbu l-formazzjoni taż-żgħażagħ irid min-naħa l-waħda jagħti każ tas-sitwazzjoni tad-dinja li kontinwament tinbidel u tal-problemi kollha konnessi, u min-naħa l-oħra jrid jagħti każ tal-ħtiġijiet, ta' l-aspirazzjonijiet u tal-kapaċità taż-żgħażagħ tal-lum. Minħabba f'hekk, iridu jiġu offruti liż-żgħażagħ għajnuna u orjentament biex huma jkunu jistgħu jivvalutaw aktar ċar is-sitwazzjoni tagħhom, jagħrfu l-ordni tal-valuri u jissuperaw aktar faċilment id-diffikultajiet. *389.*

9.

Iż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħafna **esigenzi.** Fost l-oħrajn: *390.*

a) **qegħdin ifittxu skop għal ħajjithom:** ħafna żgħażagħ huma neqsin minn kull ideal u ma jafux fejn qegħdin igħixu: huma bilgħatx għall-ħajja veṛa, ħajja li tkun sħiħa u awtentika.

Mingħajr risposta konvinċenti għal din il-mistoqsija, mhux biss huwa impossibbli li nbiegħdu liż-żgħażagħ mis-sess, mid-droga, mill-vjolenza u minn għamliet oħra ta' awtodistruzzjoni, iżda fuq kollox huwa impossibbli li tiġi sfruttata l-enerġija ġeneruża taż-żgħażagħ għal bini ta' dinja aħjar.

b) Qegħdin **ifittxu aktar komunikazzjoni u aktar komunjoni.** Il-'generation gap' bejn id-dinja taż-żgħażagħ u s-soċjetà ta' l-adulti ġabet liż-żgħażagħ fi stat ta' iżolament. Iż-żgħażagħ iħossu li

huma mwarrbin, mhux mifhumin. Is-soċjetà ta' l-adulti għandha tidħol aktar fid-dinja taż-żgħażagħ u tgħinhom jifhmu l-problemi li minnhom ikunu għaddejjin u mhux iwarrbuhom.

c) Hafna żgħażagħ iridu **aktar ugwaljanza** fost il-bnedmin; fihom iħossu aktar spirtu ta' solidarjetà u għalhekk istintivament għandhom preferenza lejn il-fqar, l-imwarrbin u l-emarġinati, u jistmerru kull forma ta' sfruttament ta' bniedem fuq bniedem ieħor.

10.

391. Għalhekk biex il-**pastorali taż-żgħażagħ** tkun attwali u tirrispondi għall-esiġenzi tagħhom, trid tipprova tilħaq dawn l-għanijiet:

a) tqanqal u tiżviluppa fihom **kuxjenza kritika**, li timbuttahom biex jittrasformaw u jtejbu s-soċjetà;

b) tedukahom għal **impenn soċjo-politiku** mibni fuq il-prinċipji u fuq it-tagħlim soċjali tal-Knisja, 'il bogħod minn kull fanatiżmu;

c) tagħmilhom kapaċi jaċċettaw u jgħixu s-**sitwazzjonijiet ta' konflitt** b'mentalità pluralistika u b'mod raġjonevoli u hekk anki jagħrfu u jissuperaw kull preġudizzju;

d) tagħtihom prinċipji li fuqhom jistgħu jfasslu ħajja ħielsa minn kull **skjavitù interjuri,** e.g. biża', vizzji, kumplessi ta' inferjorità;

e) tgħallimhom kif jagħmlu **użu tajjeb mill-'mass media',** kif jiġġudikawhom b'sens kritiku, kif iħarsu lilhom infushom mit-teknika ta' manipulazzjoni tagħhom;

f) tgħinhom biex isibu **ekwilibriju fil-ħajja sesswali** tagħhom u tgħallimhom iħobbu b'imħabba vera u ġeneruża lill-oħrajn;

g) tagħti importanza lill-**ħajja komuni bejn adulti u żgħażagħ,** ħajja li tkun ibbażata fuq komprensjoni, għarfien u fiduċja reċiproka.

h) tgħinhom jifhmu u jirrealizzaw il-valur edukattiv u formattiv tal-**ħin liberu,** tgħallimhom jilliberaw lilhom infushom mill-morsa

tal-konsumiżmu u tagħtihom il-possibiltà li jgħixu b'mod sħiħ l-eżistenza tagħhom f'relazzjoni ġenwina ma' persuni oħrajn, ma' l-ambjent soċjali u ma' dak naturali, cioè jinteressaw ruħhom anke mill-ambjent u mill-problemi ekoloġiċi;

i) issaħħaħ u tapprofondixxi r-**relazzjonijiet** bejn iż-żgħażagħ ta' gruppi differenti, kemm fuq bażi nazzjonali u anke fuq bażi internazzjonali.

11.

Il-Knisja trid tgħin liż-żgħażagħ jiffurmaw **il-ġudizzju** tagħhom *392.* **skond it-tagħlim ta' Kristu** u hekk huma jagħtu kontribut siewi għal soċjetà moralment tajba.

12.

Hafna żgħażagħ jixtiequ jibdlu s-**soċjetà għall-aħjar.** Lil dawn iż- *393.* żgħażagħ il-Knisja trid turihom li jilħqu dan l-għan kemm-il darba jibqgħu jagħmlu parti minnha u mhux meta jinqatgħu minnha, bħal meta, per eżempju, jirrikorru għad-droga u l-vjolenza. Xi drabi ż-żgħażagħ jiżolaw ruħhom għaliex is-soċjetà ma taghtix każ tagħhom biżżejjed.

L-ADOLEXXENTI / IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-KOMUNITÀ EKKLEŻJALI

13.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja nisranija, nistgħu ngħidu li *394.* f'Għawdex għandna **tliet kategoriji ta' żgħażagħ:**

a) għandna żgħażagħ li huma **indifferenti**, ftit li xejn jinteressaw ruħhom f'dak li tgħid il-Knisja u fil-ħidmiet imwettqa fid-djoċesi jew fil-parroċċa tagħhom. Uħud minnhom, quddiem il-Knisja, jieħdu atteġġjament ta' sfiduċja, jekk mhux ukoll ta' kritika u ta' rifjut. Dan l-atteġġjament negattiv ta' ċerti żgħażagħ għandu jservi bħala twis-

sija serja għal dawk li huma responsabbli f'kull livell għad-deċiżjonijiet tal-komunità ekkleżjali, sabiex bla telf ta' żmien iwettqu r-riformi neċessarji. Għal dawn iż-żgħażagħ, il-Knisja trid tkun dik l-Omm li tħobbhom, tifhimhom u tgħinhom isolvu l-problemi tagħhom. Hekk biss tista' tirbaħ il-fiduċja tagħhom.

b) għandna mbagħad żgħażagħ li jsegwu l-prattika reliġjuża bil-qalb, iżda għal xi raġuni jew oħra, **ma jirnexxilhomx japprofondixxu l-fidi tagħhom.** Għal dawn iż-żgħażagħ, il-Knisja trid tkun gwida u tipprova tagħtihom direzzjoni biex huma jifhmu għalxiex qegħdin igħixu, ikollhom skala ta' valuri tajba u jibdew bil-mod il-mod jimpenjaw ruħhom iżjed fil-ħajja tal-poplu t'Alla.

c) fl-aħħarnett, għandna żgħażagħ li huma **impenjati** u qegħdin **jieħdu l-fidi tagħhom b'mod serju u attiv.** Jeħtieġ li l-leħen ta' dawn iż-żgħażagħ ikun apprezzat iżjed. Jeħtieġ li huma jiġu mistiedna biex jieħdu sehem f'diversi attivitajiet u jagħtu l-kontribut tagħhom ħalli l-komunità nisranija tiġġedded skond l-ideali tal-Vanġelu. Importanti li l-Knisja tisma' l-ideat tagħhom u jekk dawn ikunu kostruttivi tgħinhom iwettquhom.

14.

395. Iktar minn qatt qabel, il-Knisja qed tħoss id-dmir li tifforma lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ bħala **ċittadini nsara ta' karattru sod u b'personalità qawwija,** hekk li jkunu jifilħu jeħduha kontra ċertu relativiżmu li jġib kollox fix-xejn. Illum għandna bżonn żgħażagħ li jgħixu skond dak li titlob minnhom il-fidi li jistqarru fi Kristu. Hawnhekk tinħass l-**importanza ta' l-iskejjel kattoliċi** li jgħinu biex minn fost l-istudenti jinbtu u jikbru komunitajiet insara li biddinamiżmu nisrani tagħhom ikunu jistgħu joffru sehem ġdid, siewi u pożittiv lis-soċjetà ta' għada.

15.

396. **Il-komunità ekkleżjali** għandha d-dmir li tgħin liż-żgħażagħ jifhmu ħajjithom u jgħixuha bil-għajnuna tal-fidi nisranija. Anzi l-

fidi nisranija għandha tkun għalihom il-motiv ewlieni li jmexxihom fl-għemejjel tagħhom. Jekk il-ħajja tagħhom tkun mibnija fuq il-prinċipji tal-fidi huma jkunu jistgħu jaslu għall-imitazzjoni ta' Kristu permezz tat-talb, ta' l-Ewkaristija u tas-servizz lill-proxxmu.

16.

Iż-żgħażagħ insara qegħdin jitolbu: *397.*

a) li **l-Knisja tgħinhom isibu l-identità tagħhom,** isibu wkoll Messija u Salvatur għaliex il-ħafna miti li fihom poġġew it-tama tagħhom, fallew.

b) li l-messaġġ tal-knisja jkun kredibbli, akkumpanjat **mix-xhieda koerenti** u awtentika ta' l-insara.

c) li l-knisja ma toffrilhomx biss servizzi u ċerimonji reliġjużi, iżda **esperjenza ta' fidi, komunjoni fraterna u unità.**

d) li fil-knisja jkollhom **dritt ta' parteċipazzjoni ikbar** ħalli huma, flimkien u f'għaqda ma' l-isqfijiet u mal-poplu t'Alla, ikunu membri attivi u minn ta' quddiem fil-missjoni ewlenija tal-knisja li hija l-evanġelizzazzjoni.

e) li l-komunità ekkleżjali timpenja ruħha u tkun għas-servizz ta' **bini ta' dinja aħjar,** iktar umana, mibnija fuq il-ġustizzja u l-paċi.

17.

Il-pastorali ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tissupponi li jkun hemm *398.* **komunità ekkleżjali ħajja.** Din il-komunità, mhux biss tistieden liż-żgħażagħ biex jagħtu sehemhom, iżda tieħu wkoll bis-serjetà l-problemi tagħhom, tafdalhom ħidmiet ta' responsabbiltà, tagħtihom jedd għall-kelma u spazju għall-inizjattivi tagħhom. Dan kollu għandu jitwettaq fi klima ta' fiduċja reċiproka bejn l-adulti u ż-żgħażagħ.

18.

399. Komunità ekkleżjali ħajja tieħu ħsieb teduka l-fidi ta' l-adolexxenti u taż-żgħażagħ **b'katekeżi serja** li tipprova torbot flimkien il-messaġġ nisrani u l-esperjenzi konkreti tagħhom, għaliex ir-rivelazzjoni m'għandha qatt tkun iżolata mill-ħajja jew marbuta magħha artifiċjalment (ara C T 22). Kull metodu katekistiku għandu jkun ibbażat fuq il-liġi tal-fedeltà lejn il-Kelma t'Alla u l-fedeltà lejn il-bżonnijiet eżistenzjali ta' l-insara, speċjalment meta dawn ikunu fl-età evoluttiva tagħhom. (ara R C 160, 53).

19.

400. **L-adolexxenza** hija żmien li fih wieħed isir jaf iktar lilu nnifsu u jibda jiskopri iżjed id-dinja ta' madwaru. Huwa ż-żmien tal-proġetti, iż-żmien li fih jistenbħu l-impulsi sesswali, iż-żmien li fih wieħed jixtieq joqgħod ma' ħaddieħor, iż-żmien ta' ferħ partikulari marbut ma' l-iskoperta iktar sħiħa tal-ħajja. Però fl-istess ħin, huwa żmien ta' mistoqsijiet profondi, ta' tfittxija, ta' dwejjaq, ta' nuqqas ta' fiduċja fl-oħrajn, ta' introspezzjoni perikoluża. Kultant huwa żmien ta' esperjenzi qarsa u ta' diżappunti.

Filwaqt li tagħti każ ta' dawn l-esperjenzi, il-katekeżi ta' l-adolexxenti trid twassal:

a) għall-**għarfien ta' Kristu** bħala ħabib, mexxej u mudell;

b) għall-**għarfien tal-messaġġ tiegħu** li kapaċi jagħti tweġiba għall-mistoqsijiet fundamentali tal-ħajja;

c) għall-**għarfien tal-pjan tiegħu** li jista' jgħaqqad il-bnedmin kollha flimkien b'imħabba vera u awtentika;

d) għall-**għarfien tal-Misteru Paskwali** ta' Kristu, misteru li jitfa' dawl fuq l-ewwel tbatijiet tagħhom u fuq it-tbatija fid-dinja li huma jkunu bdew jiskopru.

20.

Iż-żgħożija hija **ż-żmien ta' l-ewwel deċiżjonijiet kbar.** B'sens ta' responsabbiltà u b'fiduċja fih innifsu, iż-żagħżugħ irid jiddeċiedi d-destin ta' ħajtu. F'dan iż-żmien, l-individwu jħoss tikber fih il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn il-grazzja u d-dnub, bejn il-ħajja u l-mewt. Iż-żagħżugħ irid jagħmel l-għażliet fundamentali tiegħu bejn dak li jista' jgħollih jew ibaxxih bħala bniedem. *401.*

F'din l-età, il-katekeżi trid:

a) teħodha kontra **l-egoiżmu;**

b) tippreżenta **tifsira nisranija** tax-xogħol, tal-ġid komuni, tal-ġustizzja, tal-karità;

c) tippromwovi **l-paċi u d-dinjità tal-bniedem;**

d) tkompli **tapprofondixxi r-realtajiet strettament reliġjużi;**

e) tippreżenta **l-Vanġelu ta' Kristu** bħala dak li jista' jagħti **tifsira lill-ħajja;**

f) tisħaq fuq **iċ-ċaħda, is-sens ta' sagrifiċċju, ix-xhieda, ir-rikonċiljazzjoni,** is-sens ta' l-Assolut,

g) tħejji liż-żgħażagħ għal impenji importanti tal-ħajja adulta: iż-żwieġ, is-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża.

21.

Komunità ekkleżjali ħajja, imbagħad, tieħu ħsieb teduka lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ fil-**ħajja liturġika** tagħha. Iż-żgħażagħ għandhom jiġu msejħa biex igħinu fil-preparazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet u biex sa fejn jistgħu, jieħdu sehem attiv fihom. Għandha tingħatalhom għajnuna biex jifhmu l-valur tal-ġurnata tal-Ħadd, bħala **"Jum il-Mulej"** u jiġu murija kif għandhom iqaddsu dan il-jum. Tajjeb li qabel il-quddiesa nfiħa, jiltaqgħu flimkien biex jiddiskutu l-liturġija tal-Ħadd. *402.*

Fil-quddies iċċelebrat unikament għalihom, għandha tiġi rispettata iktar is-sensibilità tagħhom rigward ir-riti, l-għażla tal-qari, tat-talb, tal-kant, u ta' l-użu ta' l-istrumenti tal-mużika. Barra minn hekk, iż-żgħażagħ għandhom jiġu mħeġġa biex jieħdu sehem f'għamliet oħra liturġiċi, bħalma huma ċ-ċelebrazzjoni penitenzjali u ċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla u l-Liturġija tas-Sigħat.

22.

403. Kull żagħżugħ li jixtieq sinċerament jimita lil Kristu u jimxi warajh, għandu jkollu għal qalbu l-laqgħa ma' Kristu **fit-talb personali u fit-talb komunitarju.** Fil-pastorali taż-żgħażagħ, b'mod speċjali dik fi gruppi, għandha tingħata importanza kbira lit-talb; it-talb irid ikollu post xieraq u jkun inkuraġġit kontinwament. Fil-formazzjoni tagħhom ġenerali huwa meħtieġ li jagħtu sehemhom fil-ħajja pastorali tad-djoċesi u tal-parroċċa u jqanqlu f'żgħażagħ oħra spirtu evanġeliku.

23.

404. Komunità ekkleżjali ħajja teduka lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ **f'taħriġ ta' karità lejn il-proxxmu.** Dan id-dmir ta' karità għandu jiġi mwettaq fil-familja, fl-iskola, mal-ħbieb u f'impenji soċjali oħra. B'mod partikulari, iż-żgħażagħ għandhom jimpenjaw irwieħhom f'għajnuna lill-foqra, lill-morda, lix-xjuħ, lill-ħandikappati, u lil żgħażagħ emarġinati.

24.

405. B'dan il-għan, fid-djoċesi tagħna jeżisti l-**Grupp Missjunarju Għawdxi,** li matul il-vaganzi tas-sajf jorganizza żjarat fil-pajjiżi tal-missjoni. Għandna wkoll gruppi oħra li matul is-sena kollha jwettqu **servizz ta' volontarjat** max-xjuħ, mat-tfal ta' l-istituti u mal-ħandikappati. Il-volontarjat huwa miftuħ għal kulħadd, iżda b'mod speċjali għaż-żgħażagħ. Għalhekk żgħażagħ bil-għaqal huma mħeġġin biex almenu għal xi żmien, jieħdu sehem attiv f'xi wieħed minn dawn il-gruppi ta' volontarjat.

25.

Komunità nisranija ħajja għandha tirrispondi kontinwament għall- *406.*
ħtiġijiet preżenti; l-hena u t-tama, in-niket u l-ansjetà tal-bnedmin kollha, iżda b'mod partikulari tal-foqra u ta' dawk li qegħdin ibatu (G S 11). B'dawn f'moħħna, il-Knisja f'Għawdex trid tagħti attenzjoni speċjali lil dawk iż-żgħażagħ li qegħdin ibatu minn xi għamla ta' dipressjoni jew diffikultà; liż-żgħażagħ sfruttati, manipulati jew li nqabdu fix-xibka tax-xorb u tad-droga.

Biex tgħin lil dawn ta' l-aħħar, il-Knisja f'Għawdex kienet strument ewlieni fit-twaqqif tal-**Fundazzjoni OASI** (Organizzazzjoni Anti-Droga: Solidarjetà u Inizjattiva) li għandha responsabbiltà li twaqqaf u tmexxi programm ta' rijabilitazzjoni għal dawk dipendenti fuq id-droga u/jew sustanzi kimiċi oħra. Din il-fundazzjoni twettaq ukoll ħidma ta' prevenzjoni mal-ġenituri, mat-tfal u mażżgħażagħ.

26.

Kif hemm imfisser fid-dokument ta' l-Apostolat tal-Lajċi, l-ado- *407.*
lexxenti u ż-żgħażagħ għandhom jiġu mħeġġin jieħdu **sehem fl-apostolat u fl-attivitajiet pastorali, filantropiċi u rikreattivi** li minn żmien għal żmien jinżammu fil-parroċċa. Huma għandhom jagħtu s-sehem intelliġenti u ġeneruż tagħhom fit-twettiq tal-pjan pastorali djoċesan. B'hekk il-ħajja tagħhom tkun għal bnedmin oħra xhieda ta' mħabba u dedikazzjoni għall-ġid ta' l-oħrajn.

27.

Li tkun nisrani jfisser, fost l-oħrajn, **tħossok responsabbli flimkien** *408.*
ma' nsara oħra lejn il-bnedmin ta' madwarek. Għalhekk, iżżgħażagħ insara għandhom jinteressaw ruħhom minn dak li qed jiġri fis-soċjetà tagħhom, fid-dinja kollha u jikkollaboraw biex fost il-bnedmin isaltnu l-imħabba u s-sliem. Għandha tingħatalhom **tħejjija għall-ħajja tax-xogħol,** billi jkollhom tagħlim dwar il-jeddijiet tal-ħaddiema, dwar ir-responsabbiltà tagħhom lejn sħabhom il-ħaddiema u lejn min iħaddimhom.

28.

409. Biex inkunu qegħdin nagħmlu tabilħaqq ħidma pastorali maż-żgħażagħ, jeħtieġ nippreżentaw lil **Kristu tal-Vanġelu, bil-wiċċ uman u divin tiegħu.** Iż-żgħażagħ jissaħħru wara l-umanità ta' Kristu: aħna rridu nirrivelawlhom id-divinità tiegħu. Filwaqt li nkunu xhieda ħajja ta' dan Kristu, aħna l-adulti u l-edukaturi rridu:

a) nimpenjaw liż-żgħażagħ **f'donazzjoni tagħhom infushom;**

b) ngħinuhom jiskopru **l-vera tifsira ta' l-imħabba** b'xogħol ta' volontarjat u assistenza;

c) nedukawhom **għall-ġustizzja u għall-paċi;**

d) nintroduċuhom għall-**esperjenza tat-talb** għaliex, bla ma jafu, ċerti żgħażagħ qegħdin ifittxu jimlew il-vojt ta' ħajjithom, qegħdin ifittxu 'punto d'appoggio', qegħdin ifittxu lil Alla;

e) nappellawlhom u nentużjażmawhom **għall-kuraġġ.** Il-kuraġġ u l-entużjażmu huma karatteristika taż-żgħażagħ u l-Vanġelu jistimola għall-kuraġġ.

f) nippreżentawlhom katekeżi sempliċi biex **jagħrfu aħjar issejħa ta' Kristu.**

L-ADOLEXXENTI U L-EDUKAZZJONI SESSWALI TAGHHOM

29.

410. **L-edukazzjoni sesswali** għandha tibda kmieni fil-ħajja tal-bniedem għaliex skond il-psikoloġija dinamika, fl-ewwel snin tal-ħajja, fenomeni u sitwazzjonijiet ta' natura sesswali jiddeterminaw il-bażi tal-kondotta u tal-karattru. Din l-edukazzjoni sesswali, li **tingħata gradwalment** matul is-snin tat-tfulija u tal-pre-adolexxenza, tilħaq il-qofol tagħha fl-adolexxenza, meta t-tifel u t-tifla jkunu waslu għall-maturità fiżjoloġika tagħhom.

30.

Qabel xejn, jeħtieġ li wieħed ikollu **viżjoni umana u nisranija tas-sesswalità**. Irid jifhem li s-sesswalità umana kienet maħluqa minn Alla u fih kellha bidu, hija ordinata u ndirizzata lejn l-imħabba u għandha tressaq u mhux tbiegħed lill-bniedem fil-mixja tiegħu lejn Alla. *411.*

31.

Biex ikollna idea ċara tas-sesswalità umana rridu nagħmlu **distinzjoni netta** bejn is-sesswalità tal-bniedem u dik ta' l-annimali l-oħra: *412.*

a) filwaqt li fl-annimali, l-istint sesswali huwa kważi awtomatiku, għall-kuntrarju, fil-bniedem, **l-istint huwa kontrollabbli mirraġuni.**

b) Is-sesswalità umana għandha **ċ-ċentru tagħha fil-moħħ.** Hija iktar fil-moħħ milli fl-ormoni. Għalhekk wieħed jista' jikkontrolla s-sesswalità billi jikkontrolla l-moħħ.

c) L-imġieba sesswali tal-bniedem, ma hix bħal ta' l-annimal iżda **tiddependi ħafna mill-ambjent, mill-influssi u mid-drawwiet** illi wieħed jikseb. Għalhekk meta wieħed jevita okkażjonijiet li jistgħu jeċċitawh, ikun qiegħed juża l-aħjar prekawzjoni biex ikollu ħajja sesswali ekwilibrata.

32.

Biex tingħata vera edukazzjoni sesswali mhux biżżejjed li tingħata informazzjoni jew spjegazzjoni bijoloġika tal-fatti tal-ħajja. Il-formazzjoni ta' l-imġieba sesswali għandha tiġi **nserita fil-formazzjoni għall-maturità umana u nisranija.** L-ebda edukazzjoni ma hija vera u ġenwina jekk ma timmirax għall-formazzjoni u għall-maturazzjoni tal-personalità. Għalhekk, barra minn tagħrif dwar issess, l-edukazzjoni jeħtieġ li tagħti wkoll tifsira dwar il-moralità tassess. *413.*

33.

414. **L-edukazzjoni sesswali** trid twassal biex:

a) l-individwu jrawwam fih **rispett lejh innifsu u lejn ħaddieħor;**

b) l-indivdwu jitgħallem igħasses u jiddefendi l-intimità proprja;

c) l-individwu jikseb **idea għolja u dinjituża tal-ġisem** bil-funzjonijiet u l-attivitajiet tiegħu. Il-ġisem hu don ta' Alla u tempju tal-Mulej u għalhekk l-attività sesswali la għandha tiġi abbużata u lanqas sfruttata jew iddegradata.

34.

415. Il-vera edukazzjoni sesswali għandha twassal għall-modestja, għarażan u għas-**'self-control'.** L-istint sesswali huwa insint qawwi, però jista' jitrażżan jekk iż-żgħażagħ jaħarbu dawk l-okkażjonijiet li huma ta' periklu spiritwali għalihom u jitolbu ta' spiss speċjalment bl-interċessjoni tal-Madonna. Biex igħixu l-virtù tas-safà, l-adolexxenti huma mħeġġin jiffrekwentaw is-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin.

35.

416. Il-vera edukazzjoni sesswali għandha tfittex ukoll li tagħti **tifsira vera ta' l-imħabba.** Is-sess għandu jitqiegħed fil-kwadru ta' l-imħabba kif inhu fil-pjan t'Alla. Billi hemm relazzjoni intima bejn is-sesswalità u l-imħabba, l-aqwa preparazzjoni għall-imġieba sesswali tajba hija l-**edukazzjoni għall-imħabba ġeneruża u diżinteressata.** Għalhekk l-individwu għandu jitgħallem:

a) ikollu rispett lejn il-ħajja u lejn it-twelid;

b) ikollu rispett lejn is-sess divers, b'tali mod li ż-żewġ persuni li jifformaw il-koppja umana jikkunsidraw lil xulxin mhux bħala oġġett tal-pjaċir, iżda bħala persuni xbieha ta' Alla.

36.

Fl-iskola sekondarja, meta t-tifel u t-tifla jidħlu fil-fażi tal-pubertà, għandu jkun hemm programm ta' edukazzjoni sesswali kemm jista' jkun organiku. L-għalliema jistgħu jagħtu spjegazzjonijiet aktar sistematiċi billi jiddeskrivu l-fenomenu ġenerali tan-natura u tal-ħajja tal-bnedmin b'mod komplet u mhux biss mil-lat bijoloġiku. Dan għandu jgħin lit-tfal igħaddu mill-fażi ta' pubertà mingħajr ma jitilfu t-trankwillità tagħhom u jkunu kapaċi jaffrontaw b'sens ta' responsabbiltà l-ewwel manifestazzjonijiet tal-maturità fiżjoloġika u s-sentimenti li ġġib magħha. *417.*

37.

Għal edukazzjoni sesswali fl-iskejjel, jistgħu jiġu magħżula xi whud minn dawn **il-mezzi:** *418.*

a) suġġetti bħal bijoloġija, iġjene, reliġjon jew edukazzjoni ċivika;

b) lezzjonijiet jew laqgħat liberi fl-ambjent skolastiku;

c) seminars minn persuni esperti barranin għall-ambjent skolastiku.

L-ADOLEXXENTI / IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-ĦIN LIBERU U X-XOGĦOL

38.

Il-komunità nisranija tħossha fid-dmir li tikkonċentra l-attenzjoni tagħha fuq **il-ħin liberu** ta' l-istudenti u ż-żgħażagħ kif ukoll fuq l-attivitajiet kulturali li jsiru għalihom. Meta l-ħin liberu qed kull ma jmur dejjem jiżdied u l-lokalitajiet ta' divertiment qegħdin jikbru, il-knisja ma għandhiex tirtira jew tkun assenti minn dan il-qasam bil-konsegwenza kerha li l-ħin liberu jaqa' f'idejn ħaddieħor bi skopijiet forsi ħżiena. *419.*

39.

420. Iż-żgħażagħ iħossu **l-bżonn ta' l-attività.** F'ċerti mumenti huma jkollhom enerġija u dinamiżmu, jivvintaw xi ħaġa x'jagħmlu, imiddu idejhom għal xi xogħol li jogħġobhom, jehdew f'xi hobby, inkella jagħtuha għall-isports u divertimenti oħra.

Fl-attività huma jsibu l-hena tagħhom, mentri għalihom l-akbar kastig ikun li joqogħdu ma jagħmlu xejn. Fl-istess ħin, m'hemmx ħaġa aktar ta' ħsara għall-karattru u għall-moralità taż-żgħażagħ millgħażż, li bir-raġun kollu jissejjaħ missier il-vizzju.

Jeħtieġ li l-Knisja tirrikonoxxi **d-dritt** li għandhom iż-żgħażagħ għal **rikreazzjoni onesta u divertiment xieraq**; huwa dmir talparroċċa li tipprovdi lokal diċenti, fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jsibu l-mistrieħ wara l-ħin tax-xogħol jew ta' l-istudju u mingħajr preġudizzju għall-moralità tagħhom.

40.

421. **Iċ-Ċentri Parrokkjali** huma strument prezzjuż għall-edukazzjoni integrali tal-personalità taż-żgħażagħ.

a) Dawn iċ-Ċentri għandhom josservaw **l-istatut** approvat mill-Awtorità Ekkleżjastika.

b) Għandhom ikunu aktar attraenti għax iż-żgħażagħ ifittxu u jagħżlu dak li hu l-aħjar. Biex dawn il-lokali jkunu iktar effiċjenti, fihom għandhom isiru **ħidmiet ta' kull xorta li jappellaw għallgosti u l-esigenzi taż-żgħażagħ.**

c) F'kull parroċċa għandu jiġi ċċelebrat **Jum iċ-Ċentru Parrokkjali.** Tista' tiġi organizzata attività komuni bejn iċ-Ċentri biex tinħoloq opinjoni pubblika dwar il-valur tagħhom. Il-parroċċa għandha tagħti sussidju liċ-Ċentri u lis-Saċerdoti li jmexxuhom biex dawn ikunu jistgħu jorganizzaw b'mod attraenti u effiċjenti, attivitajiet kulturali, eċċ.

d) Fuq bażi parrokkjali, jiġu magħżula saċerdoti li flimkien mal-kappillan ikunu **responsabbli miċ-Ċentri tal-Parroċċa.** Dawn is-saċerdoti responsabbli jikkordinaw l-attivitajiet kollha taż-żgħażagħ inkluż il-Ħin Liberu.

41.

a) Ta' kull sena, il-Kumitat taċ-Ċentru Parrokkjali jfassal *422.* **programm ta' ħidma** soċjali kulturali u reliġjuża li jkun ta' interess għall-parroċċa u għall-Għaqdiet kollha u dan jiġi approvat mill-Kunsill Parrokkjali.

b) Jinżamm **kordinament** bejn l-Għaqdiet tal-Parroċċa, l-Uffiċċju Pastorali tal-Kurja, kif ukoll l-Uffiċċju ta' l-Attivitajiet Kulturali biex is-Sala Parrokkjali tkun ċentru ta' Pastorali, Kultura, Rikreazzjoni għal kulħadd.

c) Rigward il-kultura ta' min isemmi l-importanza tal-**Librerija Parrokkjali** mgħammra b'kotba u rivisti interessanti, fejn l-istudenti u ż-żgħażagħ jistgħu jiksbu ġid morali u kulturali għalihom u għal sħabhom.

42.

Fuq bażi djoċesana, kif ukoll fuq bażi parrokkjali, għandha ssir en- *423.* fasi fuq **l-importanza tal-mużika** fil-ħin liberu. Iċ-Ċentri Parrokkjali għandhom jagħżlu wieħed li jkollu training fil-mużika biex igħallem il-kant u xi strumenti tal-mużika lill-istudenti u liż-żgħażagħ, b'mod partikulari l-kitarra, li tista' tintuża fl-attivitajiet reliġjużi u kulturali taċ-Ċentru.

43.

Fil-qasam ta' l-edukazzjoni, **id-drama** għandha importanza kbira: *424.* hija skola ta' moralità, għajn ta' attività u tgħin fl-iżvilupp tal-personalità. Għalhekk kull Ċentru għandu:

a) joħloq okkażjonijiet li fihom studenti u żgħażagħ ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'din l-arti u jiżviluppaw it-talenti tagħhom;

b) jipprepara u jippreżenta numru ta' plays fis-sena lill-komunità parrokkjali;

c) jagħmel 'exchanges' ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet ma' parroċċi oħra;

d) jinkuraġġixxi l-kitba ta' plays, speċjalment fuq problemi reliġjużi u bi sfond soċjali.

44.

425. **L-attivitajiet sportivi** wkoll għandhom valur edukattiv:

a) fuq pjan personali: jedukaw il-karattru, jipperfezzjonaw il-personalità u jittrenjaw lill-ġisem għad-dixxiplina u sagrifiċċju;

b) fuq pjan soċjali: isaħħu l-ispirtu ta' għaqda (team spirit);

c) fuq pjan etiku: joffru 'outlet' san u nadif għall-enerġija talbniedem; jilliberaw iż-żgħażagħ mill-morsa tal-pjaċir u tal-passjonijiet.

Għalhekk, iċ-Ċentru Parrokkjali għandu jinkoraġġihom u jagħti edukazzjoni biex minnhom jinqatgħu l-vandaliżmu, il-fanatiżmu, il-logħob tal-flus u d-diżonestà.

Parroċċi li għandhom 'playing-field' jieħdu ħsieb jorganizzaw logħob u sports-competitions.

45.

426. Kull Ċentru Parrokkjali għandu jieħu ħsieb jattrezza s-sala tarrikreazzjoni b'logħob ġdid u varjat. Minn żmien għal żmien jorganizza kompetizzjonijiet ta' **'indoor games'** bejn l-istudenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa. Kompetizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu organizzati wkoll bejn parroċċa u oħra.

46.

L-arti u s-sengħa wkoll għandhom l-importanza tagħhom fl-użu tal- *427.*
ħin liberu. Minn żmien għal żmien jistgħu jiġu mistiedna xi għalliema esperti fl-arti u fi snajja partikulari biex jagħtu korsijiet qosra kemm fuq bażi parrokkjali kif ukoll fuq bażi djoċesana. Kull tant żmien tista' tittella' xi esibizzjoni artistika biex studenti u żgħażagħ jitħajru jużaw b'mod utli l-ħin liberu tagħhom.

47.

Biex id-**discos** ikunu verament espressjoni ferrieħa u sana tal-ħajja *428.*
taż-żgħażagħ, jeħtieġ li:

a) **l-organizzaturi** jipprovdu ambjent tajjeb u nadif, kontroll serju u prekawzjonijiet kontra kull abbuż;

b) **il-parteċipanti** joħolqu opinjoni pubblika favur discos tajbin; jipprotestaw u jibbojkottjaw discos laxki, iżommu d-dinjità tagħhom b'imġieba edukata.

48.

Il-każini għandhom jiġu mħeġġa jikkollaboraw flimkien u *429.*
jinkoraġġixxu attivitajiet li:

a) jgħollu l-livell tad-divertiment;

b) ikabbru l-interess ta' l-istudenti u ż-żgħażagħ fl-arti, fil-mużika, fil-letteratura, fl-opri soċjali u filantropiċi.

Id-diretturi spiritwali tal-każini għandhom jippruvaw jiltaqgħu bejniethom u jkunu ħolqa ta' għaqda bejn il-każini.

49.

Il-ħanut għandu importanza wkoll fil-ħajja rikreattiva Għaw- *430.*
dxija. Biex ikun post edukattiv u ta' rikreazzjoni sana, huwa suġġerit li fih:

a) jitwaħħlu posters bi slogans u messaġġi edukattivi;

b) jiċċirkolaw gazzetti u rivisti tajbin;

c) jintagħżlu u jiġu segwiti programmi televiżivi tajbin;

d) ikun hemm prekawzjoni kontra l-logħob ta' l-azzard, ix-xorb żejjed, it-tixrid tad-droga, tilwim u kliem ħażin.

50.

431. Matul il-**vaganzi tas-sajf,** ħafna studenti u żgħażagħ imorru joqogħdu f'lokalitajiet ta' villeġġjatura mal-familji tagħhom. Għalhekk:

a) f'dawn l-ambjenti meħtieġa **assistenza pastorali millaħjar,** b'numru ta' saċerdoti adatti għax-xogħol, b'ħinijiet u b'salarju determinati;

b) min ikun inkarigat **mill-knisja tal-villeġġjatura** għandu jikkuntattja l-uffiċċju pastorali tal-Kurja qabel jibda s-sajf biex jiġi finalizzat pjan ta' attivitajiet pastorali għal dawk ix-xhur;

c) għandhom jiġu organizzati **inizjattivi pastorali** li jilħqu l-ikbar numru ta' villeġġjanti żgħażagħ.

51.

432. Kull parroċċa għandha tfassal **pjan pastorali għas-sajf** u tinkludi fih attivitajiet spiritwali, filantropiċi, kulturali u rikreattivi għall-istudenti u ż-żgħażagħ. Ta' min jinkuraġġixxi s-'summer camps', ġiti barra minn Malta, 'working-holidays' ma' l-anzjani, tfal ta' l-istituti jew ħandikappati, u 'students' summer clubs/schools'.

IL-YOUTH MINISTERS

52.

433. Biex jitwettqu aħjar id-direttivi ta' dan id-dokument pastorali, barra l-Kummissjoni Djoċesana għaż-żgħażagħ u l-Kumitat Djoċesan għall-

Attivitajiet taż-Żgħażagħ, il-Knisja f'Għawdex għandha bżonn grupp ta' **Youth Ministers,** magħmul minn saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li jaħdem biex titwettaq b'mod iktar effiċjenti l-pastorali taż-żgħażagħ. Dan il-grupp iservi:

a) għall-'backing' reċiproku tal-membri f'dil-ħidma diffiċli u delikata,

b) għat-tlaqqigħ flimkien ta' esperjenzi, metodi u kapaċitajiet tal-membri;

c) għall-formazzjoni reċiproka u kontinwata tal-membri.

53.

Il-youth minister: *434.*

a) huwa bniedem li mal-Knisja **jemmen fil-formazzjoni taż-żgħażagħ;**

b) huwa bniedem li **jħobb liż-żgħażagħ** individwalment u lest **jiddedika ruħu għalihom;**

c) huwa bniedem fi **proċess kontinwu ta' formazzjoni personali;**

d) huwa bniedem li jidħol **interpretu bejn il-Knisja u ż-żgħażagħ;** f'isem il-Knisja, irid jipprova joħloq djalogu magħhom fuq dawk il-valuri li joħorġu mis-sinjali taż-żminijiet (il-paċi, is-solidarjetà, il-progress, l-ekoloġija, il-libertà, il-ġustizzja...).

e) huwa bniedem **maż-żgħażagħ iżda mhux bħaż-żgħażagħ;** allura bniedem ta' prinċipju, għaqli, prudenti fi kliemu, għandu proposti serji x'joffri, spiritwali, kapaċi jieqaf jirrifletti u jitlob.

f) huwa bniedem li **jaħdem maż-żgħażagħ iktar milli għaż-żgħażagħ,** għaliex iż-żgħażagħ mhumiex biss oġġett ta' pastorali, huma wkoll suġġett ta' pastorali; is-suċċess ta' youth minister huwa dak li jrawwam youth ministers oħra minn fost iż-żgħażagħ.

g) huwa bniedem li **jgħin liż-żgħażagħ fl-għażla tal-vokazzjoni tagħhom;** jiġifieri, filwaqt li jpoġġi quddiemhom ideali kbar, igħinhom jagħrfu Alla x'irid minnhom u jaċċetta li jimxi magħhom it-triq li jkunu għażlu.

IL-ĦIDMA PASTORALI GĦALL-VOKAZZJONIJIET

INTRODUZZJONI

1.

Il-**Knisja** mwaqqfa fid-dinja bħala sagrament tal-għaqda intima m' Alla u ta' l-unità bejn il-bnedmin (ara L G 1), hija komunità ta' msejħin minn Kristu u fl-istess ħin, komunità li ssejjaħ f'isem Kristu. *435.*

Infatti minħabba s-saċerdozju komuni tagħhom, l-imgħammdin huma msejħin jagħtu sehemhom fil-missjoni universali tal-Knisja. Dan jagħmluh bl-istqarrija tal-fidi, bl-evanġelizzazzjoni, bil-parteċipazzjoni fl-Ewkaristija u fis-sagramenti l-oħra, bit-talb, bix-xhieda ta' ħajjithom, bl-opri ta' karità, u b'diversi forom ta' apostolat.

Ċertament, Knisja li tieħu bis-serjetà dil-missjoni tagħha, issir omm il-vokazzjonijiet, vokazzjonijiet li jingħataw minn Alla għall-ħajja ta' l-istess Knisja u għall-ħajja tad-dinja. Huwa bżonn fundamentali tal-Knisja li jkun hawn iktar vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji, għaliex mingħajr vokazzjonijiet il-Knisja ma tistax tgħix, ma tistax tiżviluppa, ma tistax taqdi l-missjoni tagħha b'risq il-bnedmin. Ta' min jinsisti wkoll li anke l-bnedmin tal-lum għadhom jeħtieġu l-preżenza tal-persuni kkonsagrati fil-ħajja spiritwali tagħhom.

Għalhekk nistgħu ngħidu li l-Knisja hija kollha kemm hi **vokazzjonali**: tħoss li hija msejħa u tħoss ukoll li għandha tħabrek kontinwament għal iktar vokazzjonijiet. Il-ħidma għat-tkattir tal-vokazzjonijiet għandha ssir b'qalb kbira u tkun tħares 'l hemm mit-trufijiet ta' din jew dik id-djoċesi, nazzjon, familja reliġjuża jew rit. Hija ħidma li tqis il-bżonnijiet tal-Knisja kollha kemm hi, iżda b'mod speċjali ta' dawk l-inħawi fejn il-ħtieġa tal-ħaddiema għall-għalqa tal-Mulej tkun tinħass iżjed (ara O T, 2).

2.

436. **Il-familja nisranija** mhux biss għandha vokazzjoni speċjali xi twettaq fil-komunità, iżda hija wkoll post li fih jinbtu u jikbru vokazzjonijiet għall-ħajja kkonsagrata. Kif jgħidilna l-Konċilju Vatikan II, "Jekk jgħixu bi spirtu ta' fidi, ta' mħabba u ta' tjieba, il-familji jsiru għall-ulied qishom l-ewwel seminarju" (O T, 2). Barra minn hekk, fil-familja, "l-ulied għandhom jitrabbew b'manjiera li meta jikbru jkunu jistgħu b'sens ta' responsabbiltà sħiħa, jimxu wara s-sejħa tagħhom, ukoll dik sagra, u jagħżlu l-istat tal-ħajja" (G S, 52).

3.

437. Fil-familja nisranija, li tista' titqies bħala l-**Knisja tad-dar**, għandu jinħoloq ambjent tajjeb fejn iż-żerriegħa tal-vokazzjoni tiġi mxettla u żviluppata. Dan l-ambjent tajjeb jiddependi minn kemm il-familja qed tagħti importanza lill-edukazzjoni fil-fidi, lit-talb (anki talb għall-vokazzjonijiet) u lill-ħidma ta' promozzjoni umana (ara F C, 51-64).

4.

438. Fil-familja nisranija, il-ġenituri għandhom ikunu għal uliedhom l-ewwel **ħabbara tal-fidi**, jgħinuhom fis-sejħa partikulari tagħhom u jagħtuhom għajnuna speċjali meta jindunaw li jkollhom xi sejħa reliġjuża (ara L G, 11).

5.

439. Meta l-ġenituri jindunaw li f'uliedhom hemm xi xewqa vokazzjonali, iridu jaraw jekk dawn uliedhom għandhomx **kwalitajiet ta' vera vokazzjoni** u jekk għandhom, jgħinuhom jiżviluppawhom. Fost dawn il-kwalitajiet insemmu:

a) sens ta' qadi u spirtu ta' servizz. L-individwu jkun lest li jbati u jissagrifika lilu nnifsu biex jgħin u jaqdi lill-oħrajn;

b) kapaċità li wieħed jibni relazzjonijiet ma' l-oħrajn, anki ma' persuni tas-sess oppost;

c) sens ta' 'leadership', intelliġenza normali, fiduċja fih innifsu;

d) ċerta prattika reliġjuża (talb, sagramenti, eċċ);

e) perseveranza minkejja d-diffikultajiet li jinqalgħu.

6.

Fl-għajnuna li għandhom jagħtu lil uliedhom fl-għażla tal-vokazzjoni, il-ġenituri jridu jevitaw żewġ estremi: la jridu jimbuttawhom għall-ħajja saċerdotali u reliġjuża (dan huwa riskju kbir) u lanqas jaħarbu mid-dmir li jgħinuhom fl-għażla ta' l-istat tal-ħajja (dan huwa nuqqas ta' responsabbiltà). Ġenituri għaqlin iridu **jakkumpanjaw il-vokazzjoni ta' wliedhom**. Dan jagħmluh billi: *440.*

a) isaħħu l-ħajja nisranija fil-familja tagħhom;

b) isibu mumenti li fihom jitkellmu magħhom fuq id-diversi toroq li wieħed jista' jieħu fil-ħajja (filwaqt li juruhom li jridu hom liberi fl-għażla li se jagħmlu);

c) jikkonvinċuhom jagħżlu direttur spiritwali li jgħinhom jagħżlu t-triq vokazzjonali tagħhom skond ir-rieda t'Alla;

d) fuq kollox jitolbu għalihom.

7.

Ir-rispett li l-ġenituri juru lejn is-saċerdoti u lejn persuni oħra kkonsagrati, jista' jgħin ħafna biex xi ħadd minn uliedhom jagħżel vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża jew dik ta' lajċi kkonsagrati. *441.*

8.

442. Il-ġenituri għandhom jitfakru li l-hena ta' wliedhom hu marbut mat-tweġiba li jagħtu għas-sejħa tal-Mulej. Jiftakru wkoll li iben (jew bint) mogħti lil Alla mhux telf, imma qliegħ kbir għall-Knisja u għall-familja wkoll. Għalhekk **qatt m'għandhom ifixkluhom** jekk jixtiequ jagħżlu t-triq tal-ħajja kkonsagrata.

ĦIDMA VOKAZZJONALI FIL-PARROĊĊA

9.

443. **Fil-parroċċa**, il-ħidma għall-vokazzjonijiet ma tistax titqies bħala xi ħaġa sekondarja, imma għandha tkun kontinwament parti essenzjali mill-ħajja u mill-ħidma kollha tal-komunità parrokkjali. Għalhekk, il-ħidma vokazzjonali fil-parroċċa trid tidher fix-xandir tal-kelma t'Alla, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija u fil-ħidmiet ta' promozzjoni umana. Il-parroċċa ġġib 'il quddiem il-vokazzjonijiet "jekk, qabel xejn, tkun komunità li qegħda tgħix ħajja tassew nisranija" (O T, 2).

a) *FIX-XANDIR TAL-KELMA T'ALLA*

10.

444. Billi "l-katekesi tipprepara lill-bniedem biex 'il quddiem, bħala adult, jimpenja ruħu kristjanament", u billi "ħafna vokazzjonijiet għall-ħajja saċerdotali u reliġjuża nibtu proprju waqt katekesi magħmula tajjeb fit-tfulija u fl-adoloxxenza" (ara C T, 39), importanti li l-katekesi ordinarja li tingħata lit-tfal u lill-istudenti fil-parroċċa, tkun katekesi serja li twassalhom biex jiltaqgħu ma' Kristu u jimxu warajh (ara C T, 5). F'dan is-sens, **kull katekeżi hija proposta vokazzjonali**. Però f'ċerti mumenti, speċjalment fl-età ta' l-iżvilupp, ikun hemm bżonn ta' katekesi speċifika li toffri 'guidance' fl-għażla ta' l-istat tal-ħajja: katekesi li tixħet dawl fuq it-tifsira u l-valur tad-diversi sejħat għall-ħajja kkonsagrata (J D T V 1991).

Il-proposta vokazzjonali lit-tfal u lill-istudenti għandha ssir ukoll f'mumenti ta' **katekesi straordinarja**, per eżempju: waqt il-priedki ta' l-eżerċizzi, waqt l-irtiri, fis-'summer-camps', qrib il-ġurnata missjunarja, qrib il-ġurnata tal-vokazzjonijiet, fl-okkażjoni ta' xi ordinazzjoni saċerdotali jew professjoni reliġjuża, eċċ.

12.

Il-katekisti (kemm sekulari, kif ukoll saċerdoti jew reliġjużi) għandhom iħossu ċerta responsabbiltà quddiem il-problema tal-vokazzjonijiet. Qabel xejn, iridu jgħixu l-vokazzjoni tagħhom ta' katekisti b'ġenerożità u b'dedikazzjoni, ikunu bnedmin ta' talb u ta' ħajja nisranija ġenwina (ara J D T V 1991). *446.*

13.

Fil-katekesi tagħhom, il-katekisti għandhom jagħmlu użu minn **'filmstrips' dwar ħajjiet tal-qaddisin** (speċjalment qaddisin li kienu saċerdoti, fundaturi jew membri ta' ordnijiet u kongregazzjonijiet reliġjużi). B'hekk it-tfal jifhmu l-valur u l-attwalità tal-ħajja kkonsagrata 'l Alla u jibdew jikkonsidraw il-possibiltà li huma wkoll jimxu wara Kristu iktar mill-qrib bħala saċerdoti, reliġjużi, missjunarji jew lajċi kkonsagrati. *447.*

14.

Meta katekist jinduna b'xi tfal li qegħdin juru xi **sinjali ta' vokazzjoni** saċerdotali, missjunarja jew ta' lajċi kkonsagrati, għandu jinkoraġġihom, iħajjarhom jitolbu iżjed, jirriflettu ħafna u jitolbu parir. Jurihom ukoll il-bżonn li jkollhom direttur spiritwali. *448.*

15.

Dawk kollha li b'xi mod għandhom f'idejhom il-formazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ, l-aktar l-għaqdiet kattoliċi, għandhom ifittxu jedukaw liż-żgħażagħ fdati f'idejhom b'mod li dawn jintebħu bis-sejħa ta' Alla u jimxu warajh bil-qalb (O T, 2). Dawn l-**għaqdiet ta' apostolat** u movimenti simili jistgħu jkunu għalqa fertili tal-vokazzjonijiet (P D V 41). *449.*

16.

450. Jiġu organizzati **'exhibitions' fuq il-vokazzjonijiet** mhux biss fuq bażi djoċesana, imma possibilment ukoll fil-parroċċi.

17.

451. Ta' min jirrikmanda l-ħidmiet u l-attivitajiet li jorganizza l-**Grupp Missjunarju Għawdxi** fil-parroċċi tagħna, bħalma huma laqgħat f'għamla ta' taħdidiet bi 'slides', kif ukoll f'għamla ta' talb.

18.

452. Jixraq li dawk li jkunu wettqu xi **xogħol pastorali f'pajjiżi tal-missjoni**, jiġu mistiedna fil-parroċċi biex jitkellmu fuq l-esperjenzi tagħhom u jinżamm kuntatt magħhom, kif hemm imfisser fl-"Ad Gentes".

b) *FIĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-LITURĠIJA*

19.

453. It-talb huwa mezz essenzjali biex jiżdiedu l-vokazzjonijiet fil-Knisja, għaliex irrikmandahulna Kristu stess. L-aqwa talb li nistgħu nagħmlu għall-vokazzjonijiet, imbagħad, huwa **t-talb liturġiku**, għaliex bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu u flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, nagħtu ġieh u glorja lil Alla l-Missier u fl-istess ħin nitolbuh jibgħat aktar ħaddiema fil-ħsad tiegħu (ara Mt 9, 38).

20.

454. **Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti** tista' tkun okkażjoni tajba li fiha ssir katekesi vokazzjonali. Hija ħaġa sabiħa li d-direttur tal-vokazzjonijiet u l-kappillani jħajru lill-prospectives u lill-abbatini biex jattendu għall-funzjoni ta' l-Ordinazzjoni sagra.

21.

455. Tkun ħaġa xierqa jekk f'xi ġurnata ferjali, is-saċerdoti jiċċelebraw **quddiesa għall-vokazzjonijiet** saċerdotali (S M 887) jew għall-vokazzjonijiet reliġjużi (S M, 888).

22.

Il-**Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet**, li jaħbat ir-Raba' Ħadd ta' l-Għid ta' kull sena, għandu jiġi ċċelebrat fil-parroċċi kollha. F'din l-okkażjoni, il-kappillan, flimkien mal-kollaboraturi tiegħu, jieħu ħsieb jorganizza talb għall-vokazzjonijiet u inizjattivi oħra biex l-insara jiġu sensibilizzati dwar il-problema tal-vokazzjonijiet. Per eżempju: omelija dwar il-vokazzjoni, kampanja vokazzjonali fost it-tfal ta' l-iskola tar-raħal, wirja vokazzjonali, laqgħa lill-ġenituri dwar il-ġejjieni vokazzjonali ta' wliedhom, tqassim ta' leaflets u pubblikazzjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-vokazzjonijiet, xi quiz fost it-tfal b'tema vokazzjonali, eċċ. *456.*

23.

Fil-funzjoni tal-**benedizzjoni Ewkaristika**, barra mill-kant u qari mill-Kotba Mqaddsa, xieraq li jsir ukoll talb għall-vokazzjonijiet. Wieħed jista' jagħmel użu mill-varjetà kbira ta' talb li jinsab fil-librett "*Nitolbu għall-Erwieħ Ikkonsagrati*". *457.*

24.

Anki fl-**'ora santa'** li ssir darba fil-ġimgħa fil-parroċċi, jista' jsir talb għall-erwieħ ikkonsagrati u għal aktar vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji fil-Knisja. Tkun ħaġa xierqa jekk għal din l-adorazzjoni jattendu s-saċerdoti u r-reliġjużi residenti fil-parroċċa. Kull tant u tant, il-kappillan jista' jistieden membri ta' xi komunitajiet reliġjużi biex imexxu din l-'ora santa'. *458.*

25.

Il-**'Piccolo Clero'**, jekk ikun ikkultivat tajjeb, u jimxi skond ir-regolamenti (ara A K D G n. 3 p. 36-38), jista' jkun mixtla ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Però jeħtieġ li l-abbatini jkollhom tagħlim xieraq u jagħtu kif imiss is-servizz tagħhom. *459.*

c) *HIDMIET FIL-PROMOZZJONI UMANA*

26.

460. L-insara għandhom jifhmu li t-tagħlim nisrani, kif ukoll il-Liturġija, iridu jwasslu għall-ħidma ta' promozzjoni umana għax m'hemmx imħabba vera lejn Alla jekk m'hemmx ukoll imħabba konkreta lejn il-proxxmu (ara I Ġw 4, 20). Peress li kull vokazzjoni titlob sens ta' qadi u ġenerożità, inkunu qegħdin ngħinu fil-formazzjoni vokazzjonali tat-tfal u taż-żgħażagħ tagħna, jekk inħeġġuhom jieħdu sehem fil-**ħidma karitattiva tal-Knisja** u nindirizzawhom lejn xi għamla organizzata ta' promozzjoni umana adattata għalihom. Ta' min isemmi żjajjar lill-morda u lill-anzjani fl-isptar u anki fi djarhom, ġbir ta' bolli u flus b'risq il-missjoni, xogħol volontarju fl-istituti, xi tip ta' għajnuna lil tfal ħandikappati, sagrifiċċji għall-karità matul ir-Randan, eċċ. Dan isir iktar b'mod regolari jekk it-tfal u ż-żgħażagħ jagħmlu parti minn xi għaqda kattolika ta' appostolat attiv.

27.

461. Fil-ħidma vokazzjonali, wieħed irid jagħti importanza lill-**għaqdiet tal-volontieri**. Il-volontarjat jikkonsisti f'ħidmiet favur nies li jeħtieġu l-għajnuna ta' ħaddieħor, bħalma huma morda, xjuħ, ħandikappati, u jissejjaħ hekk għaliex huwa motivat mill-filantropija jew aħjar mill-karità nisranija u jsir mingħajr paga jew rimunerazzjoni. (ara A C, Nov. 1988).

28.

462. **Il-membri tal-kleru** għandhom ikunu nfurmati u aġġornati dwar il-ħidmiet tal-volontarjat, u meta tiġihom okkażjoni, ma jibżgħux iħajru żgħażagħ bil-għaqal sabiex għall-inqas għal xi żmien, jieħdu sehem attiv f'xi grupp tal-volontarjat li jkun jgħodd għalihom. Permezz tal-volontarjat, meta jitwettaq kif imiss, mhux biss tingħata għajnuna siewja lil min hu fil-bżonn, iżda jiksbu esperjenzi pożittivi u jistagħnew spiritwalment, anki ż-żgħażagħ li jwettquh (ara A C, Nov. 1988). 'Il quddiem, xi whud minn dawn iż-żgħażagħ jistgħu jaqbdu t-triq ta' l-għotja tagħhom infushom lil Alla.

29.

Ġeneralment, fiż-**żgħażagħ aspiranti għall-volontarjat**, wieħed għandu jfittex erba' kwalitajiet: *463.*

a) spiritwalità kemm jista' jkun profonda;

b) xewqa għall-ġustizzja u għall-paċi fost il-bnedmin;

c) disponibiltà li wieħed jaħdem f''team-work';

d) preferenza għall-istil ta' ħajja sempliċi.

Iktar ma tkun soda l-motivazzjoni tal-fidi, iktar ikun hemm tama li l-persuna li tidħol għax-xogħol tal-volontarjat, twettqu sa l-aħħar u kif imiss (ara A C, Nov. 1988).

30.

Tajjeb li s-saċerdoti, il-membri ta' l-għaqdiet u nsara oħra mpenjati, iżuru **l-morda tal-parroċċa** ta' sikwit u fil-waqt li jsabbruhom fid-dwejjaq tagħhom, iħeġġuhom joffru lil Alla t-tbatijiet tagħhom imseħbin ma' dawk ta' Kristu u jitolbu għall-qdusija ta' l-erwieħ ikkonsagrati u għal aktar vokazzjonijiet. *464.*

HIDMA VOKAZZJONALI MILL-ISKOLA

31.

Edukazzjoni tfisser tipprepara lill-istudenti għall-ħajja. Għalhekk, fost l-oħrajn, tfisser tgħinhom jagħrfu x'inhi l-vokazzjoni tagħhom fil-Knisja u fis-soċjetà. Fl-istess ħin, skola li tagħti edukazzjoni vera ma tridx titkellem b'mod ġenerali biss dwar il-vokazzjoni, imma trid turi wkoll liema huma fil-prattika t-triqat kollha li minnhom wieħed irid jgħaddi biex jilħaq il-vokazzjoni tiegħu, u fost dawn it-triqat trid tissemma wkoll dik li twassal għal dedikazzjoni sħiħa għall-bini tas- *465.*

Saltna t'Alla (ara J D T V 1989). F'din il-ħaġa jistgħu jgħinu ħafna d-diretturi spiritwali u l-'Counsellor' ta' l-iskola li jsejħu lit-tfal wieħed wieħed u waħda waħda u jiddiskutu magħhom xi triq jistgħu jaqbdu fil-ħajja.

32.

466. **It-tagħlim tar-reliġjon** fl-iskola huwa ċertament mument opportun ħafna biex kull tant u tant issir katekesi u proposta vokazzjonali lill-istudenti. Is-saċerdoti u r-reliġjużi għalliema jistgħu jgħinu ħafna fil-ħidma vokazzjonali.

33.

467. **L-għalliema** u dawk kollha li b'xi mod huma fid-dmir li jedukaw it-tfal u ż-żgħażagħ, għandhom jgħallmuhom jagħrfu l-ħerqa tal-Mulej għall-merħla tiegħu u jifhmu l-ħtiġijiet tal-Knisja biex b'qalb kbira jkunu mħejjija jwieġbu mal-profeta għas-sejħa tal-Mulej: "Hawn jien: ibgħat lili" (ara P O, 11).

34.

468. Billi l-istudenti u ż-żgħażagħ tal-lum qegħdin jgħixu f'soċjetà materjalista u sekolarizzata, **l-iskola** trid toħloq ambjent ta' fidi, ta' ġenerożità u ta' qadi li jista' jeħles liż-żgħażagħ mill-idea jew mill-mentalità li l-vokazzjoni għall-ħajja kkonsagrata hija bluha jew li ma tistax isseħħ (ara J D T V 1989).

Għalhekk, fil-ħin tat-tagħlim u anki mhux fil-ħin tat-tagħlim, l-iskola trid toħloq inizjattivi li jgħinu f'din il-ħaġa. Insemmu per eżempju: laqgħat ta' talb, ċelebrazzjonijiet tal-Kelma t'Alla, servizzi penitenzjali, quddies għat-tfal kollha flimkien u anki klassi klassi, 'campings' vokazzjonali, eżerċizzi spiritwali, irtiri, 'slide-features' reliġjużi, eċċ. Dawn l-inizjattivi jew oħrajn jixbhuhom jieħu ħsieb jorganizzahom id-direttur spiritwali ta' l-iskola bil-koperazzjoni ta' l-uffiċjali u ta' l-għalliema l-oħra.

HIDMA VOKAZZJONALI MILL-ISKOLA TAS-SEMINARJU

35.

Billi s-seminarji minuri ġew imwaqqfin biex ikabbru ż-żrieragħ tal- *469.*
Vokazzjoni li jkunu għadhom kemm nibtu (O T, 3), is-**Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù**, li huwa skola sekondarja għal tfal subien minn Form I sa Form VI, għandu jaħdem għal aktar vokazzjonijiet saċerdotali u missjunarji fost l-istudenti; fl-istess ħin, għandu jagħti taħriġ reliġjuż speċjali - qabel xejn b'direzzjoni spiritwali xierqa - lil dawk li juru xi sinjal ta' vokazzjoni.

36.

Għalhekk, wieħed mill-uffiċjali tas-Seminarju Minuri huwa d-diret- *470.*
tur spiritwali, maħtur mill-Isqof għal perjodu ta' sentejn. Id-direttur spiritwali tas-Seminarju, li huwa wkoll il-**promotur tal-vokazzjonijiet saċerdotali**, huwa responsabbli mill-ħajja spiritwali u vokazzjonali ta' l-istudenti. Flimkien ma' xi saċerdoti oħra, magħżula mill-Isqof, u mas-seminaristi, huwa jieħu ħsieb jorganizza programm ta' attivitajiet spiritwali u vokazzjonali, mhux biss għall-istudenti tas-Seminarju iżda wkoll għal studenti ta' skejjel oħra; mhux biss fis-seminarju iżda anki fil-parroċċi u f'ambjenti edukattivi oħra.

37.

Bl-għajnuna tal-moderatur tal-pastorali, is-seminaristi bi ftehim mal- *471.*
kappillan, jieħdu ħsieb janimaw **gruppi vokazzjonali** fil-parroċċi kollha. Membri ta' dawn il-gruppi vokazzjonali jistgħu jkunu studenti subien minn Form I 'il fuq li huma abbatini jew li juru xi sinjal ta' vokazzjoni. Kull seminarista għandu jiltaqa' mal-membri tal-grupp vokazzjonali tiegħu għall-inqas darba kull ħmistax u jipprova jorganizzalhom attivitajiet formattivi, spiritwali u rikreattivi. Ta' min jissuġġerixxi, per eżempju, laqgħat ta' katekesi, laqgħat ta' talb, ċelebrazzjonijiet ta' l-Ewkaristija animati tajjeb, servizzi peniten-

zjali, ħidmiet promozzjonali, irtiri ta' ġurnata, attivitajiet żgħar ta' apostolat, laqgħat ma' persuni li ħadmu jew qegħdin jaħdmu fl-artijiet tal-missjoni, ħarġiet rikreattivi, eċċ.

38.

472. Ta' kull xahar, il-promotur tal-vokazzjonijiet saċerdotali jieħu ħsieb jorganizza **programm żgħir ta' attivitajiet vokazzjonali** f'xi waħda mill-parroċċi. Dal-programm, li jiġi mħejji flimkien mal-kappillan tal-parroċċa konċernata, jinkludi: ċelebrazzjoni tal-quddiesa li tkun animata mis-seminaristi, laqgħa ta' talb għall-vokazzjonijiet, taħdita lill-ġenituri u 'exhibition' dwar il-vokazzjoni.

39.

473. Minn żmien għal żmien, tiġi mħejjija u ppubblikata l-**'leaflet' vokazzjonali** "Triqat il-Mulej". Bl-għajnuna tas-seminaristi, il-promotur tal-vokazzjonijiet saċerdotali jieħu ħsieb iqassamha fost l-istudenti tas-seminarju u studenti ta' skejjel sekondarji oħra.

40.

474. Bi ftehim mad-**direttur djoċesan ta' l-abbatini**, il-promotur tal-vokazzjonijiet saċerdotali jorganizza attivitajiet regolari għall-abbatini u għall-membri tal-gruppi vokazzjonali. Dan jista' jsir anki fuq bażi zonali.

41.

475. Fil-vaganzi tas-sajf, il-promotur tal-vokazzjonijiet saċerdotali jieħu ħsieb jorganizza **'campings' vokazzjonali** fis-seminarju għal studenti ta' l-iskejjel sekondarji. Matul dawn il-'campings' l-istudenti jkollhom laqgħat ta' formazzjoni, mumenti ta' talb u ta' rikreazzjoni flimkien.

42.

476. Darba fix-xahar, il-promotur tal-vokazzjonijiet saċerdotali jieħu ħsieb ilaqqa' fis-seminarju l-**istudenti** subien **ta' Forms IV u V** li jkunu qegħdin juru sinjal ta' vokazzjoni.

43.

Għandha ssir, imbagħad, ħidma vokazzjonali partikolari mal-'**Prospectives**', jiġifieri ma' dawk iż-żgħażagħ minn madwar sittax-il sena 'l fuq li 'l quddiem beħsiebhom jagħmlu talba biex jibdew il-kors seminaristiku bi tħejjija għas-saċerdozju. *477.*

44.

Biex student jiġi inserit fil-**grupp tal-'prospectives'** u jattendi għal-laqgħat tagħhom, hija meħtieġa deċiżjoni f'dan is-sens meħuda mill-'equipe' vokazzjonali, li tikkonsisti fil-promotur tal-vokazzjonijiet saċerdotali u saċerdoti oħra magħżula mill-Isqof. Ħadd ma jista' jiġi aċċettat fis-seminarju qabel ma jgħaddi żmien ta' sena jew aktar, kif jiddetermina l-promotur tal-vokazzjonijiet, fil-grupp tal-'prospectives'. F'dan iż-żmien, l-individwu jżomm kuntatt ma' xi saċerdot ta' l-'equipe' vokazzjonali. Dan huwa meħtieġ biex tiġi studjata l-vokazzjoni tiegħu. *478.*

45.

Din il-ħidma vokazzjonali mal-'prospectives' tikkonsisti prinċipalment f'**esperjenzi komunitarji** darba fix-xahar li ġeneralment isiru fiċ-Ċentru Pastorali "Ir-Raġħaj it-Tajjeb". *479.*

46.

Fost **l-iskopijiet** li jridu jintlaħqu permezz ta' dawn l-esperjenzi komunitarji, insemmu: *480.*

a) aktar maturità umana, affettiva u nisranija;

b) taħriġ f'ħajja ta' ġenerożità u ta' ċaħda;

c) introduzzjoni għal ħajja ta' talb iktar intensa, b'enfasi fuq it-talb komunitarju u liturġiku; bħalma hi l-liturġija tas-sigħat;

d) taħriġ f'dik li hija ħajja komunitarja;

e) edukazzjoni għal iktar spirtu ekkleżjali; u

f) dixxerniment tal-vokazzjoni.

47.

481. Il-**programm li jsegwu l-'prospectives'** matul dawn l-esperjenzi komunitarji, jixbah ħafna lill-programm li jsegwu s-seminaristi fis-Seminarju. Parti kbira mill-ħin tagħhom jgħadduh l-iskola u fl-istudju, però jkollhom ukoll żmien għat-talb, għall-apostolat u għar-rikreazzjoni flimkien. Ikollhom taħdidiet u diskussjonijiet dwar suġġetti li jirrigwardaw kwalitajiet umani, l-esiġeżi tal-Vanġelu, id-dimensjoni ekkleżjali tal-ħajja nisranija, il-vokazzjoni, il-kunsilli evanġeliċi, eċċ.

48.

482. Xieraq li matul dan il-programm ta' formazzjoni, il-'prospectives' ikollhom ukoll **esperjenza ta' xi servizz promozzjonali** (per eżempju ma' l-anzjani, mal-ħandikappati, mat-tfal ta' l-istituti...) u esperjenza ta' xogħol.

49.

483. F'Settembru, il-'prospectives' ikollhom **irtir bil-magħluq** li jservi ta' preparazzjoni prossima għal dawk fosthom li f'Ottubru jkunu se jibdew il-ħajja fis-Seminarju.

HIDMA VOKAZZJONALI MIS-SAĊERDOTI U MIR-RELIĠJUŻI

50.

484. Hija **parti mill-missjoni tas-saċerdot** li jaħdem bil-ħerqa mal-Knisja kollha biex fid-dinja jkun hawn dejjem ħaddiema fil-Poplu t'Alla (ara P O, 11).

51.

Fit-talb personali u komunitarju tiegħu, **is-saċerdot** huwa fid-dmir li **jitlob għall-vokazzjonijiet**. Għalhekk fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija tas-sigħat, fir-reċita tar-rużarju, waqt l-adorazzjoni ewkaristika, eċċ., għandu jaħseb ta' sikwit fil-problema tal-vokazzjonijiet u jitlob biex aktar żgħażagħ (ġuvintur u xebbiet) jikkonsagraw ħajjithom għas-Saltna ta' Kristu. *485.*

52.

Bil-ministeru tal-Kelma u bl-istess xhieda ta' ħajjithom, il-presbiteri għandhom iqegħdu quddiem għajnejn il-fidili l-kobor u l-ħtieġa tas-saċerdozju u tal-ħajja kkonsagrata (ara P O, 11). Fil-**predikazzjoni ordinarja** għandhom jitkellmu iżjed dwar il-kunsilli evanġeliċi u dwar l-għażla ta' l-istat reliġjuż (ara P C, 24). *486.*

53.

Barra minn hekk, **is-saċerdoti** għandhom ifakkru lill-insara fid-dmir tagħhom li jikkoperaw bit-talb u b'mezzi oħra biex il-Knisja jkollha dejjem dawk is-saċerdoti meħtieġa għall-qadi tal-missjoni divina tagħha (ara P O, 11). *487.*

54.

Peress li l-vokazzjonijiet għall-ħajja kkonsagrata jissaħħu, jikbru u jagħtu frott billi wieħed iħares dejjem fih il-**ħajja divina** li rċieva fil-magħmudija, il-kappillani u dawk imseħbin magħhom fil-kura ta' l-erwieħ, għandhom joħolqu ambjent li fih adoloxxenti u żgħażagħ ikollhom opportunità li jisimgħu l-Kelma t'Alla, jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti (b'mod speċjali dak tar-Rikonċiljazzjoni u dak ta' l-Ewkaristija), jitolbu b'mod personali u anki b'mod komunitarju, jieħdu direzzjoni spiritwali, jikbru fid-devozzjoni lejn il-Verġni Marija u jimpenjaw ruħhom fil-ħajja axxetika (ara J D T V 1990). *488.*

55.

489. Mingħajr ma joqgħod jara xogħol u taħbit, is-saċerdot għandu jagħti għajnuna u tħejjija tajba lil dawk iż-żgħażagħ jew kbar, li fil-prudenza tiegħu, jidhirlu li huma tajbin għall-ministeru saċerdotali. Biex jintlaħaq dan il-għan, id-**direzzjoni spiritwali**, magħmula bl-attenzjoni u bil-għaqal, hija ħaġa ta' l-akbar siwi (ara P O, 11).

56.

490. Biex iġibu 'l quddiem il-vokazzjonijiet, l-**istituti reliġjużi** għandhom il-jedd li jxerrdu tagħrif fuqhom infushom u jfittxu l-kandidati, basta dan jagħmluh bil-prudenza meħtieġa u skond in-normi mogħtija mis-Santa Sede u mill-Ordinarju tal-post (ara P C, 24). Fid-Djoċesi t'Għawdex, il-komunitajiet reliġjużi maskili u femminili, għandhom il-possibiltà li jżuru l-parroċċi u jorganizzaw xi attività vokazzjonali, bħal per eżempju: quddiesa għall-vokazzjonijiet dwar il-ħajja, il-kariżma u l-apostolat tagħhom, eċċ. Inizjattivi bħal dawn iridu jkunu organizzati dejjem bi ftehim mad-direttur djoċesan tal-vokazzjonijiet u mal-kappillan tal-parroċċa konċernata.

57.

491. **Il-familji reliġjużi**, kemm dawk maskili kif ukoll femminili, għandhom jiddedikaw l-aħjar parti tar-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom għal dik li hija ħidma kateketika għaliex l-esperjenza tgħallimna li fejn sar dan l-isforz, dejjem nibtu vokazzjonijiet ġodda għall-ħajja kkonsagrata (ara J D T V 1991).

58.

492. **Ir-reliġjużi li jgħallmu fl-iskejjel kattoliċi** għandhom jippruvaw isemmgħu s-sejħa ta' Kristu u tal-Knisja għal aktar vokazzjonijiet lit-tfal u lill-istudenti li huma qegħdin jedukaw. L-eku ta' din is-sejħa jidwi b'qawwa ikbar jekk ikun imsaħħaħ mix-xhieda tal-ħajja ta' dawk ir-reliġjużi għalliema u mwettaq bit-talb (ara J D T V 1989).

59.

Fid-dinja tal-lum, li fiha jidwu tant messaġġi kontra xulxin, tkun qed *493.* tagħti **rigal pedagoġiku liż-żgħażagħ** meta turihom li jistgħu jagħrfu x'inhi s-sejħa tagħhom u jfasslu ħajjithom skond din is-sejħa. L-edukaturi kollha, iżda b'mod speċjali s-saċerdoti u r-reliġjużi, għandhom iqiegħdu quddiem l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ il-fehmiet li Kristu stess semma' liż-żgħażagħ tal-Vanġelu (Mt 19, 21s) u dawk l-ideali tal-ħajja li huma 'l fuq minnhom. Fl-istess ħin, jaċċettaw li jimxu magħhom it-triq, kultant diffiċli, tal-vokazzjoni li jkunu għażlu (ara J P 19).

60.

Is-**saċerdoti u r-reliġjużi** m'għandhomx jibżgħu jitolbu ħafna miż- *494.* żgħażagħ u jisfidawhom b'sejħa għall-qadi u għal ħajja mfassla fuq is-sejħat radikali tal-Vanġelu. U biex l-appell tagħhom jasal, din is-sejħa ma jridux jgħadduhielhom biss bil-kliem, imma wkoll bl-eżempju li juri li huma mpenjati, mimlijin ħeġġa u ferħanin fil-qadi tal-Mulej (Ġwanni Pawlu II, *Diskors lis-saċerdoti u lir-reliġjużi*, Valletta 25/5/90).

IL-KUMMISSJONI DJOĊESANA TAL-VOKAZZJONIJIET

61.

Il-**Kummissjoni Djoċesana tal-Vokazzjonijiet** hija organu pasto- *495.* rali, imwaqqaf skond ix-xewqa tal-Knisja (ara P O, 11) u taħt it-tmexxija ta' l-Isqof bl-iskop ewlieni li tippromovi, tikkordina u twettaq il-ħidma pastorali b'risq it-tnissil, trawwim u tiswiħ ta' vokazzjonijiet għall-ħajja kkonsagrata kemm bħala kleru djoċesan kif ukoll bħala reliġjużi fl-ordnijiet jew istituti bil-voti skond il-kanoni 233. Fost l-oħrajn, il-kummissjoni trid taħdem u tpoġġi fil-prattika s-suġġerimenti u d-direttivi ta' dan id-dokument dwar ħidma pastorali għall-vokazzjonijiet.

62.

496. Il-Kummissjoni Djoċesana żżomm kuntatt mal-**Kunsill Nazzjonali tal-Vokazzjonijiet** u l-promotur djoċesan tal-vokazzjonijiet għad-djoċesi t'Għawdex huwa membru "ex officio" tal-Kunsill Nazzjonali skond l-artiklu 28 ta' l-istatut ta' l-istess Kunsill.

63.

497. **Membri** tal-Kummissjoni tal-Vokazzjonijiet:

a) Huwa membru "ex officio" ta' din il-kummissjoni l-promotur djoċesan tal-vokazzjonijiet "pro tempore" maħtur uffiċjalment mill-Isqof, u r-Rettur tas-Seminarju Veskovili.

b) Huma membri wkoll "pro tempore" kull wieħed u kull waħda mir-rappreżentanti jew delegati ta' l-Ordnijiet u Istituti tar-reliġjużi u sekulari bil-voti, li huma diġà stabbiliti f'Għawdex, u li ġew maħtura mis-Superjuri tagħhom bħala promoturi tal-vokazzjonijiet b'risq l-Ordni jew Istitut partikolari tagħhom fid-djoċesi ta' Għawdex.

c) Huma wkoll membri tal-kummissjoni, id-direttur tal-vokazzjonijiet saċerdotali, żewġ seminaristi mis-Seminarju maġġuri ta' Għawdex bħala rappreżentanti u delegati tal-Bord tal-Vokazzjonijiet fl-istess seminarju u tal-Gruppi tal-Vokazzjonijiet li jmexxu s-seminaristi Għawdxin fil-parroċċi t'Għawdex.

64.

498. Il-kummissjoni djoċesana tal-vokazzjonijiet tiltaqa' **taħt il-presidenza ta' l-Isqof** u fl-assenza tiegħu, jippresiedi l-Promotur Djoċesan tal-Vokazzjonijiet.

65.

Il-Promotur Djoċesan ikun ukoll **segretarju tal-Kummissjoni** u jirrappreżentaha fil-Kunsill Pastorali Djoċesan u quddiem l-Awtorità Ekkleżjastika. *499.*

66.

Rigward it-**tmexxija tal-kummissjoni tal-Vokazzjonijiet**, il-laqgħat u l-ħidmiet tagħha jiġu osservati n-normi approvati mill-Isqof għall-kummissjonijiet djoċesani. *500.*

IL-FORMAZZJONI KONTINWATA TAL-KLERU

A. INTRODUZZJONI

1.

501. Illum, meta d-dinja hija għaddejja minn evoluzzjoni kontinwa u radikali, jinħolqu iktar ta' spiss ħtiġijiet u problemi ġodda. Is-Saċerdot jeħtieġ li jkollu **risposta għal dawn il-mistoqsijiet ġodda** fid-dawl tat-tagħlim tal-Vanġelu u tal-Maġisteru. U din hija waħda mir-raġunijiet għaliex fi żmienna hija meħtieġa l-formazzjoni kontinwata tal-Kleru. Iżda l-formazzjoni permanenti "għandha s-sisien proprji tagħha u r-raġuni ewlenija tagħha fid-dinamiżmu tas-Sagrament ta' l-Ordni Sagri" (P D V 70).

2.

502. Peress li **t-tagħrif** li jinkiseb **mill-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali** jnissel ta' kuljum ideat u dubji ġodda fil-moħħ tal-bniedem tal-lum, jeħtieġ li l-kuxjenza tiegħu tgħaddi minn proċess ta' formazzjoni kontinwa sabiex ikun f'pożizzjoni li jagħraf dak li huwa veru minn dak li huwa falz u jagħżel dak li jisfa għall-ġid spiritwali tiegħu minn dak li jisfa ta' ħsara.

3.

503. Għad li l-formazzjoni kontinwata timplika l-informazzjoni, iżda hija wisq iżjed minn hekk. Iktar milli żżid nozzjonijiet ġodda, il-formazzjoni kontinwata tfisser li **wieħed jifhem aħjar dak li tgħallem sal-lum u jipperfezzjonah b'tagħrif ġdid** hekk li jkun ippreparat aħjar biex jaffronta r-realtà tal-ħajja.

4.

504. Il-formazzjoni kontinwata tas-saċerdot hija proċess li bih **hu jifhem aħjar u jassimila dejjem iktar il-Kelma t'Alla,** hekk li, filwaqt li l-

fidi tiegħu tissaħħaħ dejjem iżjed, ikun jista' jgħix b'mod awtentiku l-ħajja saċerdotali tiegħu u tikber fih il-kapaċità li bi kliemu u mġiebtu jagħti xhieda ta' Kristu.

5.

Waqt ir-rit sagru ta' l-Ordinazzjoni, l-Isqof ifakkar lill-Presbiteri li *505.* għandhom ikunu "maturi fix-xjenza" u li t-tagħlim tagħhom ikun "il-mediċina spiritwali tal-poplu t'Alla". Ix-xjenza tal-ministru sagru għandha tkun sagra, għaliex ġejja minn għajn sagra u hija ndirizzata għal fini daqs tant ieħor Sagru (P O 19).

Issa li fi żmienna l-kultura umana kif ukoll ix-xjenzi sagri qed jagħmlu progress b'ritmu ġdid, il-presbiteri għandhom ikunu mħeġġin biex **jipperfezzjonaw ix-xjenza tagħhom** teoloġika u umanistika b'mod addattat u bla interruzzjoni u b'hekk ikunu preparati aħjar biex ikollhom djalogu man-nies ta' żmienhom. (P O 19b).

6.

Din il-ħtieġa ta' formazzjoni permanenti fi żminijietna tinħass sew- *506.* wa **fil-ħajja tas-saċerdot.** Din in-neċessità hija urġenti u tirrigwarda mhux biss l-imġieba u d-deċiżjonijiet personali tiegħu iżda wkoll l-azzjoni saċerdotali tiegħu billi għandu quddiemu problemi pastorali gravi. Mingħajr formazzjoni permanenti, is-saċerdot ikun fil-periklu li jaqa' fl-iżolament u jitlef l-effikaċja tal-ħidma tiegħu.

Il-għan ta' din il-formazzjoni kontinwata għandu jkun dak "li żżomm ħaj proċess sħiħ ta' maturazzjoni progressiva billi wieħed jidħol dejjem aktar fil-fond f'kull waħda mid-dimensjonijiet tal-formazzjoni – umana, spiritwali, intellettwali, ekkleżjali u pastorali – u jiżgura wkoll li dawn id-dimensjonijiet ikunu integrati b'mod ħaj u armonjuż, permezz ta' l-imħabba billi wieħed jibda mill-imħabba pastorali u b'referenza għaliha" (P D V 71).

B. FORMAZZJONI UMANA

7.

507. Il-presbiteru "meħud minn fost il-bnedmin u mqiegħed għall-bnedmin" ma huwa qatt perfett fl-umanità f'din id-dinja u għandu jkun imħeġġeġ biex bi stil ta' ħajja sempliċi u kredibbli **jaqsam il-problemi mal-bnedmin** li jgħixu madwaru u juri solidarjetà magħhom.

8.

508. Minħabba l-ministeru tiegħu, is-saċerdot ma jistax ifassal ħajtu fuq ix-xejra ta' din id-dinja, però fl-istess ħin, hu jrid jgħix fid-dinja fost il-bnedmin, irid jaqdi lil dawk li huma diġà fil-merħla u jiġbed lejh lil dawk li mhumiex. Għal dan il-għan jiswielu ta' ġid kbir jekk jibqa' jitħarreġ f'dawk il-**virtujiet li huma apprezzati mill-bnedmin**, bħalma huma t-tjieba, is-sinċerità, il-qawwa u l-kostanza tal-karattru, il-ħidma bla waqfien għall-ġustizzja, il-ġentilezza (P O 3).

9.

509. "Is-saċerdot, fil-kuntatti tiegħu ta' kull jum man-nies u fil-qsim magħhom tal-ħajja ta' kull jum, għandu jkabbar u jsaħħaħ dik **is-sensibiltà li twasslu biex jifhem il-ħtiġijiet tan-nies** u jwieġeb għat-talbiet tagħhom, jintebaħ b'dak li jridu jistaqsuh għalkemm ma jifthux fommhom, jissieħeb magħhom fit-tamiet, fil-ferħ u fit-tbatijiet tal-ħajja flimkien, jiltaqa' ma' kulħadd u jitkellem ma' kulħadd" (P D V 72).

10.

510. Il-formazzjoni umana għandha aspett komunitarju fis-sens li l-individwu waħdu ma jirnexxilux jasal għaliha iżda **meħtieġa l-kollaborazzjoni ta' ħafna flimkien** biex hekk jinkisbu l-mezzi meħtieġa għal dan il-għan.

11.

Għal aktar formazzjoni umana tal-Kleru u biex jirbaħ id-diffikultajiet konnessi maċ-ċelibat, meħtieġa ħafna l-**ħbiberija saċerdotali.** Din il-ħbiberija saċerdotali għandha tikber dejjem iżjed bejn is-saċerdoti ta' l-istess kors teoloġiku, bejn is-saċerdoti li jaħdmu fl-istess parroċċa u bejn saċerdoti inseriti fl-istess ħidma pastorali, hekk li fosthom ikun jeżisti spirtu ta' familja spiritwali. *511.*

12.

Is-Saċerdoti l-ġodda jixraq li jżommu kuntatt regulari mal-membri ta' l-istaff tas-seminarju u ma' l-istudenti sħabhom. *512.*

13.

Saċerdoti kbar fl-età għandhom jilqgħu lis-saċerdoti żgħażagħ bħala aħwa tabilħaqq u jgħinuhom fl-ewwel attività u responsabbiltajiet talministeru, u jfittxu wkoll kemm jistgħu li jifhmu l-mentalità tagħhom, imqar jekk tkun diversa u jsegwu b'simpatija u mħabba l-inizjattivi tagħhom. Mill-banda l-oħra, is-saċerdoti żgħażagħ għandhom iżommu fil-ġieħ l-għomor u l-esperjenza ta' min hu akbar minnhom fiż-żmien, jistudjaw magħhom kull ma għandu x'jaqsam mal-kura ta' l-erwieħ u **jaħdmu id f'id magħhom bil-qalb** (P O 8 par. 2). *513.*

14.

Tkun ħaġa tajba li jiġi pprovdut "**expert counselling**" biex igħin lis-saċerdoti li jsibuha diffiċli jħollu l-problemi personali li jinqalgħu fil-ħajja tagħhom. Dan is-servizz jista' jiġi integrat fil-kuntest ta' policy djoċesana. *514.*

C. FORMAZZJONI SPIRITWALI

15.

"Il-formazzjoni tas-saċerdot fid-dimensjoni spiritwali tagħha hi mitluba mill-ħajja ġdida u evanġelika li għaliha hu msejjaħ b'mod *515.*

speċifiku mill-Ispirtu s-Santu li ssawwab fih bis-Sagrament ta' l-Ordni Sagri" (P D V 72). Għas-saċerdot, formazzjoni kontinwata li ma tkunx imsieħba wkoll **mal-progress spiritwali** hija illużjoni. Iktar ma wieħed japprofondixxi l-fidi tiegħu, iktar iħoss il-ħtieġa ta' Kristu. Għalhekk, is-saċerdot joqgħod attent li l-formazzjoni kontinwata ma tkunx biss progress fit-tagħlim, iżda fuq kollox tiskiħ fil-ħajja axxetika tiegħu. Is-saċerdot għandu jagħraf dejjem aħjar lilu nnifsu u jħabrek biex jitwettaq fih il-proċess ta' formazzjoni kontinwa biex ikun tabilħaqq bniedem tal-fidi u xhieda tal-valuri tal-Vanġelu.

16.

516. M'hemmx aqwa miċ-ċelebrazzjoni xierqa tal-**quddiesa** biex is-saċerdot jissaħħaħ fl-ispirtu saċerdotali. Barra minn hekk, is-saċerdot għandu jkollu għal qalbu l-qima lejn l-Ewkaristija barra mill-quddiesa, b'mod partikolari ż-żjara personali tiegħu lil Ġesù fl-Ewkaristija.

17.

517. Ir-reċita tal-**Liturġija tas-Siegħat** tista' tikkontribwixxi għall-ġid spiritwali tas-saċerdot: "Is-saċerdoti, impenjati bil-ministeru pastorali mqaddes, igħidu l-Uffiċċju divin b'ħerqa tant akbar daqskemm iżjed jagħrfu tajjeb id-dmir li fuqu wissa San Pawl: 'Itolbu bla heda' (1 Tes 5, 17); għaliex Alla biss jista' jagħmel li x-xogħol tagħhom iħalli ġid u joktor, hu li qal: "Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw 15, 5); għalhekk l-appostli, meta istitwew id-djakni, stqarru: "Aħna nagħtu ruħna għat-talb u għall-ministeru tal-Kelma" (Atti 6, 4)." (S C 86).

18.

518. Għall-ħajja spiritwali tas-saċerdoti hija meħtieġa ħafna l-**Lectio Divina** jew **qari spiritwali** u iktar u iktar il-**meditazzjoni** ta' kuljum. "B'dawn l-għajnuniet spiritwali s-saċerdoti jkunu jistgħu jaqraw is-sinjali tar-rieda t'Alla u t-tqanqil tal-grazzja tiegħu fil-ħafna ġrajjiet tal-ħajja" (ara P D V 47).

19.

Is-saċerdoti jingħaqdu iktar intimament ma' Kristu s-Salvatur u r-Raġħaj meta jirċievu tajjeb **is-sagramenti** u l-aktar jekk jersqu għas-sagrament tal-qrar, għax dan is-sagrament, imħejji bl-eżami tal-kuxjenza ta' kuljum, igħin wisq il-konverżjoni meħtieġa tal-qalb lejn l-imħabba tal-Missier ta' kull ħniena. *519.*

20.

Ta' min jiftakar li d-**direzzjoni spiritwali** hija wieħed mill-mezzi l-aktar effikaċi għall-progress spiritwali tas-saċerdoti. Din id-direzzjoni spiritwali, neċessarja fil-formazzjoni inizjali tiegħu bħala seminarista, hija bżonnjuża wkoll matul il-kors tal-ħajja saċerdotali kollha tiegħu" (ara P D V 81). *520.*

21.

Wieħed mill-mezzi effikaċi għall-formazzjoni spiritwali tas-saċerdot huwa l-**irtir spiritwali.** Is-saċerdot jista' jagħmel dan l-irtir flimkien ma' grupp ta' saċerdoti oħra jew inkella "directed". L-irtir tas-sena m'għandux jirriduċi ruħu f'serje ta' konferenzi u laqgħat soċjali bejn is-saċerdoti, iżda għandu jsir bis-serjetà, bi spirtu ta' rakkoljiment, meditazzjoni u talb. *521.*

22.

Huwa rikmandat li s-saċerdoti jattendu għall-**Ora Santa** Djoċesana li ssir għalihom kull tieni Hamis tax-xahar u barra minn hekk jattendu wkoll għal nofs siegħa adorazzjoni li ssir kull nhar ta' Hamis fil-parroċċi. *522.*

23.

Barra mill-irtiri bil-magħluq u l-adorazzjoni tat-tieni Hamis tax-xahar, li huma organizzati mid-djoċesi, is-saċerdoti huma mħeġġin biex isibu ħin ħalli **jiddiskutu u jitolbu flimkien.** B'hekk ikunu qegħdin jersqu b'xi mod lejn l-esperjenza ta' ħajja komuni rikmandata fil-Kanoni 280. *523.*

24.

524. "Tul ħajjitha kollha, Marija kienet il-mudell ta' dik l-imħabba materna li għandu jkollhom dawk kollha li jikkoperaw fil-ħidma apostolika tal-Knisja, għat-twelid mill-ġdid tal-bnedmin" (L G 65). Biex ikomplu jiffurmaw ruħhom spiritwalment, is-saċerdoti għandhom **iħarsu dejjem lejn il-Verġni Marija** "li taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu, ingħatat kollha kemm hi għall-Misteru tal-Fidwa tal-bniedem; lil din l-Omm tas-Saċerdot il-Kbir ta' dejjem, Sultana ta' l-appostli u għajnuna qawwija tal-ministeru tagħhom, il-presbiteri għandhom jagħtuha l-ġieħ u jħobbuha b'devozzjoni u b'qima ta' wlied" (P O 18).

D. FORMAZZJONI INTELLETTWALI

25.

525. Il-formazzjoni intellettwali titlob rieda tajba mill-individwu nnifsu li jirċeviha; is-saċerdot għandu jieħu ħsieb li jevita t-telf ta' żmien sabiex isib **ħin** ħalli jiddedikah **għall-istudju u għar-riflessjoni**; barra minn hekk għandu jsib mod kif iqabbel flimkien l-esiġenzi tal-ministeru saċerdotali u l-formazzjoni intellettwali b'tali mod li jkun jista' jwettaq sewwa dawn iż-żewġ dmirijiet tiegħu.

26.

526. Il-formazzjoni kontinwata għandha tinkludi **s-setturi kollha tax-xjenza saċerdotali** u tal-kompetenza tas-saċerdot; għalhekk huwa għandu jieħu ħsieb li jaġġorna x-xjenzi sagri li kien jistudja fil-kors filosofiku u teoloġiku hekk li f'kull waħda minnhom ikun għamel xi progress minn mindu ħalla s-Seminarju. "B'mod partikulari l-kontinwazzjoni ta' l-istudju teoloġiku hija meħtieġa għas-saċerdot biex jaqdi bil-fedeltà kollha l-misteru tal-kelma" (P D V 72).

27.

527. Is-saċerdot għandu jagħżel għall-qari tiegħu dawk il-kotba u perjodiċi li għandhom **duttrina ċerta u żgura** dwar is-Sagra Skrittura, it-Teoloġija Dommatika, it-Teoloġija Morali, il-Liturġija, id-Drittu Kanoniku, it-Teoloġija Axxetika, it-Teoloġija Pastorali u t-tagħlim soċjali tal-Knisja.

28.

Kull saċerdot, wara li jieħu f'konsiderazzjoni l-possibiltajiet tiegħu u l-mezzi li jkollu għad-dispożizzjoni, għandu jagħmel **proġett għal studju** siewi bla ma jaqta' qalbu u bla ma jċedi għat-tentazzjoni, ta' tagħrif superfiċjali u inutli. *528.*

29.

Jeħtieġ ukoll li s-saċerdot ikun selettiv, jiġifieri li jagħżel biex jaqra **materjal** li huwa ta' **kwalità tajba.** Hekk, f'għażla tal-kotba jew rivisti li jaqra, ma jaħlix żmienu f'affarijiet sensazzjonali u bla valur, li iktar ikunu ta' ħsara milli ta' ġid, iżda jassimila dak biss li huwa ġenwin u li jiswielu fil-ministeru saċerdotali tiegħu. *529.*

30.

Ta' kull sena, il-Kummissjoni Teoloġika flimkien mal-Kummissjoni Kleru tagħżel suġġett li dwaru għandhom isiru l-**konferenzi ta' aġġornament** fl-ewwel Sibt tax-xahar li għalihom is-saċerdoti kollha huma mħeġġa biex jattendu. *530.*

31.

Meta s-Santa Sede toħroġ xi dokument dwar suġġetti li mhumiex purament dixxiplinari imma jkun fihom ukoll kontenut dottrinali, bil-għajnuna tal-Kummissjoni Teoloġika għandu **jitħejja 'resumè' ta' dan id-dokument** u jitqassam fost il-kleru. Dan jista' jsir permezz ta' l-Atti tal-Kurja. *531.*

32.

Il-każ ta' kuxjenza għandu jinżamm darba fix-xahar barra mix-xhur tas-sajf, u għalih huma obbligati s-saċerdoti attivi f'ħidmiet pastorali. Il-qassisin ta' l-irħula li ma jattendux fil-parroċċa, huma obbligati li jiġu għall-każ fil-katidral. *532.*

a) **Is-soluzzjoni tal-każ** għandha tkun ċara. Tista' tkun bil-Latin jew b'xi lsien ieħor li dawk preżenti jifhmuh.

b) Jaqbel li wara s-soluzzjoni tal-każ, ikun hemm **diskussjoni** kalma u serena, bil-lingwa vernakulari, u min jippresiedi, jagħti ċans lil kull wieħed preżenti biex jieħu sehem fiha.

c) Kull meta jsir il-każ, tinżamm **rassenja ta' l-attendenza** f'reġistru apposta, li mbagħad jiġi ppreżentat fil-Kurja fil-bidu tas-sena, flimkien mal-kopja tas-soluzzjoni tal-każijiet.

d) Il-każijiet dwar il-morali għandhom ikunu dwar il-kwistjonijiet li jmissu **l-problemi tal-fidili** fiż-żminijiet tagħna.

33.

533. Barra milli jattendu għall-każ morali, **is-saċerdoti fl-ewwel ħames snin wara l-ordinazzjoni saċerdotali,** ħlief dawk li huma debitament eżentati, għandhom għall-inqas darba ta' kull sena jsolvu b' mod elaborat wieħed mill-każijiet morali li jkunu assenjati fil-kalendarju. Jippreżentawh fil-post fejn jattendu għall-każ u kopja tal-każ tiġi ppreżentata lill-Isqof.

34.

534. Dawk is-saċerdoti li għadhom attivi f'**ħidmiet pastorali** huma obbligati: (a) jattendu għall-kors ta' aġġornament, eċċ.; (b) jassistu għall-ġimgħa ta' studju; (c) jieħdu sehem f'seminars u konferenzi perjodiċi li jsiru fid-djoċesi u li jattendu għall-każ tal-kuxjenza.

35.

535. Meta jkunu barra mid-Djoċesi s-saċerdoti ġodda huma mħeġġin jattendu għal **korsijiet ta' tagħlim u laqgħat ta' aġġornament** fid-djoċesi fejn ikunu u possibilment iġibu ċertifikat ta' l-attendenza tagħhom.

36.

536. Il-presbiteri huma mħeġġin biex, ta' spiss, jinqdew **bil-biblijoteka** tad-djoċesi u jużaw tajjeb il-kotba u r-rivisti li fiha.

E. FORMAZZJONI EKKLEŻJALI

37.

Ebda presbiteru ma jista' jtemm il-missjoni tiegħu mifrud mill-oħrajn u bħallikieku għal rasu. Huwa fid-dmir li jgħaqqad il-forzi tiegħu ma' dawk ta' presbiteri oħrajn u taħt it-tmexxija ta' l-isqof li jippresiedi fuq il-Knisja lokali. Għandhom jinstabu mezzi u jinħolqu okkażjonijiet biex is-saċerdoti jkunu jistgħu jgħixu fil-prattika din **l-għaqda ekkleżjali** u jkomplu jiffurmaw ruħhom fiha. *537.*

38.

"B'mod aktar speċifiku s-saċerdot hu msejjaħ biex iħoss li hu **membru ta' Knisja partikulari**, li fiha hu inkardinat, jiġifieri mdaħħal fiha b'rabta li hi fl-istess waqt ġuridika, spiritwali u pastorali. Għarfien bħal dan jissopponi u jġib 'il quddiem imħabba partikulari għall-Knisja proprja. Dan hu tassew l-iskop ħaj u permanenti ta' l-imħabba pastorali li trid tissieħeb mas-saċerdot tul ħajtu kollha u twasslu biex jaqsam ma' din il-Knisja partikulari l-ġrajja jew esperjenza tal-ħajja tagħha, bil-ġid u d-dgħufija kollha tagħha, bid-diffikultajiet u t-tamiet tagħha, u biex jaħdem fiha għall-kobor sħiħ tagħha" (ara P D V 74). *538.*

39.

Is-saċerdoti għandhom iħossu l-bżonn li jgħixu u jaħdmu **f'komunjoni ma' l-Isqof tagħhom**, ikollhom imħabba sinċiera lejh u b'ubbidjenza, jikkoperaw miegħu fil-ħidmiet pastorali tad-djoċesi. Din l-ubbidjenza saċerdotali hija mibnija fuq l-istess sehem li l-presbiteri għandhom mill-ministeru ta' l-isqfijiet, sehem li jingħatalhom bissaħħa tar-rabta sagramentali (ara P O 7). *539.*

40.

Is-saċerdoti għandhom iħossu l-bżonn, imbagħad, li jgħixu u jaħdmu **f'komunjoni bejniethom**. Is-sagrament ta' l-ordni sagri jorbothom flimkien f'rabta fraterna u jkun xi jkun il-minsteru tagħhom, għandhom dejjem għan wieħed: il-bini tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu. *540.*

41.

541. Il-koncelebrazzjonijiet, meta maghmula kif imiss, jistghu jsahhu hafna din l-ghaqda ekkleżjali li suppost teżisti bejn is-saċerdoti. Il-*Pastores Dabo Vobis* tirrikmanda wkoll fl-ewwel post "**il-laqghat ta' l-Isqof mal-presbiterju tiegħu**, kemm jekk dawn il-laqghat huma liturġiċi (bhalma hi b'mod partikulari l-koncelebrazzjoni fil-Quddiesa tal-Griżma bhal Hamis ix-Xirka), u kemm jekk huma pastorali u kulturali, jiġifieri dwar stharriġ tal-hidma pastorali jew dwar studju ta' problemi teoloġiċi determinati" (P D V 80).

42.

542. Xieraq li s-saċerdoti jiltaqghu spiss u regolarment ghal **mumenti ta' fraternità** u ta' rikreazzjoni flimkien.

43.

543. Barra minn hekk, biex il-presbiteri jsibu ghajnuna f'xulxin ghall-hajja spiritwali u intellettwali taghhom, biex jirnexxilhom jikkollaboraw iżjed flimkien u biex jeħilsu mill-perikli ta' hajja ta' weħidhom, ghandha tkun inkoraġġita xi xorta ta' **hajja komuni jew xi komunità ta' hajja** li tista' ssir b'diversi modi skond il-htiġijiet differenti personali jew pastorali. Dan jista' jsir billi jghixu f'dar wahda, ikollhom mejda wahda jew ghall-inqas billi ta' sikwit ikollhom laqghat bejniethom (ara P O 8).

44.

544. Is-saċerdoti ghandhom jifhmu li huma marbutin bi dmir speċjali ma' dawk is-**saċerdoti li jsibu ruħhom f'xi diffikultajiet;** lil dawn ghandhom jaghtuhom ghajnuna fil-hin, imqar jekk ghall-bżonn ikollhom jaghmlulhom xi twissija ghaqlija. Ma' dawk imbaghad li jkunu naqsu f'xi haġa, jimxu dejjem b'imhabba ta' ahwa u b'qalb kbira ma jieqfux jitolbu 'l Alla ghalihom, u dejjem iġibu ruhhom maghhom ta' ahwa u hbieb tassew (ara P O 8).

45.

Il-vigarju foranju jkun disponibbli biex igħin lil kull wieħed mis- *545.*
saċerdoti taz-zona tiegħu u juri attenzjoni partikulari għal dawk morda jew li jkunu għaddejjin minn xi diffikultajiet.

46.

Id-don spiritwali li l-presbiteri jirċievu dak in-nhar ta' l-Ordinazzjoni *546.*
ma jħejjihomx għal missjoni limitata u ristretta iżda biex ikunu xhieda ta' Kristu "sa truf l-art" (Atti 1, 8). Għalhekk is-saċerdoti jridu jikkoltivaw fihom **spirtu missjunarju u mħabba lejn il-Knisja Universali.** Għandhom juru ruħhom disposti biex bil-permess jew bl-eżortazzjoni ta' l-isqof, imorru jwettqu l-ministeru tagħhom f'postijiet jew f'missjonijiet li huma neqsin mill-kleru.

47.

Għad li l-presbiteri għandhom ħtiġijiet speċjali tagħhom, jiswa ħafna *547.*
li l-formazzjoni kontinwata jkollha rabta mal-komunità li lilha s-saċerdot ikun qed jagħti s-servizz tiegħu. Dan ifisser li jixraq li jkunu involuti fiha wkoll il-**lajċi.**

48.

Is-saċerdoti jkunu qegħdin jikkoltivaw fihom **sens ekkleżjali** jekk *548.*
jitolbu u jaħdmu biex iktar żgħażagħ igħidu "iva" għas-sejħa tal-Mulej u jagħżlu li jimxu warajh bħala saċerdoti, reliġjużi jew missjunarji (ara Dokument dwar **Il-Ħidma Pastorali għall-Vokazzjonijiet**).

F. FORMAZZJONI PASTORALI

49.

Il-presbiteru huwa maħtur minn Alla l-qaddis u li hu biss iqaddes biex *549.*
b'umiltà jikkollabora miegħu fil-ħidma tat-tqaddis. Fi kliem ieħor, is-saċerdot huwa l-ministru tas-sagramenti mqaddsa, b'mod speċjali ta' l-Ewkaristija li fiha jinsab il-ġid spiritwali kollu tal-Knisja, jiġifieri

Kristu nnifsu. Għalhekk kull saċerdot **għandu jfittex li jkompli jitħarreġ sewwa fix-xjenza u fl-arti tal-liturġija** ħalli bis-saħħa tal-ministeru liturġiku, il-komunità ta' nsara afdata f'idejh, tfaħħar dejjem aħjar lil Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu (ara P O 5).

50.

550. Bħala **edukatur tal-fidi,** is-saċerdot iħossu responsabbli tal-maturità nisranija ta' kull wieħed u ta' kull waħda mill-fidili afdati f' idejh. Huwa jrid jaqdi lil kulħadd, lit-tfal, liż-żgħażagħ, lill-miżżewġin, lill-għaqdiet u l-movimenti...però għandu jkollu attenzjoni speċjali lejn il-foqra u lejn id-dgħajfin, lejn il-morda u lejn il-moribondi.

51.

551. **L-ewwel "assignment"** pastorali huwa ta' importanza vitali għall-iżvilupp ġejjieni ta' kull saċerdot. Xieraq li jkun hemm xi għamla ta' kontinwità ma' l-esperjenza li kellu s-saċerdot meta kien djaknu, u għandha tiġi mogħtija għajnuna sistematika, biex jiġi assigurat li l-ewwel esperjenzi tal-ħajja presbiterali jkunu pożittivi u jiswew għall-iżvilupp personali tiegħu. Dan il-perjodu ta' kura speċjali, li jista' jissejjaħ **"period of induction"** għandu jkun mhux inqas minn tliet snin, u mhux iktar minn ħames snin, skond il-ħtiġijiet ta' l-individwu.

52.

552. Kull saċerdot għandu bżonn din il-formazzjoni pastorali, però b' mod speċjali l-**kappillani u l-vigarji parrokkjali** li huma inseriti direttament u kontinwament f'varjetà ta' ħidmiet pastorali. Din il-formazzjoni, li tista' tieħu diversi forom, tgħinhom iżommu ekwilibriju bejn dak li hu xogħol pastorali u dik li hija ħajja spiritwali u intellettwali tagħhom.

53.

553. Kull tant żmien, għandu jinżamm kors ta' "in-service" għall-kappillani u l-Vigarji parrokkjali, u tingħata importanza lill-"follow-up" ta'

dawn il-laqgħat. Barra mill-korsijiet "in-service", jixraq li jkun hemm programmi ta' "**mutual support**" fost il-membri tal-kleru djoċesan.

54.

Hija meħtieġa preparazzjoni speċifika għal dawk is-saċerdoti żgħażagħ li tkun se tingħatalhom xi għamla ta' "**responsabbiltà addizzjonali**" bħal ma hija dik ta' kappillan tal-fabbriki, inkarigati tat-tribunal, 'religious counsellors' fl-iskejjel, pastorali mal-familji u maż-żgħażagħ, kura spiritwali tal-morda, ħidma karitattiva, eċċ. *554.*

55.

Meħtieġ ukoll li jinħolqu okkażjonijiet għall-**koperazzjoni ekumenika** f'dan il-proċess ta' formazzjoni kontinwata. Dan huwa meħtieġ l-iktar fejn hemm prospetti għall-attivitajiet ekumeniċi. *555.*

56.

Minkejja l-ħafna ħidmiet pastorali li jkollhom, is-saċerdoti tal-parroċċa għandhom isibu mumenti li fihom jitolbu flimkien, jivvalutaw dak li jkunu qegħdin jagħmlu, janalizzaw il-problemi tal-parroċċa u jkomplu jipprogrammaw flimkien il-pastorali parrokkjali. Dawn il-**laqgħat regolari tal-presbyterium parrokkjali** għandhom iġibu 'l quddiem l-għaqda fost il-kleru u iktar effiċjenza pastorali. *556.*

57.

"Formazzjoni permanenti xierqa biss tista' tgħin lis-saċerdot f'dak li hu essenzjali u deċisiv fil-ministeru tiegħu, jiġifieri l-**fedeltà,** kif jikteb San Pawl: 'L-amministraturi (tal-misteri ta' Alla) wieħed jistenniehom li jkunu fidili' (1 Kor 4, 2). Is-saċerdot irid ikun fidil, minkejja d-diffikultajiet li magħhom jiltaqa', ukoll f'qagħda xejn sabiħa, ukoll jekk ikun tassew għajjien, irid ikun fidil bil-forzi kollha li jkollu, sa l-aħħar ta' ħajtu" (P D V 75). *557.*

IL-LAJĊI

A. INTRODUZZJONI

1.

558. "Il-Lajċi huma tabilħaqq parti mill-Knisja u għandhom sehem mill-missjoni tagħha" (C.F.L. 9). **Bl-isem ta' lajċi** nifhmu l-insara kollha, minbarra dawk li huma membri ta' l-Ordni Sagri u ta' l-Istat Reliġjuż magħruf mill-Knisja, jiġifieri l-fidili, li wara li ġew inkorporati ma' Kristu fil-Magħmudija u magħrufin bħala Poplu t'Alla, u fil-miżura tagħhom jagħmlu sehem mill-uffiċċju saċerdotali, profetiku u regali ta' Kristu, iwettqu fil-Knisja u fid-dinja, il-missjoni proprja tal-poplu nisrani kollu (ara L G 31).

2.

559. Peress illi l-Knisja hija magħquda bil-fidi ma' Kristu u tkompli fid-dinja l-opra tal-fidwa tiegħu, il-membri tagħha għandhom sehem fit-tliet setgħat ta' Kristu u dan li nifhmu meta nsemmu **"is-saċerdozju komuni tal-fidili"**.

(a) In-nisrani jieħu sehem fil-**missjoni profetika** ta' Kristu meta jwassal lill-oħrajn, permezz tal-kelma u l-imġieba tiegħu, il-messaġġ tal-fidwa mwettqa mill-Mulej.

(b) Kull wieħed mill-insara mifdija bis-sagrifiċċju uniku ta' Kristu, jista' jwettaq **ħidma saċerdotali** billi jagħti qima lil Alla u jimpenja ruħu f'kull qasam biex iseħħu l-ġustizzja, il-verità u l-imħabba skond il-pjan t'Alla.

(c) **Fl-uffiċċju regali** ta' Kristu li ġie biex jaqdi, mhux biex ikun moqdi, in-nisrani jissieħeb billi jfittex li jirbaħ fih innifsu u madwaru, id-dnub u billi jqis bħala don t'Alla t-tajjeb kollu li għandu fil-waqt li jimpenja ruħu biex jinqeda bih għall-ġid ta' l-oħrajn.

3.

L-insara kollha, kull wieħed skond l-istat u l-kundizzjoni tiegħu, peress li għandhom sehem fil-missjoni tal-Knisja, għandhom **id-dritt li jippromovu u jappoġġjaw l-attività apostolika** anki bil-mezzi tagħhom, fil-waqt li jżommu r-relazzjonijiet dovuti mar-Raġħajja Spiritwali, skond il-liġi ekkleżjastika. *560.*

4.

L-insara kollha, inklużi l-lajċi, proprju minħabba dan is-sehem tagħhom fil-missjoni tal-Knisja, għandhom **id-dmir** li bil-ħajja tagħhom, bi kliemhom u b'għemilhom, quddiem ħuthom il-bnedmin l-oħra, ikunu **xhieda ta' Kristu** li miet u rxoxta għas-salvazzjoni ta' kulħadd. *561.*

5.

L-opra tal-fidwa ta' Kristu, filwaqt li minnha nnifisha twassal għas-salvazzjoni tal-bnedmin, tħares ukoll lejn l-ordni temporali li jeħtieġ li jiġi mġedded skond il-pjan t'Alla. *562.*

Il-missjoni tal-Knisja, allura, għandha bħala skop tagħha mhux biss it-tħabbir tal-Vanġelu u l-amministrazzjoni tal-grazzja għat-tqaddis tal-bnedmin, iżda wkoll dak li tanima u tipperfezzjona l-ordni temporali bl-ispirtu tal-Vanġelu.

Il-lajċi li jieħdu sehem fil-missjoni tal-Knisja, jeżerċitaw l-apostolat tagħhom fil-knisja u fid-dinja, **kemm fl-ordni spiritwali kif ukoll fl-ordni temporali** li għad li huma magħżulin minn xulxin, iżda t-tnejn jagħmlu parti mill-uniku pjan li Alla għandu għall-bnedmin (ara A A 5).

6.

Il-Knisja twettaq il-missjoni tas-salvazzjoni tal-bnedmin permezz tal-fidi fi Kristu u tal-grazzja, u għal dan il-għan tinqeda bil-ministeru tal- *563.*

kelma u tas-sagramenti, li fih għandhom sehem prinċipali l-membri tal-Kleru, iżda jistgħu jiġu msejħin biex jikkollaboraw anke l-lajċi permezz ta' mandat tal-Ġerarkija f'xi ħidmiet ekkleżjali bħalma huma l-katekeżi u l-animazzjoni tal-Liturġija. Bis-saħħa ta' dan il-mandat, il-lajċi **jixxierku iżjed mill-qrib fil-ħidma pastorali tal-Knisja** u għandhom ikunu għal kollox suġġetti għall-awtorità Ekkleżjastika fit-twettiq ta' din ir-responsabbiltà speċjali afdata lilhom. "Għandhom ikunu rikonoxxuti u promossi l-ministeri, l-uffiċċji u l-funzjonijiet tal-lajċi nsara, għax dawn għandhom il-pedamenti fil-Magħmudija u l-Konfermazzjoni u, għal ħafna lajċi, fiż-żwieġ ukoll" (C L 23).

7.

564. "Id-dinja hija qabel xejn il-post fejn Alla qiegħed isejjaħ il-lajċi b' mod speċjali" (C L 15) biex iwettqu l-missjoni tagħhom. Il-lajċi, meta jwettqu apostolat biex **janimaw l-ordni temporali** bħala ċittadini tal-Knisja u tad-dinja, għandhom ikunu mmexxijin mill-kuxjenza nisranija ffurmata tajjeb, imqanqlin mill-karità u mdawlin bid-dawl tal-Vanġelu u tat-tagħlim tal-Knisja (ara A A 7). Iżda f'dan il-qasam huma jieħdu d-deċiżjonijiet u jaġixxu fuq ir-responsabbiltà proprja tagħhom u b'riskju tagħhom, bla ma joqogħdu jistennew kull darba l-intervent ta' l-Awtorità Ekkleżjastika u bla ma jinvolvu neċessarjament il-komunità ekkleżjali fid-deċiżjonijiet u fir-responsabbiltà tagħhom.

8.

565. Il-lajċi, anke dawk li għandhom xi kariżmi partikulari, **ma għandhomx jaħdmu għal rashom**, sabiex ma joħolqux konfużjoni fil-kamp ta' l-apostolat, iżda għandhom ifittxu li joħolqu kordinament malħidmiet apostoliċi ta' l-oħrajn, hekk li possibilment kull ħidma ta' l-apostolat tkun meħuda f'konsiderazzjoni u nkluża fil-pjan pastorali djoċesan jew parrokkjali. Dawn il-pjani għandhom ikunu magħrufa aħjar mill-komunità djoċesana u parrokkjali.

B. IL-FORMAZZJONI TAL-LAJĊI

9.

"Il-formazzjoni ta' l-Insara Lajċi għandha titqies bħala ħidma li d- *566.*
djoċesi trid tagħmel minn ta' l-ewwel u għandha tkun parti minn pjan pastorali b'mod li l-isforzi kollha tal-komunità ekkleżjali (saċerdoti, lajċi u reliġjużi) jingħaqdu flimkien ħa jintlaħaq dan il-għan" (C L 57). L-iskop tal-formazzjoni huwa dak li jiġu mħejjija lajċi adulti li jieħdu fuq spallejhom is-sehem tagħhom fil-missjoni tal-Knisja u li jassumu pjenament **ir-responsabbiltà** tagħhom fil-**komunità nisranija.** B'hekk isiru lajċi li jistgħu jagħmluha ta' pont bejn il-Knisja u s-Soċjetà profana billi jwasslu fis-soċjetà x-xhieda nisranija u jwasslu fil-Knisja l-aspirazzjonijiet tal-komunità temporali.

10.

Kundizzjoni meħtieġa biex titwettaq formazzjoni ta' din ix-xorta *567.*
hija li wieħed jifhem sewwa l-ħtieġa assoluta tal-ħidma tal-lajċi fil-Knisja u wieħed irid ikollu wkoll "il-konvinzjoni li ma jistax ikun hemm formazzjoni vera li tirnexxi jekk kull wieħed ma jidħolx għar-responsabbiltà li jġib 'il quddiem il-formazzjoni tiegħu nnifsu: din hi essenzjalment "**awto-formazzjoni**". (C L 63).

11.

It-tħejjija għall-apostolat titlob li l-lajċi jkunu **ffurmati tajjeb spi-** *568.*
ritwalment u moralment, sa fejn tista' tlaħħaq il-ħila ta' kull wieħed u skond il-kundizzjoni u l-grad ta' tagħlim tagħhom. "Żgur li l-formazzjoni spiritwali għandha post privileġġjat fil-ħajja ta' kull min hu msejjaħ biex bla heda jikber fl-għaqda intima ma' Kristu, f'rabta sħiħa mar-rieda tal-Missier, kollu kemm hu ddedikat għall-qadi ta' ħutu fl-imħabba u l-ġustizzja" (C L 60).

12.

Biex il-lajċi jkunu ffurmati tajjeb għall-apostolat, jeħtieġ li jkunu *569.*
mgħallmin sewwa dwar ir-reliġjon Nisranija, kif ukoll fuq il-ħwejjeġ

spiritwali, isiru **disposti li jiġġeddu spiritwalment.** Meħtieġ ukoll li jkunu nies ta' talb u li jgħixu l-fidi fil-familja, fuq ix-xogħol u fil-ħajja soċjali u kulturali tagħhom.

13.

570. Għandu jingħata lil-Lajċi dak kollu li hu meħtieġ biex b'maturità u bil-libertà xierqa **jieħdu inizjattivi apostoliċi** fl-ambjent soċjali tagħhom u jmexxuhom 'il quddiem. "Jeħtieġ li kull lajk Nisrani jħoss li huwa dejjem membru tal-Knisja u għalhekk ġie afdat lilu dmir għall-ġid ta' kulħadd li hu biss jista' jagħmlu u ma jista' jqabbad lil ħadd biex jagħmlu floku" (C L 28).

14.

571. Il-fidili għandhom jirriflettu fuq it-twissija tal-Konċilju li "ftit jiswa li jkollna funzjonijiet sbieħ jew għaqdiet li jiffjorixxu, jekk m'humiex immirati biex jedukaw lill-bnedmin ħalli jkunu **nsara maturi**" (P O 6).

15.

572. L-insara għandhom jiftakru fit-tagħlim tal-Konċilju dwar il-Knisja lokali jew id-djoċesi u jagħmlu ħilithom sabiex il-mentalità tagħhom tkun iffurmata skond dan it-tagħlim. "**Id-Djoċesi** hija parti mill-Poplu t'Alla li ġiet afdata lill-Isqof sabiex jieħu ħsiebha bil-koperazzjoni tal-presbyterium. Hekk, meta tkun magħquda marragħaj tagħha u bil-ħidma tiegħu tingħabar flimkien fl-Ispirtu s-Santu permezz tal-Vanġelu u ta' l-Ewkaristija, hija knisja partikulari li fiha tkun verament preżenti u attiva l-Knisja ta' Kristu, waħda, qaddisa, kattolika u apostolika" (C D 11). "Il-Knisja lokali mhix xi biċċa li nqatgħet mill-Knisja Universali, u din m'hijiex biss ġabra tal-knejjes lokali kollha flimkien; għall-kuntrarju hemm rabta li ma tiġi nieqsa qatt, rabta ħajja u essenzjali li tgħaqqad flimkien il-knejjes kollha, għaliex il-Knisja universali teżisti u turi ruħha fil-knejjes lokali" (C L 25).

16.

L-insara, u b'mod partikulari l-membri tal-għaqdiet, għandhom jagħrfu l-**valur** u t-tifsir **tal-Parroċċa** bħala ċellula ħajja tal-Knisja Universali u bħala post li jgħaqqad lill-membri kollha fi spirtu ta' familja jew poplu t'Alla. Għalhekk, kull wieħed għandu jħares lejn il-parroċċa bħala komunità ta' fidi, komunità ta' kult u komunità ta' karità. Il-formazzjoni kontinwata tgħinhom sabiex igħożżu aħjar dan il-valur u jinvolvu ruħhom fl-impenji li l-parroċċa tkun teħtieġ minnhom. *573.*

17.

Biex il-parroċċa tiġi trasformata **f'komunità missjunarja**, f'ċentru ta' għaqda fil-fidi, fil-kult u fil-karità, fejn il-kleru u l-lajċi kull-ħadd jieħu postu b'sens ta' responsabbiltà, iżommu djalogu bejniethom u jaħdmu flimkien għas-saltna t'Alla, jeħtieġ li jkun hemm formazzjoni kontinwata, mhux biss tal-membri tal-Kleru, iżda wkoll ta' l-insara l-oħra. Huma x'inhuma l-professjoni, is-sengħa jew il-pożizzjoni soċjali tagħhom. *574.*

18.

Huwa mixtieq illi numru akbar ta' lajċi wara li jkunu ħadu t-tagħlim nisrani, jingħataw għal **studji iktar għolja** ta' l-istess xjenzi sagri u jidħlu għal korsijiet regolari li jtulu iktar minn sena. "Jeħtieġ li l-formazzjoni ta' dawk li jridu jagħtu formazzjoni lill-oħrajn tissaħħaħ iktar permezz ta' korsijiet u skejjel adattati" (C L 62). *575.*

19.

"Il-Konċilju Vatikan II fl-apostolat permezz tal-għaqdiet jara sinjal tax-xirka u tal-għaqda tal-Knisja fi Kristu" (C L 29). Il-lajċi li huma membri ta' gruppi, assoċjazzjonijiet u kunsilli għandhom l-ewwel u qabel kollox, permezz ta' formazzjoni konkreta u kontinwata **jfittxu dik il-maturità meħtieġa,** iżommu fihom ħajja l-moralità u jieħdu sehem,attiv fil-pastorali ta' l-ambjent soċjali tagħhom. *576.*

20.

577. Il-fidili, iddestinati mill-magħmudija biex igħixu skond it-tagħlim tal-Vanġelu, għandhom id-dritt għall-edukazzjoni nisranija li twassalhom **għall-maturità tal-persuna umana** u fl-istess ħin tgħinhom jagħrfu u jgħixu tabilħaqq il-misteru tal-fidwa. Dan id-dritt għandu marbut miegħu wkoll id-dmir li huma jħabirku biex **jieħdu formazzjoni kontinwata,** li permezz tagħha, filwaqt li tissaħħaħ il-fidi tagħhom, jitħejjew aħjar biex iwettqu l-impenji tal-ħajja tagħhom bħala ċittadini u bħala nsara u jitgħallmu jħollu d-diffikultajiet fid-dawl tat-tagħlim nisrani.

21.

578. Fil-ħidma apostolika tagħhom, il-lajċi għandhom dritt jistennew li **jkollhom l-għajnuna meħtieġa** għal-laqgħat, irtiri u konferenzi. Id-djoċesi u l-parroċċa għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex ikun hemm kotba u rivisti tajba disponibbli għal-lajċi. Dan kollu jista' jgħin fil-formazzjoni kontinwata tagħhom.

22.

579. Għal din il-formazzjoni kontinwata, tiswa ħafna kull għamla ta' predikazzjoni nisranija, kif ukoll il-**korsijiet ta' tagħlim** li jsiru fl-ambjent tal-parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet kattoliċi. Għal dan il-għan, għandu jwassal ukoll **l-użu tajjeb tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali** (ara D P K M S, 7).

23.

580. Barra milli **bit-tagħlim reliġjuż,** il-formazzjoni kontinwata ta' l-insara, titwettaq ukoll **bis-sehem tagħhom fil-Liturġija,** bil-ħidma fil-kamp ta' l-apostolat tal-Lajċi u bl-impenn tagħhom **fl-attivitajiet tal-promozzjoni umana,** fuq bażi parrokkjali u djoċesana.

C. APOSTOLAT INDIVIDWALI:

24.

Hu dmir tal-lajċi li jeżerċitaw l-apostolat bejniethom, fil-familja, fuq ix-xogħol u f'kull ambjent ieħor u jkunu veri xhieda ta' Kristu fost dawk li jgħixu u jkunu magħhom. Hekk huma **"jagħmlu preżenti l-Knisja,** speċjalment f'dawk il-postijiet u ċirkustanzi fejn hi ma tistax tkun melħ ta' l-art jekk mhux permezz tagħhom" (L G n. 33). *581.*

25.

Għad li l-Għaqdiet Kattoliċi jistgħu u għandhom iwettqu ħidma siewja skond iċ-ċirkustanzi taż-żmien u tal-post, iżda b'daqshekk ma tonqos xejn il-ħtieġa u l-importanza ta' l-apostolat individwali li jistgħu jwettqu l-lajċi fl-ambjent fejn igħixu u jaħdmu. Fuq kollox huma msejħin biex **janimaw bi spirtu nisrani** kull realtà temporali fil-għamla speċifika tagħha u d-diversi setturi tas-soċjetà, b'mod partikulari l-familja, il-postijiet tax-xogħol u tal-ħin liberu, l-iskola u l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali (ara D P A S). *582.*

26.

Hija ħidma proprja tal-lajċi li **jinfluwenzaw il-mentalità, id-drawwiet u l-ħajja** ta' madwarhom għall-grad ogħla ta' qdusija. Huma jagħmlu dan billi jfasslu ħajjithom fuq il-fidi, jaħdmu bl-onestà u jissieħbu ma' l-oħrajn fin-niket u fil-ferħ, u jaqdu dmirhom b'kuxjenza retta kull fejn ikunu. *583.*

27.

Il-lajċi, fl-apostolat individwali, jeħtieġ li jżommu quddiem għajnejhom il-motto tal-Christophers: li fid-dinja **aħjar tixgħel xemgħa milli tisħet id-dlam.** Aħjar li wieħed jipprova jagħmel xi ħaġa tal-ġid milli joqgħod jaħli l-enerġija tiegħu fit-tgergir u fi kritika banali. Ma jinsewx dawn il-lajċi li l-ħażen jittrijonfa meta jħallu għal ħaddieħor it-tajjeb li jistgħu jagħmlu huma. *584.*

28.

585. Il-lajċi għandhom jiftakru li huma **bl-eżempju tajjeb** jistgħu jkunu l-unika Bibbja li qatt jaqraw ċerti nies analfabeti. Ma jinsewx dawn il-lajċi li għall-Knisja l-ewwel mezz ta' evanġelizzazzjoni hija x-xhieda ta' ħajja awtentikament nisranija għax il-bniedem modern jisma' iżjed bil-qalb ix-xhieda milli lill-għalliema; u jekk jisma' lill-għalliema, dan jagħmlu għax huma wkoll xhieda. (E N 14).

29.

586. Tibqa' valida, importanti u indispensabbli l-forma tax-xandir tal-Vanġelu permezz tal-**kuntatt personali.** Il-Mulej użaha spiss (per eżempju ma' Nikodemu, Żakkew, is-Samaritana, Xmun il-Fariżew u anke ma' l-Appostli).

Fl-aħħar mill-aħħar hija tabilħaqq effikaċi l-manjiera li tikkomunika l-Vanġelu lil persuna oħra billi tgħaddilha l-esperjenzi personali tiegħek tal-fidi. Dan id-**djalogu personali** huwa mezz li bih il-kuxjenza ta' l-individwu tiġi milħuqa u mqanqla aktar mill-proklamazzjoni kollettiva tal-Vanġelu.

30.

587. "Dawk li rċivew l-aħbar it-tajba u permezz tagħha nġabru fil-komunità tas-salvazzjoni, jistgħu u għandhom ixandruha" (E N 13). Għamla importanti u doveruża ta' l-apostolat tal-lajċi, għalhekk, huwa **l-apostolat tal-kelma,** li bih iwasslu u jfissru l-messaġġ nisrani lill-oħrajn, għax "ma jistax ikun li persuna li tkun laqgħet il-kelma u tat ruħha għas-saltna, ma ssirx hi stess persuna li tagħti xhieda u tipproklamaha lil ħaddieħor" (E N 24). Dan l-apostolat għadu jgħodd anke fi żminijietna "għaliex dak li jgħidilna San Pawl – il-fidi tiġi mismigħ (Rum 10, 17) – huwa floku anke llum: hija l-kelma mismugħa li twassal għat-twemmin" (E N 42).

D. APOSTOLAT ORGANIZZAT:

31.

Sabiex il-lajċi jaqdu aħjar id-dmir tagħhom bħala mgħammdin u jgħinu fit-tixrid tas-saltna t'Alla, fil-kuntest tal-ħajja soċjali, ikun jaqbel iktar li huma jingħaqdu fi **gruppi jew assoċjazzjonijiet.** *588.*

32.

Dawn li ġejjin huma xi whud mill-kriterji fundamentali biex jingħarfu liema huma l-assoċjazzjonijiet tal-lajċi nsara fil-knisja. Il-gruppi ta' kattoliċi magħrufin bħala movimenti jew b'xi isem ieħor li dehru bħala espressjoni ta' qawmien spiritwali, għandhom iħarsu huma wkoll dawn il-**kriterji ta' l-ekkleżjalità tal-gruppi** tal-lajci: *589.*

a) Il-vokazzjoni għall-qdusija bħala l-għan ewlieni tal-lajċi nsara.

b) Responsabbiltà fl-istqarrija tal-fidi kattolika, billi l-lajċi nsara jilqgħu l-verità dwar Kristu, il-Knisja u l-bniedem.

c) Xhieda ta' xirka sħiħa u konvinta mal-Papa u ma' l-Isqof.

d) L-għan tagħhom ikun jaqbel mal-għan apostoliku tal-Knisja u jissieħeb miegħu.

e) L-impenn li jkunu preżenti fi ħdan is-soċjetà tal-bnedmin b'mod li, fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja, iħabirku biex iħarsu d-dinjità sħiħa tal-bniedem (C L 30).

33.

L-Għaqdiet Kattoliċi rappreżentati fil-K.D.A.L. għad baqa' posthom u bżonnhom. Jeħtieġ li l-Kleru jkun sensibilizzat dwar il-ħtieġa tagħhom u jinstab mezz biex is-saċerdoti jkollhom iktar ħin x'jiddedikaw għalihom. *590.*

34.

591. Jekk ikun hemm bżonn li **xi metodi** ta' l-apostolat tal-Għaqdiet jiġu **aġġornati,** dan għandu jsir bil-prudenza u dejjem skond l-ispirtu partikolari tal-għaqda konċernata.

35.

592. L-Għaqdiet Kattoliċi, mhux biss għandhom iħabirku biex jilħqu l-għan proprju tagħhom, iżda għandhom ukoll jaħdmu biex **il-membri** tagħhom jiġu edukati fil-moħħ u fil-qalb b'tali mod li jkunu jistgħu jagħtu ruħhom biex igħinu fl-apostolat djoċesan.

36.

593. Il-ħidma organizzata ta' l-apostolat tal-lajċi għandha tkun imwettqa **f'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-awtoritajiet ekkleżjastiċi.** Din il-kollaborazzjoni għandha teżisti wkoll ma' l-organi djoċesani u parrokkjali mwaqqfin apposta u debitament rikonoxxuti għaliex "Ebda kariżma ma teħles lil dak li jkun milli joqgħod għal dak li jgħidu r-Raġħajja tal-Knisja" (C L 24, u L G 30).

37.

594. Għalkemm kull għaqda kattolika approvata hi mħeġġa biex iżżomm l-identità individwali tagħha permezz ta' l-istatuti partikolari, metodi, skop u spiritwalità speċifika tagħha, iżda **ma għandha qatt tingħalaq fiha nfisha** u ssir qisha blokk għaliha, imma għandha tifhem li l-koperazzjoni mal-Għaqdiet l-oħra hija waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa għat-tixrid u t-twettiq tas-Saltna ta' Kristu f'pajjiżna u fid-dinja. Għalhekk f'kull pjan ta' ħidma għandha titħeħed f'konsiderazzjoni n-natura strumentali tal-għaqda sabiex din ma ssirx skop fiha nfisha.

E. ORGANIZZAZZJONI FUQ BAŻI DJOĊESANA

38.

595. **Il-Kummissjoni Djoċesana għall-Apostolat tal-Lajċi** (K.D.A.L.) hija mwaqqfa bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità Ekkleżjastika sabiex l-

għaqdiet kollha kattoliċi jikkollaboraw flimkien u hekk ikunu jistgħu jagħtu frott abbundanti fix-xogħol pastorali tad-djoċesi. Hija tagħti wkoll pariri u għajnuna sabiex l-apostolat tas-sekulari jiġi organizzat sewwa f'pajjiżna u jimxi 'l quddiem skond id-Digriet tal-Konċilju Vatikan II, "Apostolicam Actuositatem".

39.

Huwa dritt u dmir tal-K.D.A.L. li tibgħat **osservaturi fil-parroċċi** biex tkun infurmata dwar l-andament tal-Għaqdiet u tkun tista' tagħtihom l-għajnuna meħtieġa. *596.*

40.

Il-K.D.A.L. għandha titmexxa fuq l-**istatuti approvati** mill-Awtorità Ekkleżjastika u fil-waqt li tippromovi l-ħidma diġà mibdija mill-Għaqdiet Kattoliċi, tfittex ukoll li toħloq ħidmiet ġodda ta' l-apostolat tal-lajċi skond il-ħtiġijiet tad-djoċesi. *597.*

41.

Fil-Kummissjoni jista' jkun hemm ukoll **membri nominati mill-Isqof.** Dawn jistgħu jkunu persuni li jinteressaw ruħhom fl-apostolat tal-lajċi u mhux neċessarjament ikunu membri tal-Għaqdiet Kattoliċi rappreżentati. *598.*

42.

Fis-sezzjoni pastorali tal-Kurja, għandha tingħata importanza lill-**uffiċċju li jmexxi u jikkordina** l-apostolat tal-lajċi f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni msemmija. *599.*

43.

Darba fix-xahar dan l-uffiċċju joħroġ **'newsheet'** li fiha jkun hemm aħbarijiet dwar il-ħidma tal-Għaqdiet, materjal li jiswa għal-laqgħat kif ukoll xi riferenzi għall-kotba u artikoli interessanti. *600.*

44.

601. Fid-djoċesi huwa mwaqqaf il-**Kunsill Pastorali** "li għalih wieħed ikun jista' jirrikorri meta jkun hemm bżonn. Din, fl-aħħar mill-aħħar, hi fid-djoċesi, l-aħjar sura ta' kollaborazzjoni, ta' djalogu, u ta' dixxerniment. Is-sehem tal-lajċi f'dawn il-kunsilli jista' jkabbar il-konsultazzjoni, u l-prinċipju ta' kollaborazzjoni – u xi kultant dak ta' deċiżjoni wkoll; b'dan il-mod is-sehem tal-lajċi jkun aqwa u iktar effikaċi" (C L 25).

F. ORGANIZZAZZJONI FUQ BAŻI PARROKKJALI

45.

602. Il-Lajċi jistgħu u għandhom jgħinu lill-komunità mhux biss permezz tax-xhieda ta' ħajjithom kull fejn ikunu, imma wkoll billi **jinteressaw ruħhom fl-organizzazzjoni parrokkjali u fl-attivitajiet pastorali tal-parroċċa.**

46.

603. **Il-Kunsill Parrokkjali** huwa struttura ekkleżjali mwaqqfa fi ħdan il-parroċċa u għandu dawn l-iskopijiet li: (a) jistudja flimkien ma' min hu responsabbli tal-kura ta' l-erwieħ, is-sitwazzjoni tal-parroċċa, jagħti pariri u suġġerimenti għall-attivitajiet pastorali; (b) imexxi u jikkordina l-ħidma pastorali speċjalment l-apostolat tal-lajċi fil-parroċċa f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Pastorali Djoċesan, mal-kummissjonijiet djoċesani u, b'mod partikulari, mal-K.D.A.L.; (c) iwettaq dawk il-ħidmiet li l-Awtorità Ekkleżjastika tixtieq li jsiru fil-parroċċa (C L 27).

47.

604. Il-Kunsill Parrokkjali u l-laqgħat tiegħu għandhom jitmexxew skond **l-istatut u r-regolamenti approvati** mill-Awtorità Ekkleżjastika. Biex jiffunzjona aħjar, l-aġenda għandha tiġi ppreparata tajjeb u segwita fil-laqgħa. Id-deċiżjonijiet jittieħdu wara li tkun saret diskussjoni fuq is-suġġett.

48.

F'konformità ma' l-istatuti, il-Kunsill jista' jaħtar **kumitati** biex iwettqu ċerti ħidmiet determinati. Huma obbligatorji f'kull parroċċa, il-Kumitat tad-Duttrina, il-Kumitat tal-Liturġija, u l-Kumitat tal-Promozzjoni Umana, u kull wieħed minnhom għandu jimxi fuq l-istatuti tiegħu. *605.*

49.

Peress li l-Kunsill u l-kumitati tiegħu huma **organi konsultivi,** l-aħħar kelma tmiss lill-Kappillan; però l-membri jistgħu jappellaw għall-awtorità superjuri, jekk ma jkunux sodisfatti. *606.*

50.

Għall-inqas darba fis-sena, issir l-**assemblea tal-membri** tal-Għaqdiet fil-parroċċa, qabel ir-rally tad-Dirigenti tal-Għaqdiet li jsir fuq bażi djoċesana. *607.*

51.

Il-membri tal-Għaqdiet għandhom jiddiskutu x-xewqat u **l-opinjonijiet tan-nies tal-parroċċa** rigward l-attività pastorali e.g. qrar, quddies, duttrina, u dawn jiġu mwassla lill-Kunsill Parrokkjali. Hekk ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet li bihom jiġu milħuqa l-parruċċani. *608.*

52.

L-ismijiet tal-membri tal-Kunsill Parrokkjali wara li jinħatru, jiġu ppubblikati għal tliet xhur fuq in-'notice board' tal-knisja biex, f'każ ta' bżonn, il-komunità tkun taf lil min għandha tikkuntattja. *609.*

53.

Biex fil-parroċċa jkun hemm iktar **liturġija ħajja u li tiftiehem** xieraq li l-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, il-Letturi u l-Animaturi talquddiesa jagħtu s-sehem tagħhom għal dan il-għan. *610.*

L-ANIMAZZJONI NISRANIJA TAS-SOĊJETÀ

INTRODUZZJONI

1.

611. Fid-djoċesi Għawdxija, bħal f'partijiet oħra tad-dinja, jinħassu żewġ fenomeni li mill-ewwel daqqa t'għajn jidhru opposti u kuntrarji għal xulxin: min-naħa l-waħda dik l-għamla ta' **"sekulariżmu"** li ma jridx ħlief jara li kemm jista' jkun malajr, jispiċċa kull sens ta' reliġjon minn fost in-nies tal-lum; u min-naħa l-oħra "jidher li hemm iktar **interess fid-dimensjoni reliġjuża tal-bniedem,** kemm bħala individwu u kemm bħala membru tas-soċjetà" (ara: M J K 1989).

Fl-aħħar deċennju ta' dawn l-elfejn sena ta' storja tal-Knisja, huwa dmirna li nsaħħu din it-tieni tendenza waqt li nippruvaw insibu rimedju għall-ewwel waħda. "Il-bniedem huwa t-triq ewlenija li minnha trid tgħaddi l-Knisja, hija u taqdi l-missjoni tagħha" (C A 53; ara wkoll R H 14). Peress li r-reliġjon tgħaddi mill-bniedem, wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' kull qawmien spiritwali għandu jkun l-Umaniżmu Integrali, jiġifieri għandu jieħu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali u materjali, cioè tal-bniedem sħiħ. Dan però ma jistax jintlaħaq jekk ma titwettaqx l-**Animazzjoni Nisranija tas-Soċjetà.**

2.

612. Fil-gżira Għawdxija, il-Knisja dan ippruvat tagħmlu fl-imgħoddi u tittama li tkompli tagħmlu fil-ġejjieni b'mod dejjem aħjar. Għalhekk titlob u tħabrek li jkollha l-**libertà reliġjuża meħtieġa** biex tista' twettaq din il-missjoni tagħha u li ma tonqosha qatt il-**koperazzjoni** sħiħa u leali ta' kull wieħed minn uliedha, il-Kattoliċi ta' din il-gżira.

Il-Knisja Għawdxija jeħtieġ li tħares dejjem il-lealtà lejn Kristu u lejn il-bnedmin mifdija minnu, tipprova wkoll li tkun kif iridha Hu. Għandha tapprofitta ruħha wkoll mill-'Kairos', jiġifieri tagħraf il-grazzja tal-mument u tikkopera magħha, kif jitolbu s-**sinjali taż-żminijiet**. Ma tistax tehda, allura, mill-impenn u sforz kontinwu biex twettaq dak li jippreskrivi l-Konċilju Vatikan II.

3.

Matul il-preparazzjoni ta' dan id-dokument kif ukoll fit-twettiq tie- *613.*
għu, id-Djoċesi Għawdxija tixtieq bl-umiltà u bil-kuraġġ tagħmel **eżerċizzju ta' dixxerniment**, għaliex il-komunità ekkleżjali għandha tistaqsi kontinwament lilha nfisha x'għandha tagħmel biex twettaq il-pjan t'Alla.

Fis-sitwazzjoni konkreta li fiha ġiet imqiegħda biex tgħix u taħdem, il-knisja lokali għandha tistaqsi lilha nfisha liema hija r-rieda ta' Alla dwarha u għandha tfittex u tirrikonoxxi d-doni kollha li l-Mulej jagħtiha, kif ukoll l-okkażjonijiet u s-sitwazzjonijiet li Alla joffrilha, biex twettaq il-pjan tiegħu, biex tirrealizza issa u f'dan il-post il-ħidma ta' xandir, ta' xhieda u ta' qadi li tagħmilha tabilħaqq komunità ekkleżjali, sagrament ta' salvazzjoni għall-umanità.

4.

Fl-ittra "Lil Djognetu" naqraw li "Dak li r-ruħ hi għall-ġisem, dan *614.*
ukoll għandhom ikunu l-Insara fid-dinja" (ara L G 38). Il-lajċi jwettqu r-rwol tagħhom ta' "ruħ" id-dinja billi lkoll flimkien u kull wieħed minnhom bis-sehem tiegħu, jitimgħu d-dinja bil-frott ta' l-Ispirtu (ara: Gal: 5:22) u jxerrdu fiha l-ispirtu li jagħti l-ħajja lill-foqra, lill-mansweti, u lil dawk li jġibu l-paċi, li l-Mulej fl-Evangelju jsejjaħ "ħenjin" (L G 338). B'dan il-mod jitwettaq il-**proċess tar-rievanġelizzazzjoni fid-dinja.**

5.

615. Wieħed mill-impenji ewlenin li għandha d-**djoċesi** fit-twettiq tal-proċess tar-rievanġelizzazzjoni huwa li **taħdem għal rabta sħiħa ma' Kristu** u mal-Vanġelu tiegħu, għal-laqgħa u għal xirka miegħu permezz tas-sagramenti; fl-aħħarnett li taħdem għall-ħajja ta' mħabba u qadi. Hija ssuġġerita l-formazzjoni fi gruppi bil-għan li dawn isiru dejjem iżjed l-ewwel u qabel kollox fraternità. Dan skond kliem Ġesù f'San Ġwann: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw 13:35); ara wkoll Ġw 17:21). Meta l-lajċi nsara jaslu biex jorbtu l-ħarsien ta' l-Evanġelju mal-qadi tad-dmirijiet tagħhom ta' kuljum fil-ħajja, huma jkunu jagħtu xhieda sabiħa u effikaċi li, mhux il-biża', imma l-ħerqa ta' Kristu u l-irbit miegħu huma l-elementi li tassew jeħtieġ il-bniedem biex igħix, jikber u jasal għal suriet ġodda ta' ħajja li jaqblu aktar mad-dinjità tal-bniedem (C L 34).

6.

616. Peress li anke fil-Knisja lokali, barra min-nies ta' ħajja qaddisa jeżistu wkoll il-midinbin, teħtieġ li hija tiġi kontinwament **purifikata u mġedda.** Dan it-tiġdid mitlub ukoll mill-Konċilju (L G 8), ifisser l-impenn ta' **konverżjoni** sinċiera u sħiħa.

Il-Knisja lokali ssejjaħ lil uliedha għat-taqbida mhux biss kontra d-**dnubiet personali** iżda wkoll kontra d-**dnubiet soċjali** li jinbtu minn żmien għal żmien fis-setturi diversi ta' l-attività umana u li jfixklu l-bnedmin li jersqu lejn Alla u jgħixu tabilħaqq skond id-dinjità tagħhom.

7.

617. Barra mill-ħidma ta' konverżjoni u ta' tqaddis ta' l-erwieħ, il-Knisja lokali għandha tkun ukoll **vuċi u qawwa morali** li toħloq atmosfera

li fiha l-umanità tista' tilħaq id-dinjità tax-xebh tagħha mal-Ħallieq. Għad li mhix tad-dinja, il-knisja qiegħda fid-dinja u jeħtieġ li tħabrek għas-salvazzjoni tad-dinja. Hi għandha tinteressa ruħha mill-problemi tad-dinja, tagħmel analiżi tat-tajjeb u tal-ħażin u toffri xi proposti għat-titjib tagħhom. Għandha tkun iktar b'għajnejha miftuħa dwar ir-realtà terrestri u problemi oħra, bħal ma huma: tal-ħajja miżżewġa, tal-ħajja ekonomika, dwar ir-relazzjonijiet bejn il-forzi soċjali tal-pajjiż, dwar il-kultura, politika u paċi.

8.

L-Insara kollha huma msejħin sabiex jifhmu iktar fil-fond il-Kelma t'Alla bħala ikel spiritwali tagħhom (D V 21). Għalhekk il-knisja lokali għandha timpenja ruħha fil-**Ministeru tax-xandir** tal-Kelma t'Alla li għandu jitwettaq b'kull mezz ma' kull kategorija ta' bnedmin (ara direttivi dwar il-predikazzjoni). Kif imfisser fil-kodiċi tal-Liġi Kanonika (kan. 747 par. 1 u 2) il-Knisja għandha d-dmir u l-jedd: li tippriedka l-Vanġelu lill-ġnus kollha; u li xxandar dejjem u kullimkien il-**prinċipji morali** anke dwar l-ordni soċjali, kif ukoll li tagħti ġudizzju dwar kull realtà umana, sakemm dan ikunu jitolbuh il-jeddijiet fundamentali tal-persuna tal-bniedem u s-salvazzjoni ta' l-erwieħ. *618.*

9.

Fil-komunità ekkleżjali li hija d-djoċesi hemm post għal kull nisrani u hija meħtieġa l-koperazzjoni ta' kulħadd. Kemm ir-raġħajja kif ukoll il-lajċi, kemm dawk li għandhom is-saċerdozju ministerjali kif ukoll dawk li għandhom is-saċerdozju komuni, l-Insara li jgħixu l-konsagrazzjoni batteżimali tagħhom u l-Insara li mmarkaw il-ħajja tagħhom b'konsagrazzjoni speċjali li titnissel mill-istqarrija tal-kunsilli evanġeliċi: kollha kemm huma jiffurmaw il-**komunità nisranija, kollha kemm huma** msejħin biex jaħdmu għall-bini u għall-missjoni tagħha; kull wieħed skond ir-rwol u l-funzjoni li hija proprja tiegħu. Dan jirrifletti l-pjan li Alla għandu għall-knisja tiegħu. *619.*

Huwa importanti li fost dawk kollha li huma mpenjati fil-ħidma tas-Saltna ta' Alla, ikun hemm **ftehim u ħidma id f'id**; meħtieġ għalhekk li jitħaddmu sewwa l-**istrutturi** mwaqqfa għal dan il-għan.

10.

620. L-impenn tal-Knisja lokali sabiex isir **tiġdid fil-liturġija** u biex tissaħħaħ il-pastorali liturġika hemm bżonn li jitkompla minkejja kull diffikultà li tista' tinqala'. Fuq kollox jeħtieġ li l-liturġija tkun iktar qrib lejn il-poplu. Huwa mistenni li l-lajċi jieħdu sehem ħaj, mifhum, komunitarju u sħiħ fil-funzjonijiet liturġiċi (S C 14) u għalhekk m'għandhiex tonqos katekeżi adegwata li tedukahom liturġikament.

11.

621. Il-**Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika** għandha tibqa' tinżamm ta' kull sena fil-parroċċi u matulha jiġu osservati d-direttivi mogħtija fil-Kungress Ewkaristiku ta' l-1979. Jixraq li għal din l-okkażjoni jitqassmu xi 'leaflets' li jgħinu fil-formazzjoni liturġika, p. eż. "Il-lajċi u l-Liturġija". Tkun ħaġa utli ħafna li l-Kunsill Liturġiku Djoċesan malbidu tas-sena Liturġika jibgħat jinforma lid-diversi parroċċi bl-attivitajiet li għandhom jiġu mwettqa speċjalment fil-Ġimgħa Liturġiko-Ewkaristika.

Barra milli torganizza **servizzi liturġiċi,** tamministra s-sagramenti u ssaħħaħ l-istrutturi interni tagħha, hija wkoll ħidma proprja tal-Knisja dik li twassal il-Vanġelu u l-qdusija lill-bnedmin u li tkun preżenti fl-ordni temporali u tipperfezzjonah bl-ispirtu evanġeliku. Għandha l-jedd u d-dmir li tgħallem u twettaq fil-prattika r-**reliġjon** tal-karità lejn Alla u lejn il-proxxmu.

12.

622. Kemm fuq livell djoċesan kif ukoll fuq livell parrokkjali, jeħtieġ li jiġi applikat **il-prinċipju tal-kolleġġjalità.** Il-koperazzjoni tal-lajċi u s-sehem attiv tagħhom fil-ħidmiet ekkleżjali huma mhux biss utli iżda

wkoll meħtieġa. Huwa mistenni li mhux biss is-saċerdoti u r-reliġjużi, iżda wkoll il-lajċi jkunu preżenti u jsemmgħu leħinhom fl-organi tal-konsultazzjoni li għandha l-Knisja, bħal ma huma l-Kunsill Pastorali u l-Kunsill Parrokkjali. Hekk ikun jista' jsir użu aħjar talkariżmi u tad-doni li rċevew minn Alla.

Ir-Rally Djoċesan ta' l-Għaqdiet jinżamm mill-inqas ta' kull sena sabiex fih isir studju ta' xi problemi pastorali attwali u jingħataw xi soluzzjonijiet għalihom. Dan ir-rally jkun ippreparat minn laqgħat simili fuq bażi parrokkjali, li jkunu organizzati mill-Kunsill Parrokkjali.

13.

Id-Djoċesi Għawdxija, sa minn żminijiet antiki, iddistingwiet ruħha għall-**għajnuna lill-missjonijiet** u għall-koperazzjoni missjunarja f'kull aspett tagħha. Barra mit-talb u mill-għotjiet ta' flus, "il-lajċi jikkoperaw fil-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni billi jsaħħu fihom infushom u fl-oħrajn it-tagħrif u l-imħabba għall-missjonijiet billi jqajmu l-vokazzjonijiet fil-familja tagħhom stess, fl-għaqdiet kattoliċi u fl-iskejjel, u billi jagħtu kull xorta ta' għajnuna biex id-don talfidi li huma qalgħu b'xejn jingħata lill-oħrajn" (A G 41). *623.*

14.

Il-Knisja lokali hija mpenjata wkoll fl-**ekumeniżmu u fid-djalogu ma' nies ta' twemmin ieħor.** Barra minn okkażjonijiet ta' talb flimkien jistgħu jsiru wkoll xi ħidmiet ta' promozzjoni umana u ta' kultura, 'iżda mingħajr ma tingħata l-impressjoni li r-reliġjon ta' Kristu hija fuq l-istess livell tar-reliġjonijiet l-oħra'. *624.*

15.

Mal-Konċilju, il-Knisja mpenjat ruħha favur il-**paċi u l-ġustizzja u l-opzjoni għall-foqra** bħala espressjoni tal-Fidi Nisranija (G S 42) għad li dawn il-ħidmiet ilha twettaqhom sa mill-bidu tagħha. Din il- *625.*

ħidma tissemma wkoll fl-enċiklika "Sollecitudo Rei Socialis". Il-Knisja Għawdxija tipprova taqdi din il-missjoni soċjali tagħha mhux biss bit-tagħlim, iżda wkoll billi tkun qrib kull wieħed minn uliedha, tintebaħ kemm jista' jkun malajr bil-ħtiġijiet tagħhom, u toffrilhom is-solidarjetà u l-għajnuna tagħha. 'Mhux biżżejjed li l-Knisja tikkundanna lil min ineżża' lill-bnedmin mid-drittijiet fundamentali tagħhom imma fuq kollox jeħtieġ li l-Knisja tkun minn ta' quddiem nett biex toffri l-għajnuna tagħha b'mod konkret'.

16.

626. Fil-ġurnata tal-lum u f'Għawdex ukoll, waħda mill-problemi maġġuri li għandha l-Knisja hija dik li jkollha l-ħila tikkomunika ma' dinja li ma temminx jew li hija bierda għall-ħtiġijiet reliġjużi. Biex tinħall dil-problema, barra mid-don tal-profezija u l-kuraġġ li taffronta l-bnedmin, l-elokwenza li tipperswadihom flimkien ma' lingwaġġ li l-bnedmin jistgħu jifhmuh, hija meħtieġa **x-xhieda** ta' l-Ispirtu li għandhom jagħtu dawk kollha li huma Insara awtentiċi.

17.

627. Bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu għandna nħabirku ħafna biex inġibu 'l quddiem skond ir-rieda t'Alla, **dawk il-valuri** kollha li l-bnedmin tal-lum iqisu ta' siwi kbir, bħal ma huma "is-sinċerità tal-qalb, il-ġibda qatt nieqsa għall-ġustizzja, l-irġulija tal-kelma mogħtija, il-ġentilezza f'kull ma wieħed jagħmel, il-modestja marbuta ma' l-imħabba fil-konverżazzjonijiet li wieħed ikollu" (O T 11).

18.

628. Il-Knisja, anke fi ġziritna, tħoss il-ħtieġa li tapprofondixxi **l-fidi** tagħha, li tifhem u tfiehem dejjem aħjar il-messaġġ nisrani, sabiex filwaqt li tissodisfa l-ġuħ spiritwali ta' l-umanità ta' żmienna u titkellem b'mod li tinteressa l-ġenerazzjoni tal-lum, tibqa' dejjem leali u fidila lejn Kristu u t-tagħlim tiegħu (ara P S 14). Il-Knisja ma tista' qatt tirrinunzja għall-missjoni tagħha ta' **evanġelizzazzjoni u tax-**

xandir tal-kelma, permezz ta' katekeżi aġġornata u addattata għall-kultura tal-bniedem tal-lum, iżda dejjem leali lejn Kristu u għalhekk li taqbel f'kollox mat-tagħlim ortodoss (awtentiku). "Ħażin għalija jekk ma nxandarx il-vanġelu". Din l-għajta ta' San Pawl għandha tkun dejjem l-għajta tal-Knisja. Il-prinċipju ta' San Pawl, "Il-fidi ġejja mis-smiegħ u mis-smiegħ tal-kelma t'Alla" (Rum 10:17) jibqa' dejjem validu u attwali.

19.

Meħtieġa formazzjoni sistematika għall-**katekisti,** kif ukoll xi forma ta' 'inservice courses' għall-**għalliema tar-reliġjon fl-iskejjel.** Il-Knisja llum tħossha iktar fid-dmir li toffri dan is-sussidju minħabba l-fatt li biex wieħed jgħallem dan is-suġġett, għandu bżonn il-mandat ta' l-isqof (ara A K D G n. 108, p. 1651, p. 3).

20.

L-interess li għandha l-komunità Nisranija fiż-**żgħażagħ** jirrigwarda diversi aspetti u problemi fil-ħajja tagħhom, kif ġie mfisser fid-dokument Pastorali "Il-Pastorali maż-Żgħażagħ u l-Adolexxenti".

Fost ħwejjeġ oħra huma ta' **preokkupazzjoni** għalina t-telf tal-valuri morali, il-problema tad-droga, ta' l-alkoħol, nuqqas ta' onestà fil-qadi tax-xogħol, ix-xogħol tat-tfal, il-permissività sesswali, il-ħajja bla ideal, id-divertiment bla rażan, u l-konsumiżmu.

21.

In konnessjoni maż-żgħażagħ huma meqjusa bħala **fatti pożittivi** u li fuqhom il-komunità tista' tibni ħidma siewja għall-ġejjieni, is-sinċerità ta' ħafna minnhom, is-sens ta' ġustizzja, il-ġenerożità, il-volontarjat, il-koerenza mal-prinċipji li jħaddnu, l-awtentiċità fil-ħajja, eċċ.

22.

632. **L-editorija Kattolika** għandha missjoni importanti x'taqdi fi ħdan il-komunità ta' pajjiżna u l-apostolat ta' l-istampa t-tajba għadu meħtieġ anki fi żminijietna. Jeħtieġ għalhekk li l-edizzjoni "**Lumen Christi**" tissaħħaħ billi żżid il-membri tagħha, tiltaqa' regolarment u tistampa iktar kotba u leaflets, fost l-oħrajn dwar tagħlim soċjali tal-Knisja, u mqassmin bl-idejn b'ċerta regolarità mal-Bullettin Djoċesan. Din hija ħidma li tista' tissaħħaħ u tikber. Min għandu d-don tal-kitba jiġi mħeġġeġ biex jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu. Biex dan iseħħ, nies li jkollhom din il-kariżma u jħarrġuha, jiġu mgħejjunin b'kull mezz. L-insara jiġu mħeġġa jgħinu fil-"Lumen Christi" anke finanzjarjament.

IMPENJI INDIVIDWALI

23.

633. Il-ġejjieni li nixtiequ huwa dak li fih **tikber u tissaħħaħ is-Saltna t'Alla** fid-dinja kollha u b'mod partikulari f'pajjiżna. Huwa Alla nnifsu li jieħu ħsieb din is-Saltna tiegħu. Huwa l-Ispirtu Mqaddes li jagħtiha s-saħħa biex tikber. Iżda bħala membri tal-Knisja jeħtieġ li kull wieħed minna jagħti sehmu.

Parteċipazzjoni: Kull Nisrani, sew jekk huwa presbiteru, reliġjuż jew lajk, għandu l-impenn tal-parteċipazzjoni, jiġifieri għandu jħoss bħala vokazzjoni u missjoni tiegħu li jieħu sehem fil-ħajja u fil-ħidma tal-Knisja. Ħadd ma jista' jkun assenti, jew jibqa' barra, iżda hija meħtieġa l-preżenza attiva ta' kull wieħed.

Kollaborazzjoni: Dan l-impenn tal-parteċipazzjoni li huwa fl-istess ħin dritt u dmir ta' l-Insara, għandu jitwettaq b'kollaborazzjoni ma' l-Isqof f'sens ta' korresponsabbiltà u bil-għan li tinbena komunità ta' fidi, ta' mħabba u ta' servizz li tkun xhieda awtentika tal-Vanġelu.

L-għamliet ta' parteċipazzjoni ekkleżjali li wħud minnhom kienu magħrufin fit-Tradizzjoni tal-Knisja huma ħafna, u l-Konċilju Vatikan II ġeddidhom u tahom ħajja ġdida. (ara C C D E 74).

24.

L-idea li l-Insara għandhom tal-knisja hija marbuta b'mod partikulari ma' l-'image' li tingħata mill-**membri tal-kleru.** Għalhekk dawn huma fid-dmir li jkunu konxji minn din ir-responsabbiltà. Is-saċerdoti għandhom jippruvaw jixbhu lil Kristu fir-relazzjonijiet malbnedmin billi jkunu iktar umani u ġentili. Filwaqt li għandhom jevitaw iż-żewġ estremi tal-legaliżmu esaġerat u l-permissività. *634.*

25.

Ir-reliġjużi għandhom sehem importanti fil-ħajja tal-Knisja. Huma jagħtu xhieda siekta ta' faqar u sagrifiċċju ta' safà, ta' sinċerità u ta' abbandun fl-ubbidjenza. "F'din il-prospettiva wieħed jifhem il-post li għandhom **fl-evanġelizzazzjoni r-reliġjużi rġiel u nisa,** ikkonsagrati għat-talb, għas-silenzju, għall-penitenza u għas-sagrifiċċju. Reliġjużi oħrajn, f'għadd l-iżjed kbir, jagħtu ruħhom direttament biex ixandru lil Kristu. Il-ħidma missjunarja tagħhom tiddependi, naturalment, mill-ġerarkija, u trid tkun kordinata mal-pjan pastorali, li din tkun fasslet". (E N 69). *635.*

Għalkemm l-istituti reliġjużi għandhom ċerta awtonomija f'dik li hija tmexxija interna, però huwa dmir pastorali ta' l-Isqof li jsaħħaħ il-ħajja reliġjuża u li jħarisha b'konformità mal-karatteristiċi proprji tagħhom.

26.

Il-kamp ewlieni fejn jaħdmu l-lajċi huwa dak sekulari, jiġifieri l-preżenza attiva tagħhom fid-dinja. Iżda ma humiex esklużi responsabbiltajiet spiritwali u ħidmiet ekkleżjali. *636.*

Il-lajċi għandhom jaffrontaw bi spirtu nisrani l-problemi personali familjari, soċjali, ċivili u politiċi, u jsibu soluzzjoni għalihom skond il-valuri nsara li jaqblu mal-pjan ta' Alla. Infatti l-Konċilju Vatikan II jgħid li huwa proprju tal-lajċi li "jfittxu s-Saltna ta' Alla billi jħaddmu l-ħwejjeġ temporali u jindirizzawhom skond ir-rieda ta' Alla" (L G 31).

A. *IMPENJI PERSUNALI*

27.

637. Kull nisrani għandu jimpenja ruħu li jħabrek biex jilħaq il-livell ta' **qdusija li għaliha huwa msejjaħ.** Il-Konċilju Vatikan II ifakkarna li "il-fidili ta' kull stat u ta' kull grad ta' ħajja huma msejħin għall-milja tal-ħajja nisranija u għall-perfezzjoni tal-karità: din il-qdusija, ukoll f'din is-soċjetà fuq l-art, tagħti ħajja iktar umana. Biex jilħqu din il-perfezzjoni, il-fidili għandhom jużaw il-forzi kollha li għandhom, kull wieħed skond il-qies li rċieva minn Kristu" (L G 40). Anki fit-tħabrik għall-qdusija, għandha tingħata prijorità lill-persuna bħala membru ħaj fil-Knisja.

28.

638. Anke l-lajċi għandhom jagħtu importanza kbira lit-**talb** fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Barra mit-talb persunali, jieħdu sehem ukoll fit-talb komunitarju, sewwa dak liturġiku, kif ukoll ta' għamla oħra. **Il-gruppi ta' talb** li jeżistu fid-djoċesi, meta jiltaqgħu regolarment u jitmexxew skond ir-regolamenti approvati, jistgħu jkunu għal ħafna, mezz ta' formazzjoni għat-talb.

29.

639. Iżda **l-ispiritwalità tal-lajċi** hija fuq kollox spiritwalità ta' Inkarnazzjoni u ta' inseriment fid-dinja u hekk b'għemejjel tagħhom skond it-tagħlim tal-Vanġelu tabilħaqq jagħtu xhieda billi jwettqu kif imiss, fil-kundizzjonijiet ordinarji tal-ħajja, id-dmirijiet tagħhom fis-soċjetà (L G 41; A A 4).

30.

Il-ħajja nisranija tissaħħaħ ukoll billi **nersqu ta' spiss għas-sagramenti,** b'mod partikulari għall-qrar u għat-tqarbin. Meta nieħdu s-sagramenti, aħna jkollna sehem fil-misteru tal-fidwa, u nsibu fihom dik il-qawwa spiritwali li tbiddel għall-aħjar il-ħajja tagħna u tgħaqqadna ma' Kristu. Skond it-tagħlim tal-Konċilju "mhux biss jeħtieġu t-twemmin, iżda wkoll huma jsaħħuh, iqawwuh u jfissruh; għalhekk jissejħu sagramenti tal-fidi. Tabilħaqq jagħtu l-grazzja, u ċ-ċelebrazzjoni tagħhom tħejji wisq tajjeb lill-fidili biex jirċievu din l-istess grazzja bil-frott, ħalli jqimu lil Alla kif jixraq u jitwettqu fil-karità (ara S Ħ N fI K R I, 14). *640.*

31.

Fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, in-nisrani, flimkien mal-Knisja, jistqarr il-fidi tiegħu fil-preżenza Ewkaristika tal-Mulej, sakemm jiġi u jroddlu ħajr talli fl-imħabba mmensa tiegħu lejna, ried isir vittma tas-sagrifiċċju għal dnubietna u l-ikel tar-ruħ tagħna. *641.*

32.

Il-laqgħa tal-komunità Nisranija madwar l-Ewkaristija nhar ta' Ħadd jew is-Sibt filgħaxija, għandha importanza vitali fil-ħajja ta' kull Nisrani. Dawk li jieħdu sehem fil-quddiesa m'għandhomx jagħmlu hekk bi drawwa imma għandha tkun il-konvinzjoni li timbuttahom lejn iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, li hija ċ-ċentru tal-ħajja tagħna. *642.*

L-isforz pastorali li għandu jsir m'għandux ikun biss dwar l-attendenza imma wkoll dwar **l-organizzazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni talliturġija.** U għalhekk jeħtieġ li jkun hemm tħejjija għal parteċipazzjoni sħiħa u attiva. Dan jgħodd speċjalment għall-quddiesa taż-żgħażagħ u tat-tfal.

33.

643. Huwa meħtieġ **dixxerniment spiritwali,** biex nagħrfu sewwa meta l-ħsibijiet u x-xewqat li jitnisslu f'ruħna jkunu skond il-pjan t'Alla u ser jisfawlna ta' ġid spiritwali, kif ukoll meta jkunu kontra l-pjan tiegħu u jfixkluna fil-ħajja tal-fidi. San Ġwann iwiddibna: "Mhux lil kull xorta ta' spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom biex taraw ikunux ġejjin minn Alla" (I Ġw 4:1). Għal dan il-għan, tista' tkun ta' siwi kbir **id-direzzjoni spiritwali** mogħtija minn xi saċerdot jew minn xi persuna oħra ta' esperjenza u ta' ħajja qaddisa. Permezz ta' dan id-dixxerniment, in-nisrani jkun jista' jieħu deċiżjonijiet għaqlin u jibqa' miexi fuqhom, iżomm is-sinċerità tal-qalb, u jgawdi l-ferħ u l-paċi ta' Kristu, anke fost it-taqlib u d-diffikultajiet tal-ħajja". (ara S H N 15).

B. *IMPENJI FAMILJARI*

34.

644. Iż-**żwieġ u l-familja** għandhom ikunu l-qasam ewlieni li fih il-lajċi nsara jridu jwettqu l-ħidma soċjali tagħhom. Jeħtieġ mela ssir ħidma wiesgħa, fil-fond, sistematika, megħjuna mhux biss mill-kultura imma wkoll b'mezzi ekonomiċi u leġislattivi, biex il-familja tkun tista' taqdi d-dmir tagħha, li tkun il-post fejn il-bniedem jilħaq il-kobor tiegħu bħala bniedem fih innifsu u fi ħdan is-soċjetà u s-soċjetà tasal biex tkun tassew tixraq lill-bniedem." (C L 40).

M'għandux jonqos **impenn pastorali** ġeneruż, għaqli u intelliġenti ma' dawk il-familji li jinsabu f'**qagħdiet diffiċli** ħafna u anke f'każ ta' għaqdiet bla ebda rabta, tas-separati, koppji li għandhom annullament ċivili biss u d-divorzjati.

35.

645. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja tal-bniedem, illum infetħu possibiltajiet u responsabbiltajiet kbar, minħabba l-progress kollu li sar

fil-bijoloġija u l-mediċina, imsieħeb ma' qawwa teknoloġika mill-aqwa; illum **il-ħajja tal-bniedem** mhux biss tista' tiġi osservata imma tista' tiġi manipulata wkoll sa mill-bidu tagħha u fl-ewwel żviluppi tagħha (C L 38). Iżda mhux kollox huwa moralment tajjeb.

Kull nisrani jeħtieġ li jkollu **idea ċara tat-tagħlim tal-Knisja dwar il-problemi tal-bijo-etika** u jiftakar li l-messaġġ li xxandar il-Knisja fil-kamp tal-moralità huwa interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi t'Alla nfisha.

36.

Il-ġenituri nsara għandhom il-jedd u d-dmir li jinsistu biex tiġi *646.*
mogħtija l-**formazzjoni reliġjuża lil uliedhom,** jikkoperaw ma' dawk li għandhom f'idejhom din il-missjoni nobbli u jkunu grati lejhom (ara P S f' I K R I, 205).

Fuq kollox, il-ġenituri nsara jeħtieġ li jwettqu sewwa r-responsabbiltà li jagħmlu mill-familja tagħhom **post fejn jixxandar kontinwament il-Vanġelu** u skola ta' veri valuri. L-ulied minn għand il-ġenituri ma jistennewx li jisimgħu biss il-pariri u twissijiet, iżda jridu jaraw l-eżempju tagħhom imfassal fuq il-prinċipji tal-Vanġelu.

C. *IMPENJI SOĊJALI*

37.

Kull nisrani huwa mistieden li jieħu sehem fit-taqbida **nisranija** *647.*
għal-liberazzjoni u l-promozzjoni tal-bniedem li qiegħda tmexxi l-Knisja, ispirata dejjem mit-tagħlim tal-Vanġelu Mqaddes u mill-karità ta' Kristu (ara I P B f' I K M II, 113).

38.

Għandha tiġi koltivata l-**virtù tal-ġustizzja soċjali** li tgħallimna nir- *648.*
rispettaw lill-oħrajn u naħdmu għall-ġid komuni ma' kulħadd.

Imma fuq kollox nikkoltivaw fina l-**karità soċjali**, li tfisser ukoll imħabba ta' l-aħwa għax din il-virtù li twassalna biex nagħdru lill-proxxmu tagħna u nħabirku għall-veru progress tal-bnedmin (Ibid.).

'M'għandhiex tonqos dik li llum tissejjaħ "**pastorali soċjali**", speċjalment ma' dawk li jaħdmu lokalment fil-fabbriki u fil-qasam tal-biedja.'

39.

649. Hija meħtieġa edukazzjoni kontinwa li tifforma l-insara ta' pajjiżna, sabiex mhux biss jiddefendu l-**jeddijiet** tagħhom u jirrispettaw dawk ta' l-oħrajn, iżda wkoll ħalli jħossu fil-kuxjenza u jieħdu fuqhom id-**dmirijiet** li jikkorrispondu għal kull wieħed mill-jeddijiet tal-bniedem (Ibid).

40.

650. Il-preżenza tan-nisrani fid-dinja tfisser ukoll li huwa għandu jieħu bl-ikbar impenn u bħala dmir ta' kuxjenza, il-**hidma tiegħu fil-qasam tekniku, xjentifiku, professjonali, soċjali u ekonomiku** kif ukoll f'dak kollu li fih huwa jħossu kompetenti. Huwa għandu jikkunsidra din l-attività bħala sinjal u mezz ta' koperazzjoni effikaċi għat-twaqqif ta' soċjetà iktar ġusta u għall-affermazzjoni tad-dinjità tal-bniedem, skond il-pjan tal-Mulej.

Fi kliem ieħor, in-nisrani għandu jagħti **tifsira ġdida lix-xogħol** kollu tiegħu, jinqeda skond il-pjan providenzjali t'Alla, bir-riżultati tajbin tax-xjenza u tat-teknika u jużahom għas-servizz tiegħu nnifsu u ta' ħutu l-bnedmin, b'mod li tissaħħaħ dejjem iżjed id-dinjità tal-persuna umana. 'Fuq kollox iżomm quddiem għajnejh li d-dimensjoni suġġettiva tax-xogħol tiġi dejjem qabel id-dimensjoni oġġettiva tax-xogħol għaliex ix-xogħol qiegħed għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol' (ara L E 6).

41.

Huwa meħtieġ li l-Lajċi, fl-apostolat ambjentali jipprovaw joħolqu *651.* **gruppi żgħar** bejniethom biex ikunu **l-animaturi fl-ambjent tagħhom.** Fiċ-ċirkustanzi li jinqalgħu, jiġi pprattikat l-umaneżmu nisrani. Jekk dawn il-gruppi ma jinħolqux, il-lajċi f'dan il-qasam ta' l-apostolat isiru individwi anonimi li jintilfu fil-massa.

42.

L-għaqdiet għandhom jieħdu b'mod kuraġġjuż l-apostolat u l-ħidma *652.* **pastorali fl-ambjent tax-xogħol** u tad-**divertiment.** Jibdew huma l-ewwel bl-eżempju tajjeb tagħhom u mbagħad jgħinu lill-oħrajn bil-kelma u bl-imġieba.

43.

Il-membri tal-Għaqdiet ta' l-Apostolat huma mħeġġin li jagħtu **l-** *653.* **appoġġ** tagħhom **lill-għaqdiet** illi fid-dawl tat-tagħlim nisrani jinteressaw ruħhom biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet soċjali.

44.

Fl-Għaqdiet Kattoliċi kif ukoll fl-iskejjel sekondarji, iż-żgħażagħ *654.* għandhom jiġu **mħejjija għall-ħajja tax-xogħol.** B'hekk il-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi jkunu maturi u mħejjija biżżejjed biex jgħinu lill-ħaddiema sħabhom.

45.

Il-volontarjat hu fattur li qed isir dejjem iktar determinanti fil-ħajja *655.* ċivili. Anke fis-soċjetà Maltija l-volontarjat jidher li hu karatterizzat minn libertà ta' azzjoni, xewqa li wieħed jikkonkretizza l-ideat tiegħu u l-possibiltà li wieħed jipparteċipa fil-ħajja pubblika.

Fil-volontarjat, jispikka spirtu ta' responsabbiltà, inizjattiva u interess persunali lejn il-fqar ta' żmienna minn dawk stess li huma l-iktar qrib lejhom u li jistgħu jifhmu aħjar il-ħtiġijiet tagħhom (ara C A 48).

Kull nisrani jeħtieġ li japprezza l-**ħidmiet ta' volontarjat,** speċjalment dawk li huma ispirati u mmexxija mill-Knisja, u jekk ikun possibbli għalih, jieħu sehem f'xi waħda minnhom. Jeħtieġ li jkun hemm iktar konvinzjoni li x-xogħol ta' bla ebda rimunerazzjoni magħmul għall-imħabba t'Alla u tal-proxxmu, hu wieħed mill-mezzi li joffrilna Kristu fil-programm li rridu nwettqu biex inkunu veri segwaċi tiegħu.

Jeħtieġ li jkun hemm liġijiet ċivili li jirrikonoxxu l-valur tal-volontarjat iżda dan ma għandux jiġi politiċizzat biex ma jitlifx l-awtonomija tiegħu.

D. *L-IMPENN POLITIKU TAN-NISRANI*

46.

656. Fl-imħabba tal-patrija u fit-twettiq kuxjenzjuż tad-**dmirijiet ċivili,** il-kattoliċi jħossuhom obbligati li jmexxu 'l quddiem il-veru ġid komuni u għandhom iġiegħlu lil ħaddieħor iħoss il-piż ta' l-opinjoni tagħhom, b'tali mod li s-setgħa ċivili titħaddem skond il-ġustizzja u l-liġijiet isiru skond il-liġijiet morali u għall-ġid komuni. (A A 14).

47.

657. Il-lajċi nsara ma jistgħu bl-ebda mod jibqgħu lura milli jieħdu **sehem fil-ħajja politika,** jiġifieri f'dawk l-oqsma kollha ekonomiċi, soċjali, leġislattivi, amministrattivi u kulturali li bħala għan għandhom li jġibu 'l quddiem il-ġid ta' kulħadd, b'mod organizzat f'istituzzjonijiet imwaqqfa għalhekk. (C L 42).

48.

658. Fost ħwejjeġ oħra, il-ġid komuni jitlob li jkun hemm **opinjoni pubblika ħielsa u responsabbli,** li hija waħda mill-karatteristiċi ta' pajjiż demokratiku. Il-ġid komuni jesiġi wkoll li tiġi mħarsa dejjem il-ġustizzja ma' kulħadd, li tingħata opportunità indaqs lil kull per-

suna, hu x'inhu l-kulur tagħha, li tiġi evitata kull diskriminazzjoni inġusta u li jinżammu 'l bogħod l-intolleranza u t-tensjonijiet gravi li huma ta' ħsara għall-pajjiż.

49.

L-impenn politiku li jgħin u jġib 'il quddiem il-**perfezzjonament tal-ħajja ċivili** jrid ikun imdawwal mill-kontenut tal-Vanġelu. "Ma nistgħux ngħidu li l-Vanġelu għadda żmienu minħabba l-fatt li ġie mħabbar, miktub u mgħajjex f'kuntest soċjo-kulturali differenti. L-ispirazzjoni tiegħu, imsebbħa mill-esperjenza tat-Tradizzjoni Nisranija matul is-sekli, tibqa' dejjem ġdida, għall-konverżjoni tal-bnedmin u għall-progress tal-ħajja assoċjata, mingħajr li b'dan naslu li nużawh għall-vantaġġ ta' għażliet ta' żminijiet partikulari filwaqt li ninsew il-messaġġ universali u etern tiegħu." (O A 8). *659.*

E. *L-IMPENN FUQ LIVELL INTERNAZZJONALI*

50.

Huwa d-dmir ta' l-insara li jagħmlu ħilithom sabiex il-bnedmin **jeħilsu minn kull għamla ta' jasar**, li huwa frott tad-dnub u ta' l-egoiżmu u jitmexxew lejn ħelsien sħiħ bħala wlied Alla. B'din ir-rebħa fuq il-jasar u b'dan il-ħelsien biss li l-bniedem jibda jgħix id-dinjità kollha tiegħu. *660.*

Madankollu, **mhux it-tagħlim kollu dwar il-liberazzjoni** tal-bniedem u mhux is-sistemi kollha li għandhom din il-liberazzjoni bħala għan tagħhom, jistgħu jiġu aċċettati min-nisrani, iżda dawk biss li jipproponu mezzi tajba, jeskludu l-vjolenzi u huma konformi mal-prinċipji tal-Vanġelu. (ara L N).

51.

Waħda mill-problemi ta' l-umanità hija l-**ġuħ**, jew in-nuqqas ta' ikel għal kulħadd. Din il-ġeografija tal-ġuħ tidher li qiegħda tikber fid-

dinja u diġà tinkludi ħafna zoni fl-Asja, fl-Afrika, fl-Amerika ta' Isfel u tan-Nofs. Fi ftit kliem huwa ġuħ li jitfa' lill-bniedem li jġarrbu f'kundizzjoni iktar baxxa minn dik tal-bhejjem u jwassal għad-disperazzjoni. Jeħtieġ li l-karità ssaltan fid-dinja u tirsisti sakemm jirnexxilha tneħħi minn fuq iċ-ċiviltà tagħna, il-għajb talmiżerja. Karità bħal din għandna nwettquha ma' dawk kollha li jinsabu f'din il-miżerja, irrispettivament mill-pajjiż fejn qegħdin jgħixu.

52.

662. **L-analfabetiżmu** huwa offiża kontinwa kontra d-dinjità tal-bniedem, għaliex iżommu 'l bogħod minn dak il-livell ta' istruzzjoni u edukazzjoni li għandu dritt għalih kull min hu ċivilizzat.

Għalina l-insara, il-lotta kontra l-analfabetiżmu hija lotta favur il-persuna umana u favur il-valuri spiritwali u reliġjużi.

53.

663. Iż-żgħar u l-kbar għandhom jiġu ffurmati sabiex jagħrfu sewwa u jiddefendu l-**jeddijiet fundamentali** umani. Fost dawn insibu l-jedd għall-ħajja li tixraq lill-bniedem, il-jedd għat-tagħlim, il-jedd li wieħed iqim lil Alla, id-dritt ta' l-għażla ta' l-istat, id-dritt għax-xogħol u l-proprjetà privata, ta' l-assoċjazzjoni u tal-parteċipazzjoni filħajja pubblika.

54.

664. Illum qiegħda titqanqal b'mod dejjem urġenti, f'relazzjoni mal-ħajja ekonomika-soċjali u x-xogħol, "il-**kwistjoni ekoloġika**", kif isejħulha. Il-ħakma li Alla l-Ħallieq ta lill-bniedem mhijiex ħakma assoluta, lanqas jiswa li wieħed igħid li għandu dritt li jagħmel li jrid – juża u jabbuża – u jiddisponi minn kull ħaġa maħluqa kif jaqbillu (C L 43).

55.

Fl-ispirtu ta' dak li tgħidilna l-Knisja fit-tagħlim soċjali tagħha, kull membru fil-Knisja lokali għandu jħossu responsabbli wkoll ta' knejjes partikulari oħrajn li b'xi mod huma foqra (ara S R S 42). Fil-konkret, għandu jiġi mgħejjun b'mod speċjali l-**volontarjat** (ara C A 49) li **jifrex 'il barra mil-limiti tad-djoċesi.** *665.*

IL-MEZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI

INTRODUZZJONI:

1.

666. Il-Knisja tkun ħatja quddiem il-Mulej jekk ma tagħmilx użu mill-mezzi qawwija tal-komunikazzjoni soċjali li bil-ħila tal-bniedem qegħdin isiru dejjem aktar perfetti. Permezz tagħhom tista' xxandar minn fuq il-bjut il-messaġġ afdat f'idejha. Fihom hija ssib **verżjoni moderna u effettiva tal-pulptu.** Bis-saħħa tagħhom jirnexxilha tkellem lill-folol (ara E N 45). Il-qasam tal-komunikazzjonijiet huwa "l-ewwel arjopagu ta' żmienna li qed jgħaqqad il-bnedmin flimkien" (R M 37c); għalhekk, il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali m'humiex hemm biss biex ikattru t-tħabbir, imma wkoll biex "jintegraw il-messaġġ nisrani fil-kultura l-ġdida ta' llum" (R M 37c).

2.

667. **Il-pjan tas-salvazzjoni** huwa l-proġett divin imwettaq fi Kristu li bih il-bnedmin, wara li permezz tad-dnub infirdu minn Alla, bejniethom u saħansitra fihom infushom, jistgħu jerġgħu jingħaqdu u jsiru ħaġa waħda flimkien biex jiffurmaw il-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jgħinu lill-bnedmin jifhmu lil xulxin aħjar u jressquhom lejn xulxin. U dan ifisser li dawn il-mezzi minnatura tagħhom għandhom valur pożittiv u reliġjuż għaliex igħinu lill-bnedmin jingħaqdu flimkien biex jersqu dejjem aktar qrib lejn Alla ħalli tassew jitwettaq il-pjan tas-salvazzjoni (ara D P A Ż 44).

3.

668. Biex il-mezzi tal-komunikazzjoni jkunu laħqu tabilħaqq l-isbaħ għan tagħhom, jeħtieġ illi nkunu wasalna biex ngħidu li "tikkomunika" tfisser "fraternità" u "**komunikazzjoni**" tfisser "solidarjetà mal-bnedmin kollha". Għaliex il-kunċett "komunikazzjoni" jiġbor fih xi ħaġa iktar minn sempliċi espressjoni ta' ideat u emozzjonijiet; fl-essenza tagħha, komunikazzjoni tfisser "l-għotja tiegħek innifsek fl-imħabba".

Għalhekk biex ikun hemm **fraternità u solidarjetà** bejn il-bnedmin, u, wisq iktar, biex tidher id-dimensjoni nisranija tagħhom, dawk li jaħdmu fil-komunikazzjoni soċjali għandhom jagħmlu użu mit-teknika u mill-mezzi li għandhom f'idejhom biex iġibu 'l quddiem ċerti valuri bħalma huma: ir-rispett lejn xulxin, il-ġustizzja, il-moralità talħajja personali u komunitarja, il-libertà, l-ugwaljanza, il-paċi flgħaqda, il-promozzjoni tad-dinjità tal-bniedem, it-tisħib u l-qsim ma' l-oħrajn (M J K 1988).

4.

Aktar ma wieħed iqis l-influwenza tagħhom, aktar jara l-ħtieġa tar- *669.*
responsabbiltà morali li għandhom lejn in-nies u l-komunitajiet, dawk il-programmi li jgħinu l-kulturi jinfluwenzaw lil xulxin, mingħajr vjolenza u nuqqas ta' tolleranza, imma għall-qadi tal-għaqda talbnedmin (M J K 1988).

5.

Kif ifakkar il-Konċilju Vatikan II, għalkemm huwa veru li l-mezzi *670.*
tal-komunikazzjoni soċjali "huma ta' **għajnuna kbira** għall-familja tal-bnedmin", hu wkoll veru li l-"bnedmin jistgħu jużawhom kontra l-pjan tal-providenza ta' Alla u hekk ibiddluhom **f'mezzi ta' ħsara** u ta' tiġrif għalihom" (I M 2a).

6.

Nistgħu ngħidu li bħala **kriterju ġenerali** meta u fejn l-użu tal-Mass *671.*
Media jsaħħaħ il-maturità tal-persuna umana, ikun użu tajjeb; meta għall-kuntrarju, itellef u jfixkel din il-maturità, dan ikun abbuż u jisfa ta' ħsara għall-individwi u għas-soċjetà.

7.

Permezz tal-Media, speċjalment permezz tat-television, il-bniedem *672.*
ta' llum għandu tieqa miftuħa fuq **id-dinja** li ġiet ridotta għall-"**villaġġ globali**". Permezz tat-teknoloġija moderna, għebu d-distanzi u wieħed

jista' jirċievi simultanjament dak li qed jiġri eluf ta' kilometri 'l bogħod minn daru. Dan żgur itejjeb il-kuntatt tal-bniedem mar-realtà ta' madwaru: igħin biex jinħoloq spirtu ta' solidarjetà bejn il-popli, titnissel sensibilità għall-ħtiġijiet ta' l-oħrajn u jaqgħu l-ħitan ta' firda. (ara A N, 1, 4)

8.

673. Wieħed mill-kontributi pożittivi li jistgħu joffru l-media huwa li jgħinu lill-individwu jidħol f'**relazzjoni ma' persuni oħra,** ma' l-istess realtà ta' madwaru. L-arti tal-komunikazzjoni mhix biss li tforni ammont ta' tagħrif, imma li tkun strumentali biex il-bniedem jikber flimkien ma' sħabu.

9.

674. Il-media huma "**skola tal-ħajja**" u għalhekk huwa importanti li dawk l-individwi li huma mżejna b'doti u talenti biex jikkontribwixxu fil-produzzjoni tal-programmi jew biex jaħdmu f'dan il-qasam, isibu għajnuna u appoġġ biex jirbħu d-diffikultajiet u jkunu jistgħu jagħtu kontribut siewi lis-soċjetà.

10.

675. Kull nisrani għandu jagħmel ħiltu biex bil-ħidma u l-kontribut tiegħu jibni **dinja** aħjar, **aktar umana u nisranija,** anke permezz ta' l-użu tajjeb tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali (ara D P L 54).

11.

676. Fejn tidħol l-istampa, il-ġurnali, xandir u mezzi oħra li bihom jiġi mwassal il-ħsieb u l-emozzjonijiet ta' bniedem lil bniedem ieħor, hemm bżonn li l-lajċi nsara jkunu minn ta' quddiem u jagħtu xhieda ta' Kristu. Huma għandhom ikollhom **kompetenza u preparazzjoni** biex ix-xogħol tagħhom jagħmluh sewwa, b'sens ta' responsabbiltà, b'kuxjenza ffurmata li kapaċi tieħu deċiżjoni għaqlija.

12.

F'soċjetà fejn teżisti **firda bejn il-fidi u l-ħajja**, il-Mass Media jistgħu jservu bħala kontribut siewi biex kemm jista' jkun titfejjaq jew għall-inqas tittaffa l-firda bejn il-Vanġelu u l-Kultura. (ara M J K 1984). *677.*

13.

Fit-tħaddim tal-mezzi tagħha, il-Knisja ma tistax tikkompeti ma' soċjetajiet oħra; imma ħielsa minn kull indħil politiku jew interessi ta' qligħ, il-Knisja xxandar bil-libertà l-**messaġġ tal-vanġelu** li għandu qawwa u kredibilità li jegħleb il-limitazzjonijiet tar-riżorsi u ta' l-organizzazzjoni tagħha. *678.*

14.

Il-Media huma **qawwa ta' persważjoni moħbija.** Quddiem il-media, il-bniedem huwa espost għar-riskju li jaċċetta bħala veru dak li jaqra, jara jew jisma'. Huwa fatt innegabbli, li l-fehmiet espressi fuq il-ġurnali jew fuq ix-xandir jiksbu l-kredibilità u awtorità mhux għaliex ikunu mibnija b'argumenti serji u loġiċi, imma għas-sempliċi raġuni għaliex ikunu ġew ippubblikati jew trasmessi ripetutament. *679.*

IL-MEDIA GĦAS-SERVIZZ TAL-BNIEDEM

15.

Bi **stampa** nifhmu kull xorta ta' qari bħalma huma l-gazzetti, rivisti, kotba, comics, fuljetti, eċċ., jiġifieri mhux biss dawk li jservu għall-informazzjoni iżda wkoll oħrajn li jservu għall-formazzjoni, kultura u passatemp. (D P L 44). *680.*

16.

L-istampa għandha valur kbir għaliex tagħti ċans iktar għar-riflessjoni fuq dak li jinkiteb. Tista' tkun okkażjoni tajba biex il-qarrej jiżviluppa fih is-sens ta' kritika, jikber fil-personalità tiegħu u hekk jinħoloq iktar djalogu. Meta l-**kitba** tkun tassew oġġettiva, imparzjali u **etikament tajba**, tagħmel il-ġid mhux biss lill-qarrejja iżda wkoll lis-soċjetà. (D P L 45). *681.*

17.

682. Fl-epoka ta' llum meta l-kultura awdjoviżiva qegħda dejjem aktar tiddomina, hemm bżonn li ma tkunx traskurata l-kultura tal-qari li toffri ħafna vantaġġi. Għalhekk, il-Knisja tkun qed tagħmel pass f'direzzjoni tajba meta jew hi stess torganizza wirjiet tal-kotba jew tieħu sehem f'exhibitions imtellgħa mill-oħrajn kemm fuq livell djoċesan kif ukoll fuq livell nazzjonali. Darba fis-sena, għandu jinżamm **"Jum il-Ktieb Nisrani"** (ara E N 44).

18.

683. **L-istampa perjodika**, speċjalment dik li tiddependi mill-Knisja (djoċesi, parroċċa, kunventi, għaqdiet reliġjużi) għandha tħabrek iktar biex ikun hemm il-paċi fil-familja, bejn il-familji u anke fuq livell nazzjonali u b'hekk timla l-vojt li mhux qed jimlew ġurnali oħra. Dawk li huma kompetenti fil-kitba, għandhom iħossu d-dmir li jagħtu sehemhom b'artikli fil-ġurnali lokali għal dan il-għan (K P D IV, 31).

19.

684. Fil-ġurnali u r-rivisti ta' ispirazzjoni kattolika għandha tingħata attenzjoni li **l-kontenut** ikun **konformi mal-valuri nsara** u mhux materjal li jipprovoka piki żejda u diviżjonijiet. M'għandu jkun hemm xejn kuntrarju għat-twemmin u l-morali nsara. (K P D IV, 30).

20.

685. Huwa dmir ta' l-insara ta' pajjiżna li jappoġġjaw, jaqraw u jxerrdu l-gazzetti u l-**publikazzjonijiet ta' ispirazzjoni nisranija** li għandna. Barra minn dan, għandha tingħata attenzjoni biex bl-għażliet tiegħu, in-nisrani ma jkunx qed igħin bi flusu lil min ixerred influwenzi ħżiena (D P L 48; D P A Ż 49). In-nisrani għandu jkun konvint li bħalma jagħmel offerti għall-attivitajiet diversi tal-parroċċa, jikkontribwixxi wkoll għajnuna finanzjarja bħala sapport għall-inizjattiva li l-Knisja twettaq fil-kamp tal-Mass Media.

21.

L-**editorija Kattolika** għandha missjoni importanti x'taqdi fi ħdan il-komunità ta' pajjiżna u l-apostolat ta' l-istampa għadu meħtieġ anke fi żminijietna. Meħtieġ għalhekk li s-Soċjetà **"Lumen Christi"** tissaħħaħ billi żżid il-membri tagħha, tiltaqa' regolarment u tistampa mhux biss iktar kotba, imma wkoll 'leaflets' dwar suġġetti varji, fosthom anke dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja, li jitqassmu bl-idejn b'ċerta regolarità mal-Bullettin Djoċesan. *686.*

22.

Huwa sinjal pożittiv li għadd sabiħ ta' entijiet ekkleżjastiċi għandhom il-**publikazzjoni perjodika** tagħhom. Xieraq li kull tant żmien isir '**survey**' dwar dawn il-publikazzjonijiet. Xi drabi jinħass il-bżonn li dawn ikunu aktar kordinati kemm fuq livell parrokkjali kif ukoll fuq livell djoċesan. Is-Segretarjat għall-Mezzi tal-Komunikazzjonijiet Soċjali għandu jagħmel '**monitoring**' dwar dak li jkun stampat. *687.*

23.

Tinħass il-ħtieġa li l-publikazzjonijiet tad-djoċesi tagħna, bħalma huma r-rivista '**Il-Ħajja f'Għawdex**' u l-**Bullettin tal-Ħadd** li jitqassam fid-djar, mhux biss jiżdiedu, imma wkoll li jkunu ppreżentati tajjeb, possibilment bil-għajnuna ta' lajċi mħejjija f'dan il-qasam. Hemm lok għal użu aħjar u organizzazzjoni aktar soda fiż-żewġ publikazzjonijiet djoċesani (K P D IV, 27). *688.*

Bħala inċentiv, biex għadd ikbar ta' persuni jitħajru jaqraw ċerti perjodiċi ta' ispirazzjoni nisranija, bħal ma huma "Il-Ħajja f'Għawdex" u l-"Leħen is-Sewwa", l-uffiċċju parrokkjali jista' joffri s-servizz li jieħu ħsieb jiġbor l-abbonamenti.

24.

Il-'Lumen Christi' għandha tinkoraġġixxi u tgħin **kittieba kattoliċi** billi tippubblikalhom xogħlijiet tagħhom. Meħtieġ appoġġ iktar lil din *689.*

is-Soċjetà billi ssir propaganda għall-publikazzjonijiet tagħha u billi jinstabu benefatturi sabiex din is-soċjetà tkun tista' tipprovdi iktar qari spiritwali (D P L, 49).

25.

690. Jekk il-Knisja Maltija jerġa' jkollha **ġurnal ta' kuljum,** il-Knisja Għawdxija tkun tista' tibbenefika ħafna kemm-il darba l-gazzetta tkun ta' ispirazzjoni Nisranija u ħielsa minn kull xorta ta' propaganda partiġġjana (K P D IV, 28).

26.

691. Biex innisslu fit-tfal inklinazzjoni għal qari tajjeb, jeħtieġ fost l-oħrajn li nfornuhom b'kotba ppreżentati b'mod attraenti għalihom, kif diġà qed tagħmel is-Soċjetà tal-MUSEUM. Fil-**librerija tal-parroċċa** għandu jkun hemm nies responsabbli li jħajru lit-tfal jieħdu kotba addattati għalihom (K P D IV, 19).

27.

692. Jitwaqqaf **team** biex iħejji b'mod professjonali leaflets u stickers b'immaġini u b'messaġġi qosra u li jolqtu dwar temi attwali. Isir katalgu ta' materjal – leaflets, rivisti, artikli – għall-edukaturi fost iż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ stess (K P D IV, 37).

28.

693. **Il-lingwaġġ elettroniku** wżat mill-Media llum, ħafna drabi mhux indirizzat għall-intelliġenza tal-utenti; imma huwa kodifikat b'mod li jappella għas-sensi u għall-emozzjonijiet. Minflok ma huwa intiż biex jesprimi u jikkomunika l-ħsieb. Il-lingwaġġ modern huwa mmirat biex jikkawża eċċitament u għalhekk insibu għadd ta' programmi li joffru spettaklu rħis, pjaċir superfiċjali u banalità. Ħasra li mbagħad ħafna mir-responsabbli tal-medja jsegwu l-'indiċi' tas-semmiegħa jew tat-telespettaturi bħala kriterju ta' suċċess tal-produzzjonijiet tagħhom.

29.

Huwa **dmir ta' l-insara** li jgħinu kemm jistgħu l-produzzjonijiet tajbin tat-TV u r-Radio waqt li mill-banda l-oħra ma għandhom jikkoperaw bl-ebda mod fil-produzzjonijiet li jġibu ħsara morali (I M 9), (D P L 52). Waqt it-trasmissjonijiet diretti minn fuq it-TV jew minn fuq ir-radju, jekk jissemmew xi opinjonijiet żbaljati rigward il-fidi u l-morali, meħtieġ li jsiru interventi bit-telefon mill-Insara biex tixxandar ukoll il-verità. *694.*

30.

Sabiex it-television ma jkunx ta' ħsara għad-djalogu fi ħdan il-familja u ma jisfax mezz ta' evażjoni bla ebda profitt, huwa rrikmandat li l-ġenituri jagħmlu **għażla minn qabel fost il-programmi** li jkunu ser jiġu murija u jiddeċiedu li t-TV jiftħuh biss għall-programmi li huma ta' interess u ma humiex moralment oġġezzjonabbli. (D P A Ż 53). Xi programmi tat-TV huma oġġezzjonabbli għax iħassru l-kuxjenzi u jbiegħdu l-bniedem minn Alla. Il-ġenituri għandhom jaċċertaw ruħhom li ħadd mill-membri tal-familja m'hu qiegħed jaqa' f'dan l-abbuż u huma stess ikunu ta' eżempju (ara K P D IV, 11). *695.*

31.

Meta t-**tfal** jużaw it-**television**, huwa sewwa li jkun preżenti xi ħadd mill-ġenituri jew persuna ta' responsabbiltà li kapaċi tiżen il-valur morali ta' dak li jintwera u l-effetti li jista' jkollu fuq it-tfal. *696.*

32.

Perjodikament għandu jsir **seminar** dwar il-programmi tat-TV u r-Radio li jiġu studjati u diskussi bil-għan li jsir titjib fihom (ara D P L 55). *697.*

33.

(a) L-insara għandhom jgħinu tinħoloq, anke bil-kitba u bil-firem, **opinjoni pubblika,** favur films tajba u programmi edukattivi u kontra films u programmi oġġezzjonabbli tat-TV u tax-xandir (D P L 53; K P D IV, 34). *698.*

(b) Biex l-operaturi tal-pastorali jkollhom stampa tar-realtà trasmessa, tiġi studjata l-possibiltà li jitwaqqaf grupp djoċesan li jkun responsabbli li jagħmel **monitoring tal-programmi** li jixxandru, jieħu nota ta' dak li huwa pożittiv u negattiv u kull tant żmien jagħti relazzjoni lis-Segretarjat tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali.

34.

699. Wieħed jinnota li s-**sistema VCR** (video cassette recorder) aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed tiġi adottata mill-ħafna. Dan joffri għadd ta' vantaġġi – mhux biss għaliex sar possibbli li wieħed isegwi xandiriet li jkunu trasmessi fl-istess waqt (time-shifting viewing of broadcasts), imma għax b'din is-sistema wieħed jista' wkoll jara fuq screen privat ċerti produzzjonijiet li kienu maħsuba għas-swali taċ-ċinema.

35.

700. Però huwa fatt ukoll li l-VCR tesponi lill-individwu għal **diversi riskji.** Qabel xejn il-video jorjenta lill-individwu għal ħajja solitari jew almenu jirrestrinġi l-grupp ta' dawk li jsegwuh flimkien. Barra minn hekk, il-VCR joffru l-**vantaġġ tal-libertà fl-għażla** tal-programmi jew films li wieħed jista' jara fis-satra – mhumiex eskluzi produzzjonijiet pornografiċi li wieħed jista' jew jiksibhom mill-ħwienet li jikru l-videos jew mingħand xi ħadd li jkun ikkupjahom minn fuq it-television.

36.

701. Quddiem din il-problema, mhux biss huwa meħtieġ li l-individwi jkunu edukati dwar l-użu pożittiv tal-VCR, imma l-familji u **dawk responsabbli mill-edukazzjoni** tat-tfal u l-adolexxenti għandhom jaraw kif dawk dipendenti minnhom qed jużaw dan il-mezz. Ma jkunx għaqli u responsabbli min iħalli tfal jiltaqgħu għand xulxin biex ikunu jistgħu jsegwu videos bil-moħbi tal-ġenituri.

37.

Fl-għażla tal-videos lit-tfal, jeħtieġ li jkun hemm **prudenza u moderazzjoni**, l-aktar min-naħa tal-ġenituri kif ukoll mis-sidien tal-ħwienet tal-videos (ara K P D IV, 5.2). *702.*

38.

Jixraq li jkun hemm **team ta' rġiel** li kultant iżuru l-ħwienet tal-videos biex jipperswadu lis-sidien joffru għall-bejgħ jew kiri videos moralment tajbin (ara K P D IV, 5.3). *703.*

39.

Hemm bżonn li tiġi aġġornata l-**leġislazzjoni dwar il-video tapes.** Għandha ssir insistenza biex isiru liġijiet meħtieġa li jipprojbixxu kera jew bejgħ ta' videos li jmorru kontra l-moralità pubblika, speċjalment lit-tfal taħt l-età (ara K P D IV, 5.1). *704.*

40.

Jiġu nkoraġġiti **produzzjonijiet lokali** ta' films jew programmi dokumentarji. Possibilment isir 'dubbing' bil-Malti ta' films barranin (ara K P D IV, 35). *705.*

41.

Għandu jsir kull sforz bil-koperazzjoni tan-nies kollha ta' rieda tajba biex ikun hawn għall-kiri għadd biżżejjed ta' **family films,** adattati mhux biss għall-kbar iżda wkoll għat-tfal. Hekk it-tfal ikunu jistgħu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom mal-ġenituri u ma' ħuthom (ara D P A Ż 516). *706.*

42.

Ċerti **riklami** qed ibiddlu l-istil tal-ħajja ta' pajjiżna u jiffavorixxu l-ħela, konsum żejjed u nfiq bla bżonn u xi drabi wkoll il-pornografija. Hija parti mill-edukazzjoni ċivika ta' l-insara li jkunu jafu kif jirreagixxu għar-reklami u pubbliċità oħra. Jekk ikun meħtieġ, f'ċerti każi fejn fir-reklamar isir abbuż bħalma huwa fil-każ tad-diċenza, l-insara għandhom jesprimu d-diżapprovazzjoni tagħhom fil-berah (ara K P D IV, 8). *707.*

43.

708. Il-pubblikità toħloq ħafna ħtiġijiet artifiċjali u għalhekk tinkoraġġixxi l-**mentalità konsumistika.** Dawk li jordnaw il-pubblikità għandhom jiftakru li hemm nies li qatt ma jista' jkollhom dak li jiġi reklamat (ara M J K 1988).

44.

709. Fost l-iżviluppi allarmanti li seħħu f'dawn l-aħħar snin hemm it-tkattir dejjem aktar tal-**pornografija** u tal-**vjolenza** għall-gost fuq il-mass media. Il-kotba, ir-rivisti, ir-recordings, iċ-ċinematografu, it-tijatru, it-televiżjoni, il-videocassettes, l-avviżi fuq il-media kollha, u l-istess telekomunikazzjoni spiss juru xeni ta' vjolenza u ta' għemil sesswali li hu qrib ħafna tal-pornografija li moralment ma jistgħux jiġu aċċettati (*In Anni Ricenti,* in OR (17.5.1989).

45.

710. Quddiem il-problema tal-pornografija u tal-vjolenza tal-media, nistiednu lill-**professjonisti tal-mass media** biex jiftehmu bejniethom ħalli jfasslu u japplikaw fil-qasam tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali u tal-pubblikità, normi morali li jfittxu l-ġid ta' kull-ħadd u bħala għan li jġibu 'l quddiem il-familja kollha tal-bnedmin (Ibid.).

46.

711. Il-**ġenituri** għandhom ikunu sensibbli dwar il-problema tal-videotapes, kotba, rivisti, stampi, cards u materjal ieħor pornografiku, inkluża ċerta għamla ta' mużika, li jistgħu jiġu f'idejn xi membri tal-familja, speċjalment iż-żgħażagħ u l-istudenti. Għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha possibbli kontra dan il-periklu, għax barra li l-pornografija teqred is-sens tad-dnub, iddgħajjef il-veri valuri ta' l-imħabba, tas-sess u tal-ħajja skond il-pjan t'Alla, tbaxxi d-dinjità tal-mara u tirreklama l-adulterju u d-divorzju (ara K P D IV, 15).

47.

L-**informazzjoni** qegħda dejjem aktar tiżdied fl-oqsma tal-ħidma ekonomika u kulturali. Kuljum aktar qed tikber il-ħażna ta' għadd bla qies ta' informazzjonijiet ta' kull sura bil-mezzi li nippossiedu. Waqt li l-użu tajjeb ta' din id-'data' (informazzjoni) huwa kundizzjoni mill-aħjar għall-paċi u l-progress, jeżisti r-riskju li wieħed jużahom biex jagħmel pressjoni u vjolenza fuq il-ħajja privata u komunitarja tannies. *712.*

48.

Il-**Mużika**, mhux biss hija arti, imma hija wkoll lingwaġġ ta' kif il-bniedem jikkomunika s-sentimenti tiegħu. Kull tip ta' mużika tajba għandha tiġi promossa. Tkun ħaġa xierqa, li dawk li għandhom it-talent mużikali jsibu min jagħmlilhom kuraġġ biex jesegwixxu jew jikkomponu mużika b'ispirazzjoni kristjana għax din tista' tkun forma ta' evanġelizzazzjoni. Barra minn dan, għandhom jibqgħu jiġu organizzati l-festivals ta' mużika u kant b'talent lokali. *713.*

49.

Tajjeb li ssir promozzjoni ta' **songs tajbin** għad-diski, cassettes u CDs u kemm kantanti individwali jew gruppi mużikali jiġu mħajra jipproduċu diski moderni bi sfond nisrani. Possibilment ikun hemm gwida għad-diski (ara K P D V, 7). *714.*

50.

Iż-żgħażagħ u l-edukaturi għandhom ikunu konxji li l-problema ta' l-okkult u tas-sataniżmu jistgħu jilħqu wkoll lil xi żgħażagħ tagħna. Għandhom jiġu evitati ċerti songs u mużika 'heavy metal' li bir-raġun ġew imsejħin '**pornografija bil-ħsejjes**', aktar u aktar meta wieħed jinnota kliem doppju sens li jingħad (ara K P D IV, 20). *715.*

51.

"Id-**diskoteki** huma parti mill-kultura ta' żmienna fejn isir użu kbir tal-mass media. Waqt li nippruvaw insibu mezz kif il-liġi dwar id-dħul *716.*

fid-diskoteki tiġi mħarsa, jixraq li ż-żgħażagħ stess jorganizzaw attivitajiet alternattivi li jkunu jinkludu elementi spiritwali, kulturali u soċjali" (ara K P D IV, 6).

52.

717. Konvinti mill-importanza li għandu l-**palk**, tkun ħaġa tajba li kull Ċentru Parrokkjali jorganizza attivitajiet ta' drama b'temi reliġjużi, soċjali, eċċ. Dawn ix-xogħlijiet jistgħu jkunu ppreżentati waqt Festival tad-Drama fuq bażi djoċesana. B'hekk, minbarra li nżommu numru ta' nies applikati biex iħejju dawn l-attivitajiet, inkunu wkoll qed nedukaw u nwasslu messaġġ tajjeb lill-poplu tagħna (ara K P D IV, 38).

53.

718. Waqt li b'sodisfazzjon wieħed jinnota li kważi kull komunità parrokkjali għandha s-**sala parrokkjali** tagħha, huwa ttamat li dawn il-lokali jkunu attrezzati tajjeb biex fihom jinżammu rappreżentazzjonijiet teatrali u kulturali kif ukoll wirjiet artistiċi biex hekk iservu ta' strument għall-edukazzjoni ċivika u umana li twassal għall-Vanġelu.

IR-RESPONSABBILTÀ TAL-ĠURNALISTA

54.

719. In-nisrani għandu juri l-apprezzament tiegħu għas-**servizz** li xi drabi, b'ħafna sagrifiċċji, joffru l-ġurnalisti. Huwa riżultat tal-kontribut offrut mill-ġurnalisti, li l-bniedem jasal biex jifhem aktar xi ħsara jġib il-biża' u x'tamiet toħloq il-fiduċja.

55.

720. **Dawk li jaħdmu fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali** jifhmu li n-nies m'humiex xi folla jew kotra bla isem. In-nies li jużaw il-media huma sfida kontinwa għalihom għax kull individwu jrid jintlaħaq fl-ambjent proprju li jkun fih skond il-ħila personali tiegħu (ara M J K 1987).

56.

Il-kapaċità li biha wieħed jaqra b'mod oġġettiv u sħiħ ir-realtà ta' madwaru biex ikun jista' jikkomunika lil ħaddieħor, huwa don li hemm bżonn jiġi wżat bl-ikbar responsabbiltà u mhux iservi bħala strument ta' ħakma. Naqblu li dan mhux impenn faċli u għalkemm wieħed jipprova jkun korrett u eżatt, dejjem jibqa' marġni li fih wieħed jista' jieħu żball. Dan ifisser li fit-tfittix tal-verità, il-persuni nvoluti fil-Media għandhom jiffavorixxu **spirtu ta' tolleranza, ta' pluraliżmu u ta' djalogu kostruttiv.** *721.*

57.

Xi drabi l-Media kif jagħżlu l-aħbarijiet li jittrasmettu u kif jippreżentawhom, jagħtu biss **xhieda parzjali tar-realtà** u mhux dik tar-realtà sħiħa u verament oġġettiva. F'ċerti każi r-realtà hija interpretata u l-ġrajjiet huma selezzjonati skond kriterji u l-interessi ta' min jikkomunikahom. Dawk li jużaw il-media jridu joqogħdu attenti biex ma jaqgħux f'dan l-ingann li mhux għajr forma ta' kolonjaliżmu kulturali u ideoloġiku (ara A N 3). *722.*

58.

Biex il-ġurnalist ikun jista' jinqeda bil-media b'mod korrett, huwa essenzjali li jkun hemm **kodiċi etiku** għall-ġurnalisti, kif ukoll struttura li tkun responsabbli li tara li dan il-kodiċi jiġi osservat. *723.*

59.

Il-ġurnalist għandu joqgħod attent mhux biss għal dak li j għid, imma wkoll għal dak li ma jgħidx, għax anke s-**silenzju jista' jkun kolpevoli.** Xi drabi minħabba s-silenzju, il-pubbliku jista' jiġi mdaħħal fl-ingann li tiegħu huwa responsabbli l-ġurnalist. Dan huwa l-każ meta s-silenzju jitwettaq b'mod sistematiku u apposta biex xi gruppi jew verità jibqgħu fl-oskurità u hekk jiġu emarġinati (ara A N 4). *724.*

60.

725. Waqt li l-lajċi huma mistiedna biex ikunu preżenti f'dawk l-entijiet responsabbli mit-tħaddim ta' xi mezz tal-media bħalma huma stazzjon tat-TV, radju, gazzetta, eċċ., infakkru li l-ġurnalist nisrani għandu d-dmir li jirrispetta dejjem il-**verità, il-ġustizzja u l-karità.** Fejn issir il-ħsara bl-inġustizzja, il-ġurnalist huwa fid-dmir mhux biss li jirretifika l-iżball, imma wkoll li jsewwi l-ħsara li jkun għamel.

61.

726. Il-kittieba u l-ġurnalisti kattoliċi għandhom ikunu dejjem **koerenti mat-tagħlim tal-Knisja** u joqogħdu għad-direttivi tagħha. Jixraq ukoll li fil-kitbiet tagħhom iġibu isihom ħlief fil-każijiet meta jkun hemm raġunijiet serji biex jagħmlu l-kuntrarju (D P L 47).

62.

727. **Il-ġurnaliżmu lokali għandu jagħti lir-reliġjon l-ispazju li jixirqilha** fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, u b'hekk il-messaġġ tiegħu jkun aktar sħiħ u jappella għan-nies.

63.

728. Il-Knisja tħoss id-dmir li tagħti attenzjoni lil dawk involuti fil-ġurnaliżmu u fl-industrija tal-komunikazzjoni u toffrilhom programm ta' **formazzjoni etika u spiritwali** biex hekk tgħinhom biex jisvolġu l-ħidma b'dinjità li tixraq lilhom u lill-utenti (ara A N 19, 29).

64.

729. Perjodikament, fuq bażi djoċesana, għandu jiġi organizzat **kors dwar is-sengħa tal-kitba u l-ġurnaliżmu** lis-saċerdoti, reliġjużi, seminaristi u lajċi interessati f'din il-ħidma (ara D P L 51).

EDUKAZZJONI GĦALL-UŻU TAJJEB TAL-MEDIA

65.

Ħafna nsara jilmentaw mill-ħsara spiritwali li toħroġ mill-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali. Diversi jesprimu tħassib serju dwar ċerti programmi tat-television, dwar ċerti videoware, dwar ċerti pubblikazzjonijiet u tabilħaqq hemm xi ħwejjeġ li ma humiex sbieħ. Ilkoll naqblu li dawn il-**mezzi huma ambivalenti:** daqskemm jistgħu jagħmlu ħsara daqstant jistgħu jagħmlu ġid jekk nużawhom tajjeb (ara K P D IV) *730.*

66.

Kif il-qari jitlob taħriġ u tagħlim, l-istess ix-xbihat u l-ilħna tal-mass media jitolbu taħriġ u tagħlim biex isseħħ **komunikazzjoni awtentika.** Għalhekk fil-programmi ta' l-iskejjel kollha ta' kull livell li jiddependu mill-knisja u fis-Seminarju għandu jingħata dan it-tagħlim lill-istudenti. Dan huwa meħtieġ biex ir-riċevituri li fosthom jinsab persentaġġ għoli ta' żgħażagħ, jifhmu sewwa l-lingwa speċjali talmass media li jirċievu. It-tagħlim tal-Knisja dwar il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali għandu jkun parti mit-tagħlim tad-duttrina li jagħtu l-katekisti (ara I M 16; D P A Ż 47/8; K P D IV, 3). *731.*

67.

Kull individwu fil-familja għandu d-dritt u d-dmir li jagħmel **għażla** sewwa **tal-programmi** tat-TV u tar-Radio, tal-ġurnali, eċċ. sabiex b'hekk ikun qed jidher fir-realtà bħala sid u mhux skjav ta' dawn il-mezzi li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu. F'kull familja nisranija għandu jinħass l-ispirtu ta' evangelizzazzjoni reċiproka (ara K P D IV, 3). *732.*

68.

Fil-korsijiet ta' Kana, fil-Ġimgħa tal-Familja, fil-Ġimgħa tal-Komunikazzjoni Soċjali, fl-Eżerċizzi tar-Randan u f'okkażjonijiet bħal dawn, għandu jingħata **tagħlim lill-ġenituri** biex ikunu kapaċi jiddiskutu u jikkritikaw ma' wliedhom ċerti films u programmi tat-TV. *733.*

69.

734. Il-miżżewġin jeħtieġ li fid-dawl tat-tagħlim nisrani **jsibu soluzzjoni** għalihom u għal uliedhom għall-problemi tat-TV u l-videos. Dan mhux biss rigward l-għażla tal-programmi, iżda wkoll rigward il-ħela ta' żmien, peress li ċerti ħwejjeġ oħra ta' iktar importanza, bħalma huma r-Rużarju u talb ieħor, qed jiġu mwarrba (N M N, 2C7).

70.

735. "Kull familja għandha tiġi mistiedna biex jabbonaw f'xi **rivisti** li jwasslulhom tagħlim sod fuq il-valuri ta' l-imħabba fil-familja, bħal p.e. "Il-Familja Kana". Għandhom jitħejjew u jitqassmu minn żmien għal żmien listi ta' films, videos u kotba li jittrattaw dwar l-imħabba vera fil-familja. Dan biex nipprovaw innaqqsu wieħed mill-effetti ħżiena tal-mass media li joħolqu f'pajjiżna mentalità żbaljata ġdida ta' l-imħabba libera fil-ħajja taż-żwieġ u qabel iż-żwieġ" (ara K P D IV, 10).

71.

736. Xieraq li kulħadd, speċjalment it-tfal u ż-żgħażagħ, jitgħallmu ma jesponux ruħhom iżżejjed quddiem it-television bil-periklu li jsiru "TV addicts". Huwa f'waqtu li nitgħallmu nsumu mhux biss mill-ikel u x-xorb, imma wkoll minn affarijiet oħra li jissodisfaw is-sensi bħalma huwa l-użu tal-mezzi awdjo-viżivi. Kull tant żmien, bħalma huwa fl-Avvent u fir-Randan, ikun f'waqtu jekk ikun propost "**Jum ta' silenzju**" li jkun 'black-out' voluntarju tat-television u/jew radio biex hekk wieħed jitgħallem ma jkunx dipendenti minn dawn il-mezzi u jagħraf jissostitwixxi r-relazzjoni "jien u t-TV" ma' "jien u int" u "jien u Alla" (ara M J K 1979).

72.

737. **It-tfal** għandhom id-dritt li jkollhom l-għajnuna tal-ġenituri u l-edukaturi sabiex jagħmlu l-għażliet tagħhom f'dak li huwa qari ta' kotba u perjodiċi. M'għandhomx jitħallew f'idejn it-tfal publikazzjonijiet li jeżaltaw il-vjolenza u l-erotiżmu. Għalhekk, ikunu

jagħmlu ħaġa tajba dawk il-ġenituri li jaqraw huma wkoll jew għall-inqas jiflu sewwa l-kotba u l-perjodiċi li jkollhom uliedhom (ara D P A Ż 54; M J K 1979).

73.

Il-ġenituri jistgħu jinfluwenzaw lil uliedhom l-aktar bl-**eżempju** li jagħtuhom: l-indifferenza tagħhom jew in-nuqqas ta' kontroll fuqhom infushom fl-użu tal-mass media jistgħu jkunu ta' ħsara għat-tfal u ż-żgħażagħ. *738.*

74.

Il-ġenituri u l-għalliema għandhom iħeġġu lit-tfal biex jagħmlu huma l-għażliet tagħhom tal-programmi, għad li l-edukaturi għandhom xi drabi jirriservaw għalihom id-deċiżjoni finali. Jekk huma jkollhom juru diżapprovazzjoni għall-mod kif it-tfal ikunu qed jużaw dawn il-mezzi, huma għandhom jispjegawlhom ukoll ir-raġunijiet ta' l-oġġezzjoni tagħhom għaliex il-**persważjoni** jkollha effett aħjar mill-projbizzjoni" (ara C P 67; D P A Ż 46). *739.*

75.

Qatt ma huwa kmieni żżejjed li wieħed jibda jrawwam fit-tfal il-**gost artistiku,** sens ta' kritika bir-reqqa u r-**responsabbiltà personali** mibnija fuq moralità soda. Huma jeħtieġu dan kollu sabiex ikunu jistgħu jagħżlu bil-għaqal minn fost il-publikazzjonijiet, films u programmi tax-xandir li jiġu offruti lilhom (CP n. 67). F'dan l-aspett ta' l-edukazzjoni ta' l-ulied jistgħu jagħtu kontribut siewi mhux biss il-familji u l-iskejjel, iżda wkoll l-għaqdiet kattoliċi u ċ-Ċentri Parrokkjali. Dawn iċ-Ċentri għandhom ikunu fornuti b'video cassettes, perjodiċi, u kotba addattati għal dan il-għan (ara D P A Ż 45; K P D IV, 24. 3). *740.*

76.

Tkun ħaġa siewja li l-edukaturi jieħdu **nota ta' xi whud mix-xandiriet,** films u publikazzjonijiet li l-iktar jinteressaw liż-żgħażagħ *741.*

afdati f'idejhom. Huma jistgħu jiddiskutuhom flimkien magħhom u dan igħin biex jiżviluppa s-sens kritiku tal-persuna (ara C P 68; D P A Ż 50).

77.

742. Meħtieġa aktar **responsabbiltà nisranija da parti taż-żgħażagħ** fil-għażla tal-programmi televiżivi, films, videos, eċċ. Hu oġġezzjonabbli u kontra l-liġi t'Alla dak li jeżalta l-abbuż tas-sess, il-vjolenza u l-aspetti negattivi oħra. Għal dan il-għan, waqt il-laqgħat formali u informali li jsiru miż-żgħażagħ, għandha ssir insistenza dwar l-etika nisranija rigward il-mass media u d-dinjità tal-bniedem (ara K P D IV, 3).

78.

743. Iż-żgħażagħ, l-aktar il-"leaders" tagħhom, għandhom jiġu mħajra jinteressaw ruħhom fil-**media education.** Minħabba f'hekk, minn żmien għal żmien għandhom jiġu organizzati korsijiet qosra u oħrajn fit-tul dwar il-ġurnaliżmu, drama, programmi awdjoviżivi, eċċ. Il-mexxejja taż-żgħażagħ għandhom iżommu ruħhom aġġornati f'din il-materja (ara K P D IV, 4).

79.

744. Huwa ta' min jirrikmanda **film forums jew video forums** fuq livelli differenti u f'ambjenti diversi, iżda speċjalment fost iż-żgħażagħ biex it-"teledipendenti" jiġu edukati sabiex jakkwistaw sens kritiku kristjan hekk li bil-mod il-mod isiru kapaċi jiġġudikaw dak li jaraw fuq il-media u jassimilaw dak biss li hu validu u meritevoli u jagħmlu kritika kostruttiva (ara D P L 56; K D P IV, 2. 1).

80.

745. Il-Film Forums huma laqgħat li fihom, wara li tkun saret introduzzjoni tajba, u wara li jkun intwera l-film, isir dibattitu mmexxi fi klima ta' djalogu sinċier u spontanju. Dawn il-laqgħat għandhom jiġu

organizzati ta' spiss u jkunu mmexxija minn nies kompetenti fis-suġġett. Tiġi studjata l-possibilità li dawn il-film forums jibdew isiru wkoll fuq bażi parrokkjali. Biex isir dan, għandu jitwaqqaf **panel ta' nies li għandhom esperjenza f'dawn il-forums** u b'hekk ikun żgurat livell tajjeb ta' dawn il-laqgħat (ara D P L 59).

81.

"Jixraq li jinħolqu xi **gruppi** bil-għan li jieħdu ħsieb isaħħu l-ħidmiet **ta' formazzjoni u prevenzjoni fil-kamp ta' l-edukazzjoni filmika,** possibilment b'dawn il-mezzi: laqgħat għall-membri tagħhom, kompetizzjonijiet b'rigali għall-membri fosthom l-istudenti, taħdidiet minn kelliema b'esperjenza fil-kritika tal-films, eċċ. (ara D P L 58). *746.*

82.

"Bħala għajnuna għal dawk li jixtiequ jiffurmaw kuxjenza dwar l-għażla tajba ta' programmi televiżivi, kull tant żmien il-Kummissjoni tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali għandha toħroġ xi **kriterji li jistgħu jorjentaw lill-Kattoliċi** f'dan il-qasam." *747.*

83.

L-insara, wara tagħlim sod li jiftħilhom għajnejhom għall-konsegwenzi koroh li jista' jkun hemm minn films ħżiena, għandhom iħossu li minn jeddhom jimpenjaw ruħhom li **fl-għażla tal-films** u tal-programmi tat-televiżjoni li jaraw ma jgħabbux il-kuxjenza tagħhom. *748.*

84.

Għalkemm huwa dmir kemm ta' l-istat li jħares il-moralità pubblika mill-perikli ta' l-abbużi tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali kif ukoll ta' l-awtorità tal-Knisja li tiggwida l-fidili ħalli jiffurmaw kuxjenza retta, madankollu din il-moralità tiġi tabilħaqq imħarsa jekk **iż-żgħażagħ** tagħna jkunu edukati għall-użu tajjeb ta' dawn il-mezzi (D P A Ż 8). *749.*

85.

750. Kull tant żmien għandu jsir **survey dwar l-użu tal-Media** fost iż-żgħażagħ u dwar kemm ħin jiddedikaw iż-żgħażagħ għall-media. Ikun ta' interess jekk wieħed jiskopri l-motiv għaliex medium huwa preferut minn media oħra (ara K P D IV, 36).

86.

751. Xieraq li meta tiġi ċċelebrata l-Ġimgħa tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali, ikun hemm "**Jum il-Film**". Din tkun okkażjoni tajba biex is-saċerdoti u l-edukaturi jitkellmu dwar id-dmirijiet tan-nisrani f'dan il-qasam u jippreparaw lill-insara biex maż-żmien ikunu jistgħu jagħmlu l-wegħda li ma jattendux films ħżiena (ara D P L 60).

87.

752. Biex tittaffa l-problema tas-solitudni ta' **l-anzjani** u tingħatalhom aktar kultura, huwa suġġerit li anke matul il-ġurnata, ikun hemm programmi tat-televiżjoni u tar-radju addattati għalihom. Ikun interessanti jekk l-anzjani jingħataw il-possibilità li jieħdu sehem f'xi programmi p.e. bil-'phone-in' u jiġu mitluba jagħtu l-esperjenza tagħhom (ara K P D IV, 21.1).

88.

753. Biex l-anzjani jiġu edukati iktar dwar il-mass media jista' jsir programm addattat għalihom b'ċerta regolarità **fiċ-Ċentri Parrokkjali.** Hemmhekk ikunu jistgħu jsegwu xi forma ta' "Film forum". Tiġi studjata l-possibilità ta' Istitut Kulturali għall-anzjani (ara K P D IV, 40).

89.

754. Jista' jkun utli jekk jinħoloq **'listening service'**. Persuni responsabbli għandhom jiġu avviċinati biex ikunu disponibbli għal xi ħin li jirċievu telefonati minn għand l-anzjani (ara K P D IV, 21. 2).

90.

Xieraq li fil-**Kors tat-Teoloġija għal-Lajċi,** jinkludi wkoll tagħlim dwar il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali. *755.*

EVANĠELIZZAZZJONI PERMEZZ TAL-MEDIA

91.

Il-Papa Piju XII ġà kien stieden il-Knisja biex tħares lejn il-komunikazzjonijiet soċjali mhux bħala theddida, imma bħala "don" (ara M P). Meta dawn il-mezzi huma wżati biex iwasslu l-**messaġġ tat-tama nisranija** u tal-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla, nistgħu ngħidu li nkunu qegħdin nassistu għal laqgħa misterjuża bejn il-possibiltajiet teknoloġiċi li jagħtuna l-komunikazzjonijiet soċjali u l-apertura ta' l-ispirtu tal-bniedem għall-messaġġ sabiħ u tal-għaġeb tal-Mulej (ara M J K 1989). *756.*

92.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri tal-fidi ma tistax titħalla barra mix-xandir permezz tal-mass media għax kull ma joħloq il-bniedem bid-dehen u l-għaqal tiegħu jista' jiġi mħaddem biex titwettaq **l-Evanġelizzazzjoni.** Però hu importanti li x-xandiriet liturġiċi jiġu mhejjija kif imiss u bl-approvazzjoni ekkleżjastika (ara M J K 1989). *757.*

93.

Il-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom post partikulari fil-programm tal-Knisja għar-**ri-evanġelizzazzjoni jew l-evanġelizzazzjoni l-ġdida** fid-dinja ta' llum (AN 11). Jistgħu jkunu mezz biex titwassal il-Kelma t'Alla, kif ukoll biex jingħata tifsir dwar il-liturġija u s-simboliżmu tagħha. Għal din l-evanġelizzazzjoni permezz tal-Mass Media kemm fid-Djoċesi kif ukoll fil-parroċċi għandu jkun hemm nies imħarrġa u kompetenti (ara K P D IV, 22). Huwa suġġerit li jsiru korsijiet kif isir użu aħjar tal-media, b'mod partikulari ta' dik li tissejjaħ 'alternative media'. *758.*

94.

759. Il-messaġġ u **l-valuri tar-reliġjon** nistgħu nsibuhom f'suriet kollha tal-mass media: fil-ġurnali, fil-kitba u fil-programmi awdjoviżivi ta' informazzjoni, fiċ-ċinema, fid-"data-banks" u fit-telematika, fit-tijatru u f'kull attività kulturali, fid-diskussjonijiet pubbliċi u fil-kummentarji dwar l-aħbarijiet, fis-servizzi għall-edukazzjoni tal-pubbliku, f'kull produzzjoni tal-gruppi tal-media, fil-"cartoons", fl-għamliet kollha li bihom illum jixxandru kitbiet letterarji, fl-"awdjo" jew "video recordings", u waqt is-smigħ tar-radju, eċċ. (ara M J K 1989).

95.

760. Quddiem ir-realtà ta' dawn il-mezzi tal-komunikazzjoni, wieħed jinnota mhux biss il-qawwa li għandhom dawn il-mezzi biex jittrasmettu messaġġi u valuri; imma wkoll il-kultura emerġenti minnhom li għandha lingwaġġi ġodda, teknika ġdida u atteġġjamenti psikoloġiċi ġodda. Din hija sfida biex ikunu introdotti **adattamenti ġodda** minn dawk responsabbli mill-evanġelizzazzjoni jekk iridu li joħolqu komunikazzjoni mal-bniedem ta' llum (ara R M 37; A N 11).

96.

761. Permezz ta' ħidma kordinata bejn is-Segretarjat għall-Mezzi Komunikazzjoni Soċjali u s-Segretarjati għal-Liturġija u għall-Katekeżi, jitfassal programm kif il-media, bħalma huwa l-"fotolingwaġġ" u "slides", jistgħu jintużaw fil-**Liturġija** u waqt il-**katekeżi.**

97.

762 Filwaqt li d-Djoċesi tibqa' tagħti s-sehem tagħha fit-tmexxija u l-produzzjoni tal-programmi tar-**Radju tal-Knisja**, l-**RTK**, speċjalment bl-użu tat-tagħmir u l-awdjo-studio tal-Media Centre Djoċesan, tiġi studjata l-possibilità li l-istess tagħmir u studio jintużaw biex isiru trasmissjonijiet diretti minn Għawdex.

Biex in-numru ta' semmiegħa li jsegwu r-Radju tal-Knisja, l-RTK, ikompli jikber, huwa importanti li ssir pubblikità dwar il-programmi tal-RTK b'avviżi fuq in-notice-boards tal-Knisja u taċ-Centri Parrokkjali, fuq il-Bullettin tal-Ħadd, eċċ.

98.

L-istampa hija mezz kbir ta' **evanġelizzazzjoni.** Għalhekk il-kattoliċi għandhom jinqdew biha biex jirċievu u jwasslu l-messaġġ ta' Kristu. L-istampa għandha sservi biex tqarreb il-bniedem lejn Alla u l-bnedmin lejn xulxin (ara D P L 46). *763.*

99.

Hemm lok għal iktar inizjattivi fil-qasam ta' l-**istampa għat-tfal,** u ta' użu iktar tagħhom, iżda jeħtieġ tkun ippreżentata tajjeb, inkluż stampar possibilment bil-kulur. Dawn jistgħu jkunu kemm kotba kif ukoll stejjer mill-Iskrittura, eċċ. *764.*

100.

Jaqbel li l-Knisja lokali tidħol fi djalogu ma' dawk responsabbli mill-mass media (A N 8). Il-Media Centre tad-Djoċesi, is-Soċjetà 'Lumen Christi', l-għaqdiet Drammatiċi u gruppi simili jkunu joffru kontribut siewi jekk **jaħdmu flimkien ma' aġenziji u enti kulturali** biex jitwassal aħjar il-messaġġ reliġjuż. Dan id-djalogu jkun faċilitat jekk il-parroċċa jkollha l-uffiċċju tal-PRO tagħha biex tkun tista' żżomm kuntatt ma' l-istampa u x-xandir. *765.*

101.

Id-Djoċesi għandha tinqeda bis-servizz ta' l-awtorità tax-**xandir ta' l-istat** u żżomm relazzjonijiet magħhom permezz tar-rappreżentant li għandha fil-bord tax-xandir reliġjuż minn fuq ix-xandir ta' l-istat. *766.*

102.

767. Fl-iskeda tal-programmi tax-Xandir ta' l-Istat (television u radju), ikun hemm aktar **programmi** kemm dawk b'ispirazzjoni nisranija, kif ukoll **produzzjonijiet** imtella' mill-Knisja (ara K P D IV, 22).

103.

768. Il-komunità nisranija tistenna li l-**programmi reliġjużi** fuq ix-xandir għandhom jiżdiedu, partikularment fuq it-televiżjoni, u għandhom jiġu mħejjija b'attenzjoni u rispett għas-semmiegħa. Id-Djoċesi t'Għawdex għandha tingħata sehem ikbar fil-programmi reliġjużi (ara K P D IV, 23).

104.

769. Il-Knisja f'Għawdex, konvinta li għandha tagħmel użu mir-riżorsi ġodda li qed jipprovdulha l-iskoperti tal-bniedem fit-**teknoloġija tal-kompjuter**, wara li introdućiet is-sistema tal-kompjuterazzjoni fil-Kurja u fil-parroċċi, tkompli tistudja kif dan il-mezz jista' jkun aktar effiċjenti fl-organizzazzjoni pastorali. (ara M J K 1990).

105.

770. Il-Media Centre Djoċesana torganizza **librerija b'cassettes,** videos, slides, programmi tal-computers, u materjal li jkun jista' jservi ta' sussidju pastorali għall-parroċċi u l-għaqdiet (ara K P D IV, 43).

106.

771. Bil-faċilità li joffri s-**sistema tal-kompjuters**, wieħed jista' jaħżen 'data' b'tali mod li l-operaturi tal-pastorali u dawk kollha interessati jista' jkollhom aċċess immedjat għal tagħrif dwar it-tagħlim u t-tradizzjoni tal-Knisja, il-kliem tal-Kotba Mqaddsa, it-tagħlim tal-imgħallmin kbar fl-ispiritwalità, l-istorja u tat-tradizzjonijiet tal-knisja lokali, l-Ordnijiet Reliġjużi eċċ. Ghal dan il-għan, jista' jkun hemm librerija ċentrali tal-programmi għall-computer li jinxtraw minn barra (ara M J K 1990).

107.

Waqt li tinnota l-immedjatezza u l-effiċjenza tal-**videotex u teletext** fil-mod kif tgħaddi l-informazzjoni, il-Knisja għandha tistudja u tipprepara ruħha kif, meta jkun il-waqt, dawn is-sistemi jintużaw biex iwasslu tagħrif relatat mal-ħajja ekkleżjali. *772.*

108.

Il-Media Centre Lumen Christi tforni lill-parroċċi u għaqdiet b' cassettes, videos, programmi tal-computers, eċċ. mhux biss għall-użu tat-tfal u taż-żgħażagħ, iżda wkoll għall-anzjani, morda, u għall-familji u tara li dawn qed jitwasslu lilhom (ara K P D IV, 43). *773.*

IRTIRI SPIRITWALI U GRUPPI TA' TALB

A. L-IRTIRI SPIRITWALI

1.

774. **L-irtiri,** aġġornati skond il-mentalità tal-bnedmin ta' żminijietna, jistgħu jkunu mezz siewi sabiex l-Ispirtu s-Santu jkompli l-ħidma moħbija tiegħu fl-erwieħ.

2.

775. Meta n-nisrani jsib ruħu fl-**atmosfera qaddisa ta' l-irtiri,** ikun qed jagħti pass deċisiv 'il quddiem sabiex iġedded il-ħajja tar-ruħ tiegħu sa mis-sisien tagħha u jkun jista' mbagħad jagħti s-sehem tiegħu ħalli tinbena dinja aħjar li fiha l-bnedmin igħożżu l-valuri spiritwali u jħarsuhom. (ara I C 31.7.1974).

3.

776. L-irtiri li matulhom gruppi ta' saċerdoti jew insara jiltaqgħu flimkien sabiex jimmeditaw fuq il-Kelma t'Alla u jitolbu f'ġabra iktar mis-soltu, huma bħal **ċenakli providenzjali**, fejn il-qlub ġenerużi, bil-qawwa tal-grazzja, jisimgħu leħen il-Mulej li jistedinhom isiru koperaturi fidili għall-fidwa tad-dinja, hu x'inhu l-istat tal-ħajja li fih qegħdin jgħixu. (ara M N).

ORGANIZZAZZJONI TA' L-IRTIRI:

4.

777. L-irtiri kollha ta' kull kategorija għandu jkollhom:

a) **Mumenti ta' ġabra u skiet** u anke silenzju intern.

b) **Mumenti ta' talb komunitarju**: Quddiesa, 'prayer-meetings', kant, eċċ.

c) **Mumenti ta' mistrieħ**, għall-moħħ u għall-ġisem, twil jew qasir, skond it-tul tal-ħin ta' l-irtir, l-ambjent u l-kategorija tan-nies preżenti għall-irtir. Huwa bżonnjuż l-iżjed bejn laqgħa u oħra għar-riflessjoni personali ta' dawk li qed jagħmlu l-irtir. Dan is-suġġeriment jgħodd l-aktar għal meta jkun hemm 'preached retreat', iżda bit-tibdil meħtieġ jistgħu jiġu segwiti f' 'directed retreat' jew fl-irtir ta' wieħed waħdu.

5.

Biex irtir ikun jista' jimxi sewwa, jeħtieġ li **n-numru tal-parteċipanti jkun limitat.** Jekk in-numru ta' dawk li jattendu jkun kbir u jrid isir flimkien, jaqbel li jkun hemm mumenti meta l-membri jinqasmu fi gruppi biex ikunu jistgħu jħossuhom iktar liberi li jagħtu s-sehem attiv tagħhom fir-riflessjonijiet personali fit-talb u l-meditazzjoni komunitarja. *778.*

6.

L-irtir m'għandux jieħu xejra ta' ħarġa, ġurnata ta' mistrieħ jew okkażjoni biex jiltaqgħu l-ħbieb, iżda **jum ta' mpenn** għall-progress spiritwali ta' l-individwu. Minkejja dan, ikun aħjar jekk dawk li jieħdu sehem fl-irtir ikunu membri ta' gruppi omoġenji. *779.*

7.

Billi l-irtir huwa **żmien ta' riflessjoni**, ma jaqbilx li jieħu forma ta' diskussjoni. Però, jistgħu jiġu permessi konverżazzjonijiet u bdil ta' esperjenza spiritwali, iżda dejjem taħt it-tmexxija tad-direttur ta' l-irtir u f'relazzjoni mat-temi li jkunu qed jiġu ttrattati. *780.*

8.

Il-'Question Box' hija aċċettabbli sakemm il-mistoqsijiet ikunu ta' natura spiritwali. *781.*

L-AMBJENT:

9.

782. Biex irtir isir sewwa jeħtieġ **ambjent tajjeb:**

a) 'Il bogħod mill-ħsejjes tat-traffiku, jekk jista' jkun.

b) Kbir biżżejjed biex jesa' l-membri li jattendu.

c) Ikun fih kappella spazjuża u komda (b'seating sewwa għal kulħadd).

d) Ikun hemm sala kbira għall-konferenzi, biex ma jsirx kollox fil-kappella.

e) Ikun hemm kmamar biżżejjed u bil-kumditajiet neċessarji għall-membri, speċjalment jekk l-irtir ikun ta' iktar minn ġurnata.

f) Sala tal-pranzu jekk l-ikel ikun se jsir fl-istess post.

g) Ikun hemm ground jew ġnien fejn wieħed ikun jista' jippassiġġa bil-libertà fis-silenzju waqt il-ħinijiet preskritti.

10.

783. Wieħed għandu **jevita** postijiet fejn ikun hemm **ħwejjeġ tal-logħob.** Dawn qatt m'għandhom jintużaw fl-irtir għall-ebda raġuni. Għandhom **jitħallew fil-ġenb** ukoll it-**television** u l-**ġurnali** għax dawn ukoll huma distrazzjoni għall-ġabra interna.

11.

784. Fil-post fejn isir l-irtir m'għandha ssir ebda attività li tfixkel il-klima indispensabbli għall-**ġabra waqt l-irtir.**

12.

785. **Is-silenzju** m'għandux ikun biss b'mod passiv, iżda li jagħti spinta lill-individwu li ġie għall-irtir biex jidħol bil-mod il-mod f'attività u relazzjoni personali miegħu nnifsu u m'Alla. Jeħtieġ li jkun hemm talb awtentiku u titlob ifisser: taħseb, tiftakar, trid, tixtieq..."titkellem bħal

ħabib ma' ħabib ieħor, jew qaddej ma' l-imgħallem tiegħu", titlob xi grazzja, takkuża lilek innifsek minn xi ħtijiet, tikkomunika d-diffikultajiet tiegħek, titlob parir, fi kliem ieħor, tidħol f'attività spiritwali – tħaddem l-intelliġenza u l-volontà.

13.

a) Tajjeb li fejn ikun se jsir l-irtir ikun hemm diġà mwaħħla mal- *786.*
kurituri, **'charts' bi 'slogans' spiritwali** biex jgħinu lill-membri għar-riflessjoni. Dawn iċ-'charts' juru l-ideal u l-iskop li għalih qed isir l-irtir.

b) Jixraq li fejn isiru l-irtiri, ikun hemm **librerija** b'kotba u rivisti ta' letteratura spiritwali.

c) Ikun hemm xi **tapes** b'xi 'soft music' jew mużika reliġjuża, li jkunu jistgħu jindaqqu waqt l-ikel.

d) Tapes oħrajn b'diskorsi tal-Papa u ta' xi predikaturi oħra, li jkunu jintużaw meta wieħed jagħmel l-irtir waħdu.

L-ORARJU:

14.

Tajjeb li l-**orarju** (programm) ta' l-irtir jiġi mfassal mill-organizzatur *787.*
flimkien mas-saċerdot li jkun se jagħti l-irtir.

15.

L-orarju għandu jiġi mfassal u **adattat għall-mentalità u l-katego-** *788.*
rija tal-membri li jkunu se jattendu.

16.

a) L-orarju għandu jkun magħmul b'mod li jagħti ċans lill- *789.*
individwi li qed jieħdu sehem fl-irtir biex jagħmlu esperjenza personali ta' **tfittxija profonda** ta' Alla u ta' għaqda miegħu.

b) Għandu jkun hemm **ħin biżżejjed** li fih dawk li qegħdin jagħmlu l-irtir ikunu jistgħu **jkellmu privatament lil min imexxi l-irtir.**

17.

790. L-orarju għandu **jiġi segwit fedelment.** Tajjeb li jkun hemm persuna magħrufa minn qabel minn kulħadd biex tirregola l-ħinijiet tal-programm.

18.

791. Huwa rrikmandat ħafna li l-irtir jibda u jispiċċa fil-**ħin preskritt.** Jekk l-irtir ikun għal iktar minn ġurnata, tkun ħaġa tajba li fil-bidu jkun hemm ftit tal-ħin li fih dawk li se jieħdu sehem jiltaqgħu u jsellmu lil xulxin.

19.

792. Biex iktar ikun hemm faċilità u ħin disponibbli għal dawk li jixtiequ jqerru, tajjeb li mas-saċerdot li jagħti l-irtir ikun hemm **saċerdot/i oħra biex iqarru.**

IRTIRI TAL-LAJĊI:

20.

793. **L-irtiri organizzati għaż-żgħażagħ** u għall-kbar jistgħu jkunu ta' ġurnata, tnejn jew iktar, skond il-preparazzjoni intellettwali u spiritwali kif ukoll is-saħħa fiżika ta' l-individwu.

21.

794. a) Għandha ssir **distinzjoni bejn l-irtiri li jsiru għal-lajċi mpenjati u oħrajn ta' ħajja ordinarja.** Għal-lajċi ordinarji, l-irtiri jiswew ta' spinta għall-ħajja verament nisranija jew ta' konverżjoni. Għal-lajċi impenjati, l-irtiri jservu ta' skola għall-formazzjoni spiritwali iktar profonda.

b) Tajjeb li l-**lajċi ordinarji** jiġu mħajra u ppreparati għall-irtiri ta' ġurnata, ġranet ta' studju jew ta' talb.

c) Hija ħidma ta' importanza kbira li **jiġu mistiedna gruppi ta' fidili,** b'mod speċjali ta' żgħażagħ, speċjalment f'xi okkażjoni speċjali tal-ħajja tagħhom.

22.

Meta jsiru **għall-membri tal-għaqdiet reliġjużi,** xebbiet u ġuvintur, *795.*
m'għandux ikun hemm differenza kbira ta' età fost dawk li jagħmlu l-irtir.

23.

L-irtiri organizzati mill-għaqdiet m'għandhomx ikollhom biss *796.*
bħala tema dak li jolqot lill-parteċipanti f'relazzjoni mal-għaqda tagħhom, imma għandu jkun hemm, qabel kollox, approfondiment tal-ħajja spiritwali ta' kull individwu.

24.

L-irtiri li qed jiġu organizzati **għall-miżżewġin** għandhom ikunu *797.*
skond il-possibiltà ta' ħin li huma, bħala miżżewġin, jistgħu joffru.

25.

Anke **għall-kategorija tal-miżżewġin** għandu jkun hemm għażla *798.*
bejn dawk miżżewġin żgħażagħ u dawk li huma adulti.

26.

Id-diriġenti tal-għaqdiet, għandu jkollhom il-possibiltà li jagħmlu *799.*
irtir flimkien għall-approfondiment spiritwali tagħhom infushom u biex ikunu jistgħu jgħaddu l-esperjenza tagħhom spiritwali fl-għaqdiet li tagħhom huma responsabbli.

27.

Qatt m'għandna nemmnu li **l-età żgħira** hija ta' tfixkil fit-triq lejn *800.*
il-perfezzjoni. "Kien hemm u għad ikun hemm qaddisin fost iż-żgħar", qal il-Papa San Piju X. Aħna nafu li l-età korporali ma tippreġudikax ir-ruħ, allura l-bniedem anke fl-età żgħira tiegħu jista' jakkwista l-perfezzjoni ta' l-età spiritwali.

28.

801. Biex wieħed ikun jista' jattendi għall-irtir jeħtieġ li jkun laħaq **l-età tar-raġuni** u jrid ikun kapaċi jgħaqqad l-ideat tiegħu ma' dak li jkun jisma' mingħand ħaddieħor.

29.

802. **Fl-irtir għat-tfal** għandu jkun hemm persuna jew persuni li jieħdu ħsieb it-tfal biex igħinuhom u jdarruhom fil-ġabra li jitlob l-irtir.

30.

803. Għall-irtir tat-tfal tajjeb li jintagħżel saċerdot li jkun kapaċi **jinżel għal-livell** u l-mentalità tagħhom.

31.

804. **Id-diskorsi** waqt l-irtir għat-tfal għandhom ikunu **qosra** u wieħed jista' jinqeda anke b'xi filmini li jgħinuhom għar-riflessjoni.

KUMITAT TA' L-IRTIRI:

32.

805. a) **Il-persuni responsabbli mill-organizzazzjoni** ta' kull irtir għandhom iżommu 'record' ta' l-attendenza għall-irtir bl-ismijiet tal-persuni u mhux sempliċement numri.

b) **Kopja tar-'record' ta' l-attendenza** bid-dettalji kollha għandha tinżamm fil-'file' ta' kull organizzazzjoni u kopja oħra tintbagħat lill-Kumitat.

c) Formoli għal dawn ir-'records' **jinkisbu** mill-Kumitat Irtiri, Uffiċċju Pastorali tal-Kurja ta' l-Isqof.

33.

806. Fil-waqt li tinżamm il-libertà ta' kull organizzazzjoni għall-għażla tas-suġġett għall-irtir partikulari, l-organizzaturi huma mitluba li jikkonsultaw lill-Kumitat Irtiri dwar is-suġġett ta' l-irtir biex dejjem jimxu skond il-**pjan pastorali djoċesan.**

34.

Il-Kumitat jipprovdi lista' ta' saċerdoti disponibbli biex jagħtu l-irtiri. *807.* Bħala **direttur ta' l-Irtir,** bħala regola għandu jintagħżel saċerdot imżejjen bil-għaqal u bil-qdusija u b'esperjenza li jagħti l-irtiri, anke jekk ma jkunx inkluż fil-lista. F'każijiet eċċezzjonali, id-direttur jista' ma jkunx saċerdot, basta jkun persuna kwalifikata u mgħejjuna minn saċerdot jekk ikun hemm bżonn.

35.

Qabel ma tiġi ffissata d-data ta' l-irtir, l-organizzatur għandu jara li din *808.* **id-data** tiġi konfermata mill-kumitat.

36.

a) Tajjeb li fi tmiem kull irtir titqassam formola maħruġa mill- *809.* Kumitat Irtiri, li fiha kull min ħa sehem fl-irtir ikun jista' jniżżel x'jogħġbu u x'ma jogħġbux u jagħmel **is-suġġerimenti** tiegħu.

b) Tkun ħaġa siewja li min imexxi l-irtiri **jħejji sintesi** biex fi tmiem l-irtir titqassam lil dawk li ħadu sehem fih.

B. IL-GRUPPI TA' TALB

37.

Il-gruppi ta' talb mhumiex xi ħaġa ġdida għax dejjem kienu jeżistu taħt *810.* xi għamla jew oħra fil-Knisja, imma nistgħu ngħidu li fi żminijietna saret riskoperta u din l-esperjenza spiritwali qed issir dejjem iktar popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ. Fihom isir **talb komunitarju** bil-kliem jew bis-silenzju.

38.

Biex dawn il-gruppi ta' talb **ma jitilfux il-valur tagħhom,** jeħtieġ li *811.* dawk li jieħdu sehem fihom ikunu persważi li ltaqgħu biex jitolbu, u kull wieħed jieħu sehem u jesprimi t-talb personali tiegħu taħt it-tmexxija ta' min ikun jippresiedi l-laqgħa.

39.

812. Huwa importanti li l-parteċipanti jkollhom **fidi qawwija fil-preżenza ta' Kristu** li qal li fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi, jien inkun fosthom (Mt 18:20). Jeħtieġ ukoll illi huma jżommu dejjem l-għaqda mal-Knisja hekk li jkunu jidhru fihom il-"Kriterji Fundamentali" li minnhom jingħarfu l-Assoċjazzjonijiet tal-lajċi nsara fil-Knisja msemmija fl-eżortazzjoni apostolika "*Christifideles Laici*" (nru. 30):

a) Isegwu l-għan ewlieni ta' l-insara, cioè **l-vokazzjoni għall-Qdusija.**

b) **Jilqgħu l-verità tal-Fidi Kattolika** u jxandruha f'ubbidjenza lejn il-Maġisteru tal-Knisja.

c) Iżommu x-**xirka mal-Papa u ma' l-Isqof Djoċesan.** Ikunu disposti li jaħdmu flimkien ma' assoċjazzjonijiet tal-Knisja.

d) Il-għan tagħhom ikun jaqbel ma' **l-għan Apostoliku tal-Knisja.**

e) Jimpenjaw li **jkunu preżenti fi ħdan is-soċjetà** b'mod li, fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-knisja, iħabirku biex iħarsu d-dinjità sħiħa tal-bniedem.

40.

813. F'dawn il-gruppi għandu jkun hemm **riflessjoni fuq il-Kelma ta' Alla** u dan sabiex dawk li jieħdu sehem fihom iduqu iktar il-benna spiritwali u l-gruppi jsiru dejjem iktar kif tixtieqhom il-Knisja (ara C T 47).

41.

814. Kull grupp ta' talb jeħtieġ li jkollu **persuna responsabbli** mit-tmexxija tiegħu u l-għażla tagħha ssir skond l-istatuti. Il-perjodu taħatra jkun għal sentejn jekk ma jingħadx mod ieħor fl-Istatut. Is-segretarjat tal-lajċi li hemm fil-Kurja għandu jiġi nfurmat biex tintalab il-konferma tan-nomina tiegħu. Jixraq li, għall-inqas ta' kull sena, jintbagħat lis-segretarju rapport tal-ħidma u tal-laqgħat li jkunu saru.

42.

Ikollu wkoll **saċerdot magħżul mill-isqof** jew bl-approvazzjoni tiegħu li jiggarantixxi l-ħarsien tat-tagħlim awtentiku u tal-liġijiet tal-knisja. Is-saċerdot għandu jżomm dejjem ir-'role' tiegħu ta' saċerdot bla ma jitnaqqaslu xejn, sewwa fil-kamp tat-tagħlim kif ukoll fil-kamp liturġiku. Fil-qadi tal-ministeru tiegħu għandu jkun sottomess għall-awtorità ta' l-ordinarju. *815.*

43.

Jekk f'dawn il-laqgħat ta' talb ikun hemm **il-quddiesa,** bħala regola din għandha ssir f'post sagru iżda tista' tintalab u tingħata eżenzjoni għal żmien limitat. *816.*

44.

Qabel ma jibda grupp ta' talb f'xi parroċċa, għandu **jiġi nfurmat u jintalab il-kunsens tal-kappillan** li jista' wkoll, jekk irid, jikkonsulta l-presbyterium. Il-Kurja għandha tiġi nfurmata bil-miktub fi żmien xahar mill-bidu tiegħu. *817.*

45.

M'għandu jkun hemm xejn li jtellef lill-imseħbin tal-gruppi ta' talb li jieħdu **sehem fil-funzjonijiet li jsiru fil-parroċċa** tagħhom fl-okkażjoni tal-Festa Titulari, tas-Settimana Santa u f'xi okkażjonijiet oħra ndikati mill-Kappillan. *818.*

46.

Jixraq li n-nies li jidħlu fil-gruppi ta' talb **jippreferixxu dawk tal-parroċċa** tagħhom. *819.*

47.

Kull grupp ta' talb, barra milli josserva dawn in-normi, jista' jfassal l-**istatut** tiegħu basta jkun konformi magħhom u jiġi sottomess għall-approvazzjoni ta' l-Isqof. *820.*

Kemm fl-istatut kif ukoll fl-imġieba tal-membri, jeħtieġ li jitħarsu l-kriterji fundamentali ta' l-ekkleżjalità msemmija fin-n. 30 ta' l-Eżortazzjoni Apostolika "Christifideles Laici".

IS-SENS NISRANI TAL-FESTI

A. IS-SENS UMAN U NISRANI TAL-FESTI

1.

821. **Il-Festa u l-Kult:** Il-festa hija waħda mill-espressjonijiet ta' l-ispirtu komunitarju tal-bniedem. Fir-reliġjonijiet kollha, il-festa hija element essenzjali tal-kult. Bil-festa, il-poplu jiċċelebra bil-ferħ il-ġrajjiet tal-ħajja tal-qaddis, jiżżi ħajr lil Alla, u jitlob xi grazzji.

2.

822. **Mumenti ta' Qawmien Spiritwali:** Il-festi reliġjużi huma xhieda ta' fidi u ħajja nisranija, u għalhekk il-festi għandhom iwasslu għallaqgħa privileġġjata bejn Alla flimkien mal-Qaddisin u l-Poplu t'Alla.

3.

823. **Il-Festi u l-Istorja tas-Salvazzjoni:**

a) Il-festi nsara huma ċċelebrati biex ifakkru l-istorja tas-salvazzjoni li għandha bħala ċentru tagħha l-Persuna u l-Ħajja ta' Kristu li għandha bħala l-qofol tagħha l-Misteru tal-Għid.

b) **Il-festi tal-qaddisin** ma għandhomx jiġu mogħtija importanza aktar mill-festi li jfakkru l-Misteri tas-Salvazzjoni.

c) Il-Knisja trid li l-festi jiġu ċċelebrati b'tali mod li tiġi **rrispettata ċ-ċentralità ta' Kristu,** li minnu ġejja kull qdusija.

d) Il-Festa lejn il-Qaddis għandu jkollha **orjentament Kristu-Ċentriku,** u ma nistgħux nittraskuraw lil Kristu biex nikkonċentraw fuq il-Qaddis.

4.

824. **Fundament Bibbliku:** il-festa għandha fundament bibbliku. Difatti anke fit-Testment il-Qadim jissemmew diversi festi tal-Poplu t'Alla.

Għalhekk il-Knisja waqqfet il-festi mżewqa b'manifestazzjonijiet esterjuri u popolari u daħħlithom fil-Kalendarju liturġiku. Anzi ġie li "għammdet" festi pagani u tathom xejra nisranija.

B. IL-QIMA LILL-QADDISIN FIL-FESTI

5.

Post xieraq b'tifkira tal-Qaddisin: Matul is-sena għandu jingħata post xieraq għat-tifkira tal-Martri u l-Qaddisin kollha, li laħqu l-perfezzjoni bil-għajnuna tal-grazzja t'Alla, li qegħdin fis-sema jfaħħru lil Alla u jidħlu għalina quddiemu. *825.*

6.

Oġġetti ta' Kult Relattiv: Xbihat, statwi u relikwi huma oġġetti ta' kult relattiv u għandhom iservu biss biex jirrendu t-tifkira tal-qaddis aktar ħajja u intelliġibbli. *826.*

7.

Qima lill-Qaddisin: Għandha tingħata qima lill-Qaddisin. Dan jurihulna ċar id-dokument tal-Konċilju "Lumen Gentium" nr. 50. "Ma nivvenerawx biss it-tifkira tal-Qaddisin għall-eżempju tagħhom, iżda fuq kollox sabiex il-għaqda tal-knisja fl-ispirtu tkun imsaħħa fl-eżerċizzju ta' l-imħabba ta' l-aħwa." (Ef. 4: 1-6). *827.*

8.

Mill-Qaddisin għal għand Kristu: Kull wirja ta' mħabba magħmula lill-qaddisin, min-natura tagħha stess, hi indirizzata lejn Kristu, "il-kuruna tal-qaddisin kollha" u minnu lejn Alla, li hu ta' l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu u li fihom hu glorifikat. *828.*

9.

Il-vera qima lill-Qaddisin: il-vera qima lill-qaddisin ma tikkonsistix tant fil-multiplikazzjoni ta' l-atti esterni daqskemm l-intensità ta' *829.*

l-imħabba attiva tagħna li biha għal aktar ġid tagħna u tal-Knisja, infittxu li waqt li nidħlu f'komunjoni magħhom nitgħallmu nieħdu l-eżempji mill-ħajja tagħhom u niksbu l-għajnuna tat-talb tagħhom għalina.

10.

830. **Il-Qima lill-Qaddisin u lil Alla:** Ir-rabta tagħna mal-Qaddisin, sakemm tiġi miżmuma fid-dawl tal-fidi, ma tnaqqas xejn il-qima latrewtika mogħtija lil Alla l-Missier permezz ta' Kristu fl-Ispirtu s-Santu, anzi tintensifikaha.

C. ASPETTI U SKOPIJIET TAL-FESTI

11.

831. **Biex il-Festa jkollha sens:** Il-festa nisranija għandha sens biss jekk tkun, kif suppost tkun, "mument qawwi ta' l-ispirtu li jrid igħix mill-ġdid ir-rikkezzi kbar tal-fidi". Jekk il-festi ma jwasslux għal-laqgħa privileġġjata ma' Alla...jiġu żvojtati mill-veru skop tagħhom.

12.

832. **Aspetti u Skopijiet:** Il-Festi huma karatteristika ta' pajjiżna. Għandhom ħafna aspetti u skopijiet tajbin, fosthom: skop soċjali, artistiku, kummerċjali u kulturali. Iżda biex il-festa tibqa' awtentikament nisranija, ma għandux jiġri li l-iskopijiet sekondarji msemmija hawn fuq ixejnu jew jgħaddu 'l-Iskop Ewlieni tal-Festa li hu l-Iskop Spiritwali cioè l-qdusija u qawmien spiritwali tal-Poplu t'Alla.

D. ELEMENTI POŻITTIVI LI JAGĦNU L-FESTI NSARA

13.

833. **Interjorità:** Il-festa qabel xejn hi ċelebrazzjoni tal-bniedem interjuri, ġrajja importanti u qawwija għall-ispirtu li jrid jgħix ir-rikkezzi kbar tal-fidi. Jekk il-festa hi biss esterjuri, kollox minn barra, il-festa hi farsa, hi gidba.

14.

Liturġiċità: Il-Festa nisranija hi ċelebrazzjoni ta' "Alla li ġej biex isalva". Hi laqgħa ferrieħa tal-Mulej. Għalhekk biex il-festa tkun festa ta' fidi, irridu nesprimuha fil-Liturġija u permezz tal-Liturġija. Jixraq, għalhekk, li meta wieħed ikun qed jippriedka fuq il-qaddisin, jaddatta ruħu wkoll għaċ-Ċiklu tas-Sena Liturġika. *834.*

15.

Il-Komunjoni: Fil-Festa jrid ikun hemm parteċipazzjoni ta' kulħadd. Għalhekk hi okkażjoni ta' rikonċiljazzjoni, fraternità, imħabba u donazzjoni. M'hemmx festa jekk ma hemmx imħabba u għotja tagħna nfusna. Għalhekk il-festa awtentika qatt ma għandha tkun okkażjoni ta' firdiet, individwaliżmi u tilwim. *835.*

16.

Il-Kreattività: Il-festa jekk issir biss bħala drawwa ssir festa għajjiena u bil-mod il-mod tintefa. Għalhekk il-festa trid tkun okkażjoni li fiha jinħolqu inizjattivi ġodda għall-ġid u l-qdusija tal-komunità. *836.*

17.

Konkretezza: Il-festa mhix "ħarba mir-realtà", evażjoni jew aljenazzjoni. Hemm relazzjoni profonda bejn il-festa u r-realtà, bejn il-festa u l-impenn konkret. Għalhekk il-festa għandha sservi biex tqanqal lil kulħadd ħa jimpenja ruħu għall-ġid tal-komunità nisranija kollha kemm hi. Jgħidu li l-festa hi fil-qalb ta' dawk li jippreparawha. Il-festa qegħda aktar "fil-preparazzjoni" milli "fl-attwazzjoni" (ara G. Agostino, *Le Feste Religiose Del Sud*). *837.*

E. ELEMENTI NEGATTIVI LI JISTONAW FIL-FESTI NSARA

18.

It-tifsira Ġenwina u Awtentika: Fid-dawl ta' l-iżvilupp dottrinali u soċjali ta' żmienna, huwa meħtieġ li l-Poplu t'Alla jiskopri mill-ġdid it-tifsira **ġenwina u awtentika** tal-festa. *838.*

19.

839. **Jitneħħew Elementi Negattivi:** Għandu jsir sforz minn kulħadd biex jitneħħew mill-festi dawk l-elementi negattivi li b'xi mod jgħarrqu, iħassru jew jipprofanaw il-Festi. Eżempji:-

1) Meta l-festa hi **nieqsa mill-kontenut** u ma tilħaqx l-iskop ewlieni tagħha, cioè li l-komunità tikber fil-fidi u fl-imħabba.

2) Meta **tonqos id-dispożizzjoni nterna** fil-komunità u l-festa ma sservix biex issir bidla fil-qalb.

3) Meta jsiru użanzi li biż-żmien saru turija ta' **superstizzjoni.**

4) Meta jsiru **ħwejjeġ** li llum jidhru **bla sens u vojta.**

5) Meta fil-programm tal-Festi jidhru ċerti **elementi** li jmorru **kontra l-qdusija** tal-festa.

6) Meta l-**festa tiġi degredata** f'okkażjoni ta' nfieq żejjed jew spettakoli bla utilità, u fl-abbużi fit-tħejjija tal-logħob tan-nar.

7) **nuqqas ta' dixxiplina** fil-knejjes.

20.

840. **Tibdil fil-Mentalità:** Biex jiġu vvalorizzati aħjar il-festi, tinħass il-ħtieġa li:-

a) titneħħa l-**mentalità trijonfalista:** il-qaddis ma għandux jitqies qisu l-idolu tagħna. Il-qima ma tridx tieqaf fl-istatwa fiha nfisha, iżda fil-Qaddis li hi tirrappreżenta.

b) titneħħa l-**mentalità puerili:** il-festa ma għandhiex isservi biex nehdew fil-piki li huma frott ta' maturità żgħira u sinjal ta' tfulija mentali.

c) il-**mentalità parrokkjali.** Il-festa ma għandhiex isservi ta' iżolament u diviżjoni bejn komunità parrokkjali u oħra, imma jkun hemm sehem aktar devot u intelliġenti tal-komunità fil-festi li m'humiex parrokkjali.

F. RIVALUTAZZJONI TAL-FESTA

21.

Espressjoni ta' Fidi Awtentika: Iċ-ċelebrazzjonijiet esterni għandhom ikunu espressjoni ta' fidi awtentika u komunitarja addattata għaż-żminijiet tal-lum, u mhux wirja ta' teatrin parrokkjali jew okkażjoni ta' ferħ pagan. *841.*

22.

Riforma fil-Festi: Huwa meħtieġ li l-festi jigu msoffija u mnaddfa minn ċerti elementi li jistgħu jkunu:- *842.*

- jew superstizzjużi,
- jew skonvenjenti,
- jew mhux addattati għal żminijietna,
- jew mid-daqq tal-qniepen esaġerat.

23.

Mentalità Ġdida: Huwa meħtieġ li b'kull mezz tiġi ffurmata mentalità ġdida biex tagħti kontenut teoloġiku u liturġiku lil kull manifestazzjoni reliġjuża, u hekk il-festi ma jiddeġenerawx f'espressjoni pagana. Dan it-tiġdid pastorali għandu jkun gradwali, iżda, fl-istess ħin, enerġiku. Inkella, bil-mewġa tas-sekulariżmu li qed tinfirex, żgur ser jintemmu l-valuri reliġjużi tal-festi popolari. *843.*

24.

Il-Festi: Okkażjoni ta' **evanġelizzazzjoni** u **sagramenti:** Għandna nagħmlu tiġdid pastorali tal-festi b'tali mod li jkunu ta' okkażjoni ta' evanġelizzazzjoni u Sagramenti. Il-festa għalhekk għandha tiġma' lill-komunità madwar il-Mejda tal-Missier Alla. *844.*

a) għas-smiegħ tal-**Kelma t'Alla,**

b) għall-qsim tal-Ħobż ta' l-**Ewkaristija,**

c) għall-**karità.**

Dan għandu jkun il-qies li bih inkejlu l-valur pastorali tal-festi.

EVANĠELIZZAZZJONI:

25.

845. **Katekeżi tal-Festi:** Jiġu nkuraġġiti Noveni Bibbliċi, u katekeżi li għandha x'taqsam mal-Qaddis b'referenza għas-suġġetti varji tar-Reliġjon.

26.

846. Fin-noveni, fit-tridu u fil-**paniġierku** m'għandniex nippreżentaw lill-Qaddisin bħala figuri straordinarji u prodiġji u nesaġeraw. Iżda għandna nippreżentawhom bħala bnedmin li kkupjaw f'ħajjithom lil Kristu. (D C G 23).

27.

847. **Il-Ħajja tal-Qaddisin:** Għandna nieħdu punti mill-ħajja tal-qaddisin biex ngħallmu veritajiet importanti tar-Reliġjon u naddottaw forom ġodda ta' katekeżi.

Eżempji ta' Katekeżi:

a) Ċelebrazzjonijiet tal-Kelma t'Alla.

b) Quiz u Gara.

c) Pageants.

d) Servizzi reliġjużi b'mezzi awdjo-viżwali.

SAGRAMENTI:

28.

Rikonċiljazzjoni: Il-festa għandha toffri okkażjoni tajba u addattata biex issir ir-rikonċiljazzjoni m'Alla u ma' l-oħrajn. Għalhekk għandhom jiġu mistiedna konfessuri barranin u tiġi mogħtija katekeżi u preparazzjoni għall-Qrar, u tista' ssir xi Ċelebrazzjoni Penitenzjali Komunitarja. *848.*

29.

Ewkaristija: Billi l-għajn u l-quċċata tal-ħajja Nisranija hu l-Misteru tal-Għid li hu attwat fl-Ewkaristija, kull turija ta' kult tal-ħajja komunitarja għandha tiġi ċċentrata fl-Ewkaristija. *849.*

30.

Il-Qawmien Spiritwali: Il-festa għandha wkoll bħala skop ewlieni l-Qawmien Spiritwali tal-Parroċċa. Għalhekk għandha ssir insistenza għal frekwenza akbar għall-Funzjonjiet Liturġiċi. *850.*

G. PREPARAZZJONI GĦALL-FESTA

31.

Tfassil u Tqassim ta' Programm: Il-Kappillan bħala dak li għandu r-responsabbiltà tal-festa, għandu minn xhur qabel, jibda konsultazzjonijiet mal-korpi rappreżentattivi tal-parroċċa bħalma huma l-Kunsill Parrokkjali, il-Presbyterium, eċċ., biex jitfassal programm tajjeb u jitqassam ix-xogħol, u li jkun hemm sorveljanza ma' l-oġġetti ta' valur esponuti fil-Knisja. Hu tajjeb, li l-kumitat iħejji u jippubblika programm u jitqassam lil kull familja biex kulħadd ikun jaf x'ser isir, bid-dettalji kollha. *851.*

32.

852. **Festi ta' Ġewwa u Barra:** Għandu jkun hemm fehim u kollaborazzjoni bejn il-korpi li jieħdu ħsieb il-festi ta' ġewwa u ta' barra. Hekk il-festi jiġu mfasslin b'tali mod li **jirriflettu l-ispirtu nisrani** tagħhom u jkunu ta' profitt għall-parroċċa u għad-djoċesi kollha. Għal dan il-għan hija siewja ħafna l-koperazzjoni tal-Kumitat tal-Festa fejn jeżisti u li għandu jimxi skond l-istatuti tiegħu.

33.

853. **Parteċipazzjoni:** Bħalma festa ġo familja għandha tinteressa lil kull wieħed mill-membri, hekk il-festa tal-Parroċċa għandha tikseb parteċipazzjoni sħiħa minn kull membru tal-Parroċċa.

34.

854. **Il-Festa espressjoni ta' Fidi u Maturità:** il-festa parrokkjali, billi hija espressjoni tal-fidi u tal-maturità ta' l-insara, ma għandha qatt ikollha fiha elementi li jitfgħu dell ikrah fuq il-kredibilità tar-Reliġjon tagħna. Għalhekk min jidħol biex jammira t-tiżjin tal-Knisja, irid iġib ruħu sewwa u jkun liebes diċenti.

35.

855. **Budgeting:** Għandu jsir Budgeting minn qabel biex jiġi ffissat mill-Kumitati Parrokkjali

a) Kemm ser jintefqu flus,

b) Kemm kapaċi twassal il-Parroċċa,

c) F'hiex ser jintefqu l-flus, f'baned, f'mużika, f'nar, eċċ., eċċ.

B'hekk kollox isir **bil-moderazzjoni u bi skop,** u jiġi evitat ħela ta' flus fix-xejn, li hu offiża quddiem il-faqar tad-dinja. Ta' min ifaħħar l-inizjattivi karitattivi u għotjiet lill-missjoni jew lil opri oħra ta' karità li qed isiru mill-parroċċi fl-okkażjoni tal-festi.

36.

Il-Folklor: Billi l-festi huma wkoll wirt għażiż li ħallewlna missir- *856.*
ijietna, għandhom iżommu l-karatteristiċi tagħhom, u għandu jiġi ppreservat dak kollu li hu artistiku, kulturali, addattat u meqjus. (Eżempji: armar, tiżjin, dwal, ġigġifogu, marċijiet). Basta però l-folklor ma jbaxxix jew jitfi l-ispirtu nisrani tal-festa.

37.

Rigward **il-ħruq tan-nar** ta' l-art u ta' l-ajru huwa rrikmandat li jsir *857.*
bil-qies, f'ħinijiet xierqa u b'ċertu mod illi la jtellef il-funzjonijiet reliġużi u lanqas joħloq inkonvenjent gravi għal xi kategorija ta' nies. Kollox għandu jsir mingħajr ksur tal-liġijiet.

38.

Il-Ħruġ ta' l-Istatwa min-Niċċa: Billi l-ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa *858.*
huwa mument mistenni mill-komunità kollha, huwa ssuġġerit:

a) li ssir xi **Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla,** jew xi Feature Reliġjuż imżewwaq b'kant, talb u akklamazzjonijiet li jdaħħlu lill-komunità fl-ispirtu. Il-funzjoni tista' tispiċċa bl-offerti ta' fjuri mill-kategoriji kollha tal-parroċċa.

b) Li tinżamm fil-knisja **atmosfera reliġjuża,** u ċ-ċapċip isir bid-dekor li jixraqlu l-post qaddis kif inhi l-knisja.

39.

Edukazzjoni tal-Poplu għall-Marċijiet: Huwa meħtieġ illum aktar *859.*
minn qabel, li l-kumitati jedukaw lill-poplu dwar l-imġieba tiegħu fil-marċijiet. Il-marċijiet għandhom inisslu ferħ matur u nisrani u għalhekk għandhom jinqatgħu

– kull briju irresponsabbli,

– pika bla sens u

– għajjat isteriku bla skop u bla valur.

Kull espressjoni ta' ferħ għandha tkun moderata u responsabbli.

H. INIZJATTIVI PASTORALI

40.

860. **Il-Festa u l-Kategoriji tal-Parroċċa:** Biex jintlaħaq l-aspett komunitarju, fit-tfassil tal-programm bħala tħejjija għall-festa, għandna nagħtu każ ta' żewġ punti:

1) diversi huma l-kategoriji tal-parroċċa. Għalhekk fin-Novena, fil-Kwindiċina u fit-Tridu għandhom jidħlu dawk l-elementi kollha li jappellaw u jinteressaw lid-diversi kategoriji, bħal per eżempju:

a) Tfal

b) Żgħażagħ

c) Ommijiet – Missirijiet

d) Ħaddiema intellettwali u manwali

e) Emigranti

f) Anzjani, Morda u Ħandikappati

g) Residenti mhux Maltin, anke mhux Kattoliċi.

2) Diversi huma l-aspetti tal-qdusija tal-qaddis: Għalhekk il-ħajja u l-virtujiet tal-Qaddis għandhom jiġu applikati b'mod differenti skond il-kategorija li tkun.

41.

861. **Jum iż-Żgħażagħ:** Fil-ġurnata ddedikata għaż-żgħażagħ

– għandu jkun hemm **parteċipazzjoni sħiħa** minnhom, speċjalment mill-ġuvintur.

– tajjeb li **l-qdusija tal-qaddis** tiġi applikata b'tali mod li tkun addattata għall-mentalità tagħhom.

– **fil-mużika,** u fl-iżvolġiment tal-funzjoni, naraw x'inhuma l-gosti tagħhom.

– billi ż-żgħażagħ huma sensibbli ħafna għall-attivitajiet karitattivi, tajjeb li jagħmlu xi **attività filantropika** (eż. għoṭja ta' demm, żjara lill-Istituti, żjara lill-morda).

42.

Jum l-Emigranti: Jiġu mħeġġin biex jersqu lejn is-sagramenti u jkun hemm konfessuri biex iqarru bl-Ingliż ukoll, għat-tfal ta' l-emigranti. *862.*

– ġurnata mit-tridu/jew mill-festa tkun iddedikata għalihom.

– fiċ-ċerimonja jkun hemm parteċipazzjoni sħiħa mill-emigranti ta' diversi pajjiżi fit-talb tal-fidili u fil-preżentazzjoni ta' l-offerti. Tista' tiġi ppreżentata wkoll il-Bandiera Nazzjonali tal-pajjiż fejn jinsabu l-emigranti.

– l-omelija tkun ukoll tappella għalihom.

– issir laqgħa soċjali għall-emigranti.

43.

Jum ir-Residenti mhux Maltin: Jekk fil-parroċċa joqogħdu xi residenti Ingliżi u Barranin, tkun ħaġa utli li jsir xi servizz ekumeniku li jkun imżewwaq b'kant, talb u qari mill-Bibbja. Għal dan il-għan tajjeb li għal aktar dettalji jiġu konsultati l-Kummissjoni Emigranti u Turisti kif ukoll is-Segretarjat għall-Ekumeniżmu. *863.*

44.

Jum il-Karità: Billi l-parroċċa hija Komunità ta' Fidi, Komunità Liturġika u Komunità Karitattiva, jixraq li fil-festa niftakru fl-Istituti, fil-foqra, Hekk p.e. issir quddiesa tal-Ġenerożità, jiġu offerti ħwejjeġ, ikel, eċċ., u jsiru hampers lill-foqra u lill-Istituti jew familji numerużi, li jkunu fil-bżonn. *864.*

45.

Jum il-Morda u l-Anzjani: Il-Morda u l-Anzjani huma membri ħajjin u importanti fil-Ġisem Mistiku. Għalhekk fil-festa, aktar minn qabel, għandhom iħossu li huma membri tal-parroċċa u, min-naħa l-oħra, il-parruċċani kollha għandhom jiftakru fihom. *865.*

– Haġa tajba li jsir servizz speċjali għalihom fil-Knisja, ikollhom min jeħodhom u jġibhom bil-karozza, jiġu mogħtija s-Sagrament tal-Morda flimkien, eċċ.

– Tajjeb ukoll li jiġu mogħtija hampers, jew bibita addattata għalihom.

I. FUNZJONIJIET LITURĠIĊI TAL-FESTA

46.

866. **Il-Quddiesa tal-Festa:** Il-Quddies tal-ħin ta' jum il-festa għandu jkollu:

a) Messaġġ Speċjali,

b) Parteċipazzjoni u Kant aħjar mis-soltu.

Għal dan il-għan, tajjeb li jiġu mistiedna l-Korijiet ta' parroċċi diversi u hekk isir kambju bejniethom.

47.

867. **Il-Quddiesa Solenni jew Pontifikali:** Din għandha fil-veru sens tal-kelma tkun komunitarja. Fiha għandhom ikunu preżenti, flimkien mar-Raġħaj tad-Djoċesi jew Delegat tiegħu, mhux biss il-Kleru tal-Parroċċa, iżda wkoll l-Għaqdiet kollha, sew reliġjużi sew soċjali, tal-parroċċa. Fiha l-komunità ġġedded l-ispirtu ekkleżjali tagħha madwar il-Mejda Mqaddsa ta' l-Ewkaristija.

48.

868. **Il-Quddies fuq il-Mezzi tax-Xandir:** Jekk il-quddiesa tkun ser tixxandar bil-Mezzi tax-Xandir, għandhom jiġu osservati n-Normi mogħtija fl-Istruzzjoni Pastorali 'Communio et Progressio', fosthom:

a) Li xandir ta' din il-kwalità hemm bżonn li **jiġi ppreparat** bil-quddiem kemm mill-aspett tekniku, kif ukoll mill-aspett reliġjuż.

b) Meta l-**priedki u l-omeliji** jkunu ser jiġu mxandra, għandu dejjem jieħu in konsiderazzjoni l-mezzi li jkun ser juża.

c) Dawk kollha li jiġu mogħtija l-inkarigu sabiex jippriedkaw b'dan il-mod, hemm bżonn jiġu **magħżula bir-reqqa** kollha fost dawk li diġà għandhom tagħrif prattiku tat-teknika tax-xandir.

d) Għandhom **jiġu mħarsa d-direttivi** mogħtija lill-Kappillani dwar loudspeakers, fans, eċċ.

49.

Għosrien Solenni: Meta jsiru l-Vespri Kantat, kollox isir skond l-aħħar tibdiliet fil-Liturġija tas-Sigħat. Jekk hu possibbli, il-Kant tal-Mużika jkun alternat mal-poplu, biex il-**poplu jipparteċipa** aktar. Jekk ikun hemm attendenza biżżejjed, jixraq issir omelija qasira. Jixraq ukoll li f'xi ġranet qabel il-festa, jitkanta l-Għasar bil-vernakular biex il-komunità tkun tista' tieħu sehem fih. *869.*

Fejn jitkanta t-Talb ta' Sbiħ il-Jum, dan jista' jsir integrat malquddiesa. Fil-festi titulari jkun hemm is-sekondi vespri.

50.

Rigward il-**kant u l-orkestra** fl-okkażjoni tal-festa titulari, għandhom jiġu osservati n-normi djoċesani dwar il-mużika sagra. Il-kantanti u l-mużiċisti jridu jkunu persważi li huma wkoll qegħdin jieħdu sehem fil-funzjoni liturġika u għalhekk għandhom iġibu ruħhom kif jixraq. *870.*

51.

Paniġierki: Fil-festi tal-qaddisin, isir paniġierku bid-**dinjità** u bil-moderazzjonijiet li jinħtieġu. Dan ifisser li m'għandux ikun hemm esaġerazzjonijiet fl-espressjonijiet u fit-tul tal-ħin. Fil-paniġierku rridu nevitaw żewġ eċċessi; *871.*

a) **M'għandniex nesaġeraw** id-doni mistiċi u grazzji eċċezzjonali tal-qaddisin;

b) Min-naħa l-oħra **m'għandniex nippreżentaw lill-qaddisin bħala purament umani,** b'tali mod li fil-qdusija tagħhom ma jibqa' xejn sopranaturali. Imma rridu nippreżentawhom bħala bnedmin li kkorrispondew mal-grazzja u għexu unikament u totalment għal Alla.

52.

872. **Purċissjoni:** Il-purċissjoni, barra milli hija sinjal tal-Knisja pellegrina fil-mixja tagħha lejn is-Sema, għandha tkun:

i) xhieda ta' fidi awtentika;

ii) mument ta' grazzja u talb;

iii) att liturġiku għax hpija ġabra ta' poplu li jemmen u li jrid ifaħħar 'l Alla u lill-qaddisin.

53.

873. **Devozzjoni u Dekor:** Kull purċissjoni liturġika għandu jkollha żewġ karatteristiċi:

1) **Devozzjoni:** Inkella titlef il-karattru reliġjuż tagħha.

2) **Dekor:** Jiġifieri serjetà sew fil-persuni li jieħdu sehem fiha sew fil-mod.

54.

874. **It-Tul tal-Purċissjoni:** Minħabba raġunijiet ta' sħana, ta' għajja, eċċ., għandu jiġi stabbilit il-ħin tat-tul tal-purċissjoni. Il-ħin għandu jkun raġonevoli, li jikkonsenti t-talb u d-devozzjoni.

55.

875. **Il-Ħruġ u d-Dħul ta' l-Istatwa** huma żewġ mumenti importanti filmentalità u fid-drawwiet tal-post. Għalhekk ikun tajjeb

i) li fil-**Ħruġ ta' l-Istatwa,** isiru akklamazzjonijet u talb qasir fuq il-Microphone u n-nies twieġeb.

ii) li fid-**Dħul ta' l-Istatwa** ssir xi Manifestazzjoni qasira, b'Qari ta' xi Poeżija u Tislimiet minn fuq il-Microphone. Dan fil-waqt li jżomm l-entużjażmu, fl-istess ħin iżomm ukoll is-serjetà tal-Purċissjoni.

56.

Il-Vera Qima lill-Qaddis: Għandu jingħata bidu biex il-poplu jiġi edukat dwar it-tifsira tal-vera qima lejn il-Qaddisin. B'hekk bil-mod il-mod jinqatgħu ċerti wirjiet ta' fanatiżmu eċċessiv u entużjażmu esaġerat li la jagħti qima lill-qaddis, la jrawwem fina l-vera mħabba spiritwali lejn Alla u lejn il-qaddis, la jagħti eżempju tajjeb lill-insara l-oħra u l-anqas idea tajba tar-reliġjon tagħna lill-barranin. *876.*

57.

Huwa rrikmandat li jinstab l-aħjar żmien biex wara jew qabel il-Purċissjoni, il-**Barka Sagramentali** tingħata bl-ikbar devozzjoni u bid-dinjità li jixirqilha u skond in-normi Liturġiċi. *877.*

58.

Xi Attivitajiet Kulturali: Il-festa għandha sservi bħala okkażjoni ta' formazzjoni u tagħlim dwar diversi aspetti tar-Reliġjon Nisranija b'forom ta' attivitajiet, li jistgħu jiswew għall-ġid tal-poplu tal-parroċċa, anke bħalma huma ċerti attivitajiet kulturali, bħal per eżempju: wirjiet dwar l-istorja tal-parroċċa, xi akkademja mużiko-letterarja, publikazzjonijiet, feature bis-slides, attivitajiet tal-palk, festival tal-kant, eċċ. *878.*

REGOLAMENTI U DIRETTIVI

NORMI DWAR IL-FUNZJONI TAL-VIŻTA PASTORALI

Digriet 20 (c) A K D G 23 (1981) 299-300.

A. *QABEL IL-VISTA:*

1. Il-Vista Pastorali tkun imħejjija minn qabel billi jsir stħarriġ u surveys dwar l-istat soċjo-reliġjuż tal-parroċċa (Ċirk. Nru. 177/81).

2. Isiru xi laqgħat ta' tagħlim fil-knisja jew fiċ-Ċentri tal-Għaqdiet Kattoliċi dwar il-Missjoni ta' l-Isqof u l-Vista Pastorali (Ċirk. 177/81).

3. Tajjeb li tinżamm id-drawwa li lejlet il-Vista tindaqq mota solenni biex tħabbar il-Vista lill-Fidili.

4. Ħdejn il-bieb tal-knisja, titħejja mejda li fuqha jkun hemm kurċifiss żgħir u satla bl-ilma mbierek. Ikun hemm ukoll ġinokkjatur għall-Isqof.

B. *ĊERIMONJA TAL-FTUĦ TAL-VISTA:*

1. Il-Kleru u l-abbatini jistennew lill-Isqof ħdejn il-bieb tal-Knisja, lebsin l-abiti korali.

2. Kif jasal, Mons. Isqof jinżel għarkubbtejh, jinża' l-kallotta u jbus il-Kurċifiss li jnewwillu l-Kappillan (jew Preminent).

3. Wara li jbierek in-nies, bħas-soltu titlaq il-purċissjoni lejn il-kappella tas-sagrament u s-sagristija biex kulħadd jilbes l-abiti sagri għall-quddiesa.

C. *MATUL IL-VISTA:*

1. Iċ-ċerimonjal tal-quddiesa jkun bħas-soltu, għajr li wara l-omelija, il-Kanċellier tal-Vista jista' jaqra d-digriet tal-Vista.

2. Is-saċerdoti konċelebranti jesprimu l-għaqda tagħhom ma' l-Isqof billi jġeddu l-wegħdiet ta' l-Ordinazzjoni tagħhom, l-istess bħalma jagħmlu ta' kull sena f'Ħamis ix-Xirka.

3. Għalhekk, l-Isqof jistieden lis-saċerdoti għat-tiġdid tal-wegħdiet tagħhom bi kliem bħal dan: "Uliedi għeżież, bħala koperaturi tiegħi, fix-xogħol pastorali, nistedinkom iġġeddu l-wegħdiet li għamiltu fl-ordinazzjoni tagħkom quddiem dan il-poplu t'Alla...." (ikompli fis-*Sagramentarju Malti, p. 122).*

a) Wara li jkun qal it-talba ta' wara t-tqarbin, l-Isqof jilbes il-mitra u jagħmel l-istedina għat-Talb għall-Mejtin (Ordni tal-Funerali, nru. 183-186).

b) Jitkanta xi responsorju adattat. (Ta' min jinnota li ma tistax titkanta l-"Libera me Domine").

c) Waqt il-kant, l-Isqof jagħmel l-inċens u jersaq f'tarf il-presbiterju, ibierek u jinċensa l-oqbra.

d) Wara jerġa' għal fuq is-sedja, jinża' l-mitra u jgħid it-talba ta' l-aħħar. (Ordni tal-Funerali, nru. 195, p. 118).

e) Wara tingħata l-Barka Pastorali.

4. Ta' min jinnota li min jassisti għall-funzjoni preseduta mill-Isqof waqt il-Vista Pastorali, jista' jirbaħ Indulgenza Plenarja. (Ench. Indulg. n. 69).

5. Matul il-Vista Pastorali jkun hemm laqgħa ta' l-Isqof mal-membri tal-Kunsill Parrokkjali u tal-Kumitati tal-Ħidmiet pastorali (Ċirk. 177/81).

6. L-Isqof iżur ukoll il-postijiet fejn isir it-tagħlim reliġjuż liż-żgħar u

KRITERJI TAR-RIMUNERAZZJONI TAL-KLERU

Digriet 39 (8) A K D G 90 (1988) 1376.

a) Tinżamm is-sistema li kemm jista' jkun is-salarju ta' kull qassis ikun jikkonsisti f'rimunerazzjoni stabbli u rimunerazzjoni okkażjonali.

b) Ir-rimunerazzjoni okkażjonali tingħata jekk wieħed jidħol għassigħat ta' l-uffiċċju jew iwettaq ix-xogħol li hemm konness ma' dik ir-rimunerazzjoni. Ir-rimunerazzjoni stabbli tingħata anke meta l-individwu jkun marid, assenti jew fil-vaganzi.

c) Ikun hemm il-limitu massimu u l-limitu minimu ta' rimunerazzjoni stabbli. Dment li ma jintlaħaqx il-limitu massimu, is-saċerdot jista' jirċievi rimunerazzjoni stabbli minn aktar minn Enti Ekkleżjastiku wieħed. Iżda, wara li jilħaq il-limitu massimu, ma jistax ikompli jżid miegħu.

d) Jekk qassis ikollu paga statali, salarju regolari minn xi 'employment' ieħor jew pensjoni tan-'National Insurance', din hija meqjusa bħala rimunerazzjoni stabbli.

e) Possibilment ir-rimunerazzjoni stabbli titħallas jew mill-Uffiċċju Kleru jew għall-inqas mill-Enti Ekkleżjastiku b'konsultazzjoni ma' l-Uffiċċju Kleru.

f) Il-limiti massimu tar-rimunerazzjoni stabbli, li tinkludi l-bonus jew l-għotjiet, jiġi stabilit ta' kull sena mill-Bord tal-'Fondo Clero'.

g) Jaqbel li l-ħlasijiet tar-rimunerazzjoni stabbli jkunu mqassma ta' kull xahar.

NORMI DWAR IL-KAPPILLANI TAS-SORIJIET

Digriet 44(b) A K D G 60 (1985) 882-883.

1. Il-Kappillan tas-Sorijiet għandu dawn il-kompiti:

a) Jiċċelebra l-quddiesa fil-knisja, kappella jew oratorju tas-Sorijiet u skond l-orarju miftiehem magħhom.

b) Għal kull quddiesa li hu jiċċelebra fil-knisja tas-Sorijiet għandu jiffirma ismu f'reġistru mħejji apposta fis-sagristija u jieħu ħsieb, jekk iqaddsu xi saċerdoti oħra, li jagħmlu l-istess.

c) Jieħu ħsieb li jkunu sodisfatti l-obbligi tal-legati tal-quddies f'idejn il-komunità reliġjuża rispettiva.

d) Josserva r-regoli dwar l-ilbies tas-saċerdoti u jagħmel ħiltu biex innormi liturġiċi fl-istess knisja tas-sorijiet jiġu osservati kif xieraq.

2. Imiss lill-kappillan li jiċċelebra jekk ikun hemm xi quddiesa kantata u għandu jiġi nformat b'kull funzjoni jew attività liturġika li ssir fil-knisja u dment li din tkun miftuħa għall-pubbliku.

3. Huwa dritt tal-kappillan li jagħmel il-funzjonijiet liturġiċi li normalment isiru matul is-sena fil-knisja tas-sorijiet (c. 567/2).

4. Il-kappillan għandu jieħu ħsieb li jqarben lis-sorijiet morda kif ukoll li jamministralhom l-aħħar sagramenti.

5. Huwa dritt tal-kappillan li jieħu l-annwalità kif tiġi stabbilita bi ftehim mal-komunità reliġjuża, kif ukoll proventi oħra skond it-tariffi djoċesani.

6. Skond il-kanoni 570 fejn il-knisja tas-sorijiet tkun ukoll miftuħa għall-pubbliku, jekk ma jkunx hemm provediment xort'oħra, minħabba l-kura tal-komunità tas-Sorijiet jew esigenzi tal-knisja nfisha, l-istess kappillan tas-Sorijiet ikun hu wkoll ir-rettur waqt li jibqgħu mħarsin in-normi tal-kan. 1279 par. 1. F'dan il-każ, dan l-uffiċċju ta' rettur jeħtieġ li jkun imsemmi espressament fid-dokument tan-nomina, li jiddetermina wkoll il-kundizzjonijiet li bihom għandu jitwettaq.

7. Il-ħatra ta' Kappillan tas-Sorijiet issir mill-Ordinarju Djoċesan f'konsultazzjoni tas-Superjura tas-Sorijiet li tista' wkoll, wara li tkun semgħet il-fehma tal-komunità, tipproponi xi saċerdot għall-approvazzjoni ta' l-Ordinarju Djoċesan (c. 567/1). Il-ħatra tkun għal sentejn iżda tista' tiġi rinnovata.

8. Il-kappillan tas-Sorijiet fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu għandu jżomm ir-rapporti meħtieġa mal-Kappillan tal-Parroċċa. (c. 571).

9. L-Ordinarju Djoċesan jista', minħabba kawża ġusta, ineħħi lill-kappillan tas-Sorijiet mill-uffiċċju tiegħu u dan anki meta l-kappillan kien propost mis-Sorijiet u aċċettat mill-Ordinarju (c. 572).

DIRETTIVI GĦALL-OMELIJI TAL-FUNERALI

Digriet 57 (c) — A K D G 95 (1988) 1448-1449.

1. Huwa rikmandat li fiċ-ċelebrazzjoni tal-funerali jkun hemm omelija qasira. Din l-omelija m'għandhiex tieħu forma ta' orazzjoni funebri jew tkun tikkonsisti biss fit-tifkira tal-mejjet u xi noti bijografiċi tiegħu (ara: Ordni għall-Funerali, n. 41).

2. Fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-funerali, is-saċerdot bħala edukatur fil-fidi u ministru tal-faraġ (O F 16), "mhux biss għandu jżomm quddiem għajnejh iċ-ċirkostanzi tal-persuna tal-mejjet u tal-mewt tiegħu, iżda wkoll jiftakar tajjeb u kif imiss fin-niket tal-qraba u fil-ħtiġijiet tal-ħajja nisranija tagħhom. Barra minn dan, iqis ukoll il-ħtieġa pastorali ta' dawk li f'okkażjoni ta' funeral jiġu għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi jew jisimgħu l-evanġelju, sew jekk ma jkunux kattoliċi u sew jekk ikunu kattoliċi li qatt jew kważi ma jieħdu sehem fl-Ewkaristija, jekk ukoll ma jkunux donnhom tilfu l-fidi. Għax is-saċerdot huwa ministru tal-Evanġelju għal kulħadd" (O F 18).

3. Is-saċerdot irid jiftakar ukoll "li waqt li jkun jitlob 'l Alla għall-mejtin fil-liturġija tal-funerali, ikun dmir tiegħu li jwieżen it-tama ta' min ikollu madwaru u jgħin il-fidi fil-misteru ta' l-Għid u fil-qawma ta' l-imwiet u dan jagħmlu b'mod li juri s-sentimenti ta' ħniena ta' Ommna l-Knisja u jagħti l-faraġ tal-fidi, biex hekk iserraħ 'il min jemmen bla ma jriegħex 'il min ikun imnikket" (O P 17).

4. Is-Sacrosanctum Concilium tgħidilna hekk: "Ir-rit tal-funerali għandu jfisser biċ-ċar li l-mewt nisranija hija l-Għid tan-nisrani..." (S C 81). Dan juri li s-saċerdot fl-omelija tiegħu għandu jorbot il-misteru tal-mewt ta' kull wieħed mal-misteru paskwali ta' Kristu (O F 1) B'hekk ifisser lill-insara miġbura li mal-mewt il-ħajja ma tintemmx iżda tinbidel u tingħaqad ma' Kristu.

5. Għal dan il-għan, is-saċerdot għandu jagħmel katekesi sħiħa dwar it-tifsira tal-mewt; ifarraġ bil-ħlewwa kollha l-qraba tal-mejjet, isabbarhom fin-niket tagħhom; jgħinhom bil-qalb u flimkien magħhom iħejji kif jixraq iċ-ċelebrazzjoni tal-funeral. Hu għandu jorbot il-liturġija tal-mejtin mal-ħajja liturġika tal-parroċċa u mal-ministeru pastorali tiegħu.

6. Fl-omelija, is-saċerdot għandu jsaħħaħ fl-insara l-virtù tat-tama li mqawwija mill-fidi jistennew b'ħerqa l-laqgħa ma' l-Imgħallem tagħhom,

Kristu. Il-mewt tan-nisrani ma tistax tinfired mill-Qawmien. In-niket tal-mewt għandu jitbiddel f'hena fl-istennija tal-qawmien. Aħna ma aħniex mexjin lejn il-qerda tagħna, imma lejn ħajja bla tmiem. Bħal Kristu għad nirbħu l-mewt.

7. Peress li fil-parroċċa jkun hemm funerali ta' spiss, għandu jkun evitat il-periklu li l-omelija tkun stereotipata jew ripetizzjoni minn darba għall-oħra u mingħajr approfondiment.

8. Kemm jista' jkun is-saċerdot għandu jvarja s-suġġetti ta' l-omelija tiegħu fil-funerali. Hemm bosta temi fuqhiex jista' jfassal il-messaġġ: il-ħajja ta' dejjem, il-laqgħa ma' Kristu Mħallef, il-ħniena t'Alla, is-sens nisrani tat-tbatija, l-għan tal-ħajja tal-bniedem.

9. Xi **suġġerimenti** dwar kif għandha tkun l-omelija tal-funerali:

i) L-ewwelnett jara f'liema sitwazzjoni konkreta qiegħed jiċċelebra r-rit; il-ġrajja tal-mewt tal-persuna li hemm fil-knisja u xi kwalità ta' nsara għandu quddiemu.

ii) Is-saċerdot irid juri espressjoni sinċiera tiegħu u anki f'isem il-komunità nisranija li huwa jmexxi ta' parteċipazzjoni fin-niket tal-familjari li għadhom kemm sofrew telfa fil-familja tagħhom.

iii) Jisħaq dwar is-solidarjetà u għajnuna li għandu jkun hemm bejn l-insara l-oħra u dawk li qegħdin fil-vistu.

iv) Riflessjoni fuq il-mewt f'sens nisrani:

– hija l-konsegwenza tad-dnub;
– kienet mirbuħa bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu;
– bil-mewt se tibdielna ħajja ġdida.

v) Jipprepara lill-insara kollha li lkoll se jgħaddu minn din l-esperjenza.

vi) Jiftakar li hu mhux qiegħed jippriedka għall-mejjet, imma għal dawk li għadhom ħajjin, u allura jfakkarhom fix-xorti qaddisa li hemm tistenna lil kull min "imut fil-Mulej".

vii) Fl-aħħarnett, jitkellem mid-dmir li hemm li jsir talb u suffraġji għall-mejtin (L G 50).

10. It-testi liturġiċi tal-quddiesa tal-funerali joffru wkoll okkażjoni kbira minn fejn is-saċerdot jista' jagħżel temi għall-omeliji tiegħu.

Ta' min jissuġġerixxi bħala sussidju fuq dan is-suġġett lil:

A. GEMMA, **Pastorale dei defunti,** in **Temi di Predicazione,** ed. Domenicane Italiane, Maggio 1979.

A. M. ROGUET, **Omelie per i defunti**, ed. elle di ci, Torino, 1981.

REGOLAMENTI TA' L-GĦAQDA TA' L-ABBATINI T'GĦAWDEX

Digriet 81 — A K D G 3 (1977) 36-38.

1. L-Għaqda ta' l-Abbatini għandha bħala skop li:-

i. Tifforma l-membri tagħha kemm spiritwalment kif ukoll moralment.

ii. Tipprepara fil-parroċċa għadd ta' tfal li jieħdu sehem fil-funzjonijiet sagri bl-ikbar serjetà, regolarità u qdusija.

iii. Tikkoltiva vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi.

2. Tifel li jkun membru ta' l-Għaqda ta' l-Abbatini jeħtieġ li juri sinjali ta' vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża, u jkun jixtieq ikompli jkabbarhom u jsaħħaħhom permezz tas-servizzi liturġiċi.

3. L-Abbati li jidħol fl-Għaqda ta' l-Abbatini għandu jkun lest li jagħti servizz **xieraq, qaddis,** u **kostanti** kif titlob il-Liturġija.

4. L-abbatini għandhom jintagħżlu bir-reqqa minn fost l-aħjar tfal subien tal-parroċċa, u jeħtieġ li jagħmlu isem tajjeb lill-Għaqda ta' l-Abbatini li tagħha huma membri. L-età ta' l-abbatini hija bejn is-seba' u l-ħmistax-il sena.

5. In-numru ta' l-abbatini huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Kappillan jew Rettur tal-Knisja, u għandu jkun proporzjonat għas-servizzi li jsiru f'dik il-Knisja. Fejn huwa possibbli u konvenjenti, l-abbatini għandhom jitqassmu fi tliet gruppi: Prinċipali, Riservi u Aspiranti.

6. Jeħtieġ li biex it-tifel jidħol fl-Għaqda ta' l-Abbatini jinkiteb l-ewwel bħala aspirant.

7. Kull membru ta' l-Għaqda ta' l-Abbatini għandu dawn l-obbligi:

a) Obbligu tas-Servizz Liturġiku;

b) Obbligu għall-attendenza tal-funzjonijiet sagri;

c) Obbligu għal-laqgħat ta' tagħlim li jsiru normalment ta' kull ġimgħa u jtulu madwar nofs siegħa.

8. Meta xi abbati jkollu xi raġuni biex ikun eżenti minn xi obbligu, għandu jitlob il-permess tad-Direttur.

9. Fil-laqgħat ta' tagħlim, l-abbati jiġi mħarreġ kemm fl-eżattezza tas-Servizz Liturġiku, kemm fit-tagħlim reliġjuż, kif ukoll f'dik li hi mġieba tajba ma' sħabu u ma' dawk kollha li jiltaqa' magħhom, kif ukoll dwar ir-regolamenti ta' l-Għaqda ta' l-Abbatini.

10. Fejn hemm numru konsiderevoli ta' abbatini kbar u anke żgħar, sewwa li ssir laqgħa għall-kbar u oħra għaż-żgħar separatament.

11. L-ilbies ta' l-abbatini għandu jkun: spellizza bajda, suttana sewda, kalzetti u żarbun iswed. Għall-abbatini tal-knejjes tal-Kleru Regulari, is-suttana tista' tkun adattata skond il-kulur taċ-ċoqqa tal-patrijiet li hu jservi.

12. L-abbati jeħtieġ li jiġi almenu ħames minuti qabel il-funzjoni biex jilbes u jipprepara ruħu għas-servizz jew għall-funzjoni li jkun ser jattendi. Wara li jispiċċa, jeħtieġ li jinża' l-ispellizza u s-suttana, iqiegħdhom f'posthom u joħroġ bil-kwiet mingħajr ġiri jew storbju.

13. L-abbati, meta qiegħed fil-kor, jeħtieġ li jġib ruħu sewwa, jitlob, ikanta, jew jagħmel is-servizz li jkun assenjat lilu. Il-ġiri 'l hawn u 'l hemm, minn sedja għall-oħra, jew għas-sagristija, huwa pprojbit.

14. Dak l-abbati li ma jġibx ruħu sewwa jew ma jobdix lill-Prefett jew id-Direttur, jiġi kkastigat. Il-kastig ikun jikkonsisti fit-tnaqqis ta' punti jew anke ta' sospensjoni mis-servizzi.

15. Ir-rassenja għandha tinżamm skond kif jidhirlu li hu l-aħjar id-Direttur u l-punti fuq din jingħataw kif jara li huwa l-aħjar. Fir-rassenja, għandhom jitniżżlu mhux biss dawk is-servizzi li tagħhom ser jidħlu l-flus fil-kaxxa komuni ta' l-abbatini, imma dawk ukoll li huma bla ħlas.

16. Ir-rassenja għandha assolutament issir dejjem u ma titħalla qatt. Jieħdu ħsiebha d-Direttur u, fl-assenza tiegħu, il-Prefett.

17. Fejn hu possibbli, tiġi introdotta s-sistema ta' kaxxa tal-flus 'Komuni' sabiex il-flus kollha li jidħlu mis-servizzi liturġiċi, jiġu utilizzati favur l-abbatini kollha, inklużi dawk li ma jagħtux servizz li għandu rimunerazzjoni.

18. Minn dawn il-flus jingħataw premijiet li jistgħu jkunu kemm kollettivi kif ukoll individwali. Kollettivi bħalma huma xalati, visti lil postijiet ta' interess, wiri ta' films, u 'educational tours', eċċ. Individwali huma l-premijiet li jingħataw lil kull abbati, bħalma huma kotba istruttivi, ħwejjeġ bżonnjużi, toys, eċċ.

19. L-abbatini għandhom ikollhom rispett lejn id-Direttur tagħhom, kif ukoll lejn kull saċerdot ieħor.

20. Ma jibqax aktar abbati jekk wieħed:

a) Jitlaq minn jeddu għax jixbà';

b) Jiskarta kull ħidma ta' l-Għaqda ta' l-Abbatini għal xahar sħiħ;

c) Jagħlaq l-età ta' ħmistax-il sena;

d) Jekk jitkeċċa mill-Għaqda ta' l-Abbatini.

21. Meta wieħed ikun telaq mill-Għaqda ta' l-Abbatini għar-raġunijiet imsemmija f'numru 20, biex jerġa' jidħol, jeħtieġ il-permess tad-Direttur jew, jekk ikun għalaq il-ħmistax-il sena, jeħtieġ li jiġġedded iż-żmien ta' l-età (proroga).

22. Jiġi magħżul Prefett dak l-abbati li jkun għadda mill-eżami li jsir wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-kwalitajiet l-oħra tal-karattru u l-imġieba tiegħu.

23. Id-Direttur ta' l-Għaqda ta' l-Abbatini għal kull knisja fejn hemm l-abbatini, huwa dak is-saċerdot li jiġi magħżul mis-Superjuri tiegħu ħalli jorganizza l-abbatini u jħejjihom għas-servizz liturġiku xieraq u qaddis.

24. Id-Diretturi ta' l-Għaqda ta' l-Abbatini, sewwa dawk djoċesani, kif ukoll dawk tal-knejjes lokali, għandhom jitolbu li jkollhom dokument tan-nomina tagħhom. Kopja ta' dan id-Dokument tinżamm ukoll fil-Kurja. Din in-nomina tiġġedded kull sentejn.

DIRETTIVI BIEX JIĠU OSSERVATI MILL-FOTOGRAFI WAQT IL-FUNZJONIJIET LITURĠIĊI FIL-KNEJJES

Digriet 83 (b) A K D G 81 (1987) 1227-1228).

Is-Sagra Kongregazzjoni tal-Kult Divin fid-dokument dwar il-qima lejn il-Misteru Ewkaristiku li ħarġet fil-25 ta' Mejju, 1968, tgħidilna li "trid tittieħed kura sabiex iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ma jkunux imfixkla mill-fotografi. Kollox għandu jsir bil-prudenza u skond id-direttivi ta' l-Ordinarju tal-post".

Minn hawn nindunaw bil-ħtieġa li jkun hemm xi forma ta' regolamenti għall-fotografi biex l-andament tal-funzjonijiet liturġiċi ma jiġix imfixkel. Dawn għandhom jifhmu li huma qegħdin f'post sagru u qed jattendu għall-azzjoni qaddisa u allura jridu joqogħdu attenti li ma jtellfux lill-komunità ta' l-insara miġbura milli jagħtu qima u tifħir lill-Mulej. Għalhekk għandhom jiġu osservati dawn in-normi li ġejjin:

1. Dawk kollha li jqabbdu lil xi fotografu biex jeħdilhom ir-ritratti, iridu jinfurmaw bih lil min hu responsabbli mill-knisja fejn se tiġi ċċelebrata l-funzjoni reliġjuża. Il-fotografi jistgħu ma jiġux aċċettati jekk ma jkunux disposti jiffirmaw stqarrija fejn jgħidu li lesti jobdu dawn in-normi.

2. Qatt u taħt l-ebda ċirkustanza l-fotografu m'għandu jkellem jew jitħaddet maċ-ċelebrant fuq l-artal, jew wisq agħar, iġiegħlu jwaqqaf il-funzjoni liturġika jew jirrepetiha biex hu jkun jista' jieħu r-ritratti tiegħu. Rigward dan, il-fotografu għandu jiftiehem maċ-ċelebrant qabel ma tkun se tibda l-funzjoni.

3. Il-fotografu m'għandux joqgħod jaqsam min-naħa għall-oħra tal-presbiterju waqt il-funzjoni. Hu għandu joqgħod fil-ġenb f'post fejn ikun indikalu l-kappillan tal-knisja biex b'hekk ma jtellifx mill-ġabra tal-funzjoni liturġika.

4. Il-fotografu għandu jkun liebes b'mod diċenti u li jixraq il-post sagru u li jaqbel maċ-ċelebrazzjoni li jkun se jieħu sehem fiha.

5. Hu għandu joqgħod attent ukoll li ma jfixkilx bid-dawl u l-apparat fotografiku tiegħu lis-saċerdot u lill-komunità mill-ġabra u serjetà meħtieġa f'azzjoni liturġika.

6. Kemm jista' jkun għandu joqgħod attent biex jevita l-esaġerazzjonijiet fil-għadd ta' ritratti li jittieħdu, speċjalment waqt xi ċelebrazzjoni ta' tieġ u l-ewwel quddiesa ta' xi saċerdot.

7. Kemm jista' jkun għandu jinżamm meqjus in-numru ta' fotografi f'okkażjonijiet fejn ikun hemm diġà ħafna kandidati għas-sagrament li se jkun amministrat fuq l-artal bħal ngħidu aħna l-Ewwel Tqarbina u Griżma ta' l-Isqof. Ta' min ifaħħar l-inizjattiva li diġà daħlet f'diversi parroċċi tagħna li għal dawn l-okkażjonijiet ikun hemm fotografu wieħed jew tnejn imqabbdin mill-parroċċa. L-istess ngħidu għal funzjonijiet ta' meta jingħata s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri mill-Isqof lil diversi kjeriċi.

8. Fil-każ li jintalab il-permess biex jintużaw il-'video-recorders' jew 'movie-cameras' jiġu osservati wkoll dawn il-kundizzjonijiet:

i. Ikun hemm biss 'video-recorder' u/jew 'movie-camera' waħda;

ii. Il-'monitor' jiġi mqiegħed f'post fejn ma jiġbidx l-attenzjoni tannies fil-knisja;

iii. Il-'floodlights' u dwal oħra m'għandhomx ikunu b'mod li jfixklu liċ-ċelebrant jew nies fil-knisja.

DIRETTIVI DWAR IL-ĦARSIEN TAL-POSTIJIET SAGRI MOGĦTIJIN FIĊ-ĊIRKULARI nru. 96/74 ta' l-14 ta' Mejju 1974

Digriet 84 (c) A K D G 19 (1980) 238-240.

Peress illi mhux biss barra minn pajjiżna imma f'pajjiżna wkoll, ġraw każijiet ta' serq minn knejjes, inħossuna fid-dmir li nwiddbu lill-W. Rev. Arċiprieti, Kappillani, prokuraturi u retturi tal-knejjes sabiex jagħmlu ħilithom ħalli jħarsu sewwa l-postijiet sagri afdati lilhom u nordnaw ukoll li jiġu osservati d-direttivi li ġejjin:

1. Dawk kollha li għandhom iċ-ċavetta tal-bieb tal-knisja, għandha tingħatalhom kopja ta' dawn id-direttivi sabiex hekk ikunu infurmati sewwa bir-responsabbiltà tagħhom.

2. Mhux rakkomandabbli li ħafna persuni jkollhom iċ-cavetta talknisja jew tas-sagristija. Barra mill-kappillan, retturi, u l-prokuratur, suppost li jkollhom ċavetta s-sagristan u l-viċi-parroki fejn dawn ikunu jeżistu. Sa l-aħħar tax-xahar, il-kappillan jew rettur ta' kull knisja għandu jibgħat nota lill-Kurja bl-isem u l-indirizz ta' dawk il-persuni kollha li għandhom ċavetta tal-knisja tiegħu.

3. Jekk ikun hemm xi serq mill-knisja, jew jinqala' xi inċident ieħor fiha, il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 huma l-ewwel nies li jiġu interrogati.

4. Bħala regola, il-knejjes jinżammu miftuħin waqt li jkun hemm il-funzjonijiet, u jinżammu magħluqa f'ħinijiet oħra.

5. Il-knejjes sagramentali għandhom ikollhom orarju li fih jinżammu miftuħin għal xi ħin matul il-ġurnata, barra mill-ħin tal-funzjonijiet, sabiex in-nies ikunu jistgħu jagħtu qima lil Ġesù Ewkaristija (ara Kan. 937).

6. Il-knejjes li fihom jiġu xi pellegrini, jew turisti, anke jekk ma jkunux sagramentali, ikollhom ukoll orarju li fih jinżammu miftuħa matul il-jum barra mill-ħin tal-funzjonijiet.

7. Dawn l-orarji msemmija fil-paragrafi preċedenti, għandhom ikunu ppubblikati fin-'notice-board' tal-knisja u kopja tagħhom tintbagħat il-Kurja u tinżamm dejjem aġġornata.

8. Xħin ma jkunx hemm funzjonijiet (quddies, qrar, adorazzjoni, eċċ.), anke jekk il-knisja għar-raġunijiet imsemmija fuq, tinżamm miftuħa għall-pubbliku, is-sagristija però għandha tkun magħluqa hekk li jkun imsakkar mhux biss il-bieb ta' barra imma wkoll il-bibien li jagħtu għall-knisja.

9. Għandu jinstab mezz, sabiex anke waqt li l-knisja tkun miftuħa, inkluż il-ħin tal-funzjonijiet, ċerti postijiet adjaċenti, bħalma huma taraġ tal-kampnar, il-gallerija ta' l-orgni, l-awla kapitulari, oratorju, eċċ., ikollhom bibieb għalihom li jinżammu magħluqin u li jkunu jistgħu jissakkru sewwa.

10. Dawk li huma responsabbli mill-ħarsien tal-knisja, m'għandhomx iħalluha weħidha meta din tkun miftuħa, imma għandhom jieħdu ħsieb li jkun hem xi ħadd ta' min jafdah li jissorvelja tajjeb il-preżenza tannies fil-knisja, għaliex mhux rari li l-ħallelin iżuru knejjes f'ħinijiet li ma jkunx hemm funzjonijiet u jagħmlu ta' bir-ruħhom viżitaturi jew turisti.

11. Jekk jinnotaw xi persuni, speċjalment stranġieri ta' karattru dubjuż, li jitlajjaw fil-knisja jew jistaqsu dwar relikwarji u oġġetti ta' valur,

tkun ħaġa prudenti li min hu responsabbli jinforma mmedjatament lill-pulizija.

12. Jekk ma' ġenb il-knisja jkun hemm xi djar adjaċenti, hekk li tkun ħaġa ħafifa li minn fuq il-bjut tad-djar, wieħed jista' jgħaddi għal fuq il-bejt tal-knisja jew jidħol fiha minn xi tieqa, għandu jinstab mezz biex tinqata' din il-komunikazzjoni. Dan isir billi jittella' ħajt ta' diviżjoni għoli biżżejjed jew, jekk ikun il-każ, billi t-twieqi tal-knisja jiġu protetti bi grada tal-ħadid.

13. Jekk il-knisja jkollha twieqi fil-baxx jew faċilment aċċessibbli minn barra, dawn ukoll għandhom ikunu protetti bi grada jew vireg tal-ħadid, li jekk ikun jaqbel, jistgħu jkunu magħmula fuq disinn artistiku.

14. Matul il-lejl, il-bibien kollha tal-knisja li jagħtu għal barra għandhom ikunu msakkrin minn ġewwa, ħlief il-bieb tas-sagristija, li jinqafel minn barra u l-muftieħ tagħha jħarsu min hu responsabbli li jieħu ħsieb il-knisja.

15. L-inkarigu li jagħlaq il-knisja, ir-rettur għandu jara li jkun afdat f'idejn persuni serji jekk ma jwettaqx dan ix-xogħol huwa stess.

16. Qabel ma jagħlaq il-knisja, ir-rettur, sagristan jew min ikun imqabbad minnhom, ta' kull darba, għandu jaċċerta ruħu li ma fadal ħadd moħbi hemm ġew, u għalhekk għandu jagħti attenzjoni speċjali għall-irkejjen u postijiet oħra li jistgħu jservu ta' moħba.

17. Barra mill-inventarju tas-suppellettili jew oġġetti tal-knisja mitlub miċ-ċirkulari n. 61/71 par. (c), għandu jsir katalogu ieħor ta' l-oġġetti ta' valur (deheb, fidda, eċċ.), bid-deskrizzjoni tagħhom kif ukoll bil-miżuri tagħhom u b'dati oħra identifikattivi, possibilment anke bir-ritratt tagħhom; hekk li kull oġġett ta' valur sewwa jekk għandu użu liturġiku sewwa jekk merfugħ f'mużew, ikollu 'index number' tiegħu. Kopja ta' dan l-inventarju għandha tintbagħat lill-Kurja.

18. Il-kwadri mdendlin fil-knisja li jista' jkollhom valur għoli, artistiku, storiku jew kummerċjali, jeħtieġ li jsirilhom inventarju bħal dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti, u għal kull kwadru jissemma l-isem ta' l-awtur, u jingħatalu 'index number'. Anke ta' dan l-inventarju għandha tintbagħat kopja lill-Kurja.

19. L-utensili li jintużaw ta' kuljum jew ta' spiss, possibilment m'għandhomx ikunu ta' materjal prezzjuż.

20. Is-saċerdoti li jkollhom xi kalċijiet prezzjużi, kif ukoll xi salib jew teka tad-deheb jew tal-fidda, huma skonsiljati li jħalluhom fis-sagristija anke jekk maqfulin fil-kasserizz jew f'xi armarju. Fil-każ li jagħmlu dan, jieħdu huma personalment ir-riskju kollu.

21. Fil-knejjes għandu jkun hemm 'safe' jew għall-inqas kamra magħżula għalhekk u msakkra kif imiss, li fiha matul is-sena jinżammu l-oġġetti tad-deheb u tal-fidda ta' valur.

22. Jekk dawn l-oġġetti jiġu esebiti f'xi okkażjoni ta' festa, għandhom qabel xejn jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa u possibilment tiġi kkonsultata l-awtorità tal-pulizija.

23. Huwa imprudenti li fis-sagristija jew f'xi post ieħor tal-knisa, oġġetti tad-deheb jew fidda eċċ., jinżammu għall-wiri matul is-sena kollha f'vetrini tal-ħġieġ, li faċilment jistgħu jiġu sgassati jew imkissra.

24. Il-kamra jew kmamar fejn jinżammu l-fided tal-festa u ornamenti oħra ta' valur, jeħtieġ li jkollhom il-bibieb sħaħ u li jissakkru sewwa. Iċ-ċwievet ta' dawn il-bibien għandhom jinżammu f'kasserizz fis-sagristija li ċ-ċavetta tiegħu tkun biss f'idejn il-persuni responsabbli ta' dik il-knisja.

25. Fejn hemm xi xbieha li hija nkurunata b'kuruna tad-deheb, jekk tkun pittura għandha tiġi protetta bi ħġieġa infranġibbli, jekk tkun statwa, in-

niċċa li tkun fiha jeħtieġ li tkun magħluqa sewwa wara grada tal-ħadid jew ġol-ħġieġ infranġibbli, dment li dawn il-prekawzjonijiet ma joħolqux inkonvenjenti iktar gravi.

26. Jekk ikun possibbli jitqiegħed mekkaniżmu b'qanpiena ta' l-'alarm' li ddoqq immedjatament malli xi ħadd imiss din ix-xbieha.

27. Huwa skonsiljat li fuq l-istatwi li jkun hemm fin-niċċa jew li jiġu esebiti għall-kult, ikun hemm oġġetti ta' deheb u ta' fidda, bħal ma huma ċrieket u brazzuletti, jekk ma jkunux ittieħdu prekawzjonijiet biex dawn l-oġġetti jiġu mħarsa kontra s-serq.

28. It-tabernaklu fejn tinżamm l-Ewkaristija Mqaddsa għandu jkun ta' materjal solidu u mwaħħal tajjeb mal-ħajt jew ma' l-artal (turris eucharistica) li jkunu fuqu. Il-bieba tat-tabernaklu jeħtieġ li tkun bieba sħiħa u li tissakkar tajjeb.

29. Il-persuna li jkollha r-responsabbiltà tal-ħarsien tat-tabernaklu tista' tkun saċerdot, reliġjuż jew anke sekular ta' maturità u ta' serjetà; jeħtieġ però li ċ-ċavetta tat-tabernaklu jieħu ħsiebha saċerdot li ġeneralment huwa r-rettur tal-knisja (ara Kan. 938, p. 5). Fil-kappella tas-sorijiet iċ-ċavetta tat-tabernaklu tħarisha s-soru li tkun inkarigata mill-kappella u mis-sagristija.

DIRETTIVI DWAR IR-RETTURI TAL-KNEJJES

Digriet 87 (e) A K D G 63 (1985) 932-933.

1. Bil-kelma "Rettur" wieħed għandu jifhem dak is-saċerdot responsabbli minn knisja li la hija parrokkjali, la kapitulari u anqas ma hija annessa ma' dar ta' komunità reliġjuża jew ta' soċjetà ta' ħajja apostolika li fl-istess knisja żżomm il-funzjonijiet tagħha (kan. 536).

2. Biex wieħed jassumi r-responsabbiltà ta' rettur, viċi-rettur jew prokuratur ta' xi knisja jew kappella, jeħtieġ li jkun saċerdot, ikollu d-digriet tan-nomina mingħand l-Isqof Djoċesan, joqgħod għall-kundizzjonijiet imfissra fl-istess digriet u salvi wkoll il-preskrizzjonijiet tal-kanoni 557.

3. Il-ħatra ta' rettur, viċi-rettur jew prokuratur ta' xi knisja jew kappella tkun għal sentejn, iżda tista' tiġi rikonfermata kull meta jiskadi t-terminu. L-Ordinarju tal-post, minħabba kawża ġusta, jista' jneħħi lil dawn hawn fuq imsemmija mill-uffiċċju tagħhom, anke qabel jiskadi ż-żmien tal-ħatra tagħhom, u skond in-normi tal-kan. 563.

4. Ir-Retturi tal-knejjes għandhom jagħmlu ħilithom biex il-funzjonijiet liturġiċi fil-knejjes tagħhom ikunu magħmulin kif imiss, u jekk ikun hemm xi pożijiet piji jitwettqu fedelment (kan. 562). Huma għandhom ukoll jippermettu li l-knejjes tagħhom jintużaw għal skopijiet pastorali bħalma huma qrar, laqgħat ta' talb għall-Għaqdiet Reliġjużi u rtiri.

5. Huwa dmir tar-Rettur jew ta' min ikun floku biex jara li l-funzjonijiet u l-attivitajiet l-oħra li jsiru fil-knisja rettorali ma jkunux ta' tfixkil għal dawk tal-parroċċa u jekk, fil-ġudizzju ta' l-Ordinarju, ikun hemm il-ħtieġa, għandu jikkonsulta lill-Arċipriet/Kappillan qabel ma jfassal l-orarji.

6. Bejn ir-Rettur tal-knisja u l-Arċipriet/Kappillan tat-territorju fejn tinsab il-knisja rettorali għandu jkun hemm kollaborazzjoni reċiproka dwar funzjonijiet sagri u attivitajiet pastorali fl-istess knisja rettorali, hekk li mhux biss wieħed ma jirriżultax ta' ostaklu għall-ieħor, imma t-tnejn jagħrfu li kull funzjoni jew attività għandha tkun intiża għall-ġid sħiħ pastorali anke meta din issir fil-knisja rettorali.

7. Għandha tintbagħat fil-Kurja lista ta' funzjonijiet u attivitajiet li jsiru matul is-sena f'kull knisja jew kappella; barra mill-funzjonijiet jew

attivitajiet tas-soltu u dawk imsemmija fin-numru (4) ta' dawn id-direttivi, ir-rettur ma għandux jintroduċi oħrajn ġodda jekk mhux bil-permess miktub ta' l-Isqof.

8. Huwa dmir tar-retturi li jieħdu ħsieb sabiex l-oġġetti u l-abiti sagri, kif ukoll l-istess knisja, jinżammu indaf u fid-dekor xieraq tagħhom (kan. 562). Ir-retturi tal-knejjes ma jistgħux jiddisponu minn oġġetti sagri li ma jkunux għadhom jintużaw, jekk mhux skond l-Istruzzjoni tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Kleru tal-11 ta' April, 1971. Huma għandhom iwettqu wkoll id-direttivi djoċesani li għandhom x'jaqsmu mal-prevenzjoni tas-serq u ta' ħsarat oħra (Ċirk. 96/74). Ta' dawn l-oġġetti sagri għandu jkun hemm inventarju aġġornat li tiegħu għandha tintbagħat kopja l-Kurja.

9. Ir-retturi tal-knejjes għandhom iżommu l-kontijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-flus u għandhom jibagħtu r-rendikont u l-'budgets' lill-Uffiċċju kompetenti fil-Kurja skond id-direttivi ta' l-Isqof Djoċesan.

10. Ir-retturi tal-knejjes u l-prokuraturi qabel ma jintrabtu b'xi kuntratt jew konvenju dwar xogħol jew opri tal-knejjes tagħhom, kif ukoll qabel ma jagħtu kummissjonijiet li jinvolvu somma konsiderevoli ta' flus, għandhom jieħdu ħsieb li l-proġett u l-ispiża relativa jkollhom l-approvazzjoni ta' l-Isqof, u meta jkun meħtieġ, joqogħdu għat-tmexxija ta' konsulenti legali.

11. Din l-approvazzjoni hija meħtieġa wkoll biex isiru alterazzjonijiet fil-knisja, għall-ġbir mhux tas-soltu ħlief fil-każ li jkun ġbir fuq bażi djoċesana, kif ukoll sabiex jiġu aċċettati legati u fundazzjonijiet.

12. L-oġġetti sagri li jinxtraw għall-użu tal-knisja, wara l-mewt jew irriżenja tar-rettur li jkun xtrahom, jitqiesu bħala proprjetà ta' l-istess knisja, jekk ma jkunx hemm fil-Kurja dikjarazzjoni ffirmata minnu fejn jistqarr li hu akkwistahom bi flusu u għalih personalment.

13. Jekk ir-rettur jew prokuratur ikun nefaq għall-knisja tiegħu xi somma ta' flus minn butu jew meħuda b'self, b'eċċezzjoni għal meta jkun hemm il-permess bil-miktub ta' l-Isqof Djoċesan, dik is-somma, jekk ma jkunx hemm provi kuntrarji, titqies bħala mogħtija rigal lill-knisja, u r-rettur jew prokuratur jew il-werrieta tagħhom ma għandhom ebda dritt li jesiġuha.

IL-MINISTRI STRAORDINARJI TA' L-EWKARISTIJA
(Parti Prattika)

Digriet 110 — A K D G 28 (1981) 376-377.

Fid-djoċesi tagħna jiġu segwiti dawn id-direttivi:

1. Il-ministri ordinarji tat-tqarbin li jsir f'postijiet sagri u fid-djar talmorda huma l-presbiterju u d-djaknu; ministru straordinarju huwa l-akkolitu li jiġi istitwit permezz ta' rit apposta.

2. L-Isqof, wara li sema' l-parir favorevoli tal-Kunsill Presbiterali, ser iwaqqaf fid-djoċesi ministri oħra straordinarji tat-tqarbin skond innormi ta' l-Istituzzjoni tas-Sagra Kongregazzjoni tas-Sagramenti 'Immensae Caritatis' u t-twettiq ta' dan il-ministeru jkun regolat bid-direttivi li hawn f'dan id-dokument.

3. Il-ministri straordinarji tat-tqarbin imsemmija fil-paragrafu 2, jistgħu jwettqu s-setgħat tagħhom f'dawn iż-żewġ każijiet biss: a) sabiex jingħata servizz aħjar lill-aħwa morda, li jkunu jixtiequ jisimgħu l-messaġġ tal-Liturġija u jitqarbnu fil-ġranet tal-Ħadd u festi tal-preċett, meta l-ministri ordinarji jkunu okkupati f'ħidmiet pastorali oħra, il-ministri stra-

ordinarji lajċi jkollhom il-fakultà li jwasslulhom it-tqarbin u jamministrawlhom dan is-sagrament wara li jkunu ċċelebraw ukoll fi djar il-morda il-liturġija tal-Kelma; b) fil-komunitajiet reliġjużi fejn ma jkunx hemm saċerdot jew djaknu għad-dispożizzjoni tagħhom u ma għandhomx il-possibiltà li jipparteċipaw fl-Ewkaristija fi knisja oħra viċina, jista' jingħata l-ministeru lil waħda mill-membri ta' din il-komunità, u tkun tista' teżerċitah anke fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa.

4. Id-domanda sabiex xi ħadd ikun jista' jsir ministru straordinarju tat-tqarbin issir bil-miktub lill-Isqof mill-Kappillan jew mis-superjur f'isem il-parroċċa jew f'isem il-komunità interessata. Is-sistema tal-ministri straordinarji tat-tqarbin tiġi mdaħħla biss fejn hemm ħtieġa jew għall-anqas utilità tagħhom, u wara li l-insara jiġu mħejjija biex jaċċettawhom permezz ta' katekeżi xierqa.

5. L-għażla tal-persuna idonea għall-ministru straordinarju tat-tqarbin issir billi fejn hu possibbli, jinżamm dan l-ordni: lettur, student tasseminarju maġġuri, reliġjuż, reliġjuża, katekista, membru ta' l-Għaqdiet Kattoliċi approvati fid-djoċesi, kull nisrani raġel jew mara. Il-persuna li tingħażel irid ikollha 18-il sena magħluqa.

6. Il-persuni idoneji għal dan il-ministeru għandhom ikunu mħejjijin billi jattendu korsijiet ta' tagħlim li jsiru apposta fuq bażi djoċesana u li tagħhom jingħata ċertifikat. L-Isqof jista' jeżenta minn dan id-dmir lil dawk l-individwi li fil-ġudizzju tiegħu għandhom livell ta' tagħlim ekwivalenti. Minn żmien għal żmien isiru wkoll xi korsijiet ta' aġġornament.

7. Il-ministri straordinarji tat-tqarbin jirċievu l-mandat ta' l-Isqof għall-ministeru tagħhom skond ir-rit magħmul apposta f'ċelebrazzjoni djoċesana jew quddiem il-komunità li jkunu ser iservu. Meta jagħtu t-tqarbin huma għandhom josservaw in-normi liturġiċi u d-direttivi djoċesani.

8. Il-mandat tal-ministru fil-bidu jiġi mogħti 'ad experimentum' għal sena, imbagħad 'ad tempus' cioè għal **sentejn** u fit-twettiq tiegħu jkun marbut mal-komunità li tkun ippreżentata lil dak l-individwu għall-ministeru. Il-mandat jista' jiġi rinnovat wara li jgħaddu s-sentejn jew meta l-ministru jgħaddi għal komunità oħra u din ukoll tagħmel domanda għalih kif imfisser fin-numru (4).

9. Lil kull ministru mill-Kurja Djoċesana, tiġi mogħtija tessera li fiha jingħad mhux biss li dak l-individwu ġie mogħti s-setgħa li jwettaq il-ministeru straordinarju tat-tqarbin, iżda wkoll l-ambitu u l-kundizzjonijiet illi fihom għandu jwettaq il-ministeru. Din it-tessera tiġi ppreżentata fil-Kurja Djoċesana għar-rinnovament tal-mandat wara li jgħaddu s-sentejn jew meta jbiddel il-komunità.

10. Is-setgħat tal-ministru straordinarju tat-tqarbin ma jgħoddux iktar jekk il-mandat ma jiġix debitament rinnovat jew jekk il-komunità li tkun ippreżentatu jew l-Isqof li tah il-mandat jiddeċiedu li għal raġuni jew oħra l-ministeru tiegħu ma għadux iktar utli għall-komunità.

11. Il-ministri straordinarji tat-tqarbin għandhom iħossu li huma l-animaturi tal-pastorali liturġiko-sagramentali kollha tal-komunità b'riferenza partikulari għall-assistenza spiritwali u karitattiva tal-morda. Matul is-sena, għandhom jieħdu sehem mhux biss fil-laqgħat ta' aġġornament li jsiru għall-animaturi tal-liturġija, iżda wkoll f'ċerti funzjonijiet speċjali bħal ma huma l-quddiesa tal-Griżma ta' Ħamis ix-Xirka u fl-Ordinazzjonijiet meta jkunu mistiedna.

12. F'dawk il-komunitajiet parrokkjali fejn tiġi mdaħħla s-sistema tal-ministri straordinarji tat-tqarbin, is-saċerdoti għandhom jieħdu impenn ikbar sabiex iżuru l-morda ħalli jamministrawlhom kif imiss is-Sagrament tal-Qrar, u jaraw li ma jkun jonqoshom xejn mill-kura spiritwali li jkunu jeħtieġu.

STATUT TAĊ-ĊENTRI PARROKKJALI

Digriet 192 (b) A K D G 98 (1988) 1500-1502.

1. Iċ-ċentri parrokkjali kollha, ħlief dawk li ġew mogħtija statut speċjali mill-Isqof, għandhom josservaw bir-reqqa n-normi ta' dan l-istatut.

2. Il-għan taċ-ċentru parrokkjali huwa dak li joffri ambjent adattat fejn, skond l-ispirazzjoni nisranija, id-diversi kategoriji tan-nies tal-parroċċa jistgħu jiltaqgħu biex ikollhom tagħlim, jew jgħaddu ż-żmien liberu tagħhom f'rikreazzjoni onesta, f'attivitajiet kulturali jew f'ħidmiet utli ta' promozzjoni umana sħiħa.

3. Fost il-ħidmiet l-oħra taċ-ċentru parrokkjali, huma rrikmandati dawn li ġejjin:

a) il-katekesi taż-żgħar u tal-kbar;

b) it-talb komunitarju, speċjalment fi grupp;

c) l-attivitajiet edukattivi għall-formazzjoni kontinwata ta' diversi kategoriji ta' nies;

d) l-inizjattivi ta' xeħta soċjali għall-għajnuna ta' dawk li huma fil-bżonn jew emarġinati;

e) l-inizjattivi kulturali li jgħinu biex il-bnedmin jgħixu flimkien iktar fil-hena, bħalma huma l-kant, il-mużika, l-arti drammatika, eċċ.;

f) il-logħob u l-attività atletika, i.e. sports.

4. Iċ-ċentri parrokkjali jiddependu mill-awtorità ekkleżjastika djoċesana, li fit-tmexxija tagħhom tinqeda bil-pariri u bil-kollaborazzjoni

ta' l-Uffiċċju Kulturali tal-Kurja, li huwa parti mis-sezzjoni tal-Promozzjoni Umana.

5. Għal kull fini legali u quddiem l-Awtorità Ekkleżjastika, huwa responsabbli għat-twaqqif u għall-andament taċ-Ċentri Parrokkjali l-kappillan 'pro tempore' tal-post. Huwa jedd u dmir ta' l-Arċipriet/Kappillan li jieħu ħsieb (a) li jitwaqqaf fil-parroċċa tiegħu u jitmexxa kif imiss iċ-Ċentru Parrokkjali, biex iservi tabilħaqq għall-ġid spiritwali tal-parroċċa; (b) li jkun direttur taċ-Ċentru Parrokkjali, ħlief meta f'każijiet partikulari, l-Isqof jiddeċiedi xort'oħra.

6. Il-Kappillan, bħala direttur taċ-Ċentru Parrokkjali, jista' jitlob li jkollu xi saċerdoti jew lajċi maturi, wieħed jew iktar, bħala assistenti taċ-Ċentru. Xogħol l-assistenti huwa li janimaw l-attivitajiet li jsiru ta' kuljum fiċ-Ċentru Parrokkjali, u kompiti oħra bi ftehim mad-Direttur. L-assistenti (a) jiġu maħtura mill-Isqof wara konsultazzjoni mal-Kappillan; (b) idumu fil-kariga għal sentejn, iżda jistgħu jiġu konfermati; (c) il-kappillan, jekk fil-kuxjenza jħoss li meħtieġ li jsir hekk biex tiġi evitata ħsara spiritwali, jista' jitlob li jitneħħew l-assistenti miċ-Ċentru, anke qabel ma jispiċċa t-terminu tal-ħatra tagħhom.

7. Il-kappillan għandu jitlob il-pariri u l-għajnuna tal-Kunsill Parrokkjali dwar l-attivitajiet li jiżvolġu ruħhom fiċ-Ċentru Parrokkjali, kif ukoll, minn żmien għal żmien, għandu jżomm il-Kunsill Parrrokkjali nfurmat dwar l-attivitajiet imsemmija. Dan jista' jsir permezz ta' relazzjoni annwali li tinqara fil-laqgħa tal-Kunsill Parrokkjali.

8. Sabiex id-Direttur ikollu l-għajnuna meħtieġa fil-ħidmiet taċ-Ċentru Parrokkjali, jista' jitwaqqaf kumitat ċentrali apposta, magħżul minn fost il-persuni li jiffrekwentaw iċ-Ċentru Parrokkjali li jkunu għalqu s-sittax-il sena. Barra mid-Direttur u l-Assistenti, il-Kumitat ikollu President/a, Segretarju/a, kaxxier/a, u membri oħra. Ikun rappreżentat fil-Kunsill Parrokkjali minn persuna magħżula mill-membri tiegħu. Barra mill-mem-

bri eletti, jista' jkun hemm ukoll membri ko-optati magħżula mid-direttur. Il-Kumitat idum fil-kariga għal sena.

9. Barra mill-Kumitat Ċentrali u taħt il-kontroll tiegħu, jistgħu jitwaqqfu sotto-kumitati għal diversi ħidmiet, p.e. sports, attivitjiet tal-palk, eċċ. Dawn is-sotto-kumitati jistgħu jintgħażlu sewwa b'elezzjoni mal-Kumitat Ċentrali. Kull sotto-kumitat ikollu rappreżentant tiegħu fil-Kumitat Ċentrali, li jista' jkun wieħed mill-membri eletti jew nominati.

L-istess membru jista', fl-istess waqt, jirrappreżenta iktar minn sotto-kumitat wieħed. Is-sotto-kumitat jista' jiġi aġġornat, mibdul jew xolt meta l-Kumitat Ċentrali jieħu din id-deċiżjoni.

10. Il-laqgħat tal-Kumitat u laqgħat oħra li fihom jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet u l-andament taċ-Ċentru, ma jistgħux jiġu msejħa mingħajr il-kunsens tad-Direttur, u ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu jew tad-delegat tiegħu.

11. L-orarju tal-ftuħ u ta' l-egħluq jiġi determinat skond l-istaġun mill-Kumitat Ċentrali, bl-approvazzjoni tad-Direttur u jiġu nfurmati bih il-ġenituri tat-tfal u taż-żgħażagħ li jiffrekwentaw iċ-ċentri. Meta jkun miftuħ, iċ-Ċentru f'dan l-orarju għandu dejjem ikun preżenti għall-inqas wieħed mill-assistenti.

12. L-amministrazzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali tiddependi totalment mill-Uffiċċju Parrokkjali. Kull infieq u dħul ta' flus għandu jiġi approvat u kkontrollat mill-Uffiċċju Parrokkjali, li jkun ukoll responsabbli tal-'liabilities'. Għandu jkun hemm inventarju ffirmat mid-Direttur ta' l-oġġetti kollha li hemm fiċ-Ċentru.

13. Fil-lokali taċ-Ċentru, ma għandha titħalla ssir ebda ħaġa li hija kontra l-prinċipji tal-morali Nisranija, jew li b'xi mod tisfa ta' ħsara għall-oħrajn. Mhux permess li jidħlu nies b'ilbies mhux xieraq.

14. Għandhom jiġu evitati wkoll attivitajiet konnessi ma' politika partiġġjana.

15. Huwa dmir tad-Direttur taċ-Ċentru Parrokkjali li jgħin bl-aħjar mod li jista' fil-ħidma tal-formazzjoni spiritwali tal-membri kif ukoll li jħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu għal attivitajiet reliġjużi li jsiru kemm fuq bażi djoċesana kif ukoll fuq bażi parrokkjali. Id-direttur joqgħod attent sabiex josserva l-istatut taċ-Ċentri Parrokkjali u jagħmel ħiltu sabiex l-istess statut jiġi osservat ukoll mill-oħrajn.

16. Id-Direttur taċ-Ċentru Parrokkjali jżomm kuntatt mill-qrib mad-delegat djoċesan għall-Edukazzjoni u l-Kultura u jwettaq kull direttiva li toħroġ minn dan l-uffiċċju. Fejn hu possibbli, jara li jitwaqqfu l-gruppi msemmija fl-Atti tal-Kurja (nru. 77, 1164-1166).

17. Sabiex ikun hemm koordinament bejn l-għaqdiet kattoliċi li jinqdew biċ-ċentru, id-Direttur għandu jitlob li kull għaqda minnhom tħejji programm ta' attivitajiet fil-bidu ta' kull sena.

18. Kull tliet xhur għandha tintbagħat kopja fidila ta' l-attivitajiet li jsiru fiċ-Ċentri Parrokkjali, iffirmata mid-Direttur/Segretarju, lis-Segretarjat ta' l-Edukazzjoni u Kultura tal-Kurja.

Fl-aħħar tas-sena, kull direttur għandu jibgħat lill-istess Segretarjat ir-rapport ta' l-attivitjiet kollha li jkunu saru matul is-sena u programm ġenerali għas-sena l-ġdida.

19. Barra minn dawn l-istatuti, il-Kumitat Ċentrali jista' jifforma regolamenti partikulari għalih, kif ukoll għal kull waħda mill-attivitajiet tiegħu, basta ma jkunux kontra l-kliem u l-ispirtu ta' dawn l-istatuti. Kopja ta' dawn ir-regolamenti bid-data li fiha ġew approvati għandha tintbagħat lill-Uffiċċju responsabbli tal-Kurja.

20. Malli jiġi approvat dan l-istatut, ma jibqgħux aktar viġenti l-istatuti ta' qabel li kienu dehru fl-Atti tal-Kurja, n. 10, pp. 96-97, u d-direttivi lid-Direttur taċ-Ċentri Parrokkjali (Atti n. 81 p. 1229), ħlief fejn huma kompatibbli man-normi ta' dan l-istatut.

21. Dan l-istatut jista' jiġi rivedut jew mibdul mill-Isqof, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Presbiterali.

DIRETTIVI DWAR IL-BORD TA' L-ARBITRAĠĠ

Digriet 206 — A K D G 65 (1985) 967.

1. Skond il-kan. 1713, fid-Djoċesi t'Għawdex huwa mwaqqaf il-Bord ta' l-Arbitraġġ li jeżamina l-kwistjonijiet li **jmissu persuni jew proprjetà tal-Knisja**, li jkunu ġew imressqa lilu u jieħu deċiżjoni fuqhom.

2. Fi kwalunkwe stadju li fih ikun wasal il-Bord ta' l-Arbitraġġ rigward kull kwistjoni li jkollu quddiemu, kull waħda mill-partijiet kontendenti jkollha d-dritt li tressaq il-kwistjoni quddiem tribunal ċivili jew ekkleżjastiku u meta jsir hekk, il-Bord ta' l-Arbitraġg jissospendi l-ħidma tiegħu.

3. Kull sentejn l-Isqof jinnomina 'chairman' ta' dan il-Bord u lista' ta' persuni li jkunu ser iservu fih. Għal kull kwistjoni, l-Isqof jagħżel żewġ persuni jew iktar biex flimkien maċ-'chairman' jistudjawha u jagħtu deċiżjoni fuqha. Tiġi meħuda f'konsiderazzjoni jekk xi ħadd mill-kontendenti jkollu eċċezzjoni għal xi persuna tal-Bord, basta jipprova l-oġġezzjoni tiegħu b'argumenti validi.

4. Biex xi kwistjoni tiġi studjata mill-Bord jeħtieġ li għall-anqas wieħed mill-kontendenti jikteb ittra li fiha jesponi l-'claims' tiegħu lill-Isqof u dan jagħti l-kunsens tiegħu biex jindaħal il-Bord ta' l-Arbitraġġ. Il-parti l-oħra trid tikkonsenti wkoll.

5. Biex jiġbor l-informazzjoni meħtieġa, il-Bord jista' jsejjaħ quddiemu separatament kull waħda mill-partijiet kontendenti kif ukoll xhieda li jressqu huma jew li l-Bord jidhirlu li huma meħtieġa.

6. Kull waħda mill-kontendenti tista' ġġib magħha konsulent legali biex jesponi aħjar il-każ tagħha u jwieġeb hu għad-domandi li jagħmillu l-Bord.

7. Wara dawn il-laqgħat, il-Bord jista' jitlob lill-konsulent legali ta' kull waħda mill-partijiet kontendenti jew lilhom stess biex jagħtu relazzjoni bil-miktub.

8. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, il-membri tal-Bord, kemm fis-seduti kif ukoll barra mis-seduti, m'għandhomx iwieġbu għall-mistoqsijiet jew jagħtu informazzjoni mitluba minn xi wieħed mill-kontendenti jew rappreżentanti tiegħu.

9. Wara li tinstema' x-xhieda u tingħabar informazzjoni oħra, il-Bord jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'seduta għaliha iżda mhux fil-preżenza tal-kontendenti.

10. Id-deċiżjoni tiġi kumnikata lil kull wieħed mill-kontendenti bil-miktub permezz ta' ittra reġistrata.

11. Għandhom jiġu mħarsa wkoll in-normi preskritti fil-Kan. 1715, 1716.

DIRETTIVI DWAR L-UŻU TA' L-ARKIVJU TAL-KURJA

Digriet 207 (c) A K D G 67 (1985) 1004.

1. Mingħajr il-permess ta' l-Isqof jew il-permess mogħti simultanjament mill-Moderatur ta' l-Arkivju u mill-Kanċellier, ħadd ma jista' jidħol fl-Arkivju tal-Kurja. (kan. 487 par. 1).

2. Dawk li huma interessati għandhom il-jedd li jakkwistaw kopja awtentika manuskritta jew fotokopja ta' dawk id-dokumenti li huma pubbliċi min-natura tagħhom u li jirrigwardaw lilhom (kan. 487 par. 2).

3. Ħadd ma jista' jieħu dokumenti mill-arkivju, ħlief għal żmien qasir u bil-permess ta' l-Isqof u tal-persuni msemmija fin-numru 1 (kan. 488).

4. L-Arkivju sigriet imsemmi fil-kanoni 489 par. 1 jinżamm skond kif jippreskrivi l-istess kanoni u ħadd ma jista' jagħmel riċerki fih jew **jieħu kopji tad-dokumenti tiegħu.**

5. Biex wieħed jottjieni l-permess li jagħmel riċerki fl-arkivju ġenerali tal-Kurja, għandu jagħmel talba bil-miktub lill-Ordinarju, li fiha jiġi muri l-iskop tar-riċerki.

Il-persuna li tagħmel it-talba, jekk ma tkunx magħrufa personalment fil-Kurja, trid tippreżenta ċertifikat ta' l-Ordinarju jew Kappillan tagħha.

6. Il-permess, meta jingħata, ikun għal żmien determinat u jkun indikat bil-miktub.

7. Bħala regola, ma jiġux mislufa dokumenti biex wieħed jarahom iddar.

8. Min jiffrekwenta l-Arkivju, irid jiġi fil-ħinijiet ta' l-Orarju tal-Kurja, u ma għandux jippretendi li joqgħod hemm f'ħinijiet oħra.

9. Ir-riċerki jsiru fil-preżenza ta' xi wieħed mill-inkarigati ta' l-Arkivju.

10. Ma jingħatawx għar-riċerki dokumenti li huma reċenti aktar minn tletin (30) sena 'l hawn.

11. L-arkivista jista' jirrifjuta li jesebixxi materjal li fl-opinjoni tiegħu tista' tiġrilu ħsara fl-idejn jew li huwa kompromettenti.

12. L-Arkivju tat-Tribunal Ekkleżjastiku jkun irregolat mill-istatuti li hemm apposta għalih.

REGOLAMENTI DWAR L-IMPJEGATI TAL-KURJA

(Reviżjoni ta' l-Oriġinal li hemm fl-Atti tal-Kurja No. 1 p. 10-13)

Digriet 211 — A K D G 69 (1986) 1025-1027.

1. L-impjegati tal-Kurja jiġu magħżula mill-Isqof responsabbli għat-tmexxija tad-djoċesi, permezz ta' ittra ta' nomina (kan. 470). Huwa għandu wkoll il-jedd li jillimita ż-żmien tas-servizz jew anke jitterminah meta fid-deskrizzjoni tiegħu s-servizz tagħhom ma jkunx meħtieġ iżjed.

2. Jekk mingħajr kawża ġusta aċċettata mill-Isqof ma jibdiex is-servizz tiegħu fi żmien xahar minn meta tintbagħtlu l-ittra tan-nomina, ikun ikkunsidrat qisu rrinunzja għall-ħatra tiegħu.

3. Kull impjegat fil-bidu tal-karriera tiegħu (kan. 471) għandu jwiegħed b'ġurament li jwettaq ix-xogħol bis-serjetà u bir-reqqa afdata lilu, u li jżomm is-sigriet meta dan ikun mitlub mil-Liġi Kanonika jew mis-Superjuri tiegħu.

4. L-impjegati huma mitluba li jżommu s-sigriet dwar il-każijiet kunfidenzjali li jiltaqgħu magħhom matul ix-xogħol tagħhom tal-Kurja, u dwar tagħrif ieħor li jiksbu minn reġistri u dokumenti li jkunu għadhom ma ġewx ippubblikati.

5. (a) Kull impjegat, sewwa jekk saċerdot djoċesan kif ukoll jekk ikun reliġjuż jew sekular, għandu jikkollabora ma' l-Ordinarju b'sens ta' lealtà, responsabbiltà, rispett u karità li jżomm l-armonija ma' sħabu.

(b) L-impjegati membri tal-Kleru għandhom ifittxu li jattendu għallaqgħat ta' spiritwalità u ta' aġġornament li jsiru fuq bażi djoċesana.

6. L-impjegati għandhom josservaw bir-reqqa kollha l-orarju ta' l-uffiċċji tal-Kurja kif jiġi stabbilit fil-bidu ta' kull sena b'konsultazzjoni ma' l-Isqof.

7. Jekk xi ħadd mill-impjegati, f'każijiet eċċezzjonali, isibha bi tqila li josserva orarju normali, għandu jasal fi ftehim ma' l-Isqof biex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

8. Huma għandhom jinnotaw ta' kull darba fuq formula apposta l-ħin xħin bdew u spiċċaw ix-xogħol ta' l-uffiċċju tagħhom u ma jassentux ruħhom għal ħin konsiderevoli mingħajr permess.

9. Jekk fid-diskrezzjoni ta' l-Isqof tinħass il-ħtieġa, xi whud millimpjegati jistgħu jiġu msejħa biex jaħdmu fi ġranet u ħinijiet oħra barra minn dawk ta' l-orarju ta' l-uffiċċju.

10. Fil-każ ta' xi mard jew xi impediment ieħor imprevist, l-impjegat jew xi ħadd imqabbad minnu għandu javża li mhux ser jattendi, possibilment qabel il-ħin ta' l-uffiċċju lil xi wieħed mill-impjegati sħabu u dan jieħu ħsieb biex jinforma lil min hu responsabbli b'din l-assenza biex tiġi nnotata u sabiex xi ħadd jissupplixxi minfloku.

11. F'każijiet ta' urġenza jew f'xi ċirkustanzi speċjali, dejjem bilpermess tas-Superjuri, jistgħu jkomplu d-dar tagħhom dak ix-xogħol li ma jkunux laħqu temmew fl-uffiċċju.

12. Huma obbligati li jwettqu wkoll dak ix-xogħol afdat lilhom missuperjuri tagħhom, anke jekk ma jkunx strettament konness ma' l-uffiċċju tagħhom, iżda jkollu konnessjoni ma' l-uffiċċji l-oħra tal-Kurja.

13. Kollha kemm huma l-impjegati, mingħajr ebda ħlas 'extra' u skond id-dispożizzjonijiet tas-Superjuri, għandhom jissupplixxu u jgħinu b'imħabba ta' aħwa lil sħabhom l-oħra fil-każ li dawn ikunu assenti jew mgħobbija b'xogħol li ma jistgħux ilaħħqu miegħu.

14. Jekk wieħed mill-impjegati jkun ser jagħmel xi xogħol ta' uffiċċju ieħor meta l-impjegat ta' dan l-uffiċċju jkun assenti, għandu jara qabel xejn li jkollu l-inkarigu jew il-permess tas-Superjuri tiegħu u jkun jaf sewwa fejn tasal il-fakultà proviżorja mogħtija lilu. Wara għandu jinforma lillimpjegat inkarigat mill-uffiċċju b'dak li jkun sar fl-assenza tiegħu.

15. Ir-retribuzzjoni tingħata skond in-numru ta' sigħat li kull impjegat ikun daħal għax-xogħol, sewwa bl-orarju normali kif ukoll barra millorarju basta bil-permess tas-Superjuri tiegħu. Jingħataw ukoll l-għotjiet ta' l-Għid u tal-Milied skond kif jiġu determinati minn żmien għal żmien.

16. Kull impjegat għandu l-jedd għal ġimgħa ta' irtir u għal ħmistax il-ġurnata ta' kull sena bir-retribuzzjoni kif kien soltu jieħu, barra millvaganzi komuni għal kulħadd. Però qabel ma jiddeċiedi meta jeħodhom

għandu jiftiehem mas-Superjuri tiegħu sabiex jiġu mħarsa l-esigenzi tax-xogħol tal-Kurja. Dawn it-tliet ġimgħat vaganzi jistgħu jittieħdu mhux biss fi ġranet konsekuttivi iżda wkoll fi ġranet separati. Jistgħu jiġu akkumulati wkoll minn sena għall-oħra.

17. Huwa rrikmandat għal kull impjegat tal-Kurja:

a) li jutilizza sewwa l-ħin ta' l-orarju;

b) li ma jassentix ruħu mingħajr il-permess tas-Superjur;

c) li jkun puntwali fil-ħin ta' l-uffiċċju u ma jitlaqx qabel il-ħin.

18. Huwa pprojbit għal kull impjegat tal-Kurja:

a) li jaċċetta rigali mingħand in-nies li jservi;

b) li jikkritika mal-barranin l-andament tal-Kurja jew l-imġieba fl-uffiċċju ta' l-impjegati sħabu;

c) li jagħti appuntamenti lin-nies biex jiġu jkellmuh fl-uffiċċju fuq materji li m'humiex konnessi max-xogħol tagħhom tal-Kurja.

19. Ħlief meta tingħata eżenzjoni mill-Isqof, l-impjegati tal-Kurja ma jistgħux:

a) iżommu d-dar reġistri u dokumenti tal-Kurja jew jieħdu noti minnhom;

b) juru lil ħaddieħor karti u dokumenti tal-Kurja, bla ma jkunu awtorizzati;

c) jużaw karta intestata ta' l-Uffiċċju, ħlief f'dawk il-każijiet fejn skond il-prassi tal-Kurja hemm dan l-użu;

d) ikollhom xi mpjieg, anke privat, jew jieħdu xi karigi anke ekkleżjali li jistgħu jkunu ta' tfixkil ghax-xogħol ta' l-uffiċċju;

e) jaċċettaw xogħol li tiegħu jridu jagħtu kont lil ħaddieħor jew li jista' jikkompromettu l-prestiġju tal-Kurja, bħal ma hu dak ta' aġent, prokuratur jew eżekutur testamentarju.

20. Min jonqos mid-dmirjiet tiegħu jiġi mwissi bil-kliem jew bil-kitba u jekk dan ma jkunx biżżejjed, jistgħu jittieħdu miżuri dixxiplinari kontra tiegħu bħal ma hija s-sospensjoni jew ir-rimozzjoni mill-uffiċċju.

21. L-impjegati tal-Kurja jirċievu kopja ta' dawn ir-regolamenti u kull impjegat jagħmel u jiffirma dikjarazzjoni bil-miktub li jrid josservahom. Kull meta jintagħżel xi impjegat ġdid, din id-dikjarazzjoni jeħtieġ li ssir fil-bidu tat-twettiq tal-kariga tiegħu.

22. L-impjegat li jkun fi ħsiebu jħalli l-uffiċċju, għandu jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub lill-Isqof. Ir-rinunzja tibda tgħodd minn meta tiġi aċċettata bil-miktub u sadattant l-impjegat jibqa' responsabbli tax-xogħol ta' l-uffiċċju tiegħu. L-aċċettazzjoni tar-rinunzja tiegħu tista' tiġi rrifjutata jew ritardata jekk fid-diskrezzjoni ta' l-Isqof dan ikun mitlub mill-esiġenzi tax-xogħol tal-Kurja.

STATUT GĦALL-KULLEĠĠ TAL-KONSULTURI FIT-TERMINI TAL-KANONI 502

(Ara Nru. 1 ta' l-Atti tal-Konferenza Episkopali Maltija p. 4 Deċiżjoni nru. 4)

Digriet 212 — A K D G 71 (1986) 1065-1068.

NATURA U SKOP:

1. Il-Kulleġġ tal-Konsulturi ffurmat minn saċerdoti nominati mill-Isqof Djoċesan, minn fost il-membri tal-Kunsill Presbiterali skond il-Kanoni 502, għandu jagħti s-sehem tiegħu f'dak li jirrigwarda t-tmexxija u l-amministrazzjoni tad-djoċesi, kif ukoll f'atti ġuridiċi oħra, kif stabbilit fil-Liġi Universali jew f'dan l-Istatut.

KOMPOŻIZZJONI:

2.1. Il-Kulleġġ huwa kompost minn mhux inqas minn sitta u mhux aktar minn tnax il-membru.

2.2. F'każ li għal xi raġuni xi membru jew membri ma jibqgħux jiffurmaw parti mill-Kulleġġ, l-Isqof ma jkunx obbligat li jinnomina oħrajn minn flokhom sakemm in-numru tal-membri tal-Kulleġġ ma jkunx inqas minn sitta.

3.1. Il-membri ta' dan il-Kulleġġ huma nominati għal ħames snin, iżda l-Kulleġġ jibqa' jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu sakemm ma jiġix nominat Kulleġġ ġdid.

3.2. Mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal fl-artikli 2.1 u 3.1, meta l-Isqof iħoss il-ħtieġa li matul il-ħames snin jinnomina membri oħra, il-mandat tagħhom jiskadi wkoll mal-korp kollu.

4.1. Wara li jiskadu l-ħames snin min-nomina tal-korp, l-Isqof għandu fi żmien tliet xhur, jinnomina l-membri tal-korp il-ġdid. L-Isqof huwa wkoll liberu jġedded in-nomina tal-membri kollha jew ta' xi wħud minnhom, sakemm ikunu f'dak iż-żmien membri tal-Kunsill Presbiterali.

4.2. Jekk matul il-ħames snin xi membru jew membri ma jibqgħux jiffurmaw parti mill-Kunsill Presbiterali dan bl-ebda mod ma jfisser li hu/huma ma jibqgħux membri tal-Kulleġġ tal-Konsulturi.

4.3. Jekk membru jassenta ruħu għal tliet laqgħat konsekuttivi u ma jagħtix raġuni li tiġi approvata mill-Isqof djoċesan, huwa jiskadi 'ipso facto' minn membru tal-Kulleġġ tal-Konsulturi.

TMEXXIJA:

5.1. Il-Kulleġġ tal-Konsulturi huwa presedut mill-Isqof djoċesan.

5.2. Meta f'ċirkustanzi straordinarji u urġenti l-Isqof djoċesan ma jkunx jista' jippresiedi l-laqgħa personalment, jista' jinnomina wieħed mill-konsulturi biex jippresiedi f'ismu u wara dan jinfurmah dwar dak li jkun sar.

5.3. Meta s-Sede Veskovili tkun vakanti jew impedita, il-laqgħa tal-Kulleġġ tkun ippreseduta minn dak is-saċerdot li jissostitwixxi l-Isqof djoċesan, u jekk dan ikun għadu mhux magħżul, mill-membru tal-Kulleġġ l-aktar anzjan mill-Ordinazzjoni u subordinatament l-aktar anzjan fl-età.

6. Fil-bidu tas-sessjoni, wara n-nomina, il-membri kollha jieħdu quddiem l-Isqof il-ġurament 'de munere fideliter adimplendo et de secreto servando'. Is-sigriet għandu jinżamm meta tesiġi dan l-istess natura tal-materja diskussa, u kull darba li jitlob dan il-president.

7. Fl-ewwel laqgħa li ssir wara n-nomina tal-membri tal-Kulleġġ kull ħames snin, jiġi elett b'votazzjoni sigrieta wieħed mill-membri biex ikun is-segretarju tal-Kulleġg skond il-Kanoni 119, 1°, sakemm l-istess konsulturi ma jiddeċidux li l-għażla tas-segretarju ssir b'xi mod ieħor.

8. Is-segretarju jkollu d-dmir li jżomm il-minuti tal-laqgħat kif ukoll jieħu ħsieb il-korrispondenza taħt id-direzzjoni ta' l-Isqof.

KOMPETENZA:

9. Il-Kulleġġ tal-Konsulturi, barra mill-każijiet previsti mil-Liġi, għandu jiltaqa' kull meta l-Isqof iħoss il-bżonn li jitlob il-parir tiegħu.

10.1. L-Isqof għandu jisma' l-parir tal-Kulleġġ tal-Konsulturi qabel ma jinnomina jew ineħħi, matul il-ħames snin tal-kariga tiegħu, lill-Ekonomu tad-djoċesi (Segretarju Amministrattiv) (kan. 494, §1), kif ukoll qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet importanti ta' amministrazzjoni (kan. 1277).

10.2. Għandu mbagħad jitlob il-kunsens tal-Kulleġġ:

(a) kull meta għandu jiġi mwettaq xi att ta' amministrazzjoni straordinarja kif stabbilit mill-Konferenza Episkopali;

(b) meta tkun ser issir aljenazzjoni ta' proprjetà bil-valur ta' bejn is-somma minima u massima ffissata mill-Konferenza Episkopali (kan. 1292);

(c) meta minħabba xi att amministrattiv is-sitwazzjoni patrimonjali tal-persuna ġuridika tkun tista' tmur għall-agħar (kan. 1295).

11.1. F'każ li s-Sede Veskovili tkun vakanti u ma jkunx hemm Isqof Awżiljarju, it-tmexxija tad-djoċesi tkun f'idejn il-Kulleġġ tal-Konsulturi (kan. 419).

11.2. F'każ ta' mewt ta' l-Isqof djoċesan, jekk ma jkunx hemm Isqof Awżiljarju, il-Kulleġġ tal-Konsulturi għandu mingħajr dewmien jinforma lis-Santa Sede (kan. 422).

11.3. Mill-aktar fis il-Kulleġġ tal-Konsulturi għandu jiltaqa' biex fi żmien tmint ijiem minn meta jsir magħruf li s-Sede Veskovili hija vakanti, jeleġġi l-Amministratur Djoċesan (kan. 421).

11.4. Sakemm is-Sede Veskovili tibqa' vakanti, il-Kulleġġ tal-Konsulturi jaqdi d-dmirijiet tal-Kunsill Presbiterali (kan. 501, § 2).

12. L-Amministratur Djoċesan għandu:

(i) jagħmel il-Professjoni tal-Fidi quddiem il-Kulleġġ tal-Konsulturi (kan. 833, 4°);

(ii) jieħu l-kunsens tal-Kulleġġ tal-Konsulturi;

(a) qabel jagħti l-ittri dimissorji għall-Ordinazzjoni għas-sekulari (kan. 1018, § 1, 2°);

(b) qabel ineħħi mill-uffiċċju l-Kanċellier jew Nutara oħra (kan. 485);

(c) qabel jagħti l-inkardinazzjoni jew l-iskardinazzjoni jew il-permess biex kjeriku jgħaddi għal knisja partikulari oħra u dan biss wara li tkun għaddiet sena minn meta s-Sede Veskovili tkun vakanti (kan. 272).

13. Meta s-Sede Veskovili tkun impeduta u ma jkunx hemm Isqof Koadjatur jew Awżiljarju, jew Vigarju Ġenerali jew Episkopali, jew xi saċerdot ieħor skond il-lista mħejjija mill-Isqof djoċesan (ara kan. 413), il-Kulleġġ tal-Konsulturi għandu jeleġġi saċerdot li jmexxi 'ad interim' id-djoċesi.

14. Meta jiġi nominat l-Isqof Djoċesan jew l-Isqof Koadjatur, jew inkella l-Isqof Awżiljarju, jekk is-Sede Veskovili tkun impedita, il-Kulleġġ tal-Konsulturi għandu jiltaqa' biex l-Isqof Djoċesan jew Koadjatur, u jekk ikun il-każ, l-Isqof Awżiljarju, ikun jista' jieħu l-pussess (kan. 382, par. 3; 404).

LAQGĦAT:

15. Biex il-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Konsulturi tkun valida huwa meħtieġ li jiġu konvokati l-membri kollha u jkunu preżenti l-maġġoranza tal-membri, wara li jitnaqqsu dawk li jkunu morda jew imsefrin.

16. L-aġenda ta' kull laqgħa għandha tiġi determinata mill-Isqof jew, fil-każ ta' Sede vakanti jew impedita, minn min ikun qed jissostitwih.

17. Matul il-laqgħat il-membri għandhom id-dmir li juru bil-libertà kollha l-fehma tagħhom lill-Isqof.

18. Il-vot tal-Konsulturi normalment ma jkunx sigriet u kull wieħed għandu jkun dispost li jagħti l-motivazzjoni għad-deċiżjoni kif imfissra mill-vot tiegħu. F'każijiet partikulari, l-Isqof jista' jippreskrivi jew jippermetti vot sigriet.

STATUT TAL-KUNSILL PRESBITERALI

Digriet 213 (a) A K D G 70 (1986) 1047-1052.

NATURA U GĦAN:

1. Fid-djoċesi ta' Għawdex, huwa mwaqqaf fit-termini tal-Kanoni 495, par. 1, il-Kunsill Presbiterali bħala s-Senat ta' l-Isqof, iffurmat minn saċerdoti li jirrappreżentaw il-Presbiterju, bid-dmir u d-dritt li jgħin lill-Isqof bil-parir tiegħu fit-tmexxija tad-djoċesi.

2. Il-Kunsill Presbiterali huwa regolat mil-Liġi Universali tal-Knisja, min-Normi tal-Konferenza Episkopali Maltija, mis-Sinodu Djoċesan u minn dan l-Istatut.

KOMPETENZA:

3.1. Il-Kunsill Presbiterali għandu dmir jagħti parir lill-Isqof dwar materji ta' importanza għall-ħajja tad-djoċesi li l-Isqof jipproponi lill-istess Kunsill Presbiterali, speċjalment dwar:

(a) it-tagħlim tat-twemmin nisrani;

(b) it-tqaddis tal-fidili;

(c) it-tmexxija pastorali u l-amministrazzjoni tad-djoċesi.

3.2. Fil-Kunsill Presbiterali jiġu ttrattati biss dawk il-materji li jipproponi l-Isqof, b'inizjattiva tiegħu jew fuq suġġeriment tal-membri.

3.3. Fil-Kunsill Presbiterali ma jiġux ittrattati kwistjonijiet li minnatura tagħhom jesiġu prudenza diskrezzjonali bħal ma hi l-għażla ta' persuni għall-uffiċċji.

4.1. Il-Kunsill Presbiterali jiġi mismugħ skond il-Liġi Universali f'dawn il-każijiet:

(a) fit-twaqqif, soppressjoni jew tibdil notevoli tal-parroċċi (kan. 515, par. 2);

(b) meta l-Isqof jistabilixxi normi fit-termini tal-Kanoni 531 dwar id-destinazzjoni ta' l-offerti li l-fidili jagħmlu fil-parroċċi;

(c) qabel ma l-Isqof jagħti permess għall-bini ta' knisja ġdida (kan. 1215, par. 2);

(d) meta, eskluż il-każ li knisja ma tistax tiġi wżata aktar għall-kult fit-termini tal-Kanoni 1222 par. 1, l-Isqof ikun ser jagħti l-permess biex knisja tingħata għal skopijiet profani, mhux indekorużi, minħabba raġunijiet serji skond il-Kanoni 1222 par. 2;

(e) meta l-Isqof ikun irid jimponi fuq il-persuni ġuridiċi pubbliċi suġġetti għall-awtorità tiegħu taxxa għall-ħtiġijiet tad-djoċesi (kan. 1263).

4.2. Barra mill-każijiet elenkati hawn fuq, huwa xieraq li l-Kunsill Presbiterali jiġi mismugħ ukoll:

(a) qabel l-approvazzjoni ta' Pjan Pastorali Djoċesan;

(b) qabel tiġi organizzata missjoni jew attività pastorali straordinarja oħra fuq livell djoċesan;

(c) dwar il-kura pastorali ta' l-emigranti u ta' l-Għawdxin f'Malta;

(d) dwar dak kollu li jirrigwarda l-ħajja u l-ministeru tal-kleru, speċjalment il-qdusija, il-formazzjoni, rimunerazzjoni u previdenza soċjali tiegħu.

KOMPOŻIZZJONI:

5. Il-President tal-Kunsill Presbiterali huwa Monsinjur Isqof Djoċesan.

6.1. Il-membri tal-Kunsill Presbiterali huma ta' tliet xorta: (i) membri 'ex officio'; (ii) membri nominati mill-isqof; (iii) membri eletti missaċerdoti li għandhom vuċi attiva.

6.2. In-numru tal-membri 'ex officio' u ta' dawk nominati flimkien m'għandux jissupera n-numru ta' dawk eletti b'aktar minn tlieta (3).

7. Il-membri 'ex officio' tal-Kunsill Presbiterali huma dawn li ġejjin, sakemm dawn l-uffiċji jkunu jeżistu fid-djoċesi u sakemm ikunu saċerdoti:

(i) il-Vigarji Ġenerali u Episkopali u l-Vigarju Ġudizzjali;

(ii) ir-Rettur tas-Seminarju Maġġuri.

8.1. Fl-għażla tal-membri nominati, l-Isqof huwa liberu li jagħżel min jidhirlu waqt li jibqa' mħares l-artiklu 4.3. tan-Normi tal-Konferenza Episkopali dwar il-Kunsill Presbiterali, jiġifieri jiġu inklużi saċerdoti anke minn fost dawn il-kategoriji:

(i) Saċerdoti impenjati f'ministeru fuq livell djoċesan jew f'apostolat speċjalizzat;

(ii) saċerdoti membri tal-Kapitlu tal-Katidral u tal-Kapitli tal-Kolleġġjati;

(iii) il-kappillani tal-parroċċi;

(iv) saċerdoti, mhux kappillani, impenjati f'ministeru parrokkjali.

8.2. Matul is-sessjoni tal-Kunsill, l-Isqof jibqagħlu d-dritt jinnomina membri ġodda sakemm jibqa' rispettat l-artiklu 6.2 ta' dan l-istatut. Dawn il-membri jiskadu mat-terminu tal-Kunsill.

9.1. Għall-għażla tal-membri eletti għandhom vuċi attivi u passiva:

(i) is-saċerdoti sekulari inkardinati fid-djoċesi, b'dan iżda li jekk dawn is-saċerdoti jkunu abitwalment residenti barra mid-djoċesi jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt biss meta jkunu attwalment fid-djoċesi;

(ii) is-saċerdoti mhux inkardinati li qed joqogħdu u għandhom uffiċċju fid-djoċesi;

(iii) is-saċerdoti membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata kanonikament stabiliti fid-djoċesi u li huma attwalment residenti fid-djoċesi.

9.2. Il-membri eletti tal-Kunsill Presbiterali minn fost is-saċerdoti sekulari fit-termini ta' l-art. 9.1 (i) u (ii) jiġu magħżula skond il-kriterju tar-residenza fid-Distrett Ekkleżjastiku jew Zona Pastorali tagħhom.

9.3. In-numru tad-Distrett Ekkleżjastiku jkun ta' erbgħa (4) imqassmin kif determinat minn żmien għal żmien mill-Isqof.

9.4. Jiġu eletti tliet (3) rappreżentanti f'kull distrett.

9.5. Is-saċerdoti membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata jivvutaw skond l-Istitut li tiegħu huma membri għal rappreżentant wieħed, jekk ikunu għall-inqas ħamsa (5); f'każ differenti jissieħbu ma' membri ta' Istituti oħra b'inqas minn ħamsa, u jagħżlu rappreżentant wieħed.

10.1. Għal dawn l-elezzjonijiet, fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Presbiterali, qabel it-tmiem tal-kariga tiegħu, tinħatar Kummissjoni Elettorali ta' mhux inqas minn tliet (3) membri minn ħdan l-istess Kunsill.

10.2. Il-Kummissjoni Elettorali tieħu ħsieb li fi żmien xahar minn meta jiskadi t-terminu tal-Kunsill ta' qabel, jinżammu l-elezzjonijiet għall-Kunsill il-ġdid. Jekk tinqala' xi diffikultà konnessa ma' l-elezzjonijiet hi kompetenti li tiddeċiedi dwarha din il-Kummissjoni Elettorali.

10.3. Il-Kummissjoni Elettorali tieħu ħsieb tmexxi direttament l-elezzjoni tar-rappreżentanti tas-saċerdoti li għandhom vuċi attiva u passiva fit-termini ta' l-artiklu 9.1. (i) u (ii). Għal dan il-għan tieħu ħsieb tlesti listi ta' dawn is-saċerdoti mqassmin skond id-Distrett Ekkleżjastiku.

Il-votazzjoni ssir bil-posta u kull saċerdot jivvota fuq l-iskeda mibgħuta lilu mill-Kummissjoni Elettorali għal tliet rappreżentanti. Jiġu dikjarati eletti għal kull distrett dawk is-saċerdoti li fil-għadd tal-voti validi jġibu maġġoranza relattiva. F'każ ta' parità fil-għadd tal-voti, jiġi magħżul l-aktar wieħed anzjan skond l-età.

10.4. L-istess Kummissjoni Elettorali tirċievi minn għand is-Superjur ta' kull Istitut ta' Ħajja Konsagrata kanonikament stabbilit fid-djoċesi l-isem tar-rappreżentant elett ta' dak l-Istitut skond il-proċedura normali tagħhom. Il-Kummissjoni tieħu ħsieb li jitwettaq dak li hemm fl-art. 9.5.

10.5. Mhux aktar minn ħmistax il-ġurnata wara li jagħlaq iż-żmien biex issir l-elezzjoni, il-Kummissjoni Elettorali għandha tikkomunika r-riżultat ta' l-elezzjoni lill-Isqof biex mill-aktar fis jiġi ppubblikat.

11. Membri nominati jew eletti li ma jattendux għal tliet laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill bla ma jiġġustifikaw l-assenzi tagħhom, ikunu meqjusa li rrinunzjaw għas-sħubija tagħhom fil-Kunsill. Wara t-tieni assenza s-Segretarju jfakkarhom f'dan l-artiklu ta' l-Istatut.

12. F'każ li xi membru elett għal xi raġuni ma jibqax membru tal-Kunsill, jiġi sostitwit permezz ta' elezzjoni għal perjodu li jkun jonqos, sakemm dan il-perjodu ma jkunx inqas minn sitt xhur. Għal dan il-għan tinħatar Kummissjoni Elettorali apposta minn fost il-membri tal-Kunsill u tintuża l-istess proċedura msemmija fl-artiklu 10.

DMIRIJIET U DRITTIJIET TAL-MEMBRI:

13.1. Il-membri tal-Kunsill Presbiterali għandhom id-dritt li jkunu msejħa u d-dmir li jattendu għal-laqgħat kollha tal-Kunsill.

13.2. Meta għal xi raġuni ġusta ma jkunux jistgħu jattendu għal xi laqgħa tal-Kunsill, il-membri għandhom jgħarrfu b'dan lis-segretarju kemm jista' jkun kmieni u mhux aktar tard minn jumejn wara l-laqgħa, biex jiġġustifikaw l-assenza tagħhom.

13.3. Il-membri għandhom id-dmir u d-dritt li juru l-fehma tagħhom skond kif jidhrilhom fil-kuxjenza fuq il-materji trattati fil-Kunsill bil-libertà kollha, bi spirtu ta' lealtà, ta' karità fraterna u rispett xieraq.

13.4. Bħala regola, mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad fl-artiklu 13.5., il-membri eletti għandhom id-dmir u d-dritt li jinfurmaw lis-saċerdoti li jirrappreżentaw b'dak li jkun qed isir fil-Kunsill.

13.5. Il-membri tal-Kunsill Presbiterali għandhom id-dmir li josservaw is-sigriet dwar materji li min-natura tagħhom jitolbu dan, jew kull meta l-President jesiġi li dan jiġi osservat.

IT-TMEXXIJA TAL-KUNSILL PRESBITERALI:

14. Il-Kunsill Presbiterali jiġġedded kull tliet snin, mingħajr preġudizzju għall-Kanoni 501, par. 2.

15.1. Il-President tal-Kunsill Presbiterali:

(i) isejjaħ il-laqgħat tal-Kunsill meta jidhirlu li jkun meħtieġ, mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad fl-artiklu 16;

(ii) jistabilixxi l-aġenda ta' kull laqgħa;

(iii) jippresiedi u jmexxi l-laqgħat skond ir-regoli tal-proċedura indikati fl-artikli 18-20;

(iv) japprova komunikati għall-istampa mħejjija mis-Segretarju għall-P.R.O. tal-Kurja u t-"Tagħrif lill-Kleru".

15.2. Waqt illi Monsinjur Isqof jibqa' dejjem il-President tal-Kunsill Presbiterali, huwa jista' f'każijiet partikulari u għal raġunijiet li jidhirlu gravi, jiddelega lil xi saċerdot biex imexxi f'ismu l-laqgħa tal-Kunsill. Dan id-delegat għandu jmexxi skond l-istruzzjonijiet li jirċievi minn għand l-Isqof u jagħtih relazzjoni sħiħa ta' dak li jkun sar fil-laqgħa.

16.1 Il-Kunsill Presbiterali jkollu s-servizz ta' saċerdot magħżul mill-Isqof bħala Segretarju.

16.2. Jekk ma jkunx diġà membru tal-Kunsill, is-saċerdot magħżul bħala Segretarju jitqies awtomatikament bħala membru tal-Kunsill bi dritt għall-vot.

16.3. Id-dmirijiet prinċipali tas-Segretarju huma:

(i) li jibgħat l-avviż u l-aġenda tal-laqgħa stabbiliti mill-Isqof lill-membri tal-Kunsill;

(ii) li jattendi l-laqgħat kollha tal-Kunsill u jżomm il-minuti tagħhom;

(iii) li jwieġeb il-korrispondenza skond l-istruzzjonijiet tal-President;

(iv) li jżomm b'mod ordnat l-arkivju tal-Kunsill.

16.4. Jekk jinħass il-bżonn, Monsinjur Isqof jista' jinnomina assistent għas-Segretarju minn fost il-membri tal-Kunsill biex jgħinu fix-xogħol tiegħu u jissostitwih meta jkun impedit.

IL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL:

17. Il-laqgħat tal-Kunsill Presbiterali jinżammu mhux inqas minn erba' darbiet matul is-sena f'dati ffissati mill-President.

18. Biex il-laqgħa tal-Kunsill Presbiterali tibda, irid ikun hemm 'quorum' ta' mhux inqas minn terz tal-membri. Jekk ma jintlaħaqx il-'quorum' sa nofs siegħa fuq il-ħin stabbilit, il-laqgħa, bl-istess aġenda, issir darb'oħra wara li jkunu ġew avżati l-membri, u din il-laqgħa ssir, ikunu kemm ikunu l-membri preżenti.

REGOLI TA' PROĊEDURA:

19. Il-laqgħat tal-Kunsill Presbiterali jsegwu dan l-ordni:

(i) Talb tal-bidu;

(ii) Approvazzjoni tal-Minuti;

(iii) Materji li jirriżultaw mill-Qari tal-Minuti;

(iv) Komunikazzjonijiet tal-President;

(v) Tweġib għall-mistoqsijiet mill-membri;

(vi) Korrispondenza;

(vii) Punti partikulari ta' l-aġenda fuq materji proposti mill-President jew aċċettati minnu;

(viii) Talba ta' l-għeluq.

20.1. Il-membri jistgħu jagħmlu mistoqsijiet dwar il-materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill Presbiterali. Dawn għandhom jintbagħtu bil-miktub lis-Segretarju mhux aktar tard minn tlitt ijiem qabel iddata ffissata għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Is-Segretarju jgħaddihom lill-Isqof.

20.2. Mingħajr il-permess tal-President ma tistax issir diskussjoni fuq it-tweġibiet mogħtija.

21.1. Il-punti partikulari ta' l-aġenda normalment jiġu ttrattati skond l-ordni mniżżel fl-aġenda. Meta l-President iħoss il-bżonn, jista' jbiddel l-ordni ta' l-aġenda jew iżid magħha. Dan jista' jagħmlu wkoll fuq il-proposta tal-membri.

21.2. Il-President jista' jesiġi li l-proposti jew mozzjonijiet tal-membri jsiru bil-miktub.

21.3. Minbarra l-proponent tal-mozzjoni, il-membri għandhom iddritt li jitkellmu darba biss fuq kull suġġett ta' l-aġenda, sakemm il-President ma jagħtihomx il-permess li jerġgħu jitkellmu.

21.4. Ir-Relatur dwar punt fuq l-aġenda u l-proponent ta' xi mozzjoni jkollhom id-dritt li jitkellmu fil-bidu u fl-għeluq tad-diskussjoni.

21.5. Meta jidhirlu l-President jista' jitlob il-membri juru l-fehma tagħhom dwar xi punt imqajjem fid-diskussjoni permezz ta' votazzjoni li, min-natura tal-Kunsill, hija dejjem konsultattiva.

21.6. Il-votazzjoni tkun sigrieta jekk xi membru jitlob li jsir hekk.

22. Meta jinħass il-bżonn, l-Isqof jista' jistabilixxi regoli ta' proċedura aktar dettaljati, kif ukoll li jagħti xi eżenzjoni minn dawn ir-regoli (19-21).

APPROVAZZJONI U TIBDIL:

23.1. Dan l-Istatut jibda jseħħ wara li jiġi approvat mill-Isqof, mid-data stabbilita minnu.

23.2. Dan l-Istatut jista' jiġi emendat jew abrogat biss mill-Isqof ta' Għawdex.

STATUT TAL-KUNSILL PASTORALI

(Reviżjoni ta' l-Oriġinal li hemm fl-Atti tal-Kurja n. 12 p. 121)

Digriet 214 (a) A K D G 146 (1993) 2262-2263.

1. Il-Kunsill Pastorali ġie mwaqqaf fid-Djoċesi t'Għawdex, skond il-preskrizzjonijiet tad-Digriet tal-Konċilju Vatikan II '*Christus Dominus*' n. 27 u tal-*Motu Proprju* '*Ecclesia Sanctae*' maħruġ mill-Q.T. il-Papa Pawlu VI fis-6 ta' Awissu, 1966, u ta' l-ittra ċirkulari tal-Kongregazzjoni tal-Kleru tal-25 ta' Jannar, 1973 u tal-kanoni 511-514 tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika.

2. L-iskop tal-Kunsill Pastorali huwa li jistudja bir-reqqa, iqis u jipproponi konklużjonijiet prattiċi, fuq dak kollu li għandu x'jaqsam malħidma pastorali tad-djoċesi (kan. 511).

3. Il-Kunsill Pastorali għandu kompetenza konsultiva (kan. 514).

4. Il-President tal-Kunsill Pastorali huwa l-Isqof responsabbli tad-djoċesi li meta ma jkunx jista' jippresiedi, jiddelega lil xi ħadd biex jissostitwih (kan. 514).

5. Huwa dmir tas-Segretarju li javża lill-membri għal-laqgħa, iħejji l-materjal meħtieġ, iżomm il-minuti, jieħu ħsieb it-twettiq tar-riżoluzzjonijiet li jiġu approvati, b'kollaborazzjoni ma' l-Uffiċċju Pastorali tal-Kurja Djoċesana.

6. Jagħmlu parti mill-Kunsill Pastorali membri 'ratione offici' li jibqgħu membri dment li jkunu fil-kariga tagħhom 'durante munere'. Ikun hemm ukoll membri eletti u membri nominati. Il-membri eletti u nominati jdumu fil-Kunsill Pastorali għal sentejn, imma jistgħu jiġu rikonfermati. Il-membri eletti jew nominati tal-Kunsill Pastorali ma jitbiddlux ilkoll f'daqqa, imma b'sistema rotatorja u jeħtieġ li jkollhom il-kwalitajiet imsemmija fil-Kanoni 512 par. 3.

7. Il-Kunsill Pastorali jista' jiddeċiedi li jsejjaħ individwi jew gruppi biex jattendu għal xi laqgħa partikulari bħala mistiedna, mingħajr jedd għall-vot.

8. Huma membri 'ratione offici' tal-Kunsill Pastorali:

a) il-Vigarju Ġenerali;

(b) ir-Rettur tas-Seminarju;

(c) is-Segretarju ta' l-Uffiċċju Pastorali;

d) rappreżentant tad-delegati Veskovili tas-Segretarjati;

e) il-Vigarji Foranji.

9. Huma membri eletti: a) żewġ rappreżentanti tal-Kappillani; b) żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni Djoċesana ta' l-Apostolat tal-Lajċi; c) tliet rappreżentanti ta' l-Istituti tal-ħajja konsagrata.

10. Il-membri nomimati mill-Isqof ikunu mhux iżjed minn sitt saċerdoti u mhux aktar minn għaxar sekulari.

11. Il-'quorum' tal-laqgħat huma terz tal-membri tal-Kunsill Pastorali.

12. Il-laqgħat ordinarji tal-Kunsill Pastorali, jinżammu ta' l-inqas tliet darbiet fis-sena. Jistgħu jinżammu laqgħat oħra straordinarji fuq proposta tal-president jew terz tal-membri.

13. Il-membri huma obbligati jattendu għal-laqgħat, u jkunu puntwali. Wara li jkun naqas tliet darbiet konsekuttivi mingħajr raġuni suffiċjenti, wieħed jitqies li ma għadux membru tal-Kunsill Pastorali, jekk fi żmien xahar mill-aħħar laqgħa ma jibgħatx bil-miktub biex jagħti spjegazzjoni ta' l-assenza tiegħu u juri li jrid jibqa' membru tal-Kunsill Pastorali.

14. L-agenda tal-laqgħat tiġi mħejjija mis-Segretarju f'konsultazzjoni tal-President fuq proposti mressqa minnhom stess jew mill-membri tal-Kunsill Pastorali u organi oħra djoċesani. Xejn ma għandu jiġi inkluż fl-agenda mingħajr l-approvazzjoni prevja tal-President.

15. L-avviż għal-laqgħat tal-Kunsill Pastorali jingħata bil-miktub lill-membri mhux inqas minn jumejn qabel il-laqgħa, ħlief f'każ ta' laqgħat urġenti.

16. Il-Kunsill Pastorali fil-laqgħat tiegħu a) jeżamina u jiddiskuti l-punti ta' l-aġenda; b) jagħti l-parir tiegħu dwar proposti u riżoluzzjonijiet mgħoddija mill-Kummissjonijiet u enti oħra djoċesani; c) il-president jista' jitlob votazzjoni meta jidhirlu li tkun utli; d) barra mill-aġenda jistgħu jitressqu punti ta' urġenza bl-approvazzjoni tal-President.

17. Il-Kunsill Pastorali jispiċċa awtomatikament meta jkun hemm Sede Vacante.

18. Dan l-Istatut jibda jgħodd malli jkollu l-approvazzjoni ta' l-Isqof u jista' jiġi emendat bil-kunsens tiegħu f'konsultazzjoni mal-membri.

NORMI GĦALL-KUMMISSJONIJIET U GĦAS-SOTTO-KUMMISSJONIJIET DJOĊESANI

Digriet 215. A K D G 43 (1983) 613-615.

1. Meta xi waħda mill-Kummissjonijiet Djoċesani jkollha iktar minn qasam wieħed ta' kompetenza, bl-approvazzjoni ta' l-Isqof, tista' tiġi fformata sotto-kummissjoni jew kumitat għal kull wieħed minn dawn l-oqsma differenti. Kull sotto-kummissjoni tista' tiltaqa' għaliha weħidha kif ukoll flimkien mas-sotto-kummissjonijiet l-oħra. Is-sotto-kummissjoni tista' tkun proviżorja u tiġi xolta malli ttemm il-ħidma tagħha. Is-sotto-kummissjoni tista' tkun ukoll permanenti u f'dan il-każ jiġu osservati n-normi li ġejjin.

2. Kull waħda mill-Kummissjonijiet/sotto-kummissjonijiet djoċesani, skond kif jiddeċiedi l-Isqof, tista' tagħmel ukoll ir-regolamenti partikulari tagħha li ma jkunux jgħoddu qabel ma jkollhom l-approvazzjoni tiegħu. Dawn in-normi mogħtija hawnhekk għandhom jiġu osservati mill-kummissjoni/sotto-kummissjonijiet, sakemm ma jkunux f'konflitt mar-regolamenti partikulari tagħhom.

3. Id-dmirijiet ta' kull kummissjoni/sotto-kummissjoni huma:

(a) li tistudja l-problemi tal-kompetenza tagħha;

(b) issawwar programmi ta' ħidma u tressaqhom għall-approvazzjoni tal-Kunsill Pastorali;

(c) tagħmel proposti li jkunu siewja għall-apostolat fil-qasam speċifiku tagħha;

(d) twettaq il-ħidmiet li jkunu afdati lilha mill-Ordinarju jew mill-Kunsill Pastorali.

4. Il-kummissjoni/sotto-kummissjoni għandha vot konsultiv, u biex id-deċiżjonijiet tagħha jkollhm effett, jeħtieġ li jkunu approvati mill-Isqof.

5. Il-kummissjoni/sotto-kummissjoni ma għandhiex tittratta materji li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tagħha, ħlief fil-każ li tkun awtorizzata apposta.

6. Il-laqgħat jinżammu għall-inqas tliet darbiet fis-sena; però l-Isqof jista' jsejjaħ laqgħat oħra.

7. Barra mill-każijiet fejn huwa provdut b'mod ieħor, il-membri ta' kull kummissjoni jiġu nominati mill-Isqof, idumu fil-kariga għal sentejn, iżda jistgħu jiġu rikonfermati fil-kariga tagħhom.

8. Il-laqgħat ikunu ppreseduti mill-Isqof, iżda f'każ ta' l-assenza tiegħu, ta' kull darba jiddelega wieħed mill-membri tal-kummissjoni/sotto-kummissjoni biex jippresiedi l-laqgħa minn floku.

9. Qabel ma ssir ebda laqgħa tal-kummissjoni/sotto-kummissjoni, għandu jsir ftehim ma' l-Isqof dwar il-ħin, il-post u l-aġenda tagħha.

10. Jekk l-Isqof ma jkunx ħa sehem fil-laqgħa, min ikun ippresieda fl-assenza tiegħu jew is-segretarju għandu jinfurmah b'dak li jkun sar fiha.

11. Is-Segretarju tal-kummissjoni/sotto-kummissjoni jiġi nominat mill-Isqof u jdum fil-kariga għal sentejn, iżda ż-żmien tal-kariga tiegħu jista' jiġi mġedded jew imtawwal.

12. Is-Segretarju huwa l-persuna responsabbli quddiem l-awtorità ekkleżjastika għall-andament tajjeb tal-kummissjoni/sotto-kummissjoni tiegħu u jkun ir-rappreżentant ta' l-istess kummissjoni/sotto-kummissjoni fil-Kunsill Pastorali.

13. Huwa għandu jieħu ħsieb li ta' kull sena jsiru l-laqgħat preskritti tal-kummissjoni/sotto-kummissjoni tiegħu; flimkien ma' l-Isqof jiddeċiedi dwar id-data u l-post tal-laqgħat, iħejji flimkien miegħu l-aġenda tagħhom u jibgħat javża lill-membri.

14. Biex il-laqgħat tal-kummissjoni/sotto-kummissjoni jirnexxu, jeħtieġ li jkunu ppreparati tajjeb u għalhekk bejn laqgħa u oħra, is-segretarju jinnota x'ikun twettaq u x'materji jeħtieġ li jiġu ttrattati.

15. Is-Segretarju jżomm il-minuti tal-laqgħat f'reġistru apposta u meta jimtela dan ir-reġistru jittieħed fl-Uffiċċju Pastorali tal-Kurja biex jiġi konservat fl-Arkivju.

16. Fl-iqsar żmien possibbli wara li tkun saret il-laqgħa, is-segretarju għandu jibgħat kopja fidila tal-minuti lill-Uffiċċju Pastorali.

17. Fl-aħħar tas-sena, is-segretarju għandu jħejji rapport tax-xogħol li sar u programm għas-sena li tkun ġejja.

18. Is-Segretarju jieħu ħsieb illi fi żmien xieraq jitwettqu d-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-kummissjoni/sotto-kummissjoni wara li jkollhom l-approvazzjoni meħtieġa. Is-Segretarju jista' jkun inkarigat ukoll mill-esekuzzjoni ta' xi ħidma għall-kummissjoni/sotto-kummissjoni tiegħu.

19. Bil-koperazzjoni tal-membri l-oħra, is-Segretarju għandu jieħu ħsieb iwettaq il-ħidma msemmija fil-Programm Pastorali Djoċesan li tkun konnessa mal-kummissjoni/sotto-kummissjoni tiegħu.

20. Biex ikun infurmat x'qegħdin iwettqu l-kummissjonijiet l-oħra, u joħloq kordinament magħhom, is-Segretarju ta' kull kummissjoni/sotto-kummissjoni għandu jkun assidwu u puntwali għal-laqgħat tal-Kunsill Pastorali Djoċesan u jsegwi l-"Atti tal-Kurja Djoċesana" u l-'press releases' li toħroġ il-Kurja Djoċesana.

21. Kemm jista' jkun is-Segretarju għandu jżomm ruħu aġġornat fil-materji konnessi mal-kummissjoni tiegħu.

22. Huwa għandu jinteressa ruħu f'dawk l-inizjattivi li qed isiru fi djoċesijiet u f'pajjiżi oħra fejn jirrigwarda l-ħidma speċifika tal-kummissjoni tiegħu, biex fejn huwa possibbli jiġu introdotti u adattati għad-djoċesi tagħna.

REGOLAMENTI GĦALL-KULLEĠĠ TAL-KAPPILLANI

Digriet 216. A K D G 144 (1993) 2233-2234.

1. Il-Kulleġġ tal-Kappillani huwa korp ekkleżjastiku li għandu bħala skop tiegħu dak li joħloq il-kollaborazzjoni tal-Kappillani bejniethom u ta' kull wieħed minnhom ma' l-Isqof, b'mod partikulari billi joħloq uniformità ta' fehmiet u ta' prassi pastorali.

2. Huma membri tal-Kulleġġ tal-Kappillani, kull wieħed mill-Arċiprieti u l-Kappillani, mid-data tan-nomina tiegħu sa ma jibqa' responsabbli tat-tmexxija tal-parroċċa.

3. Il-Kappillani, barra mill-kuntatt li għandhom ikollhom privatament u ta' spiss ma' l-Isqof, obbligati li jattendu wkoll u jkunu puntwali għal-laqgħa tagħhom ta' kull xahar li għaliha normalment jippresiedi l-Isqof stess.

4. Jekk minħabba l-mard jew impedimenti oħra xi kappillan ma jkunx jista' jattendi għal din il-laqgħa, għandu jistaqsi lill-Isqof jekk hux il-każ li jibgħat sostitut tiegħu biex jirrappreżentah u jżommu nfurmat b'dak li ntqal fil-laqgħa. L-Isqof għandu jkun informat minn qabel bl-isem ta' dan is-sostitut.

5. Il-Kulleġġ tal-Kappillani jagħżel minn ħdanu l-Eżekuttiv li jkun magħmul minn President, viċi-president, segretarju, teżorier u xi konsulenti.

6. Il-membri ta' l-Eżekuttiv jiġu magħżula mill-Kappillani stess, iżda jeħtieġ li jiġu konfermati mill-Isqof. Il-kariga tagħhom iddum għal sentejn, iżda tista' tiġi rinnovata.

7. Il-funzjoni ta' l-Eżekuttiv hija dik li jiltaqa' meta jkun hemm xi urġenza, u li jistudja u jsib soluzzjoni għal xi problemi li jafdalu l-Kulleġġ tal-Kappillani.

8. Jinżammu l-minuti sewwa tal-laqgħat tal-Kappillani, kif ukoll f'dawk ta' l-Eżekuttiv. Meta jimtela l-ktieb tal-minuti jkun ikkonservat fl-Arkivju tal-Kurja.

9. Is-segretarju, barra milli jieħu ħsieb il-minuti, għandu wkoll l-inkarigu li javża bil-ħin u l-post tal-laqgħat, kemm jista' jkun kmieni u possibilment bil-miktub.

10. Darba fis-sena, il-Kulleġġ tal-Kappillani flimkien ma' l-Isqof jikkonċelebraw quddiesa b'suffraġju tal-Kappillani mejtin.

11. Dan isir ukoll, ftit ġranet wara l-mewt ta' kull wieħed mill-membri tal-Kulleġġ tal-Kappillani.

12. Meta jmut xi kappillan, fil-parroċċi kollha għandha tindaqqlu 'gratis' il-mota tal-mewt.

PROĊEDURA FIN-NOMINA TAL-KAPPILLANI TAL-PARROĊĊI

Digriet 226 (a). A K D G 56 (1984) 820-821.

In-nomina ssir skond il-kanoni 521, 523 u 524 tal-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi Kanonika, għalhekk filwaqt li jiġu revokati n-normi li hemm fl-Atti tal-Kurja nru. 17 paġna 198, għandha tiġi segwita din il-proċedura fl-għażla tal-Kappillani.

1. Skond il-kanoni 521 par. 2, sabiex saċerdot jiġi nominat kappillan jeħtieġ li jkollu dawk il-kwalitajiet mitluba mid-dritt universali u mid-dritt partikulari. Għalhekk għandha tiġi meħuda f'konsiderazzjoni l-attitudni personali tas-saċerdot:

A. Jitqiesu bħala **kontro-indikazzjonijiet,** jiġifieri jiskonsiljaw l-għażla tiegħu dawn il-fatturi:

(a) Età avvanzata, iktar minn 65 sena;

(b) nuqqas ta' esperjenza pastorali, qabel ma jgħaddu 3 snin wara l-ordinazzjoni;

(c) nuqqas ta' prudenza, bħal ma huma implikazzjonijiet fi kwistjonijiet partitarji;

(d) nuqqas ta' interess f'ħidmiet pastorali djoċesani u parrokkjali bħal ma huma l-Għaqdiet Kattoliċi;

(e) indifferenza lejn l-inizjattivi ta' aġġornament, p.e. laqgħat tal-Kleru;

(f) jekk wieħed ma jkunx għamel l-eżamijiet kwadrijannali preskritti jew ma jkollux eżenzjoni għalihom;

(g) nuqqas ta' eżemplarità;

(h) nuqqas ta' saħħa li jfixklu fil-ministeru tiegħu.

B. Barra d-"duttrina sana", "onestà tal-kostumi", u ż-"żelu għall-erwieħ" imsemmija fil-kanoni 521 par. 2, jitqiesu bħala **indikazzjonijiet**, jiġifieri fatturi li jiffavorixxu l-għażla tiegħu dawn il-kwalitajiet tajba:

(a) ħidmiet pastorali fuq bażi parrokkjali;

(b) ħidmiet pastorali fuq bażi djoċesana;

(c) esperjenza pastorali barra mid-djoċesi;

(d) Kapaċità li wieħed iżomm relazzjonijiet tajba u djalogu ma' l-oħrajn, eċċ.

2. Sabiex tkun aċċertata fi żgur l-idonejità tal-kandidat, skond il-kanoni 521 par. 3, barra milli jiġu meħudin f'konsiderazzjoni ċ-ċertifikati ta' studju u l-gradi akkademiċi li wieħed jista' jkollu,

(a) l-Isqof minn żmien għal żmien ikun jista' jniedi eżami biex jersqu għalih dawk is-saċerdoti li huma disposti jassumu l-uffiċċju ta' Kappillan;

(b) l-Isqof jista' wkoll f'xi każijiet partikulari, jesiġi li xi saċerdot jassoġġetta ruħu għall-eżami qabel ma tiġi afdata lilu r-responsabbiltà ta' xi parroċċi.

3. Peress li skond il-kanoni 523 imiss lill-Isqof djoċesan li jikkonferixxi l-uffiċċju ta' kappillan, huwa għandu l-jedd għad-deċiżjoni finali dwar din in-nomina.

4. Biex isiru r-riċerki meħtieġa, kif imfisser fil-kanoni 524, kemm dwar l-idonejità tal-kandidat kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet tal-parroċċa in kwistjoni, l-Isqof fi żmien xieraq li jista' jkun hemm meta l-parroċċa tkun vaganti kif ukoll qabel, jagħmel konsultazzjonijiet:

(a) mal-Vigarju Foranju;

(b) jekk ikun il-każ ukoll ma' xi membri tal-kleru li għandhom sehem attiv fil-pastorali tal-parroċċa in kwistjoni u ma' xi lajċi mpenjati fl-apostolat.

(c) din il-konsultazzjoni mill-Isqof jew xi ħadd delegat minnu tista' ssir individwalment jew permezz ta' kollokwju jew permezz ta' ittra privata.

DIRETTIVI DWAR IL-'FAMILY VISITS'

Digriet 227 (a). A K D G 93 (1988) 1416-1417.

Biex iż-żjajjar fil-familji jkollhom iktar frott spiritwali, jeħtieġ li jitwettaq dan li ġej:

I Fażi: Tħejjija:

1) Il-parroċċa tiġi mgħarrfa minn qabel dwar l-**iskop** tal-'Family Visiting'. Skop: mhux ċensiment, iżda djalogu fratern bejn is-saċerdot u l-familja.

2) Il-kappillan, anke jekk ikun meħtieġ, flimkien mal-presbyterium parrokkjali, jagħżel is-saċerdoti u jqassam it-triqat għal kull qassis li jinkiteb biex jagħmel il-'Family Visiting'.

3) Membri ta' l-Għaqdiet jinformaw lit-triqat meta jmisshom il-'Family Visiting'.

Din il-fażi ta' tħejjija hija importanti, inkella kollox isir għal għarrieda u l-familji ma jkunux disposti.

II Fażi: Direttivi għas-Saċerdoti li jagħmlu l-'Family Visiting'.

1) Is-Saċerdoti la jingħataw xorb u anqas flus. Sempliċement ġejjin jagħmlu żjara lill-familja li għandha tkun kollha miġbura flimkien.

2) Iż–żjara, kemm jista' jkun, ma ddumx iktar minn kwarta.

3) Billi l-iktar ħaġa tqila hija kif tibda l-konversazzjoni, tajjeb li s-saċerdoti jkollhom xi karta stampata li titqassam lil kull familja (eż: X'qal il-Konċilju dwar il-Familja, jew xi pariri lill-Familja).

4) Ma jintmessux suġġetti kontroversjali (Politika jew Partiti).

5) Id-djalogu m'għandux jiddeġenera fi kritika kontra l-kleru jew xi saċerdot jew kontra l-kappillan tal-post.

6) Li tinżamm segretezza mill-qassis, u l-familji jkunu jafu b'dan minn qabel. Dan jiffaċilita l-fiduċja.

III Fażi: 'Follow-Up'.

Ix-xogħol tal-'Family Visiting' ma jispiċċax malli tispiċċa l-'Family Visit'. Għalhekk:

1) Irid ikun hemm Kummissjoni (fuq bażi parrokkjali) jew il-Kappillan stess li jieħu l-inkarigu li kemm jista' jkun jinteressa ruħu biex isolvi ċerti problemi jew jirrimedja għal ċerti lmenti.

2) Il-Presbyterium tal-Parroċċa flimkien mal-Kappillan għandhom jistudjaw il-materjal ta' informazzjoni, li jkun inġabar u l-informazzjoni li jkunu ġabru l-qassisin tal-'Family Visiting'.

3) Jittieħdu passi biex jiġi aġġornat l-Istatus Animarum fuq skedi apposta.

NORMI GĦALL-VIGARJU PARROKKJALI

Digriet 230 (b). A K D G 65 (1985) 965-966.

1. Biex tingħata għajnuna fil-ħidma pastorali tal-parroċċi, bdiet taħdem is-sistema tal-Vigarju Parrokkjali, kif imsemmija fil-Kan. 545 sa 552 tal-Kodiċi l-Ġdid.

2. Is-saċerdot li jingħata l-kariga ta' Vigarju Parrokkjali jeħtieġ li jkollu d-dokument tan-nomina (Mandatum) iffirmat mill-Isqof u minnu stess u jkun ħieles li jimpenja ruħu fix-xogħol ta' dik il-parroċċa.

3. Kull saċerdot li jkollu dan il-Mandatum għandu jaqdi mill-aħjar li jista' flimkien mal-kappillan ta' fejn ikun il-ħidma ekkleżjali assenjata lilu mill-Isqof (kan. 545 par. 1).

4. Id-dokument tan-nomina jkun għall-biennju. Meta jiskadi ż-żmien, għandu jiġ ppreżentat fl-Uffiċċju Kleru tal-Kurja.

5. Bħala koperatur tal-Kappillan għandu jiddedika l-ħin tiegħu għall-ministeru pastorali, jieħu sehem fl-orarju tal-quddies, jipparteċipa bil-ħerqa u ħeġġa pastorali permezz ta' attività u inizjattivi programmati mal-kappillan u taħt l-awtorità tiegħu.

6. Jista' jiġi kostitwit mill-Isqof biex jagħti għajnuna jew servizz għall-parroċċa kollha jew għal parti determinata tagħha, għal ċertu grupp ta' fidili, jew biex iwettaq xogħol speċifiku kontemporanjament f'parroċċi determinati skond il-Mandatum (kan. 545 par. 2).

7. Il-Vigarju Parrokkjali għandu jirreferixxi kollox lill-kappillan dwar l-inizjattivi pastorali programmati, b'mod li kemm hu kif ukoll il-kappillan ikunu jistgħu jimpenjaw ruħhom komunament għall-kura pastorali tal-parroċċa (kan. 548 par. 3).

8. Meta l-kappillan ikun assenti, jekk l-Isqof ma jkunx ipprovda mod divers skond in-norma tal-Kan. 533 par. 3, il-Vigarju huwa tenut għall-obbligi kollha tal-kappillan, bl-eċċezzjoni għall-obbligu li japplika l-quddiesa "Pro Popolo" (kan. 549).

9. Dwar dak li jirigwarda l-perjodi ta' vaganzi, il-Vigarju Parrokkjali għandu l-istess drittijiet tal-kappillan (kan. 550 par. 3).

10. Meta l-Vigarju Parrokkjali jkun ser joħroġ barra mill-parroċċa jixraq li huwa stess isib il-qassis li jissupplixxih. Però qabel ma jagħmel dan, l-istess Vigarju għandu jinforma lill-kappillan tiegħu min ser ikun dan il-qassis minn floku.

11. Barra mill-ħlasijiet tax-xogħol kif ikun hemm indikat fil-Mandatum u tas-servizzi liturġiċi, li jitħallsu mill-Fondo Clero Parrokkjali, hu intitolat għall-għotjiet ta' l-Għid u tal-Milied li minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Uffiċċju Kleru u li jingħataw mill-Fondo Clero Djoċesan.

12. Il-Vigaru Parrokkjali għandu jieħu sehem fil-laqgħat ta' formazzjoni permanenti kif jiddetermina l-Isqof minn żmien għal żmien, kif ukoll fil-laqgħat tal-Presbiterju Parrokkjali li tiegħu jkun membru.

REGOLAMENTI DWAR L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Digriet 234. A K D G 25 (1981) 324-326.

1. **L-Uffiċċju Parrokkjali** huwa l-post li fih jiġu mfassla u mmexxija l-attivitajiet tal-parroċċa sewwa pastorali kif ukoll amministrattivi. F'dan l-uffiċċju wkoll jinżamm l-**Arkivju Parrokkjali.**

2. Il-post li jiġi wżat bħala uffiċċju jeħtieġ li jkun jista' jintlaħaq faċilment mill-parruċċani kollha, u jkollu bieb għal barra, biex ma jkunx suġġett għad-dar tal-kappillan jew ta' xi ħaddieħor.

3. Jixraq li barra mill-'**waiting-room**', ikun hemm xi kmamar oħra separati li wħud minnhom iservu għas-sezzjoni pastorali u oħrajn għas-sezzjoni amministrattiva.

4. L-Uffiċċju Parrokkjali, barra milli jkollu l-kumditajiet u l-attrezzatura komuni li jkun hemm f'uffiċċju simili, jeħtieġ li jkun fih fil-'waiting room' tiegħu, '**notice-board**' fejn jitwaħħlu l-avviżi u tagħrif ieħor li jinteressa lill-Kleru u lill-parruċċani. Jixraq li jkun hemm 'duplicator' kif ukoll telephone jew 'extension' tiegħu.

5. Iċ-ċwievet għandhom jinżammu biss mill-uffiċjali inkarigati u mill-kappillan. Jekk l-Uffiċċju jinfetaħ barra mill-ħin, min jidħol fil-lokal huwa responsabbli tal-post kollu.

6. Għal kull parroċċa, meħuda individwalment, in-numru ta' sigħat settimanali ta' l-Uffiċċju Parrokkjali jew rigward is-sezzjoni amministrattiva, jiġu determinati fil-bidu ta' kull sena bi ftehim bejn il-kappillan konċernat u l-Uffiċċju Kleru tal-Kurja, wara li jittieħed f'konsiderazzjoni dan li ġej:

a) L-introjtu tal-Parroċċa in kwistjoni;

b) L-esiġenzi pastorali ta' l-istess parroċċa;

c) id-disponibilità tal-kappillan;

d) l-effiċjenza tal-Qassisin inkarigati mill-Uffiċċju.

7. Huwa mħolli fil-ġudizzju tal-Kappillan li jiffissa l-ġranet u l-ħinijiet li fihom ikun miftuħ l-Uffiċċju Parrokkjali. Huwa rrikmandat li dan l-orarju jsir skond kif ikun jaqbel mal-ħtiġijiet u d-drawwiet tal-parruċċani.

8. Il-ħidmiet kollha ta' l-Uffiċċju Parrokkjali, sewwa dawk tas-sezzjoni pastorali, kif ukoll dawk tas-sezzjoni amministrattiva, ikunu taħt il-kontroll u r-responsabbiltà tal-kappillan, iżda dan biex jgħinuh fl-Uffiċċju Parrokkjali jista' jqabbad bħala 'part-timers' membri tal-kleru, reliġjużi jew lajċi.

9. Biex saċerdot jew xi ħadd ieħor ikun jista' jwettaq ħidma fl-Uffiċċju Parrokkjali, jeħtieġ li jkun awtorizzat mill-Uffiċċju Kleru. Din l-awtorizzazzjoni hija mġedda kull sentejn.

10. Il-għażla tas-saċerdoti li jaħdmu fl-Uffiċċju Parrokkjali ssir mill-Uffiċċju Kleru tal-Kurja f'konsultazzjoni mal-kappillan konċernat wara li s-saċerdoti li jkunu jixtiequ jagħmlu dan ix-xogħol ikunu mlew formola maħruġa apposta mill-Uffiċċju Kleru u li għandha tintbagħat lura lil dan l-uffiċċju fi żmien xahar minn meta tingħata notifika.

11. Is-saċerdot inkarigat mill-manutenzjoni tal-Knisja (Prokuratur) u l-Organizzatur tal-Quddies (Komunier), ma jistgħux jibqgħu fil-kariga tagħhom jekk ma jkunux inkarigati ma' l-Uffiċċju Parrokkjali għall-inqas siegħa fil-ġimgħa.

12. L-Uffiċjali huma mitluba li jkunu puntwali u regolari fil-ftuħ ta' l-Uffiċċju. F'każ ta' assenza javżaw lill-kappillan biex jissupplixxi, però dan ma għandux ikun ta' spiss u l-avviż għandu jingħata kemm jista' jkun kmieni.

13. F'kull Uffiċċju Parrokkjali jkun hemreġistru li fih jitniżżlu ta' kull darba, il-firem tas-saċerdoti li daħlu għax-xogħol u l-ħin li damu.

14. Il-ħlas ta' l-impjegati ta' l-Uffiċċju Parrokkjali jsir b'lura mhux aktar tard mill-15 tax-xahar ta' wara, u mhux qabel ikunu lesti l-bilanċi mensili u ppreżentati fil-Kurja u approvati.

15. It-tariffa tal-ħlas għal kull siegħa tkun uniformi għall-parroċċi kollha u tiġi riveduta għall-inqas kull sentejn.

16. Jekk saċerdot jiġi minn parroċċa oħra bil-mezzi tat-trasport, ikollu d-dritt għall-ispejjeż tat-trasport, li jitqiesu skond it-tariffa tas-servizz liturġiku.

17. Hija kompetenza tas-sezzjoni pastorali li:-

(a) iżżomm aġġornati r-reġistri tal-parroċċa (Magħmudija, Griżma, Żwiġijiet u Mwiet). Il-kopja li hemm fil-Kurja tiġi aġġornata għall-inqas darba fis-sena.

(b) Tieħu ħsieb li "Status Animarum" li jinkludi fih informazzjoni mhux biss dwar il-pożizzjoni morali u reliġjuża ta' kull familja, iżda possibilment ukoll dwar il-pożizzjoni soċjali tagħhom.

(c) Tagħmel ħilitha biex jitwettqu fil-parroċċa d-direttivi u l-programmi mogħtija mill-Kurja u mill-Kummissjonijiet Djoċesani.

(d) Tieħu kura speċjali sabiex il-parroċċa tkun moqdija sewwa f'dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni tas-Sagramenti u orarji tal-Quddies u tal-Qrar.

(e) B'konsultazzjoni mal-Kunsill Parrokkjali u tal-Kumitati tal-parroċċa, eċċ., torganizza u twettaq inizjattivi pastorali.

(f) Torganizza kif imiss il-pastorali tal-morda u l-Liturġija tal-mejtin.

(g) Twettaq il-proposti li hemm fid-Dokumenti tas-Sinodu dwar il-Festi.

(h) Fost attivitajiet li l-Uffiċċju Pastorali tal-Parroċċa għandu jippromwovi, huma rrikmandati b'mod speċjali:

(i) it-tagħlim kateketiku organizzat kif imiss;

(ii) il-preparazzjoni tat-tfal għall-ewwel tqarbina u għall-Griżma; kif ukoll laqgħat għall-ġenituri tagħhom;

(iii) korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ;

(iv) il-konferenzi speċjalizzati għall-kategoriji;

(v) it-tħejjija u d-distribuzzjoni għaqlija tal-Bullettin tal-Ħadd;

(vi) il-preparazzjoni xierqa ta' l-Omelija tal-Ħadd;

(vii) il-messaġġi u l-avviżi li għandhom jinqraw fil-quddies, eċċ.

18. Imiss lis-Sezzjoni Amministrattiva li:-

(a) Iżżomm ir-reġistri tal-kontabilità u jikkonserva kif imiss il-kotba ta' l-amministrazzjoni, anke dawk li huma antiki.

(b) Twettaq id-direttivi mogħtija mill-amministrazzjoni tal-Kurja u mid-D.F.C.

(c) Tieħu ħsieb tesegwixxi l-ħruġ u d-dħul tal-flus tal-parroċċa, anke dawk li jirrigwardaw is-sezzjoni pastorali.

(d) Tagħmel ta' kuljum il-bilanċ tal-ħruġ u d-dħul li jkun sar matul il-ġurnata.

(e) Għall-ħruġ ta' flus iktar minn għaxar liri, għandu jintuża dejjem iċ-'cheque book'.

(f) Meta jidħlu jew joħorġu xi flus għandhom jiġu wżati l-irċevuti u l-formoli approvati mill-Kurja.

(g) Ma jistgħux jinżammu flus likwidi fl-Uffiċċju, iktar mis-somma ta' mitt lira (Lm100); il-bqija jiġu depożitati fil-Bank.

(h) Kull xahar tibgħat rendikont tad-dħul u tal-ħruġ tal-flus li jamministra, lill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kurja ta' l-Isqof.

(i) Kull sena, ir-reġistri jittieħdu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kurja biex jiġu riveduti.

(j) Tieħu ħsieb li meta jkun hemm atti ta' amministrazzjoni straordinarja bħal ma huma bejgħ ta' beni mmobbli, trasferimenti ta' kapitali, eċċ., tintalab u tingħata l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

DIRETTIVI DWAR L-ARKIVJI PARROKKJALI

Digriet 234 (e). A K D G 65 (1985) 968-969.

1. Skond il-kanoni 535 n. 4, f'kull parroċċa għandu jkun hemm l-Arkivju Parrokkjali. Fih, barra mill-kotba parrokkjali, ikunu konservati wkoll l-ittri u d-digrieti ta' l-Ordinarju kif ukoll dokumenti oħra neċessarji jew utli li għandhom x'jaqsmu mal-parroċċa, bħal ma huma l-atti tal-fundazzjoni tal-legati, kopja tal-kuntratti ta' xiri jew bejgħ, u l-elenku tal-legati, eċċ.

2. L-Arkivju għandu jitqiegħed f'post imħares sewwa minn kull periklu ta' ħruq, serq, jew umdità, u jkun spazjuż biżżejjed sabiex fih id-dokumenti jkunu jistgħu jitqassmu bl-ordni u mhux ikunu mgeddsin fuq xulxin.

3. Sabiex l-Arkivju jkun funzjonali u tkun tista' ssir konsultazzjoni fih, jeħtieġ li jkollu l-inventarju jew katalgu tad-dokumenti b'deskrizzjoni konċiża tal-konenut tagħhom (ara kan. 486 par. 3). Kopja ta' dan l-inventarju għandha tintbagħat lill-Kurja skond il-kanoni 491 par. 1.

4. Dwar il-mod kif isir l-inventarju tad-dokumenti, l-indiċi u t-tqassim tagħhom tista' tiġi segwita l-gwida għall-arkivji parrokkjali approvata fil-21 ta' Ottubru 1979.

5. Fl-ewwel xahrejn ta' kull sena, isir l-aġġornament ta' l-inventarju billi jitniżżlu fih dawk id-dokumenti li jkunu daħlu matul is-sena ta' qabel.

6. Il-persuna responsabbli ta' l-Arkivju jkun il-kappillan li għandu jħares dak li jippreskrivi l-kanoni 535 par. 1 u 4, u jieħu ħsieb iċ-ċavetta

tiegħu. Għandu wkoll l-obbligu li jara li d-dokumenti ta' l-Arkivju ma jiġux f'idejn dawk li ma għandhomx dritt jarawhom.

7. Rigward dokumenti li ma humiex imħarsin b'sigriet, min ikun interessat, għal skopijiet ta' riċerka, jista' jarahom skond in-normi tal-kanoni 384, jew jitlob li jkollu kopja tagħhom basta jiġu mħarsin ir-regoli mogħtija fl-20 ta' Lulju 1976 dwar l-użu fta' l-Arkivju tal-Kurja.

8. Skond il-kanoni 487, ħadd ma jista' joħroġ mill-arkivju ebda dokumenti, ħlief f'każijiet eċċezzjonali, u wara li jkun hemm ċerti garanziji u jingħata l-permess speċjali bil-miktub ta' l-Ordinarju.

9. Jekk il-kappillan ikun jaf li hemm f'idejn in-nies xi dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-parroċċa u li suppost qegħdin fl-Arkivju Parrokkjali, għandu jikkonsulta l-Ordinarju sabiex flimkien jaraw x'passi jistgħu jittieħdu ħalli dawk id-dokumenti jinġabru f'posthom.

10. Fil-parroċċa jkun hemm arkivju sigriet, b'ċavetta għalih li fih iżommu d-dokumenti li min-natura tagħhom jew skond il-preskrizzjoni talliġi ekkleżjastika, għandhom jinżammu sigrieti. Dan l-arkivju ma jkunx aċċessibbli ħlief għall-kappillan u għas-superjuri tiegħu.

11. Fi żmien il-Viżta Pastorali, l-Arkivju Parrokkjali għandu jarah l-Isqof jew id-delegat tiegħu sabiex jiġi żgurat li d-dokumenti huma miżmuma tajjeb u bl-ordni kif imiss (kan. 535 par. 4).

12. Dawn id-direttivi dwar l-Arkivju Parrokkjali, skond il-kanoni 491, għandhom jiġu osservati wkoll 'congrua congruis referendo' mill-enti l-oħra ekkleżjastika li għandu jkollhom l-arkivju tagħhom bħal ma huma knejjes mhux parrokkjali u kapitoli tal-kolleġġjati, eċċ.

STATUT TAL-KUNSILL PARROKKJALI

Digriet 235 (b). A K D G 2 (1977) 20-23.

1. **Għanijiet:** Il-Kunsill Parrokkjali huwa mwaqqaf fil-parroċċa skond ix-xewqa tal-Konċilju Vatikan II u skond il-kanoni 536 b'dawn l-iskopijiet:

(a) Jistudja flimkien ma' min hu responsabbli tal-kura ta' l-erwieħ, is-sitwazzjoni pastorali tal-parroċċa, jagħti pariri u suġġerimenti għall-attivitajiet pastorali;

(b) Imexxi u jikkordina l-ħidma pastorali u speċjalment l-apostolat tal-lajċi fil-parroċċa f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Pastorali Djoċesan, mal-Kummissjonijiet Djoċesani u b'mod partikulari mal-K.D.A.L.

(c) Iwettaq dawk il-ħidmiet li l-Awtorità Ekkleżjastika tixtieq li jsiru fil-parroċċa.

2. **Rikonoxximent uffiċjali:** L-ebda korp jew organizzazzjoni ma jkunu rikonoxxuti uffiċjalment mill-Awtorità Ekkleżjastika bħala Kunsill Parrokkjali jekk ma jkunux imsawra u mmexxija skond dan l-istatut.

3. **Kwalifiki tal-membri:** Biex jistgħu jintgħażlu bħala membri tal-Kunsill Parrokkjali, jeħtieġ li jkunu nsara spiritwalment tajba, eżemplari u ta' ċerta maturità. Hija ħaġa indispensabbli mbagħad li jħossu verament iżjed mill-insara l-oħra l-bżonn ta' ħidma pastorali ta' flimkien għall-ġid tal-parroċċa, tad-djoċesi u tal-Knisja Universali. Jixraq ukoll li l-membri jkunu magħżula minn diversi kundizzjonijiet familjari u soċjali. Jeħtieġ li jkollhom għall-inqas sittax-il sena.

4. **Enti rappreżentati:**

(a) L-Għaqdiet li għandhom dritt ta' mhux iżjed minn tliet membri rappreżentanti fil-Kunsill Parrokkjali huma dawk li fuq bażi djoċesana

għandhom rappreżentanza fil-Kummissjoni Djoċesana Apostolat tal-Lajċi (K.D.A.L.);

(b) għandu jkollhom għall-anqas rappreżentant wieħed, kull wieħed mill-Kumitati Parrokkjali, tat-Tagħlim Nisrani, tal-Liturġija u tal-Promozzjoni Umana;

(c) jistgħu jintgħażlu membri oħra maturi li jirrappreżentaw diversi kategoriji tal-poplu t'Alla fil-parroċċa bħalma huma:

(i) Ġuvintur;

(ii) Xebbiet;

(iii) Irġiel u Nisa miżżewġin, eċċ., basta jkollhom il-kwalifiki meħtieġa msemmija fin-numru 3;

(d) jekk il-kappillan iħoss li għandhom ikunu rappreżentati wkoll xi enti ekkleżjastiku jew għaqda tal-parroċċa barra minn dawk imsemmija fil-par. (a), għandu jesponi l-każ lill-Kunsill Pastorali Djoċesan u meta dan jagħti l-approvazzjoni tiegħu, dak l-enti jew għaqda tal-parroċċa jkollha dritt tibgħat rappreżentant tagħha.

5. **Awtonomija ta' l-Enti Rappreżentati:** Sabiex ma tiġix imfixkla l-inizjattiva proprja ta' kull għaqda, u ma jkunx hemm preġudizzju għall-istatuti partikulari ta' l-Għaqdiet, m'għandux ikun hemm indħil fit-tmexxija interna tagħhom da parti tal-Kunsill Parrokkjali u kull Għaqda rappreżentata tibqa' tgawdi l-awtonomija kompleta tagħha, dejjem però taħt it-treġija ta' l-Awtorità Ekkleżjastika Djoċesana.

6. **Għażla tar-rappreżentanti ta' l-Għaqdiet Kattoliċi:** Kull għaqda msemmija fin-numru 4 (a) indipendentement mill-għadd ta' friegħi jew gruppi li jkollha fil-parroċċa, f'konsultazzjoni mal-kappillan, tagħżel jew tinnomina tliet membri jew inqas li jirrappreżentawha fil-Kunsill. Anke jekk fil-parroċċa jkun hemm għaqda waħda biss, għandha d-dritt għall-istess għadd ta' rappreżentanti. Il-membri li huma rappreżentanti ta' l-għaqdiet parrokkjali huma mitluba li bid-diskrezzjoni u bil-prudenza

meħtieġa jinfurmaw lill-għaqda rispettiva tagħhom bl-inizjattivi deċiżi mill-Kunsill, u jħajru lill-membri ta' l-għaqda tagħhom sabiex jikkollaboraw fil-ħidma li jordna u jiddeċiedi l-Kunsill.

7. **Membri ko-optati:**

(a) Fil-laqgħat tal-Kunsill, b'inizjattiva tal-President jew għall-inqas bil-kunsens tiegħu, jistgħu jiġu nominati membri ko-optati tal-Kunsill, saċerdoti, reliġjużi jew lajċi, sewwa jekk dawn ikunu mseħbin f'għaqdiet kattoliċi kif ukoll jekk le. Jeħtieġ, però, li jkollhom il-kwalifiki msemmija fl-art. 3, u l-approvazzjoni tal-maġġoranza relativa tal-membri l-oħra tal-Kunsill. Jeħtieġ ukoll li l-għadd tal-membri ko-optati ma jkunx iżjed minn dak tal-membri l-oħra flimkien. Il-membri ko-optati jkollhom fil-Kunsill l-istess obbligi u drittijiet li għandhom il-membri rappreżentanti.

(b) Jixraq li fil-Kunsill Parrokkjali jkun hemm xi saċerdoti u sorijiet mill-parroċċa bħala membri ko-optati.

8. **Tmexxija tal-Kunsill:** Il-Kunsill ikun immexxi mill-President li huwa 'ex-officio', il-kappillan tal-parroċċa, minn Segretarju u Teżorier. Barra mill-President, id-diriġenti l-oħra jiġu magħżula permezz ta' votazzjoni fost il-membri tal-Kunsill, wara li l-President ikun approva l-lista tal-kandidati. Dawn id-diriġenti jdumu fil-kariga għal tliet snin, imma jistgħu jerġgħu jiġu konfermati fil-kariga tagħhom.

9. **Għażla tad-diriġenti tal-Kunsill:** L-elezzjoni ssir hekk: jekk jiġu nominati iżjed minn tnejn u ħadd ma jġib maġġoranza assoluta ta' voti, dak li jġib l-inqas jiġi eliminat u terġa' ssir votazzjoni għal dawk li jibqa' u titkompla l-istess proċedura sakemm issir l-għażla.

10. **Il-President:** Huwa 'ex-officio' l-Kappillan, però jista' jiddelega sewwa 'per modum actus' kif ukoll 'per modum habitus' saċerdot li jagħmilha ta' President minn floku. Meta dan is-saċerdot, mhux kappillan,

ikun delegat abitwalment (per modum habitus), jeħtieġ li jiġi nfurmat l-Uffiċċju Pastorali. Il-President:

(a) jirrappreżenta l-Awtorità Ekkleżjastika fil-Kunsill;

(b) isejjaħ il-laqgħat u jiddeċiedi flimkien mas-Segretarju dwar id-data u l-ħin u l-aġenda tagħhom;

(c) jippresiedi l-laqgħa bil-jedd tal-'casting vote'.

11. **Is-Segretarju:**

(a) Jipprepara flimkien mal-President l-aġenda tal-laqgħat;

(b) jikteb il-minuti u jaqrahom fil-laqgħa;

(c) jikkonserva d-dokumenti tal-Kunsill;

(d) jieħu ħsieb il-korrispondenza;

(e) javża l-membri għal-laqgħat;

(f) iservi ta' 'laison' ma' l-Organi Djoċesani, kif imsemmi f'nru. 1 par. B, billi jibgħat kopja fidila tal-minuti ta' kull laqgħa lill-Uffiċċju Djoċesan ta' l-Apostolat tal-Lajċi;

(g) kull sena jagħti rapport tal-ħidmiet imwettqa u jipprepara flimkien mal-President, programm għal sena oħra.

12. **It-Teżorier:**

(a) Jieħu ħsieb il-finanzi;

(b) iżomm ir-reġistri tad-dħul u ħruġ tal-Kunsill;

(c) jippreżenta kull sena rapport finanzjarju.

13. **L-Aġenda:** ta' kull laqgħa tinħadem mill-President u s-Segretarju u għandha tiġi kkomunikata lill-membri ma' l-avviż tal-laqgħa. Kull

membru tal-Kunsill jista' jagħmel proposti sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa ta' wara, hekk ukoll il-parruċċani jistgħu jikkomunikaw lill-membri tal-Kunsill u jagħtu suġġerimenti, però meħtieġ dejjem li biex jidħlu fl-aġenda jiġu approvati mill-President.

14. **Laqgħat tal-Kunsill:** Il-Kunsill għandu jiltaqa' mhux inqas minn disa' darbiet fis-sena. Jistgħu jsiru laqgħat oħra jekk jiġu mitluba mill-maġġoranza tal-membri bl-approvazzjoni tal-President jew jiġu msejħa minnu stess.

15. **Obbligu ta' l-Attendenza:** Meta membru ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħa, huwa obbligat li javża lis-Segretarju. Dawk il-membri li mingħajr motivi validi u raġjonevoli jonqsu għal tliet darbiet wara xulxin, jitqiesu bħala li m'għadhomx membri tal-Kunsill Parrokkjali, jekk fi żmien xahar mill-aħħar laqgħa li fiha kienu assenti, ma jibgħatux bil-miktub biex jagħtu spjegazzjoni u juri li jixtiequ jibqgħu membri.

16. **Attendenza ta' l-Osservaturi:** Jistgħu jattendu għal-laqgħat tal-Kunsill mingħajr ebda jedd għall-vot:

(a) delegati ta' l-Awtorità Ekkleżjastika;

(b) delegati tal-Kunsill Pastorali Djoċesan;

(c) delegati tal-K.D.A.L.;

(d) delegati tal-Presbyterium Parrokkjali.

17. **Deċiżjonijiet tal-Kunsill:** Il-Kunsill għandu biss vot konsultiv, ħlief f'xi każijiet eċċezzjonali meta titlob dan l-Awtorità Ekkleżjastika.

18. **Informazzjoni dwar id-Deċiżjonijiet:** (a) Kopja fidila tal-minuti tal-laqgħa tintbagħat fl-Uffiċċju Djoċesan ta' l-Apostolat tal-Lajċi fi żmien ħmistax il-ġurnata mill-jum tal-laqgħa tal-Kunsill; (b) Il-Presbyterium Parrokkjali wkoll għandu jiġi nfurmat bir-riżoluzzjonijiet approvati mill-Kunsill Parrokkjali.

19. **Kumitati Parrokkjali:**

(a) Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jitwaqqfu u jaħdmu fil-parroċċa l-Kumitati tat-Tagħlim Nisrani, tal-Liturġija u tal-Promozzjoni Umana, skond ir-regolamenti tagħhom approvati mill-Awtorità kompetenti;

(b) il-Kunsill jista' jwaqqaf kumitati oħra ta' nies kompetenti għall-istudju ta' problemi pastorali partikulari u għal ħidma speċjalizzata. Il-membri ta' dawn il-kumitati, li huma fuq bażi temporanja, jistgħu jkunu persuni li ma jagħmlux parti mill-Kunsill.

Il-Kunsill Pastorali Djoċesan jeħtieġ li jiġi nfurmat bit-twaqqif ta' dawn il-Kumitati.

20. **Dipendenza tal-Kunsill:** Il-Kunsill jiddependi fil-ħidma u fil-ħajja tiegħu mill-Kunsill Pastorali Djoċesan. Wieħed għandu jirrikorri għall-Uffiċċju Pastorali Djoċesan jekk tinqala' xi diffikultà. Id-deċiżjonijiet ta' l-Ordinarju f'kull każ ikunu finali.

21. **Regolamenti Partikulari:** Il-Kunsill Parrokkjali fil-waqt li jibqa' josserva dan l-istatut bħala liġi fundamentali, jista' jżid miegħu regolamenti partikulari jew jagħmel 'standing orders' għalih, basta ma jkunux kontra l-ispirtu u l-ittra ta' dan l-istatut u jkollhom l-approvazzjoni ta' l-Uffiċju Pastorali Djoċesan. Kopja ta' dawn ir-regolamenti partikulari għandha tintbagħat fl-Uffiċċju Pastorali Djoċesan. Dan jgħodd ukoll rigward ir-regolamenti tal-Kumitati Parrokkjali.

22. **Tibdil:** Dan l-istatut jista' jinbidel b'deċiżjoni tal-Kunsill Pastorali Djoċesan u bl-approvazzjoni ta' l-Ordinarju.

STATUT TAL-KUNSILL TA' L-AMMINISTRAZZJONI EKONOMIKA TAL-PARROĊĊA

(Reviżjoni ta' l-Oriġinal li hemm fil-Ktieb: "Strutturi Pastorali", 1987, 85-88)

Digriet 235 (c) A K D G 146 (1993) 2264-2265.

1. (i) **Il-għan tal-Kumitat,** imwaqqaf skond il-kanoni 537 tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, huwa dak li jgħin lill-kappillan fl-amministrazzjoni tal-beni temporali tal-parroċċa billi, fost ħwejjeġ oħra, jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-knisja u jara li l-parroċċa jkollha dak li jkun meħtieġ għall-kult, għall-ħidmiet pastorali, u għall-ministri u persuni oħra li jservuha.

(ii) Fil-knejjes li huma fl-istess waqt parrokkjali u Kapitolari (kan. 510), il-Kumitat iwettaq il-funzjoni tiegħu kif inhu mfisser fil-paragrafu preċedenti, sa fejn għandha x'taqsam il-parroċċa, iżda rigward il-manutensjoni tal-knisja u affarijiet oħra li huma kompetenza tal-Kapitlu, jista' jagħmel biss is-suġġerimenti u t-talbiet tiegħu, lil dan l-enti ġuridiku.

2. Il-Kumitat **ma għandux jindaħal** fit-twettiq tal-kult u tal-ħidmiet pastorali, fl-għażla tal-persuni li jservu l-knisja u fis-salarji tagħhom, fit-tiġdid jew fit-tneħħija ta' oġġetti ta' l-arti sagra, fiż-żamma ta' l-arkivju u f'materji oħra barra mill-kompetenza tiegħu jew f'dawk li eventwalment jagħmel riserva fuqhom l-Ordinarju tad-Djoċesi.

3. Il-Kumitat li skond il-Kodiċi l-qadim (kanoni 1184, 1522, 1523) kien jista' jitwaqqaf bil-permess ta' l-Awtorità Ekkleżjastika, f'kull knisja, skond il-Kodiċi l-ġdid huwa **obbligatorju għal kull parroċċa.**

4. Il-Kumitat jiltaqa' meta jiġi **msejjaħ mill-Kappillan u taħt il-presidenza tiegħu;** id-diskussjoni tkun skond l-aġenda mressqa mill-kappillan u d-deċiżjonijiet li jittieħdu jibdew iseħħu wara li jkunu approvati mill-Kappillan.

5. Fejn ikun hemm **Kumitat għall-Festa Esterna**, il-Kumitat Amministrattiv għandu jħabrek biex dan il-Kumitat tal-Festa jitmexxa skond ir-regolamenti mogħtija fl-Atti tal-Kurja nru. 43 paġna 615, iżda m'għandux jindaħal fid-deċiżjonijiet u fil-ħidmiet tal-Kumitat għall-Festa Esterna, u viċi-versa.

6. Jistgħu jkunu **membri tal-Kumitat Amministrattiv** mhux biss is-saċerdoti, iżda wkoll il-lajċi, kemm irġiel u kemm nisa, basta dawn ikunu għalqu t-tmintax-il sena.

7. Il-membri tal-Kumitat jiġu **nominati** mill-kappillan wara li jkun informa bihom lill-Isqof.

8. Il-**Kunsill Parrokkjali Pastorali** jkun rappreżentat fil-Kumitat Amministrattiv minn mhux inqas minn żewġ membri tiegħu, fosthom it-teżorier tal-Kunsill Parrokkjali.

9. Il-Kumitat **jiġġedded kull sentejn**, u l-membri kollha jew uħud biss minnhom jistgħu jiġu rikonfermati fil-ħatra tagħhom.

10. Il-Kumitat **jispiċċa "ipso facto"** meta tvaga l-parroċċa, u jista' wkoll jiġi xolt mill-Ordinarju minħabba raġuni gravi skond il-ġudizzju ta' l-istess Ordinarju tad-Djoċesi. Jibqa' obbligatorju t-twaqqif mill-ġdid tal-Kumitat fil-mument l-aktar opportun.

11. Il-Kumitat għandu biss **vot konsultiv.**

12. Il-membri tal-Kumitat barra milli jieħdu sehem fis-seduti tiegħu, għand-hom ikunu lesti li jgħinu **f'ħidmiet ta' "Fund Raising".**

13. Il-Kumitat jagħti s-sehem tiegħu sabiex ta' kull sena jiġu ppreparati r-**rendikont** u l-**budget** tal-parroċċa.

14. Il-Kumitat għandu jiġi **mlaqqa' għall-inqas tliet (3) darbiet fis-sena.** Min għandu r-responsabbiltà li jlaqqa' l-Kumitat għandu jsejjaħ għal-laqgħa lill-membri kollha tiegħu.

15. Għal-laqgħat hija meħtieġa l-**attendenza** ta' għall-anqas nofs il-membri. Jekk dan il-'quorum' ma jintlaħaqx, il-laqgħa tista' ssir, iżda d-deċiżjonijiet li jittieħdu fiha hemm bżonn li jiġu konfermati fil-laqgħa ta' wara.

16. Fil-każ li jkun hemm **xi konflitt** tal-kumitat mal-Kappillan jew ma' xi kunsilli jew kumitati oħra tal-parroċċa, hija kompetenza ta' l-Ordinarju li jsolvi l-kwistjoni.

17. Ta' kull sena, il-Kumitat għandu jagħti **relazzjoni** ta' l-aġir tiegħu lill-Kunsill Parrokkjali.

18. L-Isqof Djoċesan jista' jneħħi jew jimmodifika kull parti ta' dan l-istatut skond ma jkun meħtieġ.

REGOLAMENTI TAL-KUMITAT GĦAT-TAGĦLIM NISRANI FIL-PARROĊĊI

Digriet 236 (d) A K D G 2 (1977) 24-25.

1. **Skop.**

Il-Kumitat ikollu bħala għan li jgħin effikaċjament sabiex fil-parroċċa t-tagħlim nisrani jiġi mwassal liż-żgħar u lill-kbar. Għalhekk għandu:-

(a) iħabrek biex jiġbed l-iżjed numru possibbli ta' tfal għad-duttrina;

(b) jistinka biex jikseb l-aħjar mezzi possibbli għat-tagħlim tad-duttrina fil-klassijiet kollha;

(c) iħajjar lit-tfal jattendu dejjem fil-ħin għad-duttrina u jibgħat javża lill-ġenituri tagħhom jekk ifallu;

(d) jorganizza laqgħat ta' tagħlim, forums, diskussjonijiet għall-kbar u l-laqgħat tal-kategoriji;

(e) jieħu ħsieb il-katekeżi pre-sagramentali;

(f) iwettaq kull ħidma oħra konnessa mat-tagħlim nisrani;

(g) iżomm kuntatt mal-Kummissjoni Kateketika Djoċesana.

2. **Membri:**

(a) jappartienu bi dritt għall-Kumitat bħala membri l-Katekisti u l-Għalliema kollha li jieħdu sehem f'xi għamla ta' katekesi organizzata mill-parroċċa;

(b) jistgħu jiġu msejħa mill-kappillan biex jagħmlu sehem mill-Kumitat dawk kollha li jkollhom x'jaqsmu b'mod jew b'ieħor fit-tagħlim tad-duttrina jew organizzazzjoni tagħha, bħal p.eż. bit-talb, bl-opri, bl-offerti, bil-pariri jew bl-eżempju, dejjem bl-iskop li jintlaħaq aħjar ix-xogħol tal-Kumitat għat-Tagħlim Nisrani.

(c) Il-membri kollha jeħtieġ li jkunu għalqu s-sittax-il sena.

3. **Organizzazzjoni:**

(a) Il-Kumitat ikun immexxi minn Direttur, Segretarju, Kaxxier, u jekk ikun meħtieġ Kunsillieri magħżula minn fost l-aħjar katekisti.

(b) Il-Kumitat iżomm kontinwament relazzjoni mal-Kunsill Parrokkjali u jkun rappreżentat fih permezz tas-Segretarju jew persuna oħra magħżula għalhekk.

4. **Direttur:**

Id-Direttur ikun il-Kappillan jew saċerdot magħżul minnu. Għandu:-

(a) jieħu ħsieb li t-tagħlim li jkun isir fl-klassijiet, u dak li jingħata lill-kategoriji jitwettaq bis-serjetà skond il-programmi li tfassal il-Kummissjoni Kateketika;

(b) iżomm laqgħat sew organizzattivi kif ukoll formattivi;

(c) jorganizza laqgħat oħra simili li fihom il-katekisti jitolbu flimkien jew jistudjaw il-Bibbja ma' xulxin.

5. **Segretarju:**

Is-Segretarju għandu jżomm bl-ordni:

(a) il-minuti ta' kull laqgħa li ssir mill-Kumitat;

(b) ir-rassenji tad-Duttrina, imħejjija apposta mill-Kummissjoni Kateketika bl-attendenza tat-tfal;

(c) ir-reġistri ta' dawk kollha li matul is-sena jkunu qegħdin jieħdu xi forma ta' katekesi pre-sagramentali;

(d) l-indirizzi tal-ġenituri li jkollhom lil uliedhom jitgħallmu biex jinformahom dwar l-attendenza u l-imġieba tagħhom.

6. **Kaxxier:**

(a) jiġbor l-offerti tal-membri jew ta' benefatturi oħra;

(b) jirrapporta darba fis-sena l-ħruġ jew id-dħul kollu f'laqgħa tal-Kumitat għat-Tagħlim Nisrani.

7. **Attivitajiet:**

Il-Kumitat għat-Tagħlim Nisrani għandu jħabrek biex jorganizza attivitajiet konnessi mal-katekesi, fosthom:

(a) **"Jum il-Katekiżmu"**, qrib il-ftuħ tas-sena tad-Duttrina. Fih il-parruċċani kollha għandhom ikunu avżati x'ser isir u għalfejn. Fih ukoll il-membri kollha għandhom ikunu preżenti għat-tberik tal-Katekiżmu, u jersqu jitqarbnu biex jinkiseb iżjed ġid.

(b) **"Jum l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma"**. Issirilhom tħejjija xierqa u jitqiesu għall-parroċċa kollha bħala festa għażiża.

(c) **"Jum il-Ġenituri"**.

(d) **"Jum il-Ktieb"**, jekk hu possibbli, biex titqanqal kuxjenza għall-qari tajjeb.

(e) **"Jum il-Premijiet"** għat-tfal tad-duttrina.

(f) **"Gara Katekistika"** fuq bażi parrokkjali.

(g) **Quddiesa** b'suffraġju tal-membri u benefatturi mejtin kollha, ta' l-inqas darba fis-sena.

(h) **Laqgħat ta' Tagħlim** minn żmien għal żmien għall-istudenti, żgħażagħ u kbar.

(i) **It-Tixrid** ta' pubblikazzjonijiet kattoliċi u b'mod speċjali dawk djoċesani.

REGOLAMENTI TAL-KUMITAT LITURĠIKU FIL-PARROĊĊI

Digriet 236 (d). A K D G 2 (1977) 26-27.

1. **Skop:**

Il-Kumitat Liturġiku Parrokkjali għandu bħala skop tiegħu li jġib 'il quddiem il-pastorali liturġika fil-parroċċa skond id-direttivi tal-Konċilju Vatikan II, hekk illi l-insara "jkunu mwassla għal sehem sħiħ, ħaj u li jifhmuh taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi" (S C 14).

2. **Membri:**

(a) Jistgħu jkunu membri ta' dan il-Kumitat rappreżentant tal-Presbyterium Parrokkjali, rappreżentant tal-Kunsill Parrokkjali kif ukoll Saċerdoti u lajċi nominati mill-kappillan.

(b) Il-membri tal-Kumitat iservu għal tliet snin u wara dan il-perjodu jistgħu jiġu konfermati.

(c) Il-membri lajċi jeħtieġ li jkunu għalqu s-sittax-il sena.

3. **Organizzazzjoni:**

(a) Il-Kumitat ikun immexxi minn Direttur u Segretarju.

(b) Il-Kumitat min-natura tiegħu huwa assoċjazzjoni parrokkjali u għalhekk ikun taħt l-awtorità ekkleżjastika tal-post.

(c) Il-Kumitat iżomm kontinwament relazzjoni mal-Kunsill Parrokkjali u jkun rappreżentat fih permezz tas-Segretarju jew persuna oħra magħżula għalhekk.

(d) Il-Kumitat għandu jżomm lill-Kunsill Parrokkjali informat bir-riżoluzzjonijiet li jieħu u l-inizjattivi li jkun iwettaq.

4. **Direttur:**

Ikun il-kappillan tal-parroċċa li fiha jaħdem il-Kumitat. Huwa għandu jippresiedi l-laqgħat jew jiddelega saċerdot minn floku.

5. **Segretarju:**

Minn fost il-membri jinħatar saċerdot jew sekular li jkun segretarju u jżomm il-minuti tal-laqgħa u jieħu ħsieb il-korrispondenza.

6. **Attivitajiet:**

Il-Kumitat għandu jfittex li jippromovi fil-parroċċa inizjattivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liturġija u fosthom:

(a) L-organizzazzjoni tal-quddies bil-parteċipazzjoni tal-poplu.

(b) L-organizzazzjoni tas-Sagramenti u s-Sagramentali skond ir-rit il-ġdid.

(c) L-apprezzament tas-solennitajiet tas-Sena Liturġika.

(d) Il-Kant Liturġiku u l-Mużika Sagra.

(e) Iħares l-opri artistiċi fil-knisja.

REGOLAMENTI TAL-KUMITAT TAL-PROMOZZJONI UMANA FIL-PARROĊĊI

Digriet 236 (d). A K D G 2 (1977) 27-28.

1. **Skop:**

Il-Kumitat tal-Promozzjoni Umana fi ħdan il-parroċċa għandu bħala skop tiegħu mhux biss il-karità li skond it-tagħlim tal-Vanġelu għandha tingħata lill-foqra, iżda wkoll kull xorta ta' għajnuna morali u materjali lil min ikun fil-bżonn b'mod partikulari lill-morda, inkapaċitati, anzjani u lil dawk li għal diversi raġunijiet huma mwarrba mis-soċjetà (ara O A 15).

2. **Membri**

(a) Jistgħu jkunu membri ta' dan il-Kumitat, saċerdoti kif ukoll sekulari rġiel u nisa li għalqu s-sittax-il sena.

(b) Il-membri tal-Kumitat iservu għal tliet snin u wara dan il-perjodu jistgħu jiġu konfermati.

(c) Il-membri jiġu nominati jew konfermati mill-Kappillan.

3. **Organizzazzjoni:**

(a) Il-Kumitat ikun immexxi minn Direttur, Segretarju u Kaxxier.

(b) Il-Kumitat min-natura tiegħu huwa assoċjazzjoni parrokkjali u għalhekk ikun taħt l-awtorità ekkleżjastika tal-post.

(c) Il-Kumitat iżomm kontinwament relazzjoni mal-Kunsill Parrokkjali u jkun rappreżentat fih permezz tas-Segretarju jew persuna oħra magħżula għalhekk.

(d) Il-Kumitat għandu jżomm lill-Kunsill Parrokkjali informat bir-riżoluzzjonijiet li jieħu u l-inizjattivi li jkun iwettaq.

4. **Direttur:**

Ikun il-kappillan tal-parroċċa li fiha jaħdem il-Kumitat. Huwa għandu jippresiedi l-laqgħat jew jiddelega saċerdot minn floku.

5. **Segretarju:**

Minn fost il-membri jinħatar saċerdot jew sekular li jkun segretarju u jżomm il-minuti tal-laqgħa u jieħu ħsieb il-korrispondenza.

6. **Kaxxier:**

Jinħatar ukoll minn fost il-membri, teżorier li jżomm ir-reġistri tad-dħul u l-ħruġ ta' flus li jagħmel il-Kumitat, jieħu ħsieb il-flus meħtieġa għall-għanijiet tal-Kumitat u ta' kull sena jippreżenta rapport finanzjarju.

7. **Attivitajiet:**

Il-Kumitat għandu jfittex li jippromovi fil-parroċċa inizjattivi u ħidmiet li għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni umana, fosthom:

(a) "Jum il-Karità" fit-tielet Ħadd ta' Novembru;

(b) Il-ġbir li jsir għall-orfanatrofji djoċesani;

(c) Ġbir fi ħtiġijiet ta' emergenza;

(d) Funzjonijiet u ħarġiet għall-morda;

(e) Il-Quddiesa tal-Ġenerożità.

NORMI DWAR IL-KNEJJES U L-KAPPELLI SUSSIDJARJI GĦALL-KURA PASTORALI

Digriet 241. A K D G 63 (1985) 934.

1. Il-postijiet li fihom tiġi ċċelebrata u miżmuma l-Ewkaristija Mqaddsa u fejn jiltaqgħu l-insara għat-talb għandhom ikunu indaf u adattati għat-talb u għall-funzjonijiet sagri.

2. Bħala regola, il-knejjes li ma humiex parrokkjali u l-anqas tar-reliġjużi maskili, ikunu taħt it-tmexxija ta' rettur, debitament nominat mill-Isqof u fihom jistgħu jsiru l-**funzjonijiet imsemmija fil-kanoni 559**. Il-kompetenza tar-rettur hija deskritta fl-Atti tal-Kurja p. 63.

3. Sabiex fil-knejjes imsemmija fin-nru. 2 jew f'kappelli oħrajn ikunu jistgħu jitwettqu **attivitajiet parrokkjali**, huwa meħtieġ li jkun hemm dokument mill-Awtorità Ekkleżjastika u għandhom jiġu osservati l-kundizzjonijiet u l-limiti li jkunu espressi fl-istess dokument kif ukoll dak li jippreskrivi l-kanoni 558.

4. (a) F'dawk iż-żoni fejn in-nies imorru ta' sikwit jew ikunu joqogħdu hemm, bħalma huma l-postijiet tal-villeġġjatura, barra mill-knejjes parrokkjali, l-Isqof jieħu ħsieb li jitwaqqfu **knejjes jew kappelli sussidjarji**, u jekk ikun meħtieġ anke dar privata li tinkera u tiġi adattata għall-kult u għall-ħtiġijiet l-oħra tal-komunità ekkleżjali (kan. 516 p. 2).

(b) L-Isqof jista' jagħti għal żmien definit lil xi saċerdot, li mhux kappillan, il-fakultà li biha jwettaq il-kura ta' l-erwieħ bħal dik ta' kappillan f'xi post determinat u fit-territorju ta' dik il-parroċċa fejn il-kappillan ma jkunx jista' jlaħħaq mal-fidili tiegħu (kan. 516 p. 1).

(c) Il-mandat għal dan l-uffiċċju ekkleżjastiku bil-kura ta' l-erwieħ jeħtieġ li jingħata bil-miktub mill-Isqof wara li jkun ġie kkonsultat il-kappillan ta' dak it-territorju. Is-saċerdot inkarigat minn dan l-uffiċċju għandu josserva l-kundizzjonijiet u l-limiti li jkun hemm stabbiliti fil-mandat.

5. (a) Il-kappillan jista' wkoll jagħżel post, fil-parroċċa tiegħu, anke jekk mhux knisja jew kappella, li fih huwa stess jew saċerdot mibgħut minnu, imur fi żmien determinat sabiex iqaddes, jagħmel il-katekiżmu u jwettaq ħidma pastorali oħra fost in-nies li joqogħdu 'l bogħod mill-knisja parrokkjali.

(b) Dan il-pass m'għandux jittieħed qabel ma l-kappillan ikun talab bil-miktub u kiseb l-awtorizzazzjoni ta' l-Isqof. Meħtieġ ukoll li huwa jagħti informazzjoni dettaljata dwar il-post li ser jiġi magħżul għal dan l-iskop, is-saċerdot li jkun ser iwettaq dan il-ministeru u l-ħidmiet li jkunu ser jitwettqu.

REGOLAMENTI TAT-TAQSIMA EKONOMIKA TAL-KURJA

Digriet 246 (c). A K D G 36 (1982) 501-503.

1. It-taqsima tal-Kurja tinkludi l-Uffiċċju tal-Finanzi, tat-Teżorier, tal-Legati Piji, tar-Reviżjoni tal-kontijiet, kif ukoll l-uffiċċju tal-Proprjetà u l-uffiċċju tekniku.

2. Sabiex jimxu sewwa l-uffiċċji tat-Taqsima Ekonomika, l-inkarigati ta' kull uffiċċju, għandhom jikkollaboraw mas-Segretarju Amministrattiv li huwa responsabbli taħt id-direzzjoni ta' l-Isqof għall-ħidma u l-progress ta' l-istrutturi amministrattivi, ekonomiċi u tekniċi li jiddependu mid-djoċesi.

3. Id-dmirijiet ewlenin tas-Segretarju Amministrattiv huma dawn:

(a) Jissorvelja x-xogħol ta' l-uffiċċji tat-Taqsima Ekonomika tal-Kurja, jikkordina l-ħidma tagħhom u jissostitwihom fin-nuqqas tagħhom.

(b) Jikkontrolla s-sezzjoni ekonomika ta' l-Uffiċċju Parrokkjali, kif ukoll id-dħul u l-ħruġ ta' l-enti ekkleżjastiċi li jiddependu mill-Kurja.

(c) Jieħu ħsieb it-tfassil tal-'budgets' u tal-pjani finanzjarji, u jipprova jsib dak li huwa meħtieġ għall-manteniment tal-kleru u għal ħtiġijiet oħra pastorali tad-djoċesi, u jippromovi r-riforma finanzjarja.

(d) Iħaddem il-fondi djoċesani u jagħti rendikonti tad-dħul u ta' l-infieq.

(e) Jieħu ħsieb li jsiru regolarment il-laqgħat tal-Kumitat Finanzjarju Djoċesan, u tal-Fondo Clero Djoċesan, jagħmel il-preparazzjoni meħtieġa għalihom u jattwa d-deċiżjonijiet tagħhom wara li dawn id-deċiżjonijiet ikollhom l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa.

4. Id-Direttur tal-Finanzi jwettaq il-ħidma konnessa mal-proċeduri amministrattivi u ma' l-'accounts', filwaqt li jissorvelja x-xogħol u r-reġistri tal-Kaxxier, tar-Reviżur tal-kontijiet u ta' l-Uffiċċju tal-Legati. Flimkien mas-Segretarju Amministrattiv, jipprepara ta' kull sena l-konsuntiv u l-preventiv ta' l-amministrazzjoni kollha tal-Kurja, kif ukoll jesiġi u jeżamina dawk tal-parroċċi u ta' l-enti ekkleżjastiċi li jiddependu mill-Isqof biex ikunu jistgħu jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni ta' l-organi kompetenti.

5. L-Uffiċċju tat-Teżorier (Kaxxier) ikun l-uniku organu fil-Kurja responsabbli u kompetenti biex jirċievi u joħroġ il-flus, barra milli jikkustodixxi l-kotba tal-bank, ċedoli bankarji, valuri, eċċ., u jżomm aġġornat ir-reġistru tad-dħul u l-pagamenti.

6. L-Uffiċċju tal-Legati Piji jwettaq il-prattiki meħtieġa biex jiġu mwaqqfa u aċċettati fundazzjonijiet piji (kan. 1299) kif ukoll jieħu ħsieb li tiġi esegwita l-volontà tal-fundaturi (kan. 1300) u jesiġi mingħand l-esekuturi r-rendikonti relativi. Għaldaqstant, huwa jżomm 'records' aġġornati ta' l-atti, kuntratti legali jew dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-obbligi tal-Quddies u ma' l-opri piji kif ukoll jirċievi u jiddistribwixxi l-intenzjonijiet tal-quddies fondat u manwali.

7. L-Uffiċċju tar-Reviżjoni tal-Kontijiet, barra milli jirrevedi l-kontijiet konnessi ma' l-Uffiċċji diversi tal-Kurja jagħmel ukoll ir-reviżjoni tal-kotba ta' prokuri, Legati Piji u ta' l-enti ekkleżjastiċi, li għandhom jiġu ppreżentati fil-Kurja għar-'resa dei conti' ta' kull sena. Meta minħabba r-rinunzja, remozzjoni jew il-mewt tat-titular, l-amministrazzjoni tal-prokura jew benefiċċju, eċċ., tkun ser tgħaddi f'idejn saċerdot ieħor, tiġi esegwita l-kwittanza minn dan l-uffiċċju.

8. Id-Direttur tal-Proprjetà mmobbli li jista' jkun mgħejjun minn persuni oħra, jesegwixxi l-'policies' tal-Kurja rigward il-proprjetà mmobbli taħt it-tmexxija tas-segretarju amministrattiv. Huwa jdaħħal iċ-ċnus, qbiela jew kera fuq proprjetà amministrattiva mill-Kurja. Huwa jilqa' l-applikazzjonijiet għal xiri ta' art jew bini u jibda l-prattiki meħtieġa qabel il-kuntratti ta' bejgħ jew enfitewsi u jiġbor l-informazzjoni meħtieġa għall-'files' li jitressqu għall-approvazzjoni ta' l-organi kompetenti. Jissorvelja x-xogħol ta' l-uffiċċju tekniku u jieħu ħsieb li l-inventarji tal-beni mmobbli ta' l-enti ekkleżjastiku jinżammu aġġornati.

9. L-Uffiċċju tekniku jieħu ħsieb li ssir id-deskrizzjoni tal-proprjetà mmobbli u li jinżammu aġġornati l-iskedi u l-mappi katastali. Meta jkun meħtieġ jesegwixxi spezzjonijiet fuq il-post, biex jagħti relazzjoni dwar l-istat tal-proprjetà u jiddetermina l-istima li ssir qabel it-trasferiment tal-beni.

10. F'kull att ta' amministrazzjoni straordinarja, bħalma huma t-transazzjonijiet li jeħtieġ isiru b'kuntratt jew bi skrittura privata, per eżempju, għoti taċ-ċens, aljenazzjoni, bejgħ, għandha ssir applikazzjoni bil-miktub.

11. Normalment kull applikazzjoni jew rikors rigward il-proprjetà ppreżentata fil-Kurja, qabel tiġi studjata mill-Bord jew mid-D.F.C. għandha tkun korredata b'relazzjoni (rapport) fuq il-każ, miktub u ffirmat minn membru tad-D.F.C. jew minn persuna oħra inkarigata mill-Isqof.

12. Għandha tintalab konsultazzjoni mill-persuni interessati, kif ukoll il-kunsens ta' l-enti morali kif inhu preskritt fil-kanoni 1292 tal-Liġi Kanonika, skond id-diversità tal-każ.

13. Il-Kumitat Finanzjarju Djoċesan jiddeċiedi jekk ir-rikors għandux jiġi aċċettat jew le u t-tweġiba tiġi mgħoddija lir-rikorrent permezz ta' l-inkarigat tal-Kurja jew il-Prokuratur li jkollu f'idejh il-prattika.

14. L-approvazzjoni tal-Kumitat Finanzjarju Djoċesan u ta' dawk il-persuni li għandhom id-dritt jiġu kkonsultati tingħata biss jekk jitwettqu l-kundizzjonijiet preskritti.

15. Biex tiġi konkluża din il-prattika u qabel ma jsir il-kuntratt, hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni ta' l-Ordinarju (kan. 1292).

16. Meta jkun meħtieġ li tinstab soluzzjoni fi kwistjonijiet kontroversjali li jirrigwardaw beni ta' l-enti ekkleżjastiċi li jiddependu mill-Kurja, għandha tiġi osservata l-proċedura li hemm deskritta fil-'policy' n. 9 approvata fl-1973 kif ukoll it-'terms of reference' tal-Bord ta' l-Arbitraġġ li hemm fl-Atti tal-Kurja n. 65 p. 967.

STATUT TAL-FONDO CLERO DJOĊESAN

(Reviżjoni ta' l-Oriġinal li hemm fl-Atti tal-Kurja, n. 20 pp. 253-254)

Digriet 247 (b). A K D G 67 (1985) 1004-105.

1. Bl-iskop li tinstab soluzzjoni għall-problemi ekonomiċi tas-saċerdoti djoċesani, skond l-indikazzjoni tad-Digrieti Konċiljari "*Christus Dominus*" u "*Presbyterorum Ordinis*" u tal-Moto Proprio "*Ecclesia Sanctae*" n. 8, kif ukoll fit-termini tal-Kanoni 1274 tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, ġie mwaqqaf il-Fondo Clero Djoċesan.

2. Il-Fondo Clero Djoċesan jaħseb, dejjem fil-limiti ta' dak li hu possibbli, sabiex is-saċerdoti djoċesani jkollhom rimunerazzjoni xierqa għall-ħajja dekoruża.

3. Barra minn sussidju lil saċerdoti xjuħ jew morda u lil dawk li qed jagħmlu studju barra mid-djoċesi, il-flus tal-Fondo Clero Djoċesan jinqasmu f'forma ta' rimunerazzjoni għas-servizz pastorali li s-saċerdoti jkunu qed jagħmlu u skond l-iskema ta' rimunerazzjoni tal-kleru li tiġi aġġornata minn żmien għal żmien.

4. Il-Fondo Clero Djoċesan għandu jaħdem f'kollaborazzjoni mal-Fondo Clero Parrokkjali kif ukoll mal-prokuratur/amministratur ta' Enti Ekkleżjastiċi oħra, p.eż. Seminarju, kolleġġjati, eċċ., li jissemmew fin-n. 3 ta' l-"Iskim tar-Rimunerazzjoni".

5. Ir-riżorsi tal-Fondo Clero Djoċesan jiġu minn:

(a) Proventi mill-benefiċċji vaganti;

(b) l-awment mit-tiġdid taċ-ċnus jew mill-imgħax fuq kapitali li jiġu minn bejgħ ta' proprjetà mmobbli;

(c) L-elemożina tal-binazzjonijiet;

(d) Kontribuzzjonijiet volontarji tas-saċerdoti u ta' l-insara;

(e) Kontribut mill-Amministrazzjoni tal-Kurja u mill-Parroċċi u minn Enti Ekkleżjastiċi oħra.

6. Il-Fondo Clero jkun immexxi mill-Bord li barra li jamministra u jqassam il-fondi li jkollu f'idejh, jikkontrolla l-ħlasijiet tas-saċerdoti li jsiru mill-Fondo Clero Parrokkjali u minn enti ekkleżjastici oħra, kif ukoll jaħseb biex minn żmien għal żmien jinstabu riżorsi oħrajn anke barra minn dawk imsemmija f'n. 5.

7. Il-Bord tal-Fondo Clero Djoċesan ikun nominat mill-Isqof u jkun magħmul minn mhux inqas minn erbgħa (4) saċerdoti, li nofshom ikunu membri tal-Kummissjoni tal-Kleru u n-nofs l-ieħor mill-Kumitat Finanzjarju Djoċesan. Il-Bord ikun presedut mill-Ordinarju. Jistgħu jiġu ko-optati membri oħra.

8. Ta' kull sena jiġi mogħti lill-membri tal-Kunsill Presbiterali r-rendikont tal-Fondo Clero Djoċesan.

STATUT TAL-FONDO CLERO PARROKKJALI

Digriet 247 (c). A K D G 65 (1985) 966-967.

1. F'kull parroċċa għandu jkun hemm il-Fondo Clero Parrokkjali sabiex minnu tingħata rimunerazzjoni lis-saċerdoti li jservu fl-istess parroċċa.

2. Ir-riżorsi tal-Fondo Clero Parrokkjali jiġu minn persentaġġ fuq iddħul ordinarju tal-parroċċa kif jiddetermina minn żmien għal żmien il-Bord tal-Fondo Clero Djoċesan, kif ukoll minn drittijiet oħra bħal ma huma dawk ta' l-esekuzzjoni tal-legati.

3. Il-ħlasijiet tas-saċerdoti tal-parroċċa mill-Fondo Clero Parrokkjali jsir b'lura, mhux aktar tard mill-15 il-jum tax-xahar ta' wara u mhux qabel ma jkunu tlestew u ġew approvati l-bilanċi tax-xahar ta' qabel.

4. Għandhom jinżammu 'files' apposta jew reġistru biex fihom jitniżżlu l-ħruġ u d-dħul kollu tal-Fondo Clero Parrokkjali.

5. Kull parroċċa għandha tagħti lill-Kurja informazzjoni eżatta dwar id-dħul u l-ħruġ tal-Fondo Clero u dan għandu jsir ta' kull xahar jew kull meta jkun mitlub mill-uffiċċju kompetenti.

6. Bi ftehim ma' l-Uffiċċju Kleru għandu jintagħżel saċerdot f'kull parroċċa biex ikun responsabbli għat-tmexxija tal-Fondo Clero Parrokkjali. Dment li ma jkunx nominat dan is-saċerdot, ir-responsabbiltà tal-Fondo Clero Parrokkjali tkun fuq il-kappillan.

7. Il-kappillan u min ikun responsabbli tal-Fondo Clero Parrokkjali, f'każ ta' xi diffikultà, għandu jikkonsulta ruħu ma' l-Uffiċċju Kleru Djoċesan jew inkella jressaq il-problema tiegħu direttament lill-Bord tal-Fondo Clero Djoċesan.

STATUT TAL-KUNSILL EKONOMIKU
(mitlub mill-Kan. 1280)

Digriet 249 (h). A K D G 74 (1986) 1108-1110.

1. Dan l-istatut japplika għall-persuni ġuridiċi b'esklużjoni tad-Djoċesi (kan. 492) u tal-Parroċċi (kan. 537) li diġà għandhom organiżmu għal dan il-għan bl-istatuti proprji tiegħu.

2. Kull persuna ġuridika, skond il-kanoni 1280, għandu jkollha l-Kunsill Ekonomiku jew għall-inqas żewġ persuni li jagħtu parir lill-amministratur.

3. Rigward l-enti kolleġġjali, il-membri jiddeċiedu bil-vot tagħhom jekk għandux ikun hemm il-Kunsill Ekonomiku jew il-Konsulturi. Fil-każ ta' enti ekkleżjastiċi oħra li m'humiex kolleġġjali, din id-deċiżjoni teħodha l-persuna li għandha r-responsabbiltà tat-treġija (kan. 1279) bil-kunsens ta' l-Ordinarju.

4. Fejn ikun jeżisti l-Kunsill Ekonomiku għandhom jiġu osservati f'kollox dawn l-istatuti; fejn ikun hemm biss il-konsulturi, dawn huma marbuta bl-istatut safejn hu applikabbli għalihom.

5. Il-membri għandhom ikunu nies li jinqalgħu fl-affarijiet finanzjarji, u jistgħu jkunu kjerċi jew lajċi, kemm irġiel kif ukoll nisa.

6. Il-Kunsill Ekonomiku jkollu president. Fil-każ ta' enti non-kolleġġjali jkun il-persuna responsabbli ta' l-enti msemmija fil-kanoni 1279; fil-każ ta' enti kolleġġjali jkun wieħed mill-membri ta' din l-enti magħżul mill-istess membri.

7. Fil-laqgħat ta' dan il-Kunsill jinżammu l-minuti, u għalhekk hu meħtieġ li jkun hemm segretarju li jintagħżel minn fost il-membri tal-Kunsill l-ewwel seduta tagħhom.

8. Il-Kunsill Ekonomiku fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu jiddependi dejjem mill-persuna ġuridika li għażlitu u jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet tagħha. Għandu josserva wkoll in-normi djoċesani dwar l-amministrazzjoni tal-beni.

9. Il-Kunsill Ekonomiku jservi għal tliet snin. Dan il-perjodu jista' jiġi mġedded lill-membri kollha jew lil xi ħadd minnhom biss. Din in-norma tapplika wkoll għall-Konsulturi.

10. Il-membri tal-Kunsill Ekonomiku jkunu mhux inqas minn tlieta u mhux aktar minn sebgħa.

11. Il-persuna ġuridika, jekk tkun kollegġjali, tagħżel hi l-membri tal-Kunsill Ekonomiku u tkun rappreżentata fih, barra mill-president, permezz tal-prokuratur u possibilment permezz ta' persuna jew persuni oħra. Jekk mhix kollegġjali, l-għażla ssir mill-persuna responsabbli skond il-kanoni 1279 par. 1, bl-approvazzjoni ta' l-Ordinarju.

12. Il-Kunsill Ekonomiku huwa kompetenti li jwettaq dawk il-ħidmiet li tafdalu l-persuna ġuridika; u fosthom tista' tafdalu dawn li ġejjin:

(a) li jistudja r-rikorsi b'referenza għall-beni mobbli li jaqgħu taħt l-amministrazzjoni afdata lill-persuna ġuridika.

(b) li jħejji rapport fuq kull rikors qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali dwar l-istess rikors.

(c) Jekk ir-rikors jiġi aċċettat u t-twettiq tiegħu jkun irid isir b'att notarili, id-deċiżjoni tal-Kunsill Ekonomiku tkun trid tiġi sottoposta għall-approvazzjoni tal-persuna ġuridika, e.g. għoti ta' ċnus, bejgħ ta' proprjetà, eċċ.

(d) F'dawk il-każijiet fejn ir-rikorsi ma jesiġux proċeduri b'atti notarili, il-Kunsill Ekonomiku jista' jingħata mandat mill-persuna ġuridika konċernata biex bl-awtorizzazzjoni debita jipproċedi mingħajr ma jkun hemm bżonn li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill jiġu ta' kull darba approvati mill-persuna ġuridika, e.g. għoti jew tiġdid ta' qbiela.

(e) li jistudja u jfassal proġetti għat-titjib tal-beni amministrati mill-persuna ġuridika, fosthom id-depożiti bankarji.

13. Il-Kunsill Ekonomiku jista' jiġi mitlub jagħti parir, iżda mhux jagħti l-aħħar deċiżjoni f'dawk l-attivitajiet li skond l-istatuti tal-persuna ġuridika konċernata, jew/u skond il-leġislazzjoni djoċesana, huma meqjusa bħala atti straordinarji.

14. Dan il-Kunsill Ekonomiku għandu joqgħod attent li ma jaċċedix il-kompetenza tiegħu u għalhekk għandu jżomm lill-persuna ġuridika infurmata b'dak li jkun iwettaq, anke billi jgħaddilha l-minuti u r-rapporti u, fejn ikun meħtieġ, jissottomettilha d-deċiżjonijiet tiegħu.

APPENDIĊI

KRONISTORJA TAS-SINODU

Il-Preparazzjoni tal-bidu

Fil-laqgħa tal-Kunsill Pastorali tat-22 ta' Jannar 1975, l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex, għarraf il-ħsieb tiegħu li jsejjaħ it-Tieni Sinodu Djoċesan. Saret referenza għas-Sinodu Djoċesan f'diversi laqgħat li nżammu matul dik is-sena, bħal per eżempju fil-laqgħat tal-Kummissjoni Kleru tat-3 ta' Marzu 1975, fil-laqgħa tas-saċerdoti ta' l-ewwel Sibt tax-xahar, 5 ta' Mejju 1975.

Fil-laqgħa tal-Kunsill Presbiterali ta' l-24 ta' Ġunju 1975, Mons. Isqof ħabbar li għandu jinbeda s-Sinodu Djoċesan għall-aħħar tas-sena 1975, jew fil-bidu tas-sena ta' wara u li fih ser jieħdu sehem ukoll il-lajċi bħala osservaturi. Intagħżlu wkoll tliet membri biex jirrappreżentaw il-Kunsill Presbiterali fis-Segreterija tas-Sinodu li kienu Rev. Mons. G.B. Gauci, l-Arċipriet Joseph Borg Attard u r-Rettur tas-Seminarju Patri Anton Azzopardi. It-tliet membri l-oħra maħtura mill-Isqof kienu l-Kan. Dun Salv Pace, Dun Tarcisio Camilleri u Dun Salv Muscat. B'hekk ġiet iffurmata s-Segreterija tas-Sinodu, li ppromoviet il-ħidmiet tas-Sinodu Djoċesan.

Fl-*Ad Clerum* ta' Settembru 1975, is-saċerdoti ġew mitluba biex jekk għandhom il-ħsieb li jieħdu sehem fis-Sinodu jimlew il-formola apposta u jibagħtuha lura. Fil-laqgħa tat-18 ta' Novembru, il-Kunsill Presbiterali ġie mgħarraf li 100 saċerdot Għawdxi talbu biex jieħdu sehem fis-Sinodu u madwar 50 saċerdot bagħtu l-emendi tagħhom għad-digrieti tas-Sinodu. Fl-istess laqgħa ntqal ukoll li s-segretarjat qiegħed iħejji l-materjal l-ieħor għal-laqgħat plenarji.

Il-Laqgħat Preparatorji

L-ewwel laqgħa plenarja bi tħejjija għas-Sinodu nżammet fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fl-1 ta' Diċembru 1975, taħt il-presidenza ta' Mons. Isqof. L-ewwel Atti Sinodali li bdew jiġu diskussi u approvati kienu d-digrieti. Bdew jiġu studjati l-abbozzi tad-digrieti tas-Sinodu u l-emendi

relattivi għalihom. Dawn il-laqgħat plenarji komplew isiru fil-ġranet ta' wara, tliet darbiet fil-ġimgħa, sat-23 t'April 1976.

Intant is-Segreterija tas-Sinodu kienet tiltaqa' fl-istess żmien li fih kienu jsiru l-laqgħat plenarji biex tistudja u tiddeċiedi xi punti illi fil-laqgħat plenarji ma kienx ikun hemm qbil dwarhom u li tħallew għall-istudju tagħha. Fil-laqgħa tal-Kunsill Presbiterali tal-15 t'Ottubru 1976, ġie deċiż li bħala membri 'ex officio' tas-Sinodu barra mill-Kapitlu tal-Katidral u l-kappillani, ikun hemm il-membri tal-Kunsill Presbiterali. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll illi barra mid-digrieti jew parti leġislattiva s-Sinodu ser jinkludi fih xi dokumenti pastorali.

Fl-*Ad Clerum* ta' Jannar 1977, ingħataw iktar dettalji tas-Sinodu. Fiċ-Ċirkulari tas-16 ta' Jannar 1977, Mons. Isqof għarraf lill-insara li ser jerġgħu jinżammu l-laqgħat plenarji u ħeġġiġhom biex jitolbu għas-suċċess tagħhom. F'din it-tieni fażi ta' laqgħat plenarji bi preparazzjoni għas-Sinodu ġew diskussi u approvati mhux biss id-digrieti iżda wkoll id-dokumenti pastorali. Il-laqgħat inżammu mis-26 ta' Jannar 1977 sat-23 t'April 1977. Din il-laqgħa kienet it-tlieta u għoxrin waħda fost il-laqgħat preparatorji li għalihom kienu msejħin il-membri kollha tas-Sinodu.

Is-Sinodu Djoċesan kien suġġett ta' studju u ta' diskussjoni kemm fis-Seminar tal-Kappillani ta' l-14 ta' Settembru 1977, kif ukoll fil-laqgħa tal-Kunsill Presbiterali tal-15 ta' Diċembru 1977. Kien hemm ukoll laqgħat tas-Segreterija tas-Sinodu matul is-snin 1977 u 1978. Fil-laqgħa tat-8 ta' Novembru 1978, is-Segreterija ddeċidiet li l-aħħar parti tad-digrieti tiġi mnaqqsa u mibdula u jingħatalha wkoll ordni differenti.

Fil-11 ta' Jannar 1978, inżammet l-24 laqgħa ta' l-Assemblea plenarja tas-Sinodu Djoċesan u l-ħamsa u ħamsin laqgħa saret fil-21 ta' Ġunju 1980. Fl-intervall bejn dawn iż-żewġ dati kien hemm laqgħat plenarji li fihom ġew eżaminati d-digrieti kollha, u approvati sitt dokumenti pastorali.

Ix-xogħol tas-Segreterija

Fil-laqgħa tas-Segreterija tas-17 t'April 1980 ġie deċiż li d-Digrieti tas-Sinodu Djoċesan ikunu mqassmin fi tliet partijiet. L-ewwel parti dwar il-Knisja f'Għawdex; it-tieni dwar l-azzjoni pastorali tagħha; it-tielet dwar l-organizzazzjoni ta' din l-azzjoni pastorali.

Permezz taċ-Ċirkulari ta' l-Isqof numru 204/82 ta' l-1 ta' Diċembru 1982, kien ġie mħabbar li l-ewwel taqsima tad-Digrieti Sinodali (numri 1-53) b'eċċezzjoni għad-digriet n. 6, kellhom jidħlu 'in vigore' 'ad experimentum' għal żmien sena fl-1 ta' Jannar 1983. Fit-3 ta' Lulju 1984, daħlu 'in vigore' bħala liġi partikulari għal Għawdex 'ad experimentum' id-digrieti minn 54 sa 253, sakemm tingħata l-approvazzjoni finali. Dawn id-digrieti kollha kienu ġew stampati fl-*Atti tal-Kurja* mill-ħarġa 37 (1982) 516 sal-48 (1983) 703. Fil-ħarġa 48 kien ġie stampat ukoll l-Indiċi Ġenerali.

Għall-bidu ta' l-1983, kienu ġew ippubblikati fi ktejjeb wieħed is-sitt dokumenti pastorali tas-Sinodu Djoċesan li qabel kien ġew ippubblikati separatament fil-Bullettin tas-Sinodu u kopja ta' din il-pubblikazzjoni ġiet mogħtija lill-membri tal-kleru Għawdxi.

Peress li fl-1983 ġie ppromulgat il-kodiċi tad-Drittu Kanoniku l-Ġdid, is-Segreterija tas-Sinodu għamlet diversi laqgħat biex tirrivedi d-digrieti tas-Sinodu, ħalli jkunu jaqblu f'kollox mal-Kodiċi l-Ġdid u mad-direttivi tal-Konferenza Episkopali Maltija.

Is-Segreterija tas-Sinodu fit-8 ta' Ġunju 1983 tat dan it-tagħrif li kien deher fl-*Atti tal-Kurja* (45 (1983) 648: "Il-membri tal-Kleru li jixtiequ jagħmlu xi suġġerimenti jew kummenti fuq id-digrieti kollha tas-Sinodu, kif jidhru fit-traduzzjoni bil-Malti fl-Atti tal-Kurja, għandhom żmien sal-31 ta' Ottubru 1983 biex jibagħtuhom bil-miktub lis-Segreterija tas-Sinodu".

"Il-presbyteria u l-Kunsilli Parrokkjali, kif ukoll il-Kunsill Presbiterali, il-Kunsill Pastorali u l-Kummissjonijiet Djoċesani huma mitlubin li sa

l-istess data tal-31 ta' Ottubru, jistudjaw dawk id-digrieti tas-Sinodu li jikkonċernaw lilhom u jibagħtu l-kummenti tagħhom lis-Segreterija".

Fil-laqgħat tal-Kunsill Presbiterali tal-15 ta' Mejju 1984 intlaħaq ftehim li ż-żmien għal dawk li jridu jagħmlu xi emendi għad-digrieti tas-Sinodu jiġi estiż sat-30 t'April 1984.

Fiż-żmien li fih ma kienx hemm laqgħat plenarji, jiġifieri mill-1981 sa l-1992, is-Segreterija tas-Sinodu b'kollox għamlet mija u għaxar laqgħat.

Il-fażi ċelebrattiva

Permezz taċ-Ċirkulari tal-15 ta' Settembru 1992 (nru. 311/92) l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi ħabbar li kellha tibda t-tieni fażi tas-Sinodu, jiġifieri l-fażi ċelebrattiva: "li fiha jittieħdu l-aħħar deċiżjonijiet u jiġu approvati d-dokumenti tas-Sinodu". Fl-*Ad Clerum* ta' Settembru (219) (ara *Atti tal-Kurja* 135 (1992) 2090-2091), l-Isqof ta tagħrif dwar dawk il-membri tal-Kleru li huma obbligati li jattendu, saret ukoll stedina lil dawk is-saċerdoti li xtaqu jattendu biex jibagħtu l-formola lis-Segreterija u talabhom biex kull Presbyterium jagħżel saċerdot biex jirrappreżentah. Kemm fiċ-Ċirkulari kif ukoll fl-*Ad Clerum* l-Isqof ħeġġeġ lil-lajċi u lis-saċerdoti rispettivament biex jitolbu għas-suċċess tas-Sinodu. Fil-25 ta' Settembru, intbagħtet ittra lis-sorijiet u lil-lajċi kkonsagrati biex huma wkoll joffru talb għal dan il-għan.

Bi tħejjija għal din it-tieni fażi tas-Sinodu, fil-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani li saret fit-3 ta' Ġunju 1992, l-Isqof kien talab lill-kappillani biex jagħżlu tliet persuni, membri tal-Kunsill Parrokkjali, biex ikunu membri sinodali. Matul dan iż-żmien lill-membri kollha tal-Kleru u dawk ir-reliġjużi u lajċi li kienu ser jieħdu sehem fis-sinodu bdew jintbagħtulhom wieħed wieħed id-dokumenti pastorali biex jibagħtu lis-Segreterija l-aħħar emendi li xtaqu jagħmlu. Ġie ppubblikat ukoll 'draft' fi ktejjeb bil-Malti tad-digrieti sinodali. Il-ftuħ ta' din it-tieni fażi tas-Sinodu seħħ b'konċelebrazzjoni fil-Katidral fil-11 t'Ottubru 1992.

Nhar it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, 12, 13 u 14 ta' Ottubru, fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, saru l-ewwel tliet laqgħat plenarji tas-Sinodu Djoċesan t'Għawdex. Minbarra l-membri tas-Segreterija tas-Sinodu ħadu sehem, skond il-kanoni 463/1, bejn saċerdoti u lajċi, iktar minn 150 membru sinodali. Fl-ewwel laqgħa nqraw in-Normi Proċedurali li fuqhom għandhom jitmexxew il-laqgħat plenarji. Matul l-ewwel tliet laqgħat plenarji ġew approvati 41 digriet u d-dokumenti pastorali dwar *Il-Vokazzjonijiet* u *Il-Pastorali mat-Tfal.*

Matul it-tieni ġimgħa, l-Assemblea Ġenerali ltaqgħet tliet darbiet oħra – 19, 20, 21 ta' Ottubru. Ġew approvati 33 digriet ieħor kif ukoll żewġ dokumenti pastorali oħra: *Il-Pastorali ma' l-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ* u *Is-Sens Nisrani tal-Festi.*

Bil-laqgħat li saru fis-26, 27 u 28 ta' Ottubru, it-tieni fażi tas-Sinodu daħlet fit-tielet ġimgħa tagħha. L-Assemblea Plenarja kkonċentrat ir-riflessjoni u d-diskussjoni tagħha fuq id-digrieti u approvat mid-digriet 75 sad-digriet 159.

Matul ir-raba' ġimgħa, il-membri sinodali ltaqgħu darbtejn fit-2 u fit-3 ta' Novembru. F'dawn il-laqgħat plenarji tkompla l-istudju tad-Digrieti u ġew approvati b'xi emendi li saru għaxar kapitli li b'kollox fihom 59 Digriet. Matul l-istess laqgħa ġie eżaminat u vvutat id-Dokument Pastorali dwar *Il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali.*

Matul il-ħames ġimgħa tal-fażi ċelebrattiva, saru tliet laqgħat oħra, fid-9, 10 u 11 ta' Novembru. L-Assemblea Sinodali approvat f'dawn il-ġranet ħames Dokumenti Pastorali: *L-Irtiri Spiritwali u l-Gruppi ta' Talb; Il-Formazzjoni Kontinwata tal-Kleru;* id-Dokument dwar *Il-Lajċi; l-Animazzjoni Nisranija tas-Soċjetà* u d-Dokument Pastorali dwar *Il-Familja.* Matul dawn il-laqgħat plenarji ġew approvati wkoll l-aħħar Digrieti tas-Sinodu li jirrigwardaw l-Organizzazzjoni Parrokkjali. Fl-aħħar tal-laqgħa Mons. Isqof radd ħajr lil dawk kollha li ħadu sehem u stedinhom għall-

Konċelebrazzjoni ta' nhar il-Ħadd, 22 ta' Novembru 1992, festa ta' Kristu Re, li fiha saret il-konklużjoni tas-Sinodu.

Wara t-tmiem ta' din it-tieni fażi ċelebrattiva tas-Sinodu, is-Segreterija kompliet tiltaqa' biex tħejji l-materjal kollu għall-pubblikazzjoni li, barra mill-appendiċi, ser ikun jikkonsisti fi tliet taqsimiet li huma d-digrieti bil-Latin u bil-Malti, id-Dokumenti Pastorali, u r-regolamenti u direttivi oħra. Matul dan il-perjodu, is-Segreterija ltaqgħet għal tnejn u għoxrin darba u l-aħħar laqgħa saret fl-24 t'Ottubru, 1993.

OMELIJA TAL-FTUĦ TAL-FAŻI ĊELEBRATTIVA TAS-SINODU

Omelija ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi waqt konċelebrazzjoni fil-Katidral nhar il-11 ta' Ottubru 1992

Għeżież fi Kristu.

Qegħdin niċċelebraw illum l-anniversarju tad-dedikazzjoni jew konsagrazzjoni ta' din il-Knisja Katidrali t'Għawdex.

Kif kull nisrani fil-magħmudija jiġi maħsul bl-ilma u fil-Griżma ta' l-Isqof midluk biż-żejt imqaddes, hekk ukoll hemm xi ħaġa simili fir-rit taddediazzjoni tal-knisja, tempju ta' Alla. Difatti fid-dedikazzjoni l-ħitan jiġu mraxxa bl-ilma mbierek, u l-artal u s-slaleb tal-pilastri jiġu kkonsagrati biżżejt.

Id-dedikazzjoni tal-knisja ssir b'din is-solennità kollha għaliex filknisja jiġu ċċelebrati azzjonijiet liturġiċi l-iktar qaddisa, fosthom l-ewwelnett is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa; fiha wkoll tiġi mxandra l-kelma ta' Alla u jiġu amministrati ħafna mis-Sagramenti tar-Reliġjon Nisranija.

Iżda d-Dar ta' Alla mibnija bil-ġebel, hija xbieha tal-Knisja tempju magħmul minn ġebel ħaj, mibni fuq il-pedament li huwa Kristu.

Kif naqraw fil-*Lumen Gentium* (n. 6): "Sikwit il-Knisja tissejjaħ ukoll bini t'Alla (1 Kor 3, 9). Il-Mulej xebbah lilu nnnifsu lill-ġebla li l-bennejja warrbu u li saret il-ġebla tax-xewka (Mt 21, 42; ara Atti 4, 11; 1 Pt 2, 7; S 117, 22). Fuq dan il-pedament il-Knisja nbniet mill-Appostli (ara 1 Kor 3, 11) u fuqu hija tieħu saħħa u rbit. U dan il-bini jissejjaħ b'ħafna ismijiet: dar ta' Alla (ara 1 Tim 3, 15) li fiha tgħix il-familja tiegħu, l-għamara ta' Alla mal-

bnedmin (Apk 21, 3), u fuq kollox tempju mqaddes li s-Santi Padri jfaħħruh rappreżentat fis-santwarji tal-ġebel u li fil-liturġija ġustament jixxebbah mal-belt imqaddsa, ma' Ġerusalemm il-ġdida. Għaliex f'din id-dinja aħna mibnijin fiha bħal ġebel ħaj (1 Pt 1, 5). Lil din il-belt imqaddsa, Ġwanni jaraha fit-tiġdid aħħari tad-dinja, nieżla mis-sema minn Alla, "imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha" (Apk 21, 1s).

Aħna l-insara, mhux biss il-membri tal-Knisja, u niffurmaw parti minnha, iżda għandha sehem mill-ħajja tagħha, u aħna wkoll l-għodda li permezz tagħhom hija twettaq l-attivitajiet tagħha u tkompli l-missjoni li afdalha Kristu. Għad li d-djoċesi hija biss "parti mill-poplu ta' Alla, fdata fil-ħsieb pastorali ta' l-Isqof mgħejjun mill-presbyterium tiegħu" (*Christus Dominus* 11), iżda fiha hija preżenti, ħajja u attiva l-Knisja ta' Kristu, kollha kemm hi bit-tliet funzjonijiet ewlenin li afdalha Kristu, jiġifieri l-funzjoni profetika li xxandar l-aħbar it-tajba, il-funzjoni saċerdotali li toffri s-sagrifiċċju u tqaddes l-erwieħ, u l-funzjoni regali, li tagħti servizz, li fuq l-eżempju tar-Ragħaj it-tajjeb, tmexxi l-bnedmin għall-ħajja ta' dejjem. Minkejja ċ-ċokon tagħna u l-limitazzjonijiet li jista' jkollna aħna, kif jesprimi ruħu l-Konċilju, "il-Knisja waħda, qaddisa, kattolika, apostolika", jew kif kien iħobb jgħid l-Appostlu Missierna, il-Knisja mqaddsa ta' Alla li hawn f'Għawdex.

Din il-kuxjenza tal-Knisja, li hija fl-istess waqt misteru, komunjoni u missjoni, għandna nħossuha wisq iżjed f'dawn il-ġranet li fihom id-djoċesi tagħna qegħda tiċċelebra t-Tieni Sinodu Djoċesan tagħha. Din hija s-siegħa, li aħna lkoll, ulied il-Knisja, membri tal-kleru, reliġjużi, lajċi, nagħtu xhieda ta' l-imħabba tagħna lejn il-Knisja, Għarusa ta' Kristu, u naħdmu flimkien bl-umiltà, iżda bil-kuraġġ kollu, għall-qawmien u t-tiġdid tagħha fi ġiritna, kif iridha l-Mulej. Issa hija s-siegħa, li nitolbu u nirriflettu, sabiex nagħrfu s-sinjali taż-żminijiet u naraw sewwa x'għandna nagħmlu biex inkunu mħejjija għalihom.

Kif naqraw fl-Apokalissi, għal seba' darbiet, l-Imgħallem u Feddej tagħna Ġesù Kristu, ikellem wieħed wieħed lill-Isqfijiet tas-seba' knejjes, u lill-komunitajiet afdati f'idejhom, u b'imħabba u ħerqa kbira, iħeġġiġhom u jgħidilhom: "Min għandu widnejn, ħa jisma' dak li jgħid l-Ispirtu lill-Knejjes" (Ap 2, 7s). Din l-istess sejħa qegħda ssir illum lilna wkoll li aħna miġburin flimkien biex nagħtu bidu għall-fażi ċelebrattiva tas-Sinodu Djoċesan. Huwa meħtieġ fuq kollox dixxerniment biex nagħrfu x'inhu jispirana l-Ispirtu ta' Alla.

Hija meħtieġa qawwa tal-volontà, biex inwettqu fid-djoċesi tagħna, il-pjan li għandu Alla għalina, f'dawn is-snin li jwassluna għat-tielet millenju. Bid-dawl li jagħtina Alla, nagħrfu aħjar x'għandu jsir sabiex il-proċess ta' ri-evanġelizzazzjoni li fuqu tant jinsisti l-Papa preżenti, jasal ukoll fid-djoċesi Għawdxija u l-insara kollha tagħna jgawdu mill-hena spiritwali u l-entużjażmu li r-ri-evanġelizzazzjoni ġġib magħha. Wisq iktar mill-opinjonijiet ta' l-individwi, f'dan il-mument għandu importanza l-leħen tal-Mulej, li jidwi fil-kuxjenzi tagħna u jistedinna nagħtu sehemna għall-aġġornament pastorali tad-djoċesi u tal-parroċċi tagħna.

Għad li s-Sinodu djoċesan mhux biċċa xogħol ħafifa, iżda aħna nidħlu għaliha bil-kuraġġ u b'tama qawwija fil-għajnuna tal-Mulej, għaliex aħna nemmnu fil-kelmiet tiegħu meta qal, "ara jiena magħkom sa l-aħħar tad-dinja" (Mt 28, 20), kif ukoll, "fejn ikun hemm tnejn jew tlieta miġmugħin f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom" (Mt 18, 20). Mill-aħjar li stajna, u b'impenn mhux żgħir, ippruvajna nħejju dak li kien meħtieġ għal dan is-Sinodu, issa nippruvaw li, bil-għajnuna ta' Alla, fis-sessjonijiet li ġejjin naħsdu l-frott tas-snin twal ta' preparazzjoni li bdiet sa mill-1975.

Illum, waqt li qegħdin niftħu t-tieni Sinodu Djoċesan, f'egħluq it-30 sena minn mindu beda Ruma l-Konċilju Vatikan II, għal darba oħra nagħmlu appell għat-talb ħerqan lil Alla, sabiex is-Sinodu mhux biss jibda, iżda jkompli u jintemm b'wiċċ il-ġid. Din is-sejħa għat-talb imħeġġeġ

nagħmilha mhux biss lil dawk li ser jieħdu sehem fil-laqgħat tas-Sinodu, iżda lill-kattolići kollha ta' gżiritna u b'mod partikulari lit-tfal, lill-anzjani u lill-morda.

Inqiegħed dan is-Sinodu Djoċesan sa mill-bidu taħt il-ħarsien speċjali ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, Sultana tas-sema u ta' l-art; sabiex fuq l-eżempju li tatna f'ħajjitha u bl-interċessjoni tagħha, nissaħħu dejjem iktar fil-fidi u fiż-żelu għall-glorja ta' Alla u għat-twettiq tar-rieda mqaddsa tiegħu.

OMELIJA TA' L-EĊĊELLENZA TIEGĦU MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF T'GĦAWDEX FIL-FESTA TA' KRISTU RE FL-OKKAŻJONI TA' L-EGĦLUQ TAT-TIENI FAŻI TAT-TIENI SINODU DJOĊESAN IL-KATIDRAL – 22 ta' Novembru, 1992

F'dan l-aħħar Ħadd tas-sena liturġika, Ommna l-Knisja tistedinna sabiex nagħtu qima lil Kristu, Sultan tagħna u Sultan tal-ħolqien, ta' dak kollu li jidher u ta' dak li ma jidhirx. Iżda skond il-qari tal-Vanġelu, aħna llum nikkontemplaw lil Kristu, mhux fil-glorja tiegħu, iżda fl-umiljazzjonijiet li huwa ġarrab għall-fidwa tagħna, lil Kristu mhux rebbieħ fuq it-tron, iżda Kristu agonizzant, fuq is-salib.

Madankollu, għad li qiegħed ibati u riesaq lejn il-mewt, Kristu jwiegħed post fis-saltna tiegħu lil wieħed midneb, li kien qiegħed jaqsam miegħu fit-tbatija.

Għalhekk, mhux biss quddiem Ponzju Pilatu, rappreżentant ta' Ruma Imperjali, Kristu stqarr bla ħabi li huwa sultan, iżda wkoll issa ftit tal-ħin qabel il-mewt jitkellem dwar is-saltna tiegħu, u b'awtorità sħiħa jwegħdha lil min irid hu.

Hija dik l-istess saltna ta' Alla, li huwa kien isemmi hekk ta' spiss u jfisser permezz tal-parabboli, sa mill-bidu tal-ħajja pubblika; dik is-saltna li kienet is-suġġett frekwenti tal-predikazzjoni tiegħu.

Mhix saltna ta' din id-dinja, iżda hija saltna spiritwali li tilħaq il-quċċata tagħha fid-dar tal-Missier, fil-ħajja ta' dejjem. Madankollu, il-pedament ta' din is-saltna jitqiegħed f'din id-dinja, meta l-bnedmin ta' rieda tajba, jaċċettaw lil Alla u l-Liġi Mqaddsa tiegħu.

Hija saltna li teżisti mhux biss madwarna, iżda wkoll ġo fina, jiġifieri f'ruħna u fil-kuxjenza tagħna, imdawla bit-tagħlim ta' Kristu u mwieżna bil-qawwa tal-grazzja tiegħu. Għalhekk meta nitolbu bil-kelmiet: "Tiġina Saltnatek", aħna nfissru x-xewqa ħerqana li Kristu jsaltan mhux biss fis-sema, iżda wkoll fl-art, mhux biss fis-soċjetà u fil-familji, iżda wkoll fil-qlub u fl-erwieħ tal-bnedmin.

Aħna nixtiequ li Kristu jsaltan ukoll fid-djoċesi żgħira tagħna, irridu li dawk kollha li jgħixu fi gżiritna jiddawlu bid-dawl sabiħ ta' Kristu u jkollhom sehem mill-fidwa li huwa kisbilna bil-misteru ta' l-Għid tiegħu. Nistgħu ngħidu li dan huwa l-għan tal-ħidma pastorali kollha li twettaq il-Knisja, dan huwa l-iskop ewlieni ta' l-istrutturi kollha djoċesani u parrokkjali li għandna, biex tikber u tissaħħaħ fostna s-saltna ta' Kristu, għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

Din ukoll hija l-finalità li jrid jilħaq is-Sinodu Djoċesan, li t-tħejjija tiegħu bdiet ħafna snin ilu, u li llum qiegħdin nikkonkludu b'radd ta' ħajr lil Alla.

Iżda s-saltna ta' Kristu f'din id-dinja, tidher fis-sbuħija tagħha kollha, fejn hemm mhux biss strutturi u liġijiet, iżda wkoll komunjoni, u spirtu ta' karità nisranija awtentika, li mingħajrhom ma tistax tinbet u tissawwar il-vera komunità tad-dixxipli ta' Kristu.

Kienet biċċa xogħol iebsa u li ħadet fit-tul dik li biha ġew miġbura u miflija n-normi, id-direttivi u s-suġġerimenti tas-Sinodu Djoċesan. U hawnhekk inħoss li għandi nrodd ħajr lil Alla ta' l-għajnuna u l-kuraġġ li tana f'dan l-impenn pastorali. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom sabiex jiġu ppreparati d-digrieti u d-dokumenti sinodali. Iżda jekk nieqfu hawn, ix-xogħol u t-tħabrik tagħna jisfa fix-xejn u nkunu ħdimna l-lejl kollu mingħajr ma qbadna ħut.

Biex il-frott tas-Sinodu jkun sħiħ u matur, jeħtieġ li issa nimpenjaw ruħna serjament għal ħidma oħra, jiġifieri l-impenn tagħna sabiex fuq il-linji li jindikalna s-Sinodu, aħna nibnu u nsaħħu fid-djoċesi u fil-parroċċi tagħna komunità tabilħaqq nisranija. Din hija ħidma li timpenja lil kulħadd, membri tal-Kleru, Reliġjużi u lajċi, kbar, żgħażagħ u tfal. B'fidi qawwija u b'tama sħiħa fil-għajnuna tal-Mulej, li lejh nirrikorru ta' spiss fit-talb tagħna, jeħtieġ li nkunu determinati li nżommu 'l bogħod minna dak kollu li jista' jhedded u jfixkel din il-komunità, waqt li naċċettaw kull mezz li jwassal għaliha.

Qabel xejn u fuq kollox, biex ikun hemm l-ispirtu komunitarju, neħtieġu l-intenzjoni retta, jiġifieri li f'dak li ngħidu u nagħmlu nfittxu dejjem il-glorja ta' Alla u l-ikbar ġid ta' l-erwieħ. Irridu nżommu quddiem għajnejna wkoll il-ġerarkija tal-valuri u nagħtu importanza lil dawk il-ħwejjeġ li fit-tagħlim ta' Kristu hemm fuqhom enfasi ikbar; "Fittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla" (Mt 6, 33). F'kull deċiżjoni tagħna jeħtieġ li nkunu animati mill-karità nisranija; "ħa jsir kollox fostkom bl-imħabba" (1 Kor 16, 14).

Dan l-ispirtu komunitarju ma jinkisibx f'mument wieħed, u mingħajr diffikultajiet, iżda biż-żmien u bit-taħriġ kontinwu; m'għandhomx jonqsuna għalhekk il-paċenzja u t-tama ħalli din il-formazzjoni kontinwa tal-karattru u ta' l-ideat tagħti l-frott tagħha meta jkun il-waqt.

Nitfgħu l-ħarsa tagħna lejn il-ġejjieni. Minkejja s-sinjali, mhux dejjem sbieħ li nilmħu madwarna, ma naqtgħux qalbna, iżda nqiegħdu t-tama tagħna kollha fi Kristu għax, "f'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni" (Atti 4, 12). Naċċettaw lil Kristu, bħala uniku Feddej tagħna u f'għaqda sħiħa mal-Knisja tiegħu nxandruh lill-bnedmin. Jalla d-djoċesi tagħna tkun minn ta' quddiem fil-proċess ta' Evanġelizzazzjoni ġdida li d-dinja tant għandha bżonn. Ma nibżgħux mix-xogħol u mis-sagrifiċċju, għaliex bħal Kristu u ma' Kristu, permezz tas-salib naslu għad-dawl tal-verità u tal-paċi li timla l-qalb.

Ommna Marija ssieħeb lilna wkoll fit-toroq imwiegħra tal-ħajja u fid-diffikultajiet ta' l-apostolat, kif sieħbet lil Kristu fis-sagrifiċċju suprem tiegħu.

Kristu, fuq is-salib biċ-ċarċir ta' demmu, kisbilna saltna li tibqa' għal dejjem u minn din id-dinja stess għamilna membri tagħha. Miegħu għad insaltnu għal dejjem, jekk inżommu ħajja fina l-komunjoni li Huwa għallimna u nagħtu xhieda li aħna membri denji tas-saltna mbierka tiegħu.

Ikun imfaħħar Ġesù Kristu.

PERSUNI LI ĦADU SEHEM FIS-SINODU DJOĊESAN

SEGRETERIJA

President: Cauchi Mons. Nikol, Isqof Djoċesan
Borg Dun Renato
Borg Attard Mons. Dun Ġużeppi
Camilleri Arċip. Dun Tarċisju
Galea Kan. Dun Mikiel
Gauci Mons. Arċid. Dun Ġwann B.
Grech Dun Mario
Mercieca Mons. Arċip. Dun Karm
Pace Kan. Dun Salv
Xerri Dun Jimmy
Sciberras Mons. Dun Lawrenz.

SAĊERDOTI

Attard Dun Ġwann
Attard Dun Mikiel
Azzopardi Mons. Dun Ġużeppi
Bajada Dun Ġużeppi
Bartolo Kan. Dun Ġwann
Bezzina Kapp. Dun Ġorġ
Bezzina Dun Ġużeppi
Borg Dun Anton
Borg Dun Karm
Borg Dun Nazju
Borg Kan. Dun Ġużeppi A.
Borg Kapp. Dun Mikiel
Borg Mons. Arċip. Dun Salv
Buttigieg Mons. Dun Ġużeppi
Camilleri Mons. Dun Beneditt
Camilleri Dun Ġużeppi
Cauchi Kan. Dun Ġużeppi
Curmi Dun Ġużeppi
Curmi Dun Karm
Curmi Dun Manwel
Cutajar Dun Manwel
Debrincat Kapp. Dun Franġisk
Debrincat Kapp. Dun Salv
Dimech Dun Ġwann
Farrugia Dun Ġuzeppi
Farrugia Dimech Mons. D. Ġużeppi
Galea Dun Manwel
Gauci Mons. Dun Anton
Gauci Mons. Dun Ġużeppi
Grech Kan. Dun Karm
Grech Dun Girgor
Grech Pace Mons. Dun Ġużeppi
Grima Dun Ġorġ
Grima Dun Salv
Hili Dun Karm
Masini Dun Effie
Mercieca Mons. Dun Manwel
Mercieca Kan. Dun Ġwann
Mejlaq Kan. Dun Ġużeppi
Mintoff Kan. Dun Mikiel
Muscat Mons. Arċip. Dun Salv

Rapa Dun Gużeppi
Refalo Arċip. Dun Karm
Refalo Kan. Dun Ġiljan
Sacco Kan. Dun Ġużeppi
Saliba Mons. Arċip. Dun Anton
Schembri Dun Anton
Scicluna Mons. Arċip. Dun Karm
Sultana Mons. Arċip. Dun Ewkarist
Sultana Dun Franġisk
Sultana Dun Salv
Tabone Kan. Dun Felič
Tabone Mons. Dun Ġorġ
Tabone Kan. Dun Ġużeppi
Vella Arċip. Dun Alwiġ
Vella Mons. Dun Girgor
Vella Dun Ġorġ
Vella Mons. Dun Nikol
Xerri Dun Karm
Xerri Mons. Dun Lawrenz
Xuereb Dun Mikiel
Zeraf Arċip. Dun Ġużeppi.

RELIĠJUŻI

Azzopardi P. Rafel OSA
Azzopardi P. Salvino SJ
Galdes P. Ġużeppi SJ
Galea P. Ġużeppi SJ
Grech P. Franco OSA
Mangion P. Bernard OFM Capp.
Mifsud P. Tonio OFM Conv.

Attard Sr. Pasqualina
Attard Sr. Prassede
Bartolo Madre Bertilla
Bezzina Sr. Elena
Borg Sr. Josephine
Buttigieg Sr. Teresa
Camilleri Sr. Maria
Caruana Sr. Matilde
Cini Sr. Celestina
Debono Sr. Carmelina
Galea Sr. Josephine
Gauci Sr. Josepha
Gerada Sr. Bianca
Magri Sr. Eileen
Mizzi Sr. Dorothy
Said Sr. Ignatia
Sciberras Sr. Lucy
Tabone Sr. Rose.

SEMINARISTI

Bajda Ġużeppi
Buttigieg Charles
Cauchi Alexander
Grech Anton
Lateo Sandro
Mallia Frank
Portelli Raymond
Said Michael
Vella Djak. Charles
Xuereb Edward
Xerri Daniel.

LAJĊI

Apap Marija
Attard Emanuel
Attard Marija
Azzopardi Frances
Borg Ġuża
Buhagiar M'Anne
Buttigieg Paul
Buttigieg Salvina
Calleja Ġużeppa
Calleja Nazzareno
Camilleri Salvina
Camilleri Victoria
Caruana Rita
Caruana Toni
Cassar Frances
Cassar Michael
Cauchi Lina
Cauchi Liża
Cauchi Tereżina
Cini Joe
Cremona John
Falzon Lourdes
Farrugia Lwiġi
Formosa Anton
Frendo Antoinette
Gatt Mary
Grech Alfred
Grech Anthony
Grech Ġuża
Grech Pauline
Grima Joseph
Grima Josephine
Grima Kate
Muscat Carmen
Muscat Irene
Muscat Joe
Magro John
Mifsud Assunta
Pace Ġużeppi
Piscopo Benigna
Refalo Ġużeppi
Said Christopher
Saliba Manwel
Saliba Felicia
Saliba Marija
Saliba Pina
Schembri Pawla
Scicluna Alvin
Scicluna Rosaline
Spiteri Ġużeppi
Sultana Natalina
Sultana Rita
Sultana Farrugia Maria
Vella Bernardette
Vella Ġina
Vella Joseph J.
Vella Peter Paul
Xerri Nancy
Xuereb Jane
Zammit Anton.

TALBA TAL-FIDILI GĦAL ŻMIEN IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SINODU

DAĦLA: Ħuti għeżież, Alla bi ħniena kbira, jieħu ħsieb il-poplu tiegħu u jaħkem fuqu bl-imħabba, ejjew nitolbuh jagħti l-Ispirtu ta' l-għerf lil dawk li huma mpenjati biex iwasslu għat-tmien is-Sinodu ta' Għawdex, biex aħna nagħrfu dejjem iżjed il-verità u nsiru nogħġbuh aktar ħalli nikbru fil-qdusija.

1. Ieqaf ma' l-Isqof li lilu afdajt il-ħsieb tal-Knisja tiegħek fid-djoċesi tagħna, ħalli jkompli jmexxiha fuq l-eżempju tiegħek ta' Raġħaj it-Tajjeb.

2. Dawwal Mulej, bil-grazzja tas-sema, lil dawk li qed jieħdu sehem fis-Sinodu Djoċesan biex jifhmu tajjeb dak li hu sewwa quddiemek u jqawwu qalbhom ħalli jagħmluh.

3. Agħmel, Mulej, li s-Sinodu Djoċesan iwettaq il-qaddejja tiegħek fil-verità u jgħinhom ifittxu l-ġieh ta' ismek.

4. Għin, Mulej, lill-insara kollha tad-djoċesi tagħna biex jaċċettaw id-digrieti tas-Sinodu Djoċesan bħala r-rieda tiegħek għalihom illum.

5. Għin, Mulej, l-Ispirtu Qaddis tiegħek, lil dawk kollha li huma mpenjati biex iwasslu għat-tmiem is-Sinodu Djoċesan, ħalli l-Ġisem Mistiku tiegħek fil-gżira tagħna jiġġedded skond ix-xewqa tiegħek.

GĦELUQ: Mulej, li tmexxi u tħares il-knisja tiegħek, agħti lill-qaddejja tiegħek l-Ispirtu tad-dehen, tas-sewwa u tas-sliem biex jirnexxilhom jaraw dak li jogħġob lilek u bil-qawwa kollha jfittxu li jagħmluh.

Bi Krisu Sidna.

TALBA GĦAS-SINODU DJOĊESAN

O Alla Missier, Iben u Spirtu s-Santu, li tmexxi l-poplu tiegħek bil-ħlewwa u l-qawwa ta' l-imħabba, ħu ħsieb il-Knisja tiegħek fid-djoċesi Għawdxija, u mexxiha int skond il-pjani tal-providenza tiegħek. Inroddulek ħajr talli fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sinodu Djoċesan tajtna dan iż-żmien ta' grazzja.

Agħti l-paċi ta' xirka fraterna lilna lkoll. Lil dawk li qed jiltaqgħu sabiex iħejju l-konklużjonijiet tas-Sinodu, agħtihom ix-xewqa tal-verità u dehen u ħeġġa għat-twettiq tal-ħidma pastorali.

Agħmel li kull wieħed u kull waħda minna nwettqu b'ubbidjenza dak li jipproponi s-Sinodu u hekk insiru għodda tajba f'idejk ħalli nagħtu sehemna għall-progress spiritwali, uman u soċjali ta' art twelidna.

Bl-għajnuna mqaddsa tiegħek, il-Knisja Għawdxija hija u riesqa lejn it-tielet millenju, tagħraf aħjar is-sejħa tagħha, tinbena bħala komunità missjunarja u tħabrek għaċ-ċiviltà ta' l-imħabba bi tħejjija għall-miġja ta' Saltnatek.

Dan nitolbuk Mulej, bl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Knisja, Sultana tal-Kleru u Għajnuna ta' l-Insara.

TALBA GĦAL WAQT IL-LAQGĦAT TAS-SINODU

Mulej Alla, lik fik biss tinsab il-milja tal-verità, tat-tjieba u tal-qdusija, aħna nitolbuk sabiex tmexxi bil-għajnuna setgħana tiegħek il-ħidmiet tas-Sinodu li qed jitwettaq fid-djoċesi tagħna.

Dawwal moħħna bid-dawl sabiħ tiegħek, qawwi fina l-fidi tagħna, agħmel li nkunu dejjem ubbidjenti għat-tmexxija ta' l-Ispirtu Mqaddes tiegħek sabiex nagħrfu nagħżlu f'kollox dak li huwa tajjeb u jaqbel mal-pjan tiegħek kollu mħabba.

Agħmel li kollna kemm aħna, saċerdoti, reliġjużi u lajċi nikbru fil-lealtà tagħna u fl-għaqda mal-Knisja li Inti waqqaft bħala sagrament ta' salvazzjoni għad-dinja.

Fuq kollox, aħna nitolbuk għas-saċerdoti tagħna sabiex iħabbru bil-fedeltà kollha l-Vanġelu tiegħek u b'għemilhom ikunu xhieda tiegħek quddiem il-bnedmin. Nitolbuk għal dawk li inti sejjaħt sabiex jikkonsagraw ħajjithom fis-servizz tiegħek, kif ukoll għaż-żgħażagħ, għall-ħaddiema u għal dawk li tbiegħdu mit-triq tas-sewwa.

Ilqa' t-talb tagħna, li aħna nressqulek flimkien ma' Sidtna Marija, Omm il-Knisja u Għajnuna ta' l-Insara sabiex permezz tas-Sinodu, jirnexxielna niksbu t-tiġdid spiritwali tal-ħajja nisranija f'pajjiżna. Hekk ikun.

INDIĊI ANALITIKU

A

Abbatini:
- Direttur Djoċesan tal-A, 474
- mixtla ta' vokazzjonijiet, 459
- Għaqda ta' l-A, 81

Abiti Korali:
- l-użu ta' l- A.K., 77(b)

Abort: 48(c), 285- 286

Adoloxxenti:
Ara: **żgħażagħ**

Adorazzjoni:
- ewkaristika komunitarja, 29(c)
- għas-saċerdoti, 523

Adozzjoni: 278

Aġġornament:
- tas-saċerdoti 530, 534-535

Akkolitu:
- ministeru ta' l- A, 140 (b)

Alba: 127 (c), (e)

Alla:
- sens t'Alla fit-tfal, 361, 363, 365

Altar:
- dedikazzjoni u benedizzjoni, 91(b)
- fiss, 91(a)

Ambjent:
- tad-divertiment, 384, 428 (a)

Amministraturi: 106, 249

Amministrazzjoni: 233 (b), 235 (c), 246-253

Analfabetiżmu: 662

Angelus: 166(b) - (c)

Animaturi: 610
- ċelebrazzjoni tas-sagramenti, 100(a)

Animazzjoni:
- tar-realtà temporali, 582

Anzjani:
- ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, 242(ii)
- Jum l-A. fil-festa, 865
- *listening service* lill-anzjani, 754
- Media, 752,773.

Apostolat:
- ġenituri li jħejju lil uliedhom għall-A., 49(c)
- individwali, 581-587
- kordinament fl-A., 565
- organizzat, 588-594
- sehem taż-żgħażagħ 382, 407
- ta' l-istampa 686
- tal-kelma, 587
- tal-lajċi, 560-562, 580
- tħejjija għalih, 568
- xogħol u divertiment 652

Arkivista: 207

Arkivju:
- Djoċesan:
  - permess tal-ordinarju, 207(c)
  - kopja tat-test tas-Sinodu, 7
  - inventarju tal-oġġetti sagri, 95(c)
  - statuti tal-kapitli, 78(c)

- knejjes, 87(d)
- Parrokkjali: 7, 20(a), 20 (g), 95(c), 234(c), 234 (f)

Arti:
- ħin liberu, 427

Artifiċjali, tnissil: 279

Assemblea:
- tal-membri ta' l-għaqdiet, 607-608

Assignment:
- l-ewwel A. tas-saċerdot, 551

Assoċjazzjonijiet: 588, 576
- iġibu 'l quddiem il-qdusija tas-saċerdot, 26(b)
- kriterji ta' l-A., 812
- *"Sodalità dei Preti"*, 26(b)

Assunzjoni: 159(a), 166(e)

Astinenza:162(b) , (e)

Atti: 199(b)
- ta' l-amministrazzjoni, 251-253

Att taż-żwieġ: 291
- interruzzjoni tal-proċess generattiv, 285

Avvent: 159

Avviżi:
- tal-Kurja, 17(c)

Awto-formazzjoni: 567

Awtorità Pubblika:
- familja , 313

Awtorità tax-Xandir: 766

Azzjoni Soċjali: 174-180

B

Barka Sagramentali: 85, 86(a), 457, 877

Barkiet:
- ktieb tal-B., 154(b)

Bdiewa:
- fl-ordni soċjali, 175(b)
- pastorali mal-B., 648
- valorizzazzjoni tax-xogħol tal-B., 177.

Benedizzjoni Apostolika:
- moribond, 137(b)

Bibbja: 22(a)-(b), 267, 316, 824

Bibljoteka:
- tad-djoċesi, 536

Bini:
- ta' knejjes, 88-89

Bio-etika: 279, 645

Bord tax-Xandir Reliġjuż: 766.

Borż ta' studju:
- seminarju, 225(b)

Budgeting:
- festa, 855

Bullettin tal-Ħadd: 648, 688, 762

Ċ

***Caritas* Djoċesana:**
- djar tat-tfal, 183(d)
- Kummissjoni tal-Ċ., 215(c)
ara: **Promozzjoni Umana**

Ċelebrazzjoni:
- Ewkaristika 641
- kommunitarja, 77
- penitenzjali, 131
- taż-Żwieġ 324-336

Ċelibat:
- obbligu taċ-Ċ., 140(c)

Ċentru Parrokkjali: 192, 340, 717, 718, 753, 762
- drama, 424
- edukazzjoni taż-żgħażagħ, 421
- Jum iċ-Ċ., 422(b)
- librerija, 422(c)
- responsabbiltà, 421
- statut, 421
- mużika, 423

Ċerimonja/i:
- liturġiċi: viżta pastorali, 20(c)
- prova taċ-Ċ. taż-żwieġ 329
- sagramenti, 100

Ċerimonjier:
- konċelebrazzjoni, 103

Ċimiterju: 97

Ċittadini:
- Il-Knisja tifforma ż-żgħażagħ bħala Ċ., 394
- spirtu nisrani, 175(d)

Clergyman:
- l-użu tal-C., 34

Counselling: 514

D

Deċenza:
- fil-knejjes, 75(a), 90, 854
- fl-ilbies, 331
- *posters*, 93(b)

Deċiżjonijiet:
- fi żmien iż-żogħżija, 401
- poter liż-żgħażagħ għal ċerti D., 388

De Statu Animarum:
- reġistru, 227(c)

Devozzjoni/jiet:
- ġodda, 75(c)
- Mejju u Ottubru, 166(e)

DFC: 246

Diffikultà:
- saċerdoti f'D., 544

Digrieti:
- tal-Konferenza Episkopali Maltija, 11
- tal-Viżta Pastorali, 20(g)
- tas-Sinodu: jobbligaw, 6; kopja tagħhom, 7; interpretazzjoni, 8

Dinja:
- u ż-żgħażagħ 382, 387, 393

Dinjità tal-bniedem: 174, 660, 616, 650

Direttur Djoċesan ta' l-Abbatini: 474

Direttur Spiritwali: 448, 465, 468, 470
- tal-każini, 429

Direzzjoni Spiritwali: 130(b), 489, 520, 643

Discos: 428(a)-(b), 716

Diskriminazzjoni: 658

Dispensa: 336

Divertiment: 384,652

Divorzju:
48(b), 276

Dixxerniment: 174(b), 613
- spiritwali, 643

Dixxiplina: 298
- fil-knejjes, fil-festa, 862
- komuni fil-Knisja kollha, 13

Djakni:
- predikazzjoni, 55(b)

Djalogu: l4,307

Djoċesi t'Għawdex: 572
- djalogu mad-dinja, 14
- evanġelizzazzjoni, 14
- imħabba lejn il-Papa, l0
- Knejjes partikolari, 12
- Konferenza Episkopali Maltija, 11
- koperazzjoni ta' kulħadd, 618
- missjoni ekkleżjali, 9
- tagħlim tal-katekiżmu, 61

Dmirijiet:
- ċivili tal-kattoliċi, 656
- taż-żgħażagħ lejn sħabhom, 387

Dnub:
- persunali u soċjali, 616
- venjali, 130(a)

Dokumenti:
- oriġinali, 207(b)
- parrokkjali, 208(c)
- Sinodali, 2
- tal-Kurja, 199(b)
- tas-Santa Sede, 531

"Donum Vitae": 279, 286

Drama:
- fiċ-ċentri parrokkjali, 424

DRC: 246(b)

Dritt/Drittijiet:
- familja, 312-313
- libertà reliġjuża, 313
- għad-dar, 313
- għax-xogħol, 313
- għażla tal-istat, 313
- taż-żgħażagħ, 388,420
- tnissil tal-ulied, 313

Drittu: 527

Duttrina Kattolika: 54(b)
- dawk li għandhom jagħtu sehemhom, 62(a)
- il-Festa tad-Duttrina, 61(a)
- il-katekisti, 62(d)
- il-klassijiet tad-D.K., 62
- ir-reġistru ta' l-attendenza, 62(e)

- it-tqassim tat-tfal fil-klassijiet tad-D.K., 62(c)
- kumitat tad-D.K., 236(a)
- *textbook*, 62(b)

Dwal:
- knejjes, 90(a)

E

Editorija Kattolika: 632, 686

Edoniżmu: 280

Edukaturi:
- Media, 692, 701, 715, 731, 737, 739-741, 743, 745
- nsara: jgħinu fil-preparazzjoni għas-sagramenti, 358

Edukazzjoni: 292-313
- għall-penitenza, 363
- għar-responsabbiltà, 375
- morali, 366, 367
- nisranija, 49, 352
- proġett ta' E. għall-fidi, 349
- reliġjuża 301, 649
- tal-kuxjenza, 370-371
- tal-poplu fil-marċijiet, 859
- tifforma l-persuna, 347
- għal-libertà, 373
- għall-imħabba, 48(e)
- sesswali, 48(e),303,
  - tibda kmieni, 410
  - skop tagħha, 414
  - viżjoni tagħha, 411, 416
  - distinzjoni bejn sesswalità umana u dik tal-annimali, 412
  - maturazzjoni tal-personalità, 413
  - tagħrif dwar is-sess u l-moralità tiegħu, 413
  - programm organiku għall-E.S., 417
  - żgħażagħ 410, 417
  - tat-tfal, 376, 378, 379, 380
- vokazzjonali:
  - ħidma ta' l-edukaturi, 493
  - għarfien tal-vokazzjoni, 465

Ekklezjalità:
- kriterji ta', 589, 812

Ekoloġija: 664

Ekumeniżmu: 624
- edukazzjoni ġenwina, 71(a)
- ħidma, 71(b)
- koperazzjoni ma' l-aħwa mifrudin, 72
- kuntatti ekumeniċi, 71(c)
- liturġija, 73
- sptarijiet, 74

Emigranti:
- Jum l-E. fil-festa, 862

Enċikliċi: 10(a)-(b)

Erbgħa l-, ta' l-Irmied: 155

Età:
- minima għaż-żwieġ, 318
- Ordinazzjoni, 141
- ta' min jagħmel l-irtir, 795, 800-801

Etika:
- Bijo: ara Bijo-etika
- Media: 669, 681, 711, 723, 729, 742

Evanġelizzazzjoni: 628
- esperjenzi tat-tifel, 350

- fil-familja, 354
- Ġenituri, 646
- Knisja f'Ghawdex, 14
- l-ambjent tat-tifel, 354
- Media; 756, 758, 763
- missjunarja, 67-70
- mgħejjuna mill-pedagoġija, 353
- Reliġjużi, 635
- Sagramenti, 844, 845
- tfulija żmien ta' E., 348, 351

Ewkaristija: 549, 844, 849, 867
- adorazzjoni komunitarja, 29(c)
- barka sagramentali, 85- 86(a), 457, 877
- Ċelebrazzjoni: 102-114, 158(c), 240, 242, 641, 642
- espożizzjoni tal-, 86,
  - ministru 86(a)
  - fakultà, 86(b)
  - quddiesa, 86(c) - (d)
- fil-knejjes, 84
- gruppi partikulari, 242
- konċelebrazzjoni, 103
- l-ewwel Tqarbina, 341
- lampier, 84(e)
- laqgħa tal-Kommunità Nisranija, 642
- ministri straordinarji tat-tqarbin, 110, 610
- qima privata tas-saċerdot lejn l-E., 29(b)
- quddiesa, 102
- speċi, 111
- tabernaklu, 84(a), (b) - (c)
- tqarbin, 109
- tifkira tat- twaqqif ta' l-E., 166(c)

Exhibitions
- vokazzjonali, 450

Eżempju: 585
- media, 738
- saċerdoti, 27(g)
- ta' l-insara, 24(a)
- tal-ġenituri, 295, 646, 738

Eżerċizzi
- Spiritwali: 59(b), 128(f)
- tal-Qalb ta' Ġesù, 59(c)

F

Fabbriki
- pastorali soċjali, 648

Fakultà
- li jippriedkaw, 55(b)

Familja
- bażi tal-moralità, 262
- domestika: ara: knisja tad-dar
- drittijiet, 312-313, 346
- evanġelizzazzjoni, 354
- *Family visits*, 227, 334, 337
- Fedeltà konjugali, 266, 274
- fi kriżi, 432
- fil-bżonn, 343
- fl-ordni tal-fidwa 263-276
- fl-ordni tal-holqien 256
- Ġimgħa tal-F. u l-Media, 733
- ħidma soċjali, 644
- l-ewwel seminarju, 436
- katekesi presagramentali, 359
- knisja tad-dar, 50, 437
- komunità ta' mħabba 261, 271
- kuntatti, 337
- programm tal-festa, 851
- qagħdiet diffiċili, 644
- Qalb tad-Deheb 346
- spiritwalita' tal-F., 50, 314
- Stat, 312
- tberik tal-F., 156
- żwieġ, 644

Family Visits: 227, 334, 337

Fanatiżmu:
- fil-festa, 876

Faqar: 855

Fenomeni:
- ġodda u ż-żgħażagħ, 386

Festa:
- aspetti u skopijiet, 160, 831-832
- attivitajiet kulturali, 878
- elementi negattivi 838-840, 854, 859, 876
- elementi pożittivi, 833-837
- espressjoni ta' fidi u maturità, 854
- esterni, 824, 832-833, 841, 851
- evanġelizzazzjoni, 844-847
- fundament bibbliku, 824
- funzjonijiet liturġiċi, 866-877
- inizjattivi pastorali, 860-865
- karatteristika ta' pajjiżna, 832, 856
- konfessuri straordinarji, 128(f)
- Kristu, 823(a) u (c)
- kult, 821
- l-istorja tas-salvazzjoni, 823
- laqgħa privileġġjata ma' Alla, 831
- parteċipazzjoni ta' kulħadd, 835
- preparazzjoni, 851-860
- qawmien spiritwali, 822, 832
- rivalutazzjoni, 841-850
- sagramenti, 848-850
- tad-Duttrina Nisranija, 61(a)
- tal-Preċett, 108(a)-(b), 159(a)-(b)
- tal-Qalb ta' Ġesù, 164
- tal-Qaddisin, 823(b)
- tiżjin, 90(d)
- xhieda ta' fidi u ħajja nisranija, 822
- ġewwa, 852

Fidi: 54
- edukazzjoni għall-F., 349
- f'Ġesù Kristu, 352
- festa, 854
- fit-tifel, 354
- importanza, 352
- unità tal-F., 13
- żgħażagħ, 386
- stqarrija tal-F., mis-saċerdoti li huma obbligati jagħmlu dan, 32(a)

Films:
- *family films*, 706
- *film forum*, 744-745, 753
- għażla tal-F., 194(b)
- Jum il-Film, 751
- produzzjoni ta' films lokali, 705
- *strips*, 447

Firdiet
- festa, 835, 840(c)

Flower Arrangement:
- fil-Knisja waqt tieġ, 335

Folklor:
- festa, 856

Fondo Clero:
- Parrokkjali, 39(e), 247(c)
- Djoċesan, 39(e), 247(a) - (b)

Foqra: 183, 209(c), 550, 625
- ordinazzjoni, 146

Formazzjoni:
- Għall-Media:
  - F. tal ġurnalisti, 728
  - F. għal kommunikazzjoni awtentika, 731

- F. taż-żgħażagħ, 742
- *film forum*, 744, 753
- *video forum*, 744;
- edukazzjoni filmika, 746
- ħidmiet ta' F. u prevenzjoni, 747;
- F. tal-anzjani dwar il-media, 755
- Kors tat-Teoloġija għal-lajċi, 755
- F. u l-evangelizzazzjoni, 758
- gruppi, 615
- kontinwata, 577
  ekkleżjali, 537, 548
  tal-kleru, 217, 501-506, 526
  tal-Lajċi, 170(b), 566, 569
- reliġjuża lill-ulied, 646
- talb, 638

Fotografiji:
- ċelebrazzjonijiet liturġiċi, 83
- waqt iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, 150(d), 327

Fratellanzi: 245

Fraternità : 615, 668
- festa, 835
- saċerdotali, 542

Frustieri:
- pastorali ma', 228(d)

Fundazzjonijiet piji: 245, 253

Funerali:
- ċelebrati skond in-normi kanoniċi, 157

Funzjonijiet:
- Liturġiċi: - ta' filgħaxija, 158(c)
  - tal-festa, 866-877
  - retturi, 87(c)

Ġ

Ġbir:
- informazzjoni dwar il-Ġ., 237(c)
- għas-Seminarju, 225(a)

Ġenerożità:
- quddiesa tal-, 185

Ġenituri: 295-296
- edukazzjoni nisranija ta' wliedhom, 49, 61(b)
- edukazzjoni sesswali lil uliedhom, 48(e), 377
- evanġelizzazzjoni, 646
- eżempju, 49(a), 295, 646, 738
- ħabbara tal-fidi, 438
- imħabba bejn Ġ., 297
- jippreparaw lit-tfal għas-sagramenti, 361
- jgħixu l-Vanġelu, 354
- laqgħat, 338
- lejn l-ulied, 296
- l-ewwel katekisti ta' wliedhom, 358
- l-iskola tal-valuri, 646
- Media, u l-, 49(b), 695, 732-735, 702, 709, 737-739
- għalliema: koperazzjoni, 646
- għaqda fl-iskejjel, 311
- rispett lejn persuni kkonsagrati, 441
- ulied, 306
- vokazzjoni ta' wliedhom, 173, 440, 442

Ġesù Kristu:
ara: **Kristu**

Ġimgħa:
- daqq tal-qniepen nhar ta' Ġ., 165
- l-Kbira, 162(b)

- Liturġiko-Ewkaristika, 113(b), 621
- Parrokkjali, 78
- ta' studju, 534
- tal-Familja u l-Media, 733
- tal-Għaqda tal-Knejjes, 71(b)
- tal-Kommunikazzjoni Soċjali, 733, 751

Ġudizzju:
- ifformat skond it-tagħlim ta' Kristu 392

Ġuħ:
- 661

Ġurnali: 683
- u l-Knisja, 690
- waqt l-irtir, 783

Ġurnaliżmu: 719
- Ġ. kattoliku, 725-726
- kors dwar Ġ., 743
- rapport oġġettiv, 721- 722
- is-silenzju kolpevoli, 724
- sfida lill- Ġ., 720
- Ġ. lokali u r-reliġjon, 727
- Ġ. u l-etika, 723, 729

Ġurnata:
- tal-Karità, 184
- tal-missjoni, 68- 69

Ġustizzja
- ħaddiema, 175(c)
- ma' kulħadd, 658
- Paċi, 625
- soċjali, 648

G

Gazzetti:
- kitba ta' saċerdoti fil-G., 35
- kattoliċi, 196(c)

Grazzja Sagramentali: 268, 314

Griżma ta' l-Isqof:
ara: **Konfirmazzjoni**

Griżma tal-morda
- ċelebrazzjoni komuni, 134(c)
- dilka tal-marid, 133(d)
- dmir u dritt li jamministraw il-G., 134(a)
- lil min għandu jingħata, 135
- morda, 136
- sinjal bil-qniepen, 137(d)
- tagħlim lill-Insara, 134(b)
- x'inhi l-G., 133(a) u (b)
- żjut, 101(b), 133(c)

Grupp/Gruppi: 242, 588
- Familja, 339
- formazzjoni, 615
- Missjunarju Għawdxi, 420, 451
- partikulari, 238-245
- talb, 317, 638, 810-820
- vokazzjonali, 172(c), 471
- żgħar 651

H

Hena: 262

"Humanae Vitae": 284-285

H

Hadd
- Jum il-Ħ., 158, 315
- obbligu tal-Quddies, 108(a) - (b)

Haddiema
- dinjità tal-Ħ., 175(b)
- liberazzjoni sħiħa tal-Ħ., 176

- mistrieħ, 176(b)
- quddiesa fuq il-post tax-xogħol, 242(iii)
- *trade unions*, 180
- valuri umani, 176(a)

Ħajja
- Ċivili, 659
- Jedd / ħarsien, 287-288, 663
- Nisranija: tissaħħaħ 640; vokazzjonijiet, 443, 488; fit-tfal, 348, 350, 363; ippreżentata bħala għaqda ma' Ġesù, 372; tal-katekist, 355
- għażliet importanti fil-Ħ., 384

Ħajja Ċelebi: 51

Ħajja Konsagrata: 15, 42-46
ara wkoll **Reliġjużi**

Ħanut:
- fil-ħajja rikreattiva Għawdxija, 430

Helsien:
- minn kull għamla ta' jasar, 660

Ħidma
- id f'id, 619
- fil-Knisja, 633
- għall-vokazzjonijiet:
  - bil-predikazzjoni, 486
  - campings vokazzjonali, 475
  - exhibitions vokazzjonali, 450
  - fil-katekesi, 444, 445
  - fil-parroċċa, 443, 456, 472
  - *leaflet* vokazzjonali, 473
  - mal-*prospectives*, 477-483
  - mill-edukaturi, 493
  - mill-għalliema, 467
  - mill-għaqdiet ta' apostolat, 449
  - mir-reliġjużi,490, 494
  - mis-seminarju, 469
  - mis-saċerdoti, 464, 484, 486, 489, 494
  - volontarjat, 461

Hin Liberu:
- arti, 427
- impenn tal-Knisja 419
- saċerdoti, 40
- żgħażagħ 391, 419

Ħtiġijiet:
- ġodda, 501
- tan-nies, 509

I

Ilbies
- Deċenti, 331

"Il-Ħajja f'Għawdex", 688

Ilma imbierek:
- ħwat tal-, 92

Imħabba:
- att tal-volontà, 272
- esklusiva, 274
- familja komunità ta' I., 261, 271
- fidila, 274
- konjugali, 273-274, 277
- lejn l-ulied, 296
- prokreattiva, 277
- totali, 273
- ġenituri, 297

Impediment:
- Ordinazzjoni, 142
- żwieġ, 152

Impenn:
- nisrani konkret fil-festa, 837

Impjegati tal-Kurja: 210-211

Indafa:
- knejjes, 90

Indissolubiltà: 265, 276

Individwaliżmu:
- festa, 835

Indulġenzi:
- Benedizzjoni Apostolika, 137(b)
- konfessur, 132(b)
- Via Sagra, 165
- x'effetti jħallu, 132(a)

Informazzjoni (data): 712, 759, 771

Inizjattivi apostoliċi: 570

Inkardinazzjoni: 43(b),140(d) - (e)

Insara:
ara : **Nisrani**

Insinji:
- l-użu, 77(b)

Interjorità:
- festa, ċelebrazzjoni tal-bniedem interjuri, 833, 839(b)

Ippjanar tal-familja : 283-284, 289

Irmied:
- l-Erbgħa ta' l-I, 155

Irtiri: 774-820
- ambjent ta' l-I., 782
- approfondiment, 796
- fiex jikkonsistu, 776-777
- għall-miżżewġin, 797-798
- għat-tfal, 802-804
- għaż-żgħażagħ, 170(e), 793
- kumitat ta' l-I., 805-809
- numru tal-parteċipanti, 778
- orarju, 789-791
- Ordinazzjoni, 143(e)
- qrar fl-I., 792
- seminaristi, 221(e)
- silenzju, 785
- tal-lajċi, 793-804
- tas-saċerdoti, 30, 521
- ġabra mehtieġa, 784

Isqof
- anniversarju ta' l-ordinazzjoni, 18(a)
- anniversarju tal-mewt: il-Kapitlu Katidrali, 18(d)
- Griżma tal-I., 120-124
- il-kappillani u s-saċerdoti, 17(b)-(c)
- kollaborazzjoni ma' l-I., 633
- komunjoni tas-saċerdoti ma' l-I., 25(b) - (c), 31, 537, 539
- l-insara: qima, ubbidjenza u mħabba, 17(a), 174(b)
- meta jimrad gravament, 18(b)
- meta jmut, 18(c), 213(f)
- setgħa ordinarja u mmedjata, 17
- ubbidjenza tas-saċerdoti lejn l-I., 31
- viżta Pastorali, 20

Istitut Kulturali għall-Anzjani: 753

Istituti Sekulari:
- eżempju ta' ħajja qaddisa, 45(a)
- id-delegat tal-Isqof, 46(int.) u (b)
- normi tas-Sinodu, 45(b)
- siegħa adorazzjoni għall-vokazzjonijiet, 46(a)
- stat ġdid ta' ħajja konsagrata, 45
- ħidmiet pastorali, 45(a)

Ittra
- Pastorali Isqfijiet, 291
- pastorali, kappillani, 17(c)

Iżolament
- perikli, 394
- taż-żgħażagħ, 390

J

Jedd/Jeddijiet
- għall-ħajja, 663
- għat-tagħlim, 663
- fundamentali, 617,625, 663,
- dmirijiet ta' l-insara, 649

Jum
- iċ-Ċentru Parrokkjali, 422(b)
- il-Film, 751
- il-Karità fil-festa, 864
- il-Ktieb Nisrani, 682
- il-morda u l-anzjani fil-festa, 865
- il-Papa, 10(d)
- il-Viżta Pastorali, 20(b)
- il-Ħadd, 158, 159(b) u (c), 315
- ir-Residenti Barranin fil-festa, 863
- iż-Żgħażagħ fil-festa, 861
- l-Emigranti fil-festa, 862
- Mondjali tal-Komunikazzjoni Soċjali, 195
- għall-vokazzjonijiet, 456
- tal-Konfirmazzjoni, 123(a) - (b)

K

Kanċillier tal-Kurja: 32(b), 200

Kant:
- alternat mal-poplu, 869-870
- ċelebrazzjoni taż-żwieġ, 150(d)
- Gregorjan, 76(d), 79
- parteċipazzjoni mill-ġemgħa kollha, 79(b)
- popolari reliġjuż, 79(a)
- sagru fil-liturġija, 76(d)

Kapitlu tal-Katidral:
- abiti korali u insinji, 77(b)
- anniversarju tal-mewt, 18(d)
- funzjonijiet pontifikali, 77(a)
- laqgħat u deċiżjonijiet, 77(c)
- meta l-Isqof jimrad gravament, 18(b)
- meta l-isqof imut, 18(c)
- statuti, 77(d)

Kappillan: 226-237, 552
- awtorità ta', 606
- ċavetta tat-tabernaklu, 84(c)
- ċertifikati, 208(c)
- ċimiterju, 97
- ċwievet tal-knisja, 97
- dar tal-K., 232
- dokumenti, 208(c)
- ekumeniżmu, 71(c)
- emigranti, 229(c)
- ewkaristija, 108(d), 109
- familji, 227
- għaqdiet kattoliċi, 231
- għarajjes, 320- 321, 326, 328
- ħatra tal-K., 226(b) u (c)
- isqof, 226
- ittri pastorali u l-avviżi l-oħra tal-Kurja, 17(c)
- jgħallem lill-insara dwar il-missjoni u l-ħidma ta' l-Isqof, 17(b)
- jistieden lill-predikatur, 55(a)
- katekesi, 61(b), 62(f)-(g) , 64, 228(a), 236(a)
- Kulleġġ tal-Kappillani, 212, 216
- Kurja, 208(a) u (b)

- morda, 53(b), 114, 135-136
- oġġetti sagri, 233, 95
- programm tal-festa, 851
- qrar, 41(f)
- reġistri parrokkjali, 234(a) - (b)
- relazzjoni dwar l-istat tal-parroċċa, 226(d)
- rispett mis-saċerdoti, 31(e)
- ritratti fil-knisja, 83
- saċerdoti, 230
- sagramenti, 228(b)- (d)
- seminaristi, 221
- skola, 229(a) - (b)
- *"Statu Animarum"* - reġistru, 227(c)
- tas-sorijiet, 44(b)
- tqarbin ta' tfal, 112
- uffiċċju parrokkjali, 234
- viżta pastorali, 20(a)-(b), (d)
- vokazzjonijiet, 171(c)
- xjuħ, 114

Karità: 181-185, 844
- djar tat-tfal, 183(d)
- funerali, 157
- ġurnata tal-K., 184
- ġustizzja, 175(c)
- inizjattivi 855
- Jum il-Ħadd, 158(e)
- Jum il-K. fil-festa, 864
- lejn Alla u l-proxxmu 621
- ma' l-oħrajn 661
- opri tal-K., 181-185
- parroċċa, 183
- quddiesa tal-Ġenerożità, 185
- soċjali, 648
- volontarjat, 182(b)
- żgħażagħ, 404

Kariżma:
- Apostolika, l-Isqof Djoċesan, 17-20
- Saċerdotali, 21-41
- tal-Ħajja Konjugali, 47-50
- tal-Ħajja Konsagrata, 42-46
- tal-Lajċi, 51-53

Kariżmi: 622
- aċċettati b'rikonoxxenza u orjentati, 16
- tal-lajċi, 565

Kastità: 266

Kategoriji:
- differenti ta' żgħażagħ, 394
- tal-parroċċa, 860

Katekesi: bl-amment, 353- edukazzjoni morali, 366
- festi, 845
- kappillani, 228(a)
- kors qabel il-magħmudija, 341
- kristoċentrika, 351
- lit-tfal, 348, 354
- Media: 731; fotolingwaġġ u slides, 761
- mill-membri ta' l-għaqdiet, 360
- pastorali kateketika, 356
- post-sagramentali, 65
- presagramentali, 357
